# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 257

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

28 ta' Awwissu 2014


Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012** ([1]) ..... 1

★ **Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE** ..... 73

★ **Regolament (UE) Nru 911/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass** ([1]) ..... 115

★ **Regolament (UE) Nru 912/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi qafas għall-ġestjoni tar-responsabbiltà finanzjarja marbuta mat-tribunali għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat stabbiliti permezz ta' ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni Ewropea hija Parti** ..... 121


DIRETTIVI


★ **Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu** ..... 135


([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE** (1) ...................................... 146

★ **Direttiva 2014/91/UE tal-Parlament Ewropew U tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2009/65/KE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) fir-rigward tal-funzjonijiet tad-depożitarji, il-politiki tar-remunerazzjoni u s-sanzjonijiet** (1) ............... 186

★ **Direttiva 2014/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi** (1) ........................................................... 214

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT (UE) Nru 909/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-23 ta' Lulju 2014**

**dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [3],

Billi:

(1) Id-depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs), flimkien mal-kontropartijiet ċentrali (CCPs) jagħtu kontribut kbir għaż-żamma tal-infrastrutturi ta' wara n-negozjar li jissalvagwardjaw is-swieq finanzjarji u jagħtu fiduċja lill-parteċipanti fis-suq li t-transazzjonijiet tat-titoli jiġu eżegwiti b'mod adatt u fi żmien adegwat, inkluż matul perijodi ta' stress qawwi.

(2) Minħabba l-pożizzjoni ewlenija tagħhom fil-proċess tas-saldu, is-sistemi tas-saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs huma ta' importanza sistemika għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli. Peress li għandhom rwol importanti fis-sistemi taż-żamma tat-titoli li permezz tagħhom il-parteċipanti tagħhom jirrapportaw iż-żamma ta' titoli tal-investituri, is-sistemi tas-saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs iservu wkoll bħala għodda essenzjali għall-kontroll tal-integrità ta' ħruġ, li tostakola l-ħolqien jew it-tnaqqis bla bżonn ta' titoli maħruġa, u b'hekk għandhom rwol importanti biex tinżamm il-fiduċja tal-investituri. Barra minn hekk, is-sistemi ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs huma involuti mill-qrib fl-iżgurar tal-kollateral għal operazzjonijiet tal-politika monetarja kif ukoll fl-iżgurar tal-kollateral bejn istituzzjonijiet ta' kreditu u għaldaqstant, huma atturi importanti fil-proċess ta' kollateralizzazzjoni.

[1] ĠU C 310, 13.10.2012, p. 12.
[2] ĠU C 299, 4.10.2012, p. 76.
[3] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014.

(3) Filwaqt li d-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) naqqset it-tfixkil għal sistema ta' saldu tat-titoli kkawżat minn proċeduri ta' insolvenza kontra parteċipant f'dik is-sistema, huwa meħtieġ li jiġu indirizzati riskji oħrajn li s-sistemi tas-saldu tat-titoli qed jiffaċċjaw, kif ukoll ir-riskju ta' insolvenza jew tfixkil fil-funzjonament tas-CSDs li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli. Għadd ta' CSDs huma soġġetti għal riskji ta' kreditu u ta' likwidità li ġejjin mill-forniment ta' servizzi bankarji anċillari għas-saldu.

(4) Fin-nuqqas ta' regoli prudenzjali komuni, l-għadd dejjem jikber ta' saldi transkonfinali bħala konsegwenza tal-iżvilupp ta' ftehimiet ta' konnessjoni bejn is-CSDs jixħet dubju fuq ir-reżiljenza tas-CSDs meta jiġu impurtati r-riskji li jiltaqgħu magħhom is-CSDs minn Stati Membri oħra. Barra minn hekk, minkejja ż-żieda fis-saldi transkonfinali, il-bidliet immexxija mis-suq lejn suq aktar integrat għas-servizzi tas-CSD irriżulta li seħħew bil-mod ħafna. Suq intern miftuħ għas-saldu tat-titoli għandu jippermetti li kwalunkwe investitur fl-Unjoni jinvesti fit-titoli kollha tal-Unjoni bl-istess faċilità bħal dik għat-titoli domestiċi, u filwaqt li juża l-istess proċessi bħal dawk li jintużaw għat-titoli domestiċi. Madankollu, is-swieq ta' saldu fl-Unjoni għadhom frammentati transkonfinalment u s-saldu transkonfinali għadu jiswa' aktar, minħabba regoli nazzjonali differenti li jirregolaw is-saldu u l-attivitajiet tas-CSDs u kompetizzjoni limitata bejn is-CSDs.

Dik il-frammentazzjoni xxekkel u toħloq riskji u spejjeż addizzjonali għas-saldu transkonfinali. Minħabba r-rilevanza sistemika tas-CSDs, il-kompetizzjoni bejniethom għandha tiġi promossa sabiex tippermetti li l-parteċipanti fis-suq ikollhom għażla ta' fornitur u tnaqqas id-dipendenza fuq kwalunkwe fornitur individwali tal-infrastruttura. Fin-nuqqas ta' obbligi identiċi għall-operaturi tas-suq u standards prudenzjali komuni għas-CSDs, miżuri diverġenti li x'aktar jittieħdu fil-livell nazzjonali jkollhom impatt dirett negattiv fuq is-sikurezza, l-effiċjenza u l-kompetizzjoni fis-swieq ta' saldu tal-Unjoni. Huwa meħtieġ li jitneħħew dawk l-ostakoli sinifikanti fil-funzjonament tas-suq intern u jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u li jiġu impediti ostakoli u distorsjonijiet bħal dawn milli jsiru fil-ġejjieni. Il-ħolqien ta' suq integrat għas-saldu tat-titoli, fejn ma ssir l-ebda distinzjoni bejn transazzjonijiet tat-titoli nazzjonali u transkonfinali, huwa bżonjuż għall-funzjonament xieraq tas-suq intern. Konsegwentement, il-bażi legali xierqa għal dan ir-Regolament għandha tkun l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif interpretat f'konformità mal-ġurisprudenza konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(5) Huwa meħtieġ li f'regolament jiġu stabbiliti għadd ta' obbligi uniformi li għandhom jiġu imposti fuq il-parteċipanti fis-suq rigward ċerti aspetti taċ-ċiklu tas-saldu u d-dixxiplina u li jiġi pprovdut sett ta' rekwiżiti komuni għas-CSDs li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli. Ir-regoli direttament applikabbli ta' regolament għandhom jiżguraw li l-operaturi kollha tas-suq u s-CSDs ikunu soġġetti għal obbligi, standards u regoli direttament applikabbli. regolament għandu jżid is-sikurezza u l-effiċjenza tas-saldu fl-Unjoni billi jipprevjeni regoli nazzjonali diverġenti li jirriżultaw mit-traspożizzjoni ta' Direttiva. Regolament għandu jnaqqas il-kumplessità regolatorja għall-operaturi tas-suq u s-CSDs li tirriżulta minn regoli nazzjonali differenti u għandu jippermetti lis-CSDs jipprovdu s-servizzi tagħhom fuq bażi transkonfinali mingħajr ma jkollhom jikkonformaw ma' settijiet differenti ta' rekwiżiti nazzjonali bħal dawk li jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni, is-superviżjoni, l-organizzazzjoni jew ir-riskji tas-CSDs. Regolament li jimponi rekwiżiti identiċi fuq is-CSDs għandu jikkontribwixxi wkoll sabiex jiġu eliminati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni.

(6) Fl-20 ta' Ottubru 2010, il-Bord għall-Istabilità Finanzjarja appella għal infrastrutturi tas-swieq ewlenin aktar robusti u talab ir-reviżjoni u t-titjib tal-istandards eżistenti. F'April 2012, il-Kumitat dwar is-Sistemi ta' Pagament u Saldu (CPSS) tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BĦI) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli (IOSCO) adottaw standards globali għal infrastrutturi tas-swieq finanzjarji. Dawk l-istandards issostitwixxew r-rakkomandazzjonijiet tal-BĦI mill-2001, li ġew adattati permezz ta' linji gwida mhux vinkolanti fil-livell Ewropew fl-2009 mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u l-Kumitat tar-Regolaturi Ewropej tat-Titoli. B'kont meħud tan-natura globali tas-swieq finanzjarji u l-importanza sistemika tas-CSDs, hemm il-ħtieġa li tiġi żgurata konverġenza internazzjonali tar-rekwiżiti prudenzjali li huma soġġetti għalihom. Dan ir-Regolament għandu jsegwu l-prinċipji eżistenti għall-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji żviluppati mis-CPSS-IOSCO. Il-Kummissjoni u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) ("ESMA"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, għandhom jiżguraw il-konsistenza mal-istandards eżistenti u l-iżviluppi futuri tagħhom meta ifasslu jew jipproponu r-reviżjoni tal-istandards regolatorji tekniċi u tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni kif ukoll il-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet imsemmija f'dan ir-Regolament.

([1]) Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' saldu fis-sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).

([2]) Regolament Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(7) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2008, il-Kunsill enfasizza l-ħtieġa li jissaħħu s-sikurezza u l-solidità tas-sistemi ta' saldu tat-titoli u li jiġu indirizzati l-ostakoli legali għall-proċess ta' wara n-negozjar fl-Unjoni.

(8) Wieħed mill-kompiti bażiċi tas-SEBĊ huwa li tippromwovi t-tħaddim mingħajr xkiel tas-sistemi tal-pagamenti. F'dan ir-rigward, il-membri tas-SEBĊ iwettqu l-monitoraġġ billi jiżguraw li jkun hemm sistemi ta' kklerjar u ta' pagament effiċjenti u sodi. Il-membri tas-SEBĊ spiss jaġixxu bħala aġenti tas-saldu għall-parti ta' flus kontanti tat-transazzjonijiet tat-titoli. Dawn huma wkoll klijenti sinifikanti tas-CSDs, li spiss jimmaniġġjaw il-kollateralizzazzjoni ta' operazzjonijiet ta' politika monetarja.

Il-membri tas-SEBĊ għandhom ikunu involuti mill-qrib billi jiġu kkonsultati fl-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CSDs, ir-rikonoxximent ta' CSDs ta' pajjiżi terzi u l-approvazzjoni ta' ċerti konnessjonijiet tas-CSDs. Biex jipprevjenu l-iżvilupp ta' settijiet paralleli ta' regoli, huma għandhom ukoll ikunu involuti mill-qrib billi jiġu kkonsultati fl-istabbiliment ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni kif ukoll ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet għalkemm il-Kummissjoni u l-ESMA għandu jkollhom ir-responsabbiltà primarja għall-istabbiliment ta' tali standards tekniċi, linji gwida u rakkomandazzjonijiet, kif stipulat f'dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali sabiex jiġu żgurati sistemi ta' kklerjar u ta' pagament effiċjenti u solidi fl-Unjoni u f'pajjiżi oħrajn. Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-membri tas-SEBĊ milli jaċċessaw l-informazzjoni rilevanti għat-twettiq tal-kompiti tagħhom, inkluża s-sorveljanza tas-CSDs u infrastrutturi oħra tas-swieq finanzjarji.

(9) Il-membri tas-SEBĊ, jew korpi oħra li jwettqu funzjonijiet simili f'ċerti Stati Membri jew korpi pubbliċi oħra inkarigati bil-ġestjoni tad-dejn pubbliku fl-Unjoni jew li jintervjenu fih jistgħu huma stess jipprovdu għadd ta' servizzi, bħat-tħaddim ta' sistemi ta' saldu tat-titoli, li jkunu jikkwalifikawhom bħala CSD. Tali entitajiet, meta jaġixxu bħala CSDs mingħajr ma jistabbilixxu entità separata, għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni u superviżjoni, ċerti rekwiżiti organizzattivi u rekwiżiti ta' kapital u ta' politika tal-investiment, imma għandhom jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti prudenzjali li jifdal għas-CSDs. Fejn tali entitajiet ta' Stat Membru jaġixxu bħala CSDs, huma ma għandhomx jipprovdu s-servizzi tagħhom fi Stati Membri oħra. Peress li l-membri tas-SEBĊ jaġixxu bħala aġenti tas-saldu għall-finijiet tas-saldu, dawn għandhom ikunu eżentati wkoll mir-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV ta' dan ir-Regolament.

(10) Dan ir-Regolament għandu japplika għas-saldu ta' transazzjonijiet fl-istrumenti u l-attivitajiet finanzjarji kollha tas-CSDs sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Dan ir-Regolament għandu wkoll ikun mingħajr preġudizzju għal leġislazzjoni oħra tal-Unjoni li tikkonċerna strumenti finanzjarji speċifiċi bħad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u l-miżuri adottati f'konformità ma' dik id-Direttiva.

(11) Ir-reġistrar ta' titoli f'format ta' entrata fil-kotba huwa pass importanti sabiex tiżdied l-effiċjenza tas-saldu u tiġi żgurata l-integrità tal-ħruġ ta' titoli, b'mod partikolari f'kuntest ta' kumplessità dejjem akbar fil-metodi taż-żamma u t-trasferiment. Għal raġunijiet ta' sikurezza, dan ir-Regolament jipprevedi li jiġu rreġistrati f'format ta' entrata fil-kotba tat-titoli trasferibbli kollha ammessi għan-negozju jew negozjati fiċ-ċentri ta' negozjar regolati mid-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u mir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Dan ir-Regolament ma għandux jimponi metodu wieħed partikolari għar-reġistrazzjoni inizjali tal-entrata fil-kotba, li għandu jkun jista' jieħu l-forma ta' immobilizzazzjoni jew ta' dematerjalizzazzjoni immedjata. Dan ir-Regolament ma għandux jimponi liema tip ta' istituzzjoni għandha tirreġistra t-titoli f'format ta' entrata fil-kotba meta jinħarġu, iżda għandu jippermetti lil atturi differenti, inklużi reġistraturi, sabiex iwettqu dik il-funzjoni. Madanakollu, ladarba transazzjonijiet f'titoli bħal dawn ikunu eżegwiti f'ċentri tan-negozjar regolati mid-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 jew jiġu pprovduti bħala kollateral skont il-kondizzjonijiet stipulati fid-Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew ([4]), dawn it-titoli għandhom jiġu rreġistrati f'sistema ta' entrata fil-kotba ta' CSD sabiex, fost oħrajn, jiġi żgurat li kull titolu bħal dawn ikun jista' jiġi saldat f'sistema ta' saldu tat-titoli. L-immobilizzazzjoni u d-dematerjalizzazzjoni ma għandhom jimplikaw l-ebda telf ta' drittijiet għad-detenturi ta' titoli u għandhom jinkisbu b'mod li jiżgura li d-detenturi ta' titoli jistgħu jivverifikaw id-drittijiet tagħhom.

([1]) Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

([2]) Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li jemenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

([3]) Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84).

([4]) Direttiva 2002/47/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2002 dwar arranġamenti finanzjarji kollaterali (ĠU L 168, 27.6.2002, p. 43).

(12) Sabiex tkun żgurata s-sikurezza tas-saldu, kull parteċipant f'sistema ta' saldu tat-titoli li jixtri jew ibigħ ċerti strumenti finanzjarji, jiġifieri titoli trasferibbli, strumenti tas-suq monetarju, unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv u kwoti tal-emissjonijiet, għandu jsalda l-obbligu tiegħu fid-data prevista tas-saldu.

(13) Perijodi ta' saldi itwal għal transazzjonijiet f'titoli trasferibbli jikkawżaw inċertezza u riskju akbar għall-parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli. Tulijiet ta' żmien differenti għall-perijodi ta' saldu fost l-Istati Membri jxekklu r-rikonċiljazzjoni u huma sorsi ta' żbalji għall-emittenti, l-investituri u l-intermedjarji. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jiġi pprovdut perijodu ta' saldu komuni li jkun jiffaċilita l-identifikazzjoni tad-data prevista tas-saldu u jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-miżuri dixxiplinarji tas-saldu. Id-data prevista tas-saldu tat-transazzjonijiet f'titoli trasferibbli li jiġu eżegwiti f'ċentri tan-negozjar regolati mid-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 ma għandhiex tkun aktar tard mit-tieni jum ta' xogħol wara li jseħħ in-negozju. Għal operazzjonijiet kumplessi magħmula minn diversi transazzjonijiet bħalma huma r-riakkwisti tat-titoli jew il-ftehimiet ta' self, dak ir-rekwiżit għandu japplika għall-ewwel transazzjoni li tinvolvi trasferiment ta' titoli. Minħabba n-natura mhux standardizzata tagħhom, dak ir-rekwiżit ma għandux japplika għal transazzjonijiet li jiġu negozjati privatament mill-partijiet rilevanti, iżda jiġu eżegwiti fiċ-ċentri ta' negozjar regolati midDirettiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 jew għal transazzjonijiet li jiġu eżegwiti bilateralment, iżda jiġu rrappurtati lil ċentru ta' negozjar regolat mid-Direttiva 2014/65/UE u Regolament (UE) Nru 600/2014. Barra minn hekk, dak ir-rekwiżit għandu japplika għall-ewwel transazzjoni fejn it-titoli trasferibbli kkonċernati huma soġġetti għar-reġistrazzjoni inizjali f'format ta' entrata fil-kotba.

(14) Is-CSDs u l-infrastrutturi l-oħrajn tas-suq għandhom jieħdu miżuri sabiex jipprevjenu u jindirizzaw każijiet ta' nuqqas ta' saldu. Huwa importanti li dawn ir-regoli jkunu applikati b'mod uniformi u dirett fl-Unjoni. B'mod partikolari, is-CSDs u l-infrastrutturi l-oħrajn tas-suq għandhom ikunu meħtieġa li jimplimentaw proċeduri li jippermettulhom jieħdu l-miżuri adatti sabiex jissospendu lil kwalunkwe parteċipant li b'mod sistematiku jikkawża nuqqas ta' saldu u li jippermettulhom ukoll jiddivulgaw l-identità tiegħu lill-pubbliku, dment li l-parteċipant jingħata l-opportunità jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu qabel ma tittieħed din id-deċiżjoni.

(15) Wieħed mill-modi l-aktar effiċjenti biex jiġi indirizzat nuqqas ta' saldu huwa li tesiġi li l-parteċipanti inadempjenti jkunu soġġetti għal infurzar obbligatorju tal-ftehim oriġinali. Dan ir-Regolament għandu jipprevedi regoli uniformi li jikkonċernaw penali u ċerti aspetti tat-transazzjonijiet ta' xiri sfurzat għat-titoli trasferibbli, l-istrumenti tas-suq monetarju, l-unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv u l-kwoti tal-emissjonijiet kollha, bħaż-żmien u l-ipprezzar. Dawk ir-regoli għandhom jiġu adattati għall-ispeċifiċitajiet tas-swieq differenti tat-titoli, ċerti ċentri ta' negozjar bħas-swieq tat-tkabbir tal-SMEs kif definiti fid-Direttiva 2014/65/UE u ċerti operazzjonijiet kumplessi bħal ftehimiet ta' xiri mill-ġdid jew ta' self fuq perijodu qasir ħafna, sabiex jiġi evitat impatt ħażin fuq il-likwidità u l-effiċjenza tas-swieq tat-titoli. Ir-regoli dwar id-dixxiplina fir-rigward tas-saldu għandhom jiġu applikati b'mod li jipprovdu inċentiv għas-saldu tat-transazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji rilevanti kollha sad-data prevista tas-saldu tagħhom.

(16) Il-proċeduri u l-penali relatati ma' nuqqas ta' saldu għandhom ikunu proporzjonati għall-iskala u gravità ta' tali fallimenti filwaqt li jkunu skalati b'tali mod li tinżamm u tiġi protetta l-likwidità tal-istrumenti finanzjarji rilevanti. B'mod partikolari, l-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq għandhom rwol kruċjali fil-provvista ta' likwidità lis-swieq fi ħdan l-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward ta' titoli anqas likwidi. Il-miżuri biex jipprevjenu u jindirizzaw nuqqas ta' saldu għandhom jiġu bilanċjati meta mqabbla mal-ħtieġa li tinżamm u tiġi mħarsal-likwidità f'dawk it-titoli. Il-penali pekunjarji imposti fuq parteċipanti inadempjenti għandhom, fejn possibbli, jiġu akkreditati lill-klijenti li ma jonqsux fis-saldu bħala kumpens u ma għandhom fl-ebda każ isiru sors ta' dħul għas-CSD kkonċernat. Is-CSDs għandhom jikkonsultaw l-infrastrutturi tas-suq li għalihom jipprovdu servizzi ta' CSD dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri dixxiplinari tas-saldu stipulati f'dan ir-Regolament.

(17) Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, għandu jinbeda proċess ta' xiri sfurzat meta l-istrumenti finanzjarji ma jitwasslux fi żmien erbat ijiem ta' xogħol mid-data prevista tas-saldu. Madankollu, għal strumenti finanzjarji mhux likwidi jixraq li l-perijodu qabel ma jinbeda l-proċess ta' xiri sfurzat għandu jiżdied sa mhux aktar minn sebat ijiem ta' xogħol. Il-bażi biex jiġi determinat meta l-istrumenti finanzjarji jitqiesu li mhumiex likwidi għandha tiġi stabbiliti permezz ta' standards tekniċi regolatorji, b'kont meħud tal-valutazzjonijiet li diġà saru fir-Regolament (UE) Nru 600/2014. Fejn issir tali determinazzjoni l-estensjoni tal-iskadenza biex jinbeda l-proċess ta' xiri sfurzat ma għandhiex tkun aktar minn sebat ijiem ta' xogħol.

(18) Jixraq li s-swieq tal-SMEs li qed jespandu jkollhom il-flessibbiltà li ma japplikawx il-proċess ta' xiri sfurzat għal perijodu sa mhux aktar minn 15-il jum wara li jkun seħħ in-negozju sabiex jittieħed kont tal-likwidità ta' tali swieq u biex, b'mod partikolari, tkun tista' ssir attività minn ġeneraturi tas-suq f'dawk is-swieq anqas likwidi. Il-miżuri dixxiplinari tas-saldu speċifiċi għas-swieq għat-tkabbir tal-SMEs għandhom japplikaw biss għal transazzjonijiet eżegwiti f'tali swieq. Kif ġie identifikat fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2011 li jakkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Pjan ta' azzjoni biex jitjieb l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs", għandu jiġi żviluppat l-aċċess għas-swieq kapitali bħala alternattiva għas-self tal-banek lill-SMEs u għalhekk jixraq li r-regoli jiġu adattati biex jaqdu aħjar il-bżonnijiet ta' dawk is-swieq tal-SMEs li qed jespandu.

(19) CSD għandu jitħalla jwettaq monitoraġġ tal-eżekuzzjoni tax-xiri sfurzat fir-rigward ta' struzzjonijiet ta' saldu multipli, fuq l-istess strumenti finanzjarji u bl-istess data ta' skadenza tal-perijodu ta' estensjoni bil-għan li jiġi mminimizzat l-għadd ta' xiri sfurzat sa livell kompatibbli mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

(20) Peress li l-għan ewlieni ta' dan ir-Regolament huwa li jintroduċi għadd ta' obbligi legali imposti direttament fuq l-operaturi tas-suq li, fost oħrajn, jikkonsistu fir-reġistrazzjoni f'format ta' entrata fil-kotba f'CSD tat-titoli trasferibbli kollha ladarba dawn it-titoli jkunu negozjati f'ċentri tan-negozjar regolati mid-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 jew ipprovduti bħala kollateral skont il-kondizzjonijiet tad-Direttiva 2002/47/KE u fis-saldu tal-obbligi tagħhom mhux aktar tard mit-tieni jum ta' xogħol wara li jseħħ in-negozju u peress li s-CSDs huma responsabbli mit-tħaddim tas-sistemi ta' saldu tat-titoli u mill-applikazzjoni ta' miżuri sabiex jipprovdu saldu f'waqtu fl-Unjoni, huwa essenzjali li jiġi żgurat li s-CSDs kollha jkunu sikuri u sodi u f'kull ħin konformi ma' rekwiżiti organizzazzjonali stretti, tal-kondotta tan-negozju u prudenzjali stipulati b'dan ir-Regolament, inkluż bit-teħid tal-passi kollha raġonevoli biex jitnaqqsu l-frodi u n-negliġenza. Għaldaqstant, regoli uniformi u direttament applikabbli rigward l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni kontinwa tas-CSDs huma konsegwenza essenzjali tal-obbligi legali imposti fuq il-parteċipanti fis-suq minn dan ir-Regolament, kif ukoll interrelatati magħhom. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jiġu inklużi regoli rigward l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CSDs fl-istess att bħall-obbligi legali imposti fuq il-parteċipanti fis-suq.

(21) B'kont meħud tal-fatt li s-CSDs għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti komuni u sabiex jiġu eliminati l-ostakoli eżistenti għas-saldu transkonfinali, kwalunkwe CSD awtorizzat għandu jgawdi l-libertà li jipprovdi s-servizzi ġewwa t-territorju tal-Unjoni, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' fergħa. Sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' sikurezza fil-forniment ta' servizzi minn CSDs fi Stat Membru ieħor, tali CSDs għandhom ikunu soġġetti għal proċedura speċifika stipulata f'dan ir-Regolament meta jkunu beħsiebhom jipprovdu ċerti servizzi ewlenin kif previst f'dan ir-Regolament jew jistabbilixxu fergħa fi Stat Membru ospitanti.

(22) F'suq tas-saldu tal-Unjoni mingħajr fruntieri, hemm bżonn li jiġu stabbiliti l-kompetenzi tal-awtoritajiet differenti involuti fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jinnominaw b'mod speċifiku l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, li għandhom jingħataw is-setgħat superviżorji u investigattivi meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom. CSD għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni u superviżjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu, liema awtorità tkun f'pożizzjoni tajba u għandha tingħata s-setgħa teżamina kif is-CSDs joperaw ta' kuljum, twettaq eżamijiet regolari u tieħu azzjoni adatta meta jkun meħtieġ.

Madanakollu, l-awtorità kompetenti kkonċernata għandha tikkonsulta fl-aktar stadju bikri ma' awtoritajiet oħrajn rilevanti u tikkoopera magħhom, li jinkludu l-awtoritajiet responsabbli mill-monitoraġġ ta' kull sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD, il-bank ċentrali li joħroġu l-muniti tas-saldu l-aktar rilevanti, fejn applikabbli, il-bank ċentrali rilevanti li jaġixxu bħala aġenti tas-saldu għal kull sistema ta' saldu tat-titoli, kif ukoll, fejn applikabbli, l-awtoritajiet kompetenti ta' entitajiet ta' gruppi oħrajn. Tali kooperazzjoni timplika wkoll skambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ikkonċernati u n-notifika immedjata ta' dawk l-awtoritajiet f'każ ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jaffettwaw il-likwidità u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri fejn ikun stabbilit is-CSD jew fejn ikun stabbilit kwalunkwe wieħed mill-parteċipanti tiegħu.

(23) Fejn CSD jipprovdi s-servizzi tiegħu fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tkun tista' titlob mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju kull informazzjoni rigward l-attivitajiet tas-CSD li huma ta' rilevanza għall-awtorità rikjedenti. Sabiex ikun hemm koordinazzjoni effettiva tas-superviżjoni, dik l-informazzjoni tista' tikkonċerna b'mod partikolari s-servizzi pprovduti lill-utenti tas-CSD stabbiliti fl-Istat Membru ospitanti jew l-istrumenti jew il-muniti pproċessati u tista' tinkludi informazzjoni dwar żviluppi avversi, riżultati ta' valutazzjonijiet tar-riskju u miżuri ta' rimedju. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandu jkollu aċċess għal kwalunkwe informazzjoni rrappurtata perjodikament mis-CSD lill-awtorità kompetenti tal-Istat Stat Membru ospitanti.

(24) Fejn CSD jipprovdi s-servizzi tiegħu fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru fejn hu stabbilit, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' fergħa, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tiegħu tkun dik prinċipalment responsabbli għas-superviżjoni ta' dak is-CSD. Meta l-attivitajiet ta' CSD fi Stat Membru ospitanti jkunu saru ta' importanza sostanzjali għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u l-protezzjoni tal-investituri f'dak l-Istat Membru ospitanti, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru tad-domiċilju u tal-Istat Membru ospitanti għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' kooperazzjoni għas-superviżjoni tal-attivitajiet ta' dak is-CSD fl-Istat Membru ospitanti. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tkun tista' wkoll tiddeċiedi li dawk l-arranġamenti ta' kooperazzjoni jipprevedu kooperazzjoni multilaterali, inkluż kooperazzjoni ta' natura kolleġjali, bejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri ospitanti kkonċernati. Tali arranġamenti ta' kooperazzjoni, madankollu, ma għandhomx jiġu kkunsidrati kulleġġi ta' superviżuri kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 1095/2010. L-ebda Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri ma għandu jiġi diskriminat, direttament jew indirettament, bħala post ta' servizzi tas-CSDs u ta' saldu. Fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha skont dan ir-Regolament l-ebda awtorità ma għandha direttament jew indirettament tiddiskrimina kontra kwalunkwe impriża minn Stat Membru ieħor. Soġġett għal dan ir-Regolament, CSD minn wieħed mill-Istati Membri ma għandux ikun ristrett jew impedit milli jsalda strumenti finanzjarji fil-munita ta' Stat Membru ieħor jew fil-munita ta' pajjiż terz.

(25) Dan ir-Regolament ma għandux iżomm l-Istati Membri milli jesiġu fil-liġi nazzjonali tagħhom qafas legali speċifiku għall-kooperazzjoni ta' kuljum fil-livell nazzjonali bejn l-awtorità kompetenti tas-CSD u awtoritajiet rilevanti. Tali qafas legali nazzjonali għandu jkun konsistenti mal-linji gwidi dwar il-prattiki superviżorji u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet li l-ESMA tista' toħroġ skont dan ir-Regolament.

(26) Kwalunkwe persuna ġuridika li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' CSD teħtieġ li tkun awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali qabel ma tibda l-attivitajiet tagħha. B'kont meħud ta' mudelli kummerċjali diversi, CSD għandu jiġi definit b'referenza għal ċerti servizzi ewlenin, li jikkonsistu f'saldu, li jimplika t-tħaddim ta' sistema ta' saldu tat-titoli, servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali tal-kontijiet tat-titoli. CSD għandu jkun iħaddem tal-anqas sistema waħda ta' saldu tat-titoli u jipprovdi servizz ewlieni wieħed ieħor jew aktar. Din it-taħlita hija essenzjali biex is-CSDs iwettqu r-rwol tagħhom fis-saldu tat-titoli u fl-iżgurar tal-integrità tal-ħruġ tat-titoli. L-entitajiet li ma jħaddmux sistemi ta' saldu tat-titoli bħal reġistraturi, aġenti tat-trasferiment, awtoritajiet, korpi pubbliċi responsabbli għal sistema ta' reġistrazzjoni stabbiliti skont id-Direttiva 2003/87/KE CCPs li huma regolati mir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' CSD.

(27) Is-CSDs għandu jkollhom fis-seħħ pjanijiet ta' rkupru biex jiżguraw il-kontinwità tal-operazzjonijiet kritiċi tagħhom. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jiġi stabbilit u miżmum pjan ta' riżoluzzjoni adegwat għal kull CSD f'konformità mal-liġi nazzjonali rilevanti.

(28) Sabiex tipprovdi data affidabbli dwar l-iskala ta' saldu tat-titoli barra minn sistemi ta' saldu tat-titoli u tiżgura li r-riskji li jirriżultaw jistgħu jiġu mmonitorjati u indirizzati, kwalunkwe istituzzjoni oħra minbarra s-CSDs li jissaldaw transazzjonijiet ta' titoli barra sistema ta' saldu ta' titoli għandha tirrapporta l-attivitajiet ta' saldu tagħha lill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. Sussegwentement, l-awtoritajiet kompetenti riċeventi għandhom jittrasmettu dik l-informazzjoni lill-ESMA u għandhom jinformaw lill-ESMA dwar kwalunkwe riskju potenzjali li jirriżulta minn tali attivitajiet ta' saldu. Barra minn hekk, l-ESMA għandha twettaq monitoraġġ ta' tali attivitajiet ta' saldu u tikkunsidra r-riskji potenzjali li dawn jistgħu joħolqu.

(29) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju għas-CSDs f'attivitajiet oħra li mhumiex dawk soġġetti għal awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament, l-attivitajiet tas-CSDs awtorizzati għandhom ikunu limitati għall-forniment ta' servizzi

(1) Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

(2) Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

koperti mill-awtorizzazzjoni tagħhom jew notifikati taħt dan ir-Regolament u ma għandu jkollhom l-ebda parteċipazzjoni, kif definit f'dan ir-Regolament b'referenza għad- Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), jew kwalunkwe sjieda, diretta jew indiretta, ta' 20 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital fi kwalunkwe istituzzjoni oħra li ma tipprovdix servizzi simili dment li tali parteċipazzjoni ma tkunx approvata mill-awtoritajiet kompetenti tas-CSDs abbażi tal-fatt li dan ma jżidx b'mod sinifikanti l-profil ta' riskju tas-CSDs.

(30) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament sikur tas-sistemi ta' saldu tat-titoli, dawn għandhom jitħaddmu biss mis-CSDs jew mill-banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs soġġetti għal dan ir-Regolament.

(31) Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti speċifiċi tal-liġi fiskali ta' Stat Membru, is-CSDs għandhom ikunu awtorizzati jipprovdu servizzi anċillari għas-servizzi ewlenin tagħhom li jikkontribwixxu għat-titjib tas-sikurezza, l-effiċjenza u t-trasparenza tas-swieq tat-titoli u li ma joħolqux riskji mhux dovuti għas-servizzi ewlenin tagħhom. Lista mhux eżawrjenti hija stipulata f'dan ir-Regolament sabiex is-CSDs ikunu jistgħu jirrispondu għal żviluppi futuri fis-suq. Meta l-forniment ta' tali servizzi jirrigwarda l-obbligi ta' taxxa minn ras il-għajn u ta' rappurtar lill-awtoritajiet fiskali, dan ser jibqa' jitwettaq skont il-liġi tal-Istati Membri konċernati. F'konformità mal-Artikolu 114(2) tat-TFUE, is-setgħa tal-adozzjoni tal-miżuri skont l-Artikolu 114(1) ma tapplikax għad-dispożizzjonijiet fiskali. Fis-sentenza tagħha tad-29 ta' April 2004 fil-Kawża C-338/01, Kummissjoni v Kunsill ([2]), il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea kienet tal-fehma li l-kliem 'dispożizzjonijiet fiskali' għandhom jiġu interpretati bħala 'li jkopru mhux biss id-dispożizzjonijiet li jiddeterminaw il-persuni taxxabbli, it-transazzjonijiet taxxabbli, il-bażi tal-impożizzjoni, u r-rati tat-taxxi diretti u indiretti u l-eżenzjonijiet minnhom, imma wkoll dawk relatati mal-arranġamenti għall-ġbir ta' tali taxxi." Għalhekk dan ir-Regolament ma jkoprix arranġamenti għall-ġbir tat-taxxi li għalihom ikun jeħtieġ li tintuża bażi legali differenti.

(32) CSD li għandu l-intenzjoni li jesternalizza servizz ewlieni lil parti terza jew li jipprovdi servizz ewlieni jew anċillari ġdid mhux elenkat f'dan ir-Regolament, li jħaddem sistema ta' saldu tat-titoli oħra, li juża aġent ta' saldu ieħor jew li jistabbilixxi kwalunkwe konnessjoni ma' CSD li tinvolvi riskji sinifikanti, dan għandu japplika għall-awtorizzazzjoni billi jsegwi l-istess proċedura bħal dik meħtieġa għall-awtorizzazzjoni inizjali, ħlief li l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lis-CSD li qed japplika fi żmien tliet xhur dwar jekk l-awtorizzazzjoni tkunx ingħatat jew ġietx irrifjutata. Madankollu, konnessjonijiet tas-CSDs li ma jinvolvux riskji sinifikanti jew konnessjonijiet interoperabbli ta' CSDs li jesternalizzaw is-servizzi tagħhom relatati ma' dawk il-konnessjonijiet interoperabbli mal-entitajiet pubbliċi, bħalma huma l-membri tas-SEBĊ, ma għandhomx ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni minn qabel, iżda għandhom jiġu nnotifikati lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom mis-CSDs rilevanti.

(33) Fejn CSD għandu l-intenzjoni li jestendi s-servizzi tiegħu għal servizzi anċillari mhux ta' tip bankarju elenkati espliċitament f'dan ir-Regolament li ma jinvolvux żieda fil-profil tar-riskju tiegħu, għandu jkun kapaċi jagħmel dan wara li jkun innotifika lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu.

(34) CSDs stabbiliti f'pajjiżi terzi għandhom ikunu jistgħu joffru s-servizzi tagħhom fl-Unjoni, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' fergħa. Sabiex jiġi żgurat livell adegwat ta' sikurezza fil-forniment tas-servizzi tas-CSDs mis-CSDs ta' pajjiżi terzi, tali CSDs għandhom ikunu soġġetti għal rikonoxximent mill-ESMA meta jkunu beħsiebhom jipprovdu ċerti servizzi elenkati f'dan ir-Regolament jew tistabbilixxu fergħa fl-Unjoni. CSDs minn pajjiżi terzi għandhom ikunu kapaċi jistabbilixxu konnessjonijiet ma' CSDs stabbiliti fl-Unjoni fl-assenza ta' tali rikonoxximent sakemm l-awtorità kompetenti rilevanti ma toġġezzjonax. Fid-dawl tan-natura globali tas-swieq finanzjarji, l-ESMA tinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex tirrikonoxxi s-CSDs ta' pajjiżi terzi. L-ESMA għandha tkun tista' tirrikonoxxi lil CSDs ta' pajjiżi terzi biss jekk il-Kummissjoni tasal għall-konklużjoni li dawn huma soġġetti għal qafas legali u superviżorju effettivament ekwivalenti għal dak previst f'dan ir-Regolament, jekk huma effettivament awtorizzati, sorveljati u soġġetti għal sorveljanza fil-pajjiż tagħhom ta' stabbiliment u jekk ġew stabbiliti arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet rilevanti tas-CSDs. Ir-rikonoxximent mill-ESMA għandu jkun soġġett għal rikonoxximent ekwivalenti effettiv tal-qafas prudenzjali applikabbli għas-CSDs stabbiliti fl-Unjoni u awtorizzat skont dan ir-Regolament.

([1]) Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

([2]) [2004] ECR I-4829.

(35) B'kont meħud tal-kumplessità kif ukoll in-natura sistemika tas-CSDs u tas-servizzi li jipprovdu, regoli ta' governanza trasparenti għandhom jiżguraw li l-maniġment superjuri, il-membri tal-korp maniġerjali, l-azzjonisti u l-parteċipanti, li huma f'pożizzjoni li jeżerċitaw kontroll, kif definit b'referenza għad-Direttiva 2013/34/UE, fuq it-tħaddim tas-CSD huma adegwati sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni soda u prudenti tas-CSD.

(36) Fl-Istati Membri jintużaw strutturi ta' governanza diversi.Fil-maġġoranza tal-każijiet tintuża struttura ta' bord unitarju jew doppju. Id-definizzjonijiet użati f'dan ir-Regolament għandhom il-ħsieb li jinkludu l-istrutturi kollha eżistenti mingħajr ma jippromwovu xi struttura partikolari. Huma purament funzjonali għall-fini tal-istabbiliment ta' regoli mmirati għal eżitu partikolari irrispettivament mil-liġi nazzjonali tal-kumpanniji applikabbli għal istituzzjoni f'kull Stat Membru. Għalhekk id-definizzjonijiet ma għandhomx ifixklu l-allokazzjoni ġenerali tal-kompetenzi skont il-liġi nazzjonali tal-kumpanniji.

(37) Ir-regoli ta' governanza trasparenti għandhom jiżguraw li jittieħed kont tal-interessi tal-azzjonisti, il-maniġment u l-persunal tas-CSD minn naħa, u l-interessi tal-utenti tagħhom li fl-aħħar mill-aħħar is-CSDs qed jaqdu, min-naħa l-oħra. Dawk ir-regoli ta' governanza għandhom japplikaw mingħajr ħsara għall-mudell ta' sjieda adottat mis-CSD. Kumitati tal-utenti għandhom jiġu stabbiliti għal kull sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma mis-CSD sabiex jagħtu lill-utenti l-opportunità li jagħtu pariri lill-korp maniġerjali tas-CSD dwar il-kwistjonijiet ewlenin li jħallu impatt fuqhom u għandhom jingħataw l-għodod biex iwettqu r-rwol tagħhom. L-interessi tal-utenti differenti tas-CSDs, inklużi dawk tad-detenturi ta' tipi differenti ta' titoli, għandhom ikunu rappreżentati fil-kumitat tal-utenti.

(38) Is-CSDs għandhom ikunu jistgħu jesternalizzaw l-operazzjoni tas-servizzi tagħhom dment li jiġu ġestiti r-riskji li jirriżultaw minn tali arranġamenti ta' esternalizzazzjoni. B'kont meħud tal-importanza tal-kompiti fdati lis-CSDs, dan ir-Regolament għandu jipprevedi li s-CSDs ma jittrasferixxux ir-responsabbiltajiet tagħhom fuq partijiet terzi permezz tal-esternalizzazzjoni b'kuntratt tal-attivitajiet tagħhom lil partijiet terzi. L-esternalizzazzjoni ta' attivitajiet bħal dawn għandha tkun soġġetta għal kondizzjonijiet stretti li jħallu r-responsabbiltà tas-CSDs għall-attivitajiet tagħhom u jiżgura li ma jiġux imxekkla s-superviżjoni u s-sorveljanza tas-CSDs. F'ċerti kondizzjonijiet, l-esternalizzazzjoni minn CSD tal-attivitajiet tiegħu lil entitajiet pubbliċi tista' tiġi eżentata minn dawn ir-rekwiżiti.

(39) Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni lill-Istati Membri li jippermettu sistemi ta' żamma diretta tat-titoli milli jipprevedu fil-liġi nazzjonali tagħhom li partijiet oħrajn minbarra s-CSDs għandhom jew jistgħu jwettqu ċerti funzjonijiet, li f'xi wħud minn tipi oħrajn ta' sistemi ta' żamma tat-titoli huma tipikament imwettqa minn CSDs, u jispeċifikaw kif dawk il-funzjonijiet għandhom jiġu eżerċitati. B'mod partikolari, f'xi wħud mill-Istati Membri operaturi tal-kont jew parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli operati minn CSDs jirreġistraw entrati f'kontijiet tat-titoli miżmuma minn CSD mingħajr ma neċessarjament ikunu fornituri ta' kont huma stess. Minħabba l-ħtieġa ta' ċertezza legali rigward l-entrati li jsiru fil-kontijiet fil-livell tas-CSDs, ir-rwol speċifiku mwettaq minn tali partijiet oħrajn għandu jiġi rikonoxxut minn dan ir-Regolament. Għandu għalhekk ikun possibbli, taħt ċirkostanzi speċifiċi u soġġett għal regoli stretti stabbiliti bil-liġi, li jew tiġi kondiviża r-responsabbiltà bejn CSD u l-parti l-oħra rilevanti jew li tiġi prevista responsabbiltà esklussiva minn dik il-parti l-oħra għal ċerti aspetti relatati maż-żamma ta' kontijiet tat-titoli fl-ogħla grad dment li t-tali parti l-oħra tkun soġġetta għal regolamentazzjoni u superviżjoni adatta. Ma għandu jkun hemm ebda restrizzjoni dwar sa liema punt għandha tiġi kondiviża r-responsabbiltà.

(40) Ir-regoli tal-kondotta tan-negozju għandhom jipprovdu trasparenza fir-relazzjonijiet bejn is-CSDs u l-utenti tagħhom. B'mod partikolari, is-CSDs għandu jkollhom kriterji magħrufa b'mod pubbliku, trasparenti, oġġettivi u nondiskriminatorji għall-parteċipazzjoni fis-sistema ta' saldu tat-titoli, li jkunu jippermettu li jiġi ristrett l-aċċess mill-parteċipanti abbażi tar-riskji involuti biss. Rimedju veloċi u adatt għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jindirizzaw kwalunkwe rifjut mhux ġustifikat tas-CSDs biex jipprovdu s-servizzi tagħhom lill-parteċipanti. Is-CSDs għandhom jiddivulgaw b'mod pubbliku l-prezzijiet u t-tariffi għas-servizzi tagħhom. Sabiex jiġi pprovdut aċċess miftuħ u mhux diskriminatorju għas-servizzi tagħhom u fid-dawl tas-setgħa sinifikanti fis-suq li s-CSDs għad għandhom fit-territorju tal-Istati Membri rispettivi tagħhom, is-CSDs ma jistgħux ikunu jistgħu jitbiegħdu mill-politika ppubblikata ta' pprezzar tagħhom għas-servizzi ewlenin tagħhom u għandhom iżommu kontijiet separati għall-ispejjeż u d-dħul marbuta ma' kull wieħed mis-servizzi ewlenin tagħhom u mas-servizzi anċillari tagħhom. Dawk id-dispożizzjonijiet ta' parteċipazzjoni jakkumpanjaw u jirrinfurzaw id-dritt tal-parteċipanti fis-suq li jużaw sistema ta' saldu fi Stat Membru ieħor previst fid-Direttiva 2014/65/UE.

(41) Sabiex jiġu ffaċilitati r-reġistrazzjoni, is-saldu u l-ħlas effiċjenti, is-CSDs għandhom jakkomodaw fil-proċeduri tagħhom ta' komunikazzjoni mal-parteċipanti u mal-infrastrutturi tas-suq li jikkollegaw magħhom, il-proċeduri u l-istandards miftuħa ta' komunikazzjoni internazzjonali rilevanti għat-trasmissjoni tal-messaġġi u d-data ta' referenza.

(42) B'kont meħud tar-rwol ċentrali tas-sistemi ta' saldu tat-titoli fis-swieq finanzjarji, is-CSDs għandhom, meta jipprovdu s-servizzi tagħhom, jagħmlu l-aħjar sforzi li jistgħu sabiex jiżguraw li t-transazzjonijiet tas-saldu tat-titoli u l-integrità tal-ħruġ tat-titoli jsiru fi żmien adegwat. Dan ir-Regolament ma għandux ifixkel il-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri li jirregolaw iż-żamma tat-titoli u l-arranġamenti li jsostnu l-integrità tal-ħruġ tat-titoli. Madankollu, sabiex tittejjeb il-protezzjoni tal-assi tal-parteċipanti tagħhom u dawk tal-klijenti tagħhom, dan ir-Regolament għandu jesiġi lis-CSDs li jissegregaw il-kontijiet tat-titoli miżmuma għal kull parteċipant u joffru, kif mitluba, segregazzjoni ulterjuri tal-kontijiet tal-klijenti tal-parteċipanti li f'xi każijiet jistgħu jkunu disponibbli bi prezz ogħla biss li għandu jinġarr mill-klijenti tal-parteċipanti li qed jitolbu segregazzjoni ulterjuri. Is-CSDs u l-parteċipanti tagħhom għandhom ikunu meħtieġa li jipprevedu kemm segregazzjoni tal-klijenti omnibus kif ukoll segregazzjoni tal-klijenti individwali sabiex il-klijenti jkunu jistgħu jagħżlu l-livell ta' segregazzjoni li huma jaħsbu li jixraq għall-ħtiġijiet tagħhom.

L-unika esklużjoni minn dan għandu jkun fejn minħabba rekwiżiti oħra ta' ordni pubbliku, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġbir effiċjenti u trasparenti tat-tassazzjoni, CSD u l-parteċipanti tiegħu huma meħtieġa jipprovdu segregazzjoni tal-klijenti individwali għal ċittadini u residenti ta' Stat Membru u persuni ġuridiċi stabbiliti fihfejn, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tali segregazzjoni tal-klijenti individwali hija meħtieġa skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li taħtha huma kostitwiti t-titoli u esklużivament għaċ-ċittadini, ir-residenti ta' dak l-Istat Membru u l-persuni ġuridiċi stabbiliti fih. Is-CSDs għandhom jiżguraw li dawk ir-rekwiżiti japplikaw b'mod separat għal kull sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minnhom. Mingħajr preġudizzju għall-forniment ta' servizzi anċillari, is-CSDs ma għandhom jużaw f'isimhom l-ebda titoli li jappartjenu għal parteċipant sakemm dan ma jiġix awtorizzat espliċitament minn dak il-parteċipant u ma għandhomx jużaw mod ieħor f'isimhom it-titoli li mhumiex proprjetà tagħhom. Barra minn hekk is-CSD għandu jeħtieġ li l-parteċipanti jiksbu kwalunkwe kunsens meħtieġ a priori mill-klijenti tagħhom.

(43) Id-Direttiva 98/26/KE tipprevedi li ordnijiet ta' trasferimenti mdaħħla fis-sistemi ta' saldu tat-titoli f'konformità mar-regoli ta' dawk is-sistemi għandhom ikunu infurzabbli u vinkolanti legalment fuq partijiet terzi. Madankollu, minħabba li d-Direttiva 98/26/KE ma tagħmilx referenza speċifika għal CSDs li jħaddmu sistemi ta' saldu tat-titoli, għaċ-ċarezza, dan ir-Regolament għandu jesiġi lis-CSDs jiddefinixxu l-mument jew il-mumenti meta l-ordnijiet ta' trasferiment jiddaħħlu fis-sistemi tagħhom u jsiru irrevokabbli f'konformità mar-regoli ta' dik id-Direttiva. Barra minn hekk, sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, is-CSDs għandhom jiddivulgaw lill-parteċipanti tagħhom il-mument meta t-trasferiment tat-titoli u tal-flus kontanti f'sistema ta' saldu tat-titoli huwa infurzabbli u vinkolanti legalment fuq partijiet terzi, f'konformità, skont il-każ, mal-liġi nazzjonali. Is-CSDs għandhom ukoll jieħdu l-passi raġonevoli kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li t-trasferimenti tat-titoli u tal-flus kontanti huma infurzabbli u vinkolanti legalment fuq partijiet terzi sa mhux aktar tard minn tmiem il-jum ta' xogħol tad-data reali tas-saldu.

(44) Sabiex jiġu evitati r-riskji tas-saldu minħabba l-insolvenza tal-aġent tas-saldu, CSD għandu jsalda, meta din tkun prattikabbli u disponibbli, il-parti li tikkonsisti fi flus kontanti tat-transazzjoni tat-titoli permezz ta' kontijiet miftuħa ma' bank ċentrali. Jekk din l-għażla ma tkunx prattikabbli u disponibbli, CSD għandu jkun jista' jsalda permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu stabbilita skont il-kondizzjonijiet previsti fid-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u soġġetta għal proċedura ta' awtorizzazzjoni speċifika u r-rekwiżiti prudenzjali previsti fit-Titolu IV ta' dan ir-Regolament.

(45) Is-servizzi bankarji anċillari għas-saldu li jinvolvu riskji ta' kreditu u likwidità għandhom jitwettqu biss minn CSDs jew esternalizzati lil entitajiet awtorizzati li jipprovdu s-servizzi bankarji anċillari għall-attivitajiet tas-CSDs kif stipulat f'dan ir-Regolament.

[1] Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

(46) Sabiex jiġu żgurati l-effiċjenzi li jirriżultaw mill-forniment ta' servizzi kemm ta' CSD kif ukoll bankarji fl-istess grupp ta' impriżi, ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jipprevjenu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu milli jagħmlu parti mill-istess grupp ta' impriżi bħas-CSD. Huwa adatt li jiġu previsti arranġamenti li permezz tagħhom CSDs jistgħu jiġu awtorizzati jipprovdu servizzi anċillari lill-parteċipanti tagħhom u lil entitajiet oħra mill-istess entità legali jew minn entità legali separata li tista' tkun parti tal-istess grupp ta' impriżi ultimament ikkontrollata jew le mill-istess impriża prinċipali. Fejn istituzzjoni tal-kreditu li mhijiex bank ċentrali taġixxi bħala aġent tas-saldu, l-istituzzjoni tal-kreditu għandha tkun kapaċi tipprovdi lill-parteċipanti tas-CSDs is-servizzi stabbiliti f'dan ir-Regolament, li huma koperti mill-awtorizzazzjoni, iżda ma għandhiex tipprovdi servizzi bankarji oħrajn mill-istess entità legali sabiex tillimita l-esponiment tas-sistema tas-saldu għar-riskji li jirriżultaw mill-falliment tal-istituzzjoni tal-kreditu.

(47) Peress li d-Direttiva 2013/36/UE ma tindirizzax b'mod speċifiku riskji ta' kreditu ta' matul l-istess jum u ta' likwidità li jirriżultaw mill-forniment ta' servizzi bankarji anċillari għas-saldu, l-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-CSDs li jipprovdu tali servizzi għandhom ikunu soġġetti wkoll għal rekwiżiti speċifiċi msaħħa ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu u ta' likwidità, inkluż surcharge ta' kapital ibbażat fuq ir-riskju li jirrifletti r-riskji rilevanti. Tali rekwiżiti msaħħa ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu u ta' likwidità għandhom isegwu l-istandards globali għall-infrastrutturi tas-swieq finanzjarji u l-prinċipji għal 'Monitoring tools for intraday liquidity management' li ġew ippubblikati f'April 2013 mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja.

(48) Xi CSDs li joperaw ukoll bħala istituzzjonijiet ta' kreditu huma soġġetti għar-rekwiżiti tal-fondi proprji u ta' rappurtar rilevanti għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u stipulati fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u fid-Direttiva 2013/36/UE. Minħabba l-importanza sistemika ta' tali CSDs, jixraq li għandhom japplikaw ir-rekwiżiti l-aktar stretti previsti fid-dritt tal-Unjoni, sabiex tiġi evitata l-applikazzjoni kumulattiva ta' diversi regoli tal-Unjoni, pereżempju fir-rigward tar-rappurtar tar-rekwiżiti tal-fondi proprji. Fi kwalunkwe qasam fejn tiġi identifikata d-duplikazzjoni potenzjali ta' rekwiżiti, l-ESMA u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (l-"EBA"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u l-ESMA għandhom jagħtu opinjoni dwar l-applikazzjoni adatta tal-atti tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(49) Minbarra r-rekwiżiti ta' fondi proprji previsti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjonijiet tal-kreditu u s-CSDs għandhom ikunu soġġetti għal surcharge ta' kapital li jirrifletti r-riskji, bħal riskji ta' kreditu u ta' likwidità, li jirriżultaw mill-forniment ta' kreditu ta' matul l-istess jum lil, fost l-oħrajn, il-parteċipanti f' sistema ta' saldu tat-titoli jew utenti oħrajn ta' servizzi tas-CSD.

(50) Sabiex tiġi żgurata konformità sħiħa mal-miżuri speċifiċi mmirati lejn il-mitigazzjoni tar-riskji ta' kreditu u ta' likwidità, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jitolbu lis-CSDs jinnominaw aktar minn istituzzjoni ta' kreditu waħda kull meta jkunu jistgħu juru, abbażi tal-evidenza disponibbli, li l-espożizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu waħda għall-konċentrazzjoni tar-riskji ta' kreditu u ta' likwidità mhijiex mitigata bis-sħiħ. Is-CSDs għandu jkollhom il-kapaċità li jinnominaw aktar minn istituzzjoni ta' kreditu waħda.

(51) Is-superviżjoni tal-konformità ta' istituzzjonijiet tal-kreditu nominati jew CSDs awtorizzati li jipprovdu servizzi bankarji anċillari għas-saldu bir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u tad-Direttiva 2013/36/UE u r-rekwiżiti prudenzjali rilevanti speċifiċi ta' dan ir-Regolament għandha tiġi fdata lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fir-Regolament (UE) Nru 575/2013. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti ta' standards ta' superviżjoni, huwa mixtieq li s-servizzi bankarji tas-CSDs li huma ta' skala u natura li jirrappreżentaw riskju sinifikanti għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni ssirilhom superviżjoni diretta mill- BĊEċ skont il-kondizzjonijiet previsti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ([3]) fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

([1]) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([2]) Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

([3]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

(52) Istituzzjoni ta' kreditu jew CSD awtorizzata sabiex tipprovdi servizzi bankarji anċillari għas-saldu għandha tikkonforma ma' kwalunkwe leġislazzjoni preżenti jew futura tal-Unjoni applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/59/UE u għal kwalunkwe att leġislattiv futur ieħor tal-Unjoni rigward il-qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti tal-investiment u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn.

(53) Sabiex jiġi pprovdut grad suffiċjenti ta' sikurezza u kontinwità tas-servizzi pprovduti mis-CSDs, is-CSDs għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti prudenzjali u kapitali speċifiċi li huma uniformi u direttament applikabbli u li jimmitigaw ir-riskji legali, operazzjonali u tal-investimenti tagħhom.

(54) Is-sikurezza tal-arranġamenti ta' konnessjoni stabbiliti bejn is-CSDs għandha tkun soġġetta għal rekwiżiti speċifiċi sabiex ikun jista' jsir aċċess mill-parteċipanti rispettivi tagħhom għal sistemi ta' saldu tat-titoli oħrajn. Il-forniment ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju minn ġewwa entità ġuridika separata ma għandux jipprevjeni lis-CSDs milli jirċievu tali servizzi, b'mod partikolari meta jkunu parteċipanti f'sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn CSD ieħor. Huwa partikolarment importanti li kwalunkwe riskju potenzjali li jirriżulta mill-arranġamenti ta' konnessjoni bħal riskji ta' kreditu, ta' likwidità, dawk organizzazzjonali jew oħrajn rilevanti għas-CSDs jiġu mmitigati bis-sħiħ. Għall-konnessjonijiet interoperabbli, huwa importanti li sistemi konnessi tas-saldu tat-titoli ikollhom ħinijiet identiċi tal-entrata tal-ordnijiet ta' trasferiment fis-sistema u l-irrevokabbiltà tali ordnijiet ta' trasferiment u jużaw regoli ekwivalenti rigward il-mument ta' finalità tat-trasferimenti tat-titoli u tal-flus kontanti. Għandhom ikunu japplikaw l-istess prinċipji għas-CSDs li jużaw l-istess infrastruttura ta' teknoloġija tal-informazzjoni (IT) għas-saldu.

(55) Sabiex jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti li jwettqu superviżjoni effettiva tal-attivitajiet tas-CSDs, is-CSDs għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti stretti dwar iż-żamma ta' rekords. Is-CSDs għandhom iżommu għal ta' mill-anqas għaxar snin, ir-rekords u d-data kollha dwar is-servizzi kollha li huma jistgħu jipprovdu, inkluż data ta' transazzjoni dwar servizzi ta' ġestjoni ta' kollateral li jinvolvu l-ipproċessar ta' ftehimiet ta' xiri mill-ġdid jew self ta' titoli. Jista' jkun meħtieġ li s-CSDs jispeċifikaw format komuni li fih il-klijenti tagħhom jipprovdu data tat-transazzjonijiet sabiex ikun jista' jiġi sodisfatt dan ir-rekwiżit taż-żamma tar-rekords, f'konformità ma' kwalunkwe standard tekniku regolatorju u ta' implimentazzjoni rilevanti adottat skont dan ir-Regolament.

(56) F'ħafna Stati Membri, l-emittenti huma meħtieġa bil-liġi nazzjonali li joħorġu ċerti tipi ta' titoli, b'mod partikolari ishma, fis-CSDs nazzjonali tagħhom. Sabiex jitneħħa dan l-ostakolu għall-funzjonament bla xkiel tas-suq ta' wara n-negozjar tal-Unjoni u sabiex l-emittenti jkunu jistgħu jagħżlu l-aktar mezz effiċjenti sabiex jamministraw it-titoli tagħhom, l-emittenti għandu jkollhom id-dritt li jagħżlu kwalunkwe CSD stabbilit fl-Unjoni sabiex jirreġistraw t-titoli tagħhom u sabiex jirċievu kwalunkwe servizz rilevanti ta' CSD. Peress li l-armonizzazzjoni tal-liġi korporattiva nazzjonali teċċedi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, tali liġi korporattiva nazzjonali jew liġi simili li taħthom huma kkostitwiti t-titoli għandha tkompli japplika u għandhom isiru arranġamenti biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti ta' tali liġi korporattiva nazzjonali jew liġijiet simili jistgħu jintlaħqu fejn jiġi eżerċitat id-dritt tal-għażla ta' CSD.

Tali liġi korporattiva nazzjonali u liġi simili li skonthom jiġu kostitwiti t-titoli, jirregolaw ir-relazzjoni bejn l-emittent u d-detenturi tagħhom jew kwalunkwe parti terza, u d-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom marbuta mat-titoli, bħad-drittijiet tal-vot, id-dividendi u l-azzjonijiet korporattivi. Rifjut tal-provvista ta' servizzi lil emittent għandu jkun permess biss abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju komprensiva jew jekk dak is-CSD ma jipprovdix servizzi ta' ħruġ relatati ma' titoli kostitwiti skont il-liġi korporattiva jew liġi simili tal-Istat Membru rilevanti. Rimedju rapidu u adatt għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jindirizzaw kull rifjut mhux ġustifikat tas-CSDs milli jipprovdu s-servizzi tagħhom lil emittenti.

(57) Fid-dawl tal-għadd dejjem jiżdied ta' investimenti u trasferimenti tat-titoli transkonfinali bħala riżultat ta' dan ir-Regolament, hija kwistjoni tal-akbar urġenza u importanza li jiġu stabbiliti regoli ċari dwar il-liġi applikabbli għall-aspetti proprjetarji b'relazzjoni mat-titoli miżmuma fil-kontijiet miżmuma mis-CSDs. Madankollu, din hija kwistjoni orizzontali li tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tista' tiġi ttrattata f'atti leġislattivi futuri tal-Unjoni.

(58) Il-Kodiċi Ewropew tal-Kondotta għall-Ikklerjar u s-Saldu tas-7 ta' Novembru 2006 ħolqot qafas volontarju sabiex ikun hemm aċċess bejn is-CSDs u infrastrutturi oħrajn tas-suq. Madanakollu, is-settur ta' wara n-negozjar għadu

frammentat skont linji nazzjonali, u dan iżid bla bżonn l-ispejjeż għan-negozjar transkonfinali. Hemm bżonn li jiġu stabbiliti kondizzjonijiet uniformi għall-konnessjonijiet bejn is-CSDs u ta' aċċess bejn is-CSDs u infrastrutturi oħrajn tas-suq. Sabiex is-CSDs ikunu jistgħu joffru aċċess għal swieq oħrajn lill-parteċipanti tagħhom, dawn għandu jkollhom id-dritt li jsiru parteċipant f'CSD ieħor jew li jitolbu lil CSD ieħor jiżviluppa funzjonijiet speċjali biex ikollhom aċċess għal dan tal-aħħar. Tali aċċess għandu jingħata abbażi ta' termini ġusti, raġonevoli u nondiskriminatorji u għandu jiġi miċħud biss fejn jhedded il-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji jew jikkawża riskju sistemiku. Rimedju rapidu u adatt għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jindirizzaw kwalunkwe rifjut mhux ġustifikat ta' CSD milli jagħti aċċess lil CSD ieħor. Fejn il-konnessjonijiet tas-CSDs jintroduċu riskji sinifikanti għas-saldu, dawn għandhom ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni u aktar superviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

(59) Is-CSDs għandu jkollhom aċċess anki għall-aġġornamenti dwar it-transazzjonijiet minn CCP jew ċentru tan-negozjar u dawk l-infrastrutturi tas-suq għandu jkollhom aċċess għas-sistemi tas-saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs. Tali aċċess jista' jiġi miċħud biss fejn jhedded il-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji jew jikkawża riskju sistemiku u ma jistax jinċaħad għal raġunijiet ta' telf ta' sehem mis-suq.

(60) Rimedju rapidu u adatt għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jindirizza kwalunkwe rifjut mhux ġustifikat tas-CSDs jew infrastrutturi tas-suq milli jipprovdu aċċess għas-servizzi tagħhom. Dan ir-Regolament jikkompleta l-arranġamenti ta' aċċess bejn ċentri ta' negozjar, CCPs, u CSDs stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 648/2012 u fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 li huma meħtieġa biex jiġi stabbilit suq intern kompetittiv fis-servizzi ta' wara n-negozjar. L-ESMA u l-Kummissjoni għandhom ikomplu jwettqu monitoraġġ mill-viċin l-evoluzzjoni tal-infrastruttura ta' wara n-negozjar u l-Kummissjoni għandha, meta jkun meħtieġ, tintervjeni sabiex tipprevjeni li jseħħu distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

(61) Qafas sod prudenzjali u għall-kondotta tan-negozju għas-settur finanzjarju għandu jkun ibbażat fuq reġimi ta' superviżjoni u ta' penali qawwijin. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jingħataw setgħat suffiċjenti sabiex jaġixxu u għandhom ikunu jistgħu jiddependu fuq reġimi ta' penali deterrenti li għandhom jintużaw kontra kwalunkwe kondotta illegali. Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2010 intitolata "Tisħiħ tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji", twettqet analiżi tas-setgħat eżistenti biex jiġu imposti penali u l-applikazzjoni prattika tagħhom bil-għan li tippromwovi l-konverġenza tal-penali tul il-firxa tal-attivitajiupervizorji.

(62) Għaldaqstant, sabiex tiġi żgurata konformità effettiva mis-CSDs, mill-istituzzjonijiet ta' kreditu nominati bħala aġenti tas-saldu, mill-membri tal-korpi maniġerjali tagħhom u minn kull persuna oħra li effettivament tikkontrolla n-negozju tagħhom jew kwalunkwe persuna oħra bir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu japplikaw penali amministrattivi u miżuri oħra li huma effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(63) Sabiex jiġu pprovduti d-deterrenza u l-applikazzjoni konsistenti tal-penali fl-Istati Membri, dan ir-Regolament għandu jipprovdi lista ta' penali amministrattivi u miżuri oħra li jeħtieġ li jkunu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, għas-setgħa li jimponu dawk il-penali u miżuri oħra fuq il-persuni kollha, kemm jekk ġuridiċi jew inkella fiżiċi, responsabbli għal ksur, għal lista ta' kriterji ewlenin meta jiġu determinati l-livell u t-tip ta' dawk il-penali u miżuri oħra u għal livelli ta' multi amministrattivi. Multi amministrattivi għandhom jieħdu kont ta' fatturi bħal kwalunkwe benefiċċju finanzjarju identifikat li jirriżulta mill-ksur, il-gravità u d-dewmien tal-ksur, kwalunkwe fattur li jaggrava jew jimmitiga, il-ħtieġa li l-multi amministrattivi jkollhom effett deterrenti u, fejn adatt, l-inklużjoni ta' skont għall-kooperazzjoni mal-awtorità kompetenti. L-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tal-penali għandha tirrispetta d-drittijiet fundamentali kif stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), b'mod partikolari d-drittijiet tar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja (Artikolu 7), id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali (Artikolu 8) u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali (Artikolu 47).

(64) Sabiex jiġi identifikat ksur potenzjali, għandhom jiġu implimentati mekkaniżmi effettivi li jheġġu r-rappurtar ta' ksur potenzjali jew reali ta' dan ir-Regolament lill-awtoritajiet kompetenti. Dawk il-mekkaniżmi għandhom jinkludu salvagwardji adegwati għall-persuni li jirrappurtaw ksur potenzjali jew reali ta' dan ir-Regolament u għall-persuni akkużati b'dan il-ksur. Għandhom jiġu stabbiliti proċeduri adatti sabiex ikun hemm konformità mad-dritt ta' protezzjoni ta' data personali tal-persuna akkużata, mad-dritt ta' difiża u ta' smigħ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni finali li taffettwa lil dik il-persuna kif ukoll mad-dritt ta' li jintalab rimedju effettiv quddiem tribunal kontra kwalunkwe deċiżjoni jew miżura li taffettwa lil dik il-persuna.

(65) Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe dispożizzjoni fil-liġi tal-Istati Membri relatata mal-pieni kriminali.

(66) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) tirregola l-ipproċessar ta' data personali mwettaq fl-Istati Membri skont dan ir-Regolament. Kwalunkwe skambju jew trasmissjoni ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandha sseħħ skont ir-regoli dwar it-trasferiment ta' data personali kif stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jirregola l-ipproċessar ta' data personali mwettaq mill-ESMA skont dan ir-Regolament. Kwalunkwe skambju jew trasmissjoni ta' data personali mwettqa mill-ESMA għandha ssir skont ir-regoli dwar it-trasferiment ta' data personali kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 45/2001.

(67) Dan ir-Regolament huwa konformi mad-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta, b'mod partikolari d-dritt tar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, id-dritt għall-protezzjoni ta' data personali, id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali, id-dritt li wieħed ma jiġix iġġudikat jew jingħata penali darbtejn għall-istess reat, u l-libertà ta' impriża, u jrid jiġi applikat f'konformità ma' dawn ir-regoli u l-prinċipji.

(68) L-ESMA għandu jkollha rwol ċentrali fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament billi tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-regoli tal-Unjoni mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u billi ssib soluzzjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' qbil bejniethom.

(69) L-ESMA għandha tippreżenta rapporti annwali lill-Kummissjoni li jivvalutaw ix-xejriet u r-riskji potenzjali fis-swieq koperti b'dan ir-Regolament. Dawk ir-Rapporti għandhom jinkludu mill-anqas valutazzjoni tal-effiċjenza tas-saldu, is-saldu internalizzat, il-provvista transkonfinali ta' servizzi, ir-raġunijiet għar-rifjut tad-drittijiet ta' aċċess u kwalunkwe ostakolu sostantiv ieħor għall-kompetizzjoni fis-servizzi finanzjarji ta' wara n-negozju inkluż kwalunkwe ostakolu li jirriżulta mill-użu mhux xieraq tal-arranġamenti tal-liċenzji, l-idoneità tal-penali għal nuqqas ta' saldu, b'mod partikolari l-ħtieġa għal flessibbiltà addizzjonali fir-rigward tal-penali għal nuqqas ta' saldu fir-rigward ta' strumenti finanzjarji mhux likwidi, l-applikazzjoni tar-regoli tal-Istati Membri dwar ir-responsabbiltà ċivili għat-telf attribwit lis-CSDs, il-kondizzjonijiet marbuta mal-provvista ta' servizzi anċillari tat-tip bankarju, ir-rekwiżiti rigward il-protezzjoni tat-titoli tal-parteċipanti u dawk tal-klijenti tagħhom, u s-sistema ta' penali u jistgħu jinkludu, fejn meħtieġ, rakkomandazzjonijiet ta' azzjonijiet ta' prevenzjoni jew ta' rimedju. L-ESMA għandha twettaq ukoll evalwazzjonijiet bejn il-pari li jkopru l-attivitajiet tal-awtoritajiet kompetenti skont dan ir-Regolament f'perijodu ta' żmien xieraq u f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. Minħabba l-importanza sistemika tas-CSDs u l-fatt li huma qegħdin jiġu regolati għall-ewwel darba fil-livell tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġi meħtieġ li tali evalwazzjonijiet bejn il-pari għandhom iseħħu inizjalment kull tliet snin fir-rigward tas-superviżjoni tas-CSDs li jagħmlu użu mil-libertà tal-forniment ta' servizzi jew li jipparteċipaw f'konnessjoni interoperabbli.

(70) Billi korp b'kompetenza esperta speċjalizzata ħafna fir-rigward tat-titoli u s-swieq tat-titoli, ikun effiċjenti u adatt li l-ESMA tiġi fdata bl-iżvilupp ta' abbozz ta' standards tekniċi regolatorji u ta' implimentazzjoni li ma jinvolvux għażliet ta' politika, sabiex jiġu sottomessi lill-Kummissjoni. Fejn dan ikun speċifikat, l-ESMA għandha wkoll tikkoopera mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ u l-ABE, stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

([1]) Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

([2]) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

(71) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi regolatorji skont l-Artikolu 290 TFUE u l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 fir-rigward tal-elementi dettaljati tal-miżuri dixxiplinarji tas-saldu; ir-rappurtar ta' saldi internalizzati; l-informazzjoni u elementi oħrajn li jridu jiġu inklużi minn CSD fl-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni; il-kondizzjonijiet li skonthom l-awtoritajiet kompetenti tas-CSDs jistgħu japprovaw il-parteċipazzjonijiet tagħhom fil-kapital ta' ċerti entitajiet legali, l-informazzjoni li l-awtoritajiet differenti għandhom jipprovdu lil xulxin meta jagħmlu superviżjoni tas-CSDs; l-informazzjoni li l-applikant tas-CSD għandu jipprovdi lill-ESMA fl-applikazzjoni tiegħu għar-rikonoxximent; l-elementi tal-arranġamenti tal-governanza għas-CSDs; id-dettalji tar-rekords li għandhom jinżammu mis-CSDs; ir-riskji li għandhom jitqiesu mis-CSDs meta jwettqu valutazzjoni komprensiva tar-riskji, u mill-awtoritajiet kompetenti li jivvalutaw ir-raġunijiet għar-rifjut ta' talbiet għal aċċess; l-elementi tal-proċedura għall-aċċess tal-parteċipanti u l-emittenti lis-CSDs, l-aċċess bejn is-CSDs u bejn CSDs u infrastrutturi oħrajn tas-suq; id-dettalji tal-miżuri li għandhom jittieħdu mis-CSDs sabiex tinżamm l-integrità tal-ħarġa; il-mitigazzjoni tar-riskji operazzjonali u tal-investiment u tar-riskji derivati mill-konnessjonijiet tas-CSDs; id-dettalji tar-rekwiżiti kapitali għas-CSDs; id-dettalji tal-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għall-forniment ta' servizzi anċillari ta' tip bankarju; is- surcharge ta' kapital u r-rekwiżiti prudenzjali għar-riskji ta' kreditu u ta' likwidità għas-CSDs u l-istituzzjonijiet ta' kreditu nominati li huma awtorizzati li jipprovdu servizzi anċillari ta' tip bankarju.

(72) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa wkoll li tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 TFUE u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 fir-rigward ta' formoli u mudelli standard għar-rappurtar dwar is-saldu internalizzat; għall-applikazzjoni ta' awtorizzazzjoni mis-CSDs; għall-forniment ta' tagħrif bejn awtoritajiet kompetenti differenti għall-finijiet ta' superviżjoni tas-CSDs; għall-arranġamenti rilevanti ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri tad-domiċilju u dawk ospitanti; għall-formati tar-rekords li għandhom jinżammu mis-CSDs; għall-formati tar-rekords li għandhom jinżammu mis-CSDs; għall-proċeduri f'każijiet fejn parteċipant jew emittenti jiġi miċħud l-aċċess għal CSD, CSDs huma miċħuda aċċess bejniethom jew bejn CSDs u infrastrutturi oħra tas-suq; u għall-konsultazzjoni tal-awtoritajiet differenti qabel ma tingħata awtorizzazzjoni lil aġent tas-saldu.

(73) Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-dettalji speċifiċi li jirrigwardaw ċerti definizzjonijiet, il-parametri għall-kalkolu ta' penali pekunjarji għall-parteċipanti li jikkawżaw nuqqas ta' saldu, l-kriterji li skonthom l-operazzjonijiet ta' CSD fi Stat Membru ospitanti għandhom jitqiesu li huma ta' importanza sostanzjali għal dak l-Istat Membru. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(74) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sabiex tieħu deċiżjonijiet dwar il-valutazzjoni tar-regoli ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' rikonoxximent ta' CSDs ta' pajjiżi terzi. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(75) Meta jiġu valutati r-regoli rilevanti ta' pajjiżi terzi, għandu jittieħed approċċ proporzjonat u bbażat fuq l-eżiti, li jiffoka fuq il-konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni u, fejn rilevanti, mal-istandards internazzjonali. Rikonoxximent kondizzjonali jew interim jista' wkoll jingħata fejn ma jkun hemm ebda qasam li fih differenzi sostantivi li jistgħu jkollhom effetti negattivi prevedibbli fuq is-swieq tal-Unjoni.

(76) Minħabba li l-għanijiet t ta' dan ir-Regolament, jiġifieri biex jistabbilixxi rekwiżiti uniformi għas-saldu kif ukoll għas-CSDs, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għaldaqstant, minħabba l-iskala tal-azzjoni, iżda jistgħu, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jikseb dawk l-għanijiet.

([1]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(77) Jeħtieġ li tiġi emendata d-Direttiva 98/26/KE sabiex tiġi konformi mad-Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), fejn is-sistemi ta' saldu tat-titoli nominati ma jibqgħux jiġu notifikati lill-Kummissjoni iżda lill-ESMA.

(78) B'kont meħud tal-fatt li dan ir-Regolament jarmonizza fil-livell tal-Unjoni l-miżuri li jipprevjenu u jindirizzaw nuqqas ta' saldu u għandu kamp ta' applikazzjoni għal tali miżuri aktar wiesa' minn dak tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), huwa meħtieġ li jiġi mħassar l-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament.

(79) Is-CSDs għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 meta jipprovdu servizzi li huma elenkati espliċitament f'dan ir-Regolament. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe entità li tipprovdi servizzi u attivitajiet ta' investiment tkun soġġetta għad-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament Nru 600/2014 u sabiex jiġu evitati distorsjonijiet kompetittivi bejn it-tipi differenti ta' fornituri ta' tali servizzi, huwa meħtieġ li s-CSDs ikunu rekwiżiti li jipprovdu servizzi u attivitajiet ta' investiment matul is-servizzi anċillari tagħhom li jkunu soġġetti għar-rekwiżiti tad-Direttiva Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 600/2014.

(80) L-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' awtorizzazzjoni u rikonoxximent ta' dan ir-Regolament għandha tiġi differita sabiex is-CSDs stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi jingħataw żmien biżżejjed sabiex japplikaw għall-awtorizzazzjoni u r-rikonoxximent tal-attivitajiet tagħhom previsti f'dan ir-Regolament. Sakemm tittieħed deċiżjoni skont dan ir-Regolament dwar l-awtorizzazzjoni jew ir-rikonoxximent tas-CSDs u tal-attivitajiet tagħhom, inklużi l-konnessjonijiet tas-CSDs, ir-regoli nazzjonali rispettivi dwar l-awtorizzazzjoni u r-rikonoxximent tas-CSDs għandhom jibqgħu japplikaw.

(81) Huwa meħtieġ ukoll li tiġi differita l-applikazzjoni tar-rekwiżiti dwar id-dixxiplina fir-rigward tas-saldu u r-rekwiżiti dwar l-obbligu ta' rapportar ta' internalizzaturi tas-saldu sakemm jiġu stabbiliti l-atti delegati jew ta' implimentazzjoni kollha meħtieġa biex jispeċifikaw tali rekwiżiti, u tar-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni ta' ċerti titoli trasferibbli f'format ta' entrata fil-kotba u s-saldu ta' obbligi fis-sistemi ta' saldu tat-titoli mhux aktar tard mit-tieni jum ta' xogħol wara n-negozjar sabiex il-parteċipanti fis-suq li għandhom titoli fuq il-karta jew li jużaw perijodi ta' saldu itwal jingħataw biżżejjed żmien sabiex jikkonformaw ma' dawn ir-rekwiżiti,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

TITOLU I

**SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI, U DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti uniformi għas-saldu ta' strumenti finanzjarji fl-Unjoni u regoli dwar l-organizzazzjoni u l-kondotta tad-depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs) għall-promozzjoni ta' saldu sikur, effiċjenti u mingħajr xkiel.

2. Dan ir-Regolament japplika għas-saldu tal-istrumenti u l-attivitajiet finanzjarji kollha tas-CSDs sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament.

3. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li jikkonċernaw strumenti finanzjarji speċifiċi, partikolarment id-Direttiva 2003/87/KE.

([1]) Direttiva 2010/78/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li temenda d-Direttivi 98/26/KE, 2002/87/KE, 2003/6/KE, 2003/41/KE, 2003/71/KE, 2004/39/KE, 2004/109/KE, 2005/60/KE, 2006/48/KE, 2006/49/KE, u 2009/65/KE fir-rigward tas-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 120).

([2]) Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (ĠU L 86, 24.3.2012, p. 1).

4. L-Artikoli 10 sa 20, 22 sa 24 u 27, l-Artikolu 28(6), l-Artikolu 30(4) u l-Artikoli 46 u 47, id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV u r-rekwiżiti għar-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti jew l-awtoritajiet rilevanti jew li wieħed jikkonforma mal-ordnijiet tagħhom skont dan ir-Regolament, ma japplikawx għall-membri tas-SEBĊ, għall-korpi nazzjonali ta' Stati Membri oħrajn li jwettqu funzjonijiet simili, jew għall-korpi pubbliċi oħrajn ta' Stati Membri li huma nkarigati bil-ġestjoni tad-dejn pubbliku jew li jintervjenu fih fl-Unjoni fir-rigward ta' kwalunkwe CSD direttament ġestita mill-korpi msemmija preċedentement taħt ir-responsabbiltà tal-istess korp maniġerjali, li għandu aċċess għall-fondi ta' dawk il-korpi u li mhuwiex entità separata.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'depożitorju ċentrali tat-titoli' jew 'CSD' tfisser persuna ġuridika li tħaddem sistema ta' saldu tat-titoli msemmija fil-punt (3) tat-Taqsima A tal-Anness u tipprovdi tal-anqas servizz ewlieni ieħor elenkat fit-Taqsima A tal-Anness;

(2) 'CSD ta' pajjiż terz' tfisser kwalunkwe entità ġuridika stabbilita f'pajjiż terz li jipprovdi servizz simili għas-servizz ewlieni msemmi fil-punt (3) tat-Taqsima A tal-Anness u li twettaq tal-anqas servizz ewlieni ieħor elenkat fit-Taqsima A tal-Anness;

(3) 'immobilizzazzjoni' tfisser l-att li jikkonċentra l-post tat-titoli fiżiċi f'CSD b'mod li jippermetti trasferimenti sussegwenti permezz ta' entrati fil-kotba;

(4) 'forma dematerjalizzata' tfisser il-fatt li strumenti finanzjarji jeżistu biss bħala rekords ta' entrati fil-kotba;

(5) 'is-CSD li jirċievi t-talba' tfisser is-CSD li jirċievi t-talba ta' CSD ieħor, sabiex ikollu aċċess għas-servizzi tiegħu permezz ta' konnessjoni ta' CSD;

(6) 'CSD li jagħmel it-talba' tfisser is-CSD li jitlob aċċess għas-servizzi ta' CSD ieħor permezz ta' konnessjoni ta' CSD;

(7) 'saldu' tfisser it-tlestija ta' transazzjoni ta' titoli fejn tiġi konkluża bil-għan li jitwettqu l-obbligi tal-partijiet għal dik it-transazzjoni permezz tat-trasferiment ta' flus kontanti jew titoli, jew it-tnejn;

(8) 'strumenti finanzjarji' jew 'titoli' tfisser strumenti finanzjarji kif definit fil-punt (15) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE.

(9) 'ordni ta' trasferiment' tfisser ordni ta' trasferiment kif definit fit-tieni inċiż tal-punt (i) jew l-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE;

(10) 'sistema ta' saldu tat-titoli' tfisser sistema skont l-ewwel, it-tieni u t-tielet inċiżi tal-punt (a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE li mhijiex imħaddma minn kontroparti ċentrali li l-attività tagħha tikkonsisti fl-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' trasferiment;

(11) 'internalizzatur tas-saldu' tfisser kwalunkwe istituzzjoni, inkluża waħda awtorizzata f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE jew mad-Direttiva 2014/65/UE li teżegwixxi ordnijiet tat-trasferimenti f'isem il-klijenti jew f'isimha minbarra permezz ta' sistema tas-saldu tat-titoli;

(12) 'data prevista tas-saldu' tfisser id-data li tiġi entrata fis-sistema ta' saldu tat-titoli bħala d-data tas-saldu u li fiha l-partijiet għal transazzjoni ta' titoli jaqblu li ser isir is-saldu;

(13) 'perijodu ta' saldu' tfisser il-perijodu ta' żmien bejn id-data tan-negozjar u d-data prevista tas-saldu;

(14) 'jum ta' xogħol' tfisser jum ta' xogħol kif definit fil-punt (n) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE;

(15) ' nuqqas ta' saldu' tfisser li s-saldu jew s-saldu parzjali ta' transazzjoni ta' titoli ma jseħħx fid-data prevista tas-saldu minħabba nuqqas ta' titoli jew flus kontanti u irrilevanti mill-kawża sottostanti;

(16) 'kontroparti ċentrali' jew' CCP ' tfisser CCP kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(17) 'awtorità kompetenti' tfisser l-awtorità nominata minn kull Stat Membru skont l-Artikolu 11, dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan ir-Regolament;

(18) 'awtorità rilevanti' tfisser kwalunkwe awtorità msemmija fl-Artikolu 12;

(19) 'parteċipant' tfisser kwalunkwe parteċipant, kif definit fil-punt (f) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE f'sistema ta' saldu tat-titoli;

(20) 'parteċipazzjoni' tfisser parteċipazzjoni skont it-tifsira tal-ewwel sentenza tal-punt (2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2013/34/UE, jew is-sjieda, diretta jew indiretta, ta' 20 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital ta' impriża;

(21) 'kontroll' tfisser ir-relazzjoni bejn żewġ impriżi kif deskritt fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/34/UE;

(22) 'sussidjarja' tfisser impriża sussidjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 2(10) u tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/34/UE;

(23) 'Stat Membru tad-domiċilju' tfisser l-Istat Membru li fih ikun stabbilit CSD;

(24) 'Stat Membru ospitanti' tfisser l-Istat Membru, li mhuwiex l-Istat Membru tad-domiċilju, li fih CSD ikollu fergħa jew jipprovdi servizzi ta' CSD;

(25) 'fergħa' tfisser post tan-negozju li mhijiex l-uffiċċju prinċipali li huwa parti minn CSD, li ma għandux personalità ġuridika u li jipprovdi servizzi ta' CSD li għalihom ġie awtorizzat is-CSD;

(26) 'inadempjenza, fir-rigward ta' parteċipant' tfisser sitwazzjoni fejn jinfetħu proċeduri ta' insolvenza, kif definiti fil-punt (j) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE, kontra parteċipant;

(27) 'kunsenja kontra ħlas' (jew 'DVP - Delivery Versus Payment') tfisser mekkaniżmu ta' saldu tat-titoli li jorbot trasferiment ta' titoli ma' trasferiment ta' flus kontanti b'mod li l-kunsenja ta' titoli sseħħ jekk u biss jekk iseħħ it-trasferiment ta' flus kontanti korrispondenti u viċeversa;

(28) 'kont ta' titoli' tfisser kont li fih it-titoli jistgħu jiġu kkreditati jew iddebitati;

(29) 'konnessjoni ma' CSD' tfisser arranġament bejn CSDs fejn CSD isir parteċipant fis-sistema ta' saldu tat-titoli ta' CSD ieħor sabiex jiffaċilita t-trasferiment ta' titoli mingħand il-parteċipanti tas-CSD tal-aħħar għal għand il-parteċipanti tas-CSD ta' qabel jew arranġament li permezz tiegħu CSD jaċċessa CSD ieħor indirettament permezz ta' intermedjarju. Il-konnessjonijiet tas-CSDs jinkludu konnessjonijiet standard, konnessjonijiet personalizzati, konnessjonijiet indiretti, u konnessjonijiet interoperabbli;

(30) 'konnessjoni standard' tfisser konnessjoni ta' CSD fejn CSD isir parteċipant fis-sistema ta' saldu tat-titoli ta' CSD ieħor taħt l-istess termini u kondizzjonijiet applikabbli lil kwalunkwe parteċipant ieħor fis-sistema ta' saldu tat-titoli mħaddma minn dan tal-aħħar;

(31) ‘konnessjoni personalizzata’ tfisser konnessjoni fejn CSD li isir parteċipant fis-sistema ta’ saldu tat-titoli ta’ CSD ieħor jiġi mogħti servizzi speċifiċi addizzjonali lis-servizzi mogħtija normalment minn dak is-CSD lil parteċipanti fis-sistema ta’ saldu tat-titoli;

(32) ‘konnessjoni indiretta’ tfisser arranġament bejn CSD u parti terza li ma tkunx CSD, li hija parteċipant fis-sistema ta’ saldu tat-titoli ta’ CSD ieħor. Tali konnessjoni hija stabbilita minn CSD sabiex tiffaċilita t-trasferiment ta’ titoli lill-parteċipanti tiegħu mingħand il-parteċipanti ta’ CSD ieħor;

(33) ‘konnessjoni interoperabbli’ tfisser konnessjoni ta’ CSD fejn is-CSDs jaqblu li jistabbilixxu soluzzjonijiet tekniċi reċiproċi għas-saldu fis-sistemi ta’ saldu tat-titoli li huma jħaddmu;

(34) ‘proċeduri u standards miftuħa ta’ komunikazzjoni internazzjonali’ tfisser standards aċċettati internazzjonalment għal proċeduri ta’ komunikazzjoni, bħal formats standardizzati biex jintbagħtu l-messaġġi u rappreżentazzjoni tad-data, li huma disponibbli fuq bażi ġusta, miftuħa u nondiskriminatorja lil kwalunkwe parti interessata;

(35) ‘titoli trasferibbli’ tfisser titoli trasferibbli kif definit fil-punt (44) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(36) ‘ishma’ tfisser titoli speċifikati fil-punt (44)(a) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(37) ‘strumenti tas-suq monetarju’ tfisser strumenti tas-suq monetarju kif definiti fil-punt (17) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(38) ‘l-unitajiet f’impriżi ta’ investiment kollettiv’ tfisser l-unitajiet f’impriżi ta’ investiment kollettiv kif imsemmija fil-punt (3) tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2014/65/UE;

(39) ‘kwota tal-emissjonijiet’ tfisser kwalunkwe kwota tal-emissjonijiet kif deskritt fil-punt (11) tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2014/65/UE, minbarra d-derivattivi fil-kwoti tal-emissjonijiet;

(40) ‘suq regolat’ tfisser ‘suq regolat’ kif definit fil-punt (21) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(41) ‘faċilità multilaterali tan-negozjar’ jew ‘MTF’ tfisser faċilità multilaterali tan-negozjar kif definita fil-punt (22) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(42) ‘ċentru ta’ negozjar’ tfisser ċentru tan-negozjar kif definit fil-punt (24) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(43) ‘aġent tas-saldu’ tfisser aġent tas-saldu kif definit fil-punt (d) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE;

(44) ‘suq tal-SMEs li qed jespandi’ tfisser suq tal-SMEs li qed jespandi’ kif definit fil-punt (12) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(45) ‘korp maniġerjali’ tfisser il-korp jew korpi ta’ CSD, maħtur skont il-liġi nazzjonali, li jingħata s-setgħa li jistabbilixxi l-istrateġija, l-objettivi u d-direzzjoni ġenerali tas-CSD, u li jissorvelja u jimmonitorja t-teħid ta’ deċiżjonijiet maniġerjali. Dan għandu jinkludi persuni li effettivament jidderieġu n-negozju tas-CSD.

Fejn, skont il-liġi nazzjonali, korp maniġerjali ikun magħmul minn korpi differenti b’funzjonijiet speċifiċi, ir-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament għandhom japplikaw biss għal membri tal-korp maniġerjali li l-liġi nazzjonali applikabbli tassenjalhom ir-responsabbiltà rispettiva;

(46) 'maniġment superjuri' tfisser dawk il-persuni fiżiċi li jeżerċitaw funzjonijiet eżekuttivi fi ħdan CSD u li jkunu responsabbli u jwieġbu lill-korp maniġerjali għall-ġestjoni ta' kuljum ta' dak is-CSD.

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 67 fir-rigward ta' miżuri li jispeċifikaw aktar is-servizzi anċillari mhux ta' tip bankarju stabbiliti fil-punti (1) sa (4) tat-Taqsima B tal-Anness u s-servizzi anċillari ta' tip bankarju stabbiliti fit-Taqsima C tal-Anness.

TITOLU II

## SALDU TAT-TITOLI

*KAPITOLU I*

### *Format ta' entrata fil-kotba*

*Artikolu 3*

#### Format ta' entrata fil-kotba

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, kwalunkwe emittent stabbilit fl-Unjoni li joħroġ jew li ħareġ titoli trasferibbli li huma ammessi għan-negozjar jew innegozjati f'ċentri ta' negozjar, għandhom jirranġaw biex tali titoli jiġu rrappreżentati f'format ta' entrata fil-kotba bħala immobilizzazzjoni jew sussegwenti għal ħruġ dirett f'forma dematerjalizzata.

2. Meta sseħħ transazzjoni f'titoli trasferibbli f'ċentru ta' negozjar, it-titoli rilevanti għandhom jiġu rreġistrati f'format ta' entrata fil-kotba f'CSD fid-data jew qabel id-data prevista tas-saldu, dment li ma jkunux diġà ġew irreġistrati b'dan il-mod.

Meta t-titoli trasferibbli jkunu trasferiti wara arranġament ta' kollateral finanzjarju kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2002/47/KE, dawk it-titoli għandhom jiġu rreġistrati f'format ta' entrata fil-kotba f'CSD fi jew qabel id-data maħsuba tas-saldu, sakemm ma jkunux diġà ġew irreġistrati b'dan il-mod.

*Artikolu 4*

#### Infurzar

1. L-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-emittent li joħroġ it-titoli għandhom jiżguraw li jiġi applikat l-Artikolu 3(1).

2. L-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni taċ-ċentri ta' negozjar, inklużi l-awtoritajiet kompetenti nominati f'konformità mal-Artikolu 21(1) tad-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], għandhom jiżguraw li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament huwa applikat fejn it-titoli msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament huma negozjati fiċ-ċentri ta' negozjar.

3. L-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2002/47/KE għandhom jiżguraw li jiġi applikat it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament fejn it-titoli msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament jiġu trasferiti wara arranġament ta' kollateral finanzjarju kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2002/47/KE.

[1] Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64).

*KAPITOLU II*

***Perijodi ta' Saldu***

*Artikolu 5*

**Data prevista tas-saldu**

1. Kwalunkwe parteċipant f'sistema ta' saldu tat-titoli li jsalda f'dik is-sistema f'ismu jew f'isem parti terza transazzjonijiet f'titoli trasferibbli, strumenti tas-suq monetarju, unitajiet f'impriżi ta' investiment kollettiv u kwoti tal-emissjonijiet għandu jsalda t-tali transazzjonijiet fid-data prevista tas-saldu maħsuba.

2. Fir-rigward ta' transazzjonijiet f'titoli trasferibbli msemmija fil-paragrafu 1, li huma eżegwiti f'ċentri tan-negozjar, id-data prevista tas-saldu ma għandhiex tkun aktar tard mit-tieni jum ta' xogħol wara li jkun seħħ in-negozju. Dak ir-rekwiżit ma għandux japplika għal transazzjonijiet li huma negozjati privatament iżda jiġu eżegwiti f'ċentri ta' negozjar, għal transazzjonijiet li jiġu eżegwiti bilateralment iżda jiġu rrappurtati lil ċentru ta' negozjar jew għall-ewwel transazzjoni fejn it-titoli trasferibbli kkonċernati huma soġġetti għar-reġistrazzjoni inizjali f'format ta' entrata fil-kotba skont l-Artikolu 3(2).

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw l-applikazzjoni tal-paragrafu 1.

L-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni taċ-ċentri tan-negozjar għandhom jiżguraw l-applikazzjoni tal-paragrafu 2.

*KAPITOLU III*

***Dixxiplina fir-rigward tas-saldu***

*Artikolu 6*

**Miżuri għall-prevenzjoni ta' nuqqas ta' saldu**

1. Iċ-ċentri tan-negozjar għandhom jistabbilixxu proċeduri li jippermettu l-konferma ta' dettalji rilevanti ta' transazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) fid-data meta t-transazzjoni tkun ġiet esegwita.

2. Minkejja r-rekwiżit stipulati fil-paragrafu 1, id-ditti ta' investiment awtorizzati skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2014/65/UE għandhom, fejn applikabbli, jieħdu miżuri biex jillimitaw l-għadd ta' nuqqas ta' saldu.

Miżuri bħal dawn għandhom tal-inqas jikkonsistu minn arranġamenti bejn id-ditta ta' investiment u l-klijenti professjonali tagħha kif imsemmi fl-Anness II għad-Direttiva 2014/65/UE sabiex tiġi żgurata komunikazzjoni f'waqtha tal-allokazzjoni ta' titoli, konferma ta' dik l-allokazzjoni u konferma tal-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tat-termini fi żmien tajjeb qabel id-data prevista tas-saldu.

L-ESMA għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, toħroġ linji gwida f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 dwar il-proċeduri standardizzati u l-protokolli għat-trasmissjoni ta' messaġġi li għandhom jintużaw għall-konformità mat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

3. Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera, CSD għandu jistabbilixxi proċeduri li jiffaċilitaw is-saldu ta' transazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) fid-data prevista tas-saldubi skopertura minima tal-parteċipanti tagħhom għar-riskji tal-kontroparti u tal-likwidità u rata baxxa ta' nuqqas ta' saldu. Huwa għandu jippromwovi s-saldu bikri fid-data prevista tas-saldu permezz ta' mekkaniżmi adatti.

4. Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera, CSD għandu jistabbilixxi miżuri biex iħeġġeġ u joħloq inċentiv għal saldu f'waqtu tat-transazzjonijiet mill-parteċipanti tiegħu. Is-CSDs għandhom jesiġu lill-parteċipanti jsaldu t-transazzjonijiet tagħhom fid-data prevista tas-saldu.

5. L-ESMA għandha tiżviluppa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-miżuri li għandhom jittieħdu mid-ditti ta' investiment f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, id-dettalji tal-proċeduri li jiffaċilitaw is-saldu msemmi fil-paragrafu 3 u d-dettalji tal-miżuri li jheġġu u joħolqu inċentiv għal saldu f'waqtu tat-transazzjonijiet msemmija fil-paragrafu 4.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 7*

**Miżuri li jindirizzaw nuqqas ta' saldu**

1. Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera, CSD għandu jistabbilixxi sistema li timmonitorja n-nuqqas ta' saldu tat-transazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1). Huwa għandu jipprovdi rapporti regolari lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet rilevanti, fir-rigward tal-għadd u d-dettalji tan-nuqqas ta' saldu u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, inkluż il-miżuri previsti mis-CSDs u l-parteċipanti tagħhom sabiex itejbu l-effiċjenza tas-saldi. Dawk ir-rapporti, għandhom isiru pubbliċi mis-CSDs f'forma aggregata u anonima fuq bażi annwali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkondividu mal-ESMA kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar nuqqas ta' saldu.

2. Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera, CSD għandu jistabbilixxi proċeduri li jiffaċilitaw is-saldu ta' transazzjonijiet fl-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) li mhumiex saldati fid-data prevista tas-saldu. Dawn il-proċeduri għandhom jipprevedu mekkaniżmu ta' penali li għandu jservi bħala deterrent effettiv għall-parteċipanti li jikkawżaw nuqqas ta' saldu.

Qabel ma jistabbilixxi l-proċeduri msemmija fl-ewwel subparagrafu, CSD għandu jikkonsulta liċ-ċentri ta' negozjar u lis-CCPs rilevanti li lilhom jipprovdi servizzi ta' saldu.

Il- mekkaniżmu ta' penali msemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jinkludi penali pekunjarji għall-parteċipanti li jikkawżaw nuqqas ta' saldu ('parteċipanti inadempjenti'). Il-penali pekunjarji għandhom jiġu kkalkolati fuq bażi ta' kuljum għal kull jum ta' negozju li transazzjoni tonqos milli tissalda wara d-data prevista tas-saldu sat-tmiem tal-proċess ta' xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafu 3, iżda mhux aktar mill-jum tas-saldu nnifsu. Il-penali pekunjarji ma għandhomx jiġu kkonfigurati bħala sors ta' dħul għas-CSD.

3. Mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmu ta' penali pekunjarji msemmi fil-paragrafu 2 u d-dritt li transazzjoni tiġi kkanċellata b'mod bilaterali, meta parteċipant inadempjenti ma jwassalx l-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) lill-parteċipant li jirċievi fi żmien 4 ijiem ta' xogħol wara d-data prevista tas-saldu ('perijodu ta' estensjoni') għandu jiġi inizjat il-proċess ta' xiri sfurzat fejn dawk l-istrumenti għandhom ikunu disponsibbli għas-saldu u mwassla lill-parteċipant li jirċievi f'limitu ta' żmien adatt.

Fejn it-transazzjoni tirrigwarda strument finanzjarju nnegozjat f'suq tal-SMEs li qed jespandi, il-perijodu tal-estensjoni għandu jkun 15-il jum dment li s-suq tal-SMEs li qed jespandi ma jiddeċidix li japplika perijodu iqsar.

4. Għandhom japplikaw l-eżenzjonijiet li ġejjin mir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 3:

(a) abbażi tat-tip ta' assi u l-likwidità tal-istrumenti finanzjarji kkonċernati, il-perijodu tal-estensjoni jista' jiżdied minn erbat ijiem ta' xogħol għal mhux aktar minn sebat ijiem ta' xogħol fejn perijodu ta' estensjoni iqsar ikun jaffettwa l-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji kkonċernati;

(b) għal operazzjonijiet magħmulin minn diversi transazzjonijiet inklużi ftehimiet dwar ix-xiri mill-ġdid jew is-self ta' titoli, il-proċess ta' xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafu 3 ma għandux japplika fejn il-perijodu ta' żmien ta' dawk l-operazzjonijiet ikun qasir biżżejjed u għalhekk il-proċess ta' xiri sfurzat ikun ineffettiv.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7, l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4 ma għandhomx japplikaw fir-rigward ta' transazzjonijiet għal ishma fejn dawk it-transazzjonijiet ikunu kklerjati minn CCP.

6. Mingħajr preġudizzju għall-mekkaniżmu ta' penali pekunarji msemmi fil-paragrafu 2, meta l-prezz tal-ishma maqbul fil-mument tan-negozju huwa ogħla mill-prezz imħallas għall-eżekuzzjoni tax-xiri sfurzat, id-differenza korrispondenti għandha titħallas lill-parteċipant li jirċievi mill-parteċipant inadempjenti sa mhux aktar tard mit-tieni jum ta' xogħol wara t-twassil tal-istrumenti finanzjarji b'segwitu tax-xiri sfurzat.

7. Jekk ix-xiri sfurzat ifalli jew ma jkunx possibbli, il-parteċipant li jirċievi jista' jagħżel li jitħallas kumpens fi flus kontanti jew li jiddifferixxi l-eżekuzzjoni tax-xiri sfurzat għal data adatta aktar tard ('perijodu ta' differiment'). Jekk l-istrumenti finanzjarji rilevanti ma jitwasslux lill-parteċipant li jirċievi fi tmiem il-perijodu ta' differiment, għandu jitħallas il-kumpens fi flus kontanti.

Il-kumpens fi flus kontanti għandu jitħallas lill-parteċipant li jirċievi sa mhux aktar tard mit-tieni jum ta' xogħol wara t-tmiem jew tal-proċess ta' xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafu 3 jew tal-perijodu tad-differiment, fejn ikun intgħażel il-perijodu ta' differiment.

8. Il-parteċipant inadempjenti għandu jirrimborża l-entità li teżegwixxi x-xiri sfurzat għall-ammonti kollha mħallsa skont il-paragrafi 3, 4 u 5, inkluż kwalunkwe imposta ta' eżekuzzjoni li rriżultat mix-xiri sfurzat. Tali imposti għandhom ikunu ddivulgati b'mod ċar lill-parteċipanti.

9. CSDs, CCPs u ċentri tan-negozjar għandhom jistabbilixxu proċeduri li jippermettulhom, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom, jissospendu kwalunkwe parteċipant li jfalli b'mod konsistenti u sistematiku biex iwassal l-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) fid-data prevista tas-saldu u jiddivulgaw lill-pubbliku l-identità tiegħu biss wara li l-parteċipant jingħata l-opportunità jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu u sakemm l-awtoritajiet kompetenti tas-CSDs, is-CCPs u ċ-ċentri tan-negozjar, u dawk ta' dak il-parteċipant kienu debitament informati. Minbarra li jikkonsultaw qabel kwalunkwe sospensjoni, CSDs, CCPs u ċentri tan-negozjar, għandhom jinnotifikaw, mingħajr ebda dewmien, is-sospensjoni ta' parteċipant lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi. L-awtorità kompetenti għandha tinforma minnufih lill-awtoritajiet rilevanti dwar is-sospensjoni ta' parteċipant.

Id-divulgazzjoni pubblika ta' sospensjonijiet ma għandhiex tinkludi data personali skont it-tifsira tal-punt (a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 95/46/KE.

10. Il-paragrafi 2 sa 9 għandhom japplikaw għat-transazzjonijiet kollha tal-istrumenti finanzjarji msemmija fl-Artikolu 5(1) li huma ammessi għan-negozjar jew huma nnegozjati f'ċentru tan-negozjar jew ikklerjati minn CCP kif ġej:

(a) Għal transazzjonijiet ikklerjati minn CCP, is-CCP għandu jkun l-entità li tesegwixxi x-xiri sfurzat skont il-paragrafi 3 sa 8.

(b) Għal transazzjonijiet mhux ikklerjati minn CCP iżda esegwiti f'ċentru tan-negozjar, iċ-ċentru tan-negozjar għandu jinkludi fir-regoli interni tiegħu obbligu għall-membri tiegħu u l-parteċipanti tiegħu sabiex japplikaw il-miżuri msemmija fil-paragrafi 3 sa 8.

(c) Għat-transazzjonijiet l-oħra kollha li mhumiex imsemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan is-sub-paragrafu, is-CSDs għandhom jinkludu fir-regoli interni tagħhom obbligu għall-parteċipanti tagħhom sabiex dawn ikunu soġġetti għall-miżuri msemmija fil-paragrafi 3 sa 8.

CSD għandu jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa għas-saldu lis-CCPs u liċ-ċentri tan-negozjar sabiex dawn jkunu jistgħu jwettqu l-obbligi tagħhom skont dan il-paragrafu.

Mingħajr preġudizzju għall-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, is-CSDs jistgħu jimmonitorjaw l-eżekuzzjoni tax-xirjiet sfurzati msemmija f'dawk il-punti fir-rigward ta' struzzjonijiet ta' saldu multipli, fuq l-istess strumenti finanzjarji u bl-istess data ta' skadenza tal-perijodu ta' eżekuzzjoni, bil-għan li jnaqqsu l-għadd ta' xirjiet sfurzati li għandhom jiġu esegwiti u għaldaqstant l-impatt fuq il-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji rilevanti.

11. Il-paragrafi 2 sa 9 ma għandhomx japplikaw għal parteċipanti inadempjenti li huma CCPs.

12. Il-paragrafi 2 sa 9 ma għandhomx japplikaw jekk jinfetħu proċedimenti ta' insolvenza kontra l-parteċipant inadempjenti.

13. Dan l-Artikolu ma japplikax fejn il-post prinċipali tan-negozjar tal-ishma jkun jinsab f'pajjiż terz. Il-lok tal-post prinċipali għan-negozjar tal-ishma għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament UE Nru 236/2012.

14. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 67 sabiex tispeċifika parametri għall-kalkolu ta' deterrent u livell proporzjonat tal-penali pekunjarji msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 abbażi tat-tip tal-assi u tal-likwidità tal-istrument finanzjarju u t-tip ta' transazzjoni li għandhom jiżguraw livell għoli ta' dixxiplina fir-rigward tas-saldu u l-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji kkonċernati.

15. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika:

(a) id-dettalji tas-sistema li timmonitorja nuqqas ta' saldu u r-rapporti dwar nuqqas ta' saldu msemmija fil-paragrafu 1;

(b) il-proċessi għall-ġbir u d-distribuzzjoni mill-ġdid tal-penali pekunjarji u kwalunkwe rikavat ieħor possibbli minn tali penali skont il-paragrafu 2;

(c) id-dettalji tal-operazzjoni tal-proċess tax-xiri sfurzat adatt imsemmi fil-paragrafi 3 sa 8, inklużi l-perijodi ta' żmien adatti għat-twassil tal-istrument finanzjarju wara l-proċess tax-xiri sfurzat imsemmi fil-paragrafu 3. Dawn il-perijodi ta' żmien għandhom jiġu kalibrati b'kont meħud tat-tip ta' assi u l-likwidità tal-istrumenti finanzjarji;

(d) iċ-ċirkostanzi li fihom il-perijodu tal-estensjoni jista' jittawwal skont it-tip ta' assi u l-likwidità tal-istrumenti finanzjarji, f'konformità mal-kondizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 4 b'kont meħud tal-kriterji għall-valutazzjoni tal-likwidità skont il-punt (17) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014;

(e) it-tip ta' operazzjonijiet u l-perijodi ta' żmien speċifiċi tagħhom imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 4 li jagħmlu x-xiri sfurzat ineffettiv;

(f) metodoloġija għall-kalkolu tal-kumpens fi flus kontanti msemmi fil-paragrafu 7;

(g) il-kondizzjonijiet li taħthom parteċipant jitqies li jfalli b'mod konsistenti u sistematiku fit-twassil tal-istrumenti finanzjarji kif imsemmi fil-paragrafu 9; u

(h) l-informazzjoni meħtieġa għas-saldu msemmija fit-tieni subparagrafu tal–paragrafu 10.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 8*

**Infurzar**

1. L-awtorità kompetenti tas-CSD li jopera s-sistema ta' saldu tat-titoli, l-awtorità rilevanti responsabbli għas-sorveljanza tas-sistema ta' saldu tat-titoli kkonċernata kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti għas-superviżjoni taċ-ċentri tan-negozjar, tad-ditti tal-investiment u s-CCPs għandhom ikunu kompetenti biex jiżguraw li l-Artikoli 6 u 7 huma applikati millistituzzjonijiet soġġetti għas-superviżjoni tagħhom u għall-monitoraġġ tal-penali imposti. Fejn meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi għandhom jikkooperaw mill-qrib. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-ESMA dwar l-awtoritajiet kompetenti nominati li huma parti mill-istruttura ta' superviżjoni fil-livell nazzjonali.

2. Sabiex jiġu żgurati prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi ġewwa l-Unjoni fir-rigward tal-Artikoli 6 u 7 ta' dan ir-Regolament, l-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, tista' toħroġ linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

3. Ksur tar-regoli taħt dan it-Titolu ma għandux jaffettwa l-validità ta' kuntratt privat dwar strumenti finanzjarji jew il-possibbiltà li l-partijiet jinfurzaw id-dispożizzjoniijet ta' kuntratt privat dwar strumenti finanzjarji.

*KAPITOLU IV*

***Saldu internalizzat***

*Artikolu 9*

**Internalizzaturi tas-saldu**

1. L-internalizzaturi tas-saldu għandhom jirrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-post ta' stabbiliment tagħhom fuq bażi trimestrali l-volum u l-valur aggregat tat-transazzjonijiet tat-titoli kollha li huma jissaldaw barra minn sistemi ta' saldu tat-titoli.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrasmettu mingħajr dewmien l-informazzjoni li jirċievu skont l-ewwel subparagrafu lill-ESMA u għandhom jinformaw lill-ESMA dwar kwalunkwe riskju potenzjali li jirriżulta minn dik l-attività tas-saldu.

2. B'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA tista' tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika aktar il-kontenut ta' dan ir-rappurtar.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi formoli, mudelli u proċeduri standard għar-rappurtar u t-trasmissjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

TITOLU III

**DEPOŻITORJI ĊENTRALI TAT-TITOLI**

*KAPITOLU I*

***Awtorizzazzjoni u superviżjoni tas-CSDs***

Taqsima 1

**Awtoritajiet responsabbli għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CSDs**

*Artikolu 10*

**Awtorità kompetenti**

Mingħajr preġudizzju għas-sorveljanza mwettqa mill-membri tas-SEBĊ imsemmija fl-Artikolu 12(1), is-CSD għandu jiġi awtorizzat u ssorveljat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju.

*Artikolu 11*

**Nomina tal-awtorità kompetenti**

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina l-awtorità kompetenti responsabbli mit-twettiq tad-dmirijiet skont dan ir-Regolament għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CSDs stabbiliti fit-territorju tiegħu u għandi jgħarraf lill-ESMA dwar dan.

Meta Stat Membru jinnomina aktar minn awtorità kompetenti waħda, dan għandu jiddetermina r-rwoli rispettivi tagħhom u għandu jinnomina awtorità waħda li għandha tkun responsabbli għall-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra, l-awtoritajiet rilevanti, l-ESMA, u l-EBA fejn dan ikun imsemmi b'mod speċifiku f'dan ir-Regolament.

2. L-ESMA għandha tippubblika lista tal-awtoritajiet kompetenti nominati skont il-paragrafu 1 fuq is-sit elettroniku tagħha.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħat superviżorji u investigattivi meħtieġa għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom.

*Artikolu 12*

**Awtoritajiet rilevanti**

1. L-awtoritajiet li ġejjin għandhom ikunu involuti fl-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tas-CSDs fejn dan ikun speċifikament imsemmi f'dan ir-Regolament:

(a) l-awtorità responsabbli mis-sorveljanza tas-sistema ta' saldu tat-titoli oeprati mis-CSD fl-Istat Membru li l-liġi tiegħu tapplika għal dik is-sistema ta' saldu tat-titoli;

(b) il-banek ċentrali fl-Unjoni li joħorġu l-muniti l-aktar rilevanti li fihom jitwettaq is-saldu;

(c) fejn rilevanti, il-bank ċentrali fl-Unjoni li fil-kotba tiegħu tiġi ssaldata l-parti ta' flus kontanti ta' sistema ta' saldu tat-titoli operat mis-CSD.

2. L-ESMA għandha tippubblika l-lista tal-awtoritajiet rilevanti msemmija fil-paragrafu 1 fuq is-sit elettroniku tagħha.

3. L-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kondizzjonijiet li taħthom il-muniti tal-Unjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 huma meqjusa bħala l-aktar rilevanti u arranġamenti prattiċi effiċjenti għall-konsultazzjoni tal-awtoritajiet rilevanti msemmija fil-punti (b) u (c) ta' dak il-paragrafu.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 13*

**Skambju ta' informazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti, awtoritajiet rilevanti u l-ESMA għandhom, meta jintalbu u mingħajr dewmien żejjed, jipprovdu lil xulxin l-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet li jwettqu dmirijiethom skont dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet kompetenti, awtoritajiet rilevanti, l-ESMA u korpi oħra jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jirċievu informazzjoni kunfidenzjali fit-twettiq ta' dmirijiethom skont dan ir-Regolament għandhom jużawh biss waqt dmirijiethom.

*Artikolu 14*

**Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet**

1. L-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet rilevanti u l-ESMA għandhom jikkooperaw mill-qrib, inkluż bl-iskambju talinformazzjoni rilevanti kollha għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fejn dan ikun adatt u rilevanti, tali kooperazzjoni għandha tinkludi awtoritajiet jew korpi pubbliċi oħrajn, b'mod partikolari dawk stabbiliti jew maħtura skont id-Direttiva 2003/87/KE.

Sabiex jiġu żgurati prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi ġewwa l-Unjoni, inkluża l-kooperazzjoni bejn lawtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet rilevanti fil-valutazzjonijiet differenti meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-ESMA tista', f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

2. Fl-eżerċizzju tad-dmirijiet ġenerali tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu kif adatt l-impatt potenzjali tad-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istati Membri l-oħra kollha kkonċernati, b'mod partikolari fis-sitwazzjonijiet ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 15, abbażi tal-informazzjoni disponibbli.

*Artikolu 15*

**Sitwazzjonijiet ta' emerġenza**

Mingħajr preġudizzju għall-proċedura ta' notifika prevista fl-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 98/26/KE, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet rilevanti għandhom jgħarrfu minnufih lill-ESMA, lill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u lil xulxin dwar kwalunkwe sitwazzjoni ta' emerġenza relatata ma' CSD, inkluż kwalunkwe żvilupp fis-swieq finanzjarji, li jista' jkollu effett negattiv fuq il-likwidità tas-suq, l-istabbiltà tal-munita li fiha jseħħ is-saldu, l-integrità tal-politika monetarja jew l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri fejn ikun stabbilit is-CSD jew wieħed mill-parteċipanti tiegħu.

Taqsima 2

**Kondizzjonijiet u proċeduri għall-awtorizzazzjoni tas-CSDs**

*Artikolu 16*

**Awtorizzazzjoni ta' CSD**

1. Kwalunkwe persuna ġuridika li taqa' taħt id-definizzjoni ta' CSD għandha tikseb awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn hija stabbilita qabel ma tibda l-attivitajiet tagħha.

([1]) Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1).

2. L-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika s-servizzi ewlenin elenkati fit-Taqsima A tal-Anness u s-servizzi anċillari mhux ta' tip bankarju ammessi skont it-Taqsima B tal-Anness, li s-CSD huwa awtorizzat li jipprovdi.

3. CSD għandu jikkonforma f'kull ħin mal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-awtorizzazzjoni.

4. CSD kif ukoll l-awdituri indipendenti tiegħu, għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jgħarrfu lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe bidla sostantiva li taffettwa l-konformità mal-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.

*Artikolu 17*

**Proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni**

1. Is-CSD li japplika għandu jippreżenta applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni lill-awtorità kompetenti tiegħu.

2. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tippermetti lill-awtorità kompetenti taċċerta ruħha li s-CSD li japplika jkun stabbilixxa, fi żmien l-awtorizzazzjoni, l-arranġamenti meħtieġa kollha sabiex jilħaq l-obbligi tiegħu stipulati f'dan ir-Regolament. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha tinkludi programm tal-operazzjonijiet li jistabbilixxi t-tipi ta' negozju previst u l-organizzazzjoni strutturali tas-CSD.

3. Fi żmien 30 jum ta' xogħol mir-riċevuta tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta. Jekk l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih is-CSD li japplika jrid jipprovdi informazzjoni addizzjonali. Meta l-applikazzjoni titqies bħala kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lis-CSD li japplika.

4. Mill-mument meta l-applikazzjoni titqies kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat l-informazzjoni kollha inkluża fl-applikazzjoni lill-awtoritajiet rilevanti u tikkonsulta lil dawk l-awtoritajiet rigward il-karatteristiċi tas-sistema ta' saldu tat-titoli operata mis-CSD li japplika. Kull awtorità rilevanti tista' tinforma lill-awtorità kompetenti bil-fehmiet tagħha fi żmien 3 xhur mir-riċevuta tal-informazzjoni mill-awtorità rilevanti.

5. Fejn is-CSD li japplika jkun biħsiebu jipprovdi s-servizzi msemmija fil-punt (2) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE minbarra l-forniment tas-servizzi anċillari mhux ta' tip bankarju elenkati b'mod espliċitu fit-Taqsima B tal-Anness, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat l-informazzjoni kollha inkluża fl-applikazzjoni lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE u tikkonsulta lil dik l-awtorità dwar l-abbiltà tas-CSD li japplika li jaderixxi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2014/65/UE u tar-Regolament (UE) Nru 600/2014.

6. Qabel ma tagħti l-awtorizzazzjoni lis-CSD li japplika, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru l-ieħor involut fil-każijiet li ġejjin:

(a) is-CSD huwa sussidjarju ta' CSD awtorizzat fi Stat Membru ieħor;

(b) is-CSD huwa sussidjarju tal-impriża prinċipali ta' CSD awtorizzat fi Stat Membru ieħor;

(c) is-CSD huwa kkontrollat mill-istess persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jikkontrollaw CSD differenti awtorizzat fi Stat Membru ieħor.

7. Il-konsultazzjoni msemmija fil-paragrafu 6 għandha tkopri dan li ġej:

(a) kemm huma adatti l-azzjonisti u l-persuni msemmija fl-Artikolu 27(6) u r-reputazzjoni u l-esperjenza tal-persuni li effettivament jidderieġu n-negozju tas-CSD imsemmi fl-Artikolu 27(1) u (4), fejn dawk l-azzjonisti u persuni jkunu komuni għas-CSD u għal CSD awtorizzat fi Stat Membru ieħor;

(b) jekk ir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 6 bejn is-CSD awtorizzat fi Stat Membru ieħor u s-CSD li japplika jaffetwawx l-abbiltà ta' dan tal-aħħar sabiex jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

8. Fi żmien sitt xhur mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf bil-miktub lis-CSD li japplika b'deċiżjoni bir-raġunament sħiħ tagħha dwar jekk l-awtorizzazzjoni ngħatatx jew ġietx miċħuda.

9. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-informazzjoni li s-CSD li japplika għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti fl-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

10. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi formoli, mudelli u proċeduri standard għall-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 18*

**Effetti tal-awtorizzazzjoni**

1. L-attivitajiet tas-CSD awtorizzat għandhom ikunu limitati għall-forniment ta' servizzi koperti mill-awtorizzazzjoni jew in-notifika tiegħu f'konformità mal-Artikolu 19(8).

2. Sistemi ta' saldu tat-titoli jistgħu jiġu operati biss minn CSDs awtorizzati inklużi banek ċentrali li jaġixxu bħala CSDs.

3. CSD awtorizzat jista' jkollu parteċipazzjoni biss f'persuna ġuridika li l-attivitajiet tagħha jkunu limitati għall-forniment tas-servizzi elenkati fit-Taqsimiet A u B tal-Anness, sakemm it-tali parteċipazzjoni ma tkunx approvata mill-awtorità kompetenti tagħha fuq il-bażi li ma żżidx b'mod sinifikanti l-profil ta' riskju tas-CSD.

4. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kriterji li għandhom jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti biex japprovaw il-parteċipazzjoni ta' CSDs f'persuni ġuridiċi minbarra dawk li jipprovdu s-servizzi elenkati fit-Taqsimiet A u B tal-Anness. Tali kriterji jistgħu jinkludu jekk is-servizzi provduti minn dik il-persuna ġuridika humiex komplementari mas-servizzi provduti minn CSD, u l-firxa tal-esponiment tas-CSD għar-responsabbiltajiet li jirriżultaw minn tali parteċipazzjoni.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 19*

**Estensjoni u esternalizzazzjoni tal-attivitajiet u s-servizzi**

1. CSD awtorizzat għandu jippreżenta applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħufejn ikun jixtieq jesternalizza servizz ewlieni lil parti terza skont l-Artikolu 30 jew jestendi l-attivitajiet tiegħu lil wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) servizzi ewlenin addizzjonali elenkati fit-Taqsima A tal-Anness, li mhumiex koperti mill-awtorizzazzjoni inizjali;

(b) servizzi anċillari permissibbli, iżda mhux elenkati b'mod espliċitu fit-Taqsima B tal-Anness, li mhumiex koperti mill-awtorizzazzjoni inizjali;

(c) l-operazzjoni ta' sistema oħra ta' saldu tat-titoli;

(d) is-saldu tal-parti ta' flus kontanti kollha, jew parti minnha, tas-sistema ta' saldu tat-titoli tiegħu fil-kotba ta' aġent ta' saldu ieħor;

(e) l-istabbiliment ta' konnessjoni interoperabbli, inkluż dawk mas-CSDs ta' pajjiżi terzi.

2. L-għoti ta' awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 għandu jsegwi l-proċedura stipulata fl-Artikolu 17.

L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lis-CSD li japplika dwar jekk l-awtorizzazzjoni ngħatatx jew ġietx miċħuda fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni kompluta.

3. CSDs stabbiliti fl-Unjoni li biħsiebhom jistabbilixxu konnessjoni interoperabbli għandhom jippreżentaw applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti rispettivi tagħhom kif meħtieġ skont il-punt (e) tal-paragrafu 1. Dawk l-awtoritajiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin dwar l-approvazzjoni tal-konnessjoni tas-CSD. F'każ ta' deċiżjonijiet diverġenti u jekk jaqblu ż-żewġ awtoritajiet kompetenti, il-kwistjoni tista' tiġi riferuta lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. L-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom jirrifjutaw li jawtorizzaw konnessjoni biss fejn tali konnessjoni ta' CSD tkun thedded il-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji jew tikkawża riskju sistemiku

5. Konnessjonijiet interoperabbli ta' CSDs li jesternalizzaw uħud mis-servizzi tagħhom, relatati ma' dawn il-konnessjonijiet interoperabbli, lil entità pubblika skont l-Artikolu 30(5) u konnessjonijiet ta' CSDs li mhumiex imsemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu soġġetti għal awtorizzazzjoni skont dak il-punt, iżda għandhom jiġu nnotifikati lill-awtoritajiet kompetenti u rilevanti tas-CSDs qabel l-implimentazzjoni tagħhom billi tiġi provduta l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti lit-tali awtoritajiet jivvalutaw il-konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 48.

6. CSD stabbilit u awtorizzat mill-Unjoni jista' jżomm jew jistabbilixxi konnessjoni ma' CSDs ta' pajjiż terz f'konformità mal-kondizzjonijiet u l-proċeduri previsti f'dan l-Artikolu. Fejn ikunu stabbiliti konnessjonijiet ma' CSDs ta' pajjiż terz, l-informazzjoni provduta mis-CSD li jagħmel it-talba għandha tippermetti lill-awtorità kompetenti li tevalwa jekk tali konnessjonijiet jissodisfawx ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 48 jew ir-rekwiżiti li huma ekwivalenti għal dawk previsti fl-Artikolu 48.

7. L-awtorità kompetenti tas-CSD li jagħmel it-talba għandha tesiġi li dak is-CSD itemm konnessjoni ta' CSD li tkun ġiet innotifikata jekk tali konnessjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 48 u b'hekk tkun ta' theddida għall-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji jew tikkawża riskju sistemiku. Fejn awtorità kompetenti tesiġi li s-CSD itemm konnessjoni ta' CSD, hija għandha ssegwi l-proċedura stipulata fl-Artikolu 20(2) u (3).

8. Is-servizzi anċillari addizzjonali elenkati b'mod espliċitu fit-Taqsima B tal-Anness ma għandhomx ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni, iżda għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità kompetenti qabel ma jiġu pprovduti.

*Artikolu 20*

**Irtirar ta' awtorizzazzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni jew miżura ta' rimedju taħt it-titolu V, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tirtira l-awtorizzazzjoni f'kwalunkwe miċ-ċirkostanzi li ġejjin, fejn is-CSD:

(a) ma jkunx għamel użu mill-awtorizzazzjoni għal 12-il xahar, espressament jirrinunzja l-awtorizzazzjoni jew ma jkun ipprovda l-ebda servizz jew wettaq l-ebda attività matul is-sitt xhur ta' qabel;

(b) ikun kiseb l-awtorizzazzjoni billi għamel dikjarazzjonijiet foloz jew b'mezzi illegali oħrajn;

(c) ma jibqax jikkonforma mal-kondizzjonijiet li skonthom ingħatat l-awtorizzazzjoni u ma jkunx ħa l-azzjonijiet ta' rimedju mitluba mill-awtorità kompetenti fil-limiti ta' żmien stabbilit;

(d) ikun kiser b'mod serju jew sistematiku r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament jew, fejn applikabbli, fid-Direttiva 2014/65/UE jew ir-Regolament (UE) Nru 600/2014.

2. Mill-mument li ssir taf b'waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta minnufih lill-awtoritajiet rilevanti u, fejn applikabbli, l-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE dwar il-ħtieġa li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni.

3. L-ESMA u kwalunkwe awtorità rilevanti u, fejn applikabbli, l-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE jistgħu, fi kwalunkwe mument, jitolbu li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju teżamina jekk is-CSD għadux jikkonforma mal-kondizzjonijiet li skonthom ingħatat l-awtorizzazzjoni.

4. L-awtorità kompetenti tista' tillimita l-irtirar tal-awtorizzazzjoni għal servizz, attività, jew strument finanzjarju partikolari.

5. CSD għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm proċedura adegwata biex jiżgura s-saldu u t-trasferiment f'waqthom u ordnati tat-trasferiment tal-assi tal-klijenti u l-parteċipanti lil CSD ieħor fil-każ tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 21*

**Reġistru tas-CSD**

1. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikoli 16, 19 u 20 għandhom jiġu kkomunikati minnufih lill-ESMA.

2. Mingħajr dewmien żejjed il-banek ċentrali għandhom jgħarrfu lill-ESMA bi kwalunkwe sistema ta' saldu tat-titoli li huma joperaw.

3. Isem kull CSD li jopera f'konformità ma' dan ir-Regolament u li ngħatatlu awtorizzazzjoni jew rikonoxximent skont l-Artikolu 16, 19 jew 25 għandu jiddaħħal f'reġistru li jispeċifika s-servizzi u, fejn applikabbli, il-klassijiet tal-istrumenti finanzjarji li għalihom ikun ġie awtorizzat is-CSD. Ir-reġistru għandu jinkludi l-fergħat operati mis-CSD fi Stati Membri oħra, il-konnessjonijiet tas-CSD u l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 31 fejn l-Istati Membri jkunu għamlu użu mill-possibbiltà prevista f'dak l-Artikolu. L-ESMA għandha tagħmel ir-reġistru disponibbli fuq is-sit elettroniku ddedikat tagħha u żżommu aġġornat.

## Taqsima 3

## Superviżjoni tas-CSDs

### *Artikolu 22*

### Rieżami u evalwazzjoni

1. Tal-anqas fuq bażi annwali, l-awtorità kompetenti għandha tirrieżamina l-arranġamenti, l-istrateġiji, il-proċessi u l-mekkaniżmi implimentati minn CSD fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament u tevalwa r-riskji li s-CSD huwa, jew jista' jkun, espost għalihom jew li hija toħloq għall-funzjonament bla xkiel tas-swieq tat-titoli.

2. L-awtorità kompetenti għandha tirrikjedi lis-CSD biex jippreżenta lill-awtoritajiet kompetenti pjan ta' rkupru adegwat biex tkun żgurata l-kontinwità tal-operazzjonijiet kritiċi tiegħu.

3. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jkun stabbilit pjan ta' riżoluzzjoni adegwat u li dan jinżamm għal kull CSD sabiex tiġi żgurata kontinwità tal-inqas tal-funzjonijiet ewlenin tiegħu, b'kont meħud tad-daqs, l-importanza sistemika, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tas-CSD ikkonċernat u kwalunkwe pjan ta' riżoluzzjoni rilevanti stabbilit f'konformità mad-Direttiva 2014/59/UE.

4. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-frekwenza u l-profondità tar-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 billi tqis id-daqs, l-importanza sistemika, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tas-CSD ikkonċernat. Ir-rieżami u l-evalwazzjoni għandhom jiġu aġġornati tal-anqas fuq bażi annwali.

5. L-awtorità kompetenti għandha tissoġġetta lis-CSD għal spezzjonijiet fuq il-post.

6. Meta twettaq ir-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta fi stadju bikri lill-awtoritajiet rilevanti, b'mod partikolari rigward il-funzjonament tas-sistemi ta' saldu tat-titoli operati mis-CSD u, fejn applikabbli, l-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE.

7. B'mod regolari u tal-anqas darba f'sena, l-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-awtoritajiet rilevanti u, fejn applikabbli, lill-awtorità msemmija fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/65/UE bir-riżultati tar-rieżami u l-evalwazzjoni valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 inklużi kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew piena.

8. Meta jwettqu r-rieżami u l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mis-superviżjoni tas-CSDs li jkollhom it-tipi ta' relazzjonijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 17(6) għandhom jipprovdu lil xulxin l-informazzjoni rilevanti kollha li aktarx tiffaċilita l-kompiti tagħhom.

9. L-awtorità kompetenti għandha tesiġi lil CSD li ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament sabiex fi stadju bikri jieħu l-azzjonijiet jew il-passi meħtieġa biex jindirizza s-sitwazzjoni.

10. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) l-informazzjoni li s-CSD għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti għall-finijiet tar-rieżami u evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1;

(b) l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lill-awtoritajiet rilevanti kif stipulat fil-paragrafu 7;

(c) l-informazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 8 għandhom jipprovdu lil xulxin.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

11. L-ESMA għandha tiżviluppa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina formoli, mudelli u proċeduri standard għall-forniment tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 10.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

## Taqsima 4

## **Forniment ta' servizzi fi Stat Membru ieħor**

### *Artikolu 23*

### **Libertà li jiġu provduti servizzi fi Stat Membru ieħor**

1. CSD awtorizzat jista' jipprovdi s-servizzi msemmija fl-Anness fit-territorju tal-Unjoni, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' fergħa, dment li dawk is-servizzi jkunu koperti mill-awtorizzazzjoni.

2. CSD awtorizzat li biħsiebu jipprovdi s-servizzi ewlenin imsemmija fil-punti 1 u 2 tat-Taqsima A tal-Anness firrigward tal-istrumenti finanzjarji kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru ieħor imsemmi fl-Artikolu 49(1) jew jistabbilixxi fergħa fi Stat Membru ieħor għandu jkun soġġett għall-proċedura msemmija fil-paragrafi 3 sa 7.

3. Kwalunkwe CSD li jkun jixtieq jipprovdi s-servizzi msemmija fil-paragrafu 2 fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għall-ewwel darba, jew li jibdel il-firxa ta' dawk is-servizzi provduti, għandu jikkomunika l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju:

(a) l-Istat Membru li fih is-CSD ikun biħsiebu jopera;

(b) programm ta' operazzjonijiet li jiddikjara b'mod partikolari s-servizzi li s-CSD ikun biħsiebu jipprovdi;

(c) il-munita jew muniti li s-CSD ikun biħsiebu jipproċessa;

(d) fejn ikun hemm fergħa, l-istruttura organizzattivi tal-fergħa u l-ismijiet ta' dawk responsabbli mill-ġestjoni tal-fergħa;.

(e) fejn rilevanti, valutazzjoni tal-miżuri li s-CSD ikun biħsiebu jieħu biex jippermetti li l-utenti tiegħu jikkonformaw mal-liġi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 49(1).

4. Fi żmien tliet xhur mir-riċevuta tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tikkomunika dik l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti sakemm, meta tqis il-forniment tas-servizzi previsti, ma jkollhiex raġuni sabiex tiddubita l-adegwatezza tal-istruttura amministrattiva jew is-sitwazzjoni finanzjarja tas-CSD li jixtieq jipprovdi s-servizzi tiegħu fl-Istat Membru ospitanti.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tgħarraf mingħajr dewmien lill-awtoritajiet rilevanti ta' dak l-Istat Membru b'kwalunkwe komunikazzjoni li tkun irċeviet skont l-ewwel subparagrafu.

5. Fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tiddeċiedi f'konformità mal-paragrafu 4 li ma tikkomunikax l-informazzjoni kollha msemmija fil-paragrafu 3 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti hija għandha tagħti r-raġunijiet għar-rifjut tagħha lis-CSD ikkonċernat fi żmien tliet xhur minn meta tasal l-informazzjoni kollha u tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membri ospitanti bid-deċiżjoni tagħha fir-rigward tal-punt (a) tal-paragrafu 6. Fejn l-informazzjoni tiġi kondiviża b'reazzjoni għal talba bħal din, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti ma għandhiex toħroġ il-komunikazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 6.

6. Is-CSD jista' jibda jipprovdi s-servizzi msemmija fil-paragrafu 2 fl-Istat Membru ospitanti skont il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) kif jirċievi komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti li tirrikonoxxi r-riċevuta minn dan tal-aħħar tal-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 u, fejn rilevanti, li tapprova l-valutazzjoni msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 3;

(b) fin-nuqqas ta' riċevuta ta' komunikazzjoni, wara tliet xhur mid-data ta' trasmissjoni tal-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4.

7. F'każ ta' bidla fi kwalunkwe parti tal-informazzjoni kkomunikata skont il-paragrafu 3, CSD għandu jagħti avviż bil-miktub dwar dik il-bidla lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-anqas xahar qabel ma jimplimenta l-bidla. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti wkoll għandha tiġi mgħarrfa dwar dik il-bidla mingħajr dewmien mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.

*Artikolu 24*

**Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-Istati Membri tad-domiċilju u tal-Istat Membru ospitanti u evalwazzjoni bejn il-pari**

1. Meta CSD awtorizzat fi Stat Membru jkun stabbilixxa fergħa fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandhom jikkooperaw mill-qrib fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom previsti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari meta jwettqu spezzjonijiet fuq il-post f'dik il-fergħa. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u tal-Istat Membru ospitanti tista', fit-twettiq tar-responsabbiltajiet tagħha, twettaq spezzjonijiet fuq il-post f'dik il-fergħa wara li tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jew tal-Istati Membru tad-domiċilju, rispettivament.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jew tal-Istat Membru ospitanti tista' tesiġi li s-CSDs jipprovdu servizzi skont l-Artikolu 23 sabiex jirraportaw lilhom perjodikament dwar l-attivitajiet tagħhom f'dak l-Istat Membru ospitanti, inkluż għall-fini tal-ġbir ta' statistika. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha, fuq talba mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju, jipprovdu dawk ir-rapporti perjodiċi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju tas-CSD għandha, fuq talba tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u mingħajr dewmien, tikkomunika l-identità tal-emittenti u tal-parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli operati mis-CSD li jipprovdi servizzi f'dak l-Istat Membru ospitanti u kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti rigward l-attivitajiet ta' dak is-CSD fl-Istat Membru ospitanti.

4. Fejn, b'kont meħud tas-sitwazzjoni tas-swieq tat-titoli fl-Istat Membru ospitanti, l-attivitajiet ta' CSD ikunu saru ta' importanza sostanzjali għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u l-protezzjoni tal-investituri f'dak l-Istat Membru ospitanti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u tal-Istat Membru ospitanti u l-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru tad-domiċilju u tal-Istat Membru ospitanti għandhom jistabbilixxu arranġamenti ta' kooperazzjoni għas-superviżjoni tal-attivitajiet ta' dak is-CSD fl-Istat Membru ospitanti.

Fejn CSD ikun sar sostanzjalment importanti għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u għall-protezzjoni tal-investituri f'aktar minn Stat Membru ospitanti wieħed, l-Istat Membru tad-domiċilju jista' jiddeċiedi li tali arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jinkludu kulleġġi ta' superviżuri.

5. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollha raġunijiet ċari u li jistgħu jiġu pprovati biex temmen li CSD li jipprovdi servizzi ġewwa t-territorju tagħha skont l-Artikolu 23 ikun qed jikser l-obbligi li ġejjin mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, din għandha tirreferi dawk is-sejbiet lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju u lill-ESMA.

Meta, minkejja miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju jew għax dawn il-miżuri jkunu inadegwati, is-CSD jippersisti fil-ksur tal-obbligi li ġejjin mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, wara li tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċlju, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tieħu l-miżuri adatti kollha meħtieġa sabiex tiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ġewwa t-territorju tal-Istat Membru ospitanti. L-ESMA għandha tiġi mgħarrfa dwar tali miżuri mingħajr dewmien.

L-awtorità kompetenti tal-Istati Membri ospitanti u tal-Istat Membru tad-domiċilju jistgħu jirreferu din il-kwistjoni lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA għandha, wara li tikkonsulta lill-membri tal-SEBĊ, torganizza u twettaq tal-inqas kull tliet snin evalwazzjoni bejn il-pari tas-superviżjoni ta' CSDs li jagħmlu użu mil-libertà li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor f'konformità mal-Artikolu 23 jew li jipparteċipaw f'konnessjoni interoperabbli.

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni bejn il-pari msemmijafl-ewwel subparagrafu l-ESMA, għandha, fejn adatt, titlob ukoll opinjonijiet jew parir mill-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq imsemmi fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

7. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 67 rigward il-miżuri għall-istabbiliment tal-kriterji li skonthom l-operazzjonijiet ta' CSD fi Stat Membru ospitanti jistgħu jitqiesu li huma ta' importanza sostanzjali għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u għall-protezzjoni tal-investituri f'dak l-Istat Membru ospitanti.

8. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi formoli, mudelli u proċeduri standard għall-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 3 u 5.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

## Taqsima 5

## Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi

*Artikolu 25*

### Pajjiżi terzi

1. CSDs ta' pajjiżi terzi jistgħu jipprovdu s-servizzi msemmija fl-Anness fit-territorju tal-Unjoni inkluż permezz tal-istabbiliment ta' fergħa.

2. Minkejja l-paragrafu 1, CSD ta' pajjiż terz li biħsiebu jipprovdi s-servizzi ewlenin imsemmija fil-punti (1) u (2) tat-Taqsima A tal-Anness fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji kostitwiti skont il-liġi ta' Stat Membru msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 49(1) jew jistabbilixxi fergħa fi Stat Membru għandu jkun soġġett għall-proċedura msemmija fil-paragrafi 4 sa 11 ta' dan l-Artikolu.

3. CSD stabbilit u awtorizzat fl-Unjoni jista' jżomm jew jistabbilixxi konnessjoni ma' CSD ta' pajjiż terz skont l-Artikolu 48.

4. Wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 5, l-ESMA tista' tirrikonoxxi CSD ta'pajjiż terz li jkun applika għal rikonoxximent sabiex jipprovdi s-servizzi msemmija fil-paragrafu 2, fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni skont il-paragrafu 9;

(b) is-CSD ta' pajjiż terz ikun soġġett għal awtorizzazzjoni effettiva, superviżjoni u sorveljanza jew, jekk is-sistema ta' saldu tat-titoli tkun operata minn bank ċentrali, sorveljanza, li jiżguraw konformità sħiħa mar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli f'dak il-pajjiż terz;

(c) ikunu ġew stabbiliti arranġamenti ta' kooperazzjoni bejn l-ESMA u l-awtoritajiet responsabbli f'dak il-pajjiż terz (l-"awtoritajiet responsabbli ta' pajjiż terz") skont il-paragrafu 10;

(d) fejn rilevanti, is-CSD ta' pajjiż terz jieħu l-miżuri neċessarji biex jippermetti li l-utenti tiegħu jikkonformaw mal-liġi nazzjonali rilevanti tal-Istat Membru li fih is-CSD ta' pajjiż terz ikun biħsiebu jipprovdi servizzi ta' CSD, inkluża l-liġi msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 49(1), u l-adegwatezza ta' dawk il-miżuri tkun ġiet ikkonfermata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih is-CSD ta' pajjiż terz ikun biħsiebu jipprovdi servizzi ta' CSD.

5. Meta jiġi vvalutat jekk intlaħqux il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 4, l-ESMA għandha tikkonsulta:

(a) lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom is-CSD ta' pajjiż terz ikun biħsiebu jipprovdi servizzi ta' CSD, b'mod partikolari, dwar kif is-CSD ta' pajjiż terz ikun biħsiebu jikkonforma mar-rekwiżit imsemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 4;

(b) lill-awtoritajiet rilevanti;

(c) lill-awtoritajiet responsabbli ta' pajjiż terz fdati bl-awtorizzazzjoni, is-superviżjoni u s-sorveljanza tas-CSDs.

6. Is-CSD ta' pajjiż terz imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għar-rikonoxximent lill-ESMA.

Is-CSD li japplika għandu jipprovdi lill-ESMA l-informazzjoni kollha meqjusa li hija meħtieġa għar-rikonoxximent tiegħu. L-ESMA għandha tivvaluta jekk l-applikazzjoni hijiex kompluta fi żmien 30 jum ta' xogħol mir-riċevuta tal-applikazzjoni. Jekk l-applikazzjoni ma tkunx kompluta, l-ESMA għandha tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih is-CSD li japplika għandu jipprovdi informazzjoni addizzjonali.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom is-CSD ta' pajjiż terz biħsiebu jipprovdi servizzi ta' CSD għandhom jivvalutaw il-konformità tas-CSD ta' pajjiż terz mal-liġijiet imsemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 4 u jgħarrfu lill-ESMA b'deċiżjoni bir-raġunament sħiħ tagħha dwar jekk il-konformità hijiex sodisfatta jew le fi żmien tliet xhur mir-riċevuta tal-informazzjoni kollha meħtieġa mill-ESMA.

Id-deċiżjoni ta' rikonoxximent għandha tkun ibbażata fuq il-kriterji stipulati fil-paragrafu 4.

Fi żmien sitt xhur mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni kompluta, l-ESMA għandha tgħarraf bil-miktub lis-CSD li japplika b'deċiżjoni bir-raġunament sħiħ tagħha dwar jekk ir-rikonoxximent ingħatax jew ġiex miċħud.

7. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom is-CSD ta' pajjiż terz, debitament rikonoxxut skont il-paragrafu 4, jipprovdi servizzi ta' CSD, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA, jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet ta' pajjiż terzi responsabbli sabiex:

(a) jirrapportaw perjodikament dwar l-attivitajiet tas-CSD ta' pajjiż terz f'dawk l-Istati Membri ospitanti, inkluż għall-fini tal-ġbir ta' statistika;

(b) jikkomunikaw, f'limitu ta' żmien adatt, l-identità tal-emittenti u l-parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli operati mis-CSD ta' pajjiż terz li jipprovdi servizzi f'dak l-Istat Membru ospitanti u kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti dwar l-attivitajiet ta' dak is-CSD ta' pajjiż terz fl-Istat Membru ospitanti.

8. L-ESMA għandha, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 5, tirrieżamina r-rikonoxximent tas-CSD ta' pajjiż terz f'każ ta' estensjonijiet minn dak is-CSD tas-servizzi tiegħu fl-Unjoni skont il-proċedura stipulata fil-paragrafi 4, 5 u 6.

L-ESMA għandha tirtira r-rikonoxximent ta' dak is-CSD meta l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 4 ma jibqgħux issodisfati jew fiċ-ċirkustanzi msemmija fl-Artikolu 20.

9. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddetermina li l-arranġamenti legali u superviżorji ta' pajjiż terz jiżguraw li s-CSDs awtorizzati f'dak il-pajjiż terz jikkonformaw mar-rekwiżiti legalment vinkolanti li huma effettivament ekwivalenti għar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, li dawk is-CSDs huma soġġetti għal superviżjoni, sorveljanza u infurzar effettiv f'dak il-pajjiż terz fuq bażi kontinwa, u li l-qafas legali ta' dak il-pajjiż terz jipprovdi għal sistema ekwivalenti effettiva għar-rikonoxximent ta' CSDs awtorizzati skont ir-reġimi legali ta' pajjiż terzi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 68(2).

Meta tagħmel id-determinazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra wkoll jekk l-arranġamenti legali u superviżorji ta' pajjiż terz jirriflettux l-istandards CPSS-IOSCO maqbulin internazzjonalment, sa fejn dawn tal-aħħar ma jkunux f'konflitt mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.

10. F'konformità mal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA għandha tistabbilixxi arranġamenti ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi responsabbli li l-oqsfa legali u superviżorji tagħhom ikunu ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti għal dan ir-Regolament skont il-paragrafu 9. Tali arranġamenti għandhom jispeċifikaw tal-anqas:

(a) il-mekkaniżmu għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-ESMA, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti u l-awtoritajiet responsabbli ta' pajjiż terz, inkluż l-aċċess għall-informazzjoni kollha rigward is-CSDs awtorizzati f'pajjiżi terzi li hija rikjesta mill-ESMA u b'mod partikolari l-aċċess għal informazzjoni fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 7;

(b) il-mekkaniżmu għal notifika f'waqtha tal-ESMA fejn awtorità responsabbli ta' pajjiż terz tqis li CSD li tkun qed tissorvelja jkun qed jikser il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni tiegħu jew liġi applikabbli oħra;

(c) il-proċeduri li jikkonċernaw il-koordinazzjoni tal-attivitajiet superviżorji inklużi, fejn adatt, spezzjonijiet fuq il-post.

Meta ftehim ta' kooperazzjoni jipprovdi għal trasferimenti ta' data personali minn Stat Membru, tali trasferimenti għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46/KE u meta ftehim ta' kooperazzjoni jipprovdi għal trasferimenti ta' data personali mill-ESMA, tali trasferimenti għandhom jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

11. Fejn CSD ta' pajjiż terz ikun ġie rikonoxxut, f'konformità mal-paragrafi 4 sa 8, huwa jista' jipprovdi s-servizzi msemmija fl-Anness fit-territorju tal-Unjoni inkluż bl-istabbiliment ta' fergħa.

12. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-informazzjoni li s-CSD li japplika għandu jipprovdi lill-ESMA fl-applikazzjoni tiegħu għar-rikonoxximent skont il-paragrafu 6.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

## *KAPITOLU II*

## ***Rekwiżiti għas-CSDs***

### Taqsima 1

### **Rekwiżiti organizzattivi**

#### *Artikolu 26*

#### **Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. CSD għandu jkollu arranġamenti ta' governanza robusti, li jinkludu struttura organizzattivi ċara b'linji ta' responsabbiltà definiti sew, trasparenti u konsistenti, proċessi effettivi sabiex jidentifika, jamministra, jimmonitorja u jirrapporta r-riskji li huwa, jew li jista' jkun, espost għalihom, u politiki ta' remunerazzjoni u mekkaniżmi ta' kontroll intern adegwati, inklużi proċeduri amministrattivi u tal-kontabbiltà sodi.

2. CSD għandu jadotta politiki u proċeduri li huma effettivi biżżejjed sabiex jiżguraw konformità ma' dan ir-Regolament, inkluża konformità tal-maniġers u l-impjegati tiegħu mad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan ir-Regolament.

3. CSD għandu jżomm u jopera arranġamenti organizzazzjonali u amministrattivi miktuba effettivi sabiex jidentifika u jimmaniġġja kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali bejnu stess, inklużi l-maniġers, l-impjegati, il-membri tal-korp maniġerjali jew kwalunkwe persuna direttament jew indirettament marbuta magħhom, u l-parteċipanti tiegħu jew il-klijenti tagħhom. Għandu jżomm u jimplimenta proċeduri ta' riżoluzzjoni adegwati fejn ikun hemm il-possibbiltà ta' kunflitti ta' interess.

4. CSD għandu jqiegħed l-arranġamenti ta' governanza tiegħu u r-regoli li jirregolaw l-attività tiegħu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

5. CSD għandu jkollu proċeduri adatti sabiex l-impjegati tiegħu jirrapportaw internament ksur potenzjali ta' dan ir-Regolament permezz ta' mezz speċifiku.

6. CSD għandu jkun soġġett għal awditi regolari u indipendenti. Ir-riżultati ta' dawn l-awditi għandhom jiġu kkomunikati lill-korp maniġerjali u jkunu disponibbli għall-awtorità kompetenti u, fejn adatt b'kont meħud ta' konflitti ta' interess potenzjali bejn il-membri tal-kumitat tal-utenti u s-CSD, għall-kumitat tal-utenti.

7. Fejn CSD ikun parti minn grupp ta' impriżi inklużi CSDs oħra jew istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fit-Titolu IV, huwa għandu jadotta politiki u proċeduri dettaljati li jispeċifikaw kif ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu japplikaw għall-grupp u għall-entitajiet differenti fil-grupp.

8. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika fil-livell tas-CSD u l-livell tal-grupp kif imsemmi fil-paragrafu 7:

(a) l-għodod ta' monitoraġġ għar-riskji tas-CSDs imsemmija fil-paragrafu 1;

(b) ir-responsabbiltajiet tal-persunal ewlieni fir-rigward tar-riskji tas-CSDs imsemmija fil-paragrafu 1;

(c) il-konflitti ta' interess potenzjali msemmija fil-paragrafu 3;

(d) il-metodi tal-awditjar imsemmija fil-paragrafu 6; u

(e) iċ-ċirkostanzi li fihom ikun adatt, b'kont meħud ta' konflitti ta' interess potenzjali bejn il-membri tal-kumitat tal-utenti u s-CSD, biex ir-riżultati tal-awditjar jiġu kondiviżi mal-kumitat tal-utenti f'konformità mal-paragrafu 6.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 27*

**Il-maniġment superjuri, il-korp maniġerjali u l-azzjonisti**

1. Il-maniġment superjuri ta' CSD għandu jkollha reputazzjoni u esperjenza tajbin biżżejjed sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni soda u prudenti tas-CSD.

2. CSD għandu jkollu korp maniġerjali li tal-anqas terz minnu, iżda mhux anqas minn żewġ membri tiegħu, ikunu indipendenti.

3. Ir-rimunerazzjoni tal-membri indipendenti u ta' membri oħrajn mhux eżekuttivi tal-korp maniġerjali ma għandux ikun marbut mal-prestazzjoni tan-negozju tas-CSD.

4. Il-korp maniġerjali għandu jkun magħmul minn membri adatti ta' reputazzjoni suffiċjentement tajba b'taħlita adatta ta' ħiliet, esperjenza u għarfien dwar l-entità u s-suq. Il-membri mhux eżekuttivi tal-korp maniġerjali għandhom jiddeċiedu dwar mira għar-rappreżentanza tal-ġeneru mhux rappreżentat biżżejjed fil-korp maniġerjali u jħejji politika dwar kif jiżdied l-għadd tal-ġeneru mhux rappreżentat biżżejjed sabiex tintlaħaq dik il-mira. Il-mira, il-politika u l-implimentazzjoni tagħha għandhom jiġu ppubblikati.

5. CSD għandu jiddetermina b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-korp maniġerjali f'konformità mal-liġi nazzjonali rilevanti. Meta mitlub, CSD għandu jqiegħed il-minuti tal-laqgħat tal-korp maniġerjali għad-disponibbiltà tal-awtorità kompetenti u tal-awditur.

6. L-azzjonisti ta' CSD u persuni li huma f'pożizzjoni li jeżerċitaw, b'mod dirett jew indirett, kontroll fuq il-ġestjoni tas-CSD għandhom ikunu adatti sabiex jiżguraw il-ġestjoni soda u prudenti tas-CSD.

7. CSD għandu:

(a) jipprovdi lill-awtorità kompetenti u jippubblika l-informazzjoni rigward is-sjieda tas-CSD, u b'mod partikolari, l-identità u l-iskala tal-interessi ta' kwalunkwe parti f'pożizzjoni li teżerċita kontroll fuq l-operazzjoni tas-CSD;

(b) jinforma lill-awtorità kompetenti u jitlob l-approvazzjoni tagħha dwar kwalunkwe deċiżjoni għat-trasferiment tad-drittijiet ta' sjieda li twassal għal bidla fl-identità tal-persuni li jeżerċitaw kontroll fuq l-operazzjoni tas-CSD. Wara li jirċievi approvazzjoni mill-awtorità kompetenti tiegħu, is-CSD għandu jippubblika t-trasferiment tad-drittijiet ta' sjieda.

Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika għandha tinforma mingħajr dewmien żejjed lis-CSD u lill-awtorità kompetenti dwar id-deċiżjoni tagħha li takkwista jew tiddisponi mid-drittijiet tas-sjieda tagħha li twassal għal bidla fl-identità tal-persuni li jeżerċitaw kontroll fuq l-operazzjoni tas-CSD.

8. Fi żmien 60 jum ta' xogħol mir-riċevuta tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 7, l-awtorità kompetenti għandha tieħu deċiżjoni dwar il-bidliet proposti fil-kontroll tas-CSD. L-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta li tapprova bidliet proposti fil-kontroll tas-CSD fejn ikun hemm raġunijiet oġġettivi u li jistgħu jiġu pprovati li jagħtuha x'tifhem li dawn ikunu ta' theddida għall-ġestjoni soda u prudenti tas-CSD jew l-abbiltà li s-CSD tikkonforma ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 28*

**Kumitat tal-utenti**

1. CSD għandu jistabbilixxi kumitati tal-utenti għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera, li għandhom ikunu magħmula minn rappreżentanti tal-emittenti u tal-parteċipanti f'dawn is-sistemi ta' saldu tat-titoli. Il-parir tal-kumitat tal-utenti għandu jkun indipendenti minn kwalunkwe influwenza diretta mill-maniġment tas-CSD.

2. CSD għandu jiddefinixxi b'mod mhux diskriminatorju l-mandat għal kull kumitat tal-utenti stabbilit, l-arranġamenti ta' governanza meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom u l-proċeduri operazzjonali tagħhom, kif ukoll il-kriterji ta' ammissjoni u l-mekkaniżmu ta' elezzjoni għall-membri tal-kumitat tal-utenti. L-arranġamenti ta' governanza għandhom ikunu pubblikament disponibbli u għandhom jiżguraw li l-kumitat tal-utenti jirrapporta direttament lill-korp maniġerjali u li jiltaqa' regolarment.

3. Kumitati tal-utenti għandhom jagħtu parir lill-korp maniġerjali dwar arranġamenti ewlenin li jħallu impatt fuq il-membri tagħhom, inklużi l-kriterji għall-aċċettazzjoni ta' emittenti jew parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli rispettivi tagħhom u dwar il-livell tas-servizz.

4. Il-kumitati tal-utenti jistgħu jippreżentaw opinjoni mhux vinkolanti lill-korp maniġerjali bir-raġunijiet dettaljati fir-rigward tal-istrutturi tal-prezzijiet tas-CSD.

5. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-awtoritajiet kompetenti li jiġu debitament mgħarrfa, il-membri tal-kumitati tal-utenti għandhom ikunu marbuta bil-kunfidenzjalità. Meta president ta' kumitat tal-utenti jiddetermina li membru jkollu kunflitt ta' interess potenzjali jew reali fir-rigward ta' kwistjoni partikolari, dak il-membru ma għandux jitħalla jivvota dwar dik il-kwistjoni.

6. CSD għandu jinforma minnufih lill-awtorità kompetenti u lill-kumitat tal-utenti dwar kwalunkwe deċiżjoni li fiha l-korp maniġerjali jiddeċiedi li ma jsegwix il-parir tal-kumitat tal-utenti. Il-kumitat tal-utenti jista' jinforma lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe qasam li fih iqis li l-parir tal-kumitat tal-utenti ma ġiex segwit.

*Artikolu 29*

**Żamma ta' rekords**

1. CSD għandu jżomm, għal perijodu ta' mill-inqas għaxar snin, ir-rekords kollha tiegħu dwar is-servizzi u l-attivitajiet, inkluż dwar is-servizzi anċillari msemmija fit-Taqsimiet B u C tal-Anness, sabiex jippermetti lill-awtorità kompetenti timmonitorja l-konformità mar-rekwiżiti taħt dan ir-Regolament.

2. Meta mitlub, CSD għandu jagħmel ir-rekords imsemmija fil-paragrafu 1 disponibbli għall-awtorità kompetenti u l-awtoritajiet rilevanti u għal kwalunkwe awtorità pubblika oħra li skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha s-setgħa li titlob aċċess għal tali rekords għall-fini tat-twettiq tal-mandat tagħha.

3. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika d-dettalji tar-rekords msemmija fil-paragrafu 1 li għandhom jinżammu għall-fini tal-monitoraġġ tal-konformità tas-CSDs mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-format tar-rekords msemmija fil-paragrafu 1 li għandhom jinżammu għall-iskop ta' monitoraġġ tal-konformità tas-CSDs mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 30*

**Esternalizzazzjoni**

1. Fejn CSD testernalizza servizzi jew attivitajiet lil parti terza, din għandha tibqa' kompletament responsabbli mir-rilaxx tal-obbligi kollha tagħha skont dan ir-Regolament u għandha tikkonforma fil-ħin kollu mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-esternalizzazzjoni ma tirriżultax fid-delega tar-responsabbiltà;

(b) ir-relazzjoni u l-obbligi tas-CSD lejn il-parteċipanti jew l-emittenti tagħha ma jinbidlux;

(c) effettivament, il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tas-CSD ma jinbidlux;

(d) esternalizzazzjoni ma tipprevjenix l-eżerċizzju tal-funzjonijiet superviżorji u ta' sorveljanza, inkluż l-aċċess fuq il-post għall-kisba ta' kwalunkwe informazzjoni rilevanti meħtieġa sabiex jitwettqu dawn il-funzjonijiet;

(e) esternalizzazzjoni ma twassalx biex is-CSD jitlef mis-sistemi u l-kontrolli meħtieġa sabiex jimmaniġja r-riskji li jħabbat wiċċu magħhom;

(f) is-CSD iżomm il-kompetenza u r-riżorsi meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-kwalità tas-servizzi pprovduti, l-adegwatezza organizzazzjonali u kapitali tal-fornitur tas-servizz, għas-superviżjoni tas-servizzi esternalizzati b'mod effettiv u għall-ġestjoni tar-riskji assoċjati mal-esternalizzazzjoni fuq bażi kontinwa;

(g) is-CSD għandu aċċess dirett għall-informazzjoni rilevanti tas-servizzi esternalizzati;

(h) il-fornitur tas-servizz jikkoopera mal-awtorità kompetenti u l-awtoritajiet rilevanti b'rabta mal-attivitajiet esternalizzati;

(i) is-CSD jiżgura li l-fornitur tas-servizz jilħaq l-istandards stabbiliti mil-liġi rilevanti ta' protezzjoni tad-data li jkunu japplikaw li kieku l-fornituri tas-servizz kienu stabbiliti fl-Unjoni. Is-CSD huwa responsabbli mill-iżgurar li dawk l-istandards ikunu stabbiliti f'kuntratt bejn il-partijiet u li dawk l-istandards jinżammu.

2. Is-CSD għandu jiddefinixxi fi ftehim bil-miktub id-drittijiet u l-obbligi tiegħu u dawk tal-fornitur tas-servizz. Il-ftehim ta' esternalizzazzjoni għandu jippermetti lis-CSD li jtemm il-ftehim.

3. Fuq talba, CSD u fornitur tas-servizzi għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet rilevanti l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jippermettilhom jivvalutaw il-konformità tal-attivitajiet esternalizzati mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

4. L-esternalizzazzjoni ta' servizz ewlieni għandha tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 19 mill-awtorità kompetenti.

5. Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw fejn CSD jesternalizza wħud mis-servizzi jew l-attivitajiet tiegħu lil entità pubblika u fejn dik l-esternalizzazzjoni tkun irregolata minn qafas legali, regolatorju u operazzjonali ddedikat li sar qbil dwaru u ġie formalizzat b'mod konġunt mill-entità pubblika u s-CSD rilevanti u li l-awtoritajiet kompetenti qablu dwaru fuq il-bażi tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

*Artikolu 31*

**Servizzi pprovduti minn partijiet oħra li mhumiex CSDs**

1. Minkejja l-Artikolu 30 u, fejn ikun rikjest mil-liġi nazzjonali, persuna li mhijiex CSD tista' tkun responsabbli biex tirreġistra l-entrati tal-kotba fil-kontijiet tat-titoli miżmuma mis-CSDs.

2. L-Istati Membri li jippermettu li partijiet oħra li mhumiex CSDs jipprovdu ċerti servizzi ewlenin imsemmija fit-Taqsima A tal-Anness f'konformità mal-paragrafu 1, għandhom jispeċifikaw fil-liġi nazzjonali tagħhom ir-rekwiżiti li japplikaw f'tali każ. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jinkludu d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li għandhom japplikaw kemm għas-CSD kif ukoll, fejn rilevanti, għall-parti l-oħra kkonċernata.

3. L-Istati Membri li jippermettu li partijiet oħra li mhumiex CSDs jipprovdu ċerti servizzi ewlenin imsemmija fit-Taqsima A tal-Anness f'konformità mal-paragrafu 1, għandhom jikkomunikaw lill-ESMA l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-forniment ta' tali servizzi, inklużi l-liġijiet nazzjonali rilevanti tagħhom.

L-ESMA għandha tinkludi informazzjoni bħal din fir-reġistru tas-CSD imsemmi fl-Artikolu 21.

## Taqsima 2

## Regoli dwar l-eżerċizzju tan-negozju

*Artikolu 32*

### Dispożizzjonijiet ġenerali

1. CSD għandu jkollu għanijiet u objettivi definiti b'mod ċar li jistgħu jintlaħqu, bħal fl-oqsma ta' livelli minimi ta' servizz, l-aspettattivi ta' ġestjoni tar-riskji u l-prijoritajiet tan-negozju.

2. CSD għandu jkollu regoli trasparenti għall-ġestjoni tal-ilmenti.

*Artikolu 33*

### Rekwiżiti għall-parteċipazzjoni

1. Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera, CSD għandu jkollu kriterji ta' parteċipazzjoni divulgati pubblikament li jippermettu aċċess ġust u miftuħ għall-persuni ġuridiċi kollha li għandhom il-ħsieb li jsiru parteċipanti. Dawn il-kriterji għandhom ikunu trasparenti, oġġettivi, u mhux diskriminatorji sabiex jiġi żgurat aċċess ġust u miftuħ għas-CSD bl-attenzjoni dovuta għar-riskji għall-istabbiltà finanzjarja u r-regolarità tas-swieq. Kriterji li jillimitaw l-aċċess għandhom jitħallew biss dment li l-għan tagħhom ikun il-kontroll ġustifikabbli ta' riskju speċifikat għas-CSD.

2. CSD għandu jittratta t-talbiet għal aċċess minnufih billi jipprovdi risposta għal dawn it-talbiet fi żmien xahar l-aktar tard u għandu jqiegħed l-proċeduri dwar it-trattament tat-talbiet għall-aċċess għad-dispożizzjoni pubblika.

3. CSD għandu jiċħad aċċess lil parteċipant li jilħaq il-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 biss fejn dan ikun ġustifikat sew bil-miktub u fuq il-bażi ta' valutazzjoni komprensiva tar-riskji.

F'każ ta' rifjut, il-parteċipant li jitlob aċċess ikollu d-dritt jilmenta mal-awtorità kompetenti tas-CSD li ċaħad l-aċċess.

Dik l-awtorità kompetenti responsabbli għandha teżamina l-ilment bir-reqqa billi tivvaluta r-raġunijiet għar-rifjut u għandha tipprovdi lill-parteċipant li jitlob l-aċċess bi tweġiba rraġunata.

Dik l-awtorità kompetenti responsabbli għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti tal-post tal-istabbiliment tal-parteċipant li jitlob l-aċċess dwar il-valutazzjoni tagħha tal-ilment. Fejn l-awtorità tas-CSD li jagħmel it-talba ma taqbilx mal-valutazzjoni pprovduta, kull waħda miż-żewġ awtoritajiet tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Fejn ir-rifjut mis-CSD sabiex jagħti aċċess lil parteċipant li jkun qed jitolbu jitqies li ma jkunx ġustifikat, l-awtorità kompetenti tas-CSD li tkun irrifjutat l-aċċess għandha toħroġ ordni li teħtieġ li s-CSD jagħti aċċess lill-parteċipant li jkun qed jitlob dan.

4. CSD għandu jkollu proċeduri oġġettivi u trasparenti għas-sospensjoni u l-ħruġ ordnat tal-parteċipanti li ma jibqgħux jilħqu l-kriterji ta' parteċipazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

5. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-riskji li għandhom jitqiesu mis-CSDs meta jwettqu valutazzjoni komprensiva tar-riskji, u mill-awtoritajiet kompetenti meta jivvalutaw ir-raġunijiet għar-rifjut skont il-paragrafu 3 u l-elementi tal-proċedura msemmija fil-paragrafu 3.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

6. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi formoli u mudelli standard għall-proċedura msemmija fil-paragrafu 3.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 34*

**Trasparenza**

1. Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera kif ukoll għal kull wieħed mis-servizzi ewlenin l-oħra li jwettaq, CSD għandu jiddivulga pubblikament il-prezzijiet u t-tariffi assoċjati mas-servizzi ewlenin li huwa jipprovdi elenkati fit-Taqsima A tal-Anness. Għandu jiddivulga l-prezzijiet u t-tariffi ta' kull servizz u funzjoni pprovduti b'mod separat, inklużi l-iskontijiet u r-roħs u l-kundizzjonijiet sabiex wieħed jibbenefika minn dak it-tnaqqis. Għandu jagħti aċċess separat lill-klijenti tiegħu għas-servizzi speċifiċi pprovduti.

2. CSD għandu jippubblika lista tal-prezzijiet sabiex jiffaċilita t-tqabbil tal-offerti u sabiex il-klijenti ikunu jistgħu jantiċipaw il-prezz li jkunu jridu jħallsu jekk jużaw is-servizzi.

3. CSD għandu jkun marbut mill-politika tal-ipprezzar ippubblikata tiegħu għas-servizzi ewlenin tiegħu.

4. CSD għandu jipprovdi lill-klijenti tiegħu l-informazzjoni li tippermetti rikonċiljament tal-fatturi mal-lista tal-prezzijiet ippubblikata.

5. CSD għandu jiddivulga lill-klijenti kollha l-informazzjoni li tippermettilhom jivvalutaw ir-riskji assoċjati mas-servizzi pprovduti.

6. CSD għandu jagħti rendikont separat għall-ispejjeż u d-dħul tas-servizzi ewlenin ipprovduti u għandu jiddivulga dak l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti.

7. CSD għandu jagħti rendikont tal-ispejjeż u d-dħul tas-servizzi anċillari provduti b'mod sħiħ u għandu jiddivulga dik l-informazzjoni lill-awtorità kompetenti.

8. Sabiex jiżgura applikazzjoni effettiva tar-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni u jippermetti l-identifikazzjoni, fost oħrajn, ta' sussidji inkroċjati ta' servizzi anċillari mis-servizzi ewlenin, is-CSD għandu jżomm kontabbiltà analitika għall-attivitajiet tiegħu. Kontabbiltà analitika bħal din għandha tal-inqas tissepara l-ispejjeż u d-dħul assoċjati ma' kull wieħed mis-servizzi ewlenin tiegħu minn dawk assoċjati mas-servizzi anċillari.

*Artikolu 35*

**Proċeduri ta' komunikazzjoni ma' parteċipanti u infrastrutturi oħra tas-suq**

Fil-proċeduri ta' komunikazzjoni tas-CSD mal-parteċipanti tas-sistemi ta' saldu tat-titoli li joperaw, u mal-infrastrutturi tas-suq li huma jikkollegaw magħhom, is-CSDs għandhom jużaw proċeduri u standards ta' komunikazzjoni miftuħa u internazzjonali sabiex jintbagħtu l-messaġġi u d-data ta' referenza sabiex jiġu faċilitati r-reġistrar, il-ħlas u s-saldu effiċjenti.

Taqsima 3

**Rekwiżiti għas-servizzi tas-CSD**

*Artikolu 36*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera, CSD għandu jkollu r-regoli u l-proċeduri adatti, inklużi prattiki u kontrolli robusti ta' kontabbiltà sabiex jgħin jiżgura l-integrità tal-ħruġ ta' titoli, u jnaqqas u jimmaniġġja r-riskji assoċjati mal-kustodja u s-saldu ta' transazzjonijiet fit-titoli.

*Artikolu 37*

**Integrità tal-kwistjoni**

1. CSD għandu jieħu l-miżuri ta' rikonċiljazzjoni xierqa sabiex jivverifika li l-għadd ta' titoli li jifforma ħruġ ta' titoli jew parti minn ħruġ ta' titoli sottomessi lis-CSD jkun daqs is-somma tat-titoli rreġistrati fil-kontijiet ta' titoli tal-parteċipanti fis-sistema ta' saldu tat-titoli operati mis-CSD u, fejn rilevanti, fuq il-kontijiet titulari miżmuma mis-CSD. Miżuri ta' rikonċiljazzjoni bħal dawn għandhom jitwettqu tal-inqas kuljum.

2. Fejn dan ikun xieraq u jekk entitajiet oħrajn ikunu involuti fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni għal ċertu ħruġ ta' titoli, bħall-emittent, ir-reġistraturi, l-aġenti tal-ħruġ, l-aġenti tat-trasferimenti, id-depożitorji komuni, CSDs oħrajn jew entitajiet oħrajn, is-CSD u kwalunkwe entità bħal din għandhom jorganizzaw miżuri adegwati ta' kooperazzjoni u ta' skambju ta' informazzjoni ma' xulxin sabiex tinżamm l-integrità tal-ħruġ.

3. F'sistema ta' saldu tat-titoli operati minn CSD ma għandhomx ikunu permessi self kurrenti ta' titoli, bilanċi tad-dejn jew ħolqien ta' titoli.

4. F'konsultazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-miżuri ta' rikonċiljazzjoni li CSD għandu jieħu skont il-paragrafi 1, 2 u 3.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 38*

**Protezzjoni tat-titoli tal-parteċipanti u dawk tal-klijenti tagħhom**

1. Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera, CSD għandu jżomm ir-rekords u l-kontijiet li għandhom jippermettulu li fi kwalunkwe mument u mingħajr dewmien jissegrega fil-kontijiet mas-CSD, it-titoli ta' parteċipant minn dawk ta' kwalunkwe parteċipant ieħor u, jekk applikabbli, mill-assi proprji tas-CSD.

2. CSD għandu jżomm rekords u kontijiet li jippermettu lil kwalunkwe parteċipant li jissegrega t-titoli tal-parteċipant minn dawk tal-klijenti tal-parteċipant.

3. CSD għandu jżomm rekords u kontijiet li jippermettu lil kwalunkwe parteċipant li jżomm f'kont tat-titoli wieħed it-titoli li jappartjenu għal klijenti differenti ta' dak il-parteċipant ('segregazzjoni kollettiva tal-klijenti')

4. CSD għandu jżomm rekords u kontijiet li jippermettu lil parteċipant li jissegrega t-titoli ta' kwalunkwe wieħed mill-klijenti tal-parteċipant, jekk u kif ikun mitlub mill-parteċipant ('segregazzjoni individwali tal-klijenti').

5. Parteċipant għandu joffri lill-klijenti tiegħu tal-anqas l-għażla bejn is-segregazzjoni kollettiva tal-klijenti u s-segregazzjoni tal-klijenti individwali u jgħarrafhom bl-ispejjeż u r-riskji assoċjati ma' kull għażla.

Madankollu, CSD u l-parteċipanti tiegħu għandhom jipprovdu segregazzjoni individwali tal-klijenti għaċ-ċittadini u r-residenti u l-persuni ġuridiċi stabbiliti fi Stat Membru fejn ikun meħtieġ skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li taħtu jkunu kostitwiti t-titoli kif tkun tinsab fis-17 ta' Settembru 2014. Dak l-obbligu għandu japplika sakemm il-liġi nazzjonali tiġi emendata jew titħassar u sakemm l-objettivi tiegħu jkunu għadhom validi.

6. Is-CSDs u l-parteċipanti tagħhom għandhom jiddivulgaw pubblikament il-livelli tal-protezzjoni u l-ispejjeż assoċjati mal-livelli differenti ta' segregazzjoni li huma jipprovdu u għandhom joffru dawk is-servizzi b'termini kummerċjali raġonevoli. Id-dettalji tal-livelli differenti ta' segregazzjoni għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-implikazzjonijiet legali ewlenin tal-livelli rispettivi ta' segregazzjoni offruti, inkluża l-informazzjoni dwar il-liġi tal-insolvenza applikabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti.

7. Għall-ebda raġuni, CSD ma għandu juża titoli li mhumiex tiegħu. Madankollu, CSD jista' juża titoli ta' parteċipant fejn huwa jkun kiseb minn qabel kunsens espliċitu mill-parteċipant. Barra minn hekk is-CSD għandu jeħtieġ li l-parteċipanti tiegħu jiksbu minn qabel kwalunkwe kunsens meħtieġ mill-klijenti tagħhom.

*Artikolu 39*

**Finalità tas-saldu**

1. CSD għandu jiżgura li s-sistema ta' saldu tat-titoli li jopera toffri protezzjoni adegwata għall-parteċipanti. L-Istati Membri għandhom jinnominaw u jinnotifikaw is-sistemi ta' saldu tat-titoli operati mis-CSDs skont il-proċeduri msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/26/KE.

2. CSD għandu jiżgura li kull sistema ta' saldu tat-titoli li jopera tiddefinixxi l-mumenti tal-introduzzjoni u tal-irrevokabbiltà tal-ordnijiet ta' trasferiment f'dik is-sistema ta' saldu tat-titoli f'konformità mal-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 98/26/KE.

3. CSD għandu jiddivulga r-regoli li jirregolaw il-finalità tat-trasferimenti ta' titoli u flus kontanti f'sistema ta' saldu tat-titoli.

4. Il-paragrafi 2 u 3 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-konnessjonijiet ta' CSD u mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 8 tal-Artikolu 48.

5. CSD għandu jieħu l-passi kollha raġonevoli biex jiżgura li, f'konformità mar-regoli msemmija fil-paragrafu 3, il-finalità tat-trasferimenti ta' titoli u flus kontanti msemmija fil-paragrafu 3 tintlaħaq jew fil-ħin reali jew fl-istess jum u fi kwalunke każ mhux aktar tard mit-tmiem tal-jum ta' xogħol tad-data attwali tas-saldu.

6. Fejn is-CSD joffri s-servizzi msemmija fl-Artikolu 40(2), huwa għandu jiżgura li r-rikavati fi flus kontanti ta' saldu ta' titoli għandu jkun disponibbli għar-riċevituri biex jużawhom mhux aktar tard minn tmiem il-jum ta' xogħol tad-data prevista tas-saldu.

7. It-transazzjonijiet kollha ta' titoli għal flus kontanti bejn parteċipanti diretti f'sistema ta' saldu ta' titoli operata minn CSD u saldati f'dik is-sistema ta' saldu ta' titoli għandhom jiġu saldati fuq il-bażi ta' DVP.

*Artikolu 40*

**Saldu fi flus**

1. Għal transazzjonijiet denominati fil-munita tal-pajjiż fejn isir is-saldu, CSD għandu jissalda l-pagamenti fi flus tas-sistema ta' saldu tat-titoli tiegħu permezz ta' kontijiet miftuħa ma' bank ċentrali tal-ħruġ tal-munita rilevanti fejn dan ikun prattiku u disponibbli.

2. Fejn ma jkunx prattiku u disponibbli li jiġu saldati f'kontijiet ta' bank ċentrali, kif previst fil-paragrafu 1, CSD jista' joffri li jsalda l-pagamenti fi flus għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha tiegħu, jew parti minnhom, permezz ta' kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu jew permezz ta' kontijiet proprji. Jekk CSD joffri li jsalda f'kontijiet miftuħa ma' istituzzjoni ta' kreditu jew permezz ta' kontijiet proprji, dan għandu jagħmel hekk skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV.

3. CSD għandu jiżgura li kull informazzjoni mogħtija lill-parteċipanti fis-suq, dwar ir-riskji u l-ispejjeż marbuta ma' saldu fil-kontijiet tal-istituzzjonijiet ta' kreditu jew permezz ta' kontijiet proprji, tkun ċara, ekwa u mhux qarrieqa. CSD għandu jagħmel disponibbli għall-klijenti jew klijenti potenzjali biżżejjed informazzjoni biex ikunu jistgħu jidentifikaw u jevalwaw ir-riskji u l-ispejjeż marbuta ma' saldu fil-kontijiet ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew permezz ta' kontijiet proprji u għandu jipprovdi dik l-informazzjoni fuq talba.

*Artikolu 41*

**Proċeduri u regoli dwar l-inadempjenza tal-parteċipanti**

1. Għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jħaddem, CSD għandu jkollu regoli u proċeduri effettivi u definiti b'mod ċar sabiex jimmaniġġja l-inadempjenza ta' parteċipant wieħed jew iktar tiegħu sabiex jiġi żgurat li s-CSD jista' jieħu azzjoni f'waqtha sabiex jillimita t-telf u l-pressjonijiet fuq il-likwidità u jkompli jilħaq l-obbligi tiegħu.

2. CSD għandu jqiegħed ir-regoli u l-proċeduri rilevanti tiegħu dwar l-inadempjenza għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

3. Flimkien mal-parteċipanti tiegħu u partijiet interessati rilevanti oħrajn, CSD għandu jwettaq ittestjar u reviżjoni perjodiċi tal-proċeduri tiegħu dwar l-inadempjenza sabiex jiżgura li jkunu prattiċi u effettivi.

4. Sabiex tiżgura applikazzjoni konsistenti ta' dan l-Artikolu, l-ESMA tista', f'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, toħroġ linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Taqsima 4

**Rekwiżiti prudenzjali**

*Artikolu 42*

**Rekwiżiti ġenerali**

CSD għandu jadotta qafas ta' ġestjoni tar-riskji solidu sabiex jimmaniġġja b'mod komprensiv ir-riskji legali, tan-negozju, operazzjonali u riskji diretti jew indiretti oħrajn, inkluż miżuri għat-taffija tal-frodi u n-negliġenza.

*Artikolu 43*

**Riskji legali**

1. Għall-finijiet tal-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tiegħu, kif ukoll għat-tagħrif tal-klijenti tiegħu, CSD għandu jkollu regoli, proċeduri, u kuntratti li huma ċari u li jistgħu jinftiehmu għas-sistemi tas-saldu tat-titoli kollha li jħaddem u s-servizzi l-oħra kollha li jipprovdi.

2. CSD għandu jfassal ir-regoli, il-proċeduri u l-kuntratti tiegħu sabiex dawn ikunu infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha, anki f'każ ta' inadempjenza ta' parteċipant.

3. CSD li jwettaq negozju f'ġurisdizzjonijiet differenti għandu jieħu l-passi kollha raġonevoli biex jidentifika u jimmitiga r-riskji li jirriżultaw minn konflitti potenzjali fil-liġi bejn il-ġurisdizzjonijiet.

*Artikolu 44*

**Riskju ġenerali tan-negozju**

CSD għandu jkollu sistemi robusti ta' ġestjoni u kontroll kif ukoll għodod tal-IT sabiex jidentifika, iwettaq monitoraġġ u jimmaniġġja r-riskji ġenerali tan-negozju, inklużi t-telf mill-eżekuzzjoni batuta tal-istrateġija tan-negozju, il-flussi tal-flus kontanti u l-ispejjeż tal-operat.

*Artikolu 45*

**Riskji operazzjonali**

1. CSD għandu jidentifika s-sorsi ta' riskju operazzjonali, kemm intern kif ukoll estern, u jimminimizza l-impatt tagħhom permezz tal-użu ta' għodod tal-IT, kontrolli u proċeduri xierqa, inklużi għas-sistemi ta' saldu tat-titoli kollha li jħaddem.

2. CSD għandu jżomm l-għodod tal-IT xierqa li jiżguraw grad għoli ta' sigurtà u affidabbiltà operazzjonali, u li għandhom kapaċità adegwata. Għodod tal-IT għandhom jindirizzaw b'mod adegwat il-kumplessità, il-varjetà u t-tip ta' servizzi u attivitajiet imwettqa sabiex jiġu żgurati standards għoljin ta' sigurtà, u integrità u kunfidenzjalità tal-informazzjoni miżmuma.

3. Għas-servizzi li jipprovdi kif ukoll għal kull sistema ta' saldu tat-titoli li jħaddem, CSD għandu jistabbilixxi, jimplimenta u jżomm politika ta' kontinwità tax-xogħol adegwata u pjan ta' rkupru minn diżastri sabiex tiġi żgurata l-preservazzjoni tas-servizzi tiegħu, l-irkupru fil-pront tal-operazzjonijiet u t-twettiq tal-obbligi tas-CSD fil-każ ta' avvenimenti li jġibu riskju sinifikanti ta' waqfien tal-operazzjonijiet.

4. Il-pjan imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jipprevedi l-irkupru tat-transazzjonijiet u l-pożizzjonijiet tal-parteċipanti kollha fil-mument tat-tfixkil biex jippermetti lill-parteċipanti ta' CSD jkomplu joperaw b'ċertezza u jtemmu s-saldu fid-data prevista, inkluż billi jiżgura li s-sistemi kritiċi tal-IT jkunu jistgħu jissoktaw l-operazzjonijiet minnufih mill-mument tal-waqfien. Għandu jinkludi l-istabbiliment tat-tieni sit għall-ipproċessar b'riżorsi, kapaċitajiet, u funzjonijiet suffiċjenti u arranġamenti adatti tal-persunal.

5. Is-CSD għandu jippjana u jwettaq programm ta' testijiet tal-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 1 sa 4.

6. CSD għandu jidentifika, iwettaq monitoraġġ u jimmaniġġja r-riskji li l-parteċipanti ewlenin fis-sistemi ta' saldu tat-titoli li jħaddem, kif ukoll il-fornituri tas-servizz u l-utilitajiet, u CSDs oħrajn jew infrastrutturi oħrajn tas-suq jistgħu jġibu magħhom għat-tħaddim tiegħu. Għandu, fuq talba, jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti u rilevanti b'informazzjoni dwar kwalunkwe riskju identifikat bħal dan.

Għandu wkoll jgħarraf mingħajr dewmien lill-awtoritàkompetenti u l-awtoritajiet rilevanti bi kwalunkwe inċident operazzjonali li jirriżulta minn tali riskji.

7. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika r-riskji operazzjonali msemmija fil-paragrafi 1 u 6 u l-metodi sabiex tittestja, tindirizza jew timminimizza dawk ir-riskji, inklużi l-politika ta' kontinwità tax-xogħol u l-pjanijiet ta' rkupru minn diżastri msemmija fil-paragrafi 3 u 4 u l-metodi ta' valutazzjoni tagħhom.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 46*

**Politika tal-investiment**

1. CSD għandu jżomm l-assi finanzjarji tiegħu f'banek ċentrali, istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati jew CSDs awtorizzati.

2. CSD għandu jkollu aċċess fil-pront għall-assi tiegħu, fejn ikun meħtieġ.

3. CSD għandu jinvesti r-riżorsi finanzjarji tiegħu unikament fi flus kontanti jew fi strumenti finanzjarji likwidi ħafna b'riskju tas-suq u tal-kreditu minimi. Dawk l-investimenti għandhom ikunu kapaċi jiġu likwidati malajr b'effett negattiv minimu fuq il-prezz.

4. L-ammont ta' kapital, inkluż il-qligħ miżmum u r-riżervi ta' CSD li ma jkunux investiti skont il-paragrafu 3, ma għandhomx jitqiesu għall-finijiet tal-Artikolu 47(1).

5. CSD għandu jiżgura li l-iskoperturi għar-riskju ġenerali tiegħu għal kwalunkwe istituzzjoni ta' kreditu individwali awtorizzata jew CSD individwali awtorizzat li magħhom huwa jżomm l-assi finanzjarji proprji tiegħu jibqgħu f'limiti ta' konċentrazzjoni aċċettabbli.

6. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-EBA u l-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-istrumenti finanzjarji li jistgħu jiġu kkunsidrati li huma likwidi ħafna b'riskju tas-suq u tal-kreditu minimi kif imsemmi fil-paragrafu 3, il-perijodu ta' żmien adatt għall-aċċess tal-assi msemmi fil-paragrafu 2 u l-limiti ta' konċentrazzjoni kif imsemmija fil-paragrafu 5. Tali abbozz ta' standards tekniċi regolatorji għandhom, fejn ikun adatt, ikunu allinjati mal-istandards tekniċi regolatorji adottati skont l-Artikolu 47(8) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 47*

**Rekwiżiti ta' kapital**

1. Il-kapital, flimkien mal-qligħ imfaddal u r-riżervi ta' CSD, għandu jkun proporzjonali għar-riskji mill-attivitajiet tas-CSD. Għandu jkun il-ħin kollu biżżejjed sabiex:

(a) jiżgura li s-CSD jkun adegwatament protett kontra riskji operazzjonali, legali, tal-kustodja, tal-investiment u tan-negozju sabiex is-CSD jkun jista' jibqa' jipprovdi servizzi bħala negozju attiv;

(b) jiżgura stralċ jew ristrutturar ordinat tal-attivitajiet tas-CSD fuq perijodu ta' żmien adatt għal minimu ta' sitt xhur f'medda ta' xenarji ta' stress.

2. CSD għandu jkollu pjan għal dan li ġej:

(a) il-ġbir ta' kapital addizzjonali jekk il-kapital tal-ekwità tiegħu jersaq viċin jew jaqa' taħt ir-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 1;

(b) l-iżgurar tal-istralċ jew ristrutturazzjoni ordinati tal-operazzjonijiet u s-servizzi tiegħu fejn is-CSD ma jkunx jista' jiġbor kapital ġdid.

Il-pjan għandu jiġi approvat mill-korp maniġerjali jew kumitat adatt tal-korp maniġerjali u jiġi aġġornat regolarment. Kull aġġornament tal-pjan għandu jiġi pprovdut lill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti tista' tesiġi lis-CSD jieħu miżuri addizzjonali jew jagħmel dispożizzjonijiet alternattivi fejn l-awtorità kompetenti tikkunsidra li l-pjan tas-CSD huwa insuffiċjenti.

3. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u l-membri tas-SEBĊ, l-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti rigward il-kapital, il-qligħ miżmum u r-riżervi ta' CSD msemmija fil-paragrafu 1.

L-EBA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Taqsima 5

**Rekwiżiti għall-konnessjonijiet tas-CSD**

*Artikolu 48*

**Konnessjonijiet tas-CSDs**

1. Qabel ma jistabbilixxu konnessjoni ta' CSD u fuq bażi kontinwa ladarba tkun stabbilita l-konnessjoni ta' CSD, is-CSDs kollha kkonċernati għandhom jidentifikaw, jivvalutaw, iwettqu monitoraġġ u jimmaniġġjaw is-sorsi potenzjali kollha ta' riskju għalihom stess u għall-parteċipanti tagħhom li jinħolqu mill-konnessjoni ta' CSD u jieħdu l-miżuri adatti biex jimmitigawhom.

2. CSDs li jkunu beħsiebhom jistabbilixxu konnessjonijiet għandhom iressqu applikazzjoni għal awtorizzazzjoni lill-awtorità kompetenti tas-CSD li jagħmel it-talba kif mitlub skont il-punt (e) tal-Artikolu 19(1) jew jinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti u rilevanti tas-CSD li jagħmel it-talba kif mitlub skont l-Artikolu 19(5).

3. Konnessjoni għandha tipprovdi protezzjoni adegwata lis-CSDs konnessi u lill-parteċipanti tagħhom, partikolarment fir-rigward ta' krediti possibbli meħuda mis-CSDs u tar-riskji ta' konċentrazzjoni u likwidità b'riżultat tal-arranġament ta' konnessjoni.

Konnessjoni għandha tkun sostnuta b'arranġament kuntrattwali xieraq li jistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi tas-CSDs konnessi u, fejn ikun meħtieġ, tal-parteċipanti tas-CSDs. Arranġament kuntrattwali b'implikazzjonijiet transġurisdizzjonali għandu jipprevedi għażla bla ambigwità tal-liġi li tirregola kull aspett tal-operazzjonijiet tal-konnessjoni.

4. Fil-każ ta' trasferiment proviżorju ta' titoli bejn CSDs konnessi, għandu jkun projbit trasferiment mill-ġdid tat-titoli qabel ma l-ewwel trasferiment isir finali.

5. CSD li juża konnessjoni indiretta jew intermedjarja sabiex iħaddem konnessjoni ta' CSD ma' CSD ieħor għandu jkejjel, iwettaq monitoraġġ u jimmaniġġja r-riskji addizzjonali li jinħolqu mill-użu ta' dik il-konnessjoni indiretta jew l-intermedjarja u jieħu l-miżuri adatti biex jimmitigahom.

6. CSDs konnessi għandu jkollhom proċeduri ta' rikonċiljazzjoni robusti sabiex jiżguraw li r-reġistri rispettivi tagħhom ikunu preċiżi.

7. Il-konnessjonijiet bejn CSDs għandhom jippermettu s-saldu DVP ta' tranżazzjonijiet bejn parteċipanti f'CSDs konnessi, fejn dan ikun prattikabbli u fattibbli. Ir-raġunijiet dettaljati għal kwalunkwe konnessjoni CSD li ma tippermettix saldu DVP għandhom jiġu notifikati lill-awtoritajiet rilevanti u kompetenti.

8. Sistemi ta' saldu tat-titoli interoperabbli u CSDs, li jużaw infrastruttura tas-saldu komuni għandhom jistabbilixxu mumenti identiċi ta':

(a) l-entrata ta' ordnijiet ta' trasferiment fis-sistema;

(b) l-irrevokabbiltà tal-ordnijiet tat-trasferiment.

Is-sistemi ta' saldu tat-titoli u s-CSDs imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jużaw regoli ekwivalenti rigward il-mument tal-finalità tat-trasferimenti tat-titoli u l-flus kontanti.

9. Sat-18 ta' Settembru 2019 il-konnessjonijiet kollha interoperabbli bejn CSDs li joperaw fi Stati Membri għandhom ikunu, fejn dan japplika, konnessjonijiet li jsostnu s-saldu DVP.

10. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 3 li skont huma kull tip ta' arranġament ta' konnessjoni jipprevedi protezzjoni adegwata tas-CSDs konnessi u tal-parteċipanti tagħhom, partikolarment fejn CSD jkollu ħsieb jipparteċipa fis-sistema tas-saldu tat-titoli mħaddma minn CSD oħra, il-monitoraġġ u l-immaniġġjar tar-riskji addizzjonali msemmija fil-paragrafu 5 li ġejjin mill-użu tal-intermedjarji, il-metodi ta' rikonċiljazzjoni msemmija fil-paragrafu 6, il-każijiet fejn is-saldu DVP permezz tal-konnessjonijiet ta' CSDs ikun prattiku u fattibbli kif previst fil-paragrafu 7 u l-metodi ta' valutazzjoni tagħhom.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Hija delegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*KAPITOLU III*

***Aċċess għas-CSDs***

Taqsima 1

**Aċċess ta' emittenti għal CSDs**

*Artikolu 49*

**Libertà ta' emissjoni f'CSD awtorizzat fl-Unjoni**

1. Emittent għandu jkollu d-dritt li jagħmel arranġamenti sabiex it-titoli tiegħu li jkunu ġew aċċettati biex jiġu negozjati fi swieq regolati jew MTFs jew negozjati f'ċentri ta' negozjar jiġu rreġistrati fi kwalunkwe CSD stabbilit fi kwalunkwe Stat Membru, soġġett għall-konformità minn dak is-CSD mal-kondizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23.

Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-emittent imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-liġi korporattiva jew liġi simili tal-Istat Membru li taħtu huma kostitwiti t-titoli għandhom jibqgħu japplikaw.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi kompilata lista ta' dispożizzjonijiet rilevanti ewlenin tal-liġi tagħhom, kif imsemmi fit-tieni subparagrafu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw dik il-lista lill-ESMA sat-18 ta' Diċembru 2014. L-ESMA għandha tippubblika l-lista sat-18 ta' Jannar 2015.

Is-CSD jista' jitlob il-ħlas ta' tariffa kummerċjali raġonevoli għall-għoti tas-servizzi tiegħu lill-emittenti fuq il-bażi ta' kost b'addenda, sakemm ma jsirx qbil ieħor bejn iż-żewġ partijiet.

2. Fejn emittent jippreżenta talba biex jirreġistra t-titoli tiegħu f'CSD, dan tal-aħħar għandu jittratta din it-talba minnufih u b'mod mhux diskriminatorju u jipprovdi tweġiba lill-emittent li jagħmel it-talba fi żmien tliet xhur.

3. CSD jista' jirrifjuta milli jipprovdi servizzi lil emittent. Rifjut bħal dan jista' jkun ibbażat biss fuq valutazzjoni tar-riskji komprensiva jew jekk dak is-CSD ma jipprovdix is-servizzi msemmija fil-punt (1) tat-Taqsima A tal-Anness fir-rigward tat-titoli kostitwiti taħt il-liġi korporattiva jew liġi simili tal-Istat Membru rilevanti.

4. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE [2], fejn CSD jirrifjuta li jipprovdi servizzi lil emittent, dan għandu jipprovdi lill-emittent li qed jagħmel it-talba r-raġunijiet sħaħ bil-miktub għar-rifjut tiegħu.

[1] Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15).

[2] Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE tal-1 ta' Awwissu 2006 li tistabbilixxi miżuri implimentattivi għad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni ta' "persuni esposti politikament" u l-kriterji tekniċi għal proċeduri ssimplifikati tad-diliġenza dovuta mal-klijent u għal eżenzjoni għal raġunijiet ta' attività finanzjarja mwettqa fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna (ĠU L 214, 4.8.2006, p. 29).

F'każ ta' rifjut, l-emittent li jagħmel it-talba għandu jkollu d-dritt li jilmenta mal-awtorità kompetenti tas-CSD li jirrifjuta li jipprovdi s-servizzi tiegħu.

L-awtorità kompetenti ta' dak is-CSD għandha teżamina l-ilment kif dovut billi tivvaluta r-raġunijiet għar-rifjut ipprovduti mis-CSD u għandha tipprovdi lill-emittent bi tweġiba motivata.

L-awtorità kompetenti tas-CSD għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti tal-post tal-istabbiliment tal-emittent li jagħmel it-talba dwar il-valutazzjoni tagħha tal-ilment. Fejn l-awtorità kompetenti tal-post tal-istabbiliment tal-emittent li jagħmel it-talba ma taqbilx ma' dik il-valutazzjoni, kwalunkwe waħda miż-żewġ awtoritajiet kompetenti jistgħu jirreferu l-kwistjoni lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Fejn ir-rifjut mis-CSD li jipprovdi s-servizzi tiegħu lil emittent titqies li hija inġustifikata, l-awtorità kompetenti responsabbli għandha toħroġ ordni fejn tesiġi li s-CSD jipprovdi s-servizzi tiegħu lill-emittent li għamel it-talba.

5. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-riskji li għandhom jitqiesu mis-CSDs meta jwettqu valutazzjoni komprensiva tar-riskji, u l-awtoritajiet kompetenti li jivvalutaw ir-raġunijiet għar-rifjut skont il-paragrafi 3 u 4, u l-elementi tal-proċedura msemmija fil-paragrafu 4.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

6. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi formoli u mudelli standard għall-proċedura msemmija fil-paragrafu 4.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

## Taqsima 2

## **Aċċess bejn CSDs**

### *Artikolu 50*

### **Aċċess permezz ta' konnessjoni standard**

CSD għandu jkollu d-dritt li jsir parteċipant f'CSD ieħor u jistabbilixxi konnessjoni standard ma' dak is-CSD skont l-Artikolu 33 u soġġett għal notifika minn qabel tal-konnessjoni ta' CSD stipulata fl-Artikolu 19(5).

### *Artikolu 51*

### **Aċċess permezz ta' konnessjoni personalizzata**

1. Fejn CSD jitlob lil CSD ieħor sabiex jiżviluppa konnessjoni personalizzatabiex ikollu aċċess għal dan tal-aħħar, is-CSD li jirċievi t-talba għandu jiċħad din it-talba biss fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet tar-riskji. Ma għandux jiċħad talba għal raġunijiet ta' telf ta' sehem mis-suq.

2. Is-CSD li jirċievi t-talba jista' jitlob ħlas ta' tariffa kummerċjali raġonevoli fuq il-bażi ta' kost b'addenda lis-CSD li jagħmel it-talba talli jagħmel disponibbli l-aċċess permezz ta' konnessjoni personalizzata, dment li ma jsirx qbil mod ieħor miż-żewġ partijiet.

*Artikolu 52*

**Proċedura għall-konnessjonijiet tas-CSD**

1. Meta CSD jippreżenta talba għal aċċess lil CSD ieħor skont l-Artikoli 50 u 51, dan tal-aħħar għandu jittratta din it-talba minnufih u għandu jipprovdi tweġiba lis-CSD li jagħmel it-talba fi żmien tliet xhur.

2. CSD għandu jiċħad l-aċċess lil CSD li jitolbu fil-każ biss fejn dan l-aċċess ikun jhedded il-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji jew jikkawża riskju sistemiku. Dan ir-rifjut għandu jkun ibbażat biss fuq valutazzjoni komprensiva tar-riskju.

Fejn CSD jiċħad l-aċċess, għandu jipprovdi lis-CSD li jagħmel it-talba r-raġunijiet sħaħ għar-rifjut tiegħu.

F'każ ta' rifjut, is-CSD li jagħmel it-talba għandu d-dritt li jilmenta mal-awtorità kompetenti tas-CSD li ċaħad milli jagħti aċċess.

L-awtorità kompetenti tas-CSD li jirċievi t-talba għandha teżamina l-ilment kif dovut billi tivvaluta r-raġunijiet għar-rifjut u għandha tipprovdi lis-CSD li jagħmel it-talba bi tweġiba motivata.

L-awtorità kompetenti tas-CSD li jirċievi t-talba għandha tikkonsulta l-awtorità kompetenti tas-CSD li jagħmel it-talba u l-awtorità rilevanti tas-CSD li jagħmel it-talba msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 12(1) dwar il-valutazzjoni tagħha tal-ilment. Fejn kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet tas-CSD li jagħmel it-talba ma taqbilx mal-valutazzjoni pprovduta, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Fejn ir-rifjut mis-CSD milli jagħti aċċess lis-CSD li jagħmel it-talba titqies li hija inġustifikata, l-awtorità kompetenti tas-CSD li jirċievi t-talba għandha toħroġ ordni sabiex dak is-CSD jagħti aċċess lis-CSD li jagħmel it-talba.

3. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-riskji li għandhom jitqiesu mis-CSDs meta jwettqu valutazzjoni komprensiva tar-riskji, u mill-awtoritajiet kompetenti meta jivvalutaw ir-raġunijiet għar-rifjut skont il-paragrafu 2 u l-elementi tal-proċedura msemmija fil-paragrafu 2.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

4. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi formoli u mudelli standard għall-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Taqsima 3

## Aċċess bejn CSD u infrastruttura oħra tas-suq

*Artikolu 53*

### Aċċess bejn CSD u infrastruttura oħra tas-suq

1. CCP u ċentru tan-negozjar għandhom jipprovdu aġġornamenti dwar it-tranżazzjonijiet fuq bażi nondiskriminatorja u trasparenti lil CSD fuq talba mis-CSD u jistgħu jitolbu ħlas ta' tariffa kummerċjali raġonevoli għal dawn l-aġġornamenti dwar it-tranżazzjonijiet lis-CSD li jagħmel it-talba fuq il-bażi ta' kost b'addenda, sakemm ma jsirx ftehim ieħor bejn iż-żewġ partijiet.

CSD għandu jipprovdi aċċess għas-sistemi ta' saldu tat-titoli tiegħu fuq bażi nondiskriminatorja u trasparenti lil CCP jew ċentru tan-negozjar u jista' jitlob il-ħlas ta' tariffa kummerċjali raġonevoli għal dan l-aċċess fuq il-bażi ta' kost b'addenda, sakemm ma jsirx ftehim ieħor bejn iż-żewġ partijiet.

2. Meta parti tippreżenta talba għal aċċess lil parti oħra skont il-paragrafu 1, din it-talba għandha tiġi indirizzata minnufih u fi żmien tliet xhur għandha tiġi pprovduta tweġiba lill-parti li tagħmel it-talba.

3. Il-parti riċeventi għandha tiċħad aċċess biss fejn dan l-aċċess ikun jaffettwa l-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq finanzjarji jew jikkawża riskju sistemiku. Ma għandhiex tiċħad talba għal raġunijiet ta' telf ta' sehem mis-suq.

Parti li tirrifjuta aċċess għandha tipprovdi lill-parti li tagħmel it-talba r-raġunijiet sħaħ bil-miktub għal rifjut bħal dan ibbażati fuq valutazzjoni komprensiva tar-riskji. F'każ ta' rifjut, il-parti li tagħmel it-talba għandha d-dritt li tilmenta mal-awtorità kompetenti tal-parti li ċaħdet l-aċċess.

L-awtorità kompetenti tal-parti riċeventi u l-awtorità rilevanti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 12(1) għandhom jeżaminaw l-ilment kif dovut billi jivvalutaw ir-raġunijiet għaċ-ċaħda u għandhom jipprovdu lill-parti li tagħmel it-talba bi tweġiba motivata.

L-awtorità kompetenti tal-parti riċeventi għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti tal-parti li tagħmel it-talba u l-awtorità rilevanti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 12(1) dwar il-valutazzjoni tagħha tal-ilment. Fejn kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet tal-parti li tagħmel it-talba ma taqbilx mal-valutazzjoni pprovduta, kull waħda minnhom tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ESMA, li tista' taġixxi skont is-setgħat mogħtija lilha fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Fejn ir-rifjut minn parti milli tagħti aċċess titqies li hija inġustifikata, l-awtorità kompetenti responsabbli għandha toħroġ ordni lil dik il-parti tagħti biex tagħti aċċess għas-servizzi tagħha fi żmien tliet xhur.

4. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-riskji li għandhom jitqiesu mis-CSDs meta jwettqu valutazzjoni komprensiva tar-riskji, u mill-awtoritajiet kompetenti meta jivvalutaw ir-raġunijiet għar-rifjut skont il-paragrafu 3 u l-elementi tal-proċedura msemmija fil-paragrafu 3.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

5. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi formoli u mudelli standard għall-proċedura msemmija fil-paragrafi 2 u 3.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi konferita setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

TITOLU IV

**FORNIMENT TA' SERVIZZI ANĊILLARI TA' TIP BANKARJU GĦAL PARTEĊIPANTI TA' CSD**

*Artikolu 54*

**Awtorizzazzjoni u nomina għall-forniment ta' servizzi anċillari ta' tip bankarju**

1. CSD ma għandux huwa stess jipprovdi xi servizzi anċillari ta' tip bankarju stabbiliti fit-Taqsima C tal-Anness dment li ma jkunx kiseb awtorizzazzjoni addizzjonali biex jipprovdi servizzi bħal dawn skont dan l-Artikolu.

2. CSD li jkun beħsiebu jsalda l-parti ta' flus kontanti tas-sistema ta' saldu tat-titoli tiegħu kollha, jew parti minnha, skont l-Artikolu 40(2) jew inkella jixtieq jipprovdi kwalunkwe servizz anċillari ta' tip bankarju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun awtorizzat li jew:

(a) joffri tali servizzi huwa stess skont il-kundizzjonijiet speċifikati f'dan l-Artikolu; jew

(b) jinnomina għal dik il-fini istituzzjoni tal-kreditu awtorizzata waħda jew iktar skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/36/UE.

3. Meta CSD jfittex li jipprovdi kwalunkwe servizz anċillari ta' tip bankarju mill-istess entità legali bħal dik li topera s-sistema ta' saldu tat-titoli, l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tingħata biss meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-CSD huwa awtorizzat bħala istituzzjoni ta' kreditu kif previst fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/36/UE;

(b) is-CSD jissodisfa r-rekwiżiti prudenzjali kif stabbiliti fl-Artikolu 59(1), (3) u (4) u r-rekwiżiti superviżorji stabbiliti fl-Artikolu 60;

(c) l-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu tintuża biss biex jingħataw is-servizzi anċillari ta' tip bankarju msemmija fit-Taqsima C tal-Anness, u mhux jitwettqu xi attivitajiet oħra;

(d) is-CSD hu soġġett għal surcharge addizzjonali fuq il-kapital li jirrifletti r-riskji, inklużi r-riskji għall-kreditu u l-likwidità, li jirriżultaw mill-għoti ta' kreditu ta' matul l-istess jum, fost oħrajn, lill-parteċipanti f'sistema ta' saldu ta' titoli jew utenti oħra tas-servizzi tas-CSD;

(e) is-CSD jirrapporta mill-inqas ta' kull xahar lill-awtorità kompetenti u kull sena bħala parti mill-iżvelar pubbliku tiegħu kif meħtieġ skont il-Parti Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-portata u l-ġestjoni tar-riskju ta' likwidità matul l-istess jum skont il-punt (j) tal-Artikolu 59(4) ta' dan ir-Regolament;

(f) is-CSD jkun ippreżenta lill-awtorità kompetenti pjan adegwat ta' rkupru biex jiżgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet kritiċi tiegħu, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn ir-riskju tal-likwidità jew tal-kreditu jikkristallizza bħala riżultat tal-provvista ta' servizzi anċillari ta' tip bankarju.

Fil-każ ta' dispożizzjonijiet konfliġġenti stipulati f'dan ir-Regolament, fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2013/36/UE, is-CSD msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandu jikkonforma mar-rekwiżiti aktar stretti dwar superviżjoni prudenzjali. L-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-Artikoli 47 u 59 ta' dan ir-Regolament għandhom jiċċaraw il-każijiet ta' dispożizzjonijiet konfliġġenti.

4. Meta CSD jfittex li jinnomina istituzzjoni ta' kreditu sabiex jipprovdi kwalunkwe servizz anċillari ta' tip bankarju mill-istess entità legali separata li tista' tkun parti mill-istess grupp ta' impriżi li fl-aħħar mill-aħħar huma kontrollati mill-istess impriża prinċipali jew le, l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tingħata biss meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-entità legali separata tkun awtorizzata bħala istituzzjoni ta' kreditu kif previst fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/36/UE;

(b) l-entità legali separata tissodisfa r-rekwiżiti prudenzjali stipulati flArtikolu 59(1), (3) u (4) u r-rekwiżiti superviżorji stipulati fl-Artikolu 60;

(c) l-entità legali separata ma twettaqx hija stess xi wieħed mis-servizzi ewlenin imsemmija fit-Taqsima A tal-Anness;

(d) l-awtorizzazzjoni msemmija fil-punt (a) tintuża biss biex jingħataw is-servizzi anċillari ta' tip bankarju msemmija fit-Taqsima C tal-Anness, u mhux biex titwettaq xi attività oħra;

(e) l-entità legali separata hi soġġetta għal surcharge addizzjonali fuq il-kapital li jirrifletti r-riskji, inklużi r-riskji għall-kreditu u l-likwidità, li jirriżultaw mill-għoti ta' kreditu ta' matul l-istess jum, fost oħrajn, lill-parteċipanti ta' sistema ta' saldu ta' titoli jew utenti oħra tas-servizzi tas-CSD;

(f) l-entità legali separata tirrapporta mill-inqas ta' kull xahar lill-awtorità kompetenti u kull sena bħala parti mill-iżvelar pubbliku tagħha kif meħtieġ skont il-Parti Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-portata u l-ġestjoni tar-riskju ta' likwidità matul l-istess jum skont il-punt (j) tal-Artikolu 59(4) ta' dan ir-Regolament; u

(g) l-entità legali separata tkun ippreżentat lill-awtorità kompetenti pjan adegwat ta' rkupru li jiżgura l-kontinwità tal-operazzjonijiet kritiċi tagħha, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn ir-riskju tal-likwidità jew tal-kreditu jikkristallizza bħala riżultat tal-provvista ta' servizzi anċillari tat-tip bankarji mill-istess entità legali separata.

5. Il-paragrafu 4 ma għandux japplika għal istituzzjonijiet ta' kreditu msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 li joffru li jsaldu l-pagamenti fi flus kontanti għal parti tas-sistema ta' saldu tat-titoli tas-CSD, jekk il-valur totali ta' saldu bħal dan fi flus kontanti permezz ta' kontijiet li nfetħu ma' dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu, ikkalkulat fuq perijodu ta' sena, ikun anqas minn wieħed fil-mija tal-valur totali tat-tranżazzjonijiet kollha tat-titoli mqabbel ma' flus kontanti saldati fil-kotba tas-CSD u ma jeċċedix massimu ta' EUR 2,5 biljun kull sena.

L-awtorità kompetenti għandha tagħmel monitoraġġ tal-anqas darba fis-sena li l-limitu definit fl-ewwel subparagrafu jiġi rispettat u tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-ESMA. Meta l-awtorità kompetenti tiddetermina li jkun inqabeż il-limitu, għandha titlob lis-CSD sabiex ifittex awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 4. Is-CSD kkonċernat għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għal awtorizzazzjoni fi żmien sitt xhur.

6. L-awtorità kompetenti tista' tesiġi li CSD jinnomina iktar minn istituzzjoni ta' kreditu waħda, jew jinnomina istituzzjoni ta' kreditu minbarra li jipprovdi s-servizzi huwa stess, skont il-punt (a) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, meta tqis li l-espożizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu waħda għall-konċentrazzjoni ta' riskji skont l-Artikolu 59(3) u (4) mhix imtaffija biżżejjed. L-istituzzjonijiet ta' kreditu nominati għandhom jitqiesu li huma aġenti tas-saldu.

7. CSD awtorizzat li jipprovdi kwalunkwe servizz anċillari ta' tip bankarju u istituzzjoni ta' kreditu nominata skont il-punt (b) tal-paragrafu 2 għandhom jikkonformaw f'kull ħin mal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-awtorizzazzjoni skont dan ir-Regolament u għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar kwalunkwe tibdil sostantiv li jaffettwa l-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni.

8. L-EBA għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u l-membri tas-SEBĊ, tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tiddetermina s-surcharge addizzjonali fuq il-kapital ibbażat fuq ir-riskji msemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 3 u l-punt (e) tal-paragrafu 4.

L-EBA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 55*

**Proċedura għall-għoti u ċ-ċaħda ta' awtorizzazzjoni sabiex jingħataw servizzi anċillari ta' tip bankarju**

1. Is-CSD għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għall-awtorizzazzjoni biex jinnomina istituzzjoni ta' kreditu jew biex jipprovdi kwalunkwe servizzi anċillari ta' tip bankarju, kif meħtieġ skont l-Artikolu 54, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu.

2. L-applikazzjoni għandu jkun fiha t-tagħrif kollu li huwa meħtieġ sabiex jippermetti lill-awtorità kompetenti taċċerta ruħha li s-CSD u, meta jkun applikabbli, l-istituzzjoni ta' kreditu nominata jkunu stabbilixxew, fi żmien l-awtorizzazzjoni, l-arranġamenti meħtieġa kollha sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom kif stipulati f'dan ir-Regolament. Għandu jkun fiha programm tal-operazzjonijiet li jistabbilixxi s-servizzi anċillari ta' tip bankarju previsti, l-organizzazzjoni strutturali tar-relazzjonijet bejn is-CSD u l-istituzzjonijiet ta' kreditu nominata, meta jkun applikabbli, u kif dak is-CSD jew meta jkun applikabbli l-istituzzjoni ta' kreditu nominata jkun beħsiebhom jilħqu r-rekwiżiti prudenzjali kif stipulati fl-Artikolu 59(1), (3) u (4) u l-kondizzjonijiet l-oħra stipulati fl-Artikolu 54.

3. L-awtorità kompetenti għandha tapplika l-proċedura skont l-Artikolu 17(3) u (8).

4. Mill-mument meta l-applikazzjoni titqies kompluta, l-awtorità kompetenti għandha tittrasmetti t-tagħrif kollu inkluż fl-applikazzjoni lill-awtoritajiet li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet rilevanti;

(b) l-awtorità kompetenti rilevanti msemmija fil-punt (40) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(c) l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri fejn is-CSD jkun stabbilixxa konnessjonijiet interoperabbli ma' CSD ieħor minbarra fejn is-CSD jkun stabbilixxa konnessjonijiet interoperabbli msemmija fl-Artikolu 19(5);

(d) l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ospitanti fejn l-attivitajiet tas-CSD huma ta' importanza sostanzjali għall-funzjonament tas-swieq tat-titoli u għall-protezzjoni tal-investituri skont it-tifsira tal-Artikolu 24(4);

(e) l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-parteċipanti tas-CSD li huma stabbiliti fit-tliet Stati Membri bl-akbar valuri ta' saldu fis-sistema ta' saldu tat-titoli tas-CSD, fuq bażi aggregata matul perijodu ta' sena;

(f) l-ESMA; u

(g) l-EBA.

5. L-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 4 għandhom joħorġu opinjoni motivata dwar l-awtorizzazzjoni fi żmien 30 jum minn meta jirċievu t-tagħrif msemmi fil-paragrafu 4. Meta awtorità ma tagħtix opinjoni sa dik l-iskadenza, hija għandha titqies li għandha opinjoni favorevoli.

Meta tal-anqas waħda mill-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 4 toħroġ opinjoni motivata negattiva, l-awtorità kompetenti li tixtieq tagħti l-awtorizzazzjoni għandha, fi żmien 30 jum, tipprovdi lill-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 4 b'deċiżjoni motivata li tindirizza l-opinjoni negattiva.

Meta wara 30 jum minn meta tkun ġiet ippreżentata dik id-deċiżjoni xi waħda mill-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 4 toħroġ opinjoni negattiva u l-awtorità kompetenti xorta waħda tkun tixtieq tagħti l-awtorizzazzjoni, kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet li ħarġet opinjoni negattiva tista' tirreferi l-kwistjoni lill-ESMA għall-assistenza skont il-punt (c) tal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Meta l-kwistjoni ma tkunx ġiet solvuta 30 jum wara li ġiet riferuta lill-ESMA, l-awtorità kompetenti li tkun tixtieq tagħti l-awtorizzazzjoni għandha tieħu d-deċiżjoni finali u tipprovdi spjegazzjoni dettaljata bil-miktub tad-deċiżjoni tagħha lill-awtoritajiet imsemmija fil-punti (a) sa (e) tal-paragrafu 4.

Meta l-awtorità kompetenti tkun tixtieq tirrifjuta l-awtorizzazzjoni, il-kwistjoni ma għandhiex tiġi riferuta lill-ESMA.

Opinjonijiet negattivi għandhom jiddikjaraw bil-miktub ir-raġunijiet sħaħ u dettaljati għalfejn ir-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament jew f'partijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni ma ġewx issodisfati.

6. Meta l-ESMA tqis li l-awtorità kompetenti tkun tat awtorizzazzjoni li tista' ma tkunx konformi mal-liġi tal-Unjoni, hija għandha taġixxi skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

7. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ u l-EBA, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika t-tagħrif li s-CSD għandu jipprovdi lill-awtorità kompetenti għall-fini li jinkisbu l-awtorizzazzjonijiet rilevanti sabiex jingħataw is-servizzi anċillari ta' tip bankarju għas-saldu.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

8. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-membri tas-SEBĊ u l-EBA, l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi l-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-konsultazzjoni mal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 4 qabel ma tagħti l-awtorizzazzjoni.

L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

*Artikolu 56*

**Estensjoni tas-servizzi anċillari ta' tip bankarju**

1. CSD li jkun beħsiebu jestendi s-servizzi anċillari ta' tip bankarju li għalihom huwa jinnomina istituzzjoni ta' kreditu jew li jipprovdi hu stess skont l-Artikolu 54 għandu jippreżenta talba għal estensjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu.

2. It-talba għal estensjoni għandha tkun soġġetta għall-proċedura fl-Artikolu 55.

*Artikolu 57*

**Irtirar ta' awtorizzazzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni jew miżura ta' rimedju taħt it-Titolu V, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tas-CSD għandha tirtira l-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 54 fi kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) fejn is-CSD ma jkunx għamel użu mill-awtorizzazzjoni fi żmien 12-il xahar, espressament jirrinunzja l-awtorizzazzjoni jew fejn l-istituzzjoni ta' kreditu nominata ma tat l-ebda servizz u lanqas ma tkun wettqet xi attività fis-sitt xhur ta' qabel;

(b) fejn is-CSD jkun kiseb l-awtorizzazzjoni billi għamel dikjarazzjonijiet foloz jew b'mezzi illegali oħrajn;

(c) fejn is-CSD jew l-istituzzjoni ta' kreditu nominata ma jibqgħux jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati għall-għoti tal-awtorizzazzjoni u ma jkunux ħadu l-azzjonijiet ta' rimedju mitluba mill-awtorità kompetenti fi żmien stabbilit;

(d) fejn is-CSD jew l-istituzzjoni ta' kreditu nominata jkunu kisru r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament b'mod serju u sistematiku.

2. Mill-mument li ssir konxja minn waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta immedjatament lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 55(4) dwar in-neċessità li tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni.

3. L-ESMA, kwalunkwe awtorità rilevanti skont il-punt (a) tal-Artikolu 12(1) u kwalunkwe awtorità msemmija fl-Artikolu 60(1) jew, rispettivament l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 55(4) tista', fi kwalunkwe mument, titlob li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tas-CSD tivverifika jekk is-CSD u fejn ikun japplika l-istituzzjoni ta' kreditu nominata għadhomx jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stipulati għall-għoti tal-awtorizzazzjoni.

4. L-awtorità kompetenti tista' tillimita l-irtirar għal servizz, attività, jew strument finanzjarju partikolari.

5. CSD u l-istituzzjoni ta' kreditu nominata għandhom jistabbilixxu, jimplimentaw u jżommu proċedura adegwata biex jiżguraw is-saldu f'waqtu u ordnat u t-trasferiment tal-assi tal-klijenti u l-parteċipanti lil aġent ieħor tas-saldu fil-każ tal-irtirar tal-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 58*

**Reġistru tas-CSD**

1. Id-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikoli 54, 56 u 57 għandhom jiġu nnotifikati lill-ESMA.

2. L-ESMA għandha tintroduċi t-tagħrif li ġej fir-reġistru li hija meħtieġa tagħmel disponibbli fuq is-sit elettroniku ddedikat tagħha skont l-Artikolu 21(3):

(a) isem kull CSD li kien soġġett għal deċiżjoni skont l-Artikoli 54, 56 u 57;

(b) isem kull istituzzjoni ta' kreditu nominata;

(c) il-lista tas-servizzi anċillari ta' tip bankarju li istituzzjoni ta' kreditu nominata jew CSD awtorizzat skont l-Artikolu 54 hija awtorizzata tipprovdi għall-parteċipanti tas-CSD.

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA dawk l-entitajiet li jipprovdu servizzi anċillari ta' tip bankarju skont ir-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali sas-16 ta' Diċembru 2014.

*Artikolu 59*

**Rekwiżiti prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu jew CSDs awtorizzati sabiex jipprovdu servizzi anċillari ta' tip bankarju**

1. Istituzzjoni ta' kreditu nominata skont il-punt (b) tal-Artikolu 54(2) jew CSD awtorizzat skont il-punt (a) tal-Artikolu 54(2) sabiex jipprovdu servizzi anċillari ta' tip bankarju għandhom jipprovdu biss is-servizzi msemmija fit-Taqsima C tal-Anness li huma koperti mill-awtorizzazzjoni.

2. Istituzzjoni ta' kreditu nominata skont il-punt (b) tal-Artikolu 54(2) jew CSD awtorizzat skont il-punt (a) tal-Artikolu 54(2) sabiex jipprovdu servizzi anċillari ta' tip bankarju għandhom jikkonformaw ma' kull leġislazzjoni preżenti jew futura applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu.

3. Istituzzjoni ta' kreditu nominata skont il-punt (b) tal-Artikolu 54(2) jew CSD awtorizzat skont il-punt (a) tal-Artikolu 54(2), sabiex jipprovdu servizzi anċillari ta' tip bankarju għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi li ġejjin għar-riskji tal-kreditu relatati ma' dawk is-servizzi fir-rigward ta' kull sistema ta' saldu tat-titoli:

(a) għandha tistabbilixxi qafas robust sabiex tammaniġġja r-riskji ta' kreditu korrispondenti;

(b) għandha tidentifika s-sorsi ta' dawn ir-riskji tal-kreditu, spiss u b'mod regolari, tkejjel u twettaq monitoraġġ tal-iskoperturi korrispondenti tal-kreditu u tuża għodod xierqa għall-ġestjoni tar-riskji sabiex tikkontrolla dawk ir-riskji;

(c) għandha tkopri bis-sħiħ l-iskoperturi tal-kreditu korrispondenti għall-parteċipanti mutwatarji individwali billi tuża kollateral u riżorsi finanzjarji ekwivalenti oħrajn;

(d) jekk jintuża kollateral biex jimmaniġġja r-riskju korrispondenti tagħha ta' kreditu, għandha taċċetta kollateral likwidu ħafna b'riskju minimu ta' kreditu u tas-suq; tista' tuża tipi oħra ta' kollateral f'sitwazzjonijiet speċifiċi jekk jiġi applikat telf impost adatt;

(e) għandha tistabbilixxi u tapplika limiti konservattivi xierqa ta' telf impost u konċentrazzjoni fuq valuri tal-kollaterali kostitwiti biex ikopru l-iskoperturi tal-kreditu msemmija fil-punt (c), b'kont meħud tal-objettiv li jiġi żgurat li l-kollateral jista' jiġi likwidat fil-pront mingħajr effetti negattivi sinifikanti fuq il-prezz;

(f) għandha tistipula limiti fuq l-iskoperturi tal-kreditu korrispondenti tagħha;

(g) għandha tanalizza u tippjana kif tindirizza kwalunkwe skopertura tal-kreditu residwa potenzjali, u tadotta regoli u proċeduri biex timplimenta dawn il-pjanijiet;

(h) għandha tipprovdi kreditu biss lil dawk il-parteċipanti li għandhom kontijiet tal-flus kontanti magħha;

(i) għandha tipprevedi proċeduri ta' rimborż effettiv ta' kreditu ta' dakinhar u tiskoraġġixxi l-kreditu ta' matul l-istess jum permezz tal-applikazzjoni ta' rati ta' penali li jservu ta' deterrent adegwat.

4. Istituzzjoni ta' kreditu nominata skont il-punt (b) tal-Artikolu 54(2) jew CSD awtorizzat skont il-punt (a) tal-Artikolu 54(2), sabiex jipprovdu servizzi anċillari ta' tip bankarju għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi li ġejjin għar-riskji tal-likwidità relatati ma' dawk is-servizzi fir-rigward ta' kull sistema ta' saldu tat-titoli:

(a) għandu jkollha qafas u għodod robusti sabiex tkejjel, timmonitorja u tammaniġġja r-riskji tal-likwidità tagħha, inklużi r-riskji tal-likwidità matul l-istess jum, għal kull munita tas-sistema ta' saldu ta' titoli li għaliha hija taġixxi bħala aġent tas-saldu;

(b) għandha tkejjel u twettaq monitoraġġ kontinwament u f'waqtu, mill-inqas kuljum, tal-ħtiġijiet tagħha ta' likwidità u l-livell tal-assi likwidi li tippossjedi; u meta tagħmel hekk għandha tiddetermina l-valur tal-assi likwidi disponibbli tagħha b'kont meħud tat-telf impost xieraq fuq dawk l-assi;

(c) għandu jkollha riżorsi ta' likwidità biżżejjed fil-muniti rilevanti kollha għall-forniment ta' servizzi ta' saldu f'waqthom taħt firxa wiesgħa ta' possibbiltajiet potenzjali ta' stress inkluż, iżda mhux limitat għar-riskju tal-likwidità ġġenerat mill-inadempjenza ta' mill-anqas wieħed mill-parteċipanti, inklużi l-impriżi prinċipali u s-sussidjarji tagħha, li hija tkun esposta l-aktar għalih;

(d) għandha timmitiga r-riskji ta' likwidità korrispondenti b'riżorsi ta' likwidità kwalifikanti f'kull munita bħal flus kontanti fil-bank ċentrali tal-ħruġ u f'istituzzjonijiet finanzjarji kreditizji oħra, linji ta' kreditu marbutin jew arranġamenti simili u kollateral jew investimenti likwidi ħafna li jkunu disponibbli minnufih u li jistgħu jiġu konvertiti fi flus kontanti permezz ta' arranġamenti minn qabel u arranġamenti għal finanzjament affidabbli ħafna, anke f'kondizzjonijiet tas-suq estremi iżda plawsibbli u għandha tidentifika, tkejjel u twettaq monitoraġġ tar-riskju tal-likwidità tagħha li jiġi mid-diversi istituzzjonijiet finanzjarji użati għall-ġestjoni tar-riskji ta' likwidità tagħha;

(e) fejn jintużaw arranġamenti ta' finanzjament prestabbiliti, għandha tagħżel biss istituzzjonijiet finanzjarji kreditizji bħala fornituri ta' likwidità; għandha tistabbilixxi u tapplika limiti ta' konċentrazzjoni xierqa għal kull wieħed mill-fornituri ta' likwidità korrispondenti inklużi l-impriża prinċipali u s-sussidjarji tagħha;

(f) għandha tiddetermina u tivverifika jekk ir-riżorsi korrispondenti humiex biżżejjed permezz ta' ttestjar tal-istress regolari u rigoruż;

(g) għandha tanalizza u tippjana kif tindirizza kwalunkwe nuqqas mhux previst u potenzjalment mhux kopert fil-likwidità, u tadotta regoli u proċeduri sabiex timplimenta dawn il-pjanijiet;

(h) fejn ikun prattiku u disponibbli, mingħajr preġudizzju għar-regoli ta' eliġibbiltà tal-bank ċentrali, għandu jkollha aċċess għall-kontijiet tal-bank ċentrali u servizzi oħra tal-bank ċentrali biex issaħħaħ il-ġestjoni tagħha tar-riskji ta' likwidità u l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-Unjoni għandhom jiddepożitaw il-bilanċi tal-flus kontanti korrispondenti f'kontijiet dedikati f'banek ċentrali emittenti tal-Unjoni;

(i) għandu jkollha arranġamenti prestabbiliti u affidabbli ħafna biex tiżgura li tkun tista' tillikwida f'waqtu l-kollateral ipprovdut lilha minn klijent inadempjenti;

(j) għandha tirrapporta regolarment lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 60(1), u turi lill-pubblikut kif tkejjel, twettaq monitoraġġ u timmaniġġja r-riskji tal-likwidità tagħha, inklużi r-riskji tal-likwidità matul l-istess jum.

5. F'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u l-membri tas-SEBĊ, l-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw aktar id-dettalji tal-oqfsa u l-għodod għall-monitoraġġ, il-kejl, il-ġestjoni, ir-rappurtar u d-divulgazzjoni pubblika tar-riskji ta' kreditu u ta' likwidità, inklużi dawk li jseħħu dakinhar, imsemmija fil-paragrafi 3 u 4. Tali abbozz ta' standards tekniċi regolatorji għandhom, fejn ikun adatt, ikunu allinjati mal-istandards tekniċi regolatorji adottati skont l-Artikolu 46(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

L-EBA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Ġunju 2015.

Qiegħda tiġi ddelegata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

*Artikolu 60*

**Superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu nominati u CSDs awtorizzati sabiex jipprovdu servizzi ančillari ta' tip bankarju**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 17 u 22 ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-punt (40) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 huma responsabbli għall-awtorizzazzjoni bħala istituzzjonijiet ta' kreditu u għas-superviżjoni bħala istituzzjonijiet ta' kreditu taħt il-kondizzjonijiet previsti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2013/36/UE tal-istituzzjonijiet ta' kreditu nominati u s-CSDs awtorizzati taħt dan ir-Regolament biex jipprovdu servizzi ančillari tat-tip bankarju.

L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu responsabbli wkoll għas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu nominati u s-CSDs imsemmija f'dak is-subparagrafu fir-rigward tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti prudenzjali msemmija fl-Artikolu 59 ta' dan ir-Regolament.

L-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jivvalutaw regolarment, u tal-inqas darba fis-sena, jekk l-istituzzjoni ta' kreditu nominata jew is-CSD awtorizzat biex jipprovdi servizzi ančillari tat-tip bankarju jikkonformawx mal-Artikolu 59 u għandhom jgħarrfu lill-awtorità kompetenti tas-CSD li għandha mbagħad tgħarraf lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 55(4) bir-riżultati, inkluż kwalunkwe azzjonijiet ta' rimedju jew penali, tas-superviżjoni tagħha skont dan il-paragrafu.

2. L-awtorità kompetenti tas-CSD għandha, wara li tikkonsulta l-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1, teżamina u tevalwa mill-inqas darba fis-sena dawn li ġejjin:

(a) fil-każ imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 54(2), jekk l-arranġamenti kollha meħtieġa bejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu nominati u s-CSD jippermettulhomx jissodisfaw l-obbligi tagħhom kif stipulati f'dan ir-Regolament;

(b) fil-każ imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 54(2), jekk l-arranġamenti dwar l-awtorizzazzjoni biex jingħataw servizzi ančillari tat-tip bankarju jippermettux lis-CSD jissodisfa l-obbligi tiegħu kif stipulati f'dan ir-Regolament.

B'mod regolari u tal-anqas darba f'sena, l-awtorità kompetenti tas-CSD għandha tgħarraf lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 55(4) dwar ir-riżultati, inkluż kwalunkwe azzjoni ta' rimedju jew penali, bl-eżami u l-evalwazzjoni tagħha skont dan il-paragrafu.

Meta CSD jinnomina istituzzjoni ta' kreditu awtorizzata skont l-Artikolu 54, bil-ħsieb tal-protezzjoni tal-parteċipanti fis-sistemi ta' saldu tat-titoli li jħaddem, CSD għandu jiżgura li jkollu aċċess mill-istituzzjoni ta' kreditu li jinnomina għat-tagħrif meħtieġ kollu għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandu jirrapporta kwalunkwe ksur lill-awtorità kompetenti tas-CSD u lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1.

3. Sabiex tiżgura superviżjoni konsistenti, effiċjenti u effettiva ġewwa l-Unjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-CSDs awtorizzati sabiex jipprovdu servizzi ančillari ta' tip bankarju, l-EBA tista', f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u l-membri tas-SEBĊ, toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

TITOLU V

**PENALI**

*Artikolu 61*

**Penali amministrattivi u miżuri oħra**

1. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu pieni kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar u jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistgħu jimponu l-penali amministrattivi u miżuri oħra applikabbli fiċ-ċirkostanzi definiti fl-Artikolu 63 għall-persuni responsabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha sabiex jiżguraw li dawn ikunu implimentati. Tali penali u miżuri oħra għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jistabbilixxux regoli għal penali amministrattivi kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu fejn il-ksur imsemmi f'dak is-subparagrafu huwa diġà soġġett għal pieni kriminali fil-liġi nazzjonali tagħhom sat-18 ta' Settembru 2016. Fejn jiddeċiedu hekk, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw, fid-dettall, lill-Kummissjoni u lill-ESMA, il-partijiet rilevanti tal-liġi kriminali tagħhom.

Sat-18 ta' Settembru 2016 l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni u lill-ESMA. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA mingħajr dewmien bla bżonn bi kwalunkwe emenda sussegwenti għalihom.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu japplikaw penali amministrattivi u miżuri oħra lis-CSDs, lill-istituzzjonijiet ta' kreditu nominati, u, soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi nazzjonali f'oqsma mhux armonizzati b'dan ir-Regolament, lill-membri tal-korpi maniġerjali tagħhom u lil kwalunkwe persuna oħra li effettivament tikkontrolla n-negozju tagħhom kif ukoll għal kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika oħra li tinżamm responsabbli għal ksur skont il-liġi nazzjonali.

3. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom li jimponu penali fiċ-ċirkostanzi definiti fl-Artikolu 63, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib sabiex jiżguraw li l-penali amministrattivi u miżuri oħra jipproduċu r-riżultati immirati minn dan ir-Regolament u jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom sabiex jevitaw kwalunkwe xogħol doppju jew sovrappożizzjoni meta japplikaw penali amministrattivi u miżuri oħra għal każijiet transkonfinali f'konformità mal-Artikolu 14.

4. Meta l-Istati Membri jkunu għażlu, bi qbil mal-paragrafu 1, li jistabbilixxu pieni kriminali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 63, għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ il-miżuri adatti sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat kollha meħtieġa biex iżommu kuntatt mal-awtoritajiet ġudizzjarji fil-ġurisdizzjoni tagħhom biex jirċievu informazzjoni speċifika b'rabta ma' investigazzjonijiet jew proċedimenti kriminali mibdija għal ksur possibbli ta' dan ir-Regolament u jipprovdu l-istess lil awtoritajiet kompetenti oħra u l-ESMA biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jikkooperaw ma' xulxin u mal-ESMA għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra fir-rigward tal-faċilitazzjoni tal-irkupru ta' penali pekunjarji.

6. L-Istati Membri għandhom darba fis-sena jipprovdu lill-ESMA b'informazzjoni aggregata dwar il-penali u miżuri oħra kollha imposti skont il-paragrafu 1. L-ESMA għandha tippubblika dik l-informazzjoni f'rapport annwali.

Meta l-Istati Membri jkunu għażlu, bi qbil mal-paragrafu 1, li jistabbilixxu pieni kriminali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 63, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom għandhom darba fis-sena jipprovdu lill-ESMA data anonimizzata u aggregata dwar l-investigazzjonijiet kriminali kollha magħmula u l-pieni kriminali imposti. L-ESMA għandha tippubblika f'rapport annwali data dwar il-pieni kriminali imposti.

7. Meta l-awtorità kompetenti tkun ħabbret lill-pubbliku penali amministrattiva jew miżura amministrattiva jew piena kriminali, hija għandha, fl-istess ħin, tirrapporta dak il-fatt lill-ESMA.

8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw il-funzjonijiet u s-setgħat tagħhom skont l-oqfsa nazzjonali tagħhom:

(a) direttament;

(b) f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet oħra;

(c) taħt ir-responsabbiltà tagħhom b'delega lill-entitajiet li lilhom ikunu ġew iddelegati kompiti skont dan ir-Regolament; jew

(d) b'rikors lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti.

*Artikolu 62*

**Pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippubblikaw fis-sit web uffiċjali tagħhom kwalunkwe deċiżjoni li timponi penali amministrattiva jew miżura oħra għal ksur ta' dan ir-Regolament mingħajr dewmien żejjed wara li l-persuna ppenalizzata tkun mgħarrfa b'dik id-deċiżjoni. Il-pubblikazzjoni għandha mill-inqas tinkludi tagħrif dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità ta' persuna fiżika jew ġuridika li l-penali tkun ġiet imposta fuqha.

Meta d-deċiżjoni li tiġi imposta penali jew miżura oħra tkun soġġetta għal appell quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji jew oħra rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom, mingħajr dewmien bla bżonn, jippubblikaw ukoll fuq is-siti web uffiċjali tagħhom tagħrif dwar l-istatus tal-appell u l-eżitu tiegħu. Barra minn dan, għandha tiġi ppubblikata wkoll kwalunkwe deċiżjoni li tannulla deċiżjoni preċedenti li tiġi imposta penali jew miżura.

Fejn il-pubblikazzjoni tal-identità tal-persuni ġuridiċi jew tad-data personali tal-persuni fiżiċi titqies bħala sproporzjonata mill-awtorità kompetenti b'segwitu għall-valutazzjoni ta' kull każ individwali mwettqa fir-rigward tal-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni ta' dik id-data, jew fejn il-pubblikazzjoni tipperikola l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji jew investigazzjoni li tkun għaddejja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu waħda minn dawn li ġejjin:

(a) jipposponu l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li tiġi imposta l-penali jew miżura oħra sal-mument meta r-raġunijiet għan-nuqqas ta' pubblikazzjoni ma jibqgħux jeżistu; jew

(b) jippubblikaw id-deċiżjoni li tiġi imposta l-penali jew miżura oħra fuq bażi anonima b'mod li jkun konformi mal-liġi nazzjonali, jekk tali pubblikazzjoni anonima tkun tiżgura protezzjoni effettiva tad-data personali kkonċernata; jew

(c) ma jippubblikawx id-deċiżjoni li tiġi imposta penali jew miżura oħra f'każ li l-għażliet mogħtija fil-punti (a) u (b) hawn fuq jitqiesu li huma insuffiċjenti biex jiżguraw:

   (i) li ma tiġix mhedda l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji;

   (ii) il-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni ta' dawk id-deċiżjonijiet fir-rigward ta' miżuri meqjusa bħala ta' natura minuri.

Fil-każ ta' deċiżjoni li tiġi ppubblikata penali jew miżura oħra fuq bażi anonima, il-pubblikazzjoni tad-data rilevanti tista' tiġi posposta għal perijodu raġonevoli jekk jiġi previst li f'dak il-perijodu r-raġunijiet għall-pubblikazzjoni anonima ma jkunux ser jibqgħu jeżistu.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħarrfu lill-ESMA b'kull penali amministrattiva imposta iżda mhux ippubblikata f'konformità mal-punt (c) tat-tielet subparagrafu inkluż kwalunkwe appell b'rabta magħha u l-eżitu ta' dan. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jirċievu informazzjoni u s-sentenza finali b'rabta ma' kwalunkwe piena kriminali imposta u jippreżentawha lill-ESMA. L-ESMA għandha żżomm bażi ta' data ċentrali ta' penali kkomunikati lilha għall-finijiet biss tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti. Dik il-bażi ta' data għandha tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti biss u għandha tiġi aġġornata abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe pubblikazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tibqa' fuq is-sit web uffiċjali tagħhom għal tal-anqas ħames snin wara li tiġi ppubblikata. Id-data personali li tkun tinsab fil-pubblikazzjoni għandha tinżamm biss fuq is-sit web uffiċjali tal-awtorità kompetenti għall-perijodu li jkun meħtieġ skont ir-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.

*Artikolu 63*

**Penali għal ksur**

1. Dan l-Artikolu għandu japplika għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan ir-Regolament:

(a) il-forniment ta' servizzi msemmija fit-Taqsimiet A, B u C tal-Anness bi ksur tal-Artikoli 16, 25 u 54;

(b) il-kisba tal-awtorizzazzjonijiet meħtieġa skont l-Artikoli 16 u 54 billi jsiru dikjarazzjonijiet foloz jew b'mezzi illegali oħrajn kif previst fil-punt (b) tal-Artikolu 20(1) u fil-punt (b) tal-Artikolu 57(1);

(c) nuqqas tas-CSDs milli jżommu l-kapital meħtieġ, bi ksur tal-Artikolu 47(1);

(d) nuqqas tas-CSDs milli jikkonformaw mar-rekwiżiti organizzattivi, bi ksur tal-Artikoli 26 sa 30;

(e) nuqqas tas-CSDs milli jikkonformaw mar-regoli tal-kondotta tan-negozju, bi ksur tal-Artikoli 32 sa 35;

(f) nuqqas tas-CSDs milli jikkonformaw mar-rekwiżiti għas-servizzi tas-CSD, bi ksur tal-Artikoli 37 sa 41;

(g) nuqqas tas-CSDs milli jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali, bi ksur tal-Artikoli 43 sa 47;

(h) nuqqas tas-CSDs milli jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-konnessjonijiet tas-CSDs, bi ksur tal-Artikolu 48;

(i) ċaħdiet abbużivi mis-CSDs milli jagħtu tipi differenti ta' aċċess, bi ksur tal-Artikoli 49 sa 53;

(j) nuqqas tal-istituzzjonijiet ta' kreditu nominati milli jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi relatati mar-riskji fuq il-kreditu, bi ksur tal-Artikolu 59(3);

(k) nuqqas tal-istituzzjonijiet ta' kreditu nominati milli jikkonformaw mar-rekwiżiti prudenzjali speċifiċi relatati mar-riskji tal-likwidità, bi ksur tal-Artikolu 59(4).

2. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti, tal-inqas f'każ ta' ksur imsemmi f'dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħa, f'konformità mal-liġi nazzjonali, li tal-inqas jimponu l-penali amministrattivi u-miżuri oħra li ġejjin:

(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-persuna responsabbli mill-ksur u n-natura tal-ksur f'konformità mal-Artikolu 62;

(b) ordni li tesiġi li l-persuna responsabbli mill-ksur ma tissoktax bil-kondotta u sabiex ma tirrepetix dik il-kondotta;

(c) irtirar tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 16 jew 54, f'konformità mal-Artikolu 20 jew 57;

(d) projbizzjoni temporanja jew, għal ksur serju ripetut, permanenti kontra kwalunkwe membru tal-korp maniġerjali tal-istituzzjoni jew kwalunkwe persuna fiżika oħra, li tkun miżmuma responsabbli, milli teżerċita funzjonijiet maniġerjali fl-istituzzjoni;

(e) penali pekunjarji amministrattivi massimi ta' mill-anqas id-doppju tal-ammonti tal-profitti miksuba b'riżultat ta' ksur, fejn dawk l-ammonti jistgħu jiġu determinati;

(f) fir-rigward ta' persuna fiżika, penali pekunjarji amministrattivi massimi ta' mill-anqas EUR 5 miljun jew, fl-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fid-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament;

(g) f'każ ta' persuna ġuridika, penali pekunjarji amministrattivi massimi ta' mill-anqas EUR 20 miljun jew sa 10 % tal-fatturat totali annwali tal-persuna ġuridika skont l-aħħar kontijiet disponibbli approvati mill-korp maniġerjali; meta l-persuna ġuridika tkun impriża prinċipali jew sussidjarju tal-impriża prinċipali li jkollha tħejji kontijiet finanzjarji konsolidati skont id-Direttiva 2013/34/UE, il-fatturat totali annwali rilevanti għandu jkun il-fatturat totali annwali jew it-tip korrispondenti ta' dħul skont id-Direttivi rilevanti tal-Kontabbiltà skont l-aħħar kontijiet konsolidati disponibbli approvati mill-korp maniġerjali tal-impriża prinċipali aħħarija;

3. L-awtoritajiet kompetenti jista' jkollhom setgħat oħrajn li jimponu penali b'żieda ma' dawk imsemmija fil-paragrafu 2 u jistgħu jipprevedu livelli ogħla ta' penali pekunjarji amministrattivi minn dawk stabbiliti f'dak il-paragrafu.

*Artikolu 64*

**Applikazzjoni effettiva tal-penali**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jiddeterminaw it-tip u l-livell ta' penali amministrattivi jew miżuri oħra, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kont taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż, fejn ikun adatt:

(a) il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur;

(b) il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna responsabbli għall-ksur;

(c) is-saħħa finanzjarja tal-persuna responsabbli għall-ksur, pereżempju kif indikata mill-fatturat totali tal-persuna ġuridika responsabbli jew id-dħul annwali tal-persuna fiżika responsabbli;

(d) l-importanza tal-profitti miksuba, it-telf evitat mill-persuna responsabbli għall-ksur jew it-telf għall-partijiet terzi minħabba l-ksur, sa fejn dawn ikunu jistgħu jiġu stabbiliti;

(e) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna responsabbli għall-ksur mal-awtorità kompetenti, mingħajr ħsara għall-ħtieġa li tiġi żgurata l-eliminazzjoni tal-profitti miksuba jew tat-telf evitat minn dik il-persuna;

(f) ksur preċedenti mill-persuna responsabbli għall-ksur.

*Artikolu 65*

**Rapportar ta' ksur**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi biex jinkoraġġixxu r-rapportar ta' ksur potenzjali jew reali ta' dan ir-Regolament lill-awtoritajiet kompetenti.

2. Bħala minimu, il-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:

(a) proċeduri speċifiċi biex jiġu rċevuti u għall-investigazzjoni ta' rapporti dwar ksur potenzjali jew reali u s-segwitu tagħhom, inkluż l-istabbiliment ta' mezzi ta' komunikazzjoni siguri għal dawk ir-rapporti;

(b) protezzjoni adatta għall-impjegati tal-istituzzjonijiet li jirrapportaw ksur potenzjali jew reali mwettaq fl-istituzzjoni kontra ritaljazzjoni, diskriminazzjoni jew tipi oħrajn ta' trattament inġust bħala minimu;

(c) protezzjoni tad-data personali li tikkonċerna kemm lill-persuna li tirrapporta l-ksur potenzjali jew reali kif ukoll lill-persuna fiżika li hija allegatament responsabbli għal ksur skont il-prinċipji stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE;

(d) protezzjoni tal-identità kemm tal-persuna li tirrapporta l-ksur kif ukoll tal-persuna fiżika li hija allegatament responsabbli għal ksur, fl-istadji kollha tal-proċeduri dment li tali żvelar ma jkunx mitlub mil-liġi nazzjonali fil-kuntest ta' investigazzjoni ulterjuri jew proċedimenti amministrattivi jew ġudizzjarji sussegwenti.

3. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet ikollhom fis-seħħ proċeduri adatti għall-impjegati tagħhom sabiex jirrapportaw ksur reali jew potenzjali internament b'mezz speċifiku, indipendenti u awtonomu.

Tali mezz jista' wkoll jiġi pprovdut permezz ta' arranġamenti previsti mill-imsieħba soċjali. Għandha tapplika l-istess protezzjoni kif msemmija fil-punti (b), (c) u (d) tal-paragrafu 2.

*Artikolu 66*

**Id-dritt tal-appell**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-deċiżjonijiet u l-miżuri meħudin f'konformità ma' dan ir-Regolament ikunu motivati tajjeb u soġġetti għal ta' appell quddiem tribunal. Id-dritt ta' appell quddiem tribunal għandu japplika meta ma tittieħed l-ebda deċiżjoni fir-rigward ta' applikazzjoni, fi żmien sitt xhur minn meta tiġi ppreżentata, għal awtorizzazzjoni li jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa skont id-dispożizzjonijiet fis-seħħ.

TITOLU VI

**DELEGA TA' SETGĦAT, SETGĦAT TA' IMPLIMENTAZZJONI, DISPOŻIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI, TA' EMENDA U FINALI**

*Artikolu 67*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Qed tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati soġġett għall-kondizzjonijiet mogħtija f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(2), l-Artikolu 7(14) u l-Artikolu 24(7) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu indeterminat ta' żmien mis-17 ta' Settembru 2014.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2(2), l-Artikolu 7(14) u l-Artikolu 24(7) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(2), l-Artikolu 7(14) u l-Artikolu 24(7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu esprimew xi oġġezzjoni f'perijodu ta' tliet xhur min-notifika tal-imsemmi att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dak il-perijodu ta' żmien, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 68*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat Ewropew tat-Titoli stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE ([1]). Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE tas-6 ta' Ġunju 2001 li tistabbilixxi l-Kumitat tat-Titoli Ewropej (ĠU L 191, 13.7.2001, p. 45).

*Artikolu 69*

**Dispożizzjonijiet transizzjonali**

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw lill-ESMA dawk l-istituzzjonijiet li joperaw bħala CSDs sas-16 ta' Diċembru 2014.

2. Is-CSDs għandhom japplikaw għall-awtorizzazzjonijiet kollha li huma meħtieġa għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jinnotifikaw il-konnessjonijiet rilevanti tas-CSD fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi regolatorji kollha adottati skont l-Artikoli 17, 26, 45, 47, 48, u fejn ikun rilevanti, l-Artikoli 55 u 59.

3. Fi żmien sitt xhur minn dak li jkun l-aktar reċenti bejn id-data tad-dħul fis-seħħ tal-istandards regolatorji tekniċi adottati skont l-Artikoli 12, 17, 25, 26, 45, 47, 48, u fejn ikun rilevanti, l-Artikoli 55 u 59 jew id-Deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 25(9), CSD ta' pajjiż terz għandu japplika għal rikonoxximent mill-ESMA fejn ikun beħsiebu jipprovdi s-servizzi tiegħu abbażi tal-Artikolu 25.

4. Sakemm tittieħed id-deċiżjoni skont dan ir-Regolament dwar l-awtorizzazzjoni jew ir-rikonoxximent tas-CSDs u tal-attivitajiet tagħhom, inklużi l-konnessjonijiet tas-CSDs, ir-regoli nazzjonali rispettivi dwar l-awtorizzazzjoni u r-rikonoxximent tas-CSDs għandhom jibqgħu japplikaw.

5. Is-CSDs imħaddma mill-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(4) għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament sa mhux aktar tard minn sena mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-istandards regolatorji tekniċi msemmija fil-paragrafu 2.

*Artikolu 70*

**Emendi għad-Direttiva 98/26/KE**

Id-Direttiva 98/26/KE għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) it-tielet inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-punt (a) tal-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— nominati, mingħajr preġudizzju għal kondizzjonijiet oħrajn aktar rigorużi ta' applikazzjoni ġenerali stabbiliti mil-liġi nazzjonali, bħala sistema u notifikati lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq mill-Istat Membru li l-liġi tiegħu tkun applikabbli, wara li dak l-Istat Membru jkun issodisfat rigward l-adegwatezza tar-regoli tas-sistema.".

(2) fl-Artikolu 11, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Sat-18 ta' Marzu 2015, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw u jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mat-tielet inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-punt (a) tal-Artikolu 2."

*Artikolu 71*

**Emendi għad-Direttiva 2014/65/UE**

Id-Direttiva 2014/65/UE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(1), il-punt (o) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(o) CSDs ħlief kif previst fl-Artikolu 73 tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

---

(*) Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar it-titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli (CSDs) u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).";

(2) fl-Artikolu 4(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(64) 'depożitorju ċentrali tat-titoli' jew 'CSD' tfisser depożitorju ċentrali tat-titoli kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014.";

(3) fit-Taqsima B tal-Anness I il-punt (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(1) Il-ħarsien u l-amministrazzjoni ta' strumenti finanzjarji għall-kont tal-klijenti, inklużi l-kustodja u servizzi relatati bħall-ġestjoni ta' flus fil-pront/kollaterali u esklużi l-forniment u ż-żamma tal-kontijiet ta' titoli fl-ogħla livell ('servizz ta' manutenzjoni ċentrali') imsemmija fil-punt (2) tat-Taqsima A tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 909/2014. (*)".

(*) Jekk jogħġbok daħħal in-numru ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 72*

**Emenda għar-Regolament (UE) Nru 236/2012**

L-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 236/2012 huwa mħassar.

*Artikolu 73*

**L-applikazzjoni tad-Direttiva 2014/65/UE u tar-Regolament (UE) Nru 600/2014**

Is-CSDs awtorizzati skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jeħtieġu awtorizzazzjoni taħt id-Direttiva 2014/65/UE biex jipprovdu s-servizzi elenkati espliċitament fit-Taqsimiet A u B tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Meta CSD awtorizzat skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament jipprovdi servizz ta' investiment wieħed jew aktar jew iwettaq attività ta' investiment waħda jew aktar b'żieda mal-għoti tas-servizzi elenkati espliċitament fit-Taqsimiet A u B tal-Anness ta' dan ir-Regolament, id-Direttiva 2014/65/UE bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 5 sa 8, l-Artikolu 9(1), (2), (4) u (6) u l-Artikoli 10 sa 13 u r-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandhom japplikaw.

*Artikolu 74*

**Rapporti**

1. L-ESMA għandha, f'kooperazzjoni mal-EBA u l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet rilevanti, tissottometti rapporti annwali lill-Kummissjoni li jipprovdu valutazzjonijiet tax-xejriet, riskji potenzjali u l-vulnerabbiltajiet, u fejn meħtieġ, rakkomandazzjonijiet għal azzjoni preventiva u ta' rimedju fis-swieq tas-servizzi koperti minn dan ir-Regolament. Dawk ir-rapporti għandhom jinkludu tal-anqas evalwazzjoni ta' li ġej:

(a) l-effiċjenza tas-saldu għall-operazzjonijiet domestiċi u transkonfinali għal kull Stat Membru bbażata fuq l-għadd u l-volum ta' nuqqas ta' saldu, l-ammont ta' penali msemmija fl-Artikolu 7(2), l-għadd u l-volum ta' tranżazzjonijiet ta' xiri sfurzat imsemmija fl-Artikolu 7(3) u (4) u kwalunkwe kriterju rilevanti ieħor;

(b) l-adegwatezza tal-penali għal nuqqas ta' saldu, b'mod partikolari l-ħtieġa għal aktar flessibbiltà dwar il-penali għal nuqqas ta' saldu b'rabta mal-istrumenti finanzjarji illikwidi msemmija fl-Artikolu 7(4);

(c) kejl ta' saldu li ma jseħħx fis-sistemi tas-saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs abbażi tal-għadd u l-volum ta' tranżazzjonijiet abbażi tal-informazzjoni rċevuta taħt l-Artikolu 9 u kwalunkwe kriterju rilevanti ieħor;

(d) il-forniment ta' servizzi transkonfinali koperti minn dan ir-Regolament abbażi tal-għadd u t-tip ta' konnessjonijiet tas-CSDs, l-għadd ta' parteċipanti barranin fis-sistemi tas-saldu tat-titoli mħaddma mis-CSDs, l-għadd u l-volum tat-tranżazzjonijiet li jinvolvu tali parteċipanti, l-għadd ta' emittenti barranin li jirreġistraw it-titoli tagħhom f'CSD skont l-Artikolu 49 u kwalunkwe kriterju rilevanti ieħor;

(e) it-trattament tat-talbiet għal aċċess fl-Artikoli 49, 52 u 53 biex tidentifika r-raġunijiet għaċ-ċaħda tat-talbiet għal aċċess minn CSDs, CCPs u ċentri ta' negozjar, ix-xejriet jekk ikun hemm ta' dawk iċ-ċaħdiet u l-modi kif ir-riskji identifikati jistgħu jittaffew fil-ġejjieni sabiex l-aċċess ikun jista' jingħata, u kwalunkwe ostaklu materjali ieħor għall-kompetizzjoni f'servizzi finanzjarji ta' wara n-negozjar;

(f) it-trattament tal-applikazzjonijiet ippreżentati skont il-proċeduri msemmija fl-Artikolu 23(3) sa (7) u l-Artikolu 25(4) sa (10);

(g) fejn japplika, is-sejbiet tal-proċess ta' evalwazzjoni bejn il-pari għas-superviżjoni transkonfinali fl-Artikolu 24(6) u jekk il-frekwenza ta' dawk l-evalwazzjonijiet tistax titnaqqas fil-ġejjieni, inkluż indikazzjoni ta' jekk dawk is-sejbiet jindikawx il-ħtieġa għal kulleġġi ta' superviżuri aktar formali;

(h) l-applikazzjoni ta' regoli ta' responsabbiltà ċivili tal-Istati Membri b'rabta mat-telf attribwibbli lis-CSDs;

(i) il-proċeduri u l-kondizzjonijiet marbuta mal-awtorizzazzjoni sabiex is-CSDs jinnominaw istituzzjonijiet ta' kreditu jew jipprovdu lilhom infushom servizzi anċillari ta' tip bankarju skont l-Artikoli 54 u 55, inkluż valutazzjoni tal-effetti li dak il-provvediment jista' jkollu fuq l-istabbiltà finanzjarja u l-kompetizzjoni għas-saldu u s-servizzi anċillari ta' tip bankarju fl-Unjoni;

(j) l-applikazzjoni tar-regoli msemmija fl-Artikolu 38 dwar il-protezzjoni tat-titoli tal-parteċipanti u dawk tal-klijenti tagħhom, b'mod partikolari dawk fl-Artikolu 38(5);

(k) l-applikazzjoni tal-penali u b'mod partikolari l-ħtieġa għal aktar armonizzazzjoni tal-penali amministrattivi stabbiliti għall-ksur tar-rekwiżiti stipulati f' dan ir-Regolament.

2. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 li jkopru sena tal-kalendarju għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni sat-30 ta' April tas-sena tal-kalendarju ta' wara.

*Artikolu 75*

**Rieżami**

Sat-18 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina u tħejji rapport ġenerali dwar dan ir-Regolament. Dan ir-rapport għandu, b'mod partikolari, jivvaluta l-materji msemmija fil-punti (a) sa (k) tal-Artikolu 74(1), jekk hemmx ostakoli sostantivi oħra għall-kompetizzjoni b'rabta mas-servizzi soġġetti għal dan ir-Regolament li mhumiex indirizzati biżżejjed u l-bżonn potenzjali ta' aktar miżuri li jillimitaw l-impatt tan-nuqqas tas-CSDs fuq il-kontribwenti tat-taxxa. Il-Kummissjoni għandha tissottometti r-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe proposta adatta.

*Artikolu 76*

**Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. L-Artikoli 3(1) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023 għal titoli trasferibbli maħruġa wara dik id-data u mill-1 ta' Jannar 2025 għat-titoli trasferibbli kollha.

3. L-Artikolu 5(2) għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, fil-każ ta' ċentru tan-negozjar li għandu aċċess għal CSD msemmi fl-Artikolu 30(5), l-Artikolu 5(2) għandu japplika tal-anqas sitt xhur qabel tali CSD jesternalizza l-attivitajiet tiegħu lill-entità pubblika rilevanti, u fi kwalunkwe każ mill-1 ta' Jannar 2016.

4. Il-miżuri dixxiplinari tas-saldu msemmija fl-Artikolu 6(1) sa (4) għandhom japplikaw mid-data ta' dħul fis-seħħ tal-att delegat adottat mill-Kummissjon skont l-Artikolu 6(5).

5. Il-miżuri dixxiplinari tas-saldu msemmija fl-Artikolu 7(1) sa (13) u l-emenda stabbilita fl-Artikolu 72 għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 7(15).

MTF li tikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 33(3) tad-Direttiva 2014/65/UE għandha tkun soġġetta għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(3) ta' dan ir-Regolament:

(a) sad-determinazzjoni finali tal-applikazzjoni tagħha għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 33 tad-Direttiva 2014/65/UE; jew

(b) fejn MTF ma applikatx għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 33 tad-Direttiva 2014/65/UE, sat-13 ta' Ġunju 2017.

6. Il-mizuri ta' rapportar msemmija fl-Artikolu 9(1) għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(3).

7. Referenzi f'dan ir-Regolament għad-Direttiva 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 600/2014, għandhom, qabel it-3 ta' Jannar 2017, jinqraw bħala referenzi għad-Direttiva 2004/39/KE skont it-tabella ta' korrelazzjoni stipulata fl-Anness IV għad-Direttiva 2014/65/UE sakemm dik it-tabella ta' korrelazzjoni fiha dispożizzjonijiet li jirreferu għad-Direttiva 2004/39/KE.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | S. GOZI |

*ANNESS*

## LISTA TA' SERVIZZI

TAQSIMA A

**Servizzi ewlenin tad-depożitorji ċentrali tat-titoli**

1. Ir-reġistrar inizjali tat-titoli f'sistema ta' entrata fil-kotba ('servizz notarili');

2. Il-forniment u ż-żamma ta' kontijiet ta' titoli fl-ogħla grad ('servizz ta' manutenzjoni ċentrali');

3. It-tħaddim ta' sistema ta' saldu tat-titoli ('servizz ta' saldu').

TAQSIMA B

**Servizzi anċillari mhux ta' tip bankarju tas-CSDs li ma jinvolvux riskju ta' kreditu jew ta' likwidità**

Servizzi pprovduti minn CSDs li jikkontribwixxu għat-titjib tas-sikurezza, l-effiċjenza u t-trasparenza tas-swieq tat-titoli, li jistgħu jinkludu iżda li mhumiex ristretti għal:

1. Servizzi relatati mas-servizz ta' saldu, bħal:

   (a) L-organizzazzjoni ta' mekkaniżmu ta' self ta' titoli, bħala aġent fost il-parteċipanti f'sistema ta' saldu tat-titoli;

   (b) Il-forniment ta' servizzi ta' ġestjoni tal-kollateral, bħala aġent għall-parteċipanti f'sistema ta' saldu tat-titoli;

   (c) Tqabbil tas-saldu, twassil tal-istruzzjonijiet, konferma tan-negozju, verifika tan-negozju.

2. Servizzi relatati mas-servizzi notarili u ta' manutenzjoni ċentrali, bħal:

   (a) Servizzi relatati mar-reġistri tal-azzjonisti;

   (b) L-appoġġ għall-ipproċessar ta' azzjonijiet korporattivi, inklużi servizzi ta' taxxa, laqgħat ġenerali u tagħrif;

   (c) Servizzi ta' ħarġiet ġodda, inklużi l-allokazzjoni u l-ġestjoni tal-kodiċijiet ISIN (International Securities Identification Number) u kodiċijiet simili;

   (d) Twassil tal-istruzzjonijiet u pproċessar, ġbir ta' tariffi u pproċessar u rapportar relatat.

3. L-istabbiliment ta' konnessjonijiet ta' CSD, il-forniment, iż-żamma jew it-tħaddim ta' kontijiet ta' titoli relatati mas-servizz ta' saldu, il-ġestjoni tal-kollateral, servizzi anċillari oħrajn.

4. Servizzi oħrajn, bħal:

   (a) Il-forniment ta' servizzi ġenerali ta' ġestjoni ta' kollateral bħala agent;

   (b) Il-forniment ta' rapportar regolari;

   (c) Il-forniment ta' informazzjoni, data u statistika għall-uffiċċji tas-suq/taċ-ċensiment jew għal entitajiet governattivi jew intergovernattivi oħra;

   (d) Il-forniment ta' servizzi tal-IT.

TAQSIMA C

**Servizzi anċillari ta' tip bankarju**

Is-servizzi ta' tip bankarju direttament relatati ma' servizzi ewlenin jew anċillari elenkati fit-Taqsimiet A u B, bħal:

(a) Il-forniment ta' kontijiet ta' flus kontanti lil, u l-aċċettazzjoni ta' depożiti minn, parteċipanti f'sistema ta' saldu tat-titoli u detenturi ta' kontijiet ta' titoli, skont it-tifsira tal-punt 1 tal-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE;

(b) Il-forniment ta' kreditu ta' flus kontanti għar-rimborż mhux iktar tard mill-jum ta' xogħol segwenti, it-tislif ta' flus kontanti għal prefinanzjament ta' azzjonijiet korporattivi u t-tislif ta' titoli lil detenturi ta' kontijiet ta' titoli, skont it-tifsira tal-punt 2 tal-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE;

(c) Servizzi ta' pagament li jinvolvu l-ipproċessar ta' flus kontanti u tranżazzjonijiet ta' kambju f'munita barranija, skont it-tifsira tal-punt 4 tal-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE;

(d) Garanziji u impenji b'rabta ma' tislif u self ta' titoli, skont it-tifsira tal-punt 6 tal-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE;

(e) Attivitajiet tat-teżor li jinvolvu l-kambju f'munita barranija u titoli trasferibbli b'rabta mal-ġestjoni ta' bilanċi twal tal-parteċipanti, skont it-tifsira tal-punti 7(b) u (e) tal-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE.

**REGOLAMENT (UE) Nru 910/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-23 ta' Lulju 2014**

**dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (1),

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja (2),

Billi:

(1) Il-bini tal-fiduċja fl-ambjent online huwa kruċjali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali. In-nuqqas ta' fiduċja, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas perċettibbli ta' ċertezza legali, iġiegħel lill-konsumaturi, lin-negozji u lill-awtoritajiet pubbliċi joqogħdu lura milli jwettqu transazzjonijiet b'mod elettroniku u milli jadottaw servizzi ġodda.

(2) Dan ir-Regolament ifittex li jsaħħaħ il-fiduċja fit-transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern billi jipprovdi sisien komuni għal interazzjoni elettronika sigura bejn iċ-ċittadini, in-negozjiu l-awtoritajiet pubbliċi, u b'hekk iżid l-effettività tas-servizzi pubbliċi u privati online, in-negozju elettroniku u l-kummerċ elettroniku fl-Unjoni Ewropea.

(3) Id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (3), ittrattat il-firem elettroniċi mingħajr ma tat qafas komprensiv transkonfinali u transettorjali għal transazzjonijiet elettroniċi siguri, affidabbli u faċli biex jintużaw. Dan ir-Regolament itejjeb u jespandi l-acquis ta' dik id-Direttiva.

(4) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2010 intitolat "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" identifikat il-frammentazzjoni tas-suq diġitali, in-nuqqas ta' interoperabbiltà u ż-żieda fiċ-ċiberkriminalità bħala ostakli prinċipali għaċ-ċiklu virtuż tal-ekonomija diġitali. Fir-Rapport tagħha tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE, intitolat "Inżarmaw l-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE", il-Kummissjoni enfasizzat aktar il-ħtieġa li jissolvew il-problemi ewlenin li jfixklu ċ-ċittadini tal-Unjoni milli jgawdu l-benefiċċji ta' suq uniku diġitali u servizzi transkonfinali diġitali.

(5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-4 ta' Frar 2011 u t-23 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni toħloq suq uniku diġitali sal-2015 biex tagħmel progress mgħaġġel fl-oqsma prinċipali tal-ekonomija diġitali u tippromwovi suq uniku diġitali integrat kompletament billi tiffaċilita l-użu transkonfinali tas-servizzi online, b'attenzjoni partikolari għall-faċilitazzjoni tal-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni elettroniċi siguri.

(1) ĠU C 351, 15.11.2012, p. 73.

(2) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' April 2014 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014.

(3) Id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar kwadru tal-Komunità għall-firem elettroniċi (ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12).

(6) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-27 ta' Mejju 2011, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni tikkontribwixxi għas-suq uniku diġitali billi toħloq kondizzjonijiet adatti għar-rikonoxximent reċiproku ta' elementi ta' faċilitazzjoni ewlenin minn naħa għal oħra tal-fruntieri, bħall-identifikazzjoni elettronika, id-dokumenti elettroniċi, il-firem elettroniċi u s-servizzi ta' forniment elettroniku, u għas-servizzi tal-gvern elettroniku interoperabbli fl-Unjoni Ewropea.

(7) Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Settembru 2010 dwar l-ikkompletar tas-suq intern għall-kummerċ elettroniku ([1]), enfasizza l-importanza tas-sigurtà tas-servizzi elettroniċi, speċjalment tal-firem elettroniċi, u tal-ħtieġa li tinħoloq infrastruttura prinċipali pubblika fil-livell pan-Ewropew, u talab lill-Kummissjoni tistabbilixxi portal ta' awtoritajiet ta' validazzjoni Ewropej biex tiżgura l-interoperabbiltà transkonfinali tal-firem elettroniċi u żżid is-sigurtà tat-transazzjonijiet bl-użu tal-Internet.

(8) Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) tirrikjedi lill-Istati Membri jistabbilixxu 'punti ta' kuntatt waħdieni' (points of single contact) (PSCs) biex jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet kollha relatati mal-aċċess għal attività ta' servizz u l-eżerċizzju tiegħu jistgħu jkunu kkompletati faċilment, mill-bogħod u permezz ta' mezzi elettroniċi, permezz tal-PSC xieraq u bl-awtoritajiet xierqa. Ħafna mis-servizzi online aċċessibbli permezz ta' PSCs jesiġu identifikazzjoni, awtentikazzjoni u firma elettroniċi.

(9) F'ħafna każijiet, iċ-ċittadini ma jistgħux jużaw l-identifikazzjoni elettronika tagħhom biex jawtentikaw lilhom infushom fi Stat Membru ieħor minħabba li l-iskemi nazzjonali ta' identifikazzjoni elettronika f'pajjiżhom mhumiex rikonoxxut fi Stati Membri oħra. Dak l-ostaklu elettroniku jeskludi l-fornituri tas-servizzi milli jgawdu l-benefiċċji sħaħ tas-suq intern. Mezzi ta' identifikazzjoni elettronika rikonoxxuti reċiprokament ser jiffaċilitaw il-forniment transkonfinali ta' diversi servizzi fis-suq intern u jippermettu li n-negozji joperaw fuq bażi transkonfinali mingħajr ma jiffaċċjaw ħafna ostakoli fl-interazzjonijiet ma' awtoritajiet pubbliċi.

(10) Id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jistabbilixxi netwerk ta' awtoritajiet nazzjonali responsabbli mis-saħħa elettronika. Sabiex itejjeb is-sikurezza u l-kontinwità tal-kura tas-saħħa transkonfinali, in-netwerk huwa meħtieġ jipproduċi linji gwida dwar l-aċċess transkonfinali għad-data u s-servizzi tas-saħħa elettronika, inkluż bl-appoġġ ta' 'miżuri komuni ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni għall-iffaċilitar tat-trasferibbiltà ta' data fil-kura tas-saħħa transkonfinali'. Ir-rikonoxximent reċiproku ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni elettronika huwa kruċjali sabiex il-kura tas-saħħa transkonfinali ssir realtà għaċ-ċittadini Ewropej. Meta persuni jivvjaġġaw għal trattament, jeħtieġ li d-data medika tagħhom tkun aċċessibbli fil-pajjiż tat-trattament. Dak jesiġi qafas ta' identifikazzjoni elettronika solidu, sikur u affidabbli.

(11) Dan ir-Regolament għandu jiġi applikat f'konformità sħiħa mal-prinċipju relatati mal-protezzjoni tad-data personali prevista mid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). F'dan ir-rigward, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku stabbilit b'dan ir-Regolament, l-awtentikazzjoni ta' servizz online għandha tirrigwarda biss l-ipproċessar ta' dik id-data ta' identifikazzjoni li hija adegwata, rilevanti u mhux eċċessiva biex tagħti aċċess għal dak is-servizz online. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti skont id-Direttiva 95/46/KE dwar il-kunfidenzjalità u s-sigurtà tal-ipproċessar għandhom jiġu rrispettati mill-fornituri ta' servizzi fiduċjarji u l-korpi superviżorji.

(12) Wieħed mill-objettivi ta' dan ir-Regolament huwa li jneħħi l-ostakli eżistenti għall-użu transkonfinali ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika użati fl-Istati Membri biex jawtentikaw, tal-inqas is-servizzi pubbliċi. Dan ir-Regolament ma għandux l-għan li jintervjeni fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni tal-identità elettronika u l-infrastrutturi relatati stabbiliti fl-Istati Membri. L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jiġi żgurat li għall-aċċess għas-servizzi online transkonfinali offruti mill-Istati Membri, ikun possibbli li jintlaħaq l-ogħla livell ta' sigurtà fl-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni elettroniċi.

([1]) ĠU C 50 E, 21.2.2012, p. 1.
([2]) Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).
([3]) Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45).
([4]) Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

(13) L-Istati Membri għandhom jibqgħu ħielsa li jużaw jew li jintroduċu mezzi għall-finijiet ta' identifikazzjoni elettronika, għall-aċċess għas-servizzi online. Dawn għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu wkoll jekk jinvolvux lis-settur privat fil-forniment ta' dawk il-mezzi. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu obbligati jinnotifikaw l-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika tagħhom lill-Kummissjoni. L-għażla li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika użati fil-livell nazzjonali kollha jew xi wħud minnhom jew inkella ebda waħda minnhom biex jagħtu aċċess tal-anqas għal servizzi pubbliċi online jew għal servizzi speċifiċi hija f'idejn l-Istati Membri.

(14) Jeħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu stabbiliti xi kondizzjonijiet fir-rigward ta' liema mezzi ta' identifikazzjoni elettronika għandhom jiġu rikonoxxuti u kif l-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika għandhom jiġu notifikati. Dawk il-kondizzjonijiet għandhom jgħinu lill-Istati Membri jibnu l-fiduċja reċiproka meħtieġa fl-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika ta' xulxin u biex ikun hemm rikonoxximent reċiproku tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika li jaqgħu taħt l-iskemi notifikati tagħhom. Il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għandu japplika jekk l-iskema ta' identifikazzjoni elettronika tal-Istat Membru notifikanti jissodisfaw l-kondizzjonijiet ta' notifika u n-notifika tkun ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Madankollu, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għandu jirrigwarda biss l-awtentikazzjoni għal servizz online. L-aċċess għal dawk is-servizzi online u l-forniment finali tagħhom lill-applikant għandhom ikunu marbutin mill-qrib mad-dritt li wieħed jirċievi tali servizzi skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-leġislazzjoni nazzjonali.

(15) L-obbligu tar-rikonoxximent tal-mezzi tal-identifikazzjoni elettronika għandha jirrigwarda biss dawk il-mezzi li l-livell ta' assigurazzjoni tal-identità tagħhom jikkorrispondi għall-istess livell jew ogħla mil-livell meħtieġ għas-servizz online inkwistjoni. Barra minn hekk, dak l-obbligu għandu japplika biss meta l-korp tas-settur pubbliku inkwistjoni juża l-livell ta' assigurazzjoni "sostanzjali" jew "għoli" fir-rigward tal-aċċess online għal dak is-servizz. L-Istati Membri għandhom jibqgħu liberi, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, li jirrikonoxxu l-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika li għandhom livelli ta' assigurazzjoni ta' identità aktar baxxi.

(16) Il-livelli ta' assigurazzjoni għandhom jikkaratterizzaw il-grad ta' fiduċja f'mezz ta' identifikazzjoni elettronika fl-istabbiliment tal-identità ta' persuna, b'hekk jipprovdu assigurazzjoni li l-persuna li qed tiddikjara identità partikolari tkun fil-fatt il-persuna li lilha ġiet assenjata dik l-identità. Il-livell ta' assigurazzjoni jiddependi mill-grad ta' fiduċja li l-mezz ta' identifikazzjoni elettronika jipprovdi fl-identità ddikjarata jew asserita ta' persuna filwaqt li jiġu kkunsidrati l-proċessi (pereżempju, l-għoti ta' provi tal-identità, il-verifika u l-awtentikazzjoni), l-attivitajiet ta' ġestjoni (pereżempju, l-entità li toħroġ il-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika u l-proċedura għall-ħruġ ta' tali mezzi) u l-kontrolli tekniċi implimentati. Jeżistu diversi definizzjonijiet tekniċi u deskrizzjonijiet tal-livelli ta' assigurazzjoni bħala r-riżultat ta' Proġetti Pilota fuq Skala Kbira b'finanzjament mill-Unjoni, l-istandardizzazzjoni u attivitajiet internazzjonali. B'mod partikolari, il-Proġetti Pilota fuq Skala Kbira STORK u ISO 29115 jirreferu, fost l-oħrajn, għal-livelli 2, 3 u 4, li għandu assolutament jittieħed kont tagħhom meta jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tekniċi minimi, l-istandards u l-proċeduri għal-livelli ta' assigurazzjoni baxx, sostanzjali u għoli fis-sens ta' dan ir-Regolament, filwaqt li tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti ta' dan ir-Regolament b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' assigurazzjoni għoli marbut mal-għoti ta' provi tal-identità biex jinħarġu ċertifikati kwalifikati. Ir-rekwiżiti stabbiliti għandhom ikunu teknoloġikament newtrali. Għandu jkun possibbli li jinkisbu r-rekwiżiti ta' sigurtà meħtieġa permezz ta' teknoloġiji differenti.

(17) L-Istati Membri għandhom iħeġġu lis-settur privat biex volontarjament juża l-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika skont skema notifikata għal finijiet ta' identifikazzjoni meta meħtieġa għal servizzi online jew transazzjonijiet elettroniċi. Il-possibbiltà tal-użu ta' tali mezzi ta' identifikazzjoni elettronika għandha tippermetti li s-settur privat jiddependi fuq l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni elettroniċi li diġà jintużaw ħafna f'bosta Stati Membri għall-inqas għas-servizzi pubbliċi u biex tagħmilha iktar faċli għan-negozji u ċ-ċittadini li jkollhom aċċess għas-servizzi online tagħhom b'mod transkonfinali. Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu transkonfinali ta' tali mezzi ta' identifikazzjoni elettronika għas-settur privat, il-possibbiltà ta' awtentikazzjoni provduta minn kwalunkwe Stat Membru għandha tkun disponibbli għall-partijiet dipendenti tas-settur privat stabbiliti 'l barra mit-territorju ta' dak l-Istati Membru skont l-istess kondizzjonijiet kif applikati għall-partijiet dipendenti tas-settur privat stabbiliti f'dak l-Istati Membru. Konsegwentement, fir-rigward tal-partijiet dipendenti tas-settur privat, l-Istat Membru notifikanti jista' jiddefinixxi t-termini ta' aċċess għall-mezzi ta' awtentikazzjoni. It-tali termini ta' aċċess jistgħu jinformaw jekk il-mezzi ta' awtentikazzjoni marbuta mal-iskema notifikata humiex attwalment disponibbli għall-partijiet dipendenti tas-settur privat.

(18) Dan ir-Regolament għandu jipprevedi r-responsabbiltà tal-Istat Membru li jinnotifika, il-parti li toħroġ il-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika u l-parti li tħaddem il-proċedura ta' awtentikazzjoni f'każ li jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi rilevanti skont dan ir-Regolament. Madankollu, dan ir-Regolament għandu jiġi applikat f'konformità mar-regoli nazzjonali dwar ir-responsabbiltà. Għaldaqstant, ma jaffettwax dawk ir-regoli nazzjonali fuq, pereżempju, dwar id-definizzjoni tal-ħsarat jew dwar ir-regoli proċedurali rilevanti applikabbli, inkluż l-oneru tal-provi.

(19) Is-sigurtà tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika hija fundamentali għar-rikonoxximent reċiproku transkonfinali affidabbli tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw fir-rigward tas-sigurtà u l-interoperabbiltà tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika fil-livell tal-Unjoni. Kull meta l-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika jesiġu li jintuża hardware jew software speċifiku mill-partijiet dipendenti fil-livell nazzjonali, l-interoperabbiltà transkonfinali teħtieġ li dawk l-Istati Membri ma jimponux tali rekwiżiti u l-ispejjeż relatati fuq il-partijiet dipendenti stabbiliti 'l barra mit-territorju tagħhom. F'dak il-każ għandhom jiġi diskussi u żviluppati soluzzjonijiet xierqa fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas tal-interoperabbiltà. Madankollu r-rekwiżiti tekniċi li joħorġu mill-ispeċifikazzjonijiet inerenti tal-mezzi nazzjonali ta' identifikazzjoni elettronika u li x'aktarx għandhom jaffettwaw lid-detenturi ta' tali mezzi elettroniċi, (pereżempju smartcards) huma inevitabbli.

(20) Il-kooperazzjoni mill-Istati Membri għandha tiffaċilita l-interoperabbiltà teknika tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati bil-ħsieb li jrawmu livell għoli ta' fiduċja u sigurtà xierqa għall-grad tar-riskju. L-iskambju ta' informazzjoni u l-kondiviżjoni tal-aqwa prassi bejn l-Istati Membri bil-ħsieb li jkun hemm rikonoxximent reċiproku għandhom jgħinu tali kooperazzjoni.

(21) Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi wkoll qafas legali ġenerali għall-użu ta' servizzi fiduċjarji. Madankollu, ma għandux joħloq obbligu ġenerali li jintużaw jew li jiġi installat punt ta' aċċess għas-servizzi fiduċjarji eżistenti kollha. B'mod partikolari, dan ma għandux ikopri l-forniment ta' servizzi li jintuża esklużivament f'sistemi magħluqa bejn grupp definit ta' parteċipanti, b'ebda effett fuq partijiet terzi. Pereżempju, is-sistemi stabbiliti f'negozji jew f'amministrazzjonijiet pubbliċi għall-ġestjoni tal-proċeduri interni li jużaw is-servizzi fiduċjarji ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Is-servizzi fiduċjarji provduti lill-pubbliku li jkollhom effetti fuq partijiet terzi biss għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fir-Regolament. Dan ir-Regolament lanqas ma għandu jkopri aspetti relatati mal-konklużjoni u l-validità tal-kuntratti jew obbligi legali oħra fejn ikun hemm rekwiżiti rigward il-forma stipulata mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni. Barra minn dan, lanqas ma għandu jaffettwa r-rekwiżiti tal-formoli nazzjonali li jappartjenu għar-reġistri pubbliċi, b'mod partikolari r-reġistri kummerċjali u tal-artijiet.

(22) Sabiex jikkontribwixxu għall-użu transkonfinali ġenerali tagħhom, għandu jkun possibbli li s-servizzi fiduċjarji jintużaw bħala evidenza fi proċeduri legali fl-Istati Membri kollha. Huwa f'idejn il-liġi nazzjonali li tiddefinixxi l-effett legali ta' servizzi fiduċjarji, ħlief jekk ikun previst mod ieħor f'dan ir-Regolament.

(23) Sa fejn dan ir-Regolament joħloq obbligu li jiġi rikonoxxut servizz fiduċjarju, tali servizz fiduċjarju jista' jiġi rrifjutat biss jekk id-destinatarju tal-obbligu mhuwiex kapaċi jaqrah jew jivverifikah minħabba raġunijiet tekniċi li mhumiex fil-kontroll immedjat tad-destinatarju. Madankollu, dak l-obbligu fih innifsu ma għandux jesiġi li korp pubbliku jikseb il-hardware u s-software meħtieġa għal-leġġibbiltà teknika tas-servizzi fiduċjarji eżistenti kollha.

(24) L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, fir-rigward ta' servizzi fiduċjarji dment li dawk is-servizzi mhumiex armonizzati kompletament b'dan ir-Regolament. Madankollu, is-servizzi fiduċjarji li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament għandhom jiċċirkolaw liberament fis-suq intern.

(25) L-Istati Membri għandhom jibqgħu ħielsa li jiddefinixxu tipi oħra ta' servizzi fiduċjarji li ma jkunux parti mil-lista magħluqa ta' servizzi fiduċjarji prevista f'dan ir-Regolament, għal fini tar-rikonoxximent fil-livell nazzjonali bħala servizzi fiduċjarji kwalifikati.

(26) Minħabba l-pass tal-bidla teknoloġika, dan ir-Regolament għandu jadotta approċċ li jkun miftuħ għall-innovazzjoni.

(27) Dan ir-Regolament għandu jkun teknoloġikament newtrali. L-effetti legali li jagħti jistgħu jinkisbu permezz ta' kwalunkwe mezz tekniku dment li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

(28) Sabiex titjieb b'mod partikolari l-fiduċja tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u tal-konsumaturi fis-suq intern u jiġi promoss l-użu tas-servizzi u prodotti fiduċjarji, għandhom jiġu introdotti l-kunċetti ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati u ta' fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat bil-ħsieb li jiġu indikati r-rekwiżiti u l-obbligi li jiżguraw sigurtà ta' livell għoli ta' kwalunkwe servizz u prodott fiduċjarju kwalifikat użat jew fornut.

(29) F'konformità mal-obbligi skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, approvata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni, persuni b'diżabbiltajiet għandhom ikunu jistgħu jużaw is-servizzi fiduċjarji u l-prodotti ta' utenti finali użati fil-forniment ta' dawk is-servizzi fuq bażi ugwali ma' konsumaturi oħra. Għalhekk, fejn ikun fattibbli, is-servizzi fiduċjarji provduti u l-prodotti ta' utenti finali użati fil-forniment ta' dawk is-servizzi għandhom ikunu aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltajiet. Il-valutazzjoni ta' fattibbiltà għandha tinkludi, fost l-oħrajn, konsiderazzjonijiet tekniċi u ekonomiċi.

(30) L-Istati Membri għandhom jaħtru korp superviżorju jew korpi superviżorji biex iwettqu l-attivitajiet superviżorji skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi jiddeċiedu wkoll, bi qbil reċiproku ma' Stat Membru ieħor, li jaħtru korp superviżorju fit-territorju ta' dak l-Istat Membri l-ieħor.

(31) Il-korpi superviżorji għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, pereżempju billi jinformawhom dwar ir-riżultati tal-awditi ta' fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati, fejn ikun jidher li jkun hemm ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni ta' data personali. Il-forniment ta' informazzjoni għandu jkopri b'mod partikolari inċidenti ta' sigurtà u ksur ta' data personali.

(32) Għandu jkun ir-responsabbiltà tal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kollha li japplikaw prattika tajba ta' sigurtà xierqa għar-riskji relatati mal-attivitajiet tagħhom sabiex iżidu l-fiduċja tal-utenti fis-suq uniku.

(33) Dispożizzjonijiet dwar l-użu ta' psewdonimi fiċ-ċertifikati ma għandhomx jipprevjenu lill-Istati Membri milli jeħtieġu l-identifikazzjoni tal-persuni skont id-dritt al-Unjoni jew il-liġi nazzjonali.

(34) L-Istati Membri kollha għandhom isegwu r-rekwiżiti essenzjali komuni għas-superviżjoni sabiex jiżguraw livell ta' sigurtà komparabbli għas-servizzi fiduċjarji kwalifikati. Sabiex titħaffef l-applikazzjoni konsistenti ta' dawk ir-rekwiżiti madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jadottaw proċeduri komparabbli u għandhom jiskambjaw informazzjoni dwar l-attivitajiet tagħhom ta' superviżjoni u l-aħjar prattiki fil-qasam.

(35) Il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kollha għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk dwar is-sigurtà u r-responsabbiltà biex jiżguraw id-diliġenza dovuta, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-operazzjonijiet u s-servizzi tagħhom. Madankollu, filwaqt li jiġu kkunsidrati t-tipi ta' servizzi fornuti mill-fornituri ta' servizzi fiduċjarji, huwa xieraq li ssir distinzjoni fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti bejn fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati u dawk mhux kwalifikati.

(36) L-istabbiliment ta' reġim superviżorju għall-fornituri kollha ta' servizzi fiduċjarji għandu jiżgura kondizzjonijiet ekwi għas-sigurtà u r-responsabbiltà tal-operazzjonijiet u s-servizzi tagħhom, b'hekk jikkontribwixxi għall-protezzjoni tal-utenti u l-funzjonament tas-suq intern. Il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji mhux kwalifikati għandhom ikunu soġġetti għal attivitajiet superviżorji light-touch u reattivi ex-post iġġustifikati min-natura tas-servizzi u l-operazzjonijiet tagħhom. Il-korp superviżorju ma għandu għalhekk ikollu ebda obbligu ġenerali li jissorvelja fornituri ta' servizzi mhux kwalifikati. Il-korp superviżorju għandu jieħu azzjoni biss meta jiġi informat (pereżempju, mill-fornitur ta' servizz fiduċjarju mhux kwalifikat innifsu, minn korp superviżorju ieħor, permezz ta' notifika minn utent jew sieħeb fin-negozju jew fuq il-bażi ta' investigazzjoni mwettqa minnu stess) li fornitur ta' servizz fiduċjarju mhux kwalifikat ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35).

(37) Dan ir-Regolament għandu jipprevedi r-responsabbiltà tal-fornituri kollha ta' servizzi fiduċjarji. B'mod partikolari, huwa jistabbilixxi reġim ta' responsabbiltà li skontu l-fornituri kollha ta' servizzi fiduċjarji għandhom ikunu responsabbli għal ħsara kkawżata lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika minħabba nuqqas ta' konformità mal-obbligi skont dan ir-Regolament. Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tar-riskju finanzjarju li l-fornituri ta' servizzi fiduċjarji jista' jkollhom jieħdu jew li għandhom ikopru permezz ta' poloz ta' assigurazzjoni, dan ir-Regolament jippermetti li l-fornituri ta' servizzi fiduċjarji jistabbilixxu limitazzjonijiet, taħt ċerti kondizzjonijiet, fuq l-użu ta' servizzi li jipprovdu u li ma jkunux responsabbli għal danni kkawżati mill-użu ta' servizzi li jeċċedu tali limitazzjonijiet. Il-klijenti għandhom ikunu informati bil-quddiem kif dovut dwar il-limitazzjonijiet. Dawk il-limitazzjonijiet għandhom ikunu rikonoxxibbli minn parti terza, pereżempju permezz tal-inklużjoni ta' informazzjoni dwar il-limitazzjonijiet fit-termini u l-kondizzjonijiet tas-servizz ipprovdut jew permezz ta' mezzi rikonoxxibbli oħra. Għall-finijiet li jingħata effett lil dawk il-prinċipji, dan ir-Regolament għandu jiġi applikat f'konformità mar-regoli nazzjonali dwar ir-responsabbiltà. Għalhekk, dan ir-Regolament ma jaffettwax dawk ir-regoli nazzjonali dwar, pereżempju, id-definizzjoni ta' danni, intenzjoni, negliġenza, jew ir-regoli proċedurali rilevanti applikabbli.

(38) In-notifika ta' ksur tas-sigurtà u l-valutazzjonijiet tar-riskju tas-sigurtà huma essenzjali sabiex tingħata informazzjoni adegwata lill-partijiet konċernati fil-każ ta' ksur tas-sigurtà jew telf ta' integrità.

(39) Sabiex jippermettu li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jivvalutaw l-effettività tal-mekkaniżmu ta' notifika ta' ksur introdott b'dan ir-Regolament, il-korpi superviżorji għandhom jintalbu jipprovdu informazzjoni fil-qosor lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (ENISA).

(40) Sabiex jippermettu li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jivvalutaw l-effettività tal-mekkaniżmu ta' superviżjoni mtejjeb introdott minn dan ir-Regolament, il-korpi superviżorji huma mitluba jirrapportaw dwar l-attivitajiet tagħhom. Dan ikun strumentali fl-iffaċilitar tal-iskambju tal-prassi tajba bejn il-korpi superviżorji u jiżgura l-verifika tal-implimentazzjoni konsistenti u effeċjenti tar-rekwiżiti ta' superviżjoni essenzjali fl-Istati Membri kollha.

(41) Sabiex jiżguraw is-sostenibbiltà u d-durabbiltà tas-servizzi fiduċjarji kwalifikati u biex iżidu l-fiduċja tal-utenti fil-kontinwità tas-servizzi fiduċjarji kwalifikati, il-korpi superviżorji għandhom jivverifikaw l-eżistenza u l-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet dwar il-pjanijiet ta' terminazzjoni f'każijiet fejn il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati jwaqqfu l-attivitajiet tagħhom.

(42) Sabiex tiġi ffaċilitata s-superviżjoni tal-fornituri tas-servizzi fiduċjarji kwalifikati, pereżempju, meta fornitur ikun qed jipprovdi s-servizzi tiegħu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u ma jkunx soġġett għal superviżjoni hemmhekk, jew meta l-kompjuters ta' fornitur ikunu jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru minbarra dak li mhuwiex fejn ikun ġie stabbilit, għandha tiġi stabbilita sistema ta' assistenza reċiproka bejn il-korpi ta' superviżjoni fl-Istati Membri.

(43) Sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati u tas-servizzi li huma jipprovdu mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, għandu jitwettaq rapport dwar il-valutazzjoni ta' konformità minn korp ta' valutazzjoni dwar il-konformità u r-rapporti ta' valutazzjoni dwar il-konformità li jirriżultaw għandhom jintbagħtu mill-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati lill-korp superviżorju. Kull meta l-korp superviżorju jkun jesiġi li fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat jibgħat rapport ad hoc ta' rapport dwar il-valutazzjoni tal-konformità, il-korp superviżorju għandu jirrispetta, b'mod partikolari, l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, inkluż l-obbligu li jagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tiegħu, kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità. Għalhekk, il-korp superviżorju għandu jiġġustifika b'mod debitu d-deċiżjoni tiegħu li jeħtieġ valutazzjoni ad hoc tal-konformità.

(44) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura qafas koerenti bil-ħsieb li jipprovdi livell għoli ta' sigurtà u ċertezza legali ta' servizzi fiduċjarji. F'dan ir-rigward, meta tindirizza l-valutazzjoni tal-konformità ta' prodotti u servizzi, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tfittex sinerġiji ma' skemi Ewropej u internazzjonali rilevanti eżistenti bħar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u għas-sorveljanza tas-suq tal-prodotti.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament(KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

(45) Sabiex jippermettu proċess inizjattiv effiċjenti, li għandu jwassal għall-inklużjoni ta' fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati u s-servizzi fiduċjarji kwalifikati li jipprovdu f'listi affidabbli, għandhom jitħeġġew interazzjonijiet preliminari bejn fornituri prospettivi ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati u l-korp kompetenti ta' superviżjoni bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata d-diliġenza dovuta li twassal għall-forniment ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati.

(46) Il-listi ta' fiduċja huma elementi essenzjali biex tinbena l-fiduċja fost l-operaturi tas-suq peress li huma jindikaw l-istatus kwalifikat tal-fornitur ta' servizz fil-mument tas-superviżjoni.

(47) Il-fiduċja fis-servizzi online u l-konvenjenza tagħhom huma essenzjali għall-utenti sabiex jibbenefikaw bi sħiħ u jafdaw konxjament fis-servizzi elettroniċi. Għal dan l-għan, għandha tinħoloq marka ta' fiduċja tal-UE għall-identifikazzjoni tas-servizz fiduċjarju kwalifikati provduti mill-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati. Tali marka ta' fiduċja tal-UE għal servizzi fiduċjarji kwalifikati għandha tiddistingwi b'mod ċar is-servizzi fiduċjarji kwalifikati minn servizzi fiduċjarji oħra u b'hekk tikkontribwixxi għat-trasparenza fis-suq. L-użu ta' marka ta' fiduċja tal-UE mill-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati għandu jkun volontarju u ma għandu jwassal għal ebda rekwiżit ieħor għajr dawk previsti f'dan ir-Regolament.

(48) Filwaqt li jinħtieġ livell għoli ta' sigurtà biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku ta' firem elettroniċi, f'każijiet speċifiċi, bħal fil-kuntest tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/767/KE ([1]), firem elettroniċi b'assikurazzjoni baxxa ta' sigurtà għandu jiġi aċċettat ukoll.

(49) Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi l-prinċipju li firma elettronika ma għandhiex tiġi miċħuda l-effett legali minħabba li hija f'forma elettronika jew minħabba li ma tissodisfax ir-rekwiżiti kollha ta' firma elettronika kwalifikata. Madankollu, hija l-liġi nazzjonali li trid tiddefinixxi l-effett legali tal-firem elettroniċi, bl-eċċezzjoni tar-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament skont liema, firma elettronika kwalifikata għandu jkollha effett legali ekwivalenti għal firma bl-idejn.

(50) Minħabba li l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri bħalissa jużaw formati differenti ta' firem elettroniċi avvanzati biex jiffirmaw id-dokumenti tagħhom b'mod elettroniku, jinħtieġ li jiġi żgurat li mill-anqas għadd ta' formati ta' firem elettroniċi avvanzati jkunu jistgħu jiġu appoġġati teknikament mill-Istati Membri meta dawn jirċievu dokumenti ffirmati elettronikament. Bl-istess mod, meta l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jużaw siġilli elettroniċi avvanzati, ikun meħtieġ li jiġi żgurat li dawn tal-anqas ikunu jappoġġaw għadd ta' formati ta' siġilli elettroniċi avvanzati.

(51) Għandu jkun possibbli għall-firmatarju li jafda apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi lil parti terza, dment li jiġu implimentati mekkaniżmi u proċeduri xierqa biex jiġi żgurat li l-firmatarju jkollu kontroll esklużiv fuq l-użu tad-data għall-ħolqien tal-firma elettronika tiegħu, u li r-rekwiżiti tal-firem elettroniċi kwalifikati jiġu sodisfatti bl-użu tal-apparat.

(52) Il-ħolqien ta' firem elettroniċi mill-bogħod, fejn l-ambjent ta' ħolqien ta' firem elettroniċi huwa ġestit minn fornitur ta' servizz fiduċjarju f'isem il-firmatarju, hu mistenni li jiżdied fid-dawl tal-benefiċċji ekonomiċi multipli tiegħu. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li dawn il-firem elettroniċi jirċievu l-istess rikonoxximent legali bħall-firem elettroniċi maħluqin f'ambjent ġestit kompletament-mill-utenti, il-fornitur ta' servizz ta' firem elettroniċi mill-bogħod għandhom japplikaw proċeduri ta' ġestjoni u ta' sigurtà amministrattiva speċifiċi u jużaw sistemi u prodotti affidabbli, inklużi mezzi siguri ta' komunikazzjoni elettronika, sabiex ikun garantit li l-ambjent ta' ħolqien ta' firem elettroniċi jkun affidabbli u jintuża taħt il-kontroll esklużiv tal-firmatarju. Fejn firma elettronika kwalifikata tkun inħolqot permezz ta' apparat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi mill-bogħod, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti applikabbli għall-fornituri tas-servizz fiduċjarju kwalifikati stabbiliti f'dan ir-Regolament.

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/767/KE tas-16 ta' Ottubru 2009, li tistipula miżuri li jiffaċilitaw l-użu ta' proċeduri b'mezzi elettroniċi permezz tal-punti ta' kuntatt waħdieni skont id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 274, 20.10.2009, p. 36).

(53) Is-sospensjoni ta' ċertifikati kwalifikati hija prattika operazzjonali stabbilita tal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji f'għadd ta' Stati Membri, li hija differenti minn revoka u tinkludi t-telf temporanju tal-validità ta' ċertifikat. Għall-fini ta' ċertezza legali, l-istatus ta' sospensjoni ta' ċertifikat għandu dejjem jiġi indikat b'mod ċar. Għal dak l-għan, il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji għandu jkollhom ir-responsabbiltà li jindikaw b'mod ċar l-istatus taċ-ċertifikat u, jekk ikun ġie sospiż, il-perijodu ta' żmien preċiż li matulu ċ-ċertifikat ikun ġie sospiż. Dan ir-Regolament ma għandux jimponi l-użu ta' sospensjoni fuq il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji jew fuq l-Istati Membri, iżda għandu jipprevedi regoli trasparenti meta u fejn tali prattika tkun disponibbli.

(54) L-interoperabbiltà u r-rikonoxximent ta' ċertifikati kwalifikati transkonfinali huma prekondizzjoni għar-rikonoxximent transkonfinali tal-firem elettroniċi kwalifikati. Għalhekk, iċ-ċertifikati kwalifikati ma għandhom ikunu soġġetti għal ebda rekwiżit obbligatorju li jeċċedi r-rekwiżiti stipulat f'dan ir-Regolament. Madankollu, fil-livell nazzjonali, l-inklużjoni ta' attributi speċifiċi, bħal identifikaturi uniċi, fiċ-ċertifikati kwalifikati għandhom jitħallew, dment li tali attributi speċifiċi ma jfixklux l-interoperabbiltà u r-rikonoxximent transkonfinali ta' ċertifikati kwalifikati u firem elettroniċi.

(55) Iċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà tal-IT abbażi tal-istandards internazzjonali (bħall-ISO 15408 u metodi ta' evalwazzjoni u arranġamenti ta' rikonoxximent reċiproku relatati) hija għodda importanti biex tiġi vverifikata s-sigurtà ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi u għandha tiġi promossa. Madankollu, is-soluzzjonijiet u s-servizzi innovattivi bħal firma biċ-ċellulari u firma fil-cloud jiddependu minn soluzzjonijiet tekniċi u organizzattivi għal apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi li għalihom jista' jkun li għadhom mhumiex disponibbli standards ta' sigurtà jew li l-ewwel ċertifikazzjoni tas-sigurtà tal-IT tkun għadha għaddejja. Il-livell ta' sigurtà ta' tali apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi jista' jiġi vvalutat bl-użu ta' proċessi alternattivi biss fejn tali standards ta' sigurtà mhumiex disponibbli jew l-ewwel ċertifikazzjoni tas-sigurtà tal-IT tkun għadha għaddejja. Dawk il-proċessi għandhom ikunu paragunabbli mal-istandards għaċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà tal-IT dment li l-livelli ta' sigurtà tagħhom ikunu ekwivalenti. Dawk il-proċessi jistgħu jiġu ffaċilitati permezz ta' reviżjoni bejn il-pari.

(56) Dan ir-Regolament għandu jistipula rekwiżiti għall-apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi biex tiġi żgurata l-funzjonalità tal-firem elettroniċi avvanzati. Dan ir-Regolament m'għandux ikopri l-ambjent tas-sistema sħiħa li fih jopera tali apparat. Għalhekk, l-ambitu taċ-ċertifikazzjoni ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem għandu jkun limitat għall-hardware u s-software tas-sistema li jintużaw għall-ġestjoni u l-protezzjoni tad-data dwar il-ħolqien tal-firem maħluqa, maħżuna jew ipproċessata fl-apparat għall-ħolqien tal-firem. Kif spjegat fid-dettall fl-istandards rilevanti, l-ambitu tal-obbligu taċ-ċertifikazzjoni għandu jeskludi applikazzjonijiet għall-ħolqien tal-firem.

(57) Biex tiġi żgurata ċertezza legali fir-rigward tal-validità tal-firma, huwa essenzjali li jiġu speċifikati l-komponenti ta' firma elettronika kwalifikata li għandhom jiġu vvalutati mill-parti dipendenti li twettaq il-validazzjoni. Barra minn hekk, l-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżit ta' fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati li jistgħu jipprovdu servizz ta' validazzjoni kwalifikat lil partijiet dipendenti li mhumiex lesti jew li ma jistgħux iwettqu l-validazzjoni huma stess ta' firem elettroniċi kwalifikati, għandha tistimula lis-settur privat u pubbliku biex jinvesti f'tali servizzi. Iż-żewġ elementi għandhom jagħmlu l-validazzjoni ta' firma elettronika kwalifikata faċli u konvenjenti għall-partijiet kollha fil-livell tal-Unjoni.

(58) Meta transazzjoni tkun tesiġi siġill elettroniku kwalifikat minn persuna ġuridika, firma elettronika kwalifikata mir-rappreżentant awtorizzat tal-persuna ġuridika għandha wkoll tkun aċċettabbli.

(59) Is-siġilli elettroniċi għandhom iservu bħala evidenza li dokument elettroniku nħareġ minn persuna ġuridika, li jiżgura ċ-ċertezza tal-oriġini u l-integrità tad-dokument.

(60) Il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji li joħorġu ċertifikati kwalifikati għas-siġill elettronika għandhom jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jistabbilixxu l-identità tal-persuna fiżika li tirrappreżenta l-persuna ġuridika li tiġi pprovduta ċ-ċertifikat kwalifikat għas-siġill elettroniku, meta tinħtieġ tali identifikazzjoni fil-livell nazzjonali fil-kuntest tal-proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi.

(61) Dan ir-Regolament għandu jiżgura l-preservazzjoni fit-tul tal-informazzjoni, sabiex tiġi żgurata l-validità legali tal-firma elettronika u tas-siġilli elettroniċi fuq perijodi ta' żmien estiżi, u jkun hemm garanzija li dawn jistgħu jiġu vvalidati irrispettivament mill-bidliet teknoloġiċi futuri.

(62) Sabiex jiżgura s-sigurtà tat-timbri tal-ħin elettroniċi kwalifikati, dan ir-Regolament għandu jeħtieġ l-użu ta' siġill elettroniku avvanzat jew ta' firma elettronika avvanzata jew ta' metodi oħra ekwivalenti. Huwa previst li l-innovazzjoni tista' twassal għal teknoloġiji ġodda li jistgħu jiżguraw livell ekwivalenti ta' sigurtà għat-timbri tal-ħin. Kull meta jintuża metodu ieħor differenti minn siġill elettroniku avvanzat jew firma elettronika avvanzata, il-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati għandu jkollu r-responsabbiltà li juri, fir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-konformità, li tali metodu jiżgura livell ekwivalenti ta' sigurtà u jikkonforma mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(63) Id-dokument elettroniċi huma importanti għal aktar żvilupp ta' transazzjonijiet elettroniċi transkonfinali fis-suq intern. Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi l-prinċipju li dokument elettroniku ma għandux jiġi miċħud effett legali minħabba li huwa f'forma elettronika sabiex jiġi żgurat li transazzjoni elettronika ma tiġix rifjutata biss għal raġunijiet li dokument huwa f'forma elettronika.

(64) Meta tindirizza formati ta' firem u siġilli elettroniċi avvanzati, il-Kummissjoni għandha tibni fuq prattiki, standards u leġislazzjonijiet eżistenti, b'mod partikolari d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/130/UE ([1]).

(65) Minbarra l-awtentikazzjoni tad-dokument maħruġ minn persuna ġuridika, is-siġilli elettroniċi jistgħu jintużaw biex jawtentikaw kwalunkwe assi diġitali tal-persuna ġuridika, bħal kodiċi ta' software jew servers.

(66) Huwa essenzjali li jiġi previst qafas legali biex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent transkonfinali bejn is-sistemi legali nazzjonali eżistenti relatati mas-servizzi elettroniċi ta' konsenja li huma rreġistrati. Dak il-qafas jista' jiftaħ ukoll opportunitajiet ta' swieq ġodda għal fornituri ta' servizzi fiduċjarji tal-Unjoni biex joffru servizzi ġodda elettroniċi ta' konsenja li huma reġistrati pan-Ewropej.

(67) Is-servizzi ta' awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi jipprovdu mezz li bih persuna li tidħol f'sit elettroniku tista' tkun żgurata li wara s-sit elettroniku hemm entità ġenwina u leġittima. Dawk is-servizzi jikkontribwixxu biex tinbena l-fiduċja u l-kunfidenza fit-twettiq tan-negozju online, billi l-utenti jkollhom fiduċja f'sit elettroniku li tkun ġiet awtentikata. Il-forniment u l-użu ta' servizzi ta' awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi huma kompletament volontarji. Madankollu, sabiex l-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi ssir mezz biex tittejjeb il-fiduċja, li tipprovdi esperjenza aħjar għall-utent u tkattar it-tkabbir fis-suq intern, dan ir-Regolament għandu jistipula l-obbligi minimi ta' sigurtà u responsabbiltà għall-fornituri u s-servizzi tagħhom. Għal dak l-għan, ittieħed kont tar-riżultati tal-inizjattivi eżistenti mmexxijin mill-industrija, per eżempju l-Awtoritajiet ta' Ċertifikazzjoni/Browsers Forum - Forum CA/B. Barra minn hekk, dan ir-Regolament ma għandux jimpedixxi l-użu ta' mezzi jew metodi oħra biex jawtentikaw siti elettroniċi li ma taqax taħt dan ir-Regolament u lanqas m'għandu jostakola fornituri ta' servizzi ta' awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi ta' pajjiżi terzi milli jipprovdu s-servizzi tagħhom lill-klijenti fl-Unjoni. Madankollu, is-servizzi ta' awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi ta' fornitur ta' pajjiż terz għandhom ikunu rikonoxxuti bħala kwalifikati, skont dan ir-Regolament, biss jekk ikun ġie konkluż ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni u l-pajjiż ta' stabbiliment tal-fornitur.

(68) Il-kunċett ta 'persuni ġuridiċi' skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropew (TFUE) dwar l-istabbiliment, iħalli lill-operaturi liberi li jagħżlu l-forma legali li huma jqisu xierqa biex iwettqu l-attività tagħhom. Għaldaqstant, 'persuni ġuridiċi', fis-sens tat-TFUE, tfisser l-entitajiet kollha kkostitwiti taħt, jew irregolati minn, il-liġi ta' Stat Membru, irrispettivament mill-forma legali tagħhom.

(69) L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni huma mħeġġa jirrikonoxxu l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji koperti minn dan ir-Regolament għall-fini ta' kapitalizzazzjoni kooperattiva amministrattiva, b'mod partikolari, fir-rigward ta' prassi tajba eżistenti u r-riżultati ta' proġetti li għaddejjin fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament.

([1]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/130/UE tal-25 ta' Frar 2011 li tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-ipproċessar transkonfinali ta' dokumenti ffirmati elettronikament minn awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 53, 26.2.2011, p. 66).

(70) Sabiex ċerti aspetti tekniċi dettaljati ta' dan ir-Regolament ikunu kkomplementati b'mod flessibbli u rapidu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' kriterja li għandha tiġi sodisfatta mill-korpi responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(71) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni, b'mod partikolari biex jiġu speċifikati l-għadd ta' referenza ta' standards li l-użu tagħhom jirriżulta f'preżunzjoni ta' konformità ma' ċerti rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(72) Meta tadotta atti delegati jew ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu kont debitu tal-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mfassla minn organizzazzjonijiet u korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej u internazzjonali, b'mod partikolari l-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), l-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI), l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO) u l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU), bil-ħsieb li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà u interoperabbiltà tal-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji.

(73) Għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza legali, id-Deċiżjoni 1999/93/KE għandha titħassar.

(74) Sabiex tkun żgurata ċertezza legali għal operaturi tas-suq li diġà jużaw ċertifikati kwalifikati maħruġa lill-persuni fiżiċi f'konformità mad-Direttiva 1999/93/KE, jeħtieġ li jkun previst perijodu ta' żmien suffiċjenti għal finijiet transizzjonali. Bl-istess mod, għandhom ikunu stabbiliti miżuri transizzjonali għal apparat għall-ħolqien tal-firem siguri, li l-konformità tagħhom ġiet iddeterminata f'konformità mad-Direttiva 1999/93/KE, kif ukoll għall-fornituri ta' servizzi ta' ċertifikazzjoni li joħorġu ċertifikati kwalifikati qabel l-1 ta' Lulju 2016. Fl-aħħarnett, huwa meħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tingħata l-mezzi biex tadotta atti ta' implimentazzjoni u atti delegati qabel dik id-data.

(75) Id-dati ta' applikazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jaffettwawx l-obbligi eżistenti li diġà għandhom l-Istati Membri skont id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari skont id-Direttiva 2006/123/KE.

(76) Billi għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(77) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u ta opinjoni fis-27 ta' Settembru 2012 ([3]),

---

([1]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

([2]) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

([3]) ĠU C 28, 30.1.2013, p. 6.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Suġġett

Bil-ħsieb li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern filwaqt li jkun hemm l-għan ta' livell adegwat ta' sigurtà tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji dan ir-Regolament:

(a) jistipula l-kondizzjonijiet li skonthom l-Istati Membri jirrikonoxxu l-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi li jaqgħu taħt skema ta' identifikazzjoni elettronika notifikata ta' Stat Membru ieħor,

(b) jistipula r-regoli għas-servizzi fiduċjarji, b'mod partikolari għal transazzjonijiet elettroniċi u

(c) jistabbilixxi qafas legali għall-firem elettroniċi, is-siġilli elettroniċi, it-timbri tal-ħin elettroniċi, id-dokumenti elettroniċi, is-servizzi elettroniċi ta' konsenja rreġistrati u s-servizzi ta' ċertifikat tal-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi.

*Artikolu 2*

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għal skemi ta' identifikazzjoni elettronika li ġew notifikati minn Stat Membru, u għal fornituri ta' servizzi fiduċjarji stabbiliti fl-Unjoni.

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għall-forniment ta' servizzi fiduċjarji li jintużaw esklussivament f'sistemi magħluqa li jirriżultaw mil-liġi nazzjonali jew minn ftehimiet bejn grupp definit ta' parteċipanti.

3. Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-liġi nazzjonali jew id-dritt tal-Unjoni marbuta mal-konklużjoni u l-validità ta' kuntratti jew obbligi legali jew proċedurali oħra.

*Artikolu 3*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'identifikazzjoni elettronika' tfisser il-proċess tal-użu ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna f'forma elettronika li tkun tirrapreżenta b'mod esklussiv jew persuna fiżika jew ġuridika, jew persuna fiżika li tkun qed tirrappreżenta persuna ġuridika;

(2) 'mezz ta' identifikazzjoni elettronika' tfisser unità fiżika u/jew mhux fiżika li jkun fiha data ta' identifikazzjoni ta' persuna, u li tintuża għall-awtentikazzjoni ta' servizzi online;

(3) 'data ta' identifikazzjoni ta' persuna' tfisser sett ta' data li permezz tagħha tkun tista' tiġi stabbilita l-identità ta' persuna fiżika jew ġuridika jew ta' persuna fiżika li tkun qed tirrappreżenta persuna ġuridika;

(4) 'skema ta' identifikazzjoni elettronika' tfisser sistema għall-identifikazzjoni elettronika li skontha jinħarġu mezzi ta' identifikazzjoni elettronika lil persuni jew persuni ġuridiċi, jew persuni fiżiċi li jkunu qed jirrappreżentaw persuni ġuridiċi;

(5) ‘awtentikazzjoni’ tfisser proċess elettroniku li jippermetti l-konferma tal-identifikazzjoni elettronika ta’ persuna fiżika jew ġuridika; jew tal-oriġini u l-integrità ta’ data f’forma elettronika;

(6) ‘parti dipendenti’ tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tiddependi fuq l-identifikazzjoni elettronika jew servizz fiduċjarju;

(7) ‘korp tas-settur pubbliku’ tfisser Stat, awtorità reġjonali jew lokali, korp irregolat bid-dritt pubbliku jew assoċjazzjoni magħmula minn awtorità jew diversi tali awtoritajiet jew korp jew diversi tali korpi, jew entità privata mogħtija mandat minn tal-inqas waħda minn dawk l-awtoritajiet, il-korpi jew l-assoċjazzjonijiet biex tipprovdi servizzi pubbliċi meta taġixxi skont tali mandat;

(8) ‘korp irregolat mid-dritt pubbliku’ tfisser korp iddefinit fil-punt (4) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(9) ‘firmatarju’ tfisser persuna fiżika li toħloq firma elettronika;

(10) ‘firma elettronika’ tfisser data f’forma elettronika li tinhemeż ma’ data elettronika oħra jew tiġi assoċjata b’mod loġiku magħha u li tintuża mill-firmatarju biex jiffirma;

(11) ‘firma elettronika avvanzata’ tfisser firma elettronika li tissodisfa r-rekwiżitistabbiliti fl-Artikolu 26;

(12) ‘firma elettronika kwalifikata’ tfisser firma elettronika avvanzata li tkun maħluqa minn apparat għall-ħolqien tal-firem elettroniċi kwalifikati, u li tkun ibbażata fuq ċertifikat kwalifikat għall-firem elettroniċi;

(13) ‘data għall-ħolqien ta’ firma elettronika’ tfisser data unika li tintuża mill-firmatarju biex joħloq firma elettronika;

(14) ‘ċertifikat għall-firma elettronika’ tfisser attestazzjoni elettronika li tikkollega data ta’ validazzjoni tal-firma elettronika ma’ persuna fiżika u tikkonferma mill-inqas l-isem jew il-psewdonimu ta’ dik il-persuna;

(15) ‘ċertifikat kwalifikat għall-firma elettronika’ tfisser ċertifikat għall-firem elettroniċi, li jinħareġ minn fornitur ta’ servizzi fiduċjarji kwalifikat u jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Anness I;

(16) ‘servizz fiduċjarju’ tfisser servizz elettroniku normalment fornut għal remunerazzjoni li jikkonsisti minn:

(a) il-ħolqien, il-verifika, u l-validazzjoni ta’ firem elettroniċi, siġilli elettroniċi jew timbri tal-ħin elettroniċi, servizzi elettroniċi ta’ konsenja li huma reġistrati u ċertifikati marbuta ma’ dawk is-servizzi, jew

(b) il-ħolqien, il-verifika u l-validazzjoni ta’ ċertifikati għall-awtentikazzjoni ta’ siti elettroniċi, jew

(c) il-preservazzjoni ta’ firem, siġilli jew ċertifikati elettroniċi marbuta ma’ dawn is-servizzi;

(17) ‘servizz fiduċjarju kwalifikat’ tfisser servizz fiduċjarju li jkun jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli stipulati f’dan ir-Regolament;

([1]) Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u-tal Kunsill tas-26 ta’ Frar 2014 dwar l-akkwist u pubbliku tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (GU L 94, 28.3.2014, p. 65).

(18) 'korp tal-valutazzjoni tal-konformità' tfisser korp definit fil-punt 13 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, li huwa akkreditat f'konformità ma' dak ir-Regolament bħala kompetenti biex iwettaq valutazzjoni tal-konformità ta' fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat u s-servizzi fiduċjarji kwalifikati li jipprovdi;

(19) 'fornitur ta' servizzi fiduċjarji' tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tipprovdi servizz fiduċjarju wieħed jew aktar, jew bħala fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati jew mhux kwalifikati;

(20) 'fornitur ta' servizz fiduċjarju kwalifikat' tfisser fornitur ta' servizz fiduċjarj li jipprovdi servizz fiduċjarju kwalifikat wieħed jew aktar u li jingħata lilu l-istatus kwalifikat mill-korp superviżorju;

(21) 'prodott' tfisser hardware jew software, jew komponenti rilevanti ta' hardware jew software, li jkunu maħsuba biex jintużaw għal forniment ta' servizzi fiduċjarji;

(22) 'apparat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi' tfisser software jew hardware konfigurat użat għall-ħolqien ta' firma elettronika;

(23) 'apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi' tfisser apparat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi li jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Anness II;

(24) 'kreatur ta' siġill' tfisser persuna ġuridika li toħloq siġill elettroniku;

(25) 'siġill elettroniku' tfisser id-data fil-forma elettronika li tiġi mehmuża jew assoċjata loġikament ma' data oħra f'forma elettronika biex jiġu żgurati l-oriġini u l-integrità ta' din tal-aħħar;

(26) 'siġill elettroniku avvanzat' tfisser siġill elettroniku, li jkun jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 36;

(27) 'siġill elettroniku kwalifikat' tfisser siġill elettroniku avvanzat, li jinħoloq minn apparat għall-ħolqien ta' siġilli elettroniċi kwalifikat, u li jkun ibbażat fuq ċertifikat kwalifikat ta' siġill elettroniku;

(28) 'data għall-ħolqien ta' siġill elettroniku' tfisser data unika, li tintuża mill-kreatur tas-siġill elettroniku biex joħloq siġill elettroniku;

(29) 'ċertifikat għas-siġill elettroniku' tfisser attestazzjoni elettronika li tikkollega data ta' validazzjoni ta' siġill elettroniku ma' persuna fiżika u tikkonferma l-isem ta' dik il-persuna;

(30) 'ċertifikat kwalifikat għas-siġill elettroniku' tfisser ċertifikat għal siġill elettroniku, li jinħareġ minn fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat u jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Anness III;

(31) 'apparat għall-ħolqien ta' siġill elettroniku' tfisser software jew hardware konfigurat użat għall-ħolqien ta' siġill elettroniku;

(32) 'apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' siġill elettroniku' tfisser apparat għall-ħolqien ta' siġill elettroniku li jissodisfa mutatis mutandis ir-rekwiżiti stipulati fl-Anness II;

(33) 'timbru tal-ħin elettroniku' tfisser data fil-forma elettronika li torbot data oħra f'forma elettronika ma' ħin partikolari u b'hekk tiġi stabbilita evidenza li din tal-aħħar kienet teżisti f'dak il-ħin;

(34) 'timbru tal-ħin elettroniku kwalifikat' tfisser timbru tal-ħin elettroniku li jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 42;

(35) ‘dokument elettroniku’ tfisser kwalunkwe kontenut maħżun f'forma elettronika, b'mod partikolari bħala test jew reġistrazzjoni awdjo, viżiva jew awdjoviżiva;

(36) ‘servizz elettroniku ta' konsenja rreġistrat’ tfisser servizz li permezz tiegħu tkun possibbli t-trasmissjoni ta' data bejn partijiet terzi b'mezzi elettroniċi u jipprovdi evidenza relatata mal-ġestjoni tad-data trasmessa, inkluż prova li d-data ntbagħtet u ġiet riċevuta, u li jipproteġi d-data trasmessa kontra r-riskju ta' telf, serq, ħsara jew kwalunkwe bidla mhux awtorizzata;

(37) ‘servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat’ tfisser servizz elettroniku ta' konsenja elettronika rreġistrat li jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 44;

(38) ’ ċertifikat tal-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi’ tfisser attestazzjoni li permezz tagħha tkun possibbli l-awtentikazzjoni ta' sit elettroniku u jorbot is-sit elettroniku mal-persuna fiżika jew ġuridika li lilha jkun inħareġ iċ-ċertifikat;

(39) ‘ċertifikat kwalifikat għall-awtentikazzjoni ta' sit elettroniku’ tfisser ċertifikat għall-awtentikazzjoni ta' sit elettroniku, li jinħareġ minn fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat u jissodisfa r-rekwiżiti stipulat fl-Anness IV;

(40) ‘data ta' validazzjoni’ tfisser data li tintuża għall-validazzjoni ta' firma elettronika jew ta' siġill elettroniku;

(41) ‘validazzjoni’ tfisser il-proċess ta' verifika u konferma li firma elettronika jew siġill huwa validu.

*Artikolu 4*

**Prinċipju tas-suq intern**

1. Ma għandux ikun hemm restrizzjonijiet fuq il-forniment ta' servizzi fiduċjarji fit-territorju ta' Stat Membru minn fornitur ta' servizzi fiduċjarji stabbilit fi Stat Membru ieħor għal raġunijiet li jaqgħu fl-oqsma koperti minn dan ir-Regolament.

2. Il-prodotti u s-servizzi fiduċjarji li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu jistgħu jiċċirkolaw liberament fis-suq intern.

*Artikolu 5*

**Proċessar u protezzjoni ta' data**

1. L-ipproċessar ta' tali data għandu jitwettaq f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE.

2. Mingħajr preġudizzju għall-effett legali mogħti lil psewdonimi skont il-liġi nazzjonali, l-użu tal-psewdonimi fi transazzjonijiet elettroniċi ma għandux jiġi pprojbit.

KAPITOLU II

**IDENTIFIKAZZJONI ELETTRONIKA**

*Artikolu 6*

**Rikonoxximent reċiproku**

1. Meta tinħtieġ identifikazzjoni elettronika bl-użu ta' mezz ta' identifikazzjoni elettronika u awtentikazzjoni skont il-liġi nazzjonali jew permezz tal-prassi amministrattiva nazzjonali għall-aċċess għal servizz ipprovdut minn korp tas-settur pubbliku online fi Stat Membru, il-mezz ta' identifikazzjoni elettronika maħruġ fi Stat Membru ieħor għandu jiġi rikonoxxut fl-ewwel Stat Membru għall-finijiet tal-awtentikazzjoni transkonfinali għal dak is-servizz online dment li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-mezz ta' identifikazzjoni elettronika jinħareġ taħt skema ta' identifikazzjoni elettronika li hija inkluża fil-lista ppubblikata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9;

(b) il-livell ta' assigurazzjoni tal-mezz ta' identifikazzjoni elettronika jikkorrispondi għal livell ta' assigurazzjoni daqs jew ogħla mil-livell ta' assigurazzjoni mitlub mill-korp tas-settur pubbliku rilevanti għall-aċċess għal dak is-servizz online fl-ewwel Stat Membru, dment li l-livell ta' assigurazzjoni ta' dak il-mezz ta' identifikazzjoni elettronika jikkorrispondi għal livell ta' assigurazzjoni sostanzjali jew għoli;

(c) il-korp rilevanti tas-settur pubbliku juża livell sostanzjali jew għoli ta' assigurazzjoni fir-rigward tal-aċċess għal dak is-servizz online.

Tali rikonoxximent għandu jseħħ mhux aktar tard minn 12-il xahar wara li l-Kummissjoni tippubblika l-lista msemmija fil-punt (a) tal-ewwel s-subparagrafu.

2. Il-mezz ta' identifikazzjoni elettronika li jinħareġ skont skema ta' identifikazzjoni elettronika inkluż fil-lista ppubblikata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9 u li jikkorrispondi għal-livell ta' assigurazzjoni baxx jista' jiġi rikonoxxut mill-korpi tas-settur pubbliku għall-finijiet tal-awtentikazzjoni transkonfinali għas-servizz pprovdut online minn dawk il-korpi.

*Artikolu 7*

**Eliġibbiltà għan-notifika tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika**

Skema ta' identifikazzjoni elettronika għandha tkun eliġibbli għal notifika skont l-Artikolu 9(1) dment li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika taħt l-iskema ta' identifikazzjoni elettronika jinħarġu:

(i) mill-Istat Membru li jinnotifika;

(ii) skont mandat mill-Istat Membru li jinnotifika; jew

(iii) b'mod indipendenti mill-Istat Membru li jinnotifika u jiġu rikonoxxuti minn dak l-Istat Membru;

(b) il-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika taħt l-iskema ta' identifikazzjoni elettronika jistgħu jintużaw biex għall-inqas jinkiseb aċċess għal servizz wieħed ipprovdut minn korp tas-settur pubbliku u li jkun jeħtieġ identifikazzjoni elettronika fl-Istat Membru li jinnotifika;

(c) l-iskema ta' identifikazzjoni elettronika u l-mezz ta' identifikazzjoni elettronika maħruġa skontha jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' mill-inqas wieħed mil-livelli ta' assigurazzjoni stabbiliti mill-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 8(3);

(d) 'l-Istat Membru li jinnotifika jiżgura li d-data tal-identifikazzjoni tal-persuna li tirrappreżenta b'mod esklussiv il-persuna inkwistjoni tkun attribwita f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, l-istandards u l-proċeduri għal-livell ta' assigurazzjoni rilevanti stabbilit fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 8(3), lill-persuna fiżika jew ġuridika msemmija fil-punt 1 tal-Artikolu 3 fil-ħin tal-ħruġ tal-mezz ta' identifikazzjoni elettronika taħt dik l-iskema;

(e) il-parti li toħroġ il-mezz ta' identifikazzjoni elettronika skont dik l-iskema tiżgura li l-mezz ta' identifikazzjoni elettronika jiġi attribwit lill-persuna msemmija fil-punt (d) ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, l-istandards u l-proċeduri għal-livell ta' assigurazzjoni rilevanti stabbilit fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 8(3);

(f) l-Istat Membru li jinnotifika jiżgura d-disponibbiltà ta' awtentikazzjoni online, sabiex kwalunkwe parti dipendenti stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor tkun tista' tikkonferma d-data ta' identifikazzjoni tal-persuna li kienet riċevuta f'forma elettronika.

Għal partijiet dipendenti li mhumiex korpi tas-settur pubbliku l-Istat Membru notifikanti jista' jiddefinixxi t-termini ta' aċċess għal dik l-awtentikazzjoni. L-awtentikazzjonijiet transkonfinali għandhom jingħataw mingħajr ħlas meta jitwettqu fir-rigward ta' servizz online pprovdut minn korp tas-settur pubbliku.

L-Istati Membri ma għandhom jimponu ebda rekwiżit tekniku speċifiku sproporzjonat fuq partijiet dipendenti li bi ħsiebhom iwettqu tali awtentikazzjoni, fejn tali rekwiżiti jipprevjenu jew jimpedixxu b'mod sinifikanti l-interoperabilità tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettroniċi nnotifikati;

(g) mill-inqas sitt xhur qabel in-notifika skont l-Artikolu 9(1), l-Istat Membru notifikanti jipprovdi lill-Istati Membri l-oħra għall-finijiet tal-obbligu skont l-Artikolu 12(5), deskrizzjoni ta' dik l-iskema f'konformità mal-arranġamenti proċedurali stabbiliti bl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(7);

(h) l-iskema ta' identifikazzjoni elettronika tissodisfa r-rekwiżiti tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 12(8).

*Artikolu 8*

**Livelli ta' assigurazzjoni tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika**

1. Skema ta' identifikazzjoni elettronika notifikata skont l-Artikolu 9(1) għandha tispeċifika l-livelli ta' assigurazzjoni baxx, sostanzjali u/jew għoli għall-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika maħruġa skont dik l-iskema.

2. Il-livelli ta' assigurazzjoni baxx, sostanzjali u għoli għandhom jissodisfaw rispettivament il-kriterji li ġejjin:

(a) livell ta' assigurazzjoni baxx għandu jirreferi għal mezz ta' identifikazzjoni elettronika fil-kuntest ta' skema ta' identifikazzjoni elettronika, li jipprovdi grad limitat ta' fiduċja fl-identità ddikjarata jew asserita ta' persuna, u li huwa kkaratterizzata b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, l-istandards u l-proċeduri relatati magħhom, inklużi l-kontrolli tekniċi, li l-għan tagħhom huwa li jnaqqsu sostanzjalment ir-riskju ta' użu ħażin jew tibdil fl-identità.

(b) livell ta' assigurazzjoni sostanzjali għandu jirreferi għal mezz ta' identifikazzjoni elettronika fil-kuntest ta' skema ta' identifikazzjoni elettronika, li jipprovdi grad sostanzjali ta' fiduċja fl-identità ddikjarata jew asserita ta' persuna, u li huwa kkaratterizzata b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, l-istandards u l-proċeduri relatati magħhom, inklużi l-kontrolli tekniċi, li l-għan tagħhom huwa li jnaqqsu sostanzjalment ir-riskju ta' użu ħażin jew tibdil fl-identità.

(c) livell ta' assigurazzjoni għoli għandu jirreferi għal mezz ta' identifikazzjoni elettronika fil-kuntest ta' skema ta' identifikazzjoni elettronika, li jipprovdi grad ogħla ta' fiduċja fl-identità ddikjarata jew asserita ta' persuna mill-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika b'livell ta' assigurazzjoni sostanzjali, u li huwa kkaratterizzat b'referenza għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, l-istandards u l-proċeduri relatati magħhom, inklużi l-kontrolli tekniċi, li l-għan tagħhom hu li jipprevjenu l-użu ħażin jew tibdil fl-identità.

3. Sat-18 ta' Settembru 2015, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-istandards internazzjonali rilevanti, u soġġett għall-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet tekniċi minimi, standards u proċeduri li, b'referenza għalihom, il-livelli ta' assigurazzjoni baxx, sostanzjali u għoli huma speċifikati għall-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika għall-finijiet tal-paragrafu 1.

Dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi minimi, l-istandards u l-proċeduri għandhom jiġu stipulati b'referenza għall-affidabbiltà u l-kwalità tal-elementi li ġejjin:

(a) il-proċedura biex tiġi ppruvata u verifikata l-identità ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi li japplikaw għall-ħruġ ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettronika;

(b) il-proċedura għall-ħruġ tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika rikjesti;

(c) il-mekkaniżmu ta' awtentikazzjoni, li permezz tiegħu l-persuna fiżika jew ġuridika tuża l-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika biex tikkonferma l-identità tagħha lil parti dipendenti.

(d) l-entità li toħroġ il-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika;

(e) kwalunkwe korp ieħor involut fl-applikazzjoni għall-ħruġ tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika; u

(f) l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u tas-sigurtà tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika maħruġa.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*Artikolu 9*

**Notifika**

1. L-Istati Membri notifikanti għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni li ġejja u mingħajr dewmien bla bżonn, kwalunkwe bidla sussegwenti li ssirilha:

(a) deskrizzjoni tal-iskema ta' identifikazzjoni elettronika, inklużi l-livelli ta' assigurazzjoni tagħha u l-emittent jew emittenti tal-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika skont l-iskema;

(b) ir-reġim superviżorju applikabbli u l-informazzjoni dwar ir-reġim ta' responsabbiltà fir-rigward ta' dan li ġej:

(i) il-parti li toħroġ il-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika, u

(ii) il-parti li topera l-proċedura ta' awtentikazzjoni.

(c) l-awtorità jew l-awtoritajiet responsabbli għall-iskema ta' identifikazzjoni elettronika;

(d) informazzjoni dwar l-entità jew l-entitajiet li jamministraw ir-reġistrazzjoni tad-data unika ta' identifikazzjoni ta' persuna;

(e) deskrizzjoni dwar kif ir-rekwiżiti stipulati fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(8) jiġu sodisfatti;

(f) deskrizzjoni tal-awtentikazzjoni msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 7;

(g) l-arranġamenti għas-sospensjoni jew ir-revoka tal-iskema ta' identifikazzjoni elettronika notifikata jew tal-awtentikazzjoni jew tal-partijiet kompromessi kkonċernati.

2. Sena mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 8(3) u 12(8), il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* lista ta' skemi ta' identifikazzjoni elettronika li ġew notifikati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-informazzjoni bażika dwarhom.

3. Jekk il-Kummissjoni tirċievi notifika wara li jkun skada l-perijodu msemmi fil-paragrafu 2, hija għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* l-emendi għal-lista msemmija fil-paragrafu 2 fi żmien xahrejn mid-data ta'riċeviment ta' dik in-notifika.

4. Stat Membru jista' jippreżenta lill-Kummissjoni talba li titneħħa l-iskema ta' identifikazzjoni elettronika notifikata minn dak l-Istat Membru mil-lista msemmija fil-paragrafu 2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* l-emendi korrispondenti fil-lista fi żmien xahar mid-data tar-riċeviment tat-talba tal-Istat Membru.

5. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi ċ-ċirkustanzi, il-formati u l-proċeduri tan-notifiki taħt il-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*Artikolu 10*

**Ksur tas-sigurtà**

1. Fejn ikun hemm ksur jew tiġi kompromessa parzjalment l-iskema ta' identifikazzjoni elettronika notifikata skont l-Artikolu 9(1) jew l-awtentikazzjoni msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 7 b'mod li jaffettwa l-affidabbiltà tal-awtentikazzjoni transkonfinali ta' dik l-iskema, l-Istat Membru li jinnotifika għandu mingħajr dewmien, jissospendi jew jirrevoka dik l-awtentikazzjoni transkonfinali jew il-partijiet kompromessi konċernati, u għandu jinforma b'dan lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

2. Meta jinstab rimedju għall-ksur jew il-kompromess imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istat Membru li jinnotifika għandu jerġa' jistabbilixxi l-awtentikazzjoni transkonfinali u għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed.

3. Jekk il-ksur jew il-kompromess imsemmi fil-paragrafu 1 ma jkunx rimedjat fi żmien tliet xhur mis-sospensjoni jew mir-revoka, l-Istat Membru li jinnotifika għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar l-irtirar tal-iskema ta' identifikazzjoni elettronika.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* l-emendi korrispondenti għal-lista msemmija fl-Artikolu 9(2) mingħajr dewmien żejjed.

*Artikolu 11*

**Responsabbiltà**

1. L-Istat Membru notifikanti għandu jkun responsabbli għall-ħsara kkawżata apposta jew minħabba negliġenza lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika minħabba n-nuqqas tiegħu li jikkonformi mal-obbligi tiegħu skont il-punti (d) u (f) tal-Artikolu 7 fi transazzjoni transkonfinali.

2. Il-parti li toħroġ il-mezz ta' identifikazzjoni elettronika għandha tkun responsabbli għall-ħsara kkawżata apposta jew minħabba negliġenza lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika minħabba n-nuqqas tagħha li tikkonforma mal-obbligu msemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 7 fi transazzjoni transkonfinali.

3. Il-parti li tħaddem il-proċedura ta' awtentikazzjoni għandha tkun responsabbli għall-ħsara kkawżata apposta jew minħabba negliġenza lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika minħabba n-nuqqas tagħha li tħaddem tajjeb l-awtentikazzjoni msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 7, fi transazzjoni transkonfinali.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom jiġu applikati f'konformità mar-regoli nazzjonali dwar ir-responsabbiltà.

5. Il-paragrafi 1, 2 u 3 huma mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà, skont il-liġi nazzjonali, ta' partijiet fi transazzjoni li fiha jintużaw il-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika li jaqgħu taħt l-iskema ta' identifikazzjoni elettronika notifikata skont l-Artikolu 9(1).

*Artikolu 12*

**Kooperazzjoni u interoperabbiltà**

1. L-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika nazzjonali notifikati skont l-Artikolu 9(1) għandhom ikunu interoperabbli.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, għandu jiġi stabbilit qafas ta' interoperabbiltà.

3. Il-qafas ta' interoperabbiltà għandu jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

(a) ikollu l-għan li jkun teknoloġikament newtrali u ma jiddiskriminax bejn kwalunkwe soluzzjoni teknika nazzjonali speċifika għall-identifikazzjoni elettronika fi Stat Membru;

(b) isegwi standards Ewropej u internazzjonali, fejn possibbli;

(c) jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' privatezza fid-disinn; u

(d) jiżgura li d-data personali tiġi pproċessata f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE.

4. Il-qafas ta' interoperabbiltà għandu jikkonsisti minn:

(a) referenza għal rekwiżiti tekniċi minimi marbuta mal-livelli ta' assigurazzjoni skont l-Artikolu 8;

(b) deskrizzjoni dettaljata tal-livelli ta' assigurazzjoni nazzjonali ta' skemi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati fil-livell ta' assigurazzjoni skont l-Artikolu 8;

(c) referenza għar-rekwiżiti tekniċi minimi għall-interoperabbiltà;

(d) referenza għal sett minimu ta' data ta' identifikazzjoni ta' persuna li tirrappreżenta b'mod uniku persuna fiżika jew legali, li hija disponibbli minn skemi ta' identifikazzjoni elettronika;

(e) regoli ta' proċedura;

(f) arranġamenti għar-riżoluzzjoni tat-tilwim; u

(g) standards tas-sigurtà operazzjonali komuni.

5. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) l-interoperabbiltà tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika notifikati skont l-Artikolu 9(1) u l-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika li l-Istati Membri biħsiebhom jinnotifikaw; u

(b) is-sigurtà tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika.

6. Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri għandha tkun magħmula minn:

(a) l-iskambju ta' informazzjoni, esperjenza u prassi tajba rigward skemi ta' identifikazzjoni elettronika u, b'mod partikolari rekwiżiti tekniċi marbuta mal-interoperabbiltà u l-livelli ta' assigurazzjoni;

(b) l-iskambju ta' informazzjoni, esperjenza u prassi tajba rigward ħidma b'livelli ta' assigurazzjoni tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika skont l-Artikolu 8;

(c) reviżjoni bejn il-pari tal-iskemi ta' identifikazzjoni elettronika li jaqgħu taħt dan ir-Regolament; u

(d) eżami tal-iżviluppi rilevanti fis-settur tal-identifikazzjoni elettronika.

7. Sat-18 ta' Marzu 2015, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-arranġamenti proċedurali meħtieġa biex tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri msemmija fil-paragrafi 5 u 6 bil-ħsieb li trawwem livell għoli ta' fiduċja u sigurtà xierqa għall-grad ta' riskju.

8. Sat-18 ta' Settembru 2015, għall-fini li jiġu stabbiliti kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-rekwiżit skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha, soġġett għall-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 u filwaqt li jiġu kkunsidrati r-riżultati tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar il-qafas ta' interoperabbiltà kif stipulat fil-paragrafu 4.

9. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafi 7 u 8 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

KAPITOLU III

**SERVIZZI FIDUĊJARJI**

*TAQSIMA 1*

***Dispożizzjonijiet ġenerali***

*Artikolu 13*

**Responsabbiltà u oneru tal-provi**

1. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji għandhom ikunu responsabbli għal ħsara kkawżata intenzjonalment jew b'negliġenza lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika minħabba nuqqas ta' konformità mal-obbligi taħt dan ir-Regolament.

L-oneru tal-provi ta' intenzjoni jew negliġenza ta' fornitur ta' servizzi fiduċjarji mhux kwalifikat għandu jkun fir-responsabbiltà tal-persuna fiżika jew ġuridika li tiddikjara l-ħsara msemmija fl-ewwel subaragrafu.

L-intenzjoni jew in-negliġenza ta' fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat għandha tkun preżunta għajr jekk dak il-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat jagħti prova li l-ħsara msemmija fl-ewwel subparagrafu saret mingħajr l-intenzjoni jew in-negliġenza ta' dak il-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat.

2. Fejn il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji jinformaw kif dovut lill-klijenti tagħhom minn qabel dwar il-limitazzjonijiet tal-użu tas-servizzi li huma jipprovdu u fejn dawk il-limitazzjonijiet ikunu rikonoxxibbli għall-partijiet terzi, il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji ma għandhomx ikunu responsabbli għall-ħsarat li jirriżultaw mill-użu ta' servizzi li jaqbżu l-limitazzjonijiet indikati.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw f'konformità mar-regoli nazzjonali dwar ir-responsabbiltà.

*Artikolu 14*

**Aspetti internazzjonali**

1. Servizzi fiduċjarji pprovduti minn fornituri ta' servizzi fiduċjarji stabbiliti f'pajjiż terz għandhom ikunu rikonoxxuti bħala legalment ekwivalenti għal servizzi fiduċjarji kwalifikati pprovduti minn fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati stabbiliti fl-Unjoni fejn is-servizzi fiduċjarji li joriġinaw mill-pajjiż terz ikunu rikonoxxuti skont ftehim konkluż bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz inkwistjoni jew organizzazzjoni internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 218 TFUE.

2. Il-ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li:

(a) ir-rekwiżiti applikabbli għal fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati stabbiliti fl-Unjoni u s-servizzi fiduċjarji kwalifikati li huma jipprovdu jkunu sodisfatti mill-fornituri ta' servizzi fiduċjarji fil-pajjiż terz jew fl-organizzazzjonijiet internazzjonali li magħhom ikun konkluż il-ftehim, u mis-servizzi fiduċjarji li huma jipprovdu;

(b) is-servizzi fiduċjarji kwalifikati pprovduti minn fornitur ta' servizz fiduċjarju kwalifikat stabbilit fl-Unjoni jkunu rikonoxxuti bħala legalment ekwivalenti għal servizzi fiduċjarji pprovduti minn fornituri ta' servizzi fiduċjarji fil-pajjiż terz jew fl-organizzazzjoni internazzjonali li magħha jkun konkluż il-ftehim.

*Artikolu 15*

**Aċċessibbiltà għal persuni b'diżabbiltà**

Fejn ikun vijabbli, is-servizzi fiduċjarji pprovduti u l-prodotti ta' utenti aħħarin użati fil-forniment ta' dawk is-servizzi għandhom ikunu aċċessibbli għal persuni b'diżabbiltà.

*Artikolu 16*

**Pieni**

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u diżważivi.

*TAQSIMA 2*

***Superviżjoni***

*Artikolu 17*

**Bord superviżorju**

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw korp superviżorju stabbilit fit-territorju tagħhom jew, bi ftehim reċiproku ma' Stat Membru ieħor, korp superviżorju stabbilit f'dak l-Istat Membru l-ieħor. Dak il-korp għandu jkun responsabbli għall-kompiti superviżorji fl-Istat Membru li jinnomina.

Il-korpi superviżorji għandhom jingħataw is-setgħat neċessarji u riżorsi adegwati għat-twettiq tal-kompiti tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi tal-korpi superviżorji nominati rispettivi tagħhom.

3. Ir-rwol tal-korp superviżorju għandu jkun dan li ġej:

(a) li jwettaq superviżjoni tal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati stabbiliti fit-territorju tal-Istat Membru li jinnomina biex jiżgura, permezz ta' attivitajiet superviżorji ex ante u ex post, li dawk il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati u s-servizzi fiduċjarji kwalifikati li huma jipprovdu jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(b) li jieħu azzjoni, jekk ikun meħtieġ, fir-rigward ta' fornituri ta' servizzi fiduċjarji mhux kwalifikati stabbiliti fit-territorju tal-Istat Membru li jinnomina, permezz ta' attivitajiet superviżorji ex post, meta jiġi informat li dawk il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati jew is-servizzi fiduċjarji li huma jipprovdu allegatament ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3 u soġġett għal-limitazzjonijiet previsti fih, il-kompiti tal-korp superviżorju, għandhom jinkludu b'mod partikolari:

(a) li jikkoopera ma' korpi superviżorji oħra u jipprovdi assistenza lil dawk il-korpi f'konformità mal-Artikolu 18;

(b) li janalizza r-rapporti dwar il-valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 20(1) u 21(1);

(c) li jinforma lill-korpi superviżorji oħra u lill-pubbliku dwar ksur ta' sigurtà jew nuqqas ta' integrità f'konformità mal-Artikolu 19(2);

(d) li jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet prinċipali tiegħu f'konformità mal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu;

(e) li jwettaq awditi jew jitlob lil korp tal-valutazzjoni tal-konformità biex iwettaq valutazzjoni tal-konformità tal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati f'konformità mal-Artikolu 20(2);

(f) li jikkoopera mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari, billi jinfurmahom, mingħajr dewmien żejjed, dwar ir-riżultati tal-awditi ta' fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati, meta jkun jidher li jkun hemm ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni ta' data personali;

(g) li jagħti l-istatus kwalifikat lill-fornituri ta' servizzi fiduċjarji u lis-servizzi li huma jipprovdu u jirtira dan l-istatus f'konformità mal-Artikoli 20 u 21;

(h) li jinforma lill-korp responsabbli għal-lista affidabbli nazzjonali msemmija fl-Artikolu 22(3) dwar id-deċiżjonijiet tiegħu li jagħti jew jirtira l-istatus kwalifikat, għajr jekk dak il-korp ikun ukoll il-korp superviżorju;

(i) li jivverifika l-eżistenza u l-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet dwar pjani ta' terminazzjoni f'każijiet fejn il-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati jwaqqaf l-attivitajiet tiegħu, inkluż kif l-informazzjoni tinżamm aċċessibbli f'konformità mal-punt (h) tal-Artikolu 24(2);

(j) li jesiġi li l-fornituri ta' servizzi fiduċjarji jirrimedjaw kwalunkwe nuqqas milli jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.

5. L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li korp superviżorju jistabbilixxi, iżomm u jaġġorna infrastruttura fiduċjarja skont il-kondizzjonijiet stabbiliti taħt il-liġi nazzjonali.

6. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, kull korp superviżorju għandu jippreżenta lill-Kummissjoni rapport dwar l-attivitajiet prinċipali tas-sena kalendarja preċedenti tiegħu flimkien ma' sommarju tan-notifiki ta' ksur irċevuti minn fornituri ta' servizzi fiduċjarji f'konformità mal-Artikolu 19(2).

7. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-rapport annwali msemmi fil-paragrafu 6 disponibbli għall-Istati Membri.

8. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi l-formati u l-proċeduri għar-rapport imsemmi fil-paragrafu 6. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*Artikolu 18*

**Assistenza reċiproka**

1. Il-korpi superviżorji għandhom jikkooperaw, bil-għan li jiskambjaw prassi tajba.

Korp superviżorju għandu, fuq ir-riċeviment ta' talba ġustifikata minn korp superviżorju ieħor, jipprovdi lil dak il-korp assistenza sabiex l-attivitajiet tal-korpi superviżorji jkunu jistgħu jitwettqu b'mod konsistenti. L-assistenza reċiproka tista' tkopri, b'mod partikolari, talbiet għal informazzjoni u miżuri superviżorji, bħal talbiet biex jitwettqu spezzjonijiet relatati mar-rapporti dwar il-valutazzjoni tal-konformità kif imsemmi fl-Artikoli 20 u 21.

2. Korp superviżorju li jirċievi talba għal assistenza jista' jirrifjuta dik it-talba għal kwalunkwe waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) il-korp superviżorju ma jkunx kompetenti biex jipprovdi l-assistenza mitluba;

(b) l-assistenza mitluba ma tkunx proporzjonata mal-attivitajiet superviżorji tal-korp superviżorju mwettqa f'konformità mal-Artikolu 17;

(c) l-għoti tal-assistenza mitluba ma jkunx kompatibbli ma' dan ir-Regolament.

3. Fejn adatt, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-korpi superviżorji rispettivi tagħhom biex iwettqu investigazzjonijiet konġunti li fihom ikun involut persunal minn korpi superviżorji ta' Stati Membri oħra. L-arranġamenti u l-proċeduri għal tali azzjonijiet konġunti għandhom jiġu maqbula u stabbiliti mill-Istati Membri kkonċernati f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom.

*Artikolu 19*

**Rekwiżiti ta' sigurtà applikabbli għal fornituri ta' servizzi fiduċjarji**

1. Il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati u mhux kwalifikati għandhom jieħdu miżuri tekniċi u organizzattivi adatti biex jimmaniġġaw ir-riskji maħluqin għas-sigurtà tas-servizzi fiduċjarji li huma jipprovdu. B'konsiderazzjoni tal-iżviluppi teknoloġiċi l-aktar reċenti, dawk il-miżuri għandhom jiżguraw li l-livell ta' sigurtà jkun proporzjonat mal-livell ta' riskju. B'mod partikolari, għandhom jittieħdu miżuri għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-impatt ta' inċidenti tas-sigurtà u biex dawk interessati jiġu infurmati dwar l-effetti negattivi ta' kwalunkwe inċident tali.

2. Il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati u mhux kwalifikati għandhom, mingħajr dewmien żejjed iżda fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa wara li jkunu ġew mgħarrfa, jinnotifikaw lill-korp superviżorju u, fejn applikabbli, lil korpi rilevanti oħra, bħall-korp nazzjonali kompetenti għas-sigurtà tal-informazzjoni jew l-awtorità tal-protezzjoni tad-data, bi kwalunkwe ksur ta' sigurtà jew nuqqas ta' integrità li jkollu impatt sinifikanti fuq is-servizz fiduċjarju pprovdut jew fuq id-data personali miżmuma fih.

Fejn il-ksur ta' sigurtà jew in-nuqqas ta' integrità jkun x'aktarx ser jaffettwa b'mod negattiv lil persuna fiżika jew ġuridika li lilha jkun ġie pprovdut is-servizz fiduċjarju, il-fornitur ta' servizzi fiduċjarji għandu wkoll jinnotifika lill-persuna fiżika jew ġuridika bil-ksur ta' sigurtà jew bin-nuqqas ta' integrità mingħajr dewmien żejjed.

Fejn adatt, b'mod partikolari jekk il-ksur ta' sigurtà jew telf ta' integrità jikkonċerna żewġ Stati Membri jew iżjed, il-korp superviżorju notifikat għandu jinforma lill-korpi superviżorji fi Stati Membri oħra konċernati u lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni (ENISA).

Il-korp superviżorju notifikat għandu jinforma lill-pubbliku jew jitlob lill-fornitur ta' servizzi fiduċjarji biex jagħmel dan, fejn jiddetermina li l-iżvelar tal-ksur ta' sigurtà jew tan-nuqqas ta' integrità huwa fl-interess pubbliku.

3. Il-korp superviżorju għandu jipprovdi lill-ENISA darba fis-sena sommarju ta' notifiki ta' ksur ta' sigurtà jew tan-nuqqas ta' integrità riċevuti mill-fornituri ta' servizzi fiduċjarji.

4. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni,:

(a) tispeċifika ulterjorment il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, u

(b) tiddefinixxi l-formati u l-proċeduri, inklużi l-iskadenzi, applikabbli għall-fini tal-paragrafu 2.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*TAQSIMA 3*

***Fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati***

*Artikolu 20*

**Superviżjoni tal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati**

1. Il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati għandhom jiġu awditjati, bi spejjeż għalihom tal-inqas kull 24 xahar minn korp tal-valutazzjoni tal-konformità. L-għan tal-awditjar għandu jkun sabiex jiġi kkonfermat li fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati u s-servizzi fiduċjarji kwalifikati li huma jipprovdu minnhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament. Il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati għandhom jippreżentaw ir-rapport dwar il-valutazzjoni tal-konformità li jirriżulta lill-korp superviżorju fi żmien tlett ijiem ta' xogħol minn meta jirċivuh.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, il-korp superviżorju jista' fi kwalunkwe ħin iwettaq awditu jew jitlob lil korp tal-valutazzjoni tal-konformità biex iwettaq valutazzjoni tal-konformità tal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati, bi spejjeż għal dawk il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji, biex jiġi kkonfermat li huma u s-servizzi fiduċjarji kwalifikati li huma jipprovdu jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament. Fejn ikun jidher li kien hemm ksur tar-regoli tal-protezzjoni ta' data personali, il-korp superviżorju għandu jinforma lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data bir-riżultati tal-awditi tiegħu.

3. Fejn il-korp superviżorju jesiġi li l-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat biex jirrimedja nuqqas milli jissodisfa r-rekwiżiti skont dan ir-Regolament u fejn dak il-fornitur ma jaġixxix kif adatt, u fejn applikabbli f'limitu ta' żmien stabbilit mill-korp superviżorju, il-korp superviżorju, filwaqt li jikkunsidra, b'mod partikolari, il-grad, id-durata u l-konsegwenzi ta' dak in-nuqqas, jista' jirtira l-istatus kwalifikat ta' dak il-fornitur jew tas-servizz affettwat li huwa jipprovdi u jinforma lill-korp imsemmi fl-Artikolu 22(3) għall-fini tal-aġġornament tal-listi affidabbli msemmija fl-Artikolu 22(1). Il-korp superviżorju għandu jinforma lill-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat bl-irtirar tal-istatus kwalifikat tiegħu jew tal-istatus kwalifikat tas-servizz konċernat.

4. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi numri ta' referenza tal-istandards li ġejjin:

(a) akkreditament tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità u għar-rapport dwar il-valutazzjoni tal-konformità msemmija fil-paragrafu 1;

(b) regoli tal-awditjar li skonthom il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità ser iwettqu l-valutazzjoni tal-konformità tagħhom tal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati kif imsemmi fil-paragrafu 1.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*Artikolu 21*

**introduzzjoni ta' servizz fiduċjarju kwalifikat**

1. Fejn fornituri ta' servizzi fiduċjarji, mingħajr status kwalifikat, ikun biħsiebhom jibdew jipprovdu servizzi fiduċjarji kwalifikati, huma għandhom jippreżentaw lill-korp superviżorju notifika dwar l-intenzjoni tagħhom flimkien ma' rapport dwar il-valutazzjoni tal-konformità maħruġ minn korp tal-valutazzjoni tal-konformità.

2. Il-korp superviżorju għandu jivverifika jekk il-fornitur ta' servizzi fiduċjarji u s-servizzi fiduċjarji li huwa jipprovdi jikkonformawx mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, u b'mod partikolari mar-rekwiżiti għal fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati u għas-servizzi fiduċjarji kwalifikati li huma jipprovdu.

Jekk il-korp superviżorju jikkonkludi li l-fornitur ta' servizzi fiduċjarji u s-servizzi fiduċjarji li huwa jipprovdi jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-korp superviżorju għandu jagħti status kwalifikat lill-fornitur ta' servizzi fiduċjarji u lis-servizzi fiduċjarji li huwa jipprovdi u jinforma lill-korp imsemmi fl-Artikolu 22(3) għall-fini tal-aġġornament tal-listi affidabbli msemmija fl-Artikolu 22(1), sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara n-notifika f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Jekk il-verifika ma tiġix konkluża fi żmien tliet xhur min-notifika, il-korp superviżorju għandu jinforma lill-fornitur ta' servizzi fiduċjarji filwaqt li jispeċifika r-raġunijiet għad-dewmien u l-perijodu li fih għandha tiġi konkluża l-verifika.

3. Il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati jistgħu jibdew jipprovdu servizzi fiduċjarji kwalifikati wara li l-istatus kwalifikat ikun ġie indikat fil-listi msemmija fl-Artikolu 22(1).

4. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi l-formati u l-proċeduri għall-fini tal-paragrafi 1 u 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*Artikolu 22*

**Listi Affidabbli**

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi, iżomm u jippubblika listi affidabbli inkluża informazzjoni relatata mal-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati li għalihom ikun responsabbli flimkien ma' informazzjoni relatata mas-servizzi fiduċjarji kwalifikati li huma jipprovdu.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, iżommu u jippubblikaw, b'mod sigur, il-listi affidabbli ffirmati jew issiġillati b'mod elettroniku, imsemmija fil-paragrafu 1 f'forma adegwata għall-ipproċessar awtomatizzat.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien żejjed, b'informazzjoni dwar il-korp responsabbli għall-istabbiliment, iż-żamma u l-pubblikazzjoni ta' listi affidabbli nazzjonali, u dettalji ta' fejn listi bħal dawn huma ppubblikati, dwar iċ-ċertifikati użati għall-firma jew is-siġill tal-listi affidabbli u kwalunkwe bidla li ssir f'din l-informazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku, b'mezz sigur, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ffirmata jew issiġillata b'mod elettroniku adegwat għall-ipproċessar awtomatizzat.

5. Sat-18 ta' Settembru 2015 il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispeċifika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u tiddefinixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-formati għal-listi affidabbli, applikabbli għall-finijiet tal-paragrafi 1 sa 4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*Artikolu 23*

**Marka ta' fiduċja tal-UE għal servizzi fiduċjarji kwalifikati**

1. Wara li l-istatus kwalifikat imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21(2) ikun ġie indikat fil-lista affidabbli msemmija fl-Artikolu 22(1), il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati jistgħu jużaw il-marka ta' fiduċja tal-UE biex jindikaw b'mod sempliċi, rikonoxxibbli u ċar is-servizzi fiduċjarji kwalifikati li huma jipprovdu.

2. Meta jużaw il-marka ta' fiduċja tal-UE għas-servizzi fiduċjarji kwalifikati msemmija fil-paragrafu 1, il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati għandhom jiżguraw li fis-sit elettroniku tagħhom ikun hemm link għal-lista affidabbli rilevanti.

3. Sal-1 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tipprovdi għal speċifikazzjonijiet fir-rigward tal-forma, u b'mod partikolari dwar il-preżentazzjoni, il-kompożizzjoni, id-daqs u d-disinn tal-marka ta' fiduċja tal-UE għas-servizzi fiduċjarji kwalifikati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*Artikolu 24*

**Rekwiżiti għall-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati**

1. Meta joħroġ ċertifikat kwalifikat għal servizz fiduċjarju, il-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat għandu jivverifika, b'mezzi adatti u f'konformità mal-liġi nazzjonali, l-identità u, jekk applikabbli, kwalunkwe karatteristika speċifika tal-persuna fiżika jew ġuridika li lilha jinħareġ iċ-ċertifikat kwalifikat.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi vverifikata mill-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat direttament jew billi jafda f'parti terza f'konformità mal-liġi nazzjonali:

(a) permezz tal-preżenza fiżika tal-persuna fiżika jew ta' rappreżentant awtorizzat tal-persuna ġuridika, jew

(b) mill-bogħod, bl-użu ta' mezzi ta' identifikazzjoni elettroniċi, li għalihom qabel il-ħruġ ta' ċertifikat kwalifikat, tkun ġiet żgurata l-preżenza fiżika tal-persuna fiżika jew ta' rappreżentant awtorizzat tal-persuna ġuridika u li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8 fir-rigward tal-livelli ta' assigurazzjoni 'sostanzjali' jew 'għolja', jew

(c) permezz ta' ċertifikat ta' firma elettronika kwalifikata jew ta' siġill elettroniku kwalifikat maħruġ f'konformità mal-punt (a) jew (b), jew

(d) bl-użu ta' metodi oħra ta' identifikazzjoni rikonoxxuti fil-livell nazzjonali li jipprovdu assigurazzjoni ekwivalenti f'termini ta' affidabbiltà għal preżenza fiżika. L-assigurazzjoni ekwivalenti għandha tiġi kkonfermata minn korp tal-valutazzjoni tal-konformità.

2. Fornitur ta' servizzi fiduċjarju kwalifikat li jipprovdi servizzi fiduċjarji kwalifikati għandu:

(a) jinforma lill-korp superviżorju bi kwalunkwe bidla fil-forniment tas-servizzi fiduċjarji kwalifikati tiegħu u intenzjoni li jwaqqaf dawk l-attivitajiet;

(b) jimpjega persunal u, jekk applikabbli, subkuntratturi li jkollhom il-kompetenza esperta, l-affidabbiltà, l-esperjenza, u l-kwalifiki meħtieġa u li jkunu rċevew taħriġ adatt rigward ir-regoli dwar is-sigurtà u l-protezzjoni ta' data personali u għandu japplika proċeduri amministrattivi u ta' ġestjoni, li jikkorrispondu ma' standards Ewropej jew internazzjonali;

(c) fir-rigward tar-riskju ta' responsabbiltà għal ħsara f'konformità mal-Artikolu 13, iżomm riżorsi finanzjarji suffiċjenti u/jew jikseb assigurazzjoni adatta fuq ir-responsabbiltà, f'konformità mal-liġi nazzjonali;

(d) qabel jidħol f'relazzjoni kuntrattwali, jinforma, b'mod ċar u komprensiv, lil kwalunkwe persuna li tkun qed tfittex li tuża servizz fiduċjarju kwalifikat dwar it-termini u l-kondizzjonijiet preċiżi rigward l-użu ta' dak is-servizz, inkluża kwalunkwe limitazzjoni fuq l-użu tiegħu;

(e) juża sistemi u prodotti affidabbli li jkunu protetti kontra modifiki u jiżgura s-sigurtà teknika u l-affidabbiltà tal-proċessi appoġġati minnhom;

(f) juża sistemi affidabbli biex jaħżen d-data mogħtija lilu, f'forma verifikabbli sabiex:

(i) din tkun disponibbli pubblikament għal irkupru biss fejn ikun inkiseb il-kunsens tal-persuna li dik id-data tkun relatata magħha,

(ii) il-persuni awtorizzati biss ikunu jistgħu jdaħħlu entrati u bidliet fid-data maħżuna,

(iii) id-data tkun tista' tiġi vverifikata għall-awtentiċità;

(g) jieħu miżuri adatti kontra l-falsifikazzjoni u s-serq ta' data;

(h) iżomm reġistru u jżomm aċċessibbli għal perijodu ta' żmien adatt, inkluż wara li l-attivitajiet tal-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat ikunu waqfu, kull informazzjoni rilevanti dwar data maħruġa u riċevuta mill-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat, b'mod partikolari għall-fini li tiġi pprovduta evidenza fi proċedimenti legali u għall-fini li tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz. Reġistrazzjoni bħal din tista' ssir b'mod elettroniku;

(i) ikollu pjan ta' terminazzjoni aġġornat sabiex jiżguraw il-kontinwità tas-servizz f'konformità mad-dispożizzjonijiet ivverifikati mill-korp superviżorju skont il-punt (i) tal-Artikolu 17(4);

(j) jiżguraw ipproċessar legali ta' data personali f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE;

(k) fil-każ ta' fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati li joħorġu ċertifikati kwalifikati, jistabbilixxu u jżommu aġġornata bażi ta' data taċ-ċertifikati.

3. Jekk fornitur ta' servizz fiduċjarju kwalifikat li joħroġ ċertifikati kwalifikati jiddeċiedi li jirrevoka ċertifikat, huwa għandu jirreġistra tali revoka fil-bażi ta' data taċ-ċertifikati tiegħu u jippubblikaw l-istatus ta' revoka taċ-ċertifikat mingħajr dewmien, u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa wara l-wasla tat-talba. Ir-revoka għandha ssir effettiva immedjatament mal-pubblikazzjoni tagħha.

4. Fir-rigward tal-paragrafu 3, il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati li joħorġu ċertifikati kwalifikati għandhom jipprovdu lil kwalunkwe parti dipendenti informazzjoni dwar l-istatus ta' validità jew ta' revoka ta' ċertifikati kwalifikati maħruġa minnhom. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli tal-anqas fuq bażi ta' ċertifikat fi kwalunkwe ħin u wara l-perijodu ta' validità taċ-ċertifikat b'mod awtomatizzat li jkun affidabbli, mingħajr ħlas u effiċjenti.

5. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tistabbilixxi numri ta' referenza ta' standards għal sistemi u prodotti affidabbli, li jikkonformaw mar-rekwiżiti skont il-punti (e) u (f) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu meta sistemi u prodotti affidabbli jkunu jissodisfaw dawk l-istandards. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*TAQSIMA 4*

***Firem elettroniċi***

*Artikolu 25*

**Effetti legali ta' firem elettroniċi**

1. Firma elettronika ma għandhiex tiġi miċħuda effett legali u ammissibbilità bħala evidenza fi proċedimenti legali għas-sempliċi raġuni li tkun f'forma elettronika jew li ma tissodisfax ir-rekwiżiti għall-firem elettroniċi kwalifikati.

2. Firma elettronika kwalifikata għandu jkollha l-effett legali ekwivalenti għal firma bil-miktub.

3. Firma elettronika kwalifikata abbażi ta' ċertifikat kwalifikat maħruġ f'wieħed mill-Istati Membri għandha tiġi rikonoxxuta bħala firma elettronika kwalifikata fl-Istati Membri l-oħra kollha.

*Artikolu 26*

**Rekwiżiti għal firem elettroniċi avvanzati**

Firma elettronika avvanzata għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) tkun marbuta b'mod esklussiv mal-firmatarju;

(b) tista' tidentifika l-firmatarju;

(c) tkun maħluqa bl-użu ta' data għall-ħolqien ta' firma elettronika li l-firmatarju jkun jista' juża b'livell għoli ta' fiduċja, taħt il-kontroll esklussiv tiegħu; u

(d) tkun marbuta mad-data ffirmata biha b'tali mod li kwalunkwe bidla sussegwenti fid-data tkun tista' tiġi skoperta.

*Artikolu 27*

**Firem elettroniċi f'servizzi pubbliċi**

1. Jekk Stat Membru ikun jeħtieġ firma elettronika avvanzata sabiex jintuża servizz online offrut minn, jew f'isem, korp tas-settur pubbliku, dak l-Istat Membru għandu jirrikonoxxi l-firem elettroniċi avvanzati, il-firem elettroniċi avvanzati abbażi ta' ċertifikat kwalifikat għal firem elettroniċi u firem elettroniċi kwalifikati tal-inqas fil-formati jew bl-użu tal-metodi definiti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 5.

2. Jekk Stat Membru jesiġi firma elettronika avvanzata abbażi ta' ċertifikat kwalifikat sabiex juża servizz online offrut minn, jew f'isem, korp tas-settur pubbliku, dak l-Istat Membru għandu jirrikonoxxi l-firem elettroniċi avvanzati abbażi ta' ċertifikat kwalifikat u firem elettroniċi kwalifikati tal-inqas fil-formati jew billi juża l-metodi definiti fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 5.

3. L-Istati Membri ma għandhomx jesiġu l-użu transkonfinali, f'servizz online offrut minn korp tas-settur pubbliku, ta' firma elettronika f'livell ogħla ta' sigurtà mill-firma elettronika kwalifikata.

4. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tistabbilixxi numri ta' referenza ta' standards għal firem elettroniċi avvanzati. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti għall-firem elettroniċi avvanzati msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 26 meta firma elettronika avvanzata tissodisfa dawk l-istandards. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

5. Sat-18 ta' Settembru 2015, u filwaqt li tikkunsidra l-prattiki, l-istandards u atti legali tal-Unjoni eżistenti, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi formati ta' referenza ta' firem elettroniċi avvanzati jew metodi ta' referenza fejn jintużaw formati alternattivi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*Artikolu 28*

**Ċertifikati kwalifikati għal firem elettroniċi**

1. Iċ-ċertifikati kwalifikati għal firem elettroniċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I.

2. Iċ-ċertifikati kwalifikati għal firem elettroniċi ma għandhom ikunu soġġetti għall-ebda rekwiżit obbligatorju li jeċċedi r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I.

3. Ċertifikati kwalifikati għal firem elettroniċi jistgħu jinkludu attributi speċifiċi addizzjonali mhux obbligatorji. Dawk l-attributi ma għandhomx jaffettwaw l-interoperabbiltà u r-rikonoxximent tal-firem elettroniċi kwalifikati.

4. Jekk ċertifikat kwalifikat għal firem elettroniċi jkun ġie revokat wara l-attivazzjoni inizjali, huwa għandu jitlef il-validità tiegħu mill-mument tar-revoka tiegħu, u l-istatus tiegħu ma għandu jitreġġa' lura fl-ebda ċirkostanza.

5. Soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli nazzjonali dwar is-sospensjoni temporanja ta' ċertifikat kwalifikat għal firma elettronika:

(a) jekk ċertifikat kwalifikat għal firma elettronika jkun ġie sospiż temporanjament, dak iċ-ċertifikat għandu jitlef il-validità tiegħu għall-perijodu ta' sospensjoni.

(b) il-perijodu ta' sospensjoni għandu jiġi indikat b'mod ċar fil-bażi tad-data taċ-ċertifikati u l-istatus ta' sospensjoni għandu jkun viżibbli, matul il-perijodu ta' sospensjoni, mis-servizz li jipprovdi l-informazzjoni dwar l-istatus taċ-ċertifikat.

6. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tistabbilixxi numri ta' referenza ta' standards għal ċertifikati kwalifikati għall-firem elettroniċi. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I meta ċertifikat kwalifikat għal firma elettronika jkun jissodisfa dawk l-istandards. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*Artikolu 29*

**Rekwiżiti għal apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi**

1. L-apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II.

2. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tistabbilixxi numri ta' referenza ta' standards għal apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II fejn apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi jkun jissodisfa dawk l-istandards. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*Artikolu 30*

**Ċertifikazzjoni ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi**

1. Il-konformità ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi mar-rekwiżiti mniżżla fl-Anness II għandha tkun ċertifikata minn korpi pubbliċi jew privati adatti magħżula mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi tal-korp pubbliku jew privat imsemmi fil-paragrafu 1. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri.

3. Iċ-ċertifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ibbażata fuq waħda minn dawn li ġejjin:

(a) proċess ta' evalwazzjoni tas-sigurtà mwettaq f'konformità ma' wieħed mill-istandards għall-valutazzjoni tas-sigurtà tal-prodotti tat-teknoloġija tal-informazzjoni inklużi fil-lista stabbilita skont it-tieni subparagrafu, jew

(b)- proċess ieħor li mhuwiex il-proċess imsemmi fil-punt (a), dment li dan juża livelli komparabbli ta' sigurtà u dment li l-korp pubbliku jew privat imsemmi fil-paragrafu 1 jinnotifika lill-Kummissjoni b'dak il-proċess. Dak il-proċess jista' jintuża biss fin-nuqqas ta' standards imsemmija fil-punt (a) jew meta jkun qed isir il-proċess ta' evalwazzjoni tas-sigurtà msemmi fil-punt (a).

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi lista ta' standards għall-valutazzjoni tas-sigurtà ta' prodotti tat-teknoloġija tal-informazzjoni msemmija fil-punt (a). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 47 dwar l-istabbiliment ta' kriterji speċifiċi li għandhom jiġu sodisfatti mill-korpi magħżula msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 31*

**Pubblikazzjoni ta' lista ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi li huwa ċċertifikat**

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bla bżonn u mhux aktar tard minn xahar wara l-konklużjoni taċ-ċertifikazzjoni, bl-informazzjoni dwar apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi li ġie ċċertifikat mill-korpi msemmija fl-Artikolu 30(1). Ghandhom jinnotifikaw ukoll lill-Kummissjoni, mingħajr dewmien bla bżonn u mhux aktar tard minn xahar wara l-kanċellazzjoni taċ-ċertifikazzjoni, bl-informazzjoni dwar apparat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi li m'għadhomx iċċertifikati.

2. Il-Kummissjoni, abbażi tal-informazzjoni mogħtija lilha, għandha tistabbilixxi, tippubblika u żżomm lista ta' apparat ċertifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi kwalifikati.

3. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tiddefinixxi l-formati u l-proċeduri applikabbli għall-fini tal-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*Artikolu 32*

**Rekwiżiti għall-validazzjoni ta' firem elettroniċi kwalifikati**

1. Il-proċess għall-validazzjoni ta' firma elettronika kwalifikata għandu jikkonferma l-validità ta' firma elettronika kwalifikata dment li:

(a) iċ-ċertifikat, li jappoġġa l-firma kien, fil-mument tal-firma ċertifikat kwalifikat għal firma elettronika li jikkonforma mal-Anness I;

(b) iċ-ċertifikat kwalifikat inħareġ minn fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati u kien validu fil-mument tal-firma;

(c) id-data ta' validazzjoni tal-firma tikkorrispondi għad-data pprovduta lill-parti dipendenti;

(d) is-sett uniku ta' data li jirrappreżenta l-firmatarju fiċ-ċertifikat tingħata b'mod korrett lill-parti dipendenti;

(e) l-użu ta' kwalunkwe psewdonimu jkun indikat b'mod ċar lill-parti dipendenti jekk psewdonimu kien intuża fil-mument tal-firma;

(f) il-firma elettronika nħolqot minn apparat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi kwalifikati;

(g) l-integrità tad-data ffirmata ma tkunx ġiet kompromessa;

(h) ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 26 kienu ġew sodisfatti fil-mument tal-firma;

2. Is-sistema użata għall-validazzjoni tal-firma elettronika kwalifikata għandha tipprovdi lill-parti dipendenti r-riżultat korrett tal-proċess ta' validazzjoni u għandha tippermetti lill-parti dipendenti li tiskopri kwalunkwe kwistjoni rilevanti għas-sigurtà.

3. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tistabbilixxi numri ta' referenza ta' standards għall-validazzjoni ta' firem elettroniċi kwalifikati. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 meta l-validazzjoni tal-firem elettroniċi kwalifikati tissodisfa dawk l-istandards. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*Artikolu 33*

**Servizz ta' validazzjoni kwalifikat għall-firem elettroniċi kwalifikati**

1. Servizz ta' validazzjoni kwalifikat għall-firem elettroniċi kwalifikati jista' jingħata biss minn fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat li:

(a) jipprovdi validazzjoni f'konformità mal-Artikolu 32(1), u

(b) jippermetti li l-partijiet dipendenti jirċievu r-riżultat tal-proċess ta' validazzjoni b'mod awtomatizzat li jkun affidabbli, effiċjenti u li jkun fih il-firma elettronika avvanzata jew is-siġill elettroniku avvanzat tal-fornitur ta' servizz ta' validazzjoni kwalifikat.

2. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tistabbilixxi numri ta' referenza ta' standards għas-servizz ta' validazzjoni kwalifikat kif imsemmi fil-paragrafu 1. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 meta s-servizz ta' validazzjoni għall-firma elettronika kwalifikata jissodisfa dawk l-istandards. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*Artikolu 34*

**Servizz ta' preservazzjoni kwalifikat għall-firem elettroniċi kwalifikati**

1. Jista' jiġi pprovdut servizz ta' preservazzjoni għall-firem elettroniċi kwalifikati biss minn fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat li juża proċeduri u teknoloġiji kapaċi li jestendu l-affidabilità tal-firem elettroniċi kwalifikati lil hinn mill-perijodu ta' validità teknoloġika.

2. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tistabbilixxi numri ta' referenza ta' standards għas-servizz ta' preservazzjoni kwalifikat għal firem elettroniċi kwalifikati. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 meta l-arranġamenti għas-servizz ta' preservazzjoni kwalifikat għal firem elettroniċi kwalifikati jissodisfaw dawk l-istandards. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*TAQSIMA 5*

***Siġilli elettroniċi***

*Artikolu 35*

**Effetti legali ta' siġilli elettroniċi**

1. Siġill elettroniku ma għandux jiġi miċħud effett legali u ammissibbiltà bħala evidenza fi proċedimenti legali għas-sempliċi raġuni li jkun f'forma elettronika jew li ma jissodisfax ir-rekwiżiti għas-siġilli elettroniċi kwalifikati.

2. Siġill elettroniku kwalifikat għandu jgawdi l-preżunzjoni tal- integrità tad-data u l-korrettezza tal-oriġini ta' dik id-data li magħha huwa marbut is-siġill elettroniku kwalifikat.

3. Siġill elettroniku kwalifikat abbażi ta' ċertifikat kwalifikat maħruġ f'wieħed mill-Istati Membri għandu jiġi rikonoxxut bħala siġill elettroniku kwalifikat fl-Istati Membri l-oħra kollha.

*Artikolu 36*

**Rekwiżiti għal firem elettroniċi avvanzati**

Firma elettronika avvanzata għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) hija marbuta b'mod esklussiv mal-firmatarju;

(b) tista' tidentifika l-firmatarju;

(c) tkun maħluqa bl-użu ta' data għall-ħolqien ta' firma elettronika li l-firmatarju jkun jista' juża b'livell għoli ta' fiduċja, taħt il-kontroll esklussiv tiegħu; u

(d) tkun marbuta mad-data ffirmata biha b'tali mod li kwalunkwe bidla sussegwenti fid-data tkun tista' tiġi skoperta.

*Artikolu 37*

**Siġilli elettroniċi f'servizzi pubbliċi**

1. Jekk Stat Membru jesiġi siġill elettroniku avvanzat sabiex juża servizz online offrut minn, jew f'isem, korp tas-settur pubbliku, dak l-Istat Membru għandu jirrikonoxxi s-siġilli elettroniċi avvanzati, is-siġilli elettroniċi avvanzati abbażi ta' ċertifikat kwalifikat għal siġilli elettroniċi u siġilli elettroniċi kwalifikati tal-inqas fil-formati jew billi juża l-metodi definiti fl-atti ta' implementazzjoni msemmija fil-paragrafu 5.

2. Jekk Stat Membru jesiġi siġill elettroniku avvanzat abbażi ta' ċertifikati kwalifikat sabiex juża servizz online offrut minn, jew f'isem, korp tas-settur pubbliku, dak l-Istat Membru għandu jirrikonoxxi s-siġilli elettroniċi avvanzati abbażi ta' ċertifikat kwalifikat u siġill elettroniku kwalifikat tal-inqas fil-formati jew billi juża l-metodi definiti fl-atti ta' implementazzjoni msemmija fil-paragrafu 5.

3. L-Istati Membri ma għandhomx jesiġu l-użu transkonfinali, f'servizz online offrut minn korp tas-settur pubbliku, ta' siġill elettroniku f'livell ogħla ta' sigurtà mis-siġill elettroniku kwalifikat.

4. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tistabbilixxi numri ta' referenza ta' standards għal siġilli elettroniċi avvanzati. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti għal siġilli elettroniċi avvanzati msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 36 meta siġill elettroniku avvanzat jissodisfa dawk l-istandards. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

5. Sat-18 ta' Settembru 2015, u filwaqt li tikkunsidra l-prattiki, l-istandards u atti legali tal-Unjoni eżistenti, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddefinixxi l-formati ta' referenza ta' siġilli elettroniċi avvanzati jew metodi ta' referenza fejn jintużaw formati alternattivi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*Artikolu 38*

**Ċertifikati kwalifikati għas-siġilli elettroniċi**

1. Iċ-ċertifikati kwalifikati għas-siġilli elettroniċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III.

2. Iċ-ċertifikati kwalifikati għas-siġilli elettroniċi ma għandhom ikunu soġġetti għall-ebda rekwiżit obbligatorju li jeċċedi r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III.

3. Iċ-ċertifikati kwalifikati għas-siġilli elettroniċi jistgħu jinkludu attributi speċifiċi addizzjonali mhux obbligatorji. Dawk l-attributi ma għandhomx jaffettwaw l-interoperabbiltà u r-rikonoxximent tas-siġilli elettroniċi kwalifikati.

4. Jekk ċertifikat kwalifikat għal siġill elettroniku jkun ġie revokat wara l-attivazzjoni inizjali, dan għandu jitlef il-validità tiegħu mill-mument tar-revoka tiegħu, u l-istatus tiegħu fl-ebda ċirkostanza ma għandu jitreġġa' lura.

5. Soġġetti għall-kondizzjonijiet li ġejjin l-Istati Membri jistgħu jistipulaw regoli nazzjonali dwar is-sospensjoni temporanja ta' ċertifikat kwalifikat għas-siġill elettroniċi:

(a) jekk ċertifikat kwalifikat għas-siġill elettroniku jkun ġie sospiż temporanjament, dak iċ-ċertifikat għandu jitlef il-validità tiegħu għall-perijodu ta' sospensjoni;

(b) il-perijodu ta' sospensjoni għandu jiġi indikat b'mod ċar fil-bażi tad-data taċ-ċertifikati u l-istatus ta' sospensjoni għandu jkun viżibbli, matul il-perijodu ta' sospensjoni, mis-servizz li jipprovdi l-informazzjoni dwar l-istatus taċ-ċertifikat.

6. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tistabbilixxi numri ta' referenza ta' standards għal ċertifikati kwalifikati għal siġilli elettroniċi. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III meta ċertifikat kwalifikat għal siġill elettroniku jissodisfa dawk l-istandards. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*Artikolu 39*

**Apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' siġilli elettroniċi**

1. L-Artikolu 29 għandu japplika mutatis mutandis għar-rekwiżiti għal apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' siġilli elettroniċi.

2. L-Artikolu 30 għandu japplika mutatis mutandis għaċ-ċertifikazzjoni ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' siġilli elettroniċi.

3. L-Artikolu 31 għandu japplika mutatis mutandis għall-pubblikazzjoni ta' lista ta' apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' siġilli elettroniċi.

*Artikolu 40*

**Validazzjoni u preservazzjoni tas-siġilli elettroniċi kwalifikati**

L-Artikoli 32, 33 u 34 għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-validazzjoni u l-preservazzjoni tas-siġilli elettroniċi kwalifikati.

*TAQSIMA 6*

***Timbri tal-ħin elettroniċi***

*Artikolu 41*

**Effett legali tat-timbri tal-ħin elettroniċi**

1. Timbru tal-ħin elettroniku ma għandux jiġi miċħud effett legali u ammissibbiltà bħala evidenza fi proċedimenti legali għas-sempliċi raġuni li jkun f'forma elettronika jew li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tat-timbru tal-ħin elettroniku kwalifikat.

2. Timbru tal-ħin elettroniku kwalifikat għandu jgawdi l-preżunzjoni tal-eżattezza tad-data u l-ħin li jindika u l-integrità tad-data li magħha huma marbuta d-data u l-ħin

3. Timbru tal-ħin elettroniku kwalifikat maħruġ f'wieħed mill-Istati Membri għandu jiġi rikonoxxut bħala timbru tal-ħin elettroniku kwalifikat fl-Istati Membri kollha.

*Artikolu 42*

**Rekwiżiti għal timbri tal-ħin elettroniċi kwalifikati**

1. Timbru tal-ħin elettroniku kwalifikat għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikun jorbot id-data u l-ħin mad-data b'tali mod li jipprekludi b'mod raġonevoli l-possibbiltà li d-data tinbidel mingħajr ma dan jiġi skopert;

(b) ikun ibbażat fuq sors ta' ħin preċiż marbut mal-Ħin Universali Kkoordinat; u

(c) ikun iffirmat bl-użu ta' firma elettronika avvanzata jew issiġillati b'siġill elettroniku avvanzat tal-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat, jew minn metodu ekwivalenti.

2. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tistabbilixxi numri ta' referenza ta' standards għall-konnessjoni tad-data u l-ħin mad-data u għas-sorsi ta' ħin preċiż. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 meta l-konnessjoni tad-data u l-ħin mad-data u s-sors tal-ħin preċiż tissodisfa dawk l-istandards. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

*TAQSIMA 7*

***Servizzi elettroniċi ta' konsenja rreġistrati***

*Artikolu 43*

**Effett legali ta' servizz elettroniku ta' konsenja li huwa reġistrat**

1. Data li tiġi trasmessa u riċevuta bl-użu ta' servizz elettroniku reġistrat ta' konsenja ma għandhiex tiġi miċħuda l-effett legali u ammissibbiltà bħala evidenza fi proċedimenti legali għas-sempliċi raġuni li tkun f'forma elettronika jew li ma tissodisfax ir-rekwiżiti tas-servizz elettroniku ta' konsenja rreġistrat.

2. Data trasmessa u riċevuta bl-użu ta' servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja li huwa reġistrat għandha tgawdi l-preżunzjoni tal-integrità tad-data, tat-trażmissjoni ta' dik id-data mill-emittent identifikat, tar-riċeviment tagħha mid-destinatarju identifikat u tal-eżattezza tad-data u tal-ħin tat-trasmissjoni u tar-riċeviment indikati mis-servizz elettroniku kwalifikat ta' konsenja rreġistrat.

*Artikolu 44*

**Rekwiżiti għal servizzi elettroniċi kwalifikati ta' konsenja li huma reġistrati**

1. Is-servizzi elettroniċi kwalifikati ta' konsenja li huma reġistrati għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) jingħataw minn wieħed mill-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati jew aktar;

(b) jiżguraw livell għoli ta' fiduċja l-identifikazzjoni tal-emittent;

(c) jiżguraw l-identifikazzjoni tad-destinatarju qabel ma jikkonsenjaw id-data;

(d) it-trasmissjoni u r-riċevuta tad-data isiru b'mod sikur b'firma elettronika avvanzata jew b'siġill elettroniku avvanzat ta' fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat b'tali mod li jipprekludi l-possibbiltà li d-data tinbidel mingħajr ma dan jiġi skopert;

(e) kwalunkwe bidla fid-data meħtieġa għall-fini tat-trasmissjoni jew ir-riċevuta tad-data hija indikata b'mod ċar lill-emittent u lid-destinatarju tad-data;

(f) id-data u l-ħin tat-trasmissjoni, ir-riċevuta u kwalunkwe bidla tad-data huma indikati b'timbru tal-ħin elettroniku kwalifikat.

Fil-każ li d-data tiġi trasferita bejn żewġ fornituri kwalifikati ta' servizzi fiduċjarji jew aktar, ir-rekwiżiti fil-punti (a) sa (f) għandhom japplikaw għall-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati kollha.

2. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tistabbilixxi numri ta' referenza ta' standards għal proċessi ta' trasmissjoni u riċevuta ta' data. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 meta l-proċess għat-trasmissjoni u r-riċevuta tad-data jkun jissodisfa dawk l-istandards. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

TAQSIMA 8

***Awtentikazzjoni ta' sit elettroniku***

*Artikolu 45*

**Rekwiżiti għaċ-ċertifikati kwalifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi**

1. Iċ-ċertifikati kwalifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV.

2. Il-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tista' tistabbilixxi numri ta' referenza ta' standards għal ċertifikati kwalifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi. Għandu jitqies li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness IV meta ċertifikat kwalifikat għall-awtentikazzjoni ta' sit elettroniku jkun jissodisfa dawk l-istandards. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 48(2).

KAPITOLU IV

**DOKUMENTI ELETTRONIĊI**

*Artikolu 46*

**Effetti legali ta' dokumenti elettroniċi**

Dokument elettroniku ma għandux jiġi miċħud effett legali u ammissibilità bħala evidenza fi proċeduri legali għas-sempliċi raġuni li jkun f'forma elettronika.

KAPITOLU V

**DELEGA TA' SETGĦA U DISPOŻIZZJONIJIET TA' IMPLIMENTAZZJONI**

*Artikolu 47*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 30(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu indeterminat li jibda mis-17 ta' Settembru 2014.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 30(4) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 30(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni jew mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Il-perijodu għandu jkun estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 48*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 49*

**Rieżami**

Il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar mill-1 ta' Lulju 2020. Il-Kummissjoni għandha tevalwa b'mod partikolari jekk huwiex opportun li timmodifika l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jew id-dispożizzjonijiet speċifiċi tiegħu, inklużi l-Artikolu 6, il-punt (f) tal-Artikolu 7 u l-Artikoli 34, 43, 44 u 45, filwaqt li tikkunsidra l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi, tas-suq u dawk legali.

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel paragrafu għandu jkun akkumpanjat, fejn adatt, minn proposti leġislattivi.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill kull erba' snin wara r-rapport imsemmi fl-ewwel paragrafu dwar il-progress lejn il-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 50*

**Tħassir**

1. Id-Direttiva 1999/93/KE hija mħassra b'effett mill-1 ta' Lulju 2016.

2. Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 51*

**Miżuri transitorji**

1. Apparat sigur għall-ħolqien ta' firem li l-konformità tiegħu tkun ġiet determinata f'konformità mal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 1999/93/KE għandu jitqies bħala apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi skont dan ir-Regolament.

2. Ċertifikati kwalifikati maħruġa lil persuni fiżiċi skont id-Direttiva 1999/93/KE għandhom jitqiesu bħala ċertifikati kwalifikati għal firem elettroniċi skont dan ir-Regolament sakemm jiskadu.

3. Fornitur ta' servizz ta' ċertifikazzjoni li joħroġ ċertifikati kwalifikati skont id-Direttiva 1999/93/KE għandu jippreżenta rapport dwar il-valutazzjoni tal-konformità lill-korp superviżorju mill-aktar fis possibbli iżda mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2017. Sal-preżentazzjoni ta' tali rapport dwar il- valutazzjoni tal-konformità u t-tlestija tal-valutazzjoni tiegħu mill-korp superviżorju, dak il-fornitur ta' servizz ta' ċertifikazzjoni għandu jitqies bħala fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat skont dan ir-Regolament.

4. Jekk fornitur ta' servizz ta' ċertifikazzjoni li joħroġ ċertifikati kwalifikati skont id-Direttiva 1999/93/KE ma jippreżentax rapport dwar il-valutazzjoni tal-konformità lill-korp superviżorju sal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 3, dak il-fornitur ta' servizz ta' ċertifikazzjoni ma għandux jitqies bħala fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat skont dan ir-Regolament mit-2 ta' Lulju 2017.

*Artikolu 52*

**Dħul fis-seħħ**

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2016, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli li ġejjin:

(a) l-Artikoli 8(3), 9(5), 12(2) sa (9), 17(8), 19(4), 20(4), 21(4), 22(5), 23(3), 24(5), 27(4) u (5), 28(6), 29(2), 30(3) u (4), 31(3), 32(3), 33(2), 34(2), 37(4) u (5), 38(6), 42(2), 44(2), 45(2) u l-Artikoli 47 u 48 għandhom japplikaw mis-17 ta' Settembru 2014;

(b) l-Artikolu 7, l-Artikolu 8(1) u (2), l-Artikoli 9, 10, 11 u l-Artikolu 12(1), għandhom japplikaw mid-data tal-applikazzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 8(3) u 12(8);

(c) l-Artikolu 6 għandu japplika wara tliet snin mid-data tal-applikazzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 8(3) u 12(8).

3. Meta l-iskema ta' identifikazzjoni elettronika notifikata tkun inkluża fil-lista ppubblikata mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 9 qabel id-data msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, ir-rikonoxximent tal-identifikazzjoni elettronika taħt dik l-iskema f'konformità mal-Artikolu 6 għandu jsir mhux aktar tard minn 12-il xahar wara l-pubblikazzjoni ta' dik l-iskema iżda mhux qabel id-data msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Minkejja l-punt (c) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, Stat Membru jista' jiddeċiedi li l-mezzi ta' identifikazzjoni elettronika taħt skema ta' identifikazzjoni elettronika notifikata f'konformità mal-Artikolu 9(1) minn Stat Membru ieħor jiġu rikonoxxuti fl-ewwel Stat Membru mid-data ta' applikazzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikoli 8(3) u 12(8). L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħmel din l-informazzjoni pubblika.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

| *Għall-Parlament* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | S. GOZI |

*ANNESS I*

**REKWIŻITI GĦAĊ-ĊERTIFIKATI KWALIFIKATI GĦALL-FIREM ELETTRONIĊI**

Iċ-ċertifikati kwalifikati għall-firem elettroniċi għandu jkun fihom:

(a) indikazzjoni, tal-anqas f'forma adegwata għall-ipproċessar awtomatizzat, li ċ-ċertifikat ikun inħareġ bħala ċertifikat kwalifikat għall-firma elettronika;

(b) sett ta' data li jirrappreżenta mingħajr ambigwità l-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat li joħroġ ċertifikati kwalifikati inkluż tal-anqas, l-Istat Membru li fih il-fornitur ikun stabbilit u

— għal persuna ġuridika: l-isem u, fejn applikabbli, in-numru ta' reġistrazzjoni kif jidhru fir-rekords uffiċjali,

— għal persuna fiżika: l-isem tal-persuna;

(c) tal-anqas l-isem tal-firmatarju, jew psewdonimu; Jekk jintuża psewdonimu, dan għandu jiġi indikat b'mod ċar;

(d) data ta' validazzjoni tal-firma elettronika li tikkorrispondi mad-data tal-ħolqien ta' firma elettronika;

(e) dettalji tal-bidu u t-tmiem tal-perijodu ta' validità taċ-ċertifikat;

(f) il-kodiċi tal-identità taċ-ċertifikat, li għandu jkun uniku għall-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat;

(g) il-firma elettronika avvanzata jew is-siġill elettroniku avvanzat tal-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat li qed joħorġu;

(h) il-post fejn iċ-ċertifikat li jappoġġa l-firma elettronika avvanzata jew is-siġill elettroniku avvanzat imsemmi fil-punt (g) ikun disponibbli mingħajr ħlas;

(i) il-post tas-servizzi li jistgħu jintużaw biex wieħed jindaga dwar l-istatus ta' validità taċ-ċertifikat kwalifikat;

(j) meta d-data tal-ħolqien ta' firem elettroniċi relatata mad-data ta' validazzjoni tal-firem elettroniċi tkun tinsab f'apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi, indikazzjoni adatta ta' dan, tal-inqas f'forma adegwata għall-ipproċessar awtomatizzat.

*ANNESS II*

**REKWIŻITI GĦAL APPARAT KWALIFIKAT GĦALL-ĦOLQIEN TA' FIREM ELETTRONIĊI**

1. Apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi għandu jiżgura, b'mezzi tekniċi u proċedurali adatti, li tal-anqas:

   (a) tkun żgurata raġonevolment il-kunfidenzjalità tad-data tal-ħolqien ta' firem elettroniċi użata għall-ħolqien ta' firem elettroniċi;

   (b) id-data tal-ħolqien ta' firem użata għall-ħolqien ta' firem elettroniċi tkun tista' sseħħ prattikament darba biss;

   (c) id-data tal-ħolqien ta' firem elettroniċi użata għall-ħolqien ta' firem elettroniċi ma tistax, bi żgurar raġonevoli, tinkiseb u l-firma elettronika tkun protetta b'mod affidabbli kontra l-falsifikazzjoni bl-użu ta' teknoloġija disponibbli attwalment;

   (d) id-data tal-ħolqien ta' firem elettroniċi użata għall-ħolqien ta' firem elettroniċi tista' tkun protetta b'mod affidabbli mill-firmatarju leġittimu kontra l-użu minn persuni oħrajn.

2. Apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' firem elettroniċi ma għandux ibiddel id-data li għandha tiġi ffirmata jew jipprevjeni data bħal din milli tiġi ppreżentata lill-firmatarju qabel il-proċess tal-firma.

3. Il-ġenerazzjoni jew il-ġestjoni tad-data tal-ħolqien ta' firem elettroniċi f'isem il-firmatarju tista' ssir biss minn fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat.

4. Mingħajr preġudizzju għall-punt (d) tal-paragrafu 1, il-fornituri ta' servizzi fiduċjarji kwalifikati li jiġġestixxu data tal-ħolqien ta' firem elettroniċi f'isem il-firmatarju jistgħu jidduplikaw id-data tal-ħolqien ta' firem elettroniċi għal skopijiet ta' riżerva biss dment li jiġu sodisfatti r-rekwiżiti li ġejjin:

   (a) is-sigurtà tas-settijiet tad-data duplikati għandha tkun tal-istess livell bħal dik għas-settijiet tad-data oriġinali;

   (b) in-numru ta' settijiet tad-data duplikati ma għandux jaqbeż il-minimu meħtieġ biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz.

*ANNESS III*

**REKWIŻITI GĦAĊ-ĊERTIFIKATI KWALIFIKATI GĦAS-SIĠILLI ELETTRONIĊI**

Iċ-ċertifikati kwalifikati għas-siġilli elettroniċi għandu jkun fihom:

(a) indikazzjoni, tal-anqas f'forma adegwata għall-ipproċessar awtomatizzat, li ċ-ċertifikat ikun inħareġ bħala ċertifikat kwalifikat għas-siġill elettroniku;

(b) sett ta' data li jirrappreżenta mingħajr ambigwità l-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat li joħroġ ċertifikati kwalifikati inkluż tal-anqas, l-Istat Membru li fih il-fornitur ikun stabbilit u

— għal persuna ġuridika: l-isem u, fejn applikabbli, in-numru ta' reġistrazzjoni kif jidhru fir-rekords uffiċjali,

— għal persuna fiżika: l-isem tal-persuna;

(c) tal-anqas l-isem tal-kreatur tas-siġill u, fejn applikabbli, in-numru ta' reġistrazzjoni kif jidhru fir-rekords uffiċjali;

(d) data ta' validazzjoni tas-siġill elettroniku, li tkun tikkorrispondi mad-data tal-ħolqien ta' siġill elettroniku;

(e) dettalji tal-bidu u t-tmiem tal-perijodu ta' validità taċ-ċertifikat;

(f) il-kodiċi tal-identità taċ-ċertifika,t li għandu jkun uniku għall-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat;

(g) il-firma elettronika avvanzata jew is-siġill elettroniku avvanzat tal-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat li qed joħorġu;

(h) il-post fejn iċ-ċertifikat li jappoġġa l-firma elettronika avvanzata jew is-siġill elettroniku avvanzat imsemmi fil-punt (g) ikun disponibbli mingħajr ħlas;

(i) il-post tas-servizzi li jistgħu jintużaw biex wieħed jindaga dwar l-istatus ta' validità taċ-ċertifikat kwalifikat;

(j) meta d-data tal-ħolqien ta' siġill elettroniku relatata mad-data ta' validazzjoni tas-siġill elettroniku tkun tinsab f'apparat kwalifikat għall-ħolqien ta' siġilli elettroniċi, indikazzjoni adatta ta' dan, tal-anqas f'forma adegwata għall-ipproċessar awtomatizzat.

*ANNESS IV*

**REKWIŻITI GĦAĊ-ĊERTIFIKATI KWALIFIKATI GĦALL-AWTENTIKAZZJONI TA' SITI ELETTRONIĊI**

Iċ-ċertifikati kwalifikati għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi għandu jkun fihom:

(a) indikazzjoni, tal-anqas f'forma adegwata għall-ipproċessar awtomatizzat, li ċ-ċertifikat ikun inħareġ bħala ċertifikat kwalifikat għall-awtentikazzjoni ta' siti elettroniċi;

(b) sett ta' data li jirrappreżenta mingħajr ambigwità l-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat li joħroġ ċertifikati kwalifikati inkluż tal-anqas, l-Istat Membru li fih il-fornitur ikun stabbilit u

— għal persuna ġuridika: l-isem u, fejn applikabbli, in-numru ta' reġistrazzjoni kif jidhru fir-rekords uffiċjali,

— għal persuna fiżika: l-isem tal-persuna;

(c) għal persuni fiżiċi: tal-inqas l-isem tal-persuna li lilha jkun inħareġ iċ-ċertifikat, jew psewdonimu. Jekk jintuża psewdonimu, dan għandu jiġi indikat b'mod ċar;

għal persuni ġuridiċi: tal-inqas l-isem tal-persuna ġuridika li lilha jkun inħareġ iċ-ċertifikat u, fejn applikabbli, in-numru ta' reġistrazzjoni kif jidhru fir-rekords uffiċjali;

(d) elementi tal-indirizz, inkluż tal-inqas il-belt u l-Istat, tal-persuna fiżika jew ġuridika li lilha jkun inħareġ iċ-ċertifikat u, fejn applikabbli, kif jidhru fir-rekords uffiċjali;

(e) l-isem/ismijiet tad-dominju mħaddma mill-persuna fiżika jew ġuridika li lilha jkun inħareġ iċ-ċertifikat;

(f) dettalji tal-bidu u t-tmiem tal-perijodu ta' validità taċ-ċertifikat;

(g) il-kodiċi tal-identità taċ-ċertifikat, li għandu jkun uniku għall-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat;

(h) il-firma elettronika avvanzata jew is-siġill elettroniku avvanzat tal-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat li qed joħorġu;

(i) il-post fejn iċ-ċertifikat li jappoġġa l-firma elettronika avvanzata jew is-siġill elettroniku avvanzat imsemmi fil-punt (h) ikun disponibbli mingħajr ħlas;

(j) il-post tas-servizzi dwar l-istatus ta' validità taċ-ċertifikat li jistgħu jintużaw biex wieħed jindaga dwar l-istatus ta' validità taċ-ċertifikat kwalifikat.

**REGOLAMENT (UE) Nru 911/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-23 ta' Lulju 2014**

**dwar finanzjament pluriennali għall-azzjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) stabbilixxa Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ("l-Aġenzija") sabiex ikun żgurat livell għoli, uniformi u effettiv ta' sikurezza marittima u ta' prevenzjoni ta' tniġġis mill-vapuri.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 724/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), li emenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002, assenja lill-Aġenzija kompiti ġodda fl-oqsma tal-prevenzjoni u tar-reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri, wara l-aċċidenti li seħħu f'ilmijiet tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk tat-tankers taż-żejt "Erika" u "Prestige".

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 100/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002, assenja lill-Aġenzija kompiti fir-rigward tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass u estenda s-servizzi tal-Aġenzija għall-Istati li japplikaw għall-adeżjoni mal-Unjoni u għall-pajjiżi sħab tal-Viċinat Ewropew.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 2038/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) stabbilixxa finanzjament pluriennali għall-azzjonijiet tal-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għal tniġġis ikkaġunat minn bastimenti li skada fil-31 ta' Diċembru 2013.

([1]) ĠU C 327, 12.11.2013, p. 108.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 (għadha mhijiex pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014.
([3]) Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).
([4]) Regolament (KE) Nru 724/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 1).
([5]) Regolament (UE) Nru 100/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 30).
([6]) Regolament (KE) Nru 2038/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar finanzjament pluriennali għall-azzjonijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima fil-qasam tar-rispons għal tniġġis ikkaġunat minn bastimenti (ĠU L 394, 30.12.2006, p. 1).

(5) Minħabba l-impatt ekoloġiku potenzjalment devastanti u l-ispejjeż ekonomiċi kbar ħafna tal-inċidenti ta' tniġġis, kif ukoll il-possibbiltà ta' impatt soċjoekonomiku ta' dawn l-inċidenti fuq setturi oħrajn, bħat-turiżmu u s-sajd, l-Aġenzija għandu jkollha l-mezzi suffiċjenti biex tkun tista' twettaq il-kompiti assenjati lilha fir-rigward tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass. Dawk il-kompiti huma importanti fil-prevenzjoni ta' iktar ħsara kemm ta' natura monetarja kif ukoll dik mhux monetarja.

(6) Għall-finijiet li jiġu implimentati l-kompiti ta' prevenzjoni u ta' reazzjoni għat-tniġġis mill-vapuri, fit-22 ta' Ottubru 2004 l-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija adotta Pjan ta' Azzjoni għal stat ta' tħejjija u reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt, li jiddetermina l-attivitajiet tal-Aġenzija b'reazzjoni għat-tniġġis miż-żejt u li huwa maħsub għallaqwa użu tar-riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Aġenzija. Fit-12 ta' Ġunju 2007, il-Bord Amministrattiv adotta Pjan ta' Azzjoni għal Stat ta' Tħejjija u Reazzjoni għat-Tniġġis minn Sustanzi Perikolużi u Ta' Ħsara. Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, iż-żewġ Pjanijiet ta' Azzjoni jiġu aġġornati kull sena permezz ta' programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija.

(7) Għandhom jitqiesu l-ftehimiet eżistenti dwar it-tniġġis aċċidentali, li jiffaċilitaw l-assistenza reċiproka u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dan il-qasam, kif ukoll il-konvenzjonijiet u l-ftehimiet internazzjonali rilevanti għall-ħarsien ta' żoni marittimi Ewropej minn inċidenti ta' tniġġis li jirrikjedu li l-partijiet jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex iħejju u jwieġbu għal inċident ta' tniġġis biż-żejt.

(8) L-azzjoni ta' reazzjoni għat-tniġġis tal-Aġenzija, kif speċifikata fil-pjanijiet ta' azzjoni, hija marbuta ma' attivitajiet fl-oqsma tal-informazzjoni, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni, inkluż fir-rigward ta' tniġġis tal-baħar ikkawżat minn sustanzi perikolużi u ta' ħsara. Fuq kollox, dik l-azzjoni ta' reazzjoni hija marbuta mal-għoti ta' assistenza operazzjonali lill-Istati Membri milquta jew pajjiżi terzi li għandhom baċin tal-baħar reġjonali komuni mal-Unjoni ('Stati affettwati') permezz tal-għoti, fuq talba, ta' bastimenti addizzjonali kontra t-tniġġis biex jiġi miġġieled it-tniġġis biż-żejt ikkawżat mill-bastimenti kif ukoll it-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass. L-Aġenzija għandha tagħti attenzjoni partikolari lil dawk iż-żoni identifikati bħala l-iktar vulnerabbli mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe żona oħra fil-bżonn.

(9) L-attivitajiet tal-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġisgħandhom jikkonformaw mal-arranġamenti eżistenti ta' kooperazzjoni billi jipprovdu għal assistenza reċiproka f'każ ta' inċident ta' tniġġis marittimu. L-Unjoni ngħaqdet ma' organizzazzjonijiet reġjonali varji u qed tħejji għall-adeżjoni ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra.

(10) L-azzjoni tal-Aġenzija għandha tiġi kkoordinata mal-attivitajiet taħt il-ftehimiet bilaterali u reġjonali li għalihom l-Unjoni tkun Parti. Fil-każ ta' inċident ta' tniġġis marittimu, l-Aġenzija għandha tassisti lill-Istat affettwat li taħt l-awtorità tiegħu jitmexxew l-operazzjonijiet ta' tindif.

(11) L-Aġenzija għandu jkollha rwol attiv fiż-żamma u iktar żvilupp tas-Servizz Ewropew ta' Monitoraġġ taż-Żejt bis-Satellita (CleanSeaNet) għas-sorveljanza, l-individwazzjoni bikrija tat-tniġġis u l-identifikazzjoni tal-vapuri jew tal-installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass responsabbli, pereżempju fil-każ ta' rimi ta' żejt minn vapuri u rilaxxi operazzjonali u tixrid aċċidentali minn pjattaformi lil hinn mix-xtut. Dak is-servizz għandu jtejjeb id-disponibbiltà tad-data u l-effikaċja u t-tempestività tar-reazzjoni għat-tniġġis.

(12) Il-mezzi addizzjonali li għandhom jiġu pprovduti mill-Aġenzija lill-Istati affettwati għandhom ikunu disponibbli permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1].

[1] Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

(13) L-informazzjoni relattiva għall-mekkaniżmi ta' reazzjoni għat-tniġġis pubbliċi u privati u għall-kapaċitajiet ta' reazzjonijiet assoċjati fir-reġjuni varji tal-Unjoni għandha tkun disponibbli mill-Istati Membri permezz tas-Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni dwar l-Emerġenzi (CECIS) stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom ([1]), meta disponibbli għal dak il-għan.

(14) Sabiex l-assistenza operazzjonali tal-Aġenzija ssir iktar effiċjenti fid-dawl tal-estenzjoni tal-mandat ta' reazzjoni għat-tniġġis tal-Aġenzija għal pajjiżi terzi li għandhom baċin tal-baħar reġjonali komuni mal-Unjoni, l-Aġenzija għandha tagħmel kull sforz biex theġġeġ lil dawk il-pajjiżi terzi jikkondividu informazzjoni u jikkooperaw fiż-żamma mill-Aġenzija ta' lista ta' mekkaniżmi ta' reazzjoni u l-kapaċitajiet ta' reazzjoni assoċjati.

(15) Sabiex titjieb l-effikaċja tal-attivitajiet ta' reazzjoni għat-tniġġis tal-Aġenzija, l-Istati Membri għandhom jaqsmu mal-Aġenzija l-istudji xjentifiċi li jkunu wettqu dwar l-effetti tas-sustanzi kimiċi użati bħala aġenti dispersivi li jistgħu jkunu rilevanti għal dawk l-attivitajiet.

(16) Sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni tal-pjani ta' azzjoni tagħha, l-Aġenzija għandha tiġi pprovduta b'sistema vijabbli u kosteffiċjenti għall-finanzjament, b'mod partikolari, bl-għoti ta' assistenza operazzjonali lill-Istati affettwati.

(17) Għalhekk għandha tiġi pprovduta sigurtà finanzjarja għall-finanzjament tal-kompiti fdati lill-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis u ta' azzjonijiet oħra assoċjati imsejjsa fuq impenn pluriennali. Id-daqs ta' dak l-impenn pluriennali għandu jirrifletti l-espansjoni tal-ambitu tal-Aġenzija fir-rigward tar-reazzjoni għat-tniġġis, u wkoll il-ħtieġa li l-Aġenzija żżid l-effiċjenza fl-użu tal-fondi allokati lilha, f'kuntest ta' limitazzjonijiet baġitarji. L-ammonti annwali tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għandhom jiġu ddeterminati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont il-proċedura baġitarja annwali. Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-kapaċità tal-Aġenzija li twettaq dmirijietha fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass b'mod effikaċi u kosteffiċjenti.

(18) L-ammonti li għandhom jiġu impenjati għall-finanzjament għar-reazzjoni kontra t-tniġġis għandhom ikopru l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, skont il-qafas finanzjarju pluriennali stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 ([2]) ('il-qafas finanzjarju multiannwali'). Għalhekk għandu jiġi pprovdut pakkett finanzjarju li jkopri l-istess perjodu.

(19) L-appoġġ tal-Aġenzija għall-Istati li japplikaw għall-adeżjoni mal-Unjoni u għall-pajjiżi sħab tal-Viċinat Ewropew għandu jiġi ffinanzjat permezz ta' programmi eżistenti tal-Unjoni għal dawk l-Istati u pajjiżi u għalhekk ma għandux jagħmel parti mill-finanzjament pluriennali tal-Aġenzija.

(20) Sabiex ikun hemm allokazzjoni ideali tal-impenji u titqies kwalunkwe bidla li jkollha x'taqsam ma' attivitajiet b'reazzjoni għat-tniġġis ikkawżat minn vapuri, jeħtieġ li jiġi żgurat monitoraġġ kontinwu tal-bżonnijiet partikolari għal azzjoni sabiex ikun hemm lok għal addattament tal-impenji finanzjarji annwali.

(21) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002, l-Aġenzija għandha tirrapporta dwar l-eżekuzzjoni finanzjarja tal-finanzjament pluriennali tal-Aġenzija fir-rapport annwali tagħha.

(22) Huwa xieraq li tiġi żgurata l-kontinwità fl-għajnuna finanzjarja mogħtija permezz tal-azzjoni tal-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u installazzjonijiet taż-żejd u tal-gass, u li l-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi allinjat ma' dak tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014,

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/779/KE, Euratom tat-8 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 314, 1.12.2007, p. 9).
([2]) Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-arranġamenti dettaljati għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ('l-Aġenzija') għall-implimentazzjoni tal-kompiti assenjati lilha fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass, skont l-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002.

2. L-attivitajiet tal-Aġenzija fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis m'għandhomx jeżoneraw lill-Istati tax-xtut mir-responsabbilitajiet li jkollhom fis-seħħ mekkaniżmi xierqa ta' reazzjoni għat-tniġġis.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "żejt" tfisser żejt mhux maħdum fi kwalunkwe forma, inkluż żejt mhux raffinat, żejt kombustibbli, ħama, skart ta' żejt u prodotti raffinati kif stabbilit mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-istat ta' Tħejjija, Reazzjoni u Kooperazzjoni għat-Tniġġis miż-Żejt, 1990, tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI);

(b) "sustanzi perikolużi u ta' ħsara" tfisser kwalunkwe sustanza minbarra ż-żejt li, jekk jiddaħħlu fl-ambjent tal-baħar, li x'aktarx joħolqu perikli għas-saħħa tal-bniedem, jagħmlu ħsara lir-riżorsi ħajjin u lill-ħajja tal-baħar, jagħmlu ħsara lil faċilitajiet jew tinterferixxi ma' użi leġittimi oħra tal-baħar, kif stabbilit mill-Protokoll dwar l-istat ta' Tħejjija, Reazzjoni u Kooperazzjoni għal Inċidenti ta' Tniġġis minn Sustanzi Perikolużi u Ta' Ħsara, 2000, tal-OMI;

(c) "installazzjoni taż-żejt u l-gass" tfisser faċilità stazzjonarja fissa jew mobbli, jew kumbinazzjoni ta' faċilitajiet, interkonnessi b'mod permanenti permezz ta' pontijiet jew strutturi oħra, użati għall-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass lil hinn mix-xtut jew b'konnessjoni ma' dawk l-operazzjonijiet; 'installazzjoni taż-żejt u gass' tinkludi unitajiet tat-tħaffir mobbli lil hinn mix-xtut biss jekk ikunu stazzjonati f'ilmijiet lil hinn mix-xtut għat-tħaffir, il-produzzjoni jew attivitajiet oħra assoċjati ma' operazzjonijiet taż-żejt jew tal-gass lil hinn mix-xtut, kif ukoll infrastruttura u faċilitajiet użati biex iż-żejt u l-gass jinġiebu l-art jew lejn terminals fuq l-art.

*Artikolu 3*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tiġi allokata lill-Aġenzija bl-għan li tiffinanzja l-azzjonijiet fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass kif imsemmija fil-pjan iddettaljat stabbilit skont il-punt (k) tal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, b'mod partikolari dawk relatati ma':

(a) assistenza operazzjonali u appoġġ b'mezzi addizzjonali, bħal vapuri kontra t-tniġġis lesti biex jintużaw, xbiehat bis-satellita u tagħmir tas-satellita, ta' azzjonijiet ta' reazzjoni għat-tniġġis, fuq talba tal-Istati milquta, skont il-punt (d) tal-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 fil-każ ta' tniġġis tal-baħar aċċidentali jew intenzjonali kkawżat minn vapuri jew installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass;

(b) kooperazzjoni u koordinazzjoni u l-forniment lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni ta' assistenza teknika u xjentifika fil-qafas tal-attivitajiet rilevanti tal-Mekkaniżmu tal-Uunjoni tal-Protezzjoni Ċivili, tal-OMI u tal-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti;

(c) informazzjoni, b'mod partikolari l-ġbir, l-analiżi u t-tixrid tal-aqwa prattiki, tal-għarfien espert, tat-tekniki u l-innovazzjonijiet fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar minn vapuri u installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

*Artikolu 4*

**Finanzjament tal-Unjoni**

1. Fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali, l-Aġenzija għandha tingħata l-approprjazzjonijiet meħtieġa biex taqdi dmirijietha fil-qasam tar-reazzjoni għat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass b'mod effettiv u kosteffiċjenti.

2. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 3 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 għandu jkun ta' EUR 160 500 000 espress fi prezzijiet attwali.

3. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu ddeterminati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali. F'dan ir-rigward, għandu jiġi ggarantit il-finanzjament meħtieġ tal-assistenza operazzjonali lill-Istati Membri skont il-punt (a) tal-Artikolu 3.

*Artikolu 5*

**Monitoraġġ ta' kapaċitajiet eżistenti**

1. Sabiex jiġu ddefiniti r-rekwiżiti għal, u tiżdied l-effiċjenza ta', l-għoti ta' assistenza operazzjonali mill-Aġenzija, pereżempju fil-forma ta' bastimenti kontra t-tniġġis minbarra l-kapaċitajiet tal-Istati Membri, l-Aġenzija għandha żżomm lista tal-mekkaniżmi pubbliċi u, fejn disponibbli, dawk privati ta' reazzjoni għat-tniġġis u kapaċitajiet ta' reazzjoni assoċjati fir-reġjuni varji tal-Unjoni.

2. L-Aġenzija għandha żżomm dik il-lista abbażi tal-informazzjoni li għandha tingħata mill-Istati Membri. Fiż-żamma ta' dik il-lista, l-Aġenzija għandu jkollha l-għan li tikseb informazzjoni dwar il-mekkaniżmi ta' reazzjoni għat-tniġġis u l-kapaċitajiet ta' reazzjoni assoċjati minn pajjiżi terzi li għandhom baċir tal-baħar reġjonali komuni mal-Unjoni.

3. Il-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija għandu jqis dik il-lista u informazzjoni xierqa oħra rilevanti għall-objettivi tar-reazzjoni għat-tniġġis stabbiliti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1406/2002, bħal dik li tinsab fil-valutazzjonijiet tar-riskju u l-istudji xjentifiċi dwar l-effetti tas-sustanzi kimiċi użati bħala aġenti dispersivi, qabel ma jiddeċiedi dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija ta' reazzjoni għat-tniġġis fil-qafas tal-programmi ta' ħidma annwali tal-Aġenzija. F'dan il-kuntest, l-Aġenzija għandha tagħti attenzjoni partikolari lil dawk iż-żoni identifikati bħala l-iktar vulnerabbli, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe żona oħra fil-bżonn.

*Artikolu 6*

**Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jiżguraw li, meta l-azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament jiġu implimentati, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, l-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli u ispezzjonijiet effettivi u, fejn jinstabu xi irregolaritajiet, bl-irkupru ta' kwalunkwe ammont imħallas mhux kif dovut u billi jimponu penali effettivi, proporzjonali u dissważivi, skont ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 ([1]) u (Euratom, KE) Nru 2185/96 ([2]), u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).
([2]) Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).
([3]) Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilltal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

2. Għall-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati taħt dan ir-Regolament, il-kunċett ta' irregolarità msemmi fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandu jfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni jew kwalunkwe ksur ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku, li għandu, jew ikollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jew baġits fejn il-ġestjoni tkun f'idejn l-Unjoni, minħabba partita ta' nfiq mhux ġustifikat.

3. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom, kull waħda fl-isfera tal-kompetenza rispettiva tagħha, jiżguraw li jinkiseb l-aqwa valur meta mqabbel mal-ammont minfuq fil-finanzjament ta' azzjonijiet tal-Unjoni taħt dan ir-Regolament.

*Artikolu 7*

**Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu**

1. Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha tressaq quddiem il-Parlament Ewropew u quddiem il-Kunsill, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Aġenzija, rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2017. Dak ir-rapport, li għandu jiġi stabbilit mingħajr preġudizzju għar-rwol tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija, għandu jistipula r-riżultati tal-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 4 fir-rigward tal-impenji u n-nefqa li jkopru l-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2016.

2. F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tippreżenta evalwazzjoni tal-kapaċità tal-Aġenzija biex taqdi dmirijietha b'mod effettiv u kosteffiċjenti. Għall-perjodu 2018-2020, abbażi tal-evalwazzjoni u l-eżami tal-ħtieġa li l-Aġenzija twettaq il-kompiti assenjati lilha, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun meħtieġ, tipproponi aġġustament xieraq, sa massimu ta' 8 %, tal-pakkett finanzjarju pluriennali allokat lill-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 3. L-aġġustament possibbli għandu jibqa' fil-limiti tal-qafas finanzjarju pluriennali u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri baġitarji annwali jew għar-rieżami li jmiss tal-qafas finanzjarju pluriennali.

3. Dak ir-rapport għandu jkun fih informazzjoni dwar l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi, ekoloġiċi u finanzjarji, jekk disponibbli, tal-istat ta' thejjija għar-reazzjoni tal-Aġenzija fir-rigward tat-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u installazzjonijiet taż-żejt u tal-gass.

4. Barra minn hekk, abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummisjoni tista', jekk ikun il-każ, tipproponi emendi għal dan ir-Regolament, b'mod partikolari sabiex jitqies il-progress xjentifiku fil-qasam tal-ġlieda kontra t-tniġġis tal-baħar ikkawżat minn vapuri u minn installazzjonijet taż-żejt u tal-gass, inkluż fir-rigward tat-tniġġis ikkawżat minn sustanzi perikolużi u ta' ħsara, kif ukoll it-tibdil rilevanti għall-istrumenti, li jistabbilixxu organizzazzjonijiet reġjonali, li l-attivitajiet tagħhom ikunu koperti mill-attivitajiet tal-Aġenzija fir-rigward tar-reazzjoni għat-tniġġis u li għalihom tkun aċċediet l-Unjoni.

*Artikolu 8*

**Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | S. GOZI |

# REGOLAMENT (UE) Nru 912/2014 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-23 ta' Lulju 2014

## li jistabbilixxi qafas għall-ġestjoni tar-responsabbiltà finanzjarja marbuta mat-tribunali għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat stabbiliti permezz ta' ftehimiet internazzjonali li għalihom l-Unjoni Ewropea hija Parti

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [1],

Billi:

(1) Bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, l-investiment barrani dirett huwa inkluż fil-lista tas-suġġetti li jagħmlu parti mill-politika kummerċjali komuni. Skont il-punt (e) tal-Artikolu 3(1)(e) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva fir-rigward tal-politika kummerċjali komuni u tista' tkun Parti għal ftehimiet internazzjonali li jkopru dispożizzjonijiet dwar investiment barrani dirett.

(2) Il-ftehimiet li jipprovdu għal protezzjoni għall-investimenti jistgħu jinkludu mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat, li jippermetti li investitur minn pajjiż terz jagħmel talba kontra stat li fih ikun għamel investiment. Is-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat tista' tirriżulta f'aġġudikazzjonijiet ta' kumpens monetarju. Barra minn hekk, huwa inevitabbli li fi kwalunkwe każ bħal dan jiġġarrbu spejjeż sinifikanti għall-amministrazzjoni tal-arbitraġġ kif ukoll spejjeż relatati mad-difiża ta' każ.

(3) Ir-responsabbiltà internazzjonali għat-trattament soġġett għas-soluzzjoni tat-tilwim issegwi it-tqassim tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Bħala konsegwenza, l-Unjoni ser tkun fil-prinċipju responsabbli għad-difiża ta' kwalunkwe talba li tallega vjolazzjoni tar-regoli inklużi fi ftehim li jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni, irrispettivament minn jekk it-trattament ikkonċernat ingħatax mill-Unjoni nnifisha jew minn Stat Membru.

(4) Il-ftehimiet tal-Unjoni għandhom jagħtu lill-investituri barranin l-istess livell għoli ta' protezzjoni bħad-dritt tal-Unjoni u l-prinċipji ġenerali komuni għal-liġijiet tal-Istati Membri lill-investituri li ġejjin mill-Unjoni, iżda mhux livell ogħla ta' protezzjoni. Il-ftehimiet tal-Unjoni għandhom jiżguraw li s-setgħat leġislattivi u d-dritt tal-Unjoni li tirregola jiġu rispettati u salvagwardjati.

(5) Fejn l-Unjoni, bħala entità li għandha personalità ġuridika, ikollha responsabbiltà internazzjonali għat-trattament mogħti, tkun mistennija, bħala kwistjoni ta' liġi internazzjonali, li tħallas kwalunkwe aġġudikazzjoni avversa u l-ispejjeż ta' kwalunkwe tilwim. Madankollu, aġġudikazzjoni avversa tista' tirriżulta potenzjalment jew mit-trattament mogħti mill-Unjoni nnifisha jew mit-trattament mogħti minn Stat Membru. Bħala konsegwenza ma jkunx ekwu jekk l-aġġudikazzjonijiet u l-ispejjeż tal-arbitraġġ ikollhom jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni meta t-trattament ikun ingħata minn Stat Membru, dment li t-trattament inkwistjoni ma jkunx mitlub mid-dritt tal-Unjoni. Għalhekk huwa meħtieġ li r-responsabbiltà finanzjarja tiġi allokata, bħala kwistjoni ta' dritt tal-Unjoni, bejn l-Unjoni nnifisha u l-Istat Membru responsabbli għat-trattament mogħti abbażi tal-kriterji stabbiliti b'dan ir-Regolament.

[1] Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' April 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014.

(6) Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' April 2011 dwar il-politika Ewropea futura ta' investiment internazzjonali, il-Parlament Ewropew sejjaħ espliċitament għall-ħolqien tal-mekkaniżmu previst f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar politika komprensiva ta' investiment internazzjonali Ewropew, il-Kunsill talab lill-Kummissjoni tistudja l-kwistjoni.

(7) Ir-responsabbiltà finanzjarja għandha tiġi allokata lill-entità responsabbli għat-trattament li nstab li huwa inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim. Għalhekk l-Unjoni nnifisha għandha tassumi r-responsabbiltà finanzjarja meta t-trattament ikkonċernat huwa mogħti minn istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni. L-Istat Membru konċernat għandu jassumi r-responsabbiltà finanzjarja meta t-trattament ikkonċernat huwa mogħti minn dak l-Istat Membru. Madankollu, meta Stat Membru jaġixxi b'mod mitlub mid-dritt tal-Unjoni, pereżempju meta jittrasponi direttiva adottata mill-Unjoni, l-Unjoni nnifisha għandha tassumi r-responsabbiltà finanzjarja sa fejn it-trattament ikkonċernat huwa meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni. Dan ir-Regolament jeħtieġ li jipprovdi wkoll għall-possibbiltà ta' każijiet individwali li jikkonċernaw kemm trattament mogħti minn Stat Membru kif ukoll trattament meħtieġ mid-dritt tal-Unjoniu għandha tkopri l-azzjonijiet kollha meħuda mill-Istati Membri u mill-Unjoni. F'tali każ, l-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jassumu r-responsabbiltà finanzjarja għat-trattament speċifiku mogħti minn kwalunkwe wieħed minnhom.

(8) L-Unjoni dejjem għandha taġixxi bħala l-intimat fejn tilwima tikkonċerna esklużivament trattament mogħti mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni, sabiex l-Unjoni tassumi r-responsabbiltà finanzjarja potenzjali li tirriżulta mit-tilwima skont il-kriterji msemmija hawn fuq.

(9) Fejn Stat Membru jkollu jassumi r-responsabbiltà finanzjarja potenzjali li tirriżulta minn tilwima, ikun ekwu u xieraq li tali Stat Membru jaġixxi bħala intimat sabiex jiddefendi t-trattament li jkun ta lill-investitur. L-arranġamenti stipulati f'dan ir-Regolament għandhom l-għan li jiżguraw li l-baġit tal-Unjoni u r-riżorsi mhux finanzjarji tal-Unjoni ma jġorrux il-piż, anke b'mod temporanju, tal-ispejjeż tal-litigazzjoni jew kwalunkwe aġġudikazzjoni kontra l-Istat Membru konċernat.

(10) L-Istati Membri jistgħu, madankollu, jippreferu li l-Unjoni taġixxi bħala l-intimat f'dan it-tip ta' tilwim, pereżempju għal raġunijiet ta' għarfien espert tekniku. L-Istati Membri għandhom, għalhekk, ikollhom il-possibbiltà li jirrifjutaw li jaġixxu bħala l-konvenut, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà finanzjarja tagħhom.

(11) Sabiex jiġi żgurat li l-interessi tal-Unjoni jistgħu jiġu mħarsa b'mod adegwat, huwa essenzjali li, f'ċerti ċirkostanzi eċċezzjonali, l-Unjoni nnifisha taġixxi bħala l-intimat f'tilwim li jinvolvi trattament mogħti minn Stat Membru. Dawk iċ-ċirkostanzi huma limitati għall-każijiet fejn it-tilwim jinvolvi wkoll trattament mogħti mill-Unjoni, fejn jidher li t-trattament mogħti minn Stat Membru huwa mitlub mid-dritt tal-Unjoni u fejnikun qed jiġi kkontestat trattament simili f'talba relatata kontra l-Unjoni fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), fejn ikun ġie stabbilit bord u t-talba tkun tirrigwarda l-istess materja legali speċifika u fejn ikun meħtieġ li tiġi żgurata argumentazzjoni konsistenti fil-każ tad-WTO.

(12) Fejn l-Unjoni taġixxi bħala l-intimat f'każijiet li jinvolvu miżuri ta' Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tmexxi d-difiża tagħha b'mod li jipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Istat Membru konċernat.

(13) Id-deċiżjonijiet dwar jekk l-Unjoni jew Stat Membru għandhomx jaġixxu bħala l-intimat għandhom jittieħdu fil-qafas stipulat f'dan ir-Regolament. Huwa xieraq li l-Kummissjoni tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-mod kif jiġi applikat dan il-qafas.

(14) Dan ir-Regolament għandu jipprovdi għal ċerti arranġamenti prattiċi għat-tmexxija ta' proċedimenti ta' arbitraġġ f'tilwim li jikkonċerna trattament mogħti minn Stat Membru. Dawk l-arranġamenti għandhom jimmiraw għall-aħjar ġestjoni possibbli tat-tilwim filwaqt li jiżguraw konformità mal- obbligu ta' kooperazzjoni leali, imsemmi fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea (TUE) u d-difiża u l-ħarsien tal-interessi tal-Istat Membru konċernat.

(15) Fejn l-Unjoni taġixxi bħala l-intimat, dawn l-arranġamenti għandhom jipprovdu għal kooperazzjoni mill-qrib ħafna inkluża n-notifika immedjata ta' kwalunkwe passi proċedurali sinifikanti, il-forniment ta' dokumenti rilevanti, konsultazzjonijiet frekwenti u parteċipazzjoni fid-delegazzjoni għall-proċedimenti.

(16) Fejn Stat Membru jaġixxi bħala l-intimat, huwa xieraq li, f'konformità mal-obbligu ta' kooperazzjoni leali msemmi fl-Artikolu 4(3) tat-TUE, huwa jżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar l-iżviluppi fil-każ u b'mod partikolari jiżgura n-notifika f'waqtha ta' kwalunkwe passi proċedurali sinifikanti, il-forniment ta' dokumenti rilevanti, konsultazzjonijiet frekwenti u parteċipazzjoni fid-delegazzjoni għall-proċedimenti. Huwa xieraq ukoll li l-Kummissjoni tingħata l-opportunità adegwata biex tidentifika kwalunkwe punt ta' liġi jew kwalunkwe element ieħor ta' interess għall-Unjoni mqajjem mit-tilwim.

(17) Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tal-proċedimenti ta' arbitraġġ, Stat Membru għandu jkun jista' fi kwalunkwe żmien jaċċetta li jkun responsabbli finanzjarjament fil-każ li jrid jitħallas kumpens. F'dak il-każ, l-Istat Membru u l-Kummissjoni għandhom ikunu jistgħu jidħlu f'arranġamenti għall-ħlas perjodiku tal-ispejjeż u għall-ħlas ta' kwalunkwe kumpens. Tali aċċettazzjoni ma timplikax li l-Istat Membru jaċċetta li t-talba tat-tilwim hija raġunata. F'tali każ, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta deċiżjoni li tirrikjedi lill-Istat Membru jagħmel provvediment għal dawn l-ispejjeż. Fil-każ li t-tribunal jaġġudika l-ispejjeż lill-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe ħlas bil-quddiem tal-ispejjeż jiġi rimborżat immedjatament lill-Istat Membru konċernat.

(18) F'ċerti każijiet, jista' jkun xieraq li tintlaħaq soluzzjoni sabiex jiġi evitat arbitraġġ mhux meħtieġ u li jqum ħafna flus. Huwa neċessarju li tiġi stabbilita proċedura biex jintlaħqu soluzzjonijiet bħal dawn. Din il-proċedura għandha tippermetti lill-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami, li ssolvi każ li jinvolvi r-responsabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, fejn dan ikun fl-interessi tal-Unjoni. Fejn il-każ jikkonċerna wkoll trattament mogħti minn Stat Membru, ikun xieraq li l-Unjoni tkun tista' ssolvi tilwim biss jekk is-soluzzjoni ma jkollhiex implikazzjonijiet finanzjarji jew baġitarji għall-Istat Membru konċernat. F'dak il-każ, ikun xieraq li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib u konsultazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat. L-Istat Membru għandu jibqa' liberu li jsolvi l-każ fi kwalunkwe ħin, dment li jaċċetta responsabbiltà finanzjarja sħiħa u li kwalunkwe soluzzjoni bħal din tkun konsistenti mad-dritt tal-Unjoni.

(19) Fejn issir aġġudikazzjoni kontra l-Unjoni, dik l-aġġudikazzjoni għandha titħallas mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha tagħmel arranġamenti għall-ħlas ta' aġġudikazzjonijiet bħal dawn, dment li Stat Membru ma jkunx diġà aċċetta r-responsabbiltà finanzjarja.

(20) Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mill-qrib mal-Istat Membru konċernat sabiex jintlaħaq ftehim dwar it-tqassim tar-responsabbiltà finanzjarja. Fejn il-Kummissjoni tiddetermina li Stat Membru huwa responsabbli, u l-Istat Membru ma jaċċettax dik id-determinazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħallas il-kumpens, iżda għandha tindirizza wkoll deċiżjoni lill-Istat Membru fejn titolbu jipprovdi l-ammonti kkonċernati lill-baġit tal-Unjoni, flimkien mal-imgħax applikabbli. L-imgħax pagabbli għandu jkun dak stipulat skont l-Artikolu 78(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). L-Artikolu 263 tat-TFUE huwa disponibbli fil-każijiet fejn Stat Membru jqis li d-deċiżjoni ma tissodisfax il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

([1]) Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2002 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

(21) Il-baġit tal-Unjoni għandu jipprovdi kopertura tal-infiq li jirriżulta minn ftehimiet li jkopru dispożizzjonijiet dwar investiment dirett barrani li għalih l-Unjoni tkun Parti u li jipprovdu għal soluzzjoni ta' tilwim bejn l-investitur u l-Istat. Fejn l-Istati Membri jkollhom responsabbiltà finanzjarja skont dan ir-Regolament, l-Unjoni għandha tkun f'pożizzjoni li jew takkumula l-kontribuzzjonijiet tal-Istat Membru konċernat l-ewwel qabel l-implimentazzjoni tan-nefqa rilevanti jew timplimenta n-nefqa rilevanti l-ewwel u tiġi rimborżata mill-Istati Membri konċernati wara. L-użu ta' dawn iż-żewġ mekkaniżmi ta' trattament baġitarju għandu jkun possibbli, jiddependi minn xi jkun fattibbli, b'mod partikolari f'termini ta' żmien. Għaż-żewġ mekkaniżmi, il-kontribuzzjonijiet jew ir-rimborżi mħallsa mill-Istat Membru konċernat għandhom ikunu ttrattati bħala dħul intern assenjat tal-baġit tal-Unjoni. L-approprjazzjonijiet li jirriżultaw mid-dħul intern assenjat mhux biss għandhom ikopru n-nefqa rilevanti iżda għandhom ikunu wkoll eliġibbli għar-rikostituzzjoni ta' partijiet oħra tal-baġit tal-Unjoni li kienu pprovdew l-approprjazzjonijiet inizjali biex tiġi implimentata n-nefqa rilevanti skont it-tieni mekkaniżmu.

(22) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.

(23) Is-setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-Artikolu 9(2) u (3), l-Artikolu 13(1), l-Artikolu 14(8), l-Artikolu 15(3) u l-Artikolu 16(3) għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(24) Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet li jipprovdu sabiex l-Unjoni taġixxi bħala l-intimat skont l-Artikolu 9(2), minħabba li huwa neċessarju li l-Unjoni tieħu f'idejha d-difiża f'każijiet bħal dawn, iżda dan xorta għandu jkun soġġett għall-kontroll mill-Istati Membri. Il-proċedura konsultattiva għandha tintuża għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet dwar is-soluzzjoni ta' tilwim skont l-Artikolu 15(3) minħabba li dawk id-deċiżjonijiet ser jkollhom l-aktar impatt temporanju biss fuq il-baġit tal-Unjoni, għaliex l-Istat Membru konċernat ser ikun meħtieġ jieħu kwalunkwe responsabbiltà finanzjarja li tirriżulta mit-tilwim, u minħabba l-kriterji dettaljati stipulati f' dan ir-Regolament għall-aċċettabbiltà ta' soluzzjonijiet bħal dawn,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għat-tqassim tal-kompetenzi stabbilit mit-TFUE, dan ir-Regolament japplika għal soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat imwettqa skont ftehim li għalih l-Unjoni tkun Parti, jew li għalih l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkunu Partijiet, u mibdija minn rikorrent ta' pajjiż terz. B'mod partikolari, l-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma għandhomx jaffettwaw id-delimitazzjoni tal-kompetenzi stabbiliti bit-Trattati, anke fir-rigward tat-trattament mill-Istati Membri jew mill-Unjoni u kkontestat minn rikorrent f'soluzzjoni tat-tilwim bejn investitur u l-Istat skont ftehim.

2. Għal finijiet ta' informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tippubblika *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u żżomm aġġornata lista tal-ftehimiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "ftehim" tfisser kwalunkwe ftehim internazzjonali li jkopri dispożizzjonijiet dwar l-investiment dirett barrani li għalih l-Unjoni tkun Parti, jew li għalih l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkunu Partijiet, u li jipprovdi għas-soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat;

([1]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(b) “spejjeż li jirriżultaw mill-arbitraġġ” tfisser it-tariffi u l-ispejjeż tat-tribunal tal-arbitraġġ u tal-istituzzjoni tal-arbitraġġ, u l-ispejjeż tar-rappreżentanza u spejjeż aġġudikati lir-rikorrent mit-tribunal tal-arbitraġġ, bħal spejjeż tat-traduzzjoni, spejjeż ta’ analiżi legali u ekonomika u spejjeż rilevanti oħrajn fir-rigward tal-proċedimenti ta’ arbitraġġ;

(c) “tilwima” tfisser talba mressqa minn rikorrent kontra l-Unjoni jew Stat Membru skont ftehim u li dwarha tribunal tal-arbitraġġ jagħti deċiżjoni;

(d) “soluzzjoni tat-tilwim bejn l-investitur u l-Istat” tfisser mekkaniżmu stipulat minn ftehim li permezz tiegħu rikorrent jista’ jibda talba kontra l-Unjoni jew Stat Membru;

(e) “Stat Membru” tfisser wieħed jew aktar mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;

(f) “Stat Membru konċernat” tfisser l-Istat Membru li jkun ta t-trattament li allegatament ikun inkonsistenti mal-ftehim;

(g) “responsabbiltà finanzjarja” tfisser obbligu ta’ ħlas ta’ somma flus aġġudikata minn tribunal tal-arbitraġġ jew miftiehma bħala parti ta’ soluzzjoni u li tinkludi l-ispejjeż li jirriżultaw mill-arbitraġġ;

(h) “soluzzjoni” tfisser kwalunkwe ftehim bejn l-Unjoni jew Stat Membru, jew it-tnejn, minn naħa waħda, u rikorrent, min-naħa l-oħra, fejn ir-rikorrent jaqbel li ma jsegwix it-talba tiegħu fi skambju għall-ħlas ta’ somma ta’ flus jew għal azzjoni li ma tkunx il-ħlas ta’ flus, anke fejn is-soluzzjoni tkun irreġistrata f’aġġudikazzjoni ta’ tribunal tal-arbitraġġ;

(i) “tribunal tal-arbitraġġ” tfisser kwalunkwe persuna jew korp maħtur taħt ftehim biex jiddeċiedi dwar tilwim bejn investitur u l-Istat;

(j) “rikorrent” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tista’ tressaq talba għal soluzzjoni ta’ tilwim bejn investitur u l-Istat skont ftehim jew kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li lilha ġew assenjati legalment it-talbiet tar-rikorrent taħt il-ftehim;

(k) “id-dritt tal-Unjoni” tfisser it-TFUE u t-TUE, kif ukoll kwalunkwe att legali tal-Unjoni msemmi fit-tieni, tielet u raba’ paragrafi tal-Artikolu 288TFUE u kwalunkwe ftehim internazzjonali li għalih l-Unjoni tkun Parti jew li għalih l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkunu Partijiet; għall-finijiet biss ta’ dan ir-Regolament, “id-dritt tal-Unjoni” ma għandhiex tfisser id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investiment fil-ftehim;

(l) “meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni” tirriferi għal trattament fejn l-Istat Membru konċernat seta’ biss jevita l-allegat ksur tal-ftehim billi ma josservax obbligu taħt id-dritt tal-Unjoni bħal fejn ma jkollu l-ebda diskrezzjoni jew marġini ta’ apprezzament fir-rigward tar-riżultat li għandu jinkiseb.

KAPITOLU II

**TQASSIM TAR-RESPONSABBILTÀ FINANZJARJA**

*Artikolu 3*

**Kriterji tat-tqassim**

1. Ir-responsabbiltà finanzjarja li tirriżulta minn tilwim taħt ftehim għandha titqassam skont il-kriterji li ġejjin:

(a) l-Unjoni għandu jkollha r-responsabbiltà finanzjarja li tirriżulta mit-trattament mogħti mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni;

(b) l-Istat Membru konċernat għandu jassumi r-responsabbiltà finanzjarja li tirriżulta mit-trattament mogħti minn dak l-Istat Membru;

(c) b'eċċezzjoni għall-punt (b), l-Unjoni għandha tassumi r-responsabbiltà finanzjarja li tirriżulta mit-trattament mogħti minn Stat Membru fejn tali trattament kien meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni.

Minkejja l-punt (c) tal-ewwel subparagrafu, fejn l-Istat Membru konċernat ikun meħtieġ jaġixxi skont id-dritt tal-Unjoni sabiex jirrimedja l-inkonsistenza mad-dritt tal-Unjoni ta' att preċedenti, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli finanzjarjament sakemm tali att preċedenti ma kienx meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni.

2. Fejn huwa previst f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tiddetermina r-responsabbiltà finanzjarja tal-Istat Membru konċernat skont il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jiġu infurmati dwar tali deċiżjoni.

3. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istat Membru konċernat għandu jassumi r-responsabbiltà finanzjarja fejn:

(a) huwa jkun aċċetta r-responsabbiltà finanzjarja potenzjali skont l-Artikolu 12; jew

(b) huwa jidħol għal soluzzjoni, skont l-Artikolu 15.

4. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Unjoni għandha tassumi r-responsabbiltà finanzjarja fejn l-Unjoni taġixxi bħala l-intimat skont l-Artikolu 4.

## KAPITOLU III

## TMEXXIJA TA' TILWIM

### *TAQSIMA 1*

### ***Tmexxija ta' tilwim li jikkonċerna trattament mogħti mill-Unjoni***

#### *Artikolu 4*

#### **Trattament mogħti mill-Unjoni**

1. L-Unjoni għandha taġixxi bħala l-intimat fejn it-tilwim ikun jikkonċerna trattament mogħti mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni.

2. Fejn il-Kummissjoni tirċievi talba għal konsultazzjonijiet mingħand rikorrent jew avviż li permezz tiegħu r-rikorrent jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jibda proċedimenti ta' arbitraġġ skont il-ftehim, din għandha tinnotifika minnufih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

### *TAQSIMA 2*

### ***Tmexxija ta' tilwim li jikkonċerna trattament mogħti minn Stat Membru***

#### *Artikolu 5*

#### **Trattament mogħti minn Stat Membru**

Din it-Taqsima għandha tapplika f'tilwim li jikkonċerna, kompletament jew parzjalment, trattament mogħti minn Stat Membru.

*Artikolu 6*

**Kooperazzjoni u konsultazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat**

1. F'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali msemmi fl-Artikolu 4(3) tat-TUE, il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jiddefendu u jipproteġu l-interessi tal-Unjoni u tal-Istat Membru konċernat.

2. Il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat għandhom jagħmlu konsultazzjonijiet dwar il-ġestjoni ta' tilwim skont dan ir-Regolament, filwaqt li jieħdu kont ta' kwalunkwe skadenza stipulata f'dan ir-Regolament u fil-ftehim konċernat, u għandhom jikkondividu ma' xulxin l-informazzjoni fejn tkun rilevanti għat-tmexxija ta' tilwim.

*Artikolu 7*

**Talba għal konsultazzjonijiet**

1. Fejn il-Kummissjoni tirċievi talba għal konsultazzjonijiet minn rikorrent skont ftehim, din għandha tinnotifika minnufih lill-Istat Membru konċernat. Fejn Stat Membru jkun ġie informat dwar jew ikun irċieva talba għal konsultazzjonijiet, dan għandu jinforma lill-Kummissjoni minnufih.

2. Ir-rappreżentanti tal-Istat Membru konċernat u tal-Kummissjoni għandhom jifformaw parti mid-delegazzjoni tal-Unjoni għall-konsultazzjonijiet.

3. L-Istat Membru konċernat u l-Kummissjoni għandhom jipprovdu minnufih lil xulxin l-informazzjoni rilevanti għall-każ.

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bi kwalunkwe talba bħal din għal konsultazzjonijiet.

*Artikolu 8*

**Avviż ta' intenzjoni biex jinbdew proċedimenti ta' arbitraġġ**

1. Fejn il-Kummissjoni tirċievi avviż li permezz tiegħu r-rikorrent jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jibda proċedimenti ta' arbitraġġ, skont ftehim, din għandha tinnotifika minnufih lill-Istat Membru konċernat. Meta rikorrent jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jibda proċedimenti ta' arbitraġġ kontra l-Unjoni jew Stat Membru, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, fi żmien 15-il ġurnata ta' xogħol minn meta tirċievi l-avviż, bl-isem tar-rikorrent, id-dispożizzjonijiet tal-ftehim li tagħhom kien allegat il-ksur, is-settur ekonomiku involut, it-trattament li allegatament kiser il-ftehim u l-ammont ta' kumpens għad-danni mitlub.

2. Fejn Stat Membru jirċievi avviż li permezz tiegħu rikorrent jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jibda proċedimenti ta' arbitraġġ, dan għandu jinnotifika minnufih lill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bi kwalunkwe avviż bħal dan ta' intenzjoni biex jinbdew proċedimenti ta' arbitraġġ.

*Artikolu 9*

**Status ta' intimat**

1. L-Istat Membru konċernat għandu jaġixxi bħala l-intimat ħlief fejn tirriżulta kwalunkwe sitwazzjoni minn dawn li ġejjin:

(a) il-Kummissjoni, wara konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 6 tkun ħadet deċiżjoni skont il-paragrafu 2 jew il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu fi żmien 45 ġurnata minn meta tirċievi l-avviż jew in-notifika msemmija fl-Artikolu 8; jew

(b) l-Istat Membru, wara konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 6, jkun ikkonferma lill-Kummissjoni bil-miktub li ma jkollux l-intenzjoni li jaġixxi bħala l-intimat fi żmien 45 ġurnata minn meta jirċievi l-avviż jew in-notifika msemmija fl-Artikolu 8.

Jekk tirriżulta kwalunkwe sitwazzjoni minn dawk imsemmija fil-punt (a) jew (b), l-Unjoni għandha taġixxi bħala l-intimat.

2. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, abbażi ta' analiżi fattwali li tkun kompleta u bilanċjata u raġunament legali pprovduti lill-Istati Membri, f'konformità mal-proċedura ta' konsultazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(2), li l-Unjoni għandha taġixxi bħala l-intimat fejn tirriżulta waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) l-Unjoni tassumi r-responsabbiltà finanzjarja potenzjali kollha jew tal-anqas parti minnha li tirriżulta mit-tilwim skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3; jew

(b) it-tilwim ikun jikkonċerna wkoll trattament mogħti mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, abbażi ta' analiżi fattwali kompleta u bilanċjata, u raġunament legali pprovduti lill-Istati Membri, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3), li l-Unjoni għandha taġixxi bħala l-intimat meta jkun qed jiġi kkontestat trattament simili f'talba relatata kontra l-Unjoni fid-WTO, fejn ikun ġie stabbilit bord u t-talba tkun tirrigwarda l-istess kwistjoni legali speċifika, u fejn ikun meħtieġ li tiġi żgurata argumentazzjoni konsistenti fil-każ tad-WTO.

4. Filwaqt li taġixxi skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-difiża tal-Unjoni tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Istat Membru konċernat.

5. Il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat għandhom, minnufih wara li jirċievu l-avviż jew in-notifika msemmija fl-Artikolu 8, jidħlu f'konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 6 dwar il-ġestjoni tal-każ skont dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat għandhom jiżguraw li tiġi osservata kwalunkwe skadenza stabbilita fil-ftehim.

6. Meta l-Unjoni taġixxi bħala l-intimat skont il-paragrafi 2 u 5, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istat Membru konċernat dwar kwalunkwe eċċezzjoni jew osservazzjoni qabel ma din tiġi ffinalizzata u ppreżentata. Ir-rappreżentanti tal-Istat Membru konċernat għandhom, fuq talba tal-Istat Membru u bi spejjeż tiegħu, jifformaw parti mid-delegazzjoni tal-Unjoni għal kwalunkwe seduta u l-Kummissjoni għandha tieħu kont debitu tal-interess tal-Istat Membru.

7. Il-Kummissjoni għandha tinforma minnufih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kwalunkwe tilwim li fiha jiġi applikat dan l-Artikolu u l-mod kif qed jiġi applikat.

*Artikolu 10*

**Tmexxija ta' proċedimenti ta' arbitraġġ minn Stat Membru**

1. Fejn Stat Membru jaġixxi bħala l-intimat, fil-fażijiet kollha tat-tilwima, inklużi nullità, appell jew reviżjoni possibbli, l-Istat Membru skont l-Artikolu 6 għandu:

(a) jipprovdi lill-Kummissjoni b'mod f'waqtu dokumenti rilevanti relatati mal-proċedura;

(b) jinforma lill-Kummissjoni b'mod f'waqtu dwar il-passi proċedurali sinifikanti kollha, u fuq talba jidħol f'konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni bil-għan li jieħu kont debitu ta' kwalunkwe punt tal-liġi jew kwalunkwe element ieħor ta' interess għall-Unjoni li jitqajjem mit-tilwim u jiġi identifikat mill-Kummissjoni f'analiżi bil-miktub mhux vinkolanti pprovduta lill-Istat Membru konċernat; u

(c) jippermetti li rappreżentanti tal-Kummissjoni, fuq talba tagħha u bi spejjeż għaliha, jifformaw parti mid-delegazzjoni li tirrappreżenta lill-Istat Membru.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istat Membru dokumenti rilevanti relatati mal-proċedimenti, sabiex tiżgura difiża kemm jista' jkun effettiva.

3. Malli ssir aġġudikazzjoni, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 11*

**Tmexxija ta' proċedimenti ta' arbitraġġ mill-Unjoni**

1. Skont l-Artikolu 6, id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw matul il-proċedimenti kollha ta' arbitraġġ, fejn l-Unjoni taġixxi bħala l-intimat fi kwalunkwe tilwima li fiha l-Istat Membru jkollu l-obbligu li jassumi r-responsabbiltà finanzjarja potenzjali kollha jew parti minnha:

(a) il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri kollha neċessarji biex tiddifendi u tipproteġi l-interessi tal-Istat Membru konċernat;

(b) l-Istat Membru konċernat għandu jipprovdi l-assistenza kollha meħtieġa lill-Kummissjoni;

(c) il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istat Membru konċernat dokumenti rilevanti relatati mal-proċediment, iżżomm lill-Istat Membru informat dwar il-fażijiet proċedurali sinifikanti kollha u tidħol f'konsultazzjonijiet mal-Istat Membru fi kwalunkwe każ meta l-Istat Membru konċernat jitlob dan, sabiex tiżgura difiża kemm jista' jkun effettiva;

(d) il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat għandhom jippreparaw id-difiża f'kooperazzjoni mill-qrib bejniethom; u

(e) id-delegazzjoni tal-Unjoni fil-proċedimenti għandha tkun magħmula mill-Kummissjoni u mir-rappreżentanti tal-Istat Membru konċernat, ħlief meta l-Istat Membru konċernat jinforma lill-Kummissjoni li huwa jkollu l-intenzjoni li ma jiffurmax parti mid-delegazzjoni tal-Unjoni fil-proċedimenti.

2. Il-Kummissjoni għandha tinforma b'mod regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-iżviluppi fil-proċedimenti ta' arbitraġġ imsemmija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 12*

**Aċċettazzjoni mill-Istat Membru konċernat tar-responsabbiltà finanzjarja potenzjali fejn l-Unjoni tkun l-intimat**

Fejn l-Unjoni taġixxi bħala l-intimat fi kwalunkwe tilwima li fiha l-Istat Membru jkollu l-obbligu li jassumi r-responsabbiltà finanzjarja potenzjali kollha jew parti minnha, l-Istat Membru konċernat jista', fi kwalunkwe ħin, jaċċetta kwalunkwe responsabbiltà finanzjarja li tirriżulta mill-arbitraġġ. Għal dan il-għan, l-Istat Membru konċernat u l-Kummissjoni jistgħu jidħlu f'arranġamenti li jittrattaw, inter alia:

(a) mekkaniżmi għall-ħlas perjodiku tal-ispejjeż li jirriżultaw mill-arbitraġġ;

(b) mekkaniżmi għall-ħlas ta' kwalunkwe aġġudikazzjoni li ssir kontra l-Unjoni.

KAPITOLU IV

**SOLUZZJONI TA' TILWIM FEJN L-UNJONI TKUN L-INTIMAT**

*Artikolu 13*

**Soluzzjoni ta' tilwim li jikkonċerna trattament mogħti mill-Unjoni**

1. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li s-soluzzjoni ta' tilwim li jikkonċerna trattament mogħti esklużivament mill-Unjoni tkun fl-interess tal-Unjoni, hija tista' tadotta att ta' implimentazzjoni biex tapprova s-soluzzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).

2. Jekk soluzzjoni tkun potenzjalment tinvolvi azzjoni li ma tkunx il-ħlas ta' somma monetarja, għandhom japplikaw il-proċeduri rilevanti għal tali azzjoni.

*Artikolu 14*

**Soluzzjoni ta' tilwim li jikkonċerna trattament mogħti kompletament jew parzjalment minn Stat Membru fejn l-Unjoni tkun tixtieq issib soluzzjoni**

1. Fejn l-Unjoni tkun l-intimat f'tilwima li tikkonċerna trattament mogħti, kemm jekk kompletament kif ukoll jekk parzjalment, minn Stat Membru, u l-Kummissjoni tikkunsidra li s-soluzzjoni tat-tilwima tkun fl-interessi finanzjarji tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha l-ewwel tikkonsulta lill-Istat Membru konċernat skont l-Artikolu 6. L-Istat Membru wkoll jista' jibda konsultazzjonijiet bħal dawn mal-Kummissjoni.

2. Jekk il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat jaqblu li jsolvu t-tilwima, l-Istat Membru konċernat għandu jfittex li jidħol f'arranġament mal-Kummissjoni li jistabbilixxi l-elementi meħtieġa għan-negozjati u l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni.

3. Fejn l-Unjoni tkun l-intimat f'tilwima li taħtha Stat Membru jiġi attribwit responsabbiltà finanzjarja u fejn ma tkun involuta ebda responsabbiltà finanzjarja tal-Unjoni, huwa biss l-Istat Membru konċernat li jista' jsolvi t-tilwima, skont l-Artikolu 15.

4. Fejn l-Unjoni tkun l-intimat skont il-punt (b) tal-Artikolu 9(1), il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjonijiet skont l-Artikolu 6(1), tiddeċiedi li ssolvi t-tilwima fejn is-soluzzjoni tkun fl-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Meta tiddeċiedi dan, il-Kummissjoni għandha tipprovdi analiżi fattwali kompleta u bilanċjata u raġunament legali li juru l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

5. Fejn l-Unjoni tkun l-intimat f'tilwima skont l-Artikolu 9(2) li tinvolvi biss ir-responsabbiltà finanzjarja tal-Unjoni u fejn ma tkun involuta ebda responsabbiltà finanzjarja ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ssolvi t-tilwima.

6. Fejn l-Unjoni tkun l-intimat f'tilwima skont l-Artikolu 9(2) li tinvolvi r-responsabbiltà finanzjarja tal-Unjoni u ta' Stat Membru, il-Kummissjoni ma tistax issolvi t-tilwima mingħajr il-qbil tal-Istat Membru konċernat. L-Istat Membru konċernat jista' jippreżenta analiżi kompleta tal-impatt tas-soluzzjoni proposta fuq l-interessi finanzjarji tiegħu. Fejn l-Istat Membru ma jaqbilx li tissolva t-tilwima, il-Kummissjoni tista' madankollu tiddeċiedi li ssolviha dment li tali soluzzjoni ma jkollha ebda implikazzjoni finanzjarja jew baġitarja għall-Istat Membru konċernat abbażi ta' analiżi fattwali kompleta u bilanċjata u raġunament legali, li jieħdu kont tal-analiżi tal-Istat Membru u juru l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-Istat Membru konċernat. F'dak il-każ l-Artikolu 19 ma għandux japplika.

7. It-termini tas-soluzzjoni taħt il-paragrafi 4, 5 u 6 ma għandhomx jinkludu azzjonijiet min-naħa tal-Istat Membru konċernat ħlief il-ħlas ta' somma monetarja.

8. Kwalunkwe soluzzjoni taħt dan l-Artikolu għandha tkun soġġetta għal approvazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-att ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).

*Artikolu 15*

**Soluzzjoni ta' tilwim li jikkonċerna trattament mogħti esklużivament minn Stat Membru fejn l-Istat Membru jkun jixtieq isib soluzzjoni**

1. Fejn l-Unjoni tkun l-intimat f'tilwima li tikkonċerna esklużivament trattament mogħti minn Stat Membru, l-Istat Membru konċernat jista' jipproponi li tissolva t-tilwima fejn:

(a) l-Istat Membru konċernat jaċċetta kwalunkwe responsabbiltà finanzjarja potenzjali li tirriżulta mis-soluzzjoni;

(b) kwalunkwe arranġament ta' soluzzjoni jkun eżegwibbli biss kontra l-Istat Membru konċernat; u

(c) it-termini tas-soluzzjoni jkunu kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat għandhom jidħlu f'konsultazzjonijiet biex jevalwaw l-intenzjoni ta' Stat Membru li jsolvi tilwima.

3. L-Istat Membru konċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-arranġament tas-soluzzjoni. Il-Kummissjoni għandha titqies li aċċettat l-abbozz ta' arranġament ta' soluzzjoni sakemm, fi żmien 90 ġurnata wara n-notifika tal-abbozz ta' soluzzjoni mill-Istat Membru, hija ma tiddeċidix mod ieħor permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 22(2), għar-raġuni li l-abbozz ta' soluzzjoni ma jissodisfax il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Meta l-abbozz ta' soluzzjoni jiġi aċċettat, il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa biex jitwettqu l-arranġamenti ta' soluzzjoni.

*Artikolu 16*

**Soluzzjoni ta' tilwim li jikkonċerna trattament mogħti parzjalment minn Stat Membru fejn dak l-Istat Membru jkun jixtieq isib soluzzjoni**

1. Fejn l-Unjoni tkun l-intimat f'tilwima li tikkonċerna trattament mogħti parzjalment minn Stat Membru, u l-Istat Membru jikkunsidra li s-soluzzjoni tat-tilwima tkun fl-interessi finanzjarji tiegħu, huwa għandu l-ewwel jikkonsulta lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 6.

2. Jekk il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat jaqblu li jsolvu t-tilwima, l-Istat Membru konċernat għandu jfittex li jidħol f'arranġament mal-Kummissjoni li jistabbilixxi l-elementi meħtieġa għan-negozjar u l-implimentazzjoni tas-soluzzjoni.

3. Fil-każ li l-Kummissjoni ma tagħtix il-kunsens biex tissolva t-tilwima, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tirrifjuta li tasal għal soluzzjoni, abbażi ta' analiżi fattwali kompleta u bilanċjata u raġunament legali pprovdut lill-Istati Membri, permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 22(3).

KAPITOLU V

**ĦLAS TA' AĠĠUDIKAZZJONIJIET FINALI JEW SOLUZZJONIJIET**

*Artikolu 17*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Dan il-Kapitolu għandu japplika fejn l-Unjoni taġixxi bħala l-intimat f'tilwim.

*Artikolu 18*

**Proċedura għall-ħlas ta' aġġudikazzjonijiet jew soluzzjonijiet**

1. Rikorrent li jkun kiseb aġġudikazzjoni finali skont ftehim jista' jippreżenta talba lill-Kummissjoni għall-ħlas ta' dik l-aġġudikazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tħallas kwalunkwe aġġudikazzjoni bħal din, ħlief meta l-Istat Membru konċernat ikun aċċetta r-responsabbiltà finanzjarja skont l-Artikolu 12, li f'dan il-każ l-Istat Membru għandu jħallas l-aġġudikazzjoni.

2. Fejn soluzzjoni skont l-Artikolu 13 jew 14 ma tkunx irreġistrata f'aġġudikazzjoni, rikorrent jista' jippreżenta talba lill-Kummissjoni għall-ħlas tas-soluzzjoni. Il-Kummissjoni għandha tħallas kwalunkwe soluzzjoni bħal din fil-perijodi ta' żmien rilevanti stabbiliti fil-ftehim ta' soluzzjoni.

*Artikolu 19*

**Proċedura fejn ma jkun hemm l-ebda ftehim fir-rigward tar-responsabbiltà finanzjarja**

1. Fejn l-Unjoni taġixxi bħala l-intimat skont l-Artikolu 9, u l-Kummissjoni tikkunsidra li l-aġġudikazzjoni jew i jew l-ispejjeż li jirriżultaw mill-arbitraġġ inkwistjoni għandhom jitħallsu, parzjalment jew kompletament, mill-Istat Membru konċernat abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1), għandha tapplika l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat għandhom jidħlu minnufih f'konsultazzjonijiet biex jilħqu ftehim dwar ir-responsabbiltà finanzjarja tal-Istat Membru konċernat, u tal-Unjoni fejn applikabbli.

3. Fi żmien tliet xhur minn meta l-Kummissjoni tirċievi t-talba għall-ħlas tal-aġġudikazzjoni jew tas-soluzzjoni jew tal-ispejjeż li jirriżultaw mill-arbitraġġ, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni indirizzata lill-Istat Membru konċernat, li tiddetermina l-ammont li għandu jitħallas mill-Istat Membru. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar tali deċiżjoni u l-motivazzjoni finanzjarju tagħha.

4. Sakemm l-Istat Membru konċernat ma joġġezzjonax għad-determinazzjoni tal-Kummissjoni fi żmien xahrejn mid-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 3, l-Istat Membru konċernat għandu jikkumpensal-baġit tal-Unjoni għall-ħlas tal-aġġudikazzjoni jew tas-soluzzjoni jew tal-ispejjeż li jirriżultaw mill-arbitraġġ fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni. L-Istat Membru konċernat għandu jkun responsabbli għal kwalunkwe mgħax dovut bir-rata li tapplika għall-flejjes l-oħra dovuti lill-baġit tal-Unjoni.

5. Jekk l-Istat Membru konċernat joġġezzjona u l-Kummissjoni ma taqbilx mal-oġġezzjoni tal-Istat Membru, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi l-oġġezzjoni tal-Istat Membru, li titlob lill-Istat Membru konċernat jirrimborża l-ammont imħallas mill-Kummissjoni, flimkien mal-imgħax bir-rata applikabbli għall-flejjes l-oħra dovuti lill-baġit tal-Unjoni.

6. Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni skont il-paragrafi 3 u 5 għandhom jiġu ppubblikati *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 20*

**Ħlas bil-quddiem ta' spejjeż li jirriżultaw mill-arbitraġġ**

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li titlob lill-Istat Membru konċernat iħallas kontribuzzjonijiet finanzjarji bil-quddiem lill-baġit tal-Unjoni fir-rigward ta' spejjeż previsti jew imġarrba li jirriżultaw mill-arbitraġġ. Tali deċiżjoni dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji għandha tkun proporzjonata u għandha tieħu kont tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3.

2. Sa fejn l-ispejjeż li jirriżultaw mill-arbitraġġ jingħataw lill-Unjoni mit-tribunal tal-arbitraġġ, u l-Istat Membru konċernat ikun għamel ħlas perjodiku tal-ispejjeż li jirriżultaw mill-arbitraġġ, il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawn jiġu ttrasferiti lill-Istat Membru li jkun ħallashom bil-quddiem, flimkien mal-imgħax bir-rata li tapplika għal flejjes oħrajn dovuti lill-baġit tal-Unjoni.

*Artikolu 21*

**Ħlas minn Stat Membru**

Ir-rimborż jew il-ħlas minn Stat Membru lill-baġit tal-Unjoni, għall-ħlas ta' aġġudikazzjoni jew soluzzjoni jew spejjeż li jirriżultaw mill-arbitraġġ, inklużi dawk imsemmijin fl-Artikolu 20(1) ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu kkunsidrati bħala dħul intern assenjat fis-sens tal-Artikolu 21(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012. Dan jista' jintuża biex ikopri l-infiq li jirriżulta minn ftehimiet konklużi skont l-Artikolu 218 tat-TFUE li jipprovdu għas-soluzzjoni ta' tilwim bejn l-investitur u l-Istat jew biex ikunu rikostitwiti approprjazzjonijiet inizjalment provduti biex ikopru l-ħlas ta' aġġudikazzjoni jew soluzzjoni jew spejjeż li jirriżultaw mill-arbitraġġ.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 22*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat għall-Ftehimiet ta' Investiment stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1219/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 23*

**Rapport u reviżjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dettaljat dwar il-funzjonament ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'intervalli regolari. Dak ir-rapport għandu jkun fih l-informazzjoni rilevanti kollha inkluża l-lista ta' talbiet imressqa kontra l-Unjoni jew l-Istati Membri, il-proċedimenti u d-deċiżjonijiet relatati, u l-impatt finanzjarju fuq il-baġit tal-Unjoni. L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat sat-18 ta' Settembru 2019. Sussegwentement għandhom jiġu ppreżentati rapporti kull tliet snin.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta, kull sena, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill lista ta' talbiet għal konsultazzjonijiet minn rikorrenti, talbiet għal arbitraġġ u deċiżjonijiet arbitrali.

3. Il-Kummissjoni tista' tippreżenta wkoll, flimkien mar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 u abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kummissjoni, proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għall-emendar ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 24*

**Tilwim taħt ftehimiet konklużi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament**

Fir-rigward ta' tilwim taħt ftehimiet koperti mill-Artikolu 1 u konklużi qabel is-17 ta' Settembru 2014, dan ir-Regolament għandu japplika biss fir-rigward ta' tilwim fejn il-preżentazzjoni ta' talba għal arbitraġġ tkun saret wara is-17 ta' Settembru 2014, u li jikkonċernaw it-trattament mogħti wara is-17 ta' Settembru 2014.

*Artikolu 25*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | S. GOZI |

([1]) Regolament (UE) Nru 1219/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 li jistabbilixxi arranġamenti transizzjonali għal ftehimiet bilaterali ta' investiment bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi (ĠU L 351 20.12.2012, p. 40).

**Dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni**

L-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għat-tqassim tal-kompetenzi stabbilit mit-Trattati u ma għandhomx jiġu interpretati bħala eżerċizzju ta' kompetenza kondiviża mill-Unjoni f'oqsma fejn il-kompetenza tal-Unjoni ma tkunx ġiet eżerċitata.

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2014/89/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-23 ta' Lulju 2014**

**li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 43(2), 100(2), 192(1), 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Id-domanda għolja u li qed tiżdied b'rata mgħaġġla għal spazju marittimu għal skopijiet differenti, bħall-impjanti għall-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, l-esplorazzjoni u l-estrazzjoni taż-żejt u l-gass, it-tbaħħir marittimu u l-attivitajiet tas-sajd, il-konservazzjoni tal-ekosistema u l-bijodiversità, l-estrazzjoni tal-materja prima, it-turiżmu, l-impjanti tal-akkwakultura u l-wirt kulturali ta' taħt l-ilma, kif ukoll pressjonijiet multipli fuq ir-riżorsi kostali jeħtieġu approċċ ta' ppjanar u ġestjoni integrati.

(2) Approċċ bħal dan għall-ġestjoni tal-oċeani u l-governanza marittima ġie żviluppat fil-Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea ('PMI') li tinkludi, bħala l-pilastru ambjentali tagħha, id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). L-objettiv tal-PMI huwa li tappoġġa l-iżvilupp sostenibbli tal-ibħra u l-oċeani u li tiżviluppa teħid tad-deċiżjonijiet ikkoordinat, koerenti u trasparenti fir-rigward tal-politiki settorjali tal-Unjoni li jaffettwaw l-oċeani, l-ibħra, il-gżejjer, ir-reġjuni kostali u l-aktar imbiegħda u s-setturi marittimi, inkluż permezz ta' strateġiji dwar il-baċir tal-baħar jew l-istrateġiji makroreġjonali, filwaqt li jinkiseb status ambjentali tajjeb kif stipulat fid-Direttiva 2008/56/KE.

(3) Il-PMI tidentifika l-ippjanar tal-ispazju marittimu bħala għodda ta' politika trasversali li tippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-partijiet ikkonċernati japplikaw approċċ integrat, koordinat u transkonfinali. L-applikazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-iżvilupp u t-tkabbir sostenibbli tal-ekonomiji marittimi u kostali u l-użu sostenibbli ta' riżorsi tal-baħar u kostali.

([1]) ĠU C 341, 21.11.2013, p. 67.
([2]) ĠU C 356, 5.12.2013, p. 124.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2014 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014.
([4]) Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

(4) L-ippjanar tal-ispazju marittimu jappoġġa u jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv ('l-Istrateġija Ewropa 2020'), approvata mill-Kunsill Ewropew fil-konkluzjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010, li għandha l-għan li twassal għal livelli għolja ta' impjiegi, produttività u koeżjoni soċjali, inkluża l-promozzjoni ta' ekonomija iktar kompetittiva, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ekoloġika. Is-setturi kostali u marittimi għandhom potenzjal sinifikanti għat-tkabbir sostenibbli u li huwa essenzjali għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija Ewropa 2020.

(5) Fil-Komunikazzjoni tagħha intitolata 't-Tkabbir Blu', opportunitajiet għal tkabbir sostenibbli fis-settur tal-baħar u dak marittimu, il-Kummissjoni identifikat għadd ta' inizjattivi li għaddejjin bħalissa tal-UE li huma maħsuba biex jimplimentaw l-istrateġija Ewropa 2020, kif ukoll għadd ta' attivitajiet li l-inizjattivi għat-tkabbir blu jistgħu jiffokaw fuqhom fil-futur u li jistgħu jiġu appoġġati b'mod adegwat b'kunfidenza u ċertezza akbar għall-investituri pprovduti permezz ta' ppjanar tal-ispazju marittimu.

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) appoġġa u ffaċilita l-implimentazzjoni tal-ippjanar tal-ispazju marittimu u tal-ġestjoni integrata tal-kosta. Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment, inkluż il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd ([2]), se jipprovdu opportunitajiet biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għall-2014-2020.

(7) Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar tal-1982 ('UNCLOS') tiddikjara fil-preambolu tagħha li l-kwistjonijiet relatati mal-użu tal-ispazju oċeaniku huma relatati mill-qrib ma' xulxin u jeħtieġ li jitqiesu bħala entità sħiħa. L-ippjanar tal-ispazju oċeaniku huwa l-azzjoni ta' avvanz u l-istrutturar loġiċi tal-obbligi u tal-użu taddrittijiet mogħtija fl-ambitu tal-UNCLOS u għodda prattika fl-assistenza lill-Istati Membri biex jikkonformaw malobbligi tagħhom.

(8) Sabiex issir promozzjoni tal-koeżistenza sostenibbli tal-użi u, fejn applikabbli, it-tqassim xieraq tal-użi relevanti flispazju marittimu, għandu jitwaqqaf qafas li jikkonsisti minn tal-inqas fl-istabbiliment u l-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' ppjanar tal-ispazju marittimu, li jirriżulta fi pjani.

(9) L-ippjanar tal-ispazju marittimu jikkontribwixxi għal ġestjoni effikaċi tal-attivitajiet tal-baħar u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u kostali, billi jinħoloq qafas għal teħid ta' deċiżjoni konsistenti, trasparenti, sostenibbli u bbażat fuq l-evidenza. Sabiex tilħaq l-objettivi tagħha, din id-Direttiva għandha tistipula obbligi biex tistabbilixxi proċess ta' ppjanar marittimu, li jirriżulta fi pjan tal-ispazjumarittimu jew pjani tal-ispazju marittimu; proċess ta' ppjanar bħal dan għandu jieħu kont tal-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar u jippromwovi l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Mingħajr preġudizzju għall-*acquis* eżistenti tal-Unjoni fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport, is-sajd u l-ambjent, din id-Direttiva ma għandhiex timponi obbligi ġodda oħra, b'mod partikolari f'relazzjoni mal-għażliet konkreti tal-Istati Membri dwar kif jitwettqu l-politiki settorjali f'dawk l-oqsma, imma għandu jkollha l-għan li tikkontribbwixxi għal dawk il-politiki permezz tal-proċess ta' ppjanar.

(10) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza ġuridika, il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku għall-ippjanar tal-ispazju marittimu għandu jiġi definit f'konformità mal-istrumenti leġiżlattivi eżistenti tal-Unjoni u d-dritt marittimu internazzjonali, b'mod partikolari UNCLOS. Il-kompetenzi tal-Istati Membri relatati mal-konfini marittimi u l-ġurisdizzjoni ma jinbidlux b'din id-Direttiva.

(11) Filwaqt li huwa xieraq li l-Unjoni tipprovdi qafas għall-ippjanar tal-ispazju marittimu, l-Istati Membri jibqgħu responsabbli u kompetenti għat-tfassil u d-determinazzjoni, fi ħdan l-ilmijiet tal-ibħra tagħhom, tal-formati u l-kontenut ta' dawn il-pjani inklużi arranġamenti istituzzjonali u fejn applikabbli, it-tqassim tal-ispazju marittimu għall-attivitajiet u l-użi differenti b'mod rispettiv.

([1]) Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi Programm biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata (ĠU L 321, 5.12.2011, p. 1).

([2]) Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond tas-Sajd Ewropew Marittimu u u li jħassar Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1).

(12) Sabiex jirrispettaw il-proporzjonalità u s-sussidjarjetà, kif ukoll biex ikun minimizzat il-piż amministrattiv addizzjonali, it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom kemm jista' jkun jibnu fuq regoli u mekkaniżmi nazzjonali, reġjonali u lokali eżistenti inklużi dawk spjegati fir-Rakkomandazzjoni 2002/413/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jew fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/631/UE ([2]).

(13) Fl-ilmijiet tal-ibħra, l-ekosistemi u r-riżorsi tal-baħar, huma suġġetti għal pressjonijiet sinifikanti. L-attivitajiet tal-bniedem, iżda wkoll l-effetti tat-tibdil fil-klima, il-perikli naturali u d-dinamika mal-linja tal-kosta bħall-erożjoni u l-akkrexximent, jista' jkollhom impatti ħorox fuq l-iżvilupp u t-tkabbir ekonomiku kostali, kif ukoll l-ekosistemi tal-baħar u dan iwassal għad-deterjorazzjoni tal-istatus ambjentali, it-telf tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tas-servizzi tal-ekosistemi. Għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa għal dawn id-diversi pressjonijiet fl-istabbiliment tal-pjani tal-ispazju marittimu. Barra minn hekk, ekosistemi tal-baħar b'saħħithom u s-servizzi multipli tagħhom, jekk ikunu integrati fid-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar, jistgħu jwasslu għal benefiċċji sostanzjali f'termini tal-produzzjoni tal-ikel, ir-rikreazzjoni u t-turiżmu, il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-kontroll tad-dinamika tal-linja tal-kosta u l-prevenzjoni tad-diżastri.

(14) Sabiex issir promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli tal-ekonomiji marittimi, tal-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tal-baħar u tal-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar, l-ippjanar tal-ispazju marittimu għandu japplika approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi kif imsemmi fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2008/56/KE bil-għan li jiżgura li l-pressjoni kollettiva tal-attivitajiet kollha tinżamm fi ħdan livelli kompatibbli mal-ksib ta' status ambjentali tajjeb u li ma tkunx kompromessal-kapaċità tal-ekosistemi tal-baħar li jirreaġixxu għall-bidliet ikkawżati mill-bniedem, filwaqt li jikkontribwixxi għall-użu sostenibbli ta' oġġetti u servizzi tal-baħar mill-ġenerazzjonijiet ta' issa u tal-ġejjieni. Barra minn hekk, approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għandu jiġi applikat b'mod adattat għall-ekosistemi speċifiċi u speċifiċitajiet oħra tar-reġjuni tal-baħar differenti u għandu jieħu kont tax-xogħol li qed isir bħalissa fil-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali li qed jibnu fuq għarfien u esperjenzi eżistenti. L-approċċ għandu jippermetti wkoll ġestjoni li tadatta ruħha li tiżgura raffinament u aktar żvilupp bħala esperjenzi, u żieda fl-għarfien billi jitqiesu d-data u l-informazzjoni disponibbli fil-livell tal-baċiri tal-baħar biex jiġi implimentat dak l-approċċ. L-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-prinċipju ta' prekawzjoni u l-prinċipju li għandha tittieħed azzjoni preventiva, kif stabbilit fl-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(15) L-ippjanar tal-ispazju marittimu jikkontribwixxi, inter alia, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ([4]), id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]), id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE ([6]), id-Deċiżjoni Nru 884/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]), id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]), id-Direttiva 2008/56/KE, filwaqt li jitfakkru l-Komunikazzjoni tat-3 ta' Mejju 2011 intitolata "L-assigurazzjoni tal-ħajja tagħna, il-kapital naturali tagħna: strateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020", il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2011 intitolata "Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi", il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' April 2013 intitolata "Strateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima" u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Jannar 2009 intitolata "Għanijiet u r-rakkomandazzjonijiet strateġiċi għal politika tat-trasport marittimu tal-UE sal-2018", kif ukoll, fejn hu xieraq, dawk dwar il-Politika Reġjonali tal-Unjoni, inkluż strateġiji dwar il-baċir tal-baħar u dawk makroreġjonali.

---

([1]) Rakkomandazzjoni 2002/413/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2002 dwar l-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata taż-Żoni tal-Kosta fl-Ewropa (ĠU L 148, 6.6.2002, p. 24).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/631/UE tat-13 ta' Settembru 2010 rigward il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll dwar il-Ġestjoni Integrata taż-Żona Kostali fil-Mediterran għall-Konvenzjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran (ĠU L 279, 23.10.2010, p. 1).

([3]) Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

([4]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59).

([5]) Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

([6]) Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

([7]) Deċiżjoni Nru 884/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li temenda d-Deċiżjoni Nru 1692/96/KE dwar il-linji gwida Komunitarji sabiex jiġi żviluppat network trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 167, 30.4.2004, p. 1).

([8]) Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

(16) L-attivitajiet tal-baħar u dawk kostali huma spiss interrelatati mill-qrib. Sabiex issir promozzjoni tal-użu sostenibbli tal-ispazju marittimu, l-ippjanar tal-ispazju marittimu għandu jieħu kont tal-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar. Għal din ir-raġuni l-ippjanar tal-ispazju marittimu jista' jkollu rwol tassew utli biex jiddetermina l-orjentazzjonijiet relatati mal-ġestjoni sostenibbli u integrata tal-attivitajiet tal-bniedem fil-baħar, il-preservazzjoni tal-ambjent ħaj, il-fraġilità tal-ekosistemi kostali, l-erożjoni u l-fatturi soċjali u ekonomiċi. L-ippjanar tal-ispazju marittimu għandu jimmira biex jintegra d-dimensjoni marittima ta' xi użi jew attivitajiet kostali u l-impatti tagħhom u finalment jippermetti viżjoni integrata u strateġika.

(17) Din id-Direttiva qafas ma tinterferix mal-kompetenza tal-Istati Membri għall-ippjanar urban u rurali, inkluż kwalunkwe sistema tal-ippjanar tal-ispazji terrestri jew fuq l-art użata biex jiġi ppjanat kif għandhom jintużaw żoni fuq l-art u dawk kostali. Jekk l-Istati Membri japplikaw l-ippjanar terrestri għall-ilmijiet kostali jew parti minnhom, din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal dawk l-ilmijiet.

(18) L-ippjanar tal-ispazju marittimu għandu jkopri ċ-ċiklu sħiħ tal-identifikazzjoni tal-problema u l-opportunità, il-ġbir ta' informazzjoni, l-ippjanar, it-teħid ta' deċiżjonijiet, ir-reviżjoni jew l-aġġornar u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni, u għandu debitament jikkunsidra l-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar u l-aqwa għarfien disponibbli. Għandu jsir l-aqwa użu tal-mekkaniżmi spjegati f'leġiżlazzjoni eżistenti jew futura, inkluża d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/477/UE [1] u l-inizjattiva tal-Kummissjoni dwar l-Għarfien dwar il-Baħar 2020.

(19) L-iskop ewlieni tal-ippjanar tal-ispazji marittimu huwa li jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli u li jiġi identifikat l-użu tal-ispazju marittimu għal użi tal-baħar differenti kif ukoll li jiġu mmaniġġjati l-użi u l-kunflitti tal-ispazji tal-baħar. L-ippjanar tal-ispazju marittimu għandu wkoll l-għan li jidentifika u jħeġġeġ użu b'bosta skopijiet, f'konformità mal-politiki nazzjonali u l-leġiżlazzjoni relevanti. Sabiex jintlaħaq dak l-iskop, jeħtieġ li tal-inqas l-Istati Membri jiżguraw li l-proċess jew il-proċessi tal-ippjanar jirriżultaw f'ippjanar komprensiv li jidentifika l-użi differenti tal-ispazju marittimu u filwaqt li jitqiesu l-bidliet fit-tul minħabba t-tibdil fil-klima.

(20) L-Istati Membri għandhom jikkonsultaw u jikkoordinaw il-pjani tagħhom mal-Istati Membri relevanti u għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-pajjiż terz fir-reġjun tal-baħar kkonċernat f'konformità mad-drittijiet u l-obbligi ta' dawk l-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi konċernati fl-ambitu tal-liġi tal-Unjoni u dik internazzjonali. Il-kooperazzjoni transfruntiera effikaċi bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi ġirien teħtieġ l-identifikazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtorità jew awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Minħabba d-differenzi bejn diversi reġjuni jew subreġjuni tal-baħar u ż-żoni kostali, mhuwiex xieraq li f'din id-Direttiva tiġi preskritta fid-dettall il-forma li għanhom jieħdu dawk il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni.

(21) Il-ġestjoni ta' żoni tal-baħar hija kumplessa u tinvolvi livelli differenti ta' awtoritajiet, operaturi ekonomiċi u partijiet oħra kkonċernati. Sabiex issir promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli b'mod effettiv, huwa essenzjali li l-partijiet ikkonċernati, l-awtoritajiet u l-pubbliku jiġu kkonsultati fi stadju adattat fit-tħejjija ta' pjani tal-ispazji marittimi fl-ambitu ta' din id-Direttiva, f'konformità mal-leġiżlazzjoni relevanti tal-Unjoni. Eżempju tajjeb għad-dispożizzjonijiet dwar il-konsultazzjoni pubblika jinsab fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2].

---

[1] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/477/UE tal-1 ta' Settembru 2010 dwar kriterji u standards metodoloġiċi għal status ambjentali tajjeb tal-ilmijiet tal-baħar (ĠU L 232, 2.9.2010, p. 14).

[2] Direttiva 2003/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 li tipprovdi għall-parteċipazzjoni pubblika rigward it-tfassil ta' ċerti pjani u programmi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/337/KEE u 96/61/KE rigward il-parteċipazzjoni pubblika u l-aċċess għall-ġustizzja (ĠU L 156, 25.6.2003, p. 17).

(22) Permezz tal-pjani tal-ispazju marittimu, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-piż u l-ispejjeż amministrattivi b'appoġġ għall-azzjoni tagħhom biex jimplimentaw leġiżlazzjoni oħra relevanti tal-Unjoni. L-iskedi taż-żmien għall-pjani tal-ispazji marittimi għandhom għalhekk, meta possibbli, ikunu koerenti mal-iskedi taż-żmien spjegati f'leġiżlazzjoni oħra relevanti, speċjalment: id-Direttiva 2009/28/KE, li teħtieġ li s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fl-2020 ikun tal-inqas 20 % u li tidentifika koordinazzjoni tal-awtorizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-proċeduri tal-ippjanar, inkluż l-ippjanar tal-ispazji bħala kontribuzzjoni importanti biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli; id-Direttiva 2008/56/KE u l-punt 6 tal-Parti A tal-Anness tad-Deċiżjoni 2010/477/UE, li teħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiksbu jew iżommu status ambjentali tajjeb fl-ambjent tal-baħar sal-2020 u li tidentifika l-ippjanar tal-ispazju marittimu bħala għodda ta' appoġġ għall-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema fil-ġestjoni tal-attivitajiet tal-bniedem sabiex jinkiseb status ambjentali tajjeb; id-Deċiżjoni Nru 884/2004/KE li teħtieġ li n-netwerk trans-Ewropew tat-trasport jiġi stabbilit sal-2020 permezz tal-integrazzjoni tan-netwerks tal-infrastruttura tat-trasport Ewropew fuq l-art, fil-baħar u fl-ajru.

(23) Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) tistabbilixxi l-valutazzjoni ambjentali bħala għodda importanti għall-integrazzjoni ta' kunsiderazzjonijiet ambjentali fil-preparazzjoni u l-adozzjoni ta' pjani u programmi. Meta jkun probabbli li pjani tal-ispazji marittimi jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent dawn jiġu suġġetti għad- Direttiva 2001/42/KE. Meta pjani tal-ispazji marittimi jinkludu siti ta' Natura 2000, valutazzjoni ambjentali bħal din tista' tiġi magħquda mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 92/43/KEE, biex tiġi evitata d-duplikazzjoni.

(24) Bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-pjani tal-ispazji marittimi jkunu bbażati fuq data affidabbli u biex ikun evitat piż amministrattiv żejjed, huwa essenzjali li l-Istati Membri jużaw l-aħjar data u informazzjoni disponibbli billi jħeġġu lill-partijietikkonċernati relevanti jaqsmu l-informazzjoni u permezz tal-użu ta' strumenti u għodod eżistenti għall-ġbir tad-data, bħal dawk żviluppati fil-kuntest tal-inizjattiva tal-Għarfien dwar il-Baħar 2020 u d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(25) L-Istati Membri għandhom jibagħtu kopji tal-pjani tal-ispazji marittimi u kwalunke aġġornament lill-Kummissjoni, sabiex din tal-aħħar tkun tista' tissorvelja l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Il-Kummissjoni għandha tuża l-informazzjoni fornuta mill-Istati Membri u informazzjoni eżistenti disponibbli taħt il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni biex iżżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

(26) It-traspożizzjoni f'waqtha ta' din id-Direttiva hija essenzjali peress li l-Unjoni adottat għadd ta' inizjattivi ta' politika li għandhom jiġu implimentati sas-sena 2020 u li din id-Direttiva għandha l-għan li ssostni u li tikkomplementa.

(27) Stat Membru mingħajr kosta jkun taħt obbligu sproporzjonat u mhux meħtieġ jekk ikollu jittrasponi u jimplimenta din id-Direttiva. Għalhekk, Stati Membri bħal dawn għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li jittrasponu u jimplimentaw din id-Direttiva,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Suġġett

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas għall-ippjanar tal-ispazju marittimu u għandha l-għan li tippromwovi t-tkabbir sostenibbli tal-ekonomiji marittimi, l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tal-baħar u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar.

---

([1]) Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet pjanip u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

([2]) Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

2. Fil-Politika Marittima Integrata tal-Unjoni, dak il-qafas jipprevedi l-istabbiliment u l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-ippjanar tal-ispazju marittimu, bil-għan li jikkontribwixxi għall-objettivi speċifikati fl-Artikolu 5, filwaqt li jqis l-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar u l-kooperazzjoni transfruntiera msaħħa, f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tal-UNCLOS.

*Artikolu 2*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-ilmijiet tal-baħar tal-Istati Membri mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni. Hija ma għandhiex tapplika għal ilmijiet kostali li jaqgħu taħt l-ippjanar urban u rurali ta' Stat Membru, sakemm dan ma jkunx kkomunikat fil-pjani tiegħu tal-ispazju marittimu.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal attivitajiet li l-uniku għan tagħhom hu d-difiża jew is-sigurtà nazzjonali.

3. Din id-Direttiva ma għandhiex tfixkel il-kompetenza tal-Istati Membri biex ifasslu u jiddeterminaw, fl-ilmijiet tal-ibħra tagħhom, l-ammont u l-kopertura tal-pjani tal-ispazji marittimi tagħhom. Ma għandhiex tapplika għall-ippjanar urban u rurali.

4. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa d-drittijiet sovrani u l-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri fuq l-ilmijiet tal-ibħra li huma derivati mil-liġi internazzjonali relevanti, b'mod partikolari l- UNCLOS. B'mod partikolari, l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandhiex tinfluwenza d-delinjament u d-delimitazzjoni tal-fruntieri marittimi mill-Istati Membri f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tal-UNCLOS.

*Artikolu 3*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Politika Marittima Integrata" (PMI) tfisser il-politika tal-Unjoni li l-għan tagħha huwa li trawwem teħid tad-deċiżjonijiet koordinat u koerenti biex jiġi mmassimizzat l-iżvilupp sostenibbli, it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali tal-Istati Membri, u b'mod partikolari r-reġjuni kostali, insulari u l-aktar imbiegħda fl-Unjoni, kif ukoll is-setturi marittimi, permezz ta' politiki koerenti relatati mas-settur marittimu u kooperazzjoni internazzjonali relevanti;.

(2) "ippjanar tal-ispazju marittimu" tfisser proċess li permezz tiegħu l-awtoritajiet tal-Istat Membru relevanti janalizzaw u jorganizzaw l-attivitajiet umani f'żoni tal-baħar sabiex jilħqu l-għanijiet ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali.

(3) "reġjun tal-baħar" tfisser reġjun tal-baħar kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/56/KE.

(4) "ilmijiet tal-ibħra" tfisser l-ilmijiet, il-qiegħ tal-baħar u s-subsoil kif definit fil-punt (1)(a) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/56/KE u l-ilmijiet kostali kif definiti fil-punt 7 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/60/KE u l-qiegħ tal-baħar u s-subsoil tagħhom.

KAPITOLU II

**IPPJANAR TAL-ISPAZJU MARITTIMU**

*Artikolu 4*

**Stabbiliment u implimentazzjoni tal-ippjanar tal-ispazju marittimu**

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi u jimplimenta ppjanar tal-ispazju marittimu.

2. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar.

3. Il-pjan jew il-pjani riżultat ta' dan għandhom jiġu żviluppati u prodotti f'konformità mal-livelli istituzzjonali u ta' governanza determinati mill-Istati Membri. Din id-Direttiva ma għandhiex tfixkel il-kompetenza tal-Istati Membri biex ifasslu u jiddeterminaw il-format u l-kontenut ta' dak il-pjan jew dawk il-pjani.

4. L-ippjanar tal-ispazju marittimu għandu jkollu l-għan li jikkontribwixxi għall- objettivi elenkati fl-Artikolu 5 u jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 6 u 8.

5. Meta jiġi stabbilit l-ippjanar tal-ispazju marittimu, l-Istati Membri għandhom iqisu b'mod xieraq il-partikolaritajiet tar-reġjuni tal-baħar, u l-attivitajiet relevanti eżistenti u futuri u l-użi u l-impatti tagħhom fuq l-ambjent, kif ukoll ir-riżorsi naturali, u għandhom iqisu wkoll l-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar.

6. L-Istati Membri jistgħu jinkludu jew jibnu fuq il-politiki, ir-regolamenti jew il-mekkaniżmi nazzjonali eżistenti li ġew jew li qed jiġu stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, kemm-il darba jkunu konformi mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 5*

**L-objettivi tal-ippjanar tal-ispazju marittimu**

1. Meta jkun qed jiġi stabbilit u implimentat l-ippjanar tal-ispazju marittimu, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-aspetti ekonomiċi, soċjali u ambjentali sabiex jappoġġaw l-iżvilupp u t-tkabbir sostenibbli fis-settur marittimu, l-applikazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema, u l-promozzjoni tal-koeżistenza ta' attivitajiet u użi relevanti.

2. Permezz tal-pjani tal-ispazji marittimi, l-Istati Membri għandhom jimmiraw biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tas-setturi tal-enerġija fil-baħar, tat-trasport marittimu, u tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, u tal-preżervazzjoni, il-ħarsien u t-titjib tal-ambjent, inkluż ir-reżiljenza għall-impatti tat-tibdil fil-klima. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jilħqu objettivi oħra bħall-promozzjoni ta' turiżmu sostenibbli u l-estrazzjoni sostenibbli ta' materja prima.

3. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenza tal-Istati Membri biex jiddeterminaw kif jiġu riflessi u mkejla l-objettivi differenti fil-pjan jew pjani tal-ispazji marittimi tagħhom.

*Artikolu 6*

**Rekwiżiti minimi għall-ippjanar tal-ispazju marittimu**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu passi proċedurali sabiex jikkontribwixxu għall-objettivi elenkati fl-Artikolu 5 filwaqt li jqisu l-attivitajiet relevanti u l-użi fl-ilmijiet tal-ibħra.

2. Waqt li jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom:

(a) jieħdu kont tal-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar;

(b) jieħdu kont tal-aspetti ambjentali, ekonomiċi u soċjali, kif ukoll l-aspetti ta' sikurezza;

(c) jimmiraw li jippromwovu l-koerenza bejn l-ippjanar tal-ispazju marittimu u l-pjan jew il-pjani riżultat ta' dan u proċessi oħra, bħall-ġestjoni kostali integrata jew prattiki formali jew informali ekwivalenti;

(d) jiżguraw l-involviment tal-partijiet ikkonċernati f'konformità mal-Artikolu 9;

(e) jorganizzaw l-użu tal-aħjar data disponibbli f'konformità mal-Artikolu 10;

(f) jiżguraw il-kooperazzjoni transkonfinali fost l-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 11;

(g) jippromwovu l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi f'konformità mal-Artikolu 12.

3. Il-pjani tal-ispazji marittimi għandhom jiġu riveduti mill-Istati Membri meta jiddeċiedu huma iżda minn tal-inqas kull 10 snin.

*Artikolu 7*

**Interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar**

1. Sabiex jittieħed kont tal-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar, f'konformità mal-Artikolu 4(2), jekk dan ma jiffurmawx parti minn proċess ta' ppjanar tal-ispazju marittimu nnifsu, l-Istati Membri jistgħu jużaw proċessi formali jew informali oħra, bħall-ġestjoni integrata tal-kosta. Ir-riżultat għandu jkun rifless mill-Istati Membri fil-pjani tal-ispazji marittimi tagħhom.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(3), l-Istati Membri għandhom jimmiraw li permezz ta' ppjanar tal-ispazju marittimu jippromwovu l-koerenza tal-pjan jew pjani tal-ispazju marittimu riżultat ta' dan ma' proċessi relevanti oħra.

*Artikolu 8*

**Stabbiliment tal-pjani tal-ispazji marittimi**

1. Meta jkunu qed jistabbilixxu u jimplimentaw l-ippjanar tal-ispazju marittimu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjani tal-ispazji marittimi li jidentifikaw id-distribuzzjoni tal-ispazji u temporali ta' attivitajiet u użi relevanti eżistenti u futuri fl-ibħra tagħhom, sabiex jikkontribwixxu għall-objettivi stipulati fl-Artikolu 5.

2. Waqt li jagħmlu dan u f'konformità mal-Artikolu 2(3), l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-interazzjonijiet relevanti ta' attivitajiet u użi. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri, attivitajiet u użi u interessi possibbli jistgħu jinkludu:

— żoni ta' akkwakultura;

— żoni tas-sajd;

— impjanti u infrastrutturi għall-esplorazzjoni, l-isfruttament u l-estrazzjoni taż-żejt, tal-gass u riżorsi oħra tal-enerġija, tal-minerali u l-aggregati, u għall-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli;

— rotot tat-trasport marittimu u flussi tat-traffiku;

— żoni ta' taħriġ militari;

— siti tal-konservazzjoni tan-natura u tal-ispeċijiet u żoni protetti;

— żoni tal-estrazzjoni ta' materja prima;

— riċerka xjentifika;

— rotot ta' kejbils u pipelines ta' taħt il-baħar;

— turiżmu;

— wirt kulturali ta' taħt l-ilma.

*Artikolu 9*

**Parteċipazzjoni pubblika**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mezzi ta' parteċipazzjoni pubblika billi jinfurmaw lill-partijiet interessati kollha u billi jikkonsultaw lill-partijiet ikkonċernati relevanti, l-awtoritajiet u l-pubbliku kkonċernati fi stadju bikri fl-iżvilupp tal-pjani tal-ispazji marittimi, f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-partijiet ikkonċernati u l-awtoritajiet relevanti u l-pubbliku kkonċernati jkollhom aċċess għall-pjani hekk kif dawn jiġu ffinalizzati.

*Arikolu 10*

**Użu u kondiviżjoni ta' data**

1. L-Istati Membri għandhom jorganizzaw l-użu tal-aħjar data disponibbli, u jiddeċiedu kif se jorganizzaw l-iskambju tal-informazzjoni, meħtieġa għall-pjani tal-ispazji marittimi.

2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 tista' tinkludi, inter alia:

(a) data ambjentali, soċjali u ekonomika miġbura skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li jikkonċernaw l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 8;

(b) data fiżika tal-baħar dwar l-ilmijiet tal-ibħra.

3. Meta jimplimentaw il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jużaw strumenti u għodod relevanti, inklużi dawk diġà disponibbli fl-ambitu tal-PMI, u politiki oħra relevanti tal-Unjoni, bħal dawk imsemmija fid-Direttiva 2007/2/KE.

*Artikolu 11*

**Kooperazzjoni bejn Stati Membri**

1. Bħala parti mill-proċess ta' ppjanar u ġestjoni, l-Istati Membri li għandhom ibħra konfinanti għandhom jikkooperaw bil-għan li jiġi żgurat li l-pjani tal-ispazji marittimi jkunu koerenti u koordinati fir-reġjun tal-baħar kollu kkonċernat. Tali kooperazzjoni għandha, b'mod partikolari, tqis kwistjonijiet ta' natura transnazzjonali.

2. Il-kooperazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintlaħaq permezz ta':

(a) strutturi ta' kooperazzjoni reġjonali istituzzjonali eżistenti bħal Konvenzjonijiet tal-Ibħra Reġjonali; u/jew

(b) netwerks jew strutturi tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri; u/jew

(c) kwalunkwe metodu ieħor li jilħaq ir-rekwiżiti ta' paragrafu 1, pereżempju fil-kuntest tal-istrateġiji dwar il-baċiri tal-baħar.

*Artikolu 12*

**Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi**

L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom, meta possibbli, biex jikkooperaw ma' pajjiżi terzi dwar l-azzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-ippjanar tal-ispazju marittimu fir-reġjuni tal-baħar relevanti u f'konformità mal-liġi u l-konvenzjonijiet internazzjonali, bħal bl-użu ta' fora internazzjonali jew kooperazzjoni istituzzjonali reġjonali.

KAPITOLU III

**IMPLIMENTAZZJONI**

*Artikolu 13*

**Awtoritajiet kompetenti**

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Kummissjoni b'lista ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti, flimkien mal-elementi ta' informazzjoni elenkati fl-Anness ta' din id-Direttiva.

3. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tibdil fl-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 1 sa sitt xhur minn meta jidħol fis-seħħ tibdil bħal dan.

*Artikolu 14*

**Monitoraġġ u rappurtar**

1. L-Istati Membri għandhom jibagħtu kopji tal-pjani tal-ispazji marittimi, inkluż materjal ta' spjegazzjoni eżistenti relevanti dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-aġġornamenti kollha sussegwenti lill-Kummissjoni u lil kwalunkwe Stati Membri oħra kkonċernati fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa mhux aktar tard minn sena wara d-data ta' skadenza għall-istabbiliment tal-pjani tal-ispazji marittimi, u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem, rapport li jiddeskrivi fil-qosor il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

KAPITOLU IV

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 15*

**Traspożizzjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sat-18 ta' Settembru 2016. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva, jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif għandha ssir din ir-referenza għandu jiġi stipulat mill-Istati Membri.

2. L-awtorità jew l-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 13(1) għandhom jinħatru sat-18 ta' Settembru 2016.

3. Il-pjani tal-ispazji marittimi msemmijin fl-Artikolu 4 għandhom jiġu stabbiliti malajr kemm jista' jkun, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2021.

4. L-obbligu għat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandhomx japplikaw għall-Istati Membri mingħajr kosta.

*Artikolu 16*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 17*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | S. GOZI |

*ANNESS*

**AWTORITAJIET KOMPETENTI**

(1) L-isem u l-indirizz tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti — l-isem u l-indirizz uffiċjali tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti identifikati.

(2) L-istatus ġuridiku tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti — deskrizzjoni qasira tal-istatus ġuridiku tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti.

(3) Ir-responsabbiltajiet — deskrizzjoni qasira tar-responsabbiltajiet ġuridiċi u amministrattivi tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti u tar-rwol tiegħu/tagħhom fir-rigward tal-ilmijiet tal-ibħra kkonċernati.

(4) Is-sħubija — meta l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti taġixxi/jaġixxu bħala korp ta' koordinament għal awtoritajiet kompetenti oħrajn, tkun meħtieġa lista ta' dawn tal-aħħar flimkien ma' sommarju tar-relazzjonijiet istituzzjonali stabbiliti sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni.

(5) Il-koordinazzjoni reġjonali — huwa meħtieġ sommarju tal-mekkaniżmi stabbiliti sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri fejn l-ilmijiet tagħhom huma koperti minn din id-Direttiva u jaqgħu fi ħdan l-istess reġjun jew subreġjun tal-baħar.

**DIRETTIVA 2014/90/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-23 ta' Lulju 2014**

**dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Id-dimensjoni globali tat-tbaħħir titlob li l-Unjoni tapplika u tagħti appoġġ għall-qafas regolatorju internazzjonali dwar is-sikurezza marittima. Il-konvenzjonijiet internazzjonali dwar is-sikurezza marittima jeħtieġu li l-Istati tal-bandiera jiżguraw li t-tagħmir li jkun qed jinġarr abbord il-vapuri jkun konformi ma' ċerti rekwiżiti ta' sikurezza fir-rigward tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-prestazzjoni, u biex joħorġu ċ-ċertifikati rilevanti. Għal dak il-għan, ġew żviluppati standards dettaljati tal-prestazzjoni u tal-ittestjar għal ċerti tipi ta' tagħmir tal-baħar mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u mill-korpi ta' standardizzazzjoni internazzjonali u Ewropej.

(2) L-istrumenti internazzjonali jħallu marġini sinifikanti ta' diskrezzjoni għall-amministrazzjonijiet tal-bandiera. Fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni, dan iwassal għal livelli ta' sikurezza li jvarjaw għall-prodotti li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu ċċertifikaw bħala konformi ma' dawk il-konvenzjonijiet u standards; b'riżultat ta' dan, il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern jiġi affettwat minħabba li jsir diffiċli għall-Istati Membri biex jaċċettaw tagħmir iċċertifikat fi Stat Membru ieħor biex jiġi installat abbord vapuri li jtajru l-bnadar tagħhom mingħajr aktar verifiki.

(3) L-armonizzazzjoni mill-Unjoni ssolvi dawn il-problemi. Għalhekk, id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE ([3]) stabbilixxiet regoli komuni biex telimina d-differenzi fl-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali permezz ta' sett ta' rekwiżiti identifikati b'mod ċar u proċeduri uniformi ta' ċertifikazzjoni.

(4) Hemm diversi strumenti oħra tal-liġi tal-Unjoni li jistabbilixxu rekwiżiti u kondizzjonijiet, fost oħrajn sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija fis-suq intern jew għal raġunijiet ambjentali, għal ċerti prodotti li huma simili fin-natura għal tagħmir li jintuża abbord il-vapuri, iżda li ma jilħqux l-istandards internazzjonali – li jistgħu

([1]) ĠU C 161, 6.6.2013, p. 93.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014.
([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE tal-20 ta' Diċembru 1996 dwar it-tagħmir marittimu (ĠU L 46,17.2.1997, p. 25).

jvarjaw sostanzjalment mil-leġislazzjoni interna tal-Unjoni u li huma f'evoluzzjoni kostanti. Għalhekk, dawk il-prodotti ma jistgħux jiġu ċċertifikati mill-Istati Membri. It-tagħmir li għandu jiġi installat abbord il-vapuri tal-UE f'konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza għandu għalhekk jiġi rregolat esklużivament minn din id-Direttiva, li għandha f'kull każ titqies bħala l-lex specialis; barra minn hekk, għandha tiġi stabbilita marka speċifika li tindika li t-tagħmir li jkollu dik il-marka jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-konvenzjonijiet u l-istrumenti internazzjonali rilevanti li jkunu daħlufis-seħħ.

(5) Minbarra li jistabbilixxu standards ta' prestazzjoni u ttestjar iddettaljati għat-tagħmir tal-baħar, l-istrumenti internazzjonali kultant jagħtu lok għal miżuri li jiddevjaw mir-rekwiżiti preskrittivi iżda li, taħt ċerti kondizzjonijiet, huma xierqa biex jissodisfaw l-intenzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti. Il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), 1974, tippermetti li d-disinn u l-arranġamenti alternattivi jkunu jistgħu jiġu applikati minn Stati Membri individwali li jaġixxu taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess.

(6) L-esperjenza fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/98/KE wriet li jeħtieġ li jittieħdu miżuri addizzjonali għat-titjib tal-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni u infurzar ta' dik id-Direttiva u għas-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju filwaqt li jkun garantit li r-rekwiżiti tal-OMI qed jiġu applikati u implimentati b'mod armonizzat fl-Unjoni Ewropea kollha.

(7) Għalhekk għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti biex it-tagħmir tal-baħar jilħaq l-istandards tas-sikurezza stabbiliti fl-istrumenti internazzjonali applikabbli, inklużi l-istandards ta' ttestjar rilevanti, sabiex ikun żgurat li t-tagħmir li jikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti jkun jista' jiċċirkola mingħajr xkiel fi ħdan is-suq intern u jiġi installat abbord il-vapuri li jtajru l-bandiera ta' kwalunkwe Stat Membru.

(8) Sabiex ikun hemm kompetizzjoni ġusta fl-iżvilupp tat-tagħmir tal-baħar, għandu jsir kull sforz biex jiġi promoss l-użu ta' standards miftuħin sabiex isiru disponibbli b'xejn jew bi ħlas nominali, u jkun permissibbli li kulħadd jikkoppjahom, iqassamhom u jużahom bla ħlas jew bi ħlas nominali.

(9) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) tistabbilixxi prinċipji komuni u dispożizzjonijiet ta' referenza maħsubin biex japplikaw għal-leġislazzjoni settorjali kollha biex tiġi pprovduta bażi koerenti għar-reviżjoni jew it-tfassil mill-ġdid ta' dik il-leġislazzjoni. Dik id-Deċiżjoni tikkostitwixxi qafas ġenerali ta' natura orizzontali għal leġislazzjoni futura ta' armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u test ta' referenza għal-leġislazzjoni eżistenti. Dak il-qafas ġenerali jipprovdi soluzzjonijiet xierqa għall-problemi identifikati fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/98/KE. Jeħtieġ għalhekk li d-definizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet ta' referenza tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE jiġu inkorporati f'din id-Direttiva billi jsiru l-adattamenti li huma meħtieġa mill-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tat-tagħmir tal-baħar.

(10) Bil-għan li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jingħataw mezzi addizzjonali speċifiċi li jiffaċilitaw il-kompitu tagħhom, fil-mument opportun it-tikketta elettronika tista' tissupplimenta jew tissostitwixxi l-marka tat-tmun.

(11) Ir-responsabbiltajiet tal-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu stabbiliti b'mod li huwa proporzjonat u mhux diskriminatorju għal dawk l-operaturi ekonomiċi li jkunu stabbiliti fl-Unjoni, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-fatt li proporzjon sinifikanti tat-tagħmir tal-baħar li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva qatt ma jista' jiġi importat u jitqassam fit-territorju tal-Istati Membri.

([1]) Id-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82).

(12) Peress li t-tagħmir tal-baħar jiġi installat abbord il-vapuri waqt il-kostruzzjoni jew it-tiswija tagħhom madwar id-dinja kollha, is-sorveljanza tas-suq issir partikolarment diffiċli u ma tistax tiġi appoġġata b'mod effettiv mill-kontrolli fuq il-fruntiera. Għalhekk, l-obbligi rispettivi tal-Istati Membri u tal-atturi ekonomiċi ġewwa l-Unjoni għandhom ikunu speċifikati b'mod ċar. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tagħmir konformi biss jiġi installat abbord vapuri li jtajru l-bnadar tagħhom u li dan l-obbligu jiġi rrispettat permezz tal-ħruġ, l-approvazzjoni jew it-tiġdid taċ-ċertifikati ta' tali vapuri mill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera taħt il-konvenzjonijiet internazzjonali, kif ukoll permezz tal-arranġamenti nazzjonali għas-sorveljanza tas-suq stabbiliti f'konformità mal-qafas tal-Unjoni ta' sorveljanza tas-suq stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]. L-Istati Membri għandhom ikunu appoġġati fit-twettiq ta' dawn l-obbligi mis-sistemi ta' informazzjoni magħmula disponibbli mill-Kummissjoni għall-valutazzjoni, in-notifika u l-monitoraġġ tal-korpi awtorizzati li jwettqu kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità, il-kondiviżjoni ta' informazzjoni marbuta mat-tagħmir tal-baħar approvat, l-applikazzjonijiet irtirati jew miċħuda, u n-nuqqas ta' konformità tat-tagħmir.

(13) L-ewwel nett, it-twaħħil tal-marka tat-tmun mat-tagħmir tal-baħar mill-manifattur jew, fejn ikun rilevanti, l-importatur għandu jkun il-garanzija skont l-obbligi tagħhom taħt din id-Direttiva li t-tagħmir huwa konformi u jista' jitqiegħed fuq is-suq bil-għan li jiġi installat abbord vapur tal-UE.Minn hemm 'il quddiem, ċerti dispożizzjonijiet għall-kontinwazzjoni u l-applikabbiltà sikuri tal-marka tat-tmun wara li tkun twaħħlet u għar-rilaxx effettiv tal-kompitu tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sorveljanza tas-suq. Il-manifattur jew, fejn ikun rilevanti, l-importatur jew id-distributur, għandu jkun obbligat jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni sħiħa u vera fir-rigward tat-tagħmir li jkun għamillu marka tat-tmun biex jiġi żgurat li t-tagħmir tal-baħar jibqa' sikur. Il-manifattur għandu jkun obbligat jikkoopera mal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq inkluż dwar standards li fuqhom immanifattura u ċċertifika t-tagħmir, u għandu jeżerċita wkoll diliġenza dovuta fir-rigward ta' tagħmir tal-baħar li jqiegħed fis-suq. F'dan ir-rigward, manifattur li jinsab barra l-Unjoni għandu jaħtar rappreżentant awtorizzat sabiex jiżgura l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

(14) Il-konformità mal-istandards internazzjonali ta' ttestjar tista' tintwera bl-aħjar mod permezz ta' proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità bħal dawk stipulati fid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE. Madankollu, il-manifatturi għandu jkollhom disponibbli biss dawk il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istrumenti internazzjonali.

(15) Sabiex tkun żgurata proċedura ġusta u effiċjenti waqt l-analiżi ta' nuqqas ta' konformità ssuspettata, l-Istati Membri għandhom jiġu mħeġġa jieħdu l-miżuri kollha li jwasslu għal evalwazzjoni eżawrjenti u oġġettiva tar-riskji; jekk il-Kummissjoni tkun sodisfatta li din il-kondizzjoni ntlaħqet, ma għandhiex tkun obbligata li tirrepeti dik l-evalwazzjoni meta tirrieżamina l-miżuri restrittivi adottati mill-Istati Membri rigward tagħmir mhux konformi.

(16) Meta l-Kummissjoni tkun qed twettaq id-doveri investigattivi tagħha fir-rigward tal-korpi nnotifikati, hija għandha żżomm lill-Istati Membri infurmati u għandha tikkoopera magħhom kemm jista' jkun, waqt li tikkunsidra b'mod debitu r-rwol indipendenti tagħha.

(17) Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza ta' Stat Membru jkunu tal-fehma li t-tagħmir tal-baħar kopert b'din id-Direttiva jista' jkun ta' riskju għas-sikurezza marittima, għas-saħħa jew għall-ambjent, dawn għandhom iwettqu evalwazzjonijiet jew testijiet b'rabta mat-tagħmir ikkonċernat. F'każ li jinstab riskju, l-Istat Membru għandu jitlob lill-operatur ekonomiku kkonċernat biex jieħu l-azzjoni korrettiva xierqa, jew saħansitra jirtira jew jieħu lura t-tagħmir ikkonċernat.

(18) L-użu ta' tagħmir tal-baħar li ma jkollux il-marka tat-tmun għandu jkun permess f'ċirkostanzi eċċezzjonali, speċjalment meta ma jkunx possibbli li vapur jikseb tagħmir li għandu l-marka tat-tmun f'port jew installazzjoni barra l-Unjoni jew meta t-tagħmir li għandu l-marka tat-tmun ma jkunx disponibbli fis-suq.

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30).

(19) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-kisba tal-objettivi ta' din id-Direttiva ma tiġix ostakolata min-nuqqas ta' standards internazzjonali jew minn nuqqasijiet jew anomaliji serji fl-istandards eżistenti, inklużi l-istandards ta' ttestjar għal biċċa tagħmir tal-baħar speċifikali taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Jeħtieġ ukoll li jiġu identifikati l-biċċiet tagħmir tal-baħar speċifiċi li jistgħu jibbenefikaw mit-tikkettjar elettroniku. Barra minn hekk jeħtieġ li jinżamm aġġornat element mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, jiġifieri r-referenzi għall-istandards kif imsemmi fl-Anness III, meta jsiru disponibbli standards ġodda. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha għalhekk tkun iddelegata lill-ummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni, b'ċerti kondizzjonijiet u fuq bażi temporanja, ta' speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati u standards ta' ttestjar u sabiex jiġu emendati dawk ir-referenzi. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tkun qed tħejji u tfassal atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(20) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva, għandu jkun hemm implimentazzjoni uniformi tal-istrumenti internazzjonali fis-suq intern. Għalhekk jeħtieġ, għal kull parti tat-tagħmir tal-baħar li għalih tkun meħtieġa l-approvazzjoni tal-Istat tal-bandiera skont il-konvenzjonijiet internazzjonali, li jiġu identifikati b'mod ċar u f'waqtu r-rekwiżiti ta' disinn, kostruzzjoni u prestazzjoni kif ukoll l-istandards ta' ttestjar assoċjati stipulati fl-istrumenti internazzjonali għal dak it-tagħmir, u biex jiġu adottati kriterji u proċeduri komuni, inklużi skedi ta' żmien, għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti u l-istandards mill-korpi nnotifikati, l-awtoritajiet tal-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi, inkluż kwalunkwe operatur responsabbli għat-tqegħid tat-tagħmir abbord vapur tal-UE. Jeħtieġ ukoll li jiġi żgurat li l-kisba tal-objettivi ta' din id-Direttiva ma tiġix ostakolata minn nuqqasijiet fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-istandards ta' ttestjar applikabbli jew f'każijiet fejn l-OMI ma tkunx ipproduċiet standards xierqa għat-tagħmir tal-baħar li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

(21) L-istrumenti internazzjonali, bl-eċċezzjoni tal-istandards tal-ittestjar, għandhom japplikaw awtomatikament fil-verżjoni aġġornata tagħhom. Sabiex jittaffa r-riskju li l-introduzzjoni ta' standards ta' ttestjar ġodda fil-leġislazzjoni tal-Unjoni tikkawża diffikultajiet sproporzjonati għall-flotta tal-Unjoni u għall-operaturi ekonomiċi, mill-perspettiva ta' ċarezza u ċertezza legali, id-dħul fis-seħħ ta' tali standards ġodda ta' ttestjar m'għandux ikun awtomatiku iżda, pjuttost, għandu jiġi indikat b'mod espliċitu mill-Kummissjoni.

(22) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(23) Sabiex tiġi ffaċilitata implimentazzjoni armonizzata, rapida u sempliċi ta' din id-Direttiva, l-atti ta' implimentazzjoni adottati skont din id-Direttiva għandhom jieħdu l-għamla ta' Regolamenti tal-Kummissjoni.

(24) F'konformità mal-prattika stabbilita, il-kumitat imsemmi f'din id-Direttiva jista' jkollu rwol utli fl-analiżi ta' kwistjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva li jitqajmu mill-president tiegħu jew minn rappreżentant ta' Stat Membru f'konformità mar-regoli ta' proċedura tiegħu.

(25) Meta kwistjonijiet relatati ma' din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni tal-implimentazzjoni jew il-ksur tagħha, ikunu qed jiġu eżaminati, pereżempju fi grupp ta' esperti tal-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew għandu, f'konformità mal-prattika eżistenti, jirċievi informazzjoni u dokumentazzjoni sħiħa u, fejn opportun, stedina biex jattendi il-laqgħat.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(26) Il-Kummissjoni hija assistita mill-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), fl- implimentazzjoni effettiva ta' atti legalment vinkolanti rilevanti tal-Unjoni u fit-twettiq tal-kompiti li jinsabu fih u li huma fdati f'idejn il-Kummissjoni.

(27) L-awtoritajiet kompetenti u l-operaturi ekonomiċi kollha għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jiffaċilitaw il-komunikazzjoni bil-miktub f'konformità mal-prattika internazzjonali, bil-ħsieb li jinstabu mezzi ta' komunikazzjoni komuni.

(28) Ladarba l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri t-titjib tas-sikurezza fuq il-baħar u l-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar permezz tal-applikazzjoni uniformi tal-istrumenti internazzjonali rilevanti relatati mat-tagħmir li għandu jiġi installat abbord il-vapuri, u li jkun żgurat il-moviment liberu ta' tagħmir bħal dan fl-Unjoni, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jistgħu pjuttost jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(29) Il-miżuri li għandhom jiġu adottati jirrappreżentaw modifika kbira tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/98/KE u għalhekk, fl-interess taċ-ċarezza, dik id-Direttiva għandha titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Direttiva,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU 1

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Għan**

L-għan ta' din id-Direttiva huwa li titjieb is-sikurezza fuq il-baħar u li jiġi evitat it-tniġġis tal-baħar permezz tal-applikazzjoni uniformi tal-istrumenti internazzjonali rilevanti relatati mat-tagħmir tal-baħar li jiġi installat abbord vapuri tal-UE, u li jiġi żgurat il-moviment liberu ta' tagħmir bħal dan fl-Unjoni.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "tagħmir tal-baħar" tfisser tagħmir li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva f'konformità mal-Artikolu 3;

(2) "vapur tal-UE" tfisser vapur li jtajjar bandiera ta' Stat Membru u li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali;

(3) "konvenzjonijiet internazzjonali" tfisser il-konvenzjonijiet li ġejjin, flimkien mal-protokolli u l-kodiċijiet ta' applikazzjoni obbligatorja tagħhom, adottati taħt il-patroċinju tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), li jkunu daħlu fis-seħħ u li jistabbilixxu rekwiżiti speċifiċi għall-approvazzjoni mill-Istat tal-bandiera ta' tagħmir li jiġi installat abbord vapuri:

— il-Konvenzjoni tal-1972 fuq ir-Regolamenti Internazzjonali għal Prevenzjoni ta' Kolliżjonijiet fuq il-Baħar (Colreg),

([1]) Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

— il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis minn Vapuri (Marpol) tal-1973,

— il-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (Solas) tal-1974;

(4) “standards tal-ittestjar” tfisser l-istandards ta’ ttestjar għat-tagħmir tal-baħar stabbiliti minn:

— l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO),

— l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO),

— il-Kummissjoni Elettroteknika Internazzjonali (IEC),

— il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN),

— il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec),

— l-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (ITU),

— l-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI),

— il-Kummissjoni, f’konformità mal-Artikolu 8 u l-Artikolu 27(6) ta’ din id-Direttiva,

— l-awtoritajiet regolatorji rikonoxxuti fil-ftehimiet ta’ rikonoxximent reċiproku li tagħhom l-Unjoni hija parti;

(5) “strumenti internazzjonali” tfisser il-konvenzjonijiet internazzjonali, flimkien mar-riżoluzzjonijiet u ċ-ċirkolarijiet tal-OMI li jagħtu effett lil dawk il-konvenzjonijiet fil-verżjoni aġġornata tagħhom, u l-istandards tal-ittestjar;

(6) “marka tat-tmun” tfisser is-simbolu msemmi fl-Artikolu 9 u stabbilit fl-Anness I jew, kif xieraq, it-tikketta elettronika imsemmija fl-Artikolu 11;

(7) “korp innotifikat” tfisser organizzazzjoni magħżula mill-amministrazzjoni nazzjonali kompetenti ta’ xi Stat Membru f’konformità mal-Artikolu 17;

(8) “magħmul disponibbli fis-suq” tfisser kwalunkwe provvista ta’ tagħmir tal-baħar fis-suq tal-Unjoni matul attività kummerċjali, sew jekk bi ħlas kif ukoll mingħajr ħlas;

(9) “tqegħid fis-suq” tfisser l-ewwel darba li tagħmir tal-baħar ikun disponibbli fis-suq tal-Unjoni;

(10) “manifattur” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura t-tagħmir tal-baħar, jew li tqabbad lil min jiddisinja jew jimmanifattura t-tagħmir tal-baħar, u li tikkummerċjalizza dak it-tagħmir taħt isimha jew il-marka kummerċjali tagħha;

(11) “rappreżentant awtorizzat” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand il-manifattur sabiex taġixxi f’ismu fir-rigward ta’ kompiti speċifiċi;

(12) "importatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni, li tqiegħed tagħmir tal-baħar minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;

(13) "distributur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-provvista, li mhijiex il-manifattur jew l-importatur, u li tagħmel it-tagħmir tal-baħar disponibbli fis-suq;

(14) "operaturi ekonomiċi" tfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur u d-distributur;

(15) "akkreditazzjoni" tfisser akkreditazzjoni kif definita fil-punt 10 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;

(16) "korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni" tfisser korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni kif definit fil-punt 11 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;

(17) "valutazzjoni tal-konformità" tfisser il-proċess imwettaq mill-korpi nnotifikati, f'konformità mal-Artikolu 15, li juri jekk it-tagħmir tal-baħar huwiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva;

(18) "korp tal-valutazzjoni tal-konformità" tfisser korp li jwettaq attivitajiet ta' valutazzjoni tal- konformità inkluż il-kalibrar, l-ittestjar, iċ-ċertifikazzjoni u l-ispezzjoni;

(19) "sejħa lura" tfisser kwalunkwe miżura mmirata biex tikseb ir-ritorn ta' tagħmir tal-baħar, li diġà jkun ġie installat abbord vapuri tal-UE jew inxtara bl-intenzjoni li jiġi installat abbord vapuri tal-UE;

(20) "irtirar" tfisser kwalunkwe miżura mmirata li tipprevjeni li tagħmir tal-baħar fil-katina tal-provvista jsir disponibbli fis-suq;

(21) "dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE" tfisser dikjarazzjoni maħruġa mill-manifattur f'konformità mal-Artikolu 16;

(22) "prodott" tfisser parti tat-tagħmir tal-baħar.

*Artikolu 3*

**Kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal tagħmir li jiġi installat abbord vapur tal-UE jew li għandu jiġi installat abbord tiegħu u li għalih hija meħtieġa l-approvazzjoni tal-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera mill-istrumenti internazzjonali, irrispettivament minn jekk il-vapur ikunx jinsab fl-Unjoni fil-mument meta jiġi installat it-tagħmir.

2. Minkejja l-fatt li t-tagħmir imsemmi fil-paragrafu 1 jista' wkoll jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' strumenti tal-liġi tal-Unjoni minbarra din id-Direttiva, dak it-tagħmir għandu, għall-iskop stipulat fl-Artikolu 1, ikun soġġett biss għal din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

**Rekwiżiti għat-tagħmir tal-baħar**

1. It-tagħmir tal-baħar li jiġi installat abbord vapur tal-UE fid-data msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 39(1) jew warajha għandu jissodisfa r-rekwiżiti ta' disinn, kostruzzjoni u prestazzjoni tal-istrumenti internazzjonali kif applikabbli fil-mument meta dak it-tagħmir jiġi installat abbord.

2. Il-konformità tat-tagħmir tal-baħar mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 għandha tintwera biss f'konformità mal-istandards ta' ttestjar u permezz tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 15.

3. L-istrumenti internazzjonali għandhom japplikaw, mingħajr preġudizzju għall-proċedura ta' kontroll ta' konformità stabbilita fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

4. Ir-rekwiżiti u l-istandards imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu implimentati b'mod uniformi, f'konformità mal-Artikolu 35(2).

*Artikolu 5*

**Applikazzjoni**

1. Meta l-Istati Membri joħorġu, japprovaw jew iġeddu ċ-ċertifikati tal-vapuri li jtajru l-bandiera tagħhom kif meħtieġ mill-konvenzjonijiet internazzjonali, huma għandhom jiżguraw li t-tagħmir tal-baħar abbord dawk il-vapuri jikkonforma mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li tagħmir tal-baħar abbord vapuri li jtajru l-bandiera tagħhom jikkonforma mar-rekwiżiti fl-istrumenti internazzjonali li huma applikabbli għat-tagħmir li diġà ġie installat abbord. Il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tiżgura l-applikazzjoni uniformi ta' dawn il-miżuri, f'konformità mal-Artikolu 35(3).

*Artikolu 6*

**Funzjonament tas-suq intern**

L-Istati Membri m'għandhomx jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq jew l-installazzjoni abbord vapur tal-UE ta' tagħmir tal-baħar li jikkonforma ma' din id-Direttiva, u lanqas jirrifjutaw li joħorġu ċ-ċertifikati relatati magħhom għall-vapuri li jtajru l-bandiera tagħhom, jew li jġeddu dawn iċ-ċertifikati.

*Artikolu 7*

**Trasferiment ta' vapur għall-bandiera ta' Stat Membru**

1. Fil-każ ta' vapur mhux tal-UE li jkun ser jiġi ttrasferit għall-bandiera ta' Stat Membru, matul it-trasferiment, dak il-vapur għandu jkun soġġett għall-ispezzjoni mill-Istat Membru li qed jirċivih biex jivverifika li l-kondizzjoni attwali tat-tagħmir tal-baħar tiegħu tikkorrispondi maċ-ċertifikati ta' sikurezza tiegħu u jew li t-tagħmir jikkonforma ma' din id-Direttiva u għandu l-marka tat-tmun jew inkella huwa ekwivalenti, għas-sodisfazzjon tal-amministrazzjoni ta' dak l-Istat Membru, għal tagħmir tal-baħar iċċertifikat f'konformità ma' din id-Direttiva mit-18 ta' Settembru 2016.

2. F'każijiet fejn ma tkunx tista' tiġi stabbilita d-data tal-installazzjoni abbord tat-tagħmir tal-baħar, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw ir-rekwiżiti sodisfaċenti ta' ekwivalenza, b'kont meħud tal-istrumenti internazzjonali rilevanti.

3. Kemm-il darba t-tagħmir ma jkollux il-marka tat-tmun jew l-amministrazzjoni ma tqishiex bħala ekwivalenti, dan għandu jinbidel.

4. Għat-tagħmir tal-baħar li jitqies bħala ekwivalenti skont dan l-Artikolu għandu jinħareġ ċertifikat mill-Istat Membru li għandu jinżamm dejjem mat-tagħmir. Dak iċ-ċertifikat għandu jagħti l-permess tal-Istat Membru tal-bandiera biex it-tagħmir jinżamm abbord il-vapur u jimponi kwalunkwe restrizzjoni jew jippreskrivi kwalunkwe dispożizzjoni marbuta mal-użu tat-tagħmir.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) (ĠU L 324, 29.11.2002, p. 1).

*Artikolu 8*

**Standards għat-tagħmir tal-baħar**

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ([1]), kif emendata bir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), l-Unjoni għandha ssegwi l-iżvilupp mill-OMI u minn korpi ta' standardizzazzjoni ta' standards internazzjonali xierqa, inklużi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-istandards ta' ttestjar dettaljati, għal tagħmir tal-baħar li l-użu jew l-installazzjoni tiegħu abbord il-vapuri titqies meħtieġa għat-titjib tas-sikurezza marittima u l-prevenzjoni tat-tniġġis tal-baħar. Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ ta' dan l-iżvilupp fuq bażi regolari.

2. Fin-nuqqas ta' standard internazzjonali għal biċċa tagħmir tal-baħar speċifika, f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn dan ikun iġġustifikat kif jisthoqq minn analiżi xierqa u sabiex titneħħa theddida serja u inaċċettabbli għas-sikurezza marittima, għas-saħħa jew għall-ambjent u b'kont meħud ta' kwalunkwe ħidma li tkun għaddejja fil-livell tal-OMI, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37, speċifikazzjonijiet tekniċi u standards ta' ttestjar armonizzati għal dik il-biċċa tagħmir tal-baħar speċifika.

Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet mal-esperti, inklużi l-esperti tal-Istati Membri, matul it-tħejjija ta' dawn l-atti delegati.

Dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-istandards ta' ttestjar għandhom japplikaw fuq bażi temporanja sa meta l-OMI tadotta standard għal dik il-biċċa tagħmir tal-baħar speċifika.

3. F'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn dan ikun iġġustifikat kif jisthoqq minn analiżi xierqa u jekk meħtieġ sabiex titneħħa theddida inaċċettabbli identifikata għas-sikurezza marittima, għas-saħħa jew għall-ambjent minħabba dgħufija jew anomalija serja fl-istandard eżistenti għal biċċa tagħmir tal-baħar speċifika indikata mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 35(2) jew (3) u b'kont meħud ta' kwalunkwe ħidma li tkun għaddejja fil-livell tal-OMI, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37, speċifikazzjonijiet tekniċi u standards ta' ttestjar armonizzati għal dik il-biċċa tagħmir tal-baħar speċifika, sa fejn dan ikun meħtieġ bħala rimedju għal dgħufija jew anomalija serja biss.

Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet mal-esperti, inklużi l-esperti tal-Istati Membri, matul it-tħejjija ta' dawn l-atti delegati.

Dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-istandards ta' ttestjar għandhom japplikaw fuq bażi temporanja sa meta l-OMI tkun analizzat l-istandard applikabbli għal dik il-parti speċifika tat-tagħmir tal-baħar.

4. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-istandards adottati f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 għandhom ikunu aċċessibbli mingħajr ħlas mill-Kummissjoni.

KAPITOLU 2

**IL-MARKA TAT-TMUN**

*Artikolu 9*

**Il-marka tat-tmun**

1. It-tagħmir tal-baħar li l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva tkun ntweriet f'konformità mal-proċeduri rilevanti tal-valutazzjoni tal-konformità, għandu jkollu marka tat-tmun imwaħħla miegħu.

([1]) Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-regolamenti tekniċi (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

2. Il-marka tat-tmun ma għandha titwaħħal mal-ebda prodott ieħor.

3. Il-forma tal-marka tat-tmun li għandha tintuża għandha tkun kif stipulat fl-Anness I.

4. L-użu tal-marka tat-tmun għandha tkun soġġetta għall-prinċipji ġenerali stabbiliti fil-paragrafu 1 u 3 sa 6 tal-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, fejn kwalunkwe referenza għall-immarkar CE għandha tinftiehem bħala referenza għall-marka tat-tmun.

*Artikolu 10*

**Regoli u kondizzjonijiet għat-twaħħil tal-marka tat-tmun**

1. Il-marka tat-tmun għandha titwaħħal fuq il-prodott jew fuq it-tikketta bid-data tiegħu b'mod li tkun tidher, tkun tista' tinqara u ma titħassarx u, fejn ikun rilevanti, tiġi inkorporata fis-software tiegħu. Fejn dan mhuwiex possibbli jew ma jkunx jaqbel li jsir minħabba n-natura tal-prodott, il-marka tat-tmun għandha titwaħħal mal-imballaġġ u mad-dokumenti li jakkumpanjawh.

2. Il-marka tat-tmun għandha titwaħħal fl-aħħar tal-fażi ta' produzzjoni.

3. Il-marka tat-tmun għandha tkun segwita bin-numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat, fejn dak il-korp ikun involut fil-fażi ta' kontroll tal-produzzjoni, u bis-sena li fiha titwaħħal il-marka.

4. In-numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat għandu jitwaħħal mill-korp innifsu jew, fuq struzzjonijiet tiegħu, mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur.

*Artikolu 11*

**Tikketta elettronika**

1. Sabiex tiġi ffaċilitata s-sorveljanza fis-suq u tiġi evitata l-falsifikazzjoni ta' biċċiet tagħmir tal-baħar speċifiċi li jissemmew fil-paragrafu 3, il-manifatturi jistgħu jużaw forma xierqa u affidabbli ta' tikketta elettronika minflok il-marka tat-tmun, jew flimkien marka tat-tmunmagħha. F'dan il-każ, l-Artikoli 9 u 10 għandhom japplikaw, kif xieraq, mutatis mutandis.

2. Il-Kummissjoni għandha twettaq analiżi tal-benefiċċji mqabbla mal-ispejjeż fir-rigward tal-użu tat-tikketta elettronika bħala suppliment għall-marka tat-tmun jew sostituzzjoni tagħha.

3. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 37, sabiex tidentifika l-biċċiet tagħmir tal-baħar speċifiċi li jistgħu jibbenefikaw mit-tikkettjar elettroniku. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet mal-esperti, inklużi l-esperti tal-Istati Membri, matul it-tħejjija ta' dawn l-atti delegati.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi, fl-għamla ta' Regolamenti tal-Kummissjoni u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 38(2), kriterji tekniċi xierqa rigward id-disinn, il-prestazzjoni, it-twaħħil u l-użu tat-tikketti elettroniċi.

5. Għat-tagħmir identifikat f'konformità mal-paragrafu 3, fi żmien tliet snin wara d-data tal-adozzjoni tal-kriterji tekniċi xierqa msemmija fil-paragrafu 4, il-marka tat-tmun tista' tkun issupplimentata b'forma xierqa u affidabbli ta' tikketta elettronika.

6. Għat-tagħmir identifikat f'konformità mal-paragrafu 3, fi żmien ħames snin wara d-data tal-adozzjoni tal-kriterji tekniċi xierqa msemmija fil-paragrafu 4, il-marka tat-tmun tista' tkun issostitwita b'forma xierqa u affidabbli ta' tikketta elettronika.

KAPITOLU 3

**OBBLIGI TAL-OPERATURI EKONOMIĊI**

*Artikolu 12*

**Obbligi tal-manifatturi**

1. Permezz tat-twaħħil tal-marka tat-tmun, il-manifatturi għandhom jieħdu r-responsabbiltà li jiggarantixxu li t-tagħmir tal-baħar li fuqu titwaħħal il-marka tat-tmun ikun ġie ddisinjat u mmanifatturat f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet u l-istandards tekniċi implimentati f'konformità mal-Artikolu 35(2) u għandhom jassumu l-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 9 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-manifatturi għandhom iħejju d-dokumentazzjoni teknika meħtieġa u jagħmlu arranġamenti biex il-proċedura applikabbli tal-valutazzjoni tal-konformità titwettaq.

3. Fejn il-konformità tat-tagħmir tal-baħar mar-rekwiżiti applikabbli tkun intweriet bil-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità, il-manifatturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE skont l-Artikolu 16 u jwaħħlu l-marka tat-tmun f'konformità mal-Artikoli 9 u 10.

4. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE msemmija fl-Artikolu 16 għal mill-inqas għaxar snin wara t-twaħħil tal-marka tat-tmun u fl-ebda każ għal perijodu inqas mill-ħajja mistennija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat.

5. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li jkunu ġew stabbiliti proċeduri biex il-produzzjoni tas-serje tibqa' konformi. Għandhom jiġu kkunsidrati l-bidliet fid-disinn jew il-karatteristiċi tat-tagħmir tal-baħar u l-bidliet fir-rekwiżiti fl-istrumenti internazzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 4, li abbażi tagħhom it-tagħmir tal-baħar jiġi ddikjarat bħala konformi. Fejn meħtieġ f'konformità mal-Anness II, il-manifatturi għandhom jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa biex il-valutazzjoni ġdida tal-konformità titwettaq.

6. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodotti tagħhom ikollhom numru tat-tip, tal-partita jew tas-serje jew kwalunkwe element ieħor biex ikunu jistgħu jiġu identifikati, jew, jekk dan ma jkunx possibbli minħabba d-daqs jew in-natura tal-prodott, li l-informazzjoni meħtieġa tingħata fuq l-imballaġġ jew f'dokument li jakkumpanja l-prodott, jew it-tnejn, kif ikun xieraq.

7. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew il-marka kummerċjali rreġistrata tagħhom u l-indirizz fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati fuq il-prodott jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-prodott, jew it-tnejn, kif ikun xieraq. L-indirizz għandu jindika punt uniku fejn jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur.

8. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodott ikun akkumpanjat minn struzzjonijiet u l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-installazzjoni sikura abbord u l-użu sikur tal-prodott, inklużi limitazzjonijiet għall-użu, jekk ikun hemm, li jinftiehmu faċilment mill-utenti, flimkien ma' kull dokumentazzjoni oħra meħtieġa mill-istrumenti jew l-istandards ta' ttestjar internazzjonali.

9. Il-manifatturi li jqisu jew ikollhom raġuni biex jemmnu li prodott li jkunu waħħlulu marka tat-tmun mhuwiex konformi mar-rekwiżiti applikabbli ta' disinn, kostruzzjoni u prestazzjoni u mal-istandards ta' ttestjar implimentati f'konformità mal-Artikoli 35(2) u (3), għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-prodott isir konformi, biex jirtirawh jew isejħu lura l-prodott, jekk dan ikun xieraq. Barra minn hekk, fejn il-prodott jippreżenta riskju, il-manifatturi għandhom jinfurmaw minnufih lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikulari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.

10. Il-manifatturi għandhom, fuq talba bir-raġunijiet minn awtorità kompetenti, jipprovduha minnufih bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-prodott, b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità jew li tkun aċċettabbli għaliha, u jagħtu aċċess għall-bini tagħhom lil dik l-awtorità għal finijiet ta' sorveljanza tas-suq f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u jipprovdu kampjuni jew aċċess għall-kampjuni f'konformità mal-Artikolu 25(4) ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba mingħandha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-prodotti li jkunu qiegħdu fis-suq.

*Artikolu 13*

**Rappreżentanti awtorizzati**

1. Manifattur li ma jkunx jinsab fit-territorju ta' mill-inqas Stat Membru wieħed għandu, permezz ta' mandat bil-miktub, jaħtar rappreżentant awtorizzat għall-Unjoni u għandu jindika fil-mandat l-isem tar-rappreżentant awtorizzat u l-indirizz li fih ikun jista' jiġi kkuntattjat.

2. It-twettiq tal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 12(1) u t-tfassil tad-dokumentazzjoni teknika ma għandhomx jiffurmaw parti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.

3. Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jirċievi mingħand il-manifattur. Il-mandat għandu jippermetti li r-rappreżentant awtorizzat tal-inqas jagħmel dan li ġej:

(a) iżomm id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE u d-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza għal mill-inqas għaxar snin wara t-twaħħil tal-marka tat-tmun u fl-ebda każ għal perijodu iqsar mill-ħajja mistennija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat;

(b) fuq talba bir-raġunijiet minn awtorità kompetenti, jipprovdi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-prodott;

(c) jikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti, fuq talba tagħhom, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati riskji ppreżentati minn prodotti koperti mill-mandat tiegħu.

*Artikolu 14*

**Operaturi ekonomiċi oħrajn**

1. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata tagħhom u l-indirizz fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati fuq il-prodott jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-ippakkjar tiegħu jew f'dokument li jakkumpanja l-prodott jew it-tnejn li huma, kif ikun xieraq.

2. L-importaturi u d-distributuri għandhom, fuq talba bir-raġunijiet minn awtorità kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-prodott, b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità jew tkun aċċettabbli għaliha. Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, fuq talba mingħandha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-prodotti li jkunu qiegħdu fis-suq.

3. Importatur jew distributur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' din id-Direttiva u għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 12, fejn iqiegħed it-tagħmir tal-baħar fis-suq jew abbord vapur tal-UE f'ismu jew bil-marka kummerċjali tiegħu, jew jimmodifika tagħmir tal-baħar li diġà jkun imqiegħed fis-suq b'mod li tista' tiġi affettwata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli.

4. Għal perijodu ta' mill-inqas għaxar snin wara li tkun twaħħlet il-marka tat-tmun u fl-ebda każ għal perijodu iqsar mill-ħajja mistennija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat, l-operaturi ekonomiċi għandhom, fuq talba, jidentifikaw dawn li ġejjin lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq:

(a) kwalunkwe operatur ekonomiku li jkun fornihom bi prodott;

(b) kwalunkwe operatur ekonomiku li huma jkunu fornew bi prodott.

KAPITOLU 4

**VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ U NOTIFIKA TAL-KORPI TAL-VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ**

*Artikolu 15*

**Proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità**

1. Il-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness II.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur jagħmel arranġamenti biex titwettaq valutazzjoni tal-konformità, permezz ta' korp innotifikat, għal xi biċċa tagħmir tal-baħar speċifika, billi tintuża waħda mill-għażliet ipprovduti permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 38(2), minn fost waħda mill-proċeduri li ġejjin:

(a) fejn jintuża l-eżami tat-tip EC (il-modulu B), qabel ma jitqiegħed fis-suq, it-tagħmir tal-baħar kollu għandu jkun soġġett għal:

— il-garanzija tal-kwalità tal-prodott (il-modulu D); jew

— il-garanzija tal-kwalità tal-prodott (il-modulu E); jew

— il-verifika tal-prodott (il-modulu F);

(b) fejn is-settijiet ta' tagħmir tal-baħar jiġu prodotti individwalment jew fi kwantitajiet żgħar u mhux f'sensiela jew f'massa, il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità tista' tkun il-verifika tal-unità EC (il-modulu G).

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz tas-sistema ta' informazzjoni disponibbli għal dak il-għan, iżżomm lista aġġornata ta' tagħmir tal-baħar approvat u applikazzjonijiet irtirati jew miċħuda u għandha tagħmilha disponibbli lill-partijiet interessati.

*Artikolu 16*

**Dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE**

1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tiddikjara li ntwera li r-rekwiżiti stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 4 ġew issodisfatti.

2. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha ssegwi l-istruttura tal-mudell li jinsab fl-Anness III għad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE. Din għandha tinkludi l-elementi speċifikati fil-moduli rilevanti stabbiliti fl-Anness II għal din id-Direttiva u għandha tinżamm aġġornata.

3. Bit-tfassil tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, il-manifattur għandu jieħu r-responsabbiltà u jassumi l-obbligi msemmija fl-Artikolu 12(1).

4. Meta t-tagħmir tal-baħar jiġi installat abbord vapur tal-UE, il-vapur għandu jingħata kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE li tkopri t-tagħmir ikkonċernat, u din għandha tinżamm abbord sakemm it-tagħmir imsemmi jitneħħa mill-vapur. Din għandha tiġi tradotta mill-manifattur fil-lingwa jew lingwi meħtieġa mill-Istat Membru tal-bandiera, inkluż mill-inqas lingwa użata komunement mis-settur tat-trasport marittimu.

5. Kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tiġi pprovduta lill-korp innotifikat jew lill-korpi li jkunu wettqu l-proċeduri rilevanti tal-valutazzjoni tal-konformità.

*Artikolu 17*

**Notifika lill-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità**

1. L-Istati Membri għandhom, permezz tas-sistema ta' informazzjoni disponibbli mill-Kummissjoni għal dak il-għan, jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-korpi awtorizzati li jwettqu kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità skont din id-Direttiva.

2. Il-korpi nnotifikati għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness III.

*Artikolu 18*

**Awtoritajiet notifikanti**

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità notifikanti li tkun responsabbli biex tistabbilixxi u twettaq il-proċeduri meħtieġa għall-valutazzjoni u n-notifika tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità u għall-monitoraġġ tal-korpi nnotifikati, inkluża l-konformità mal-Artikolu 20.

2. Il-korpi nnotifikati għandhom jiġu mmonitorjati tal-inqas kull sentejn. Il-Kummissjoni tista' tagħżel li tipparteċipa bħala osservatur f'dan l-eżerċizzju ta' monitoraġġ.

3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-valutazzjoni u l-monitoraġġ imsemmijin fil-paragrafu 1 jitwettqu minn korp nazzjonali tal-akkreditament.

4. Fejn l-awtorità notifikanti tiddelega jew b'mod ieħor tafda l-valutazzjoni, in-notifika jew il-monitoraġġ imsemmijin fil-paragrafu 1 lil korp li ma jkunx entità governattiva, dak il-korp għandu jkun entità ġuridika u għandu jikkonforma mutatis mutandis mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V. Barra minn hekk, tali korp għandu jkollu stabbiliti arranġamenti biex ikopri r-responsabbiltà li tirriżulta mill-attivitajiet tiegħu.

5. L-awtorità notifikanti għandha tieħu r-responsabbiltà kollha għall-kompiti mwettqin mill-korp imsemmi fil-paragrafu 4.

6. L-awtorità notifikanti għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V.

*Artikolu 19*

**Obbligu ta' informazzjoni għall-awtoritajiet notifikanti**

1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar il-proċeduri tagħhom għall-valutazzjoni u n-notifika tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità u dwar il-monitoraġġ ta' korpi bħal dawn, kif ukoll dwar kull tibdil li jsirilhom.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz tas-sistema ta' informazzjoni magħmula disponibbli mill-Kummissjoni għal dik il-fini, tqiegħed dik l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

*Artikolu 20*

**Sussidjarji ta' korpi nnotifikati u sottokuntrattar minn korpi nnotifikati**

1. Fejn korp innotifikat jagħti kompiti speċifiċi marbutin mal-valutazzjoni tal-konformità b'sottokuntratt jew iqabbad sussidjarju, huwa għandu jiżgura li s-sottokuntrattur jew is-sussidjarju josserva r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III u għandu jinforma lill-awtorità notifikanti skont il-każ.

2. Il-korpi nnotifikati għandhom jieħdu responsabbiltà sħiħa għall-kompiti mwettqa mis-sottokuntratturi jew mis-sussidjarji ikun fejn ikun li dawn ikunu stabbiliti.

3. L-attivitajiet jistgħu jingħataw b'sottokuntratt jew jitwettqu minn sussidjarju biss bi ftehim mal-klijent.

4. Il-korp innotifikat għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtorità notifikanti d-dokumenti rilevanti dwar il-valutazzjoni tal-kwalifiki tas-sottokuntrattur jew tas-sussidjarju u tal-ħidma li tkun saret minn tali sottokuntrattur jew sussidjarju skont din id-Direttiva.

*Artikolu 21*

**Tibdil fin-notifiki**

1. Fejn awtorità notifikanti taċċerta ruħha jew tkun informata li korp innotifikat ma jkunx għadu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III, jew li jkun qed jonqos milli jaqdi l-obbligi tiegħu taħt din id-Direttiva, l-awtorità notifikanti għandha tillimita, tissospendi jew tirtira n-notifika kif xieraq, skont kemm ikun gravi n-nuqqas fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti jew tal-obbligi li jridu jiġu ssodisfatti. Permezz tas-sistema ta' informazzjoni magħmula disponibbli għal dik il-fini mill-Kummissjoni, hija għandha tinforma immedjatament lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar dan.

2. Fil-każ li tiġi limitata, sospiża jew irtirata n-notifika, jew fejn il-korp innotifikat ma jkunx għadu attiv, l-Istat Membru notifikanti għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li l-fajls ta' dak il-korp jiġu pproċessati minn korp innotifikat ieħor jew jinżammu disponibbli għall-awtorità notifikanti u għall-awtorità ta' sorveljanza tas-suq li jkunu responsabbli, fuq talba mingħandhom.

*Artikolu 22*

**Kontestar tal-kompetenza ta' korpi nnotifikati**

1. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn ikollha dubju, abbażi tal-informazzjoni disponibbli għaliha jew li tinġieb għall-attenzjoni tagħha, dwar il-kompetenza ta' korp innotifikat jew l-issoktar tal-osservanza minn korp innotifikat tar-rekwiżiti u r-responsabbiltajiet li għalihom huwa jkun soġġett.

2. L-Istat Membru notifikanti għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, fuq talba, bl-informazzjoni kollha relatata mal-bażi għan-notifika jew iż-żamma tal-kompetenza tal-korp ikkonċernat.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni sensittiva kollha miksuba matul l-investigazzjonijiet tagħha tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali.

4. Fejn il-Kummissjoni taċċerta ruħha li korp innotifikat ma jissodisfax, jew ma jkunx għadu jissodisfa, ir-rekwiżiti għan-notifika tiegħu, hija għandha mingħajr dewmien tgħarraf lill-Istat Membru notifikanti b'dan u titolbu jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa mingħajr dewmien, inkluża d-denotifikazzjoni, jekk ikun meħtieġ.

*Artikolu 23*

**Obbligi operazzjonali tal-korpi nnotifikati**

1. Il-korpi nnotifikati għandhom iwettqu l-valutazzjonijiet tal-konformità jew jagħmlu arranġamenti biex dawn jitwettqu minn ħaddieħor f'konformità mal-proċeduri previsti fl-Artikolu 15.

2. Fejn korp innotifikat ikun tal-fehma li l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 12 ma jkunux ġew sodisfatti mill-manifattur, dan għandu jirrikjedi li l-manifattur jieħu l-miżuri korrettivi xierqa mingħajr dewmien u ma għandux joħroġ ċertifikat ta' konformità.

3. Fejn, matul il-monitoraġġ tal-konformità wara l-ħruġ ta' ċertifikat ta' konformità, korp innotifikat ikun tal-fehma li prodott ma jkunx għadu jikkonforma, huwa għandu jeħtieġ li l-manifattur jieħu miżuri korrettivi xierqa mingħajr dewmien u għandu jissospendi jew jirtira ċ-ċertifikat fejn meħtieġ. Fejn ma jittieħdux miżuri korrettivi jew fejn dawn ma jkollhomx l-effett meħtieġ, il-korp innotifikat għandu jillimita, jissospendi jew jirtira ċ-ċertifikat, skont il-każ.

*Artikolu 24*

**Obbligu tal-korpi nnotifikati li jipprovdu informazzjoni**

1. Il-korpi nnotifikati għandhom jinfurmaw lill-awtorità notifikanti dwar dan li ġej:

(a) kwalunkwe ċaħda, restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar ta' ċertifikat ta' konformità;

(b) kwalunkwe ċirkostanza li taffettwa l-ambitu tan-notifika u l-kondizzjonijiet għaliha;

(c) kwalunkwe talba għal informazzjoni li huma jkunu rċevew minn awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq rigward attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità;

(d) fuq talba, l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li twettqu fl-ambitu tan-notifika tagħhom u kull attività oħra li twettqet, inklużi attivitajiet transkonfinali u sottokuntrattar.

2. Il-korpi nnotifikati għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fuq talba, bl-informazzjoni rilevanti dwar kwistjonijiet marbuta mar-riżultati negattivi u pożittivi tal-valutazzjoni tal-konformità. Il-korpi nnotifikati għandhom jipprovdu lill-korpi nnotifikati l-oħra li jkunu qed iwettqu l-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità li jkopru l-istess prodotti, b'informazzjoni dwar riżultati negattivi u, fuq talba, dawk pożittivi tal-valutazzjoni tal-konformità.

KAPITOLU 5

**SORVELJANZA TAS-SUQ TAL-UNJONI, KONTROLL TA' PRODOTTI, DISPOŻIZZJONIJIET TA' SALVAGWARDJA**

*Artikolu 25*

**Qafas ta' sorveljanza tas-suq tal-UE**

1. Fir-rigward tat-tagħmir tal-baħar, l-Istati Membri għandhom iwettqu sorveljanza tas-suq, f'konformità mal-qafas ta' sorveljanza tas-suq tal-UE stipulat fil-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, soġġett għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

2. L-infrastrutturi u l-programmi nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq għandhom jikkunsidraw il-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tat-tagħmir tal-baħar, inklużi d-diversi proċeduri mwettqin bħala parti mill-valutazzjoni tal-konformità, u partikolarment ir-responsabbiltajiet mogħtija lill-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera mill-konvenzjonijiet internazzjonali.

3. Is-sorveljanza tas-suq tista' tinkludi kontrolli dokumentarji kif ukoll kontrolli tat-tagħmir tal-baħar li jkollu l-marka tat-tmun kemm jekk ġie installat abbord il-vapuri kif ukoll jekk le. Il-kontrolli tat-tagħmir tal-baħar li diġà ġie installat abbord għandhom ikunu limitati għal eżami li jkun jista' jitwettaq filwaqt li t-tagħmir ikkonċernat jibqa' kompletament funzjonali abbord.

4. Fejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru, kif definit fir-Regolament (KE) Nru 765/2008, ikollhom il-ħsieb li jwettqu kontrolli ta' kampjuni, huma jistgħu jitolbu lill-manifattur biex jagħmel il-kampjuni meħtieġa disponibbli, meta jkun raġonevoli u prattikabbli biex dan isir, jew biex jagħti aċċess fil-post għall-kampjuni, bl-ispejjeż jiġġarrbu mill-manifattur.

*Artikolu 26*

**Proċedura dwar kif għandu jiġi ttrattat it-tagħmir tal-baħar li jippreżenta riskju f'livell nazzjonali**

1. Fejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru ikollhom raġuni biżżejjed li jemmnu li tagħmir tal-baħar kopert minn din id-Direttiva jippreżenta riskju għas-sikurezza marittima, għas-saħħa jew għall-ambjent, huma għandhom iwettqu evalwazzjoni b'rabta mat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat li tkun tkopri r-rekwiżiti kollha stabbiliti f'din id-Direttiva. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq.

Fejn, matul dik l-evalwazzjoni, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq ikunu tal-fehma li t-tagħmir tal-baħar ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva, huma għandhom mingħajr dewmien jesiġu li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri korrettivi kollha xierqa biex it-tagħmir tal-baħar jikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti, biex it-tagħmir tal-baħar jiġi rtirat mis-suq jew biex jissejjaħ lura f'tali żmien raġonevoli li jkun jaqbel man-natura tar-riskju, skont kif jistabbilixxu huma.

L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jinformaw lill-entità nnotifikata rilevanti, kif meħtieġ.

L-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu japplika għall-miżuri msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

2. Fejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq iqisu li n-nuqqas ta' konformità ma jkunx limitat għat-territorju nazzjonali jew għall-vapuri li jtajru l-bandiera tagħhom, huma għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, permezz tas-sistema ta' informazzjoni magħmula disponibbli mill-Kummissjoni għal finijiet ta' sorveljanza tas-suq, bir-riżultati tal-evalwazzjoni mwettqa skont il-paragrafu 1 u bl-azzjonijiet li huma rrikjedew li jieħu l-operatur ekonomiku.

3. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li jittieħdu l-azzjonijiet korrettivi xierqa kollha fir-rigward tal-prodotti kollha kkonċernati li huwa jkun għamel disponibbli fis-suq fl-Unjoni kollha jew, skont il-każ, installa jew ikkunsinja biex jiġi installat abbord vapuri tal-UE.

4. Fejn l-operatur ekonomiku rilevanti ma jiħux azzjoni korrettiva xierqa fil-perijodu ta' żmien preskritt mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, jew b'mod ieħor jonqos milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont din id-Direttiva, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri provviżorji xierqa kollha biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu tagħmir tal-baħar milli jkun disponibbli fis-swieq nazzjonali tagħhom jew jiġi installat abbord vapuri li jtajru l-bandiera tagħhom jew biex il-prodott jiġi rtirat minn dak is-suq jew biex jissejjaħ lura.

L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien, dwar dawk il-miżuri.

5. L-informazzjoni dwar il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq imsemmija fil-paragrafu 4 għandha tinkludi d-dettalji disponibbli kollha, b'mod partikolari d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tat-tagħmir tal-baħar li mhuwiex konformi, l-oriġini tal-prodott, it-tip tan-nuqqas ta' konformità allegata u r-riskju involut, it-tip u t-tul ta' żmien tal-miżuri nazzjonali li ttieħdu u l-argumenti ppreżentati mill-operatur ekonomiku kkonċernat. B'mod partikolari, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jindikaw jekk in-nuqqas ta' konformità huwiex minħabba:

(a) nuqqas ta' konformità tat-tagħmir tal-baħar mar-rekwiżiti applikabbli ta' disinn, kostruzzjoni u prestazzjoni kif stabbilit skont l-Artikolu 4;

(b) nuqqas ta' konformità mal-istandards ta' ttestjar imsemmija fl-Artikolu 4 matul il-proċedura tal-valutazzjoni tal-konformità;

(c) nuqqasijiet f'dawk l-istandards ta' ttestjar.

6. Stati Membri oħra apparti l-Istat Membru li jkun beda l-proċedura għandhom minnufih jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar kull miżura adottata u dwar kull informazzjoni addizzjonali għad-dispożizzjoni tagħhom marbuta man-nuqqas ta' konformità tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat, u, f'każ ta' nuqqas ta' qbil mal-miżura nazzjonali nnotifikata, dwar l-oġġezzjonijiet tagħhom.

7. Fejn, fi żmien erba' xhur minn meta tasal l-informazzjoni dwar il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, kif imsemmi fil-paragrafu 4, ma tkun saret ebda oġġezzjoni minn xi Stat Membru jew mill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżura proviżorja meħuda minn Stat Membru, dik il-miżura għandha titqies li tkun iġġustifikata.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri restrittivi xierqa fir-rigward tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat, bħal m'hu l-irtirar tal-prodott mis-suq tagħhom, mingħajr dewmien.

*Artikolu 27*

**Proċedura ta' salvagwardja tal-UE**

1. Fejn, wara li tkun tlestiet il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26(3) u (4), isiru oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn Stat Membru, jew fejn il-Kummissjoni tqis li miżura nazzjonali tista' tmur kontra l-leġislazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tikkonsulta mal-Istati Membri u mal-operatur jew operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali rilevanti. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk il-miżura nazzjonali rilevanti hijiex iġġustifikata jew le.

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, fejn il-Kummissjoni tkun sodisfatta li l-proċedura segwita fl-adozzjoni tal-miżura nazzjonali hija xierqa għal evalwazzjoni eżawrjenti u oġġettiva tar-riskju u li l-miżura nazzjonali mal-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, hi tista' tillimita ruħha li teżamina l-adegwatezza u l-proporzjonalità tal-miżura nazzjonali rilevanti b'rabta ma' dan ir-riskju.

3. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operatur jew l-operaturi ekonomiċi rilevanti.

4. Jekk il-miżura nazzjonali rilevanti titqies iġġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li t-tagħmir tal-baħar li ma jkunx konformi jiġi rtirat mis-suq tagħhom, u fejn meħtieġ, jissejjaħ lura. Huma għandhom għaldaqstant jinfurmaw lill-Kummissjoni.

5. Jekk il-miżura nazzjonali rilevanti titqies li mhix ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtiraha.

6. Fejn in-nuqqas ta' konformità tat-tagħmir tal-baħar ikun attribwit għal nuqqasijiet fl-istandards ta' ttestjar imsemmija fl-Artikolu 4, il-Kummissjoni tista', bil-għan li tissodisfa l-objettiv ta' din id-Direttiva, tikkonferma, temenda jew tħassar miżura ta' salvagwardja nazzjonali permezz ta' atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 38(2).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li, permezz ta' atti delegati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 37, tadotta rekwiżiti termporanji u standards ta' ttestjar armonizzati għal dik il-biċċa tagħmir tal-baħar speċifika. Il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 8(3) għandhom għaldaqstant japplikaw. Dawn ir-rekwiżiti u l-istandards ta' ttestjar għandhom ikun aċċessibbli mingħajr ħlas mill-Kummissjoni.

7. Fejn l-istandard ta' ttestjar ikkonċernat huwa standard Ewropew, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-korp jew lill-korpi tal-istandardizzazzjoni Ewropej rilevanti u għandha tressaq il-kwistjoni quddiem il-kumitat stabbilit mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE. Dak il-kumitat għandu jikkonsulta mal-korp jew korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej rilevanti u jagħti l-opinjoni tiegħu mingħajr dewmien.

*Artikolu 28*

**Prodotti konformi li jippreżentaw riskju għas-sikurezza marittima, għas-saħħa jew għall-ambjent**

1. Fejn, wara li jkun wettaq evalwazzjoni skont l-Artikolu 26(1), Stat Membru jkun tal-fehma li t-tagħmir tal-baħar li hu konformi ma' din id-Direttiva xorta jippreżenta riskju għas-sikurezza marittima, għas-saħħa jew għall-ambjent, huwa għandu jeżiġi li l-operatur ekonomiku kkonċernat jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiżgura li t-tagħmir tal-baħar ikkonċernat, meta jitqiegħed fis-suq, ma jibqax jippreżenta dak ir-riskju, jew jirtira t-tagħmir tal-baħar mis-suq jew isejħu lura fi żmien perijodu ta' żmien raġonevoli li jkun jaqbel mat-tip tar-riskju, skont kif jistabbilixxi l-Istat Membru.

2. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li tittieħed azzjoni korrettiva fir-rigward tal-prodotti kollha kkonċernati li huwa jkun għamel disponibbli fis-suq tal-Unjoni jew li jkun qiegħed abbord vapuri tal-UE.

3. L-Istat Membru għandu jgħarraf minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra. L-informazzjoni pprovduta għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat, l-oriġini u l-katina ta' provvista tat-tagħmir tal-baħar, it-tip ta' riskju involut u t-tip u t-tul ta' żmien tal-miżuri nazzjonali li ttieħdu.

4. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tidħol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżuri nazzjonali meħuda. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk il-miżura hijiex iġġustifikata jew le, u għandha fejn ikun meħtieġ, tipproponi miżuri adegwati. L-Artikolu 27(2) għandu japplika mutatis mutandis għal dan il-għan.

5. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operatur jew l-operaturi ekonomiċi rilevanti.

*Artikolu 29*

**Nuqqas ta' konformità formali**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 26, meta Stat Membru jsib waħda minn dawn is-sitwazzjonijiet, huwa għandu jeżiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti ma jkomplix bin-nuqqas ikkonċernat fir-rigward tal-konformità:

(a) il-marka tat-tmun marka tat-tmuntkun twaħħlet bi ksur tal-Artikolu 9 jew l-Artikolu 10;

(b) il-marka tat-tmun ma tkunx twaħħlet;

(c) ma tkunx tfasslet id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE;

(d) id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE ma tkunx tfasslet b'mod korrett;

(e) id-dokumentazzjoni teknika ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompleta;

(f) id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ma tkunx intbagħtet lill-vapur.

2. Fejn in-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1 jippersisti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jirrestrinġi jew jipprojbixxi d-disponibbiltà fis-suq tat-tagħmir tal-baħar jew jiżgura li dan jissejjaħ lura jew jiġi rtirat mis-suq.

*Artikolu 30*

**Eżenzjonijiet ibbażati fuq l-innovazzjoni teknika**

1. F'ċirkostanzi eċċezzjonali ta' innovazzjoni teknika, l-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera tista' tippermetti li tagħmir tal-baħar li mhuwiex konformi mal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità jiġi installat abbord vapur tal-UE jekk jiġi stabbilit permezz ta' prova jew xi mod ieħor għas-sodisfazzjon tal-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera li dan it-tagħmir jissodisfa l-objettivi ta' din id-Direttiva.

2. Il-proċeduri tal-provi ma għandhom bl-ebda mod jiddiskriminaw bejn tagħmir tal-baħar prodott fl-Istat Membru tal-bandiera u tagħmir tal-baħar prodott fi Stati oħrajn.

3. It-tagħmir tal-baħar kopert b'dan l-Artikolu għandu jingħata ċertifikat mill-Istat Membru tal-bandiera li għandu jinżamm dejjem flimkien mat-tagħmir u li jagħti l-permess tal-Istat Membru tal-bandiera biex it-tagħmir jiġi installat abbord il-vapur u jimponi kwalunkwe restrizzjoni jew jipprevedi kwalunkwe dispożizzjoni marbuta mal-użu tat-tagħmir.

4. Fejn Stat Membru jippermetti li tagħmir tal-baħar kopert b'dan l-Artikolu jiġi installat abbord vapur tal-UE, dak l-Istat Membru għandu minnufih jikkomunika l-karatteristiċi tiegħu flimkien mar-rapporti tal-provi, tal-valutazzjonijiet u tal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità kollha rilevanti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.

5. Fi żmien 12-il xahar minn meta tasal il-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, il-Kummissjoni, jekk tqis li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ma jkunux ġew sodisfatti, tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat biex jirtira l-permess mogħti sa data ta' skadenza speċifikata. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha taġixxi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 38(2).

6. Fejn vapur b'tagħmir tal-baħar abbord kopert mill-paragrafu 1 jiġi trasferit lejn xi Stat Membru ieħor, l-Istat Membru tal-bandiera riċeventi jista' jieħu l-miżuri meħtieġa, li jistgħu jinkludu testijiet u wirjiet prattiċi, biex jiżgura li t-tagħmir huwa tal-inqas effettiv daqs tagħmir li jkun konformi mal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità.

*Artikolu 31*

**Eżenzjonijiet għall-ittestjar jew l-evalwazzjoni**

Amministrazzjoni ta' Stat tal-bandiera tista' tippermetti li tagħmir tal-baħar li ma jkunx konformi mal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità jew li mhux kopert mill-Artikolu 30 jitqiegħed abbord vapur tal-UE għal raġunijiet ta' ttestjar jew evalwazzjoni, jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) it-tagħmir tal-baħar għandu jingħata ċertifikat mill-Istat Membru tal-bandiera li għandu jinżamm dejjem mat-tagħmir u li jkun jiddikjara l-permess ta' dak l-Istat Membru biex it-tagħmir jitqiegħed abbord il-vapur tal-UE, jimponi r-restrizzjonijiet kollha meħtieġa u jistabbilixxi kwalunkwe dispożizzjoni oħra xierqa fir-rigward tal-użu tat-tagħmir ikkonċernat;

(b) il-permess għandu jkun limitat għall-perijodu kkunsidrat mill-Istat tal-bandiera bħala meħtieġ biex jiġi kkompletat l-ittestjar, li għandu jkun l-iqsar possibbli;

(c) it-tagħmir tal-baħar ma għandux jiġi fdat minflok tagħmir li jissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u ma għandux jissostitwixxi tagħmir bħal dan, li għandu jibqa' abbord il-vapur tal-UE fi stat funzjonali u lest għall-użu immedjat.

*Artikolu 32*

**Eżenzjonijiet f'ċirkostanzi eċċezzjonali**

1. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, li għandhom ikunu ġġustifikati kif xieraq għall-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera, meta jkun meħtieġ li tagħmir tal-baħar jinbidel f'port barra l-Unjoni fejn ma jkunx prattiku f'termini ta' żmien raġonevoli, dewmien u spejjeż biex jitqiegħed abbord tagħmir li għandu l-marka tat-tmun, jista' jitqiegħed tagħmir tal-baħar ieħor abbord soġġett għall-paragrafi 2 sa 4.

2. It-tagħmir tal-baħar li jiġi installat abbord għandu jkun akkumpanjat minn dokumentazzjoni maħruġa minn Stat Membru tal-OMI li huwa parti għall-konvenzjonijiet rilevanti, li jiċċertifika l-konformità tar-rekwiżiti rilevanti tal-OMI.

3. L-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera għandha tiġi mgħarrfa minnufih bin-natura u l-karatteristiċi ta' tagħmir tal-baħar ieħor bħal dan.

4. L-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera għandha, mal-ewwel opportunità, tiżgura li t-tagħmir tal-baħar imsemmi fil-paragrafu 1, flimkien mad-dokumentazzjoni tal-ittestjar, jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti tal-istrumenti internazzjonali u ta' din id-Direttiva.

5. Fejn ikun intwera li tagħmir tal-baħar speċifiku li għandu l-marka tat-tmun ma jkunx disponibbli fis-suq, l-Istat Membru tal-bandiera jista' jawtorizza li tagħmir tal-baħar ieħor jiġi installat abbord soġġett għall -paragrafi 6 sa 8.

6. It-tagħmir tal-baħar awtorizzat għandu jikkonforma, kemm jista' jkun, mar-rekwiżiti u l-istandards ta' ttestjar imsemmija fl-Artikolu 4.

7. It-tagħmir tal-baħar li jiġi installat abbord għandu jkun akkumpanjat minn ċertifikat interim ta' approvazzjoni maħruġ mill-Istat Membru tal-bandiera jew minn Stat Membru ieħor, u jindika dan li ġej:

(a) it-tagħmir bil-marka tat-tmun li t-tagħmir iċċertifikat hu maħsub li jissostitwixxi;

(b) iċ-ċirkostanzi eżatti li skonthom inħareġ iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni, u b'mod partikolari n-nuqqas ta' disponibbiltà fis-suq ta' tagħmir li għandu l-marka tat-tmun;

(c) il-ħtiġijiet ta' disinn, kostruzzjoni u prestazzjoni eżatti li skonthom ġie approvat it-tagħmir mill-Istat Membru taċ-ċertifikazzjoni;

(d) l-istandards ta' ttestjar applikati, jekk ikun hemm, fil-proċeduri ta' approvazzjoni rilevanti.

8. L-Istat Membru li joħroġ iċ-ċertifikat interim ta' approvazzjoni għandu jinforma lill-Kummissjoni minnufih. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-kondizzjonijiet tal-paragrafi 6 u 7 ma jkunux ġew issodisfatti, jista' jkun meħtieġ li Stat Membru jirrevoka dak iċ-ċertifikat jew jieħu miżuri oħrajn xierqa permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 38(2).

KAPITOLU 6

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 33*

**Skambju ta' esperjenza**

Il-Kummissjoni għandha tipprevedi li jiġi organizzati skambji ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri li jkunu responsabbli għall-politika dwar in-notifika, b'mod speċjali dwar is-sorveljanza tas-suq.

*Artikolu 34*

**Koordinazzjoni ta' korpi nnotifikati**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġu stabbiliti koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn il-korpi nnotifikati u li dawn isiru kif xieraq f'forma ta' grupp settorjali ta' korpi nnotifikati.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi nnotifikati minnhom jieħdu sehem fil-ħidma tal-grupp settorjali, b'mod dirett jew permezz ta' rappreżentanti nnominati.

*Artikolu 35*

**Miżuri ta' implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom, permezz tas-sistema ta' informazzjoni magħmula disponibbli mill-Kummissjoni għal dik il-fini, jinnotifikaw l-isem u d-dettalji tal-kuntatt tal-awtoritajiet inkarigati mill-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tfassal, taġġorna perjodikament u tippubblika lista ta' dawk l-awtoritajiet.

2. Għal kull oġġett ta' tagħmir tal-baħar li għalih hija meħtieġa l-approvazzjoni tal-amministrazzjoni tal-Istat tal-bandiera mill-konvenzjonijiet internazzjonali, il-Kummissjoni għandha tindika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, ir-rekwiżiti ta' disinn, kostruzzjoni u prestazzjoni rispettivi u l-istandards ta' ttestjar previsti fl-istrumenti internazzjonali. Meta tadotta dawk l-atti, il-Kummissjoni għandha tindika b'mod ċar id-dati minn meta dawk ir-rekwiżiti u standards ta' ttestjar għandhom japplikaw, inkluż id-dati għat-tqegħid fis-suq u l-installazzjoni abbord, f'konformità mal-istrumenti internazzjonali, u b'kont meħud tal-iskadenzi għall-bini tal-vapuri. Il-Kummissjoni tista' tispeċifika wkoll il-kriterji komuni u l-proċeduri dettaljati għall-applikazzjoni tagħhom.

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tindika r-rekwiżiti ta' disinn, kostruzzjoni u prestazzjoni rispettivi li jkunu għadhom kemm ġew stipulati fl-istrumenti internazzjonali u li japplikaw għat-tagħmir li diġà ġie installat abbord sabiex jiżguraw li t-tagħmir li jkun qed jiġi installat abbord vapuri tal-UE jikkonforma mal-istrumenti internazzjonali.

4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm bażi ta' data li jkun fiha tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-lista u d-dettalji essenzjali taċ-ċertifikati ta' konformità li jinħarġu skont din id-Direttiva, kif ipprovduti mill-korpi nnotifikati;

(b) il-lista u d-dettalji essenzjali tad-dikjarazzjonijiet ta' konformità li jinħarġu skont din id-Direttiva, kif ipprovduti mill-manifatturi;

(c) lista aġġornata tal-istrumenti internazzjonali applikabbli, u tar-rekwiżiti u l-istandards ta' ttestjar applikabbli bis-saħħa tal-Artikolu 4(4);

(d) il-lista u t-test sħiħ tal-kriterji u l-proċeduri msemmija fil-paragrafu 2;

(e) ir-rekwiżiti u l-kondizzjonijiet għat-tikketti elettroniċi msemmija fl-Artikolu 11, fejn applikabbli;

(f) kwalunkwe informazzjoni oħra li tkun utli bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni korretta ta' din id-Direttiva mill-Istati Membri, il-korpi nnotifikati u l-operaturi ekonomiċi.

Dik il-bażi tad-data għandha ssir aċċessibbli għall-Istati Membri. Għandha tkun ukoll disponibbli għall-pubbliku għal finijiet ta' informazzjoni biss.

5. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati fl-għamla ta' Regolamenti tal-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 38(2).

*Artikolu 36*

**Emendi**

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 37 sabiex jiġu aġġornati r-referenzi għal standards, kif imsemmi fl-Anness III, meta standards ġodda jsiru disponibbli.

*Artikolu 37*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 8, 11, 27 u 36 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mis-17 ta' Settembru 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' żmien b'tul identiku, ħlief jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jopponu tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 8, 11, 27 u 36 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 8, 11, 27 u 36 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ssir l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu nfurmaw it-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perijodu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 38*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita mill-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS), stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 2099/2002. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn il-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 39*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mit-18 ta' Settembru 2016, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mit-18 ta' Settembru 2016.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 40*

**Tħassir**

1. Id-Direttiva 96/98/KE għandha titħassar b'effett mit-18 ta' Settembru 2016.

2. Ir-rekwiżiti u l-istandards ta' ttestjar għat-tagħmir tal-baħar applikabbli fit-18 ta' Settembru 2016 skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali adottati mill-Istati Membri sabiex jikkonformaw mad-Direttiva 96/98/KE għandhom jibqgħu japplikaw sad-dħul fis-seħħ tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 35(2).

3. Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva.

*Artikolu 41*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 42*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | S. GOZI |

*ANNESS I*

**MARKA TAT-TMUN**

Il-marka tal-konformità għandha tieħu l-għamla li ġejja:



Jekk il-marka tat-tmun tiċċekken jew titkabbar, għandhom jiġu rrispettati l-proporzjonijiet mogħtija fit-tpinġija gradwata.

Id-diversi komponenti tal-marka tat-tmun għandu jkollhom sostanzjalment l-istess dimensjoni vertikali, li ma tistax tkun inqas minn 5 mm.

Tagħmir żgħir jista' jiġi eżentat minn dik id-dimensjoni minima.

*ANNESS II*

**PROĊEDURI TA' VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ**

I. MODULU B: L-EŻAMI TAT-TIP KE

1. L-eżami tat-tip KE huwa dik il-parti ta' proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li fiha korp innotifikat jeżamina d-disinn tekniku ta' tagħmir tal-baħar u jivverifika u jixhed li d-disinn tekniku tat-tagħmir tal-baħar jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti.

2. L-eżami tat-tip KE jista' jsir b'wieħed mill-modi li ġejjin.

— l-eżami ta' kampjun, rappreżentattiv tal-produzzjoni prevista, tal-prodott komplut (tip tal-produzzjoni);

— il-valutazzjoni tal-adegwatezza tad-disinn tekniku tat-tagħmir tal-baħar permezz tal-eżami tad-dokumentazzjoni teknika u tal-evidenza ta' sostenn, imsemmija fil-punt 3, flimkien mal-eżami tal-kampjuni, rappreżentattivi tal-produzzjoni prevista, ta' parti waħda kritika jew aktar tal-prodott (kombinazzjoni tat-tip tal-produzzjoni u tat-tip tad-disinn).

3. Il-manifattur għandu jippreżenta applikazzjoni għall-eżami tat-tip KE lil korp notifikat wieħed tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

— l-isem u l-indirizz tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni tiġi ppreżentata mir-rappreżentant awtorizzat, l-isem u l-indirizz tiegħu wkoll;

— dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma tkun ġiet ippreżentata lill-ebda korp ieħor innotifikat;

— id-dokumentazzjoni teknika. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tippermetti l-valutazzjoni tal-konformità tat-tagħmir tal-baħar mar-rekwiżiti applikabbli tal-istrumenti internazzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 4, u għandha tinkludi analiżi u valutazzjoni adegwati tar-riskju/i. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika r-rekwiżiti applikabbli u għandha tkopri, sa fejn ikun rilevanti għall-valutazzjoni, id-disinn, il-manifattura u t-tħaddim tat-tagħmir tal-baħar. Id-dokumentazzjoni teknika għandu jkollha, kull fejn applikabbli, tal-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) deskrizzjoni ġenerali tat-tagħmir tal-baħar;

(b) disinn kunċettwali u disinji tal-manifattura kif ukoll skemi ta' komponenti, sottomontaturi, ċirkwiti, eċċ.;

(c) deskrizzjonijiet u spjegazzjonijiet meħtieġa għall-fehim tal-imsemmija disinji u skemi u għat-tħaddim tat-tagħmir tal-baħar;

(d) lista tar-rekwiżiti u l-istandards ta' ttestjar li huma applikabbli għat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat f'konformità ma' din id-Direttiva, flimkien ma' deskrizzjoni tas-soluzzjonijiet adottati biex jiġu sodisfatti dawk ir-rekwiżiti;

(e) riżultati ta' kalkoli ta' disinji magħmula, eżamijiet imwettqa, eċċ.; u

(f) rapporti tat-testijiet;

— il-kampjuni rappreżentattivi tal-produzzjoni prevista. Il-korp innotifikat jista' jitlob aktar kampjuni jekk ikun meħtieġ biex jitwettaq il-programm tat-testijiet;

— l-evidenza ta' sostenn għall-adegwatezza tas-soluzzjoni tad-disinn tekniku. Din l-evidenza ta' sostenn għandha ssemmi kwalunkwe dokument li jkun intuża. L-evidenza ta' sostenn għandha tinkludi, fejn meħtieġ, ir-riżultati ta' testijiet imwettqin mil-laboratorju adatt tal-manifattur, jew minn laboratorju tal-ittestjar ieħor f'isem il-manifattur u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

4. Il-korp innotifikat għandu:

Għat-tagħmir tal-baħar:

4.1. jeżamina d-dokumentazzjoni teknika u l-evidenza ta' sostenn biex jevalwa l-adegwatezza tad-disinn tekniku tat-tagħmir tal-baħar;

Għall-kampjun(i):

4.2. jivverifika li l-kampjun(i) ġie(ġew) manifatturat(i) f'konformità mad-dokumentazzjoni teknika, u jidentifika l-elementi li ġew imfassla f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli tar-rekwiżiti u l-istandards ta' ttestjar rilevanti, kif ukoll l-elementi li ġew imfassla mingħajr l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dawk l-istandards;

4.3. iwettaq eżamijiet u testijiet xierqa, jew iqabbad lil min iwettaqhom, f'konformità ma' din id-Direttiva;

4.4. jiftiehem mal-manifattur dwar post fejn ikunu ser jitwettqu l-eżamijiet u t-testijiet.

5. Il-korp innotifikat għandu jfassal rapport ta' evalwazzjoni li jirreġistra l-attivitajiet imwettqa f'konformità mal-punt 4 u r-riżultati tagħhom. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tiegħu fil-konfront tal-awtoritajiet notifikanti, il-korp innotifikat għandu joħroġ il-kontenut ta' dak ir-rapport, kollu jew parti minnu, biss bi ftehim mal-manifattur.

6. Fejn it-tip jissodisfa r-rekwiżiti tal-istrumenti internazzjonali speċifiċi li japplikaw għat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat, il-korp innotifikat għandu joħroġ ċertifikat ta' eżami tat-tip KE lill-manifattur. Iċ-ċertifikat għandu jinkludi l-isem u l-indirizz tal-manifattur, il-konklużjonijiet tal-eżami, il-kondizzjonijiet (jekk ikun hemm) għall-validità tiegħu u d-data meħtieġa għall-identifikazzjoni tat-tip approvat. Iċ-ċertifikat jista' jkollu anness wieħed jew iżjed mehmużin.

Iċ-ċertifikat u l-annessi tiegħu għandhom jinkludu l-informazzjoni rilevanti kollha biex il-konformità tal-prodotti manifatturati mat-tip eżaminat tkun tista' tiġi evalwata u biex ikun hemm lok għal kontroll intern.

Fejn it-tip ma jissodisfax ir-rekwiżiti applikabbli tal-istrumenti internazzjonali, il-korp innotifikat għandu jirrifjuta li joħroġ ċertifikat ta' eżami tat-tip KE u għandu jinforma lill-applikant kif adatt, filwaqt li jagħti raġunijiet dettaljati għar-rifjut tiegħu.

7. Jekk it-tip approvat ma jkunx għadu konformi mar-rekwiżiti applikabbli, il-korp innotifikat għandu jiddetermina jekk huwiex meħtieġ aktar ittestjar jew proċedura ġdida ta' valutazzjoni tal-konformità.

Il-manifattur għandu jinforma lill-korp innotifikat li għandu d-dokumentazzjoni teknika relatata maċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE, bil-modifiki kollha għat-tip approvat li jistgħu jaffettwaw il-konformità tat-tagħmir tal-baħar mar-rekwiżiti tal-istrumenti internazzjonali rilevanti jew mal-kondizzjonijiet għall-validità taċ-ċertifikat. Tali modifiki għandhom jeħtieġu l-approvazzjoni addizzjonali fil-forma ta' żieda għaċ-ċertifikat oriġinali tal-eżami tat-tip KE.

8. Kull korp innotifikat għandu jinforma lill-awtoritajiet notifikanti tiegħu dwar iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip KE u/jew kwalunkwe żieda għalihom, li jkun ħareġ jew irtira, u perjodikament jew jekk jintalab jagħmel dan, għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet notifikanti tiegħu, il-lista taċ-ċertifikati u/jew kwalunkwe żieda għalihom li ġew miċħuda, sospiżi jew b'xi mod ieħor limitati.

Kull korp innotifikat għandu jinforma lill-korpi nnotifikati l-oħra dwar iċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip KE u/jew kwalunkwe żidiet fihom li jkun irrifjuta, irtira, issospenda jew illimita b'mod ieħor, u, fuq talba, dwar iċ-ċertifikati u/jew iż-żidiet fihom li jkun ħareġ.

Il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-korpi nnotifikati l-oħra jistgħu, fuq talba, jiksbu kopja taċ-ċertifikati tal-eżami tat-tip KE u/jew iż-żidiet fihom. Wara li ssir talba, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiksbu kopja tad-dokumentazzjoni teknika u r-riżultati tal-eżamijiet li jkun wettaq il-korp innotifikat. Il-korp innotifikat għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE, tal-annessi u taż-żidiet tiegħu, kif ukoll tal-fajl tekniku, inkluża d-dokumentazzjoni ppreżentata mill-manifattur, sal-iskadenza tal-validità taċ-ċertifikat.

9. Il-manifattur għandu jżomm kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE, tal-annessi u taż-żidiet tiegħu, flimkien mad-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal mill-inqas 10 snin wara li tkun twaħħlet il-marka tat-tmun fuq l-aħħar prodott manifatturat u fl-ebda każ għal perijodu iqsar mill-ħajja mistennija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat.

10. Ir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur jista' jippreżenta l-applikazzjoni msemmija fil-punt 3 u jissodisfa l-obbligi msemmija fil-punti 7 u 9, dment li dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

II. MODULU D: KONFORMITÀ MAT-TIP ABBAŻI TAL-GARANZIJA TA' KWALITÀ TAL-PROĊESS TA' PRODUZZJONI

1. Il-konformità mat-tip abbażi tal-garanzija tal-kwalità tal-proċess ta' produzzjoni hija l-parti tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2 u 5, u jiżgura u jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu, li t-tagħmir tal-baħar ikkonċernat ikun f'konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE u li jissodisfa r-rekwiżiti tal-istrumenti internazzjonali applikabbli għalih.

2. Manifattura

Il-manifattur għandu jopera sistema ta' kwalità approvata għall-produzzjoni, għall-ispezzjoni tal-prodott finali u għall-ittestjar tal-prodotti kkonċernati kif speċifikat fil-punt 3, u għandu jkun soġġett għal sorveljanza kif speċifikat fil-punt 4.

3. Sistema ta' kwalità

3.1. Il-manifattur għandu jippreżenta applikazzjoni għall-valutazzjoni tas-sistema ta' kwalità tiegħu ma' korp innotifikat tal-għażla tiegħu, għat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

— l-isem u l-indirizz tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni tiġi ppreżentata mir-rappreżentant awtorizzat, l-isem u l-indirizz tiegħu ukoll;

— dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma ġiet ippreżentata lill-ebda korp innotifikat ieħor;

— l-informazzjoni kollha rilevanti għall-kategorija tat-tagħmir tal-baħar maħsuba;

— id-dokumentazzjoni li tikkonċerna s-sistema ta' kwalità;

— id-dokumentazzjoni teknika tat-tip approvat u kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE.

3.2. Is-sistema ta' kwalità għandha tiżgura li l-prodotti kollha huma konformi mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE u li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-istrumenti internazzjonali applikabbli għalihom.

L-elementi, ir-rekwiżiti u d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-manifattur għandhom jiġu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fil-forma ta' politiki, proċeduri u struzzjonijiet bil-miktub. Id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità għandha tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi, tal-pjani, tal-manwali u tar-rekords ta' kwalità.

Għandha tinkludi, partikolarment, deskrizzjoni adegwata ta':

— l-għanijiet tal-kwalità u l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltajiet u s-setgħat tal-amministrazzjoni fir-rigward tal-kwalità tal-prodott;

— il-manifattura, it-tekniki ta' kontroll tal-kwalità u tal-garanzija tal-kwalità, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi korrispondenti, li ser jintużaw;

— l-eżamijiet u t-testijiet li ser isiru qabel, waqt u wara l-manifattura, u l-frekwenza li biha ser isiru;

— ir-rekords ta' kwalità, bħar-rapporti ta' spezzjonijiet u d-data dwar it-testijiet, id-data dwar il-kalibrar, ir-rapporti dwar il-kwalifiki fir-rigward tal-persunal ikkonċernat, eċċ.; u

— il-mezzi ta' monitoraġġ tal-kisba tal-kwalità meħtieġa tal-prodott u t-tħaddim effettiv tas-sistema ta' kwalità.

3.3. Il-korp innotifikat għandu jivvaluta s-sistema ta' kwalità sabiex jiddetermina jekk tissodisfax ir-rekwiżiti msemmija fil-punt 3.2.

Flimkien mal-esperjenza f'sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità, it-tim ta' awditjar għandu jkollu mill-inqas membru wieħed b'esperjenza fl-evalwazzjoni fil-qasam tat-tagħmir tal-baħar rilevanti u fit-teknoloġija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat, u għarfien tar-rekwiżiti applikabbli tal-istrumenti internazzjonali. L-awditu għandu jinkludi żjara ta' valutazzjoni fis-sede tal-manifattur. It-tim tal-awditjar għandu jeżamina d-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-ħames inċiż tal-punt 3.1 sabiex jivverifika l-abbiltà tal-manifattur li jidentifika r-rekwiżiti rilevanti tal-istrumenti internazzjonali u biex iwettaq l-eżamijiet meħtieġa sabiex jiżgura l-konformità tal-prodott ma' dawk ir-rekwiżiti.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-manifattur. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-awditu u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

3.4. Il-manifattur għandu jimpenja ruħu biex jissodisfa l-obbligi li ġejjin mis-sistema ta' kwalità kif approvata u biex iżommha hekk sabiex tibqa' adegwata u effikaċi.

3.5. Il-manifattur għandu jżomm lill-korp innotifikat li jkun approva s-sistema tal-kwalità mgħarraf dwar kwalunkwe bidla maħsuba fis-sistema tal-kwalità.

Il-korp innotifikat għandu jevalwa kwalunkwe bidla proposta u jiddeċiedi jekk is-sistema ta' kwalità modifikata hijiex ser tkompli tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-punt 3.2 jew jekk ikunx hemm bżonn li ssir valutazzjoni mill-ġdid.

Huwa għandu jinnotifika lill-manifattur bid-deċiżjoni tiegħu. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-eżami u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

4. Sorveljanza taħt ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat

4.1. L-għan tas-sorveljanza huwa li tiżgura li l-manifattur iwettaq kif xieraq l-obbligi li jirriżultaw mis-sistema ta' kwalità approvata.

4.2. Il-manifattur għandu, għal finijiet ta' valutazzjoni, jippermetti l-aċċess lill-korp innotifikat għas-siti tal-manifattura, tal-ispezzjoni, tal-ittestjar u tal-ħażna u għandu jagħtih l-informazzjoni kollha rilevanti meħtieġa, b'mod partikolari:

— id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità;

— ir-rekords tal-kwalità, bħar-rapporti ta' spezzjoni u d-data dwar it-testijiet, id-data dwar il-kalibrar, ir-rapporti firrigward tal-kwalifiki tal-persunal konċernat, eċċ.

4.3. Il-korp innotifikat għandu jwettaq awditi perjodiċi sabiex jiżgura li l-manifattur iżomm u japplika s-sistema talkwalità u għandu jipprovdi lill-manifattur b' rapport tal-awditu.

4.4. Barra minn hekk, il-korp innotifikat jista' jagħmel żjarat mhux mistennija lill-manifattur, ħlief fejn, taħt il-liġi nazzjonali, u għal raġunijiet ta' difiża jew sigurtà, ċerti restrizzjonijiet japplikaw għal tali żjarat. Waqt tali żjarat il-korp innotifikat, jekk ikun meħtieġ, jista' jwettaq testijiet fuq il-prodott, jew iqabbad lil min jagħmilhom, biex jivverifika li s-sistema ta' kwalità qed taħdem sewwa. Il-korp innotifikat għandu jipprovdi lill-manifattur b'rapport taż-żjara u, jekk ikunu twettqu xi testijiet, b'rapport tat-testijiet.

5. Il-marka tal-konformità u d-dikjarazzjoni tal-konformità

5.1. Il-manifattur għandu jwaħħal il-marka tat-tmun imsemmija fl-Artikolu 9, u, taħt ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat imsemmi fil-punt 3.1, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dan tal-aħħar, ma' kull prodott individwali li jkun f'konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE u li jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli tal-istrumenti internazzjonali.

5.2. Il-manifattur għandu jfassal dikjarazzjoni tal-konformità bil-miktub għal kull mudell ta' prodott u jżommha għaddispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal perijodu ta' mill-inqas 10 snin wara li tkun twaħħlet il-marka tat-tmun fuq l-aħħar prodott manifatturat u fl-ebda każ għal perijodu iqsar mill-ħajja mistennija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat. Id-dikjarazzjoni ta' konformità għandha tidentifika l-mudell tat-tagħmir tal-baħar li għalih tkun tfasslet.

Jekk tintalab, għandha tiġi pprovduta kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità lill-awtoritajiet rilevanti.

6. Il-manifattur għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, għal mill-inqas 10 snin wara li tkun twaħħlet il-marka tat-tmun fuq l-aħħar prodott manifatturat u fl-ebda każ għal perijodu iqsar mill-ħajja mistennija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat:

— id-dokumentazzjoni msemmija fil-punt 3.1;

— il-bidla msemmija fil-punt 3.5, kif approvata;

— id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp innotifikat imsemmija fil-punt 3.5, 4.3 u 4.4.

7. Kull korp innotifikat għandu jinforma lill-awtoritajiet notifikanti tiegħu bl-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità maħruġa jew irtirati, u, perjodikament jew jekk jintalab jagħmel dan, għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet notifikanti tiegħu, il-lista tal-approvazzjonijiet tas-sistemi ta' kwalità li jkunu ġew irrifjutati, sospiżi jew b'xi mod ieħor limitati.

Kull korp innotifikat għandu jinforma lil korpi nnotifikati oħrajn dwar l-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità li jkun irrifjuta, issospenda, irtira jew inkella llimita, u, jekk jintalab jagħmel dan, jinformahom bl-approvazzjonijiet tassistemi ta' kwalità li jkun ħareġ.

8. Rappreżentant awtorizzat

L-obbligi tal-manifattur stipulati fil-punti 3.1, 3.5, 5 u 6 jistgħu jiġu ssodisfatti mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

III. IL-MODULU E: KONFORMITÀ MAT-TIP ABBAŻI TAL-GARANZIJA TAL-KWALITÀ TAL-PRODOTT

1. Il-konformità mat-tip, abbażi tal-garanzija tal-kwalità tal-prodott, hija dik il-parti tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2 u 5, u jiżgura u jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu, li t-tagħmir tal-baħar ikkonċernat ikun f'konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE u li jissodisfa r-rekwiżiti tal-istrumenti internazzjonali applikabbli għalih.

2. Manifattura

Il-manifattur għandu jopera sistema approvata ta' kwalità, għall-ispezzjoni tal-prodott finali u għall-ittestjar tal-prodotti kkonċernati kif speċifikat fil-punt 3 u għandu jkun suġġett għal sorveljanza kif speċifikat fil-punt 4.

3. Sistema ta' kwalità

3.1. Il-manifattur għandu jippreżenta applikazzjoni għall-valutazzjoni tas-sistema ta' kwalità tiegħu ma' korp innotifikat tal-għażla tiegħu, għat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

— l-isem u l-indirizz tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni tiġi ppreżentata mir-rappreżentant awtorizzat, l-isem u l-indirizz tiegħu wkoll;

— dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma ġiet ippreżentata lill-ebda korp innotifikat ieħor;

— l-informazzjoni kollha rilevanti għall-kategorija tat-tagħmir tal-baħar maħsuba;

— id-dokumentazzjoni li tikkonċerna s-sistema ta' kwalità; u

— id-dokumentazzjoni teknika tat-tip approvat u kopja taċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE.

3.2. Is-sistema ta' kwalità għandha tiżgura l-konformità tal-prodotti mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE u mar-rekwiżiti applikabbli tal-istrumenti internazzjonali.

L-elementi, ir-rekwiżiti u d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-manifattur għandhom jiġu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fil-forma ta' politiki, proċeduri u struzzjonijiet bil-miktub. Id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità għandha tippermetti interpretazzjoni konsistenti tal-programmi, tal-pjani, tal-manwali u tar-rekords ta' kwalità.

Għandha tinkludi, partikolarment, deskrizzjoni adegwata ta':

— l-għanijiet tal-kwalità u l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltajiet u s-setgħat tal-maniġment fir-rigward tal-kwalità tal-prodott;

— l-eżamijiet u t-testijiet li għandhom jiġu mwettqa wara l-manifattura;

— ir-rekords ta' kwalità, bħar-rapporti ta' spezzjonijiet u d-data dwar it-testijiet, id-data dwar il-kalibrar, ir-rapporti dwar il-kwalifiki fir-rigward tal-persunal konċernat, eċċ;,

— il-mezz ta' kif għandha tiġi mmonitorjata l-operazzjoni effettiva tas-sistema ta' kwalità.

3.3. Il-korp innotifikat għandu jivvaluta s-sistema ta' kwalità sabiex jiddetermina jekk tissodisfax ir-rekwiżiti msemmija fil-punt 3.2.

Flimkien mal-esperjenza f'sistemi ta' ġestjoni tal-kwalità, it-tim ta' awditjar għandu jkollu mill-inqas membru wieħed b'esperjenza fl-evalwazzjoni fil-qasam tat-tagħmir tal-baħar rilevanti u fit-teknoloġija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat, u għarfien tar-rekwiżiti applikabbli tal-istrumenti internazzjonali. L-awditu għandu jinkludi żjara ta' valutazzjoni fis-sede tal-manifattur. It-tim ta' awditjar għandu jeżamina d-dokumentazzjoni teknika msemmija fil-ħames inċiż tal-punt 3.1 sabiex jivverifika l-abbiltà tal-manifattur li jidentifika r-rekwiżiti rilevanti tal-istrumenti internazzjonali u biex iwettaq l-eżamijiet neċessarji sabiex jiżgura l-konformità tal-prodott ma' dawk ir-rekwiżiti.

Id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-manifattur. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-awditu u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

3.4. Il-manifattur għandu jimpenja ruħu biex jissodisfa l-obbligi li ġejjin mis-sistema ta' kwalità kif approvata u biex iżommha hekk sabiex tibqa' adegwata u effikaċi.

3.5. Il-manifattur għandu jżomm lill-korp innotifikat li jkun approva s-sistema tal-kwalità mgħarraf dwar kwalunkwe bidla maħsuba fis-sistema tal-kwalità.

Il-korp innotifikat għandu jevalwa kwalunkwe bidla proposta u jiddeċiedi jekk is-sistema ta' kwalità modifikata hijiex ser tkompli tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-punt 3.2 jew jekk ikunx hemm bżonn li ssir valutazzjoni mill-ġdid.

Huwa għandu jinnotifika lill-manifattur bid-deċiżjoni tiegħu. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-eżami u d-deċiżjoni motivata tal-valutazzjoni.

4. Sorveljanza taħt ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat

4.1. L-għan tas-sorveljanza huwa li tiżgura li l-manifattur iwettaq kif xieraq l-obbligi li jirriżultaw mis-sistema ta' kwalità approvata.

4.2. Il-manifattur għandu, għal finijiet ta' valutazzjoni, jippermetti l-aċċess lill-korp innotifikat għas-siti tal-manifattura, tal-ispezzjoni, tal-ittestjar u tal-ħażna, u għandu jagħtih l-informazzjoni kollha rilevanti meħtieġa, b'mod partikolari:

— id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' kwalità;

— ir-rekords tal-kwalità, bħar-rapporti ta' spezzjoni u d-data dwar it-testijiet, id-data dwar il-kalibrar, ir-rapporti fir-rigward tal-kwalifiki tal-persunal konċernat, eċċ.

4.3. Il-korp innotifikat għandu jwettaq awditi perjodiċi sabiex jiżgura li l-manifattur iżomm u japplika s-sistema tal-kwalità u għandu jipprovdi lill-manifattur b'rapport tal-awditu.

4.4. Barra minn hekk, il-korp innotifikat jista' jagħmel żjarat mhux mistennija lill-manifattur, ħlief fejn, taħt il-liġi nazzjonali, u għal raġunijiet ta' difiża jew sigurtà, ċerti restrizzjonijiet japplikaw għal tali żjarat. Waqt tali żjarat il-korp innotifikat, jekk ikun meħtieġ, jista' jwettaq testijiet fuq il-prodott, jew iqabbad lil min jagħmilhom, biex jivverifika li s-sistema ta' kwalità qed taħdem sewwa. Il-korp innotifikat għandu jipprovdi lill-manifattur b'rapport taż-żjara u, jekk ikunu twettqu xi testijiet, b'rapport tat-testijiet.

5. Il-marka tal-konformità u d-dikjarazzjoni tal-konformità

5.1. Il-manifattur għandu jwaħħal il-marka tat-tmun imsemmija fl-Artikolu 9 u, taħt ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat imsemmi fil-punt 3.1, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dan tal-aħħar, ma' kull prodott individwali li jkun f'konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE u li jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli tal-istrumenti internazzjonali.

5.2. Il-manifattur għandu jfassal dikjarazzjoni tal-konformità bil-miktub għal kull mudell ta' prodott u jżommha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal perijodu ta' mill-inqas 10 snin wara li tkun twaħħlet il-marka tat-tmun fuq l-aħħar prodott manifatturat u fl-ebda każ għal perijodu iqsar mill-ħajja mistennija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat. Id-dikjarazzjoni ta' konformità għandha tidentifika l-mudell tat-tagħmir tal-baħar li għalih tkun tfasslet.

Jekk tintalab, għandha tiġi pprovduta kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità lill-awtoritajiet rilevanti.

6. Il-manifattur għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, għal mill-inqas 10 snin wara li tkun twaħħlet il-marka tat-tmun fuq l-aħħar prodott manifatturat u fl-ebda każ għal perijodu iqsar mill-ħajja mistennija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat:

— id-dokumentazzjoni msemmija fil-punt 3.1;

— il-bidla msemmija fil-punt 3.5, kif approvata;

— id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp innotifikat imsemmija fil-punt 3.5, 4.3 u 4.4.

7. Kull korp innotifikat għandu jinforma lill-awtoritajiet notifikanti tiegħu bl-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità maħruġa jew irtirati, u, perjodikament jew jekk jintalab jagħmel dan, għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet notifikanti tiegħu, il-lista tal-approvazzjonijiet tas-sistemi ta' kwalità li jkunu ġew irrifjutati, sospiżi jew b'xi mod ieħor limitati.

Kull korp innotifikat għandu jinforma lill-korpi nnotifikati l-oħrajn dwar l-approvazzjonijiet tas-sistema ta' kwalità li jkun irrifjuta, issospenda, irtira jew inkella llimita, u, jekk jintalab jagħmel dan, jinformahom bl-approvazzjonijiet tas-sistemi ta' kwalità li jkun ħareġ.

8. Rappreżentant awtorizzat

L-obbligi tal-manifattur stipulati fil-punti 3.1, 3.5, 5 u 6 jistgħu jiġu ssodisfatti mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, sakemm dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

IV. MODULU F: KONFORMITÀ MAT-TIP ABBAŻI TAL-VERIFIKA TAL-PRODOTT

1. Il-konformità mat-tip, abbażi tal-verifika tal-prodott hija l-parti tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2, 5.1 u 6, u jiżgura, u jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-prodotti kkonċernati, li ġew soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-punt 3, huma konformi mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE u li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istrumenti internazzjonali applikabbli għalihom.

2. Manifattura

Il-manifattur għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex il-proċess tal-manifattura u l-monitoraġġ tiegħu jiżguraw il-konformità tal-prodotti manifatturati mat-tip approvat, kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE, u mar-rekwiżiti tal-istrumenti internazzjonali applikabbli għalihom.

3. Verifika

Il-korp innotifikat magħżul mill-manifattur għandu jwettaq l-eżamijiet u t-testijiet xierqa biex jivverifika l-konformità tal-prodotti mat-tip approvat kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE u mar-rekwiżiti xierqa tal-istrumenti internazzjonali.

L-eżamijiet u t-testijiet biex tkun ikkontrollata l-konformità tal-prodotti mar-rekwiżiti xierqa għandhom jitwettqu, skont kif jagħżel il-manifattur, jew permezz tal-eżami u l-ittestjar ta' kull prodott kif speċifikat fil-punt 4, jew bl-eżami u l-ittestjar tal-prodotti fuq bażi ta' statistika, kif speċifikat fil-punt 5.

4. Il-verifika tal-konformità bl-eżami u bl-ittestjar ta' kull prodott

4.1. Il-prodotti kollha għandhom jiġu eżaminati u ttestjati individwalment f'konformità ma' din id-Direttiva, sabiex tiġi vverifikata l-konformità mat-tip approvat deskritt f'ċertifikat ta' eżami tat-tip KE u mar-rekwiżiti xierqa tal-istrumenti internazzjonali.

4.2. Il-korp innotifikat għandu joħroġ ċertifikat tal-konformità fir-rigward tal-eżamijiet u tat-testijiet magħmula, u għandu jwaħħal in-numru ta' identifikazzjoni tiegħu ma' kull prodott approvat, jew iqabbad lil min iwaħħlu, taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Il-manifattur għandu jżomm iċ-ċertifikati ta' konformità disponibbli għal spezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti għal mill-inqas 10 snin wara li tkun twaħħlet il-marka tat-tmun fuq l-aħħar prodott manifatturat u fl-ebda każ għal perijodu iqsar mill-ħajja mistennija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat.

5. Il-verifika tal-istatistika tal-konformità

5.1. Il-manifattur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex il-proċess tal-manifattura u l-monitoraġġ tiegħu jiżguraw l-omoġeneità ta' kull lott prodott, u għandu jippreżenta l-prodotti tiegħu għall-verifika fil-forma ta' lottijiet omoġenji.

5.2. Għandu jittieħed kampjun aleatorju minn kull lott. Il-prodotti kollha f'kampjun għandhom jiġu eżaminati u ttestjati individwalment f'konformità ma' din id-Direttiva, sabiex tiġi żgurata l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti applikabbli tal-istrumenti internazzjonali u biex jiġi ddeterminat jekk il-lott jiġix aċċettat jew irrifjutat.

5.3. Jekk lott jiġi aċċettat, il-prodotti kollha tal-lott għandhom jitqiesu approvati, ħlief dawk il-prodotti mill-kampjun li jkun instab li ma jissodisfawx it-testijiet.

Il-korp innotifikat għandu joħroġ ċertifikat tal-konformità fir-rigward tal-eżamijiet u tat-testijiet magħmula, u għandu jwaħħal in-numru ta' identifikazzjoni tiegħu ma' kull prodott approvat, jew iqabbad lil min iwaħħlu, taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Il-manifattur għandu jżomm iċ-ċertifikati ta' konformità disponibbli għal spezzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali għal mill-inqas 10 snin wara li tkun twaħħlet il-marka tat-tmun fuq l-aħħar prodott manifatturat u fl-ebda każ għal perijodu iqsar mill-ħajja mistennija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat.

5.4. Jekk lott jiġi rrifjutat, il-korp innotifikat jew l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri adegwati biex ma tħallix li dak il-lott jitqiegħed fuq is-suq. Fil-każ ta' rifjut frekwenti tal-lottijiet il-korp innotifikat jista' jissospendi l-verifika tal-istatistika u jieħu miżuri xierqa.

6. Il-marka tal-konformità u d-dikjarazzjoni tal-konformità

6.1. Il-manifattur għandu jwaħħal il-marka tat-tmun imsemmija fl-Artikolu 9 u, taħt ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat imsemmi fil-punt 3, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dan tal-aħħar, ma' kull prodott individwali li jkun f'konformità mat-tip approvat kif deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE u li jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli tal-istrumenti internazzjonali.

6.2. Il-manifattur għandu jfassal dikjarazzjoni tal-konformità bil-miktub għal kull mudell ta' prodott u jżommha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal perijodu ta' mill-inqas 10 snin wara li tkun twaħħlet il-marka tat-tmun fuq l-aħħar prodott manifatturat u fl-ebda każ għal perijodu iqsar mill-ħajja mistennija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat. Id-dikjarazzjoni ta' konformità għandha tidentifika l-mudell tat-tagħmir tal-baħar li għalih tkun tfasslet.

Jekk tintalab, għandha tiġi pprovduta kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità lill-awtoritajiet rilevanti.

7. Jekk il-korp innotifikat jaqbel u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, il-manifattur jista' jwaħħal in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat mal-prodotti matul il-proċess tal-manifattura.

8. Rappreżentant awtorizzat

L-obbligi tal-manifattur jistgħu jitwettqu mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, dment li dawn ikunu speċifikati fil-mandat. Rappreżentant awtorizzat ma jistax jissodisfa l-obbligi tal-manifattur li huma stabbiliti fil-punti 2 u 5.1.

V. IL-MODULU G: KONFORMITÀ ABBAŻI TAL-VERIFIKA TAL-UNITÀ

1. Il-konformità abbażi tal-verifika tal-unità hija l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, li permezz tagħha l-manifattur jissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-punti 2, 3 u 5, u jiżgura u jiddikjara fuq responsabbiltà unika tiegħu li l-prodott ikkonċernat, li kien soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-punt 4, huwa f'konformità mar-rekwiżiti tal-istrumenti internazzjonali applikabbli għalih.

2. Dokumentazzjoni teknika

Il-manifattur għandu jfassal id-dokumentazzjoni teknika u jagħmilha disponibbli għall-korp innotifikat imsemmi fil-punt 4. Id-dokumentazzjoni għandha tippermetti l-valutazzjoni tal-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti rilevanti, u għandha tinkludi analiżi u valutazzjoni adegwati tar-riskju/i. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tispeċifika r-rekwiżiti applikabbli u għandha tkopri, sa fejn ikun rilevanti għall-valutazzjoni, id-disinn u l-manifattura tal-prodott u kif jaħdem. Id-dokumentazzjoni teknika għandha tinkludi, fejn applikabbli, tal-inqas l-elementi li ġejjin:

— deskrizzjoni ġenerali tal-prodott;

— disinn kunċettwali u disinji tal-manifattura kif ukoll skemi ta' komponenti, sottomontaturi, ċirkwiti, eċċ.;

— deskrizzjonijiet u spjegazzjonijiet neċessarji biex wieħed jifhem id-disinji u l-iskemi msemmija u kif jaħdem il-prodott;

— lista tar-rekwiżiti u l-istandards ta' ttestjar li huma applikabbli għat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat f'konformità ma' din id-Direttiva, flimkien ma' deskrizzjoni tas-soluzzjonijiet adottati biex jiġu sodisfatti dawkir-rekwiżiti;

— ir-riżultati tal-kalkoli tad-disinji li saru, l-eżamijiet imwettqa; u

— rapporti tat-testijiet.

Il-manifattur għandu jżomm id-dokumentazzjoni teknika għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti għal mill-inqas 10 snin wara li tkun twaħħlet il-marka tat-tmun fuq l-aħħar prodott manifatturat u fl-ebda każ għal perijodu iqsar mill-ħajja mistennija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat.

3. Manifattura

Il-manifattur għandu jieħu l-miżuri kollha neċessarji biex il-proċess ta' manifattura u l-monitoraġġ tiegħu jiżguraw il-konformità tal-prodott manifatturat mar-rekwiżiti applikabbli tal-istrumenti internazzjonali.

4. Verifika

Korp innotifikat magħżul mill-manifattur għandu jwettaq l-eżamijiet u t-testijiet xierqa f'konformità ma' din id-Direttiva, biex tiġi vverifikata l-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti applikabbli tal-istrumenti internazzjonali.

Il-korp innotifikat għandu joħroġ ċertifikat tal-konformità fir-rigward tal-eżamijiet u tat-testijiet li jkunu saru u għandu jwaħħal in-numru ta' identifikazzjoni tiegħu mal-prodott approvat, jew iqabbad lil min iwaħħlu, taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

Il-manifattur għandu jżomm iċ-ċertifikati ta' konformità disponibbli għal spezzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali għal mill-inqas 10 snin wara li tkun twaħħlet il-marka tat-tmun fuq l-aħħar prodott manifatturat u fl-ebda każ għal perijodu iqsar mill-ħajja mistennija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat.

5. Il-marka tal-konformità u d-dikjarazzjoni tal-konformità

5.1. Il-manifattur għandu jwaħħal il-marka tat-tmun imsemmija fl-Artikolu 9 u, taħt ir-responsabbiltà tal-korp innotifikat imsemmi fil-punt 4, in-numru ta' identifikazzjoni ta' dan tal-aħħar ma' kull prodott li jissodisfa r-rekwiżiti applikabbli tal-istrumenti internazzjonali.

5.2. Il-manifattur għandu jfassal dikjarazzjoni tal-konformità bil-miktub u jżommha għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali għal mill-inqas 10 snin wara li tkun twaħħlet il-marka tat-tmun fuq l-aħħar prodott manifatturat u fl-ebda każ għal perijodu iqsar mill-ħajja mistennija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat. Id-dikjarazzjoni tal-konformità għandha tidentifika l-prodott li tkun tfasslet għalih.

Jekk tintalab, għandha tiġi pprovduta kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità lill-awtoritajiet rilevanti.

6. Rappreżentant awtorizzat

L-obbligi tal-manifattur stipulati fil-punti 2 u 5, jistgħu jiġu sodisfatti mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu, dment li dawn ikunu speċifikati fil-mandat.

*ANNESS III*

**REKWIŻITI LI GĦANDHOM JIĠU SODISFATTI MILL-KORPI TAL-VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ SABIEX ISIRU KORPI NNOTIFIATI**

1. Għall-finijiet tan-notifika, il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 2 sa 11.

2. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkun stabbilit skont il-liġi nazzjonali u għandu jkollu personalità ġuridika.

3. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkun korp ta' parti terza indipendenti mill-organizzazzjoni jew mit-tagħmir tal-baħar li jivvaluta.

4. Il-korp li jagħmel parti minn xi assoċjazzjoni kummerċjali jew federazzjoni professjonali li tkun tirrappreżenta intrapriżi involuti fid-disinn, il-manifattura, il-provvista, l-assemblaġġ, l-użu jew il-manutenzjoni tat-tagħmir tal-baħar li huwa jivvaluta, jista', bil-kondizzjoni li jintwerew kemm l-indipendenza tiegħu kif ukoll in-nuqqas ta' kwalunkwe konflitt ta' interess, jitqies bħala korp tal-valutazzjoni tal-konformità.

5. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità, l-ogħla livell ta' ġestjoni tiegħu u l-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti tal-valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu d-disinjatur, il-manifattur, il-fornitur, l-installatur, ix-xerrej, is-sid, l-utent jew dak li jwettaq il-manutenzjoni tat-tagħmir tal-baħar li jiġi vvalutat, u lanqas ma għandhom ikunu r-rappreżentant awtorizzat ta' xi waħda minn dawk il-partijiet. Dan ma għandux jipprekludi l-użu tal-prodotti vvalutati li jinħtieġu għall-operazzjonijiet tal-korp tal-valutazzjoni tal-konformità jew l-użu ta' tali prodotti għal għanijiet personali.

6. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità, l-ogħla livell ta' ġestjoni tiegħu u l-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti tal-valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu direttament involuti fid-disinn, il-manifattura jew il-kostruzzjoni, it-tqegħid fis-suq, l-installazzjoni, l-użu jew il-manutenzjoni ta' dak it-tagħmir tal-baħar, jew jirrappreżentaw lill-partijiet involuti f'dawk l-attivitajiet. Huma ma għandhom jieħdu sehem f'ebda attività li tista' tkun f'konflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew l-integrità tagħhom fir-rigward tal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità li għalihom huma jkunu nnotifikati. Dan għandu japplika b'mod partikolari għas-servizzi ta' konsulenza.

7. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom jiżguraw li l-attivitajiet tas-sussidjarji jew is-sottokuntratturi tagħhom ma jaffettwawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività jew l-imparzjalità tal-attivitajiet tagħhom ta' valutazzjoni tal-konformità.

8. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u l-persunal tagħhom għandhom iwettqu l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità bl-ogħla livell ta' integrità professjonali u kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u inċitament, partikolarment ta' natura finanzjarja, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità tagħhom, speċjalment fir-rigward ta' persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet.

9. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkun kapaċi jwettaq il-kompiti kollha tal-valutazzjoni tal-konformità assenjati lilu permezz ta' din id-Direttiva u li fir-rigward tagħhom ikun ġie notifikat, kemm jekk dawk il-kompiti jsiru mill-korp stess tal-valutazzjoni tal-konformità jew f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

10. F'kull żmien u għal kull proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità u għal kull tip, kategorija jew subkategorija tat-tagħmir tal-baħar li fir-rigward tiegħu jkun ġie nnotifikat, il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu:

    (a) il-persunal meħtieġ b'konoxxenza teknika u esperjenza suffiċjenti u xierqa biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità;

    (b) id-deskrizzjonijiet tal-proċeduri li f'konformità magħhom tiġi mwettqa l-valutazzjoni tal-konformità, li jiżguraw it-trasparenza ta' dawk il-proċeduri u l-possibbiltà li jiġu riprodotti. Dan għandu jkollu fis-seħħ politiki u proċeduri adatti li jiddistingwu bejn il-kompiti li jwettaq bħala korp innotifikat u attivitajiet oħra;

    (c) il-proċeduri meħtieġa għat-twettiq tal-attivitajiet li jikkunsidraw b'mod dovut id-daqs tal-intrapriża, is-settur li fih topera, l-istruttura tagħha, il-grad ta' kumplessità tat-teknoloġija tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat u n-natura ta' massa jew ta' serje tal-proċess ta' produzzjoni.

11. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu l-mezzi meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tekniċi u amministrattivi marbutin mal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità b'mod xieraq u għandu jkollu aċċess għat-tagħmir u l-faċilitajiet meħtieġa.

12. Il-persunal responsabbli biex iwettaq l-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu dawn li ġejjin:

(a) taħriġ tekniku u vokazzjonali sod li jkopri l-attivitajiet kollha ta' valutazzjoni tal-konformità li fir-rigward tagħhom ikun ġie nnotifikat il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità;

(b) għarfien sodisfaċenti tar-rekwiżiti tal-valutazzjonjiet li jwettaq u awtorità adegwata sabiex iwettaq dawk il-valutazzjonijiet;

(c) għarfien u intendiment xierqa tar-rekwiżiti applikabbli u tal-istandards ta' ttestjar u tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u tar-regolamenti li jimplimentaw dik il-leġislazzjoni;

(d) il-kapaċità meħtieġa biex jifformula ċ-ċertifikati, ir-reġistrazzjonijiet u r-rapporti li juru li l-valutazzjonijiet ikunu saru.

13. Għandha tkun iggarantita l-imparzjalità tal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità, tal-ogħla livell ta' ġestjoni tagħhom u tal-persunal tal-valutazzjoni tagħhom.

14. Ir-rimunerazzjoni tal-ogħla livell ta' ġestjoni u tal-persunal ta' valutazzjoni ta' korp tal-valutazzjoni tal-konformità ma għandhiex tiddependi min-numru ta' valutazzjonijiet li jkunu saru jew mir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet.

15. Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom jipprovdu għal polza ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà sakemm l-Istat ma jiħux ir-responsabbiltà skont il-liġi nazzjonali, jew sakemm l-Istat Membru nnifsu ma jkunx direttament responsabbli għall-valutazzjoni tal-konformità.

16. Il-persunal ta' korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu josserva s-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq tal-kompiti tiegħu skont din id-Direttiva jew skont kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li permezz tagħha ssir effettiva, ħlief fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li fihom jitwettqu l-attivitajiet tal-korp. Id-drittijiet ta' proprjetà għandhom ikunu protetti.

17. Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom jipparteċipaw fi, jew jiżguraw li l-persunal tagħhom tal-valutazzjoni jkun mgħarraf bl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni rilevanti u l-attivitajiet tal-grupp ta' koordinazzjoni tal-korp innotifikat stabbilit skont din id-Direttiva, u għandhom japplikaw bħala gwida ġenerali d-deċiżjonijiet amministrattivi u d-dokumenti prodotti bħala riżultat tal-ħidma ta' dak il-grupp.

18. Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istandard EN ISO/IEC 17065:2012.

19. Il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom jiżguraw li l-laboratorji tal-ittestjar li jintużaw għal finijiet tal-valutazzjoni tal-konformità jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istandard EN ISO/IEC 17025:2005.

*ANNESS IV*

**PROĊEDURA TAN-NOTIFIKA**

1. Applikazzjoni għan-notifika

1.1. Il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandu jippreżenta applikazzjoni għal notifika lill-awtorità notifikanti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit.

1.2. Dik l-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità, il-modulu jew il-moduli tal-valutazzjoni tal-konformità u t-tagħmir tal-baħar li għalih dak il-korp jiddikjara li huwa kompetenti, kif ukoll b'ċertifikat ta' akkreditazzjoni, jekk ikun hemm, maħruġ minn korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni li jafferma li l-korp tal-valutazzjoni tal-konformità jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III.

1.3. Jekk il-korp tal-valutazzjoni tal-konformità kkonċernat ma jistax jipprovdi ċertifikat ta' akkreditazzjoni, dan għandu jipprovdi lill-awtorità notifikanti bl-evidenza dokumentata kollha meħtieġa għall-verifika, ir-rikonoxximent u l-monitoraġġ regolari tal-konformità tiegħu mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III.

2. Proċedura tan-notifika

2.1. L-awtoritajiet notifikanti jistgħu jinnotifikaw biss lill-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità li jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III.

2.2. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'mezz elettroniku ta' notifika żviluppat u ġestit mill-Kummissjoni.

2.3. In-notifika għandha tinkludi d-dettalji kollha dwar l-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità, tal-modulu jew moduli tal-valutazzjoni tal-konformità u tat-tagħmir tal-baħar ikkonċernat u tal-affermazzjoni rilevanti tal-kompetenza.

2.4. Meta notifika ma tkunx ibbażata fuq ċertifikat ta' akkreditazzjoni kif imsemmi fit-taqsima 1, l-awtorità notifikanti għandha tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'evidenza dokumentata li tafferma l-kompetenza tal-korp tal-valutazzjoni tal-konformità kif ukoll l-arranġamenti li saru biex ikun żgurat li dak il-korp ikun immonitorjat b'mod regolari u jkompli jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III.

2.5. Il-korp ikkonċernat jista' jwettaq l-attivitajiet ta' korp innotifikat biss jekk ma jkunux tqajmu oġġezzjonijiet mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri l-oħra fi żmien ġimagħtejn min-notifika fejn jintuża ċertifikat ta' akkreditament jew fi żmien xahrejn wara li tkun saret notifika fil-każ li ma jintużax l-akkreditament.

2.6. Huwa biss korp imsemmi fil-punt 2.5 li għandu jitqies bħala korp innotifikat għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

2.7. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom ikunu nnotifikati jekk ikun hemm tibdil sussegwenti rilevanti fin-notifika.

3. In-numri ta' identifikazzjoni u l-listi ta' korpi nnotifikati

3.1. Il-Kummissjoni għandha tassenja numru ta' identifikazzjoni lil korp innotifikat.

3.2. Hija għandha tassenja numru wieħed bħal dan anki fejn il-korp innotifikat ikun rikonoxxut bħala nnotifikat skont diversi atti leġislattivi tal-Unjoni.

3.3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli pubblikament il-lista tal-korpi nnotifikati skont id-Direttiva, inklużi n-numri ta' identifikazzjoni li kienu allokati lilhom u l-attivitajiet li għalihom ikunu ġew notifikati.

3.4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li din il-lista tinżamm aġġornata.

*ANNESS V*

**REKWIŻITI LI GĦANDHOM JIĠU SODISFATTI MILL-AWTORITAJIET NOTIFIKANTI**

1. L-awtorità notifikanti għandha tiġi stabbilita b'mod li ma jkunx hemm konflitti ta' interess mal-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità.

2. L-awtorità notifikanti għandha tkun organizzata u operata b'mod li jkunu salvagwardjati l-oġġettività u l-imparzjalità tal-attivitajiet tagħha.

3. L-awtorità notifikanti għandha tkun organizzata b'tali mod li kull deċiżjoni relatata man-notifika ta' korp tal-valutazzjoni tal-konformità tittieħed minn persuni kompetenti differenti minn dawk li jkunu għamlu l-valutazzjoni.

4. L-awtorità notifikanti ma għandha toffri jew tipprovdi, fuq bażi kummerċjali jew kompetittiva, l-ebda attività li titwettaq minn korpi tal-valutazzjoni tal-konformità jew servizz ta' konsulenza.

5. L-awtorità notifikanti għandha tissalvagwardja l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tikseb.

6. L-awtorità notifikanti għandu jkollha numru suffiċjenti ta' persunal kompetenti għad-dispożizzjoni tagħha biex il-kompiti tagħha jitwettqu b'mod adatt.

**DIRETTIVA 2014/91/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-23 ta' Lulju 2014**

**li temenda d-Direttiva 2009/65/KE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) fir-rigward tal-funzjonijiet tad-depożitarji, il-politiki tar-remunerazzjoni u s-sanzjonijiet**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għandha tiġi emendata sabiex jitqiesu l-iżviluppi fis-suq u l-esperjenzi tal-parteċipanti tas-suq u s-superviżuri sa issa, partikolarment biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi bejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali rigward id-dmirijiet u r-responsabbiltà tad-depożitarji, il-politika tar-remunerazzjoni u s-sanzjonijiet.

(2) Sabiex jiġi indirizzat l-effett potenzjalment detrimentali ta' strutturi ta' remunerazzjoni mfassla ħażin fuq il-ġestjoni tajba tar-riskji u fuq il-kontroll tat-teħid ta' riskji minn individwi, għandu jkun hemm obbligu ċar fuq il-kumpaniji tal-maniġment tal-impriżi għall-investiment kollettiv fit-titoli trasferibbli (UCITS) li jistabbilixxu u jżommu, għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profili tar-riskju tal-UCITS li jimmaniġġaw, politiki ta' remunerazzjoni u prattiki li huma konsistenti ma' ġestjoni tajba u effettiva tar-riskju. Dawk il-kategoriji ta' persunal għandhom jinkludu kwalunkwe impjegat u kwalunkwe membru ieħor tal-persunal fil-livell ta' fondi jew sottofondi li jieħdu d-deċiżjonijiet, li huma maniġers tal-fondi u persuni li jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment reali, persuni li għandhom is-setgħa li jeżerċitaw l-influenza fuq tali impjegati u membri tal-persunal, inklużi konsulenti u analisti tal-investiment, maniġment superjuri u kwalunkwe impjegat li jirċievi remunerazzjoni totali li titfagħhom fl-istess kategorija ta' remunerazzjoni tal-maniġment superjuri u l-persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet. Dawk ir-regoli għandhom japplikaw ukoll għall-kumpaniji tal-investiment awtorizzati skont id-Direttiva 2009/65/KE. Dawk il-politiki u prassi ta' remunerazzjoni għandhom japplikaw, b'mod proporzjonat, għal kwalunkwe parti terza li tieħu d-deċiżjonijiet tal-investiment li jaffettwaw il-profil ta' riskju tal-UCITS minħabba funzjonijiet li jkunu ġew delegati f'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/65/KE.

(3) Sakemm il-kumpaniji tal-maniġment tal-UCITS u kumpaniji tal-investiment japplikaw il-prinċipji kollha li jirregolaw il-politiki ta' remunerazzjoni, huma għandhom ikunu jistgħu japplikaw dawk il-politiki b'modi differenti skont id-daqs tagħhom, skont id-daqs tal-UCITS li jimmaniġġaw, l-organizzazzjoni interna tagħhom u n-natura tagħhom, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom.

([1]) ĠU C 96, 4.4.2013, p. 18.
([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 (għadha mhijiex ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014.
([3]) Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

(4) Waqt li xi azzjonijiet għandhom jittieħdu mill-korp tal-maniġment, għandu jiġi żgurat li fejn, skont il-liġi nazzjonali, il-kumpanija tal-maniġment jew kumpanija tal-investiment jkollha effettivament korpi differenti b'funzjonijiet speċifiċi assenjati, ir-rekwiżiti diretti lejn il-korp tal-maniġment jew lejn il-korp tal-maniġment fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandhom ukoll, jew għandhom minflok japplikaw għal dawk il-korpi bħal-Laqgħa Ġenerali.

(5) Meta japplikaw il-prinċipji li jirrigwardaw il-politiki u prassi sodi ta' remunerazzjoni stabbiliti minn din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom iqisu l-prinċipji stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/384/KE ([1]), l-ħidma tal-Bord ta' Stabbiltà Finanzjarja u l-impenji tal-G-20 biex jiġi moderat ir-riskju fis-settur tas-servizzi finanzjarji.

(6) Remunerazzjoni varjabbli garantita għandha tkun ta' eċċezzjoni peress li mhijiex konsistenti mal-ġestjoni tajba tar-riskju jew il-prinċipju ta' ħlas għal prestazzjoni u għandha tkun limitata għall-ewwel sena tal-impjieg.

(7) Il-prinċipji dwar politiki tajbin ta' remunerazzjoni għandhom japplikaw ukoll għal ħlasijiet li jsiru mill-UCITS innifisha lill-kumpaniji tal-maniġment jew tal-investiment.

(8) Il-Kummissjoni hija mistiedna tanalizza x'ikunu l-kosti u l-ispejjeż komuni ta' prodotti ta' investiment għall-konsumatur fl-Istati Membri, u jekk tkun meħtieġa armonizzazzjoni ulterjuri ta' dawk il-kosti u l-ispejjeż, u tibgħat is-sejbiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(9) Sabiex tiġi promossal-konverġenza superviżorja fil-valutazzjoni tal-politiki u prassi ta' remunerazzjoni, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) ('AETS'), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandha tiżgura l-eżistenza ta' linji gwida dwar politiki u prassi ta' remunerazzjoni sodi fis-settur tal-immaniġġar tal-assi. L-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) ('ABE'), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għandha tgħin lill-AETS fit-tħejjija ta' dawn il-linji gwida. Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar ir-remunerazzjoni, dawk il-linji gwida għandhom jipprovdu wkoll gwida ulterjuri dwar il-persuni li għalihom japplikaw il-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni u dwar l-adattament tal-prinċipji ta' remunerazzjoni għad-daqs tal-kumpanija tal-maniġment jew tal-kumpanija tal-investiment, id-daqs tal-UCITS li jimmaniġġaw, l-organizzazzjoni interna tagħhom u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. Il-linji gwida tal-ESMA dwar il-politiki u prassi ta' remunerazzjoni għandhom, fejn ikun il-każ, ikunu allinjati, sa fejn hu possibbli, ma' dawk għall-fondi rregolati taħt id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

(10) Id-dispożizzjonijiet dwar ir-remunerazzjoni għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju sħiħ tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (Il-Karta), għall-prinċipji ġenerali tal-liġi u l-kuntratti tax-xogħol nazzjonali, il-leġislazzjoni applikabbli rigward id-drittijiet tal-azzjonisti u l-involviment u r-responsabbiltajiet ġenerali tal-korpi amministrattivi u superviżorji tal-kumpaniji konċernati, kif ukoll id-dritt, fejn applikabbli, tas-sħab soċjali li jikkonkludu u jeżegwixxu il-ftehimiet kollettivi, f'konformità mal-liġijiet u l-prassi nazzjonali.

(11) Sabiex jiżguraw il-livell meħtieġ ta' armonizzazzjoni tar-rekwiżiti regolatorji rilevanti fl-Istati Membri differenti, għandhom jiġu adottati regoli addizzjonali li jistipulaw l-kompiti u d-dmirijiet tad-depożitarji, jidentifikaw l-entitajiet ġuridiċi li jistgħu jinħatru bħala depożitarji u jiċċaraw ir-responsabbiltà tad-depożitarji f'każ li jintilfu l-assi tal-UCITS fil-kustodja jew f'każ ta' twettiq ħażin tad-dmirijiet ta' sorveljanza mid-depożitarji. Prestazzjoni mhux xierqa bħal din tista' tirriżulta fit-telf tal-assi iżda wkoll f'telf tal-valur tal-assi, jekk, pereżempju, depożitarju ma jirnexxilux jaġixxi fuq investimenti li mhumiex konformi mar-regoli tal-fondi.

([1]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/384/KE tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 22).

([2]) Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

([3]) Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

([4]) Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

(12) Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li UCITS għandha taħtar depożitarju wieħed li jkollu sorveljanza ġenerali fuq l-assi tal-UCITS. Ir-rekwiżit li jkun hemm depożitarju wieħed biss għandu jiżgura li d-depożitarju jkollu perspettiva globali fuq l-assi kollha tal-UCITS u li kemm il-maniġers kif ukoll l-investituri tal-fond ikollhom punt wieħed biss ta' referenza f'każ li jinqalgħu problemi fir-rigward tas-salvagwardja tal-assi jew tat-twettiq tal-funzjonijiet ta' sorveljanza. Is-salvagwardja tal-assi għandha tinkludi li l-assi jinżammu f'kustodja jew, fejn l-assi jkunu ta' natura tali li ma jistgħux jinżammu f'kustodja, il-verifika tas-sjieda ta' dawk l-assi kif ukoll iż-żamma tar-rekords għal dawk l-assi.

(13) Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, depożitarju għandu jaġixxi b'mod onest, ġust, professjonali, b'mod indipendenti u fl-interess tal-UCITS u tal-investituri tal-UCITS.

(14) Sabiex jiġi żgurat approċċ armonizzat għat-twettiq tad-dmirijiet tad-depożitarji fl-Istati Membri kollha irrispettivament mill-forma ġuridika li tieħu l-UCITS, hemm bżonn li tiġi introdotta lista uniformi tad-dmirijiet ta' sorveljanza li jorbtu d-depożitarji fir-rigward ta' UCITS f'forma korporattiva (kumpanija ta' investiment) u ta' UCITS f'forma kuntrattwali.

(15) Id-depożitarju għandu jkun responsabbli għall-monitoraġġ xieraq tal-flussi tal-flus tal-UCITS, u, b'mod partikolari, għall-iżgurar li l-flus tal-investituri u tal-flus li jappartjenu lill-UCITS jiġu rreġistrati b'mod korrett fil-kontijiet miftuħa f'isem l-UCITS, f'isem il-kumpanija tal-maniġment li taġixxi f'isem l-UCITS, jew f'isem id-depożitarju li jaġixxi f'isem l-UCITS, f'entità msemmija fil-punti (a), (b) jew (c) tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE ([1]). Għalhekk għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet dettaljati fuq il-monitoraġġ tal-flus sabiex jiġu żgurati livelli ta' protezzjoni tal-investitur effettivi u konsistenti. Meta d-depożitarju jiżgura li l-flus tal-investitur jiġu rreġistrati fil-kontijiet tal-flus, għandu jqis il-prinċipji stipulati fl-Artikolu 16 ta' dik id-Direttiva.

(16) Sabiex jiġu evitati trasferimenti dolużi ta' flus, l-ebda kont ta' flus assoċjat mat-tranżazzjonijiet tal-UCITS m'għandu jinfetaħ mingħajr l-għarfien tad-depożitarju.

(17) Kwalunkwe ass miżmum f'kustodja għal UCITS għandu jkun distint mill-assi tad-depożitarju stess, u għandu jkun l-ħin kollu identifikat bħala li jappartjeni għal dik l-UCITS. Tali rekwiżit għandu jipprovdi saff addizzjonali ta' protezzjoni għall-investituri f'każ ta' inadempjenza tad-depożitarju.

(18) Barra mid-dmir eżistenti tas-salvagwardja ta' assi li jappartjenu lil UCITS jinżammu sikuri, l-assi li jistgħu jinżammu f'kustodja għandhom jiġu differenzjati minn dawk li ma jistgħux, li, minflok, għalihom japplika rekwiżit ta' żamma ta' rekords u verifika tas-sjieda. Il-grupp ta' assi li jistgħu jiġu miżmuma f'kustodja għandhom jiġu differenzjati b'mod ċar, billi d-dmir li jintraddu lura assi mitlufa għandu japplika biss għal dik il-kategorija speċifika ta' assi.

(19) L-assi li jinżammu f'kustodja mid-depożitarju ma għandhomx jerġgħu jintużaw mid-depożitarju jew minn parti terza li lilha tkun ġiet iddelegata l-funzjoni ta' kustodja akkont proprju. Ċerti kondizzjonijiet għandhom japplikaw għall-użu mill-ġdid ta' assi akkont tal-UCITS.

(20) Jeħtieġ li jiġu stipulati l-kondizzjonijiet għad-delega tad-dmirijiet ta' kustodja tad-depożitarju lil parti terza. Delega u sottodelega għandhom ikunu oġġettivament ġustifikati u soġġetti għal rekwiżiti stretti fir-rigward tal-adegwatezza tal-parti terza fdata bil-funzjoni delegata, u fir-rigward tal-kapaċità, l-attenzjoni u d-diliġenza dovuti li d-depożitarju għandu juża meta jagħżel, jaħtar u janalizza dik il-parti terza. Għall-finijiet li jinkisbu kondizzjonijiet tas-suq uniformi u livell daqstant ieħor għoli ta' protezzjoni tal-investituri, dawn il-kondizzjonijiet għandhom jiġu allinjati ma' dawk applikabbli id-Direttiva 2011/61/UE. Għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet li jiżguraw li l-partijiet terzi li lihom ġew iddelegati funzjonijiet ta' salvagwardja jiddisponu mill-mezzi meħtieġa biex iwettqu dmirijiethom u li jissegregaw l-assi tal-UCITS.

([1]) Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE tal-10 ta' Awwissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-kumpaniji tal-investiment u t-termini definiti għall-għanjiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 241, 2.9.2006, p. 26).

(21) Meta Depożitarju Ċentrali tat-Titoli (CSD), kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), jew CSD ta' pajjiż terz jipprovdi s-servizzi ta' operazzjoni ta' sistema ta' saldu tat-titoli, kif ukoll, tal-anqas jew ir-reġistrazzjoni inizjali ta' titoli f'sistema ta' entrata fil-kotba permezz ta' ikkreditar inizjali jew il-provvediment u ż-żamma ta' kontijiet ta' titoli fl-ogħla livell; kif speċifikat fit-Taqsima A tal-Anness dak ir-Regolament, il-provvediment ta' dawk is-servizzi mis-CSD fir-rigward tat-titoli tal-UCITS li jiġu inizjalment reġistrati f'sistema ta' entrata fil-kotba permezz ta' ikkreditar inizjali minn dak is-CSD ma għandux jitqies bħala delega tal-funzjonijiet ta' kustodja. Madankollu, l-affidament tal-kustodja at-titolital-UCITS lil CSD, jew lil kwalunkwe CSD ta' pajjiż terz għandu jitqies bħala delega tal-funzjoni ta' kustodja.

(22) Parti terza li lilha tiġi delegata s-salvagwardja ta' assi għandha tkun kapaċi żżomm kont omnibus, bħala kont komuni segregat għal UCITS multipli.

(23) F'każijiet fejn il-kustodja tiġi ddelegata lil parti terza, ikun meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li l-parti terza tkun soġġetta għal rekwiżiti speċifiċi dwar regolamentazzjoni u superviżjoni prudenzjali effettivi. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-istrumenti finanzjarji jkunu fil-pussess tal-parti terza li lilha tkun ġiet iddelegata l-kustodja, għandhom jitwettqu awditi perjodiċi esterni.

(24) Sabiex jiġu żgurati livelli għolja u konsistenti ta' protezzjoni tal-investituri, għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet dwar il-kondotta u dwar l-immaniġġar tal-kunflitti ta' interess u għandhom japplikaw fis-sitwazzjonijiet kollha, inkluż fil-każ ta' delega ta' dmirijiet ta' kustodja. B'mod partikolari, dawn ir-regoli għandhom jiżguraw li jkun hemm separazzjoni ċara tal-kompiti u l-funzjonijiet bejn id-depożitarju, l-UCITS u l-kumpanija tal-maniġment jew il-kumpanija tal-investiment.

(25) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri u biex jiġi ggarantit livell xieraq ta' regolamentazzjoni prudenzjali u ta' kontroll kontinwu, jeħtieġ li tiġi stabbilita lista eżawrjenti ta' entitajiet li huma eliġibbli biex jaġixxu bħala depożitarji. Dawk l-entitajiet għandhom ikunu limitati għal banek ċentrali nazzjonali, istituzzjonijiet tal-kreditu, u entitajiet legali oħrajn awtorizzati taħt il-liġi tal-Istati Membri biex iwettqu attivitajiet ta' depożitarji taħt din id-Direttiva, li huma soġġetti għal superviżjoni prudenzjali u rekwiżiti ta' adegwatezza kapitali mhux inqas mir-rekwiżiti kkalkulati skont l-approċċ magħżul taħt l-Artikolu 315 jew 317 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), għandhom fondi proprji ta' mhux inqas mill-ammont tal-kapital inizjali taħt l-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u għandhom l-uffiċċju rreġistrat jew fergħa tagħhom fl-Istat Membru tad-domiċilju tal-UCITS.

(26) Jeħtieġ tiġi speċifikata u ċċarata r-responsabbiltà tad-depożitarju tal-UCITS fil-każ ta' telf ta' strument finanzjarju li jkun qed jinżamm f'kustodja. Id-depożitarju għandu jkun responsabbli, meta strument finanzjarju miżmum f'kustodja jintilef, li jrodd lura strument finanzjarju ta' tip identiku jew ta' ammont korrispondenti lill-UCITS. Ma għandu jkun previst l-ebda ħelsien mir-responsabbiltà fil-każ ta' telf ta' assi, ħlief meta d-depożitarju jkun jista' jipprova li t-telf seħħ minħabba avveniment estern lil hinn mill-kontroll raġonevoli tiegħu, li l-konsegwenzi tiegħu kienu jkunu inevitabbli minkejja l-isforzi raġonevoli kollha bil-kontra. F'dak il-kuntest, depożitarju ma għandux ikun jista' jeħles lilu nnifsu mir-responsabbiltà billi jserraħ fuq sitwazzjonijiet interni bħal aġir frawdolenti minn xi impjegat.

(27) Fejn id-depożitarju jiddelega kompiti ta' kustodja u l-istrumenti finanzjarji miżmuma fil-kustodja ta' parti terza jintilfu, id-depożitarju għandu jkun responsabbli. Fil-każ ta' telf ta' strument miżmum f'kustodja, depożitarju għandu jirodd lura strument finanzjarju ta' tip identiku jew l-ammont korrispondenti, anke jekk it-telf seħħ għand parti terza li lilha ġiet iddelegata l-kustodja. Id-depożitarju għandu jinħeles minn dik ir-responsabbiltà biss fejn ikun jistà jipprova li t-telf irriżulta minn avveniment estern lil hinn mill-kontroll raġonevoli tiegħu u b'konsegwenzi li kienu inevitabbli minkejja l-isforzi raġonevoli kollha għall-kuntrarju. F'dak il-kuntest, depożitarju ma għandux ikun jista' jeħles lilu nnifsu mir-responsabbiltà billi jserraħ fuq sitwazzjonijiet interni bħal aġir frawdolenti minn xi impjegat. Ma għandu jkun possibbli l-ebda ħelsien mir-responsabbiltà, kemm jekk regolatorju kif ukoll jekk kuntrattwali fil-każ ta' telf ta' assi minn depożitarju jew parti terza li lilha ġiet iddelegata l-kustodja.

([1]) Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([2]) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([3]) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

(28) Kull investitur f'UCITS għandu jkun jista' jinvoka pretensjonijiet relatati mar-responsabbiltà tad-depożitarju tiegħu, direttament jew indirettament, permezz tal-kumpanija tal-maniġment jew tal-kumpanija tal-assigurazzjoni. Ir-rimedju kontra d-depożitarju ma għandux jiddependi fuq il-forma legali li tal-UCITS (korporattiva jew kuntrattwali) jew in-natura ġuridika tar-relazzjoni bejn id-depożitarju, il-kumpanija tal-maniġment u t-titolari tal-unitajiet. Id-dritt tat-titolari tal-unitajiet li jinvokaw ir-responsabbiltà depożitorja ma għandux iwassal għal dupplikazzjoni tar-rimedji jew għal trattament mhux ugwali tad-detenturi tal-unitajiet.

(29) Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva, depożitarju m'għandux jinżamm milli jagħmel l-arranġamenti sabiex ikopri l-ħsara u t-telf lill-UCITS jew lid-detenturi tal-unitajiet tal-UCITS. B'mod partikolari, dawn l-arranġamenti ma għandhomx jikkostitwixxu rilaxx tar-responabbilita' tad-depożitarju, ma għandhomx jirriżultaw fi trasferiment jew kwalunkwe bidla fir-responsabbiltà tad-depożitarju u lanqas m'għandhom jaffettwaw id-drittijiet tal-investituri, inklużi d-drittijiet għal rimedju.

(30) Fit-12 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni pproponiet l-emendi għad-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) sabiex ikun ipprovdut livell għoli ta' protezzjoni għal investituri fil-UCITS fejn depożitarju ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligi tiegħu. Dik il-proposta hija ssupplimentata billi jiġu ċċarati l-obbligi u l-ambitu tar-responsabbiltà tad-depożitarju u l-parti terza li lilha ġew iddelegati l-funzjonijjiet ta' salvagwardja f'din id-Direttiva.

(31) Il-kummissjoni hija mistiedna tanalizza f'liema sitwazzjonijiet il-falliment ta' depożitarju jew parti terza li lilha ġew iddelegati funzjonijiet ta' salvagwardja jista' jwassal għal telf lid-detenturi tal-unitajiet tal-UCITS li ma jistax isir irkupru tagħhom taħt din id-Direttiva, sabiex jiġi analizzat aktar x'tip ta' miżuri jistgħu jkunu adegwati sabiex ikun assigurat livell għoli ta' protezzjoni tal-investitur, tkun xi tkun il-katina ta' intermedjazzjoni bejn l-investitur u s-sigurtajiet trasferibbli affettwati mill-falliment, u sabiex tissottometti s-sejbiet tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(32) Huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-istess rekwiżiti japplikaw għad-depożitarji irrispettivament mill-forma ġuridika ta l-UCITS. Konsistenza tar-rekwiżiti għandha ttejjeb iċ-ċertezza ġuridika, iżżid il-protezzjoni tal-investitur u tikkontribwixxi għall-ħolqien tal-kondizzjonijiet tas-suq uniformi. Il-Kummissjoni ma rċeviet ebda notifika li d-deroga mill-obbligu ġenerali li l-assi jiġu fdati għand depożitarju intużat minn xi kumpanija tal-investiment. Għalhekk, ir-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 2009/65/KE li jirrigwardaw id-depożitarju ta' kumpanija ta' investiment għandhom jitqiesu superfluwi.

(33) Filwaqt li din id-Direttiva tispeċifika sett minimu ta' setgħat li għandu jkollhom l-awtoritajiet kompetenti, dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati fi ħdan sistema kompleta ta' liġi nazzjonali li tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għall-privatezza. Għall-eżerċitar ta' dawk is-setgħat li jista' jwassal għal interferenzi serji mad-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, tad-dar u l-komunikazzjonijiet, l-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ salvagwardji adegwati u effettivi kontra kwalunkwe abbuż, inkluż meta jkun xieraq awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Stat Membru kkonċernat. L-Istati Membri għandhom jippermettu li l-awtoritajiet kompetenti jeżerċitaw tali setgħat intrusivi sa fejn ikun neċessarju għall-investigazzjoni adegwata ta' każijiet serji fejn ma hemmx mezzi ekwivalenti biex jinkiseb l-istess riżultat b'mod effettiv.

(34) Ir-reġistrazzjonijiet eżistenti ta' konversazzjonijiet telefoniċi u rekords ta' traffiku ta' data minn UCITS, il-kumpaniji tal-maniġment, il-kumpaniji tal-investiment, depożitarji jew kwalunkwe entità oħra irregolata minn din id-Direttiva, kif ukoll rekords eżistenti telefoniċi u tat-traffiku ta' data minn operaturi tat-telekomunikazzjoni jikkostitwixxu evidenza kruċjali u xi kultant l-unika sabiex tiġi identifikata u pprovata l-eżistenza ta' ksur tal-liġi nazzjonali li jittrasponi din id-Direttiva kif ukoll tiġi vverifikata l-konformità mill-UCITS, il-kumpaniji tal-maniġment, il-kumpaniji tal-investiment, depożitarji jew kwalunkwe entità oħra irregolata minn din id-Direttiva b' rekwiżiti ta' protezzjoni tal-investitur u rekwiżiti oħrajn stipulati f'din id-Direttiva u l-miżuri implimentattivi adottati taħtha. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jirrikjedu reġistrazzjonijiet eżistenti ta' konversazzjonijiet telefoniċi, komunikazzjonijiet elettroniċi u rekords tat-traffiku ta' data miżmuma mill-UCITS, kumpaniji tal-maniġment, kumpaniji tal-investiment, depożitarji jew kwalunkwe entità oħra rregolata minn din id-Direttiva.

([1]) Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 1997 dwar skemi ta' kumpens għall-investitur (ĠU L 84, 26.3.1997, p. 22).

L-aċċess rekords telefoniċi u għad-data huwa neċessarju għall-iskoperta ta', u l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet għal, ksur tar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva jew il-miżuri implimentattivi tagħha. Sabiex jiġu introdotti kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fl-Unjoni fir-rigward ta' aċċess għal rekords telefoniċi u tat-traffiku ta' data eżistenti miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjoni jew ir-reġistrazzjonijiet eżistenti ta' konversazzjonijiet telefoniċi u tat-traffiku ta' data miżmuma minn UCITS, kumpaniji tal-maniġment, kumpaniji tal-investiment, depożitarji jew kwalunkwe entità oħra rregolata minn din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetentigħandhom, f'konformità mal-liġi nazzjonali, jkunu jistgħu jirrikjedu rekords telefoniċi eżistenti u rekords tat-traffiku ta' data eżistenti miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjoni sa fejn ikun permess taħt il-liġi nazzjonali u reġistrazzjonijiet eżistenti ta' konversazzjonijiet telefoniċi kif ukoll tat-traffiku ta' data miżmuma minn UCITS, kumpaniji tal-maniġment, kumpaniji tal-investiment, depożitarji jew kwalunkwe entità oħra rregolata minn din id-Direttiva, f'dawk il-każijiet fejn ikun jeżisti suspett raġonevoli li tali rekords relatati mas-suġġett tal-ispezzjoni jew l-investigazzjoni jistgħu jkunu relevanti sabiex jiġi pprovat ksur tar-rekwiżiti stipulati f' din id-Direttiva jew il-miżuri implimentattivi tagħha. L-aċċess għal rekords telefoniċi u tat-traffiku ta' data miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjoni ma għandux jinkludi l-kontenut ta' komunikazzjonijiet telefoniċi bil-vuċi.

(35) Qafas prudenzjali u sod u l-kondotta tan-negozju fis-settur finanzjarju għandu jkun ibbażat fuq sistemi b'saħħithom ta' superviżjoni, ta' investigazzjoni u ta' sanzjonar. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom setgħat suffiċjenti biex jaġixxu u għandhom ikunu jistgħu jserrħu fuq sistemi ta' penali li jkunu ugwali, b'saħħithom u ta' deterrent f'każ ta' ksur ta' din id-Direttiva. Saret reviżjoni tas-setgħat eżistenti tas-sanzjonar u l-applikazzjoni prattika tagħhom bil-għan li tiġi promossal-konverġenza tas-sanzjonijiet tul firxa ta' attivitajiet ta' sorveljanza fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Diċembru 2010 dwar ir-rinfurzar tar-reġimi tas-sanzjonar fis-settur tas-servizzi finanzjarji. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikollhom is-setgħa li jimponu penali pekunjarji li jkunu għoljin biżżejjed biex ikunu effettivi, dissważivi u proporzjonati, sabiex jikkumpensaw għal benefiċċji mistennija minn imġiba li tikser ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

(36) Għalkemm xejn ma jżomm lill-Istati Membri milli jistabbilixxu regoli għal sanzjonijiet amministrattivi kif ukoll kriminali dwar l-istess ksur, l-Istati Membri m'għandhomx ikunu meħtieġa li jistabbilixxu regoli għal sanzjonijiet amministrattivi għal ksur ta' din id-Direttiva fejn huma soġġetti għal-liġi kriminali nazzjonali. F'konformità mal-liġi nazzjonali, l-Istati Membri mhumiex obbligati li jimponu sanzjonijiet kemm amministrattivi kif ukoll kriminali għall-istess reat, iżda jistgħu jagħmlu dan jekk il-liġi nazzjonali tagħhom tippermettilhom. Madankollu, iż-żamma ta' sanzjonijiet kriminali pjuttost milli sanzjonijiet amministrattivi għall-ksur ta' din id-Direttiva ma għandhiex tnaqqas jew taffettwa b'xi mod ieħor il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra jew li jaċċedu u jiskambjaw informazzjoni ma' dawk l-awtoritajiet kompetenti fil-ħin opportun, inkluż wara kwalunkwe riferiment tal-ksur rilevanti lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti għal prosekuzzjoni kriminali. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu li ma jistabbilixxux regoli għal sanzjonijiet amministrattivi għall-ksur li hu soġġett għal-liġi kriminali nazzjonali. L-għażla għall-Istati Membri li jimponu sanzjonijiet kriminali pjuttost milli, jew flimkien ma', sanzjonijiet amministrattivi ma għandhiex tintuża biex jiġi evitat ir-reġim tas-sanzjonijiet f'din id-Direttiva.

(37) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha, meta jiddeterminaw it-tip ta' penali jew miżuri amministrattivi u l-livell ta' penali pekunjarji amministrattivi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom iqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha.

(38) Sabiex jissaħħaħ l-effett dissważiv tagħhom fuq il-pubbliku inġenerali, kif ukoll biex il-pubbliku jiġi informat dwar ksur ta' regoli li jista' jkun ta' detriment għall-protezzjoni tal-investituri, is-sanzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati, ħlief f'ċerti ċirkostanzi li jkunu definiti sew. Sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, is-sanzjonijiet għandhom jiġu ppubblikati fuq bażi anonima meta l-pubblikazzjoni toħloq ħsara sproporzjonata lill-partijiet involuti.

(39) Sabiex l-AETS tkun tista' ssaħħaħ aktar il-konsistenza fl-eżiti superviżorji f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, is-sanzjonijiet kollha żvelati pubblikament għandhom jiġu rrappurtati simultanjament lill-AETS, li wkoll għandha tippubblika rapport annwali dwar is-sanjzonijiet kollha imposti.

(40) L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħat investigattivi meħtieġa, u għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi biex jiġi mħeġġeġ ir-rappurtar ta' ksur potenzjali jew ta' ksur reali. L-informazzjoni dwar ksur potenzjali u reali għandha wkoll tikkontribwixxi għall-prestazzjoni effettiva tal-kompiti tal-AETS f'konformità

mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. L-istazzjonijiet tal-komunikazzjoni għar-rappurtar ta' dak il-ksur potenzjali u reali għandhom għalhekk jiġu stabbiliti wkoll mill-AETS. L-informazzjoni dwar ksur potenzjali u reali kkomunikat lill-AETS għandha tintuża biss għall-prestazzjoni tal-kompiti tal-AETS f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(41) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta kif stabbiliti fit-TFUE.

(42) Sabiex jiġi żgurat li l-għanijiet ta' din id-Direttiva jintlaħqu, is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tingħata lill-Kummissjoni. Partikolarment, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tispeċifika d-dettalji li jeħtieġu jiġu inklużi fil-ftehim standard bejn id-depożitarju u l-kumpanija tal-maniġment jew il-kumpanija tal-investiment, il-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-funzjonijiet depożitarji, inkluż it-tip ta' strumenti finanzjarji li għandhom jiġu inklużi fl-ambitu tad-dmirijiet ta' kustodja tad-depożitarju, il-kundizzjonijiet li suġġett għalihom depożitarju jista' jeżerċita d-dmirijiet tiegħu ta' kustodja fuq l-istrumenti finanzjarji reġistrati ma' depożitarju ċentrali u l-kundizzjonijiet li suġġett għalihom id-depożitarju għandu jissalvagwardja l-istrumenti finanzjarji maħruġa f'forma nominattiva u rreġistrati ma' emittent jew reġistratur, id-dmirijiet ta' diliġenza dovuta tad-depożitarji, l-obbligu tas-segregazzjoni, il-kundizzjonijiet li suġġett għalihom, u ċ-ċirkostanzi li fihom, strumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja għandhom jiġu kkunsidrati li huma mitlufa, u dak li għandu jiġi mifhum b'avvenimenti esterni lil hinn mill-kontroll raġonevoli, li l-konsegwenzi tagħhom kienu jkunu inevitabbli minkejja l-isforzi raġonevoli kollha bil-kontra. Il-livell ta' protezzjoni tal-investitur ipprovdut minn dawk l-atti delegati għandu jkun tal-anqas għoli daqs dak ipprovdut minn atti delegati adottati taħt id-Direttiva 2011/61/UE. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell espert. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adatta tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(43) Bħala parti mir-reviżjoni ġenerali tagħha tal-funzjonament tad-Direttiva 2009/65/KE, il-Kummissjoni, filwaqt li tieħu kont tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), se tirrivedi l-limiti ta' esponiment ta' kontroparti applikabbli għal transazzjonijiet tad-derivattivi, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li jiġu stabbiliti kategorizzazzjonijiet adegwati għal tali limiti sabiex id-derivattivi b'karatteristiċi ta' riskju simili jiġu trattati bl-istess mod.

(44) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([2]) ittieħed l-impenn mill-Istati Membri biex, f'każijiet iġġustifikati, in-notifika tal-miżuri tagħhom ta' traspożizzjoni tiġi akkumpanjata minn dokument wieħed jew aktar li jispjega(w) ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' Direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis it-trażmissjoni ta' tali dokumenti bħala ġustifikata.

(45) Minħabba li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li titjieb il-fiduċja tal-investitur f'UCITS, permezz tat-tisħiħ tar-rekwiżiti li jikkonċernaw id-dmirijiet u r-responsabbiltà tad-depożitarji, il-politiki dwar ir-remunerazzjoni tal-kumpaniji tal-maniġment u l-kumpaniji ta' investiment, u bl-introduzzjoni ta' standards komuni għas-sanzjonijiet li japplikaw għal ksur ewlieni ta' din id-Direttiva, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta l-miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif jinsab f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(46) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) u ta opinjoni fit-23 ta' Novembru 2012 ([4]).

(47) Għalhekk, id-Direttiva 2009/65/KE għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

---

([1]) Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

([2]) ĠU C 369, 17.12.2011,p. 14.

([3]) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

([4]) ĠU C 100, 6.4.2013, p. 12.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2009/65/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(1), għandhom jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(s) 'korp tal-maniġment' tfisser il-korp bl-awtorità deċiżjonali aħħarija f'kumpanija tal-maniġment, kumpanija ta' investiment jew depożitarju, inklużi l-funzjonijiet superviżorji u maniġerjali, jew il-funzjoni maniġerjali biss jekk iż-żewġ funzjonijiet ikunu separati. Fejn, skont il-liġi nazzjonali, fil-kumpanija tal-maniġment, il-kumpanija ta' investiment jew depożitarju jkunu stabbiliti korpi differenti b'funzjonijiet speċifiċi, ir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva diretti lejn il-korp tal-maniġment jew lejn il-korp tal-maniġment fil-funzjoni superviżorja tiegħu għandhom ukoll, jew għandhom minflok, japplikaw għal dawk il-membri ta' korpi oħrajn tal-kumpanija tal-maniġment, tal-kumpanija ta' investiment jew depożitarju li lilhom il-liġi nazzjonali applikabbli tassenja r-responsabbiltà rispettiva;

(t) 'strument finanzjarju' tfisser strument finanzjarju speċifikat fit-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

---

(*) Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).";

(2) jiżdiedu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 14a*

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-kumpaniji tal-maniġment jistabbilixxu u japplikaw politiki u prassi tar-remunerazzjoni li jkunu konsistenti ma' u jippromwovu ġestjoni tajba u effikaċi tar-riskju u li la jinkoraġġixxu teħid ta' riskji inkonsistenti mal-profili tar-riskju, ir-regoli jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-UCITS li jimmaniġġaw u lanqas ma jxekklu l-konformità mad-dmir tal-kumpanija tal-maniġment li taġixxi fl-aħjar interess tal-UCITS.

2. Il-politiki u prassi ta' remunerazzjoni għandhom jinkludu komponenti fissi u varjabbli tas-salarji u l-benefiċċji diskrezzjonali tal-pensjoni.

3. Il-politiki u prassi ta' remunerazzjoni għandhom japplikaw għal dawk il-kategoriji tal-persunal, fosthom il-maniġment superjuri, dawk li jieħdu r-riskji, il-funzjonijiet tal-kontroll u kwalunkwe impjegat li jirċievi remunerazzjoni totali li taqa' fil-faxx ta' remunerazzjoni tal-maniġment superjuri u dawk li jieħdu r-riskji u li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profili tar-riskju tal-kumpaniji tal-maniġment jew tal-UCITS li huma jimmaniġġaw.

4. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-AETS għandha toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti jew lill-parteċipanti tas-suq finanzjarju li jikkonċernaw il-persuni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u l-applikazzjoni tal-prinċipji msemmija fl-Artikolu 14b. Dawk il-linji gwida għandhom iqisu l-prinċipji dwar politiki sodi ta' remunerazzjoni stipulati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/384/KE (*), id-daqs tal-kumpanija tal-maniġment u d-daqs tal-UCITS li jimmaniġġaw, l-organizzazzjoni interna tagħhom u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom. Fil-proċess tal-iżvilupp ta' dawk il-linji gwidi, l-AETS għandha tikkoopera mill-qrib mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) ('ABE'), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), sabiex tiżgura konsistenza mar-rekwiżiti żviluppati għal setturi oħrajn tas-servizzi finanzjarji, partikolarment l-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment.

*Artikolu 14b*

1. Meta jistabbilixxu u japplikaw il-politiki tar-remunerazzjoni u prassi msemmija fl-Artikolu 14a, il-kumpaniji tal-maniġment għandhom jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin b'mod u sal-punt li jkun adattat għad-daqs tagħhom, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom:

(a) il-politika ta' remunerazzjoni tkun konsistenti ma' u tippromwovi ġestjoni tajba u effettiva tar-riskju u ma tinkoraġġix teħid ta' riskji li mhuwiex konsistenti mal-profili tar-riskju, mar-regoli jew mal-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-UCITS li l-kumpanija tal-maniġment timmaniġġa;

(b) il-politika ta' remunerazzjoni tkun konformi mal-istrateġija kummerċjali, mal-objettivi, mal-valuri u mal-interessi tal-kumpanija tal-maniġment u tal-UCITS li hija timmaniġġa u tal-investituri ta' dawn l-UCITS, u tinkludi miżuri biex jiġu evitati l-konflitti ta' interess;

(c) il-politika ta' remunerazzjoni tkun adottata mill-korp tal-maniġment tal-kumpanija tal-maniġment fil-funzjoni superviżorja tiegħu, u dak il-korp jadotta, u mill-inqas kull sena jirrivedi l-prinċipji ġenerali tal-politika ta' remunerazzjoni u jkun responsabbli għal, u jissorvelja l-implimentazzjoni tagħhom; il-kompiti msemmija f'dan il-punt għandhom jitwettqu biss minn membri ta' dak il-korp tal-maniġment li ma għandhom l-ebda funzjoni eżekuttiva fil-kumpanija tal-maniġment konċernata u li għandhom kompetenza fil-ġestjoni tar-riskju u remunerazzjoni;

(d) l-implimentazzjoni tal-politika ta' remunerazzjoni tiġi, mill-inqas kull sena, soġġetta għal reviżjoni interna ċentrali u indipendenti għall-konformità tagħha mal-politiki u l-proċeduri ta' remunerazzjoni adottati mill-korp tal-maniġment fil-funzjoni superviżorja tiegħu;

(e) persunal li huwa involut fil-funzjonijiet ta' kontroll għandu jiġi kumpensat skont il-kisba tal-għanijiet relatati mal-funzjonijiet tiegħu, b'mod indipendenti mill-prestazzjoni tal-oqsma tan-negozju li jikkontrolla;

(f) ir-remunerazzjoni tal-uffiċjali superjuri b'funzjonijiet ta' ġestjoni u ta' konformità tar-riskju tiġi ssorveljata b'mod dirett mill-kumitat ta' remunerazzjoni, fejn ikun jeżisti tali kumitat;

(g) fejn ir-remunerazzjoni tkun marbuta mal-prestazzjoni, l-ammont totali ta' remunerazzjoni jkun ibbażat fuq taħlita tal-valutazzjoni fir-rigward tal-prestazzjoni tal-individwu u tal-unità tan-negozju jew tal-UCITS ikkonċernata u fir-rigward tar-riskji tagħhom u tar-riżultati kumplessivi tal-kumpanija tal-maniġment meta tiġi vvalutata l-prestazzjoni individwali, b'kont meħud ta' kriterji finanzjarji u dawk mhux finanzjarji;

(h) il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tkun stabbilita f'qafas pluriennali adatt għall-perijodu ta' holding irrakkomandat lill-investituri tal-UCITS immaniġġat mill-kumpanija tal-maniġment sabiex jiġi żgurat li l-proċess tal-valutazzjoni ikun ibbażat fuq prestazzjoni aktar fit-tul tal-UCITS u r-riskji ta' investiment tagħha u li l-ħlas reali tal-komponenti tar-remunerazzjoni bbażati fuq il-prestazzjoni jkun mifrux fuq l-istess perijodu;

(i) remunerazzjoni varjabbli ggarantita tkun eċċezzjonali, sseħħ biss fil-kuntest ta' reklutaġġ ta' persunal ġdid u tkun limitata għall-ewwel sena tal-ingaġġ;

(j) il-komponenti fissi u varjabbli tar-remunerazzjoni totali għandhom ikunu bbilanċjati b'mod xieraq u l-komponent fiss għandu jirrappreżenta proporzjon għoli biżżejjed tar-remunerazzjoni totali sabiex jippermetti l-operat ta' politika kompletament flessibbli dwar komponenti varjabbli tar-remunerazzjoni, inkluża l-possibbiltà li ma jitħallas ebda komponent varjabbli tar-remunerazzjoni;

(k) ħlasijiet marbuta mat-terminazzjoni bikrija ta' kuntratt jirriflettu l-prestazzjoni li tkun inkisbet tul iż-żmien, u huma mfassla b'tali mod li ma jippremjawx il-fallimenti;

(l) il-kejl tal-prestazzjoni użat biex jiġu kkalkolati l-komponenti varjabbli tar-remunerazzjoni jew raggruppamenti ta' komponenti varjabbli tar-remunerazzjoni jinkludi mekkaniżmu ta' aġġustament komprensiv li jintegra t-tipi rilevanti kollha ta' riskji attwali u futuri;

(m) soġġett għall-istruttura ġuridika tal-UCITS u għar-regoli tal-fond jew għall-istrumenti ta' inkorporazzjoni tagħha, porzjon sostanzjali, u fi kwalunkwe każ mill-inqas 50 %, ta' kwalunkwe komponent varjabbli ta' remunerazzjoni jikkonsisti f'unitajiet tal-UCITS ikkonċernata, jew f'interessi ta' sjieda ekwivalenti, jew fi strumenti marbuta mal-ishma jew fi strumenti ekwivalenti mhux ta' flus b'inċentivi ugwalment effettivi bħal kwalunkwe wieħed mill-istrumenti msemmija f'dan il-punt, sakemm il-ġestjoni tal-kontijiet tal-UCITS ma tkoprix għal inqas minn 50 % tal-portafoll totali ġestit mill-kumpanija tal-maniġment, f'liema każ il-livell minimu ta' 50 % ma japplikax.

L-istrumenti msemmija f'dan il-punt għandhom ikunu soġġetti għal politika adatta ta' konteniment maħsuba biex l-inċentivi jiġu allinjati mal-interessi tal-kumpanija tal-maniġment u tal-UCITS li timmaniġġa, kif ukoll ma' tal-investituri f'dawn l-UCITS. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistgħu jagħmlu restrizzjonijiet fuq it-tipi u d-disinji ta' dawk l-istrumenti, jew jipprojbixxu ċerti strumenti kif xieraq. Dan il-punt għandu japplika kemm għall-porzjon tal-komponent varjabbli tar-remunerazzjoni li ġie differit skont il-punt (n) kif ukoll għall-parti tal-komponent varjabbli tar-remunerazzjoni li ma ġietx differita;

(n) porzjon sostanzjali, u fi kwalunkwe każ mill-inqas 40 %, tal-komponent varjabbli tar-remunerazzjoni, jiġi differit fuq perijodu li huwa xieraq fid-dawl tal-perijodu ta' holding irrakkomandat lill-investituri tal-UCITS ikkonċernata u jiġi allinjat b'mod korrett man-natura tar-riskji tal-UCITS inkwistjoni.

Il-perijodu msemmi f'dan il-punt għandu jkun mill-inqas ta' tliet snin; ir-remunerazzjoni pagabbli taħt arranġamenti ta' differiment ma għandhiex tvesti b'rata aktar mgħaġġla minn bażi prorata; fil-każ ta' komponent varjabbli tar-remunerazzjoni ta' ammont partikolarment għoli, għandu jiġi differit mill-inqas 60 % tal-ammont;

(o) ir-remunerazzjoni varjabbli, inkluża l-parti differita, għandha titħallas jew tvesti biss jekk tkun sostenibbli skont is-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija tal-maniġment kollha, u ġġustifikata skont il-prestazzjoni tal-unità tan-negozju, l-UCITS u l-individwu kkonċernat.

Ir-remunerazzjoni varjabbli totali ġeneralment għandha titnaqqas b'mod konsiderevoli meta jkun hemm prestazzjoni finanzjarja baxxa jew negattiva tal-kumpanija tal-maniġment jew tal-UCITS ikkonċernata, filwaqt li għandhom jitqiesu kemm il-kumpens attwali kif ukoll it-tnaqqis fil-ħlasijiet ta' ammonti miksuba qabel, inkluż permezz ta' arranġamenti malus jew arranġamenti ta' restituzzjoni;

(p) il-politika tal-pensjonijiet għandha tkun konformi mal-istrateġija kummerċjali, mal-objettivi, il-valuri u l-interessi fit-tul tal-kumpanija tal-maniġment u tal-UCITS li timmaniġġa.

Jekk l-impjegat jitlaq mill-kumpanija tal-maniġment qabel l-irtirar, il-benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni għandhom jinżammu mill-kumpanija tal-maniġment għal perijodu ta' ħames snin fil-forma tal-istrumenti msemmija fil-punt (m). Fil-każ ta' impjegat li jasal għall-pensjoni, il-benefiċċji diskrezzjonarji tal-pensjoni għandhom jitħallsu lill-impjegat fil-forma tal-istrumenti msemmija fil-punt (m), soġġetti għal perijodu ta' żamma ta' ħames snin;

(q) il-persunal huwa meħtieġa jimpenja ruħu li ma jużax strateġiji personali ta' hedging jew assigurazzjoni relatata mar-remunerazzjoni u r-responsabbiltà sabiex inaqqas l-effetti tal-allinjament tar-riskju integrati fl-arranġamenti tar-remunerazzjoni tiegħu;

(r) ir-remunerazzjoni varjabbli ma għandhiex titħallas permezz ta' vetturi jew metodi li jagħmluha faċli li r-rekwiżiti stipulati f' din id-Direttiva jiġu evitati.

2. F'konformità mal-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-AETS tista' titlob informazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar il-politiki u prassi ta' remunerazzjoni msemmija fl-Artikolu 14a ta' din id-Direttiva.

L-AETS, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-ABE, għandha tinkludi fil-linji gwida tagħha dwar il-politiki ta' remunerazzjoni dispożizzjonijiet dwar kif prinċipji differenti ta' remunerazzjoni settorjali, bħal dawk stabbiliti fid-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***) u fid-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (****) għandhom jiġu applikati meta impjegati jew kategoriji oħra tal-persunal iwettqu servizzi soġġetti għal prinċipji differenti ta' remunerazzjoni settorjali.

3. Il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw għal kwalunkwe benefiċċju ta' kwalunkwe tip imħallsa mill-kumpaniji tal-maniġment, għal kwalunkwe ammont imħallas direttament mill-UCITS stess, inkluż onorarji ta' prestazzjoni, u għal kwalunkwe trasferiment ta' unitajiet jew ishma tal-UCITS, magħmula għall-benefiċċju ta' dawk il-kategoriji ta' persunal, inkluż il-maniġment superjuri, dawk li jieħdu r-riskji, il-funzjonijiet ta' kontroll u kwalunkwe impjegat li jirċievi remunerazzjoni totali li taqa' fil-kategorija ta' remunerazzjoni tal-maniġment superjuri u ta' dawk li jieħdu r-riskji, li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tagħhom jew tal-profil tar-riskju tal-UCITS li jimmaniġġaw.

4. Il-kumpaniji tal-maniġment li huma sinifikanti f'termini tad-daqs tagħhom jew tad-daqs tal-UCITS li jimmaniġġaw, tal-organizzazzjoni interna u tan-natura, ambitu u kumplessità tal-attivitajiet tagħhom għandhom jistabbilixxu kumitat ta' remunerazzjoni. Il-kumitat ta' remunerazzjoni għandu jiġi kkostitwit b'mod li jippermettilu jeżerċita ġudizzju kompetenti u indipendenti fir-rigward tal-politiki u prassi ta' remunerazzjoni u ta' inċentivi maħluqa għall-immaniġġar tar-riskju.

Il-kumitat ta' remunerazzjoni li jkun, fejn xieraq, stabbilit f'konformità mal-linji gwida tal-AETS imsemmija fl-Artikolu 14a(4) għandu jkun responsabbli għat-tħejjija ta' deċiżjonijiet dwar ir-remunerazzjoni, inklużi dawk li għandhom implikazzjonijiet għar-riskju u l-ġestjoni tar-riskju tal-kumpanija tal-maniġment jew tal-UCITS ikkonċernata, u li għandhom jittieħdu mill-korp tal-maniġment fil-funzjoni superviżorja tiegħu. Il-kumitat ta' remunerazzjoni għandu jkun ippresedut minn membru tal-korp tal-maniġment li ma jwettaq ebda funzjoni eżekuttiva fil-kumpanija tal-maniġment konċernata. Il-membri tal-kumitat ta' remunerazzjoni għandhom ikunu membri tal-korp tal-maniġment li ma jwettqu ebda funzjoni eżekuttiva fil-kumpanija tal-maniġment konċernata.

Jekk il-liġi nazzjonali tipprevedi rappreżentanza tal-impjegati fil-korp tal-maniġment, il-kumitat ta' remunerazzjoni għandu jinkludi rappreżentant wieħed jew aktar tal-impjegati. Meta jkun qed iħejji d-deċiżjonijiet tiegħu, il-kumitat ta' remunerazzjoni għandu jqis l-interess fit-tul tal-investituri u partijiet interessati oħra u l-interess pubbliku.

---

(*) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/384/KE tat-30 ta' April 2009 dwar il-politiki ta' rimunerazzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 22).

(**) Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

(***) Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

(****) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).";

(3) fl-Artikolu 20(1), il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) il-kuntratt bil-miktub mad-depożitarju msemmi fl-Artikolu 22(2);";

(4) L-Artikolu 22 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 22*

1. Kumpanija tal-investiment u, għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġa, kumpanija tal-maniġment għandha tiżgura li jinħatar depożitarju wieħed skont dan il-Kapitolu.

2. Il-ħatra tad-depożitarju għandha tiġi evidenzjata permezz ta' kuntratt bil-miktub.

Il-kuntratt, fost affarijiet oħra, għandu jirregola l-fluss ta' informazzjoni meqjusa neċessarja biex id-depożitarju jkun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu għall-UCITS li għalih ikun inħatar bħala depożitarju, kif stabbilit f'din id-Direttiva u fil-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi rilevanti l-oħra.

3. Id-depożitarju għandu:

(a) jiżgura li l-bejgħ, il-ħruġ, ir-riakkwist, it-tifdija u l-kanċellazzjoni ta' unitajiet tal-UCITS jitwettqu skont il-liġi nazzjonali applikabbli u r-regoli tal-fond jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni;

(b) jiżgura li l-valur tal-unitajiet tal-UCITS jiġi kkalkulat skont il-liġi nazzjonali applikabbli u r-regoli tal-fond jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni;

(c) iwettaq l-istruzzjonijiet tal-kumpanija tal-maniġment jew ta' kumpanija tal-investiment, sakemm dawn ma jkunux f'konflitt mal-liġi nazzjonali applikabbli, jew mar-regoli tal-fond jew mal-istrumenti ta' inkorporazzjoni;

(d) jiżgura li fi transazzjonijiet li jinvolvu l-assi tal-UCITS, kwalunkwe korrispettiv tintbagħat lill-UCITS fil-limiti taż-żmien tas-soltu;

(e) jiżgura li l-introjtu tal-UCITS jiġi applikat skont il-liġi nazzjonali applikabbli u r-regoli tal-fond jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni.

4. Id-depożitarju għandu jiżgura li l-flussi tal-flus tal-UCITS jiġu mmonitorjati sew, u b'mod partikolari li l-ħlasijiet kollha magħmula minn, jew għan-nom ta', investituri mas-sottoskrizzjoni ta' unitajiet tal-UCITS ġew irċevuti, u li l-flus kollha tal-UCITS iddaħħlu f'kontijiet tal-flus li:

(a) jinfetħu f'isem l-UCITS jew f'isem il-kumpanija tal-maniġment li taġixxi f'isem l-UCITS, jew f'isem id-depożitarju li jaġixxi f'isem l-UCITS;

(b) jinfetħu f'entità msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE (*); u

(c) jinżammu skont il-prinċipji stipulati fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/73/KE.

Fejn il-kontijiet tal-flus jinfetħu f'isem id-depożitarju li jaġixxi f'isem l-UCITS, l-ebda flus tal-entità msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu u l-ebda parti mill-flus proprji tad-depożitarju ma għandhom jiddaħħlu f'dawn il-kontijiet.

5. L-assi tal-UCITS għandhom jiġu fdati għand id-depożitarju għas-salvagwardja kif ġej:

(a) għal strumenti finanzjarji li jistgħu jinżammu f'kustodja, id-depożitarju għandu:

(i) iżomm f'kustodja l-istrumenti finanzjarji kollha li jistgħu jiġu rreġistrati f'kont ta' strumenti finanzjarji miftuħ fil-kotba tad-depożitarju, kif ukoll l-istrumenti finanzjarji kollha li jistgħu jiġu mogħtija fiżikament lid-depożitarju;

(ii) jiżgura li l-istrumenti finanzjarji kollha li jistgħu jiġu rreġistrati f'kont ta' strumenti finanzjarji li jkun infetaħ fil-kotba tad-depożitarju jiġu rreġistrati fil-kotba tad-depożitarju f'kontijiet segregati skont il-prinċipji stipulati fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 2006/73/KE, li jkunu nfetħu f'isem l-UCITS jew il-kumpanija tal-maniġment li tkun qed taġixxi f'isem l-UCITS, sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar bħala li jappartjenu lill-UCITS f'konformità mal-liġi applikabbli f'kull ħin;

(b) għal assi oħra, id-depożitarju għandu:

(i) jivverifika s-sjieda mill-UCITS jew mill-kumpanija tal-maniġment li taġixxi f'isem l-UCITS, ta' dawn l-assi billi jivvaluta jekk l-UCITS jew il-kumpanija tal-maniġment li taġixxi f'isem l-UCITS jkollhiex is-sjieda abbażi tal-informazzjoni jew id-dokumenti pprovduti mill-UCITS jew mill-kumpanija tal-maniġment u, fejn disponibbli, minn evidenza esterna;

(ii) iżomm rekord ta' dawk l-assi li dwarhom ikun sodisfatt li l-UCITS jew il-kumpanija tal-maniġment li taġixxi f'isem l-UCITS jkollha s-sjieda u jżomm dak ir-reġistru aġġornat.

6. Id-depożitarju għandu jipprovdi lill-kumpanija tal-maniġment jew lill-kumpanija ta' investiment, fuq bażi regolari, b'inventarju komprensiv tal-assi kollha tal-UCITS.

7. L-assi li jinżammu f'kustodja mid-depożitarju ma għandhomx jerġgħu jintużaw mid-depożitarju, jew minn xi parti terza li lilha tkun ġiet iddelegata l-funzjoni ta' kustodja akkont proprju. L-użu mill-ġdid jinkludi kwalunkwe tranżazzjoni ta' assi miżmuma f'kustodja inkluż, iżda mhux limitat għal, trasferiment, ippleġġjar, bejgħ u self.

L-assi miżmuma f'kustodja mid-depożitarju jistgħu jitħallew jerġgħu jintużaw biss fejn:

(a) l-użu mill-ġdid hu eżegwit għal kont tal-UCITS;

(b) id-depożitarju jkun qed iwettaq l-istruzzjonijiet tal-kumpanija tal-maniġment f'isem l-UCITS;

(c) l-użu mill-ġdid ikun għall-benefiċċju tal-UCITS u l-interess tad-detenturi tal-unità; u

(d) it-transazzjoni jkunu koperti mill-kollateral ta' kwalità għolja u likwidu riċevut mill-UCTIS taħt arranġament ta' trasferiment ta' titoli.

Il-valur tas-suq tal-kollateral għandu, f'kull ħin, jammonta għal tal-inqas il-valur tas-suq tal-assi li intużaw mill-ġdid flimkien ma' primjum.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'każ ta' insolvenza tad-depożitarju u/jew ta' kwalunkwe parti terza lokalizzata fl-Unjoni li lilha tkun ġiet iddelegata l-kustodja tal-assi tal-UCITS, l-assi ta' UCITS miżmuma f'kustodja ma jkunux disponibbli għal distribuzzjoni fost jew realizzazzjoni għall-benefiċċju tal-kredituri ta' tali depożitarju u/jew tali parti terza.

---

(*) Direttiva tal-Kummissjoni 2006/73/KE tal-10 ta' Awwissu 2006 li timplimenta d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżiti organizzattivi u l-kundizzjonijiet ta' ħidma tal-kumpaniji tal-investiment u t-termini definiti għall-għanjiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 241, 2.9.2006, p. 26).";

(5) jiżdied l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 22a*

1. Id-depożitarju ma għandux jiddelega lil partijiet terzi l-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 22(3) u (4).

2. Id-depożitarju jista' jiddelega lil partijiet terzi l-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 22(5) biss fejn:

(a) il-kompiti ma jkunux ġew iddelegati bl-intenzjoni li jiġu evitati r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva;

(b) id-depożitarju jista' juri li hemm raġuni oġġettiva għad-delega;

(c) id-depożitarju jkun eżerċita l-ħila, l-attenzjoni u d-diliġenza kollha dovuti fl-għażla u l-ħatra ta' kwalunkwe parti terza li lilha bi ħsiebu jiddelega partijiet mill-kompiti tiegħu, u jkompli jeżerċita l-ħila, l-attenzjoni u d-diliġenza kollha dovuti fir-reviżjoni perjodika u l-monitoraġġ kontinwu ta' kwalunkwe parti terza li lilha jkun iddelega partijiet tal-kompiti tiegħu u tal-arranġamenti tal-parti terza fir-rigward tal-kwistjonijiet iddelegati lilha;

3. Il-funzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 22(5) jistgħu jiġu ddelegati mid-depożitarju lil parti terza biss fejn dik il-parti terza f'kull ħin matul it-twettiq tal-kompiti ddelegati lilha:

(a) ikollha strutturi u kompetenza esperta li huma adegwati u proporzjonati man-natura u l-kumplessità tal-assi tal-UCITS jew tal-kumpanija tal-maniġment li tkun qed taġixxi f'isem il-UCITS li jkunu ġew fdati lilha;

(b) għal kompiti tal-kustodja msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 22(5), tkun soġġetta għal:

(i) regolamentazzjoni prudenzjali effettiva, inkluż rekwiżiti kapitali minimi, u superviżjoni fil-ġurisdizzjoni konċernata;

(ii) awditu estern perjodiku biex jiġi żgurat li l-istrumenti finanzjarji jinsabu fil-pussess tagħha;

(c) tissegrega l-assi tal-klijenti tad-depożitarju mill-assi proprji u mill-assi tad-depożitarju b'tali mod li fi kwalunkwe ħin dawn ikunu jistgħu jiġu identifikati b'mod ċar bħala li jappartjenu lill-klijenti ta' depożitarju partikolari;

(d) tieħu l-passi kollha raġonevoli biex jiżgura li f'każ ta' insolvenza ta' parti terza, l-assi ta' UCITS miżmuma f'kustodja mill-parti terza ma jkunux disponibbli għal distribuzzjoni fost, jew realizzazzjoni għall-benefiċċju tal-kredituri tal-parti terza; u

(e) tkun konformi mal-obbligi ġenerali u mal-projbizzjonijiet stipulati fil-Artikolu 22(2), (5) u (7) u fl-Artikolu 25.

Minkejja l-punt (b)(i) tal-ewwel subparagrafu, fejn il-liġi ta' pajjiż terz titlob li ċerti strumenti finanzjarji jinżammu f'kustodja minn entità lokali u l-ebda entità lokali ma tissodisfa r-rekwiżiti tad-delega stabbiliti f'dak il-punt, id-depożitarju jista' jiddelega l-funzjonijiet tiegħu lil din l-entità lokali sal-punt meħtieġ mil-liġi tal-pajjiż terz biss, u biss sakemm ma jkunx hemm entitajiet lokali li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-delega, u biss fejn:

(a) l-investituri tal-UCITS rilevanti qabel l-investiment tagħhom, jiġu infurmati kif dovut, dwar il-fatt li tali delega hija meħtieġa minħabba l-limitazzjonijiet legali fil-liġi tal-pajjiż terz, taċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw id-delega u tar-riskji involuti f'tali delega;

(b) l-UCITS, jew il-kumpanija tal-maniġment f'isem l-UCITS, tkun tat struzzjonijiet lid-depożitarju biex jiddelega l-kustodja ta' tali strumenti finanzjarji lil tali entità lokali.

Il-parti terza tista', suċċessivament, tissottodelega dawk il-funzjonijiet, soġġett għall-istess rekwiżiti. F'dan il-każ, l-Artikolu 24(2) għandu japplika mutatis mutandis għall-partijiet rilevanti.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-provvista ta' servizzi kif speċifikat fid-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) permezz ta' sistemi tas-saldu tat-titoli kif stabbiliti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva jew il-provvista ta' servizzi simili permezz ta' sistemi tas-saldu tat-titoli minn pajjiżi terzi ma għandhiex titqies li hi delega tal-funzjonijiet ta' kustodja tagħha.

(*) Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).";

(6) L-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 sa 4 jinbidlu b'dan li ġej:

"2. Id-depożitarju għandu jkun:

(a) bank ċentrali nazzjonali;

(b) istituzzjoni tal-kreditu awtorizzata f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE; jew

(c) entità legali oħra, awtorizzata mill-awtorità kompetenti taħt il-liġi tal-Istat Membru biex twettaq attivitajiet depożitarji taħt din id-Direttiva, li hija soġġetta għal rekwiżiti ta' adegwatezza kapitali mhux inqas mir-rekwiżiti kkalkolati skont l-approċċ magħżul f'konformità mal-Artikolu 315 jew 317 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u li għandha fondi proprji ta' mhux inqas mill-ammont tal-kapital inizjali taħt l-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2013/36/UE.

Entità ġuridika kif imsemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu għandha tkun soġġetta għal regolamentazzjoni prudenzjali, superviżjoni kontinwa u għandha tissodisfa r-rekwiżiti minimi li ġejjin:

(a) hija għandu jkollha l-infrastruttura neċessarja biex iżżomm f'kustodja strumenti finanzjarji li jistgħu jiġu rreġistrati f'kont ta' strumenti finanzjarji li jinfetaħ fil-kotba tad-depożitarju;

(b) hija għandha tistabbilixxi linji politiċi u proċeduri adegwati li jkunu suffiċjenti biex tkun żgurata l-konformità tal-entità, inklużi l-maniġers u l-impjegati tagħha, mal-obbligi tagħha taħt din id-Direttiva;

(c) hija għandu jkollha proċeduri sodi amministrattivi u tal-kontabbiltà, mekkaniżmi interni tal-kontroll, proċeduri effettivi għall-valutazzjoni tar-riskji u arranġamenti effettivi għall-kontroll u għas-salvagwardja tas-sistemi tal-ipproċessar tat-tagħrif;

(d) hija għandha żżomm u topera arranġamenti organizzattivi u amministrattivi effettivi bil-ħsieb li tieħu l-passi kollha raġonevoli maħsuba biex jipprevjenu l-konflitti ta' interess;

(e) hija għandha tieħu ħsieb li jinżammu reġistri tas-servizzi, l-attivitajiet u t-tranżazzjonijiet kollha mwettqa minnha, li għandhom ikunu suffiċjenti biex l-awtorità kompetenti tissodisfa l-kompiti superviżorji tagħha u twettaq l-azzjonijiet ta' eżekuzzjoni previsti f' din id-Direttiva;

(f) hija għandha tieħu passi raġonevoli biex tiżgura l-kontinwità u r-regolarità fit-twettiq tal-funzjonijiet depożitarji tagħha billi tuża sistemi, riżorsi u proċeduri adatti u proporzjonati inkluż biex twettaq l-attivitajiet depożitarji tagħha;

(g) il-membri kollha tal-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri tagħha għandhom, f'kull ħin, ikunu ta' reputazzjoni tajba biżżejjed, ikollhom biżżejjed konoxxenza, ħiliet u esperjenza;

(h) il-korp maniġerjali tagħha għandu jkollu konoxxenza, ħiliet u esperjenza kollettivi adegwati biex ikun jista' jifhem l-attivitajiet tad-depożitarju, inklużi r-riskji ewlenin;

(i) kull membru tal-korp maniġerjali tagħha u tal-maniġment superjuri għandu jaġixxi b'onestà u integrità.

3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw liema mill-kategoriji ta' istituzzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għandhom ikunu eliġibbli biex ikunu depożitarji.

4. Il-kumpaniji tal-investiment jew kumpaniji tal-maniġment li jaġixxu f'isem l-UCITS li jimmaniġġaw, li, qabel it-18 ta' Marzu 2016, ħatru bħala depożitarju, istituzzjoni li ma tissodisfax ir-rekwiżiti mniżżlin fil-paragrafu 2, għandhom jaħtru depożitarju li jissodisfa dawk ir-rekwiżiti qabel it-18 ta' Marzu 2018.

(*) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).";

(b) il-paragrafi 5 u 6 jitħassru.

(7) l-Artikolu 24 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 24*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożitarju jkun responsabbli lejn l-UCITS u lejn id-detenturi tal-unitajiet tal-UCITS, għat-telf mid-depożitarju jew minn parti terza li lilhom tkun ġiet iddelegata l-kustodja ta' strumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja skont il-punt (a) tal-Artikolu 22(5).

Fil-każ ta' telf ta' strument finanzjarju waqt li dan kien f'kustodja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożitarju jrodd lura strument finanzjarju ta' tip identiku jew tal-istess ammont lill-UCITS jew lill-kumpanija tal-maniġment li tkun qed taġixxi f'isem l-UCITS mingħajr dewmien bla bżonn. Id-depożitarju ma għandux jinżamm responsabbli jekk ikun jista' jipprova li t-telf ikun seħħ bħala riżultat ta' avveniment estern lil hinn mill-kontroll raġonevoli tiegħu, li l-konsegwenzi tiegħu kienu jkunu inevitabbli minkejja l-isforzi raġonevoli kollha għall-kuntrarju.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-depożitarju jkun responsabbli wkoll fir-rigward tal-UCITS u l-investituri tal-UCITS għal kull telf ieħor li huma jsofru b'riżultat tan-nuqqas negliġenti jew intenzjonat tad-depożitarju li jissodisfa l-obbligi tiegħu b'mod xieraq skont din id-Direttiva.

2. Ir-responsabbiltà tad-depożitarju msemmija fil-paragrafu 1 ma għandha tiġi affettwata minn ebda delega msemmija fl-Artikolu 22a.

3. Ir-responsabbiltà tad-depożitarju msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tiġi eskluża jew limitata minn ftehim.

4. Kwalunkwe ftehim li jikser il-paragrafu 3 għandu jkun null.

5. Id-detenturi ta' unitajiet fl-UCITS jistgħu jinvokaw ir-responsabbiltà tad-depożitarju direttament jew indirettament permezz tal-kumpanija tal-maniġment jew il-kumpanija ta' investiment dment li dan ma jwassalx għal duplikazzjoni tar-rimedji jew għal trattament mhux ugwali tad-detenturi tal-unitajiet.";

(8) l-Artikolu 25 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 25*

1. L-ebda kumpanija ma għandha taġixxi fl-istess ħin bħala kumpanija tal-maniġment u bħala depożitarju. L-ebda kumpanija ma għandha taġixxi fl-istess ħin bħala kumpanija ta' investiment u bħala depożitarju.

2. Fit-twettiq tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom, il-kumpanija tal-maniġment u d-depożitarju għandhom jaġixxu b'mod onest, ġust u professjonali, u b'mod indipendenti u unikament fl-interess tal-UCITS u tal-investituri tal-UCITS. Fit-twettiq tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom, il-kumpanija ta' investiment u d-depożitarju għandhom jaġixxu b'mod onest, ġust u professjonali, u b'mod indipendenti u unikament fl-interess tal-investituri tal-UCITS.

Depożitarju ma għandux iwettaq attivitajiet fir-rigward tal-UCITS jew tal-kumpanija tal-maniġment f'isem tal-UCITS li jistgħu joħolqu konflitti ta' interess bejn l-UCITS, l-investituri fl-UCITS, il-kumpanija tal-maniġment u hu stess, sakemm id-depożitarju ma jkunx issepara skont il-funzjoni u l-ġerarkija t-twettiq tal-kompiti depożitarji tiegħu mill-kompiti l-oħra tiegħu li potenzjalment jistgħu jkunu konfliġġenti, u sakemm il-konflitti ta' interess potenzjali ma jkunux identifikati, immaniġġati, immonitorjati u ddivulgati lill-investituri tal-UCITS b'mod xieraq.";

(9) l-Artikolu 26 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 26*

1. Il-liġi jew ir-regoli tal-fond komuni għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għas-sostituzzjoni tal-kumpanija tal-maniġment u tad-depożitarju, kif ukoll regoli biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-detenturi tal-unitajiet f'każ li sseħħ sostituzzjoni bħal din.

2. Il-liġi jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-kumpanija tal-investiment għandhom jistabbilixxu l-kondizzjonijiet għas-sostituzzjoni tal-kumpanija tal-maniġment u tad-depożitarju, kif ukoll regoli biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-detenturi tal-unità f'każ li sseħħ tali sostituzzjoni.";

(10) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 26a*

Id-depożitarju għandu, fuq talba, jagħmel disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu, l-informazzjoni kollha li jkun kiseb filwaqt li jwettaq il-qadi tad-dmirijiet tiegħu u li tista' tkun meħtieġa għall-awtoritajiet kompetenti tiegħu jew għall-awtoritajiet kompetenti tal-UCITS jew il-kumpanija tal-maniġment.

Jekk l-awtoritajiet kompetenti tal-UCITS jew il-kumpanija tal-maniġment huma differenti minn dawk tad-depożitarju, l-awtoritajiet kompetenti tad-depożitarju għandhom bla dewmien jaqsmu l-informazzjoni li jirċievu mal-awtoritajiet kompetenti tal-UCITS u tal-kumpanija tal-maniġment.

*Artikolu 26b*

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 112a li jispeċifikaw:

(a) id-dettalji li jeħtieġ jiġu inklużi fil-kuntratt bil-miktub imsemmi fl-Artikolu 22(2);

(b) il-kondizzjonijiet għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' depożitarju skont l-Artikolu 22(3), (4) u (5), inkluż:

(i) it-tipi ta' strumenti finanzjarji li għandhom jiġu inklużi fl-ambitu tad-dmirijiet ta' kustodja tad-depożitarju f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 22(5);

(ii) il-kondizzjonijiet li taħthom id-depożitarju jkun jista' jeżerċita dmirijietu ta' kustodja fuq strumenti finanzjarji rreġistrati ma' depożitarju ċentrali;

(iii) il-kondizzjonijiet li taħthom id-depożitarju għandu jżomm taħt salvagwardja l-istrumenti finanzjarji maħruġa f'forma nominattiva u li jkunu ġew irreġistrati ma' emittent jew reġistratur, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 22(5);

(c) id-dmirijiet ta' diliġenza dovuta tad-depożitarji skont il-punt (c)(ii) tal-Artikolu 22a(2);

(d) l-obbligu ta' segregazzjoni skont il-punt (c) tal-Artikolu 22a(3);

(e) il-passi li għandhom jittieħdu mill-parti terza skont il-punt (d) tal-Artikolu 22a(3);

(f) il-kondizzjonijiet li jiddeterminaw meta, u ċ-ċirkostanzi li fihom, strumenti finanzjarji miżmuma f'kustodja jistgħu jiġu kkunsidrati li huma mitlufa, għall-fini tal-Artikolu 24;

(g) dak li għandu jiġi mifhum minn avvenimenti esterni lil hinn mill-kontroll raġonevoli, li l-konsegwenzi tagħhom kienu jkunu inevitabbli minkejja l-isforzi raġonevoli kollha bil-kontra, skont l-Artikolu 24(1);

(h) il-kondizzjonijiet biex jiġi sodisfatt ir-rekwiżit ta' indipendenza msemmi fl-Artikolu 25(2).";

(11) fl-Artikolu 30, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"L-Artikoli 13 sa 14b għandhom japplikaw mutatis mutandis għal kumpaniji tal-investiment li ma jkunux innominaw kumpanija tal-maniġment awtorizzata skont din id-Direttiva."

(12) Titħassar it-Taqsima 3 tal-Kapitolu V;

(13) L-Artikolu 69 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1 jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Il-prospett għandu jinkludi jew:

(a) id-dettalji tal-politika ta' remunerazzjoni aġġornata, inklużi imma mhux limitati għal, deskrizzjoni ta' kif inhuma kkalkolati r-remunerazzjoni u l-benefiċċji, l-identitajiet tal-persuni responsabbli għall-għoti tar-remunerazzjoni u l-benefiċċji inkluż il-kompożizzjoni tal-kumitat ta' remunerazzjoni, fejn jeżisti tali kumitat; jew

(b) sommarju tal-politika ta' remunerazzjoni u dikjarazzjoni li tgħid li d-dettalji tal-politika ta' remunerazzjoni aġġornata, inklużi imma mhux limitati għal, deskrizzjoni ta' kif inhuma kkalkolati r-remunerazzjoni u l-benefiċċji, l-identitàtal-persuni responsabbli għall-għoti tar-remunerazzjoni u l-benefiċċji, inkluż il-kompożizzjoni tal-kumitat ta' remunerazzjoni fejn jeżisti tali kumitat, huma disponibbli permezz ta' sit elettroniku inkluż referenza għal dak is-sit elettroniku u li, fuq talba, ser issir disponibbli kopja stampata bla ħlas.";

(b) fil-paragrafu 3 jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Ir-rapport annwali għandu jinkludi wkoll:

(a) l-ammont totali ta' remunerazzjoni għas-sena finanzjarja, maqsum f'remunerazzjoni fissa u varjabbli mħallsa mill-kumpanija tal-maniġment u mill-kumpanija ta' investiment lill-persunal tagħha, u l-għadd ta' benefiċjarji, u fejn rilevanti, kwalunkwe ammont imħallas direttament mill-UCITS stess, inkluż kwalunkwe onorarju tal-prestazzjoni;

(b) l-ammont aggregat ta' remunerazzjoni maqsum skont il-kategoriji ta' impjegati jew membri oħra tal-persunal kif imsemmi fl-Artikolu 14a(3);

(c) deskrizzjoni ta' kif ġew ikkalkolati r-remunerazzjoni u l-benefiċċji;

(d) eżiti ta' reviżjonijiet imsemmija fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 14b(1) inkluż kwalunkwe irregolarità li seħħet;

(e) bidliet materjali għall-politika ta' remunerazzjoni adottata.";

(14) l-Artikolu 78 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, il-punt (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) identifikazzjoni tal-UCTIS u tal-awtorità kompetenti tal-UCITS;";

(b) fil-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"It-tagħrif ewlieni għall-investituri għandu jinkludi wkoll dikjarazzjoni li tgħid li d-dettalji tal-politika ta' remunerazzjoni aġġornata, inklużi, iżda mhux limitati għal, deskrizzjoni kif huma kkalkolati r-remunerazzjoni u l-benefiċċji, l-identita tal-persuni responsabbli għall-għoti tar-remunerazzjoni u l-benefiċċji inkluż il-kompożizzjoni tal-kumitat ta' remunerazzjoni, fejn jeżisti tali kumitat, huma disponibbli permezz ta' websajt inkluż referenza għal dak websajt u li, jekk tintalab, issir disponibbli kopja stampata bla ħlas.";

(15) fl-Artikolu 98(2) il-punt (d) jinbidel b'dan li ġej:

"(d) jesiġu:

(i) sa fejn huwa permess mil-liġi nazzjonali, rekords eżistenti tat-traffiku tad-data miżmuma minn operatur tat-telekomunikazzjoni, fejn hemm suspett raġonevoli ta' ksur u fejn tali rekords jistgħu jkunu rilevanti għal investigazzjoni fuq il-ksur ta' din id-Direttiva;

(ii) ir-reġistrazzjonijiet eżistenti ta' konversazzjonijiet telefoniċi jew l-komunikazzjonijiet elettroniċi jew rekords oħra tat-traffiku tad-data miżmuma mill-UCITS, il-kumpaniji tal-maniġment, il-kumpaniji tal-investiment, id-depożitarji jew entitajiet oħra regolati b'din id-Direttiva;";

(16) L-Artikolu 99 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 99*

1. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat superviżorji tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 98 u d-dritt tal-Istati Membri li jipprevedu u jimponu sanzjonijiet kriminali, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra li għandhom jiġu imposti fuq kumpaniji u persuni fir-rigward ta' ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati.

Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li ma jistabbilixxux regoli għal sanzjonijiet amministrattivi għal ksur li huwa soġġett għal-liġi kriminali nazzjonali, huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi kriminali.

Is-sanzjonijiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Sat-18 ta' Marzu 2016, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jittrasponu dan l-Artikolu, inkluża kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tal-liġi kriminali, lill-Kummissjoni u lill-ESMA. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA mingħajr dewmien bla bżonn bi kwalunkwe emenda sussegwenti għalihom.

2. Fejn l-Istati Membri jkunu għażlu, f'konformità mal-paragrafu 1, li jistabbilixxu sanzjonijiet kriminali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet imsemmija f'dak il-paragrafu, huma għandhom jiżguraw li l-miżuri adatti jkunu fis-seħħ sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat kollha meħtieġa biex jikkoordinaw mal-awtoritajiet ġudizzjarji fil-ġurisdizzjoni tagħhom biex jirċievu informazzjoni speċifika relatata mal-investigazzjonijiet jew il-proċedimenti kriminali għal ksur possibbli ta' din id-Direttiva u jipprovdu l-istess lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jikkooperaw ma' xulxin u mal-ESMA għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra fir-rigward tal-faċilitazzjoni tal-irkupru ta' sanzjonijiet pekunjarji.

3. Bħala parti mir-rieżami ġenerali tagħha tal-funzjonament ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami, mhux aktar tard mit-18 ta' Settembru 2017, tal-applikazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi u kriminali, u b'mod partikolari tal-ħtieġa għal aktar armonizzazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi stipulati għall-ksur tar-rekwiżiti stipulati f' din id-Direttiva.

4. Awtorità kompetenti tista' tirrifjuta li taġixxi fuq talba għal informazzjoni jew talba għall-kooperazzjoni f'investigazzjoni fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li ġejjin biss, jiġifieri fejn:

(a) komunikazzjoni ta' informazzjoni rilevanti tista' taffettwa b'mod negattiv is-sigurtà tal-Istat Membru indirizzat, b'mod partikolari l-ġlieda kontra t-terroriżmu u reati serji oħrajn;

(b) il-konformità mat-talba x'aktarx li taffettwa b'mod negattiv l-investigazzjoni, attivitajiet ta' infurzar jew, fejn applikabbli, investigazzjoni kriminali tagħha stess;

(c) ikunu diġà nbdew proċedimenti ġudizzjarji fir-rigward tal-istess azzjonijiet u kontra l-istess persuni quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Membru indirizzat; jew

(d) tkun diġà ngħatat sentenza finali fir-rigward ta' tali persuni għall-istess azzjonijiet fl-Istat Membru indirizzat.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn l-obbligi japplikaw għall-UCITS, il-kumpaniji tal-maniġment, il-kumpaniji tal-investiment jew id-depożitarji, fil-każ ta' ksur ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva, il-penali amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħrajn jistgħu jiġu applikati, f'konformità mal-liġi nazzjonali, għall-membri tal-korp tal-maniġment u għal persuni fiżiċi oħrajn li skont il-liġi nazzjonali jkunu responsabbli għall-ksur.

6. F'konformità mal-liġi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każijiet kollha msemmija fil-paragrafu 1, il-penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħrajn li jistgħu jiġu applikati tal-inqas jinkludu dan li ġej:

(a) dikjarazzjoni pubblika li tidentifika l-persuna responsabbli u n-natura tal-ksur;

(b) ordni li jitlob lill-persuna responsabbli twaqqaf l-imġiba u li ma tirrepetix dik l-imġiba;

(c) fil-każ ta' UCITS jew ta' kumpanija tal-maniġment, is-sospensjoni jew l-irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-UCITS jew tal-kumpanija tal-maniġment;

(d) projbizzjoni temporanja jew, għal ksur serju ripetut, projbizzjoni permanenti kontra membru tal-korp tal-maniġment tal-kumpanija tal-maniġment jew tal-kumpanija tal-investiment jew kontra kwalunkwe persuna fiżika oħra li tinżamm responsabbli, milli teżerċita funzjonijiet tal-maniġment f'dawk il-kumpaniji jew f'kumpaniji oħra bħal dawn;

(e) fil-każ ta' persuna ġuridika, sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi massimi ta' EUR 5 000 000 jew, fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fis-17 ta' Settembru 2014 jew 10 % tal-fatturat annwali totali tal-persuna ġuridika skont l-aħħar kontijiet disponibbli approvati mill-korp tal-maniġment; meta l-persuna ġuridika tkun impriża ewlenija jew sussidjarja ta' impriża ewlenija li jkollha tipprepara kontijiet finanzjarji konsolidati skont id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), il-fatturat annwali totali rilevanti għandu jkun il-fatturat annwali totali jew it-tip korrispondenti ta' dħul skont il-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-kontabilità rilevanti skont l-aħħar kontijiet konsolidati disponibbli approvati mill-korp tal-maniġment tal-aħħar impriża ewlenija;

(f) fil-każ ta' persuna fiżika, sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi massimi tal-inqas ta' EUR 5 000 000, jew fl-Istati Membri li l-munita tagħhom ma tkunx l-euro, il-valur korrispondenti fil-munita nazzjonali fis-17 ta' Settembru 2014;

(g) bħala alternattiva għall-punti (e) u (f), sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi massimi tal-inqas sad-doppju tal-ammont tal-benefiċċju meħud mill-ksur fejn dak il-benefiċċju jista' jiġi determinat, anke jekk jaqbeż l-ammonti massimi fil-punti (e) u (f).

7. L-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet kompetenti, skont il-liġi nazzjonali, biex jimponu tipi ta' piena ma' dawk imsemmija fil-paragrafu 6 jew biex jimponu penali pekunjarji li jaqbżu l-ammonti msemmija fil-punti (e), (f) u (g) tal-paragrafu 6.

---

(*) Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).";

(17) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 99a*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolamenti, jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi tagħhom li jittrasponu din id-Direttiva jipprovdu għal sanzjonijiet, b'mod partikolari meta:

(a) jitwettqu attivitajiet ta' UCITS mingħajr ma tinkiseb awtorizzazzjoni, bi ksur tal-Artikolu 5;

(b) ikun eżerċitat negozju ta' kumpanija tal-maniġment mingħajr ma tinkiseb awtorizzazzjoni minn qabel, bi ksur tal-Artikolu 6;

(c) ikun eżerċitat negozju ta' kumpanija tal-investiment mingħajr ma tinkiseb awtorizzazzjoni minn qabel, bi ksur tal-Artikolu 27;

(d) tinkiseb holding kwalifikattiva f'kumpanija tal-maniġment, direttament jew indirettament, jew tali holding kwalifikattiva f'kumpanija tal-maniġment tiżdied aktar sabiex il-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital miżmum jilħaq jew jaqbeż l-20 %, it-30 % jew il-50 % jew sabiex il-kumpanija tal-maniġment issir sussidjarja tagħha ("l-akkwist propost"), mingħajr ma l-awtoritajiet kompetenti jiġu nnotifikati bil-miktub dwar il-kumpanija tal-maniġment li fiha l-akkwirent ikun beħsiebu jakkwista jew iżid holding kwalifikattiva, bi ksur tal-Artikolu 11(1);

(e) holding kwalifikattiva f'kumpanija tal-maniġment tiġi ttrasferita, direttament jew indirettament, jew titnaqqas sabiex il-proporzjon tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital miżmum jaqa' taħt l-20 %, it-30 % jew il-50 % jew sabiex il-kumpanija tal-maniġment ma tibqax sussidjarja, mingħajr ma l-awtoritajiet kompetenti jiġu nnotifikati bil-miktub, bi ksur tal-Artikolu 11(1);

(f) kumpanija tal-maniġment tkun kisbet awtorizzazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew kwalunkwe mezz irregolari ieħor, bi ksur tal-punt (b) tal-Artikolu 7(5);

(g) kumpanija tal-investiment tkun kisbet awtorizzazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew kwalunkwe mezz irregolari ieħor, bi ksur tal-punt (b) tal-Artikolu 29(4);

(h) kumpanija tal-maniġment, malli ssir taf bi kwalunkwe akkwist jew trasferiment ta' holdings fil-kapital tagħhom li jikkawżaw lill-holdings biex jaqbżu jew jaqgħu f'livell aktar baxx minn wieħed mil-limiti msemmija fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2014/65/UE tonqos milli tgħarraf lill-awtoritajiet kompetenti dwar dawn l-akkwisti jew it-trasferimenti, bi ksur tal-Artikolu 11(1) ta' din id-Direttiva;

(i) kumpanija tal-maniġment tonqos milli tgħarraf lill-awtorità kompetenti, tal-inqas darba fis-sena, rigward l-ismijiet tal-azzjonisti u tal-membri li għandhom holding kwalifikattiva u rigward id-daqsijiet ta' dawn il-holdings, bi ksur tal-Artikolu 11(1);

(j) kumpanija tal-maniġment tonqos milli tosserva l-proċeduri u l-arranġamenti imposti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-punt (a) tal-Artikolu 12(1);

(k) kumpanija tal-maniġment tonqos milli tosserva r-rekwiżiti strutturali u organizzazzjonali imposti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-punt (b) tal-Artikolu 12(1);

(l) kumpanija tal-investiment tonqos milli tosserva l-proċeduri u l-arranġamenti imposti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 31;

(m) kumpanija tal-maniġment jew kumpanija tal-investiment tonqos milli tosserva r-rekwiżiti relatati mad-delega tal-funzjonijiet tagħha lil partijiet terzi imposti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikoli 13 u 30;

(n) kumpanija tal-maniġment jew kumpanija tal-investiment tonqos milli tosserva r-regoli ta' kondotta imposti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikoli 14 u 30;

(o) depożitarju jonqos milli jwettaq il-kompiti tiegħu skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 22(3) sa (7);

(p) kumpanija tal-investiment jew, għal kull wieħed mill-fondi komuni li timmaniġġa, kumpanija tal-maniġment tonqos ripetutament milli tosserva l-obbligi li jikkonċernaw il-politiki dwar l-investiment ta' UCITS stipulati fid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu il-Kapitolu VII;

(q) kumpanija tal-maniġment jew kumpanija tal-investiment tonqos milli tadotta proċess tal-ġestjoni tar-riskju jew proċess għal valutazzjoni preċiża u indipendenti tal-valur ta' derivattivi OTC kif fid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikolu 51(1);

(r) kumpanija tal-investiment jew, għal kull fond komuni li timmaniġġa, kumpanija tal-maniġment, tonqos ripetutament milli tosserva l-obbligi li jikkonċernaw l-informazzjoni li għandha tingħata lill-investituri imposti skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu l-Artikoli 68 sa 82;

(s) kumpanija tal-maniġment jew kumpanija tal-investiment li tkun qed tikkummerċjalizza unitajiet ta' UCITS li timmaniġġa fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru ta' domiċilju tal-UCITS tonqos milli tosserva r-rekwiżit ta' notifika stipulati fl-Artikolu 93(1).

*Artikolu 99b*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jippublikaw kwalunkwe deċiżjoni, li ma tistax tiġi appellata, li timponi sanzjoni jew miżura amministrattiva għal ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva, fuq is-siti elettroniċi uffiċjali tagħhom mingħajr dewmien żejjed wara li l-persuna li fuqha ġiet imposta s-sanzjoni jew miżura tkun ġiet informata b'dik id-deċiżjoni. Il-pubblikazzjoni għandha tinkludi tal-inqas informazzjoni dwar it-tip u n-natura tal-ksur u l-identità tal-persuni responsabbli. Dak l-obbligu ma japplikax għal deċiżjonijiet li jimponu miżuri li huma ta' natura investigattiva.

Madankollu, fejn il-pubblikazzjoni tal-identità tal-persuni ġuridiċi jew tad-data personali tal-persuni fiżiċi titqies bħala sproporzjonata mill-awtorità kompetenti wara li ssir valutazzjoni ta' kull każ individwali dwar il-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni ta' din id-data, jew fejn il-pubblikazzjoni tipperikola l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji jew investigazzjoni li tkun għaddejja, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) jipposponu l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni li timponi s-sanzjoni jew il-miżura sa meta r-raġunijiet għan-nuqqas ta' pubblikazzjoni ma jibqgħux jeżistu;

(b) jippubblikaw id-deċiżjoni li timponi l-piena jew il-miżura fuq bażi anonima b'mod li jkun konformi mal-liġi nazzjonali, jekk tali pubblikazzjoni anonima tkun tiżgura protezzjoni effettiva tad-data personali kkonċernata; jew

(c) ma jippubblikawx id-deċiżjoni li timponi sanzjoni jew miżura fil-każ li l-għażliet stipulati fil-punti (a) u (b) jitqiesu bħala insuffiċjenti biex jiżguraw:

(i) li ma tiġix mhedda l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji;

(ii) il-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni ta' dawn id-deċiżjonijiet fir-rigward tal-miżuri titqies bħala ta' natura minuri.

Fil-każ ta' deċiżjoni biex tiġi ppubblikata piena jew miżura fuq bażi anonima, il-pubblikazzjoni tad-data rilevanti tista' tiġi posposta għal perijodu ta' żmien raġonevoli jekk ikun mistenni li f'dak il-perijodu r-raġunijiet għall-pubblikazzjoni anonima ma jkunux ser jibqgħu jeżistu.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-ESMA dwar is-sanzjonijiet amministrattivi kollha imposti iżda mhux ippubblikati f'konformità mal-punt (c) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 inkluż dwar kwalunkwe appell relatat magħhom u r-riżultat ta' tali appell. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jirċievu informazzjoni u s-sentenza finali b'rabta ma' kwalunkwe piena kriminali imposta u jibagħtuha lill-ESMA. L-ESMA għandha żżomm bażi ta' data ċentrali ta' sanzjonijiet kkomunikati lilha unikament għall-finijiet tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti. Dik il-bażi ta' data għandha tkun aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti biss u għandha tiġi aġġornata abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti.

3. Fejn id-deċiżjoni li timponi piena jew miżura tkun soġġetta għal appell quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji jew awtoritajiet rilevanti oħrajn, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jippubblikaw immedjatament, fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħhom din l-informazzjoni u kwalunkwe informazzjoni sussegwenti dwar ir-riżultat ta' tali appell. Għandha tiġi ppubblikata wkoll kwalunkwe deċiżjoni li tannulla deċiżjoni preċedenti li timponi sanzjoni jew miżura.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe pubblikazzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tibqa' fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħhom tal-inqas għal perijodu ta' ħames snin mill-pubblikazzjoni tagħha. Id-data personali li tkun tinsab fil-pubblikazzjoni għandha tinżamm fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-awtorità kompetenti unikament għall-perijodu li huwa meħtieġ skont ir-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data.

*Artikolu 99c*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jiġu determinati t-tip ta' penali jew miżuri amministrattivi u l-livell ta' penali pekunjarji amministrattivi, l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li dawn ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi u jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż, fejn ikun il-każ:

(a) il-gravità tal-ksur u kemm dam sejjer;

(b) il-livell ta' responsabbiltà tal-persuna responsabbli għall-ksur;

(c) is-saħħa finanzjarja tal-persuna responsabbli għall-ksur, kif indikat, pereżempju, mill-fatturat totali tagħha fil-każ ta' persuna ġuridika jew id-dħul annwali fil-każ ta' persuna fiżika;

(d) l-importanza tal-profitti miksuba jew telf evitat mill-persuna responsabbli għall-ksur, il-ħsara kkawżata lil persuni oħra u, fejn applikabbli, il-ħsara għall-funzjonament tas-swieq jew għall-ekonomija inġenerali, sakemm dawn ikunu jistgħu jiġu determinati;

(e) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna responsabbli għall-ksur mal-awtorità kompetenti;

(f) ksur preċedenti mill-persuna responsabbli għall-ksur;

(g) il-miżuri li ttieħdu wara l-ksur mill-persuna responsabbli għall-ksur biex jiġi evitat li jiġi ripetut.

2. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom li jimponu penali taħt l-Artikolu 99, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li s-setgħat superviżorji u investigattivi u penali amministrattivi jipproduċu r-riżultati mmirati minn din id-Direttiva. Huma għandhom jikkoordinaw ukoll l-azzjonijiet tagħhom sabiex jevitaw il-possibbiltà ta' duplikazzjoni u sovrapożizzjoni meta japplikaw is-setgħat superviżorji u investigattivi u l-penali u l-miżuri amministrattivi f'każijiet transkonfinali f'konformità mal-Artikolu 101.

*Artikolu 99d*

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi effettivi u affidabbli biex jiġi mħeġġeġ ir-rappurtar ta' ksur potenzjali jew attwali tad- dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva lill-awtoritajiet kompetenti, inklużi mezzi sikuri ta' komunikazzjoni għar-rappurtar ta' tali ksur.

2. Il-mekkaniżmi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu tal-inqas:

(a) proċeduri speċifiċi għar-riċevuta ta' rapporti dwar ksur u għas-segwitu tagħhom;

(b) protezzjoni adatta għall-impjegati ta' kumpaniji tal-investiment, kumpaniji tal-maniġment u depożitarji li jirrapportaw ksur li jseħħ fi ħdan dawk l-entitajiet, għall-inqas kontra ritaljazzjoni, diskriminazzjoni u tipi oħrajn ta' trattament inġust;

(c) protezzjoni tad-data personali li tirrigwarda kemm lill-persuna li tirrapporta l-ksur kif ukoll lill-persuna fiżika li allegatament tkun responsabbli għall-ksur, f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(d) regoli ċari li jiżguraw li l-kunfidenzjalità tiġi ggarantita fil-każijiet kollha fir-rigward tal-persuna li tirrapporta ksur, sakemm l-iżvelar ma jkunx meħtieġ mil-liġi nazzjonali fil-kuntest ta' investigazzjonijiet ulterjuri jew proċedimenti ġudizzjarji sussegwenti.

3. L-ESMA għandha tipprovdi mezz sikur ta' komunikazzjoni jew aktar għar-rappurtar ta' ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-Direttiva. L-ESMA għandha tiżgura li dawk il-mezzi ta' komunikazzjoni jkunu konformi mal-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 2.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rappurtar minn impjegati ta' kumpaniji tal-investiment, kumpaniji tal-maniġment u d-depożitarji msemmija fil-paragrafi 1 u 3 ma għandux jitqies li hu ksur ta' kwalunkwe restrizzjoni fuq l-iżvelar ta' informazzjoni imposta b'kuntratt jew bi kwalunkwe liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva, u ma għandux jissuġġetta lill-persuna li tagħmel ir-rappurtar għal xi responsabbiltà ta' kwalunkwe tip relatat ma' tali rappurtar.

5. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-kumpaniji tal-maniġment, il-kumpaniji tal-investiment u d-depożitarji jkollhom fis-seħħ proċeduri adatti għall-impjegati tagħhom sabiex jirrapportaw ksur internament b'mezz speċifiku, indipendenti u awtonomu.

*Artikolu 99e*

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu kull sena lill-ESMA informazzjoni aggregata dwar il-penali u l-miżuri kollha imposti f'konformità mal-Artikolu 99. L-ESMA għandha tippubblika dik l-informazzjoni f'rapport annwali.

2. Fejn l-awtorità kompetenti tkun żvelat penali jew miżuri amministrattivi lill-pubbliku, għandha fl-istess ħin tirrapporta dawk il- penali jew il-miżuri amministrattivilill-ESMA. Fejn penali jew miżura ppubblikata tkun relatata ma' kumpanija tal-maniġment jew kumpanija tal-investiment, l-ESMA għandha żżid referenza għall- penali jew il-miżura ppubblikata fil-lista tal-kumpaniji tal-maniġment ppubblikata taħt l-Artikolu 6(1).

3. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex jiġu determinati l-proċeduri u l-formoli għas-sottomissjoni ta' informazzjoni kif imsemmi f'dan l-Artikolu.

L-ESMA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' istandards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-18 ta' Settembru 2015.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

---

(*) Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar ilmoviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).";

(18) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 104a*

1. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-Direttiva 95/46/KE għall-ipproċessar tad-data personali li jitwettaq fl-Istati Membri skont din id-Direttiva.

2. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) għandu japplika għall-ipproċessar ta' data personali mwettaq mill-ESMA skont din id-Direttiva.

---

(*) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).";

(19) fl-Artikolu 12(3), l-Artikolu 14(2), l-Artikolu 43(5), l-Artikolu 51(4), l-Artikolu 60(6), l-Artikolu 61(3), l-Artikolu 62(4), l-Artikolu 64(4), l-Artikolu 75(4), l-Artikolu 78(7), l-Artikolu 81(2), l-Artikolu 95(1) u l-Artikolu 111, il-kliem: 'skont l-Artikolu 112(2), (3) u (4), u soġġett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 112a u 112b' jinbidlu bil-kliem: 'skont l-Artikolu 112a';

(20) fl-Artikolu 50a, il-kliem: 'f'konformità mal-Artikolu 112a, u suġġett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 112b u 112c' jinbidlu bil-kliem: 'skont l-Artikolu 112a';

(21) fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 52(4), ir-referenza għall-'Artikolu 112(1)' tinbidel b'referenza għall-'Artikolu 112';

(22) l-Artikolu 112 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 112*

Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tat-Titoli Ewropej stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE (*).

---

(*) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/528/KE tas-6 ta' Ġunju 2001 li tistabbilixxi l-Kumitat tat-Titoli Ewropej (ĠU L 191, 13.7.2001, p. 45)";

(23) L-Artikolu 112a jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 112a*

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 12, 14, 43, 60, 61, 62, 64, 75, 78, 81, 95 u 111 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' erba' snin mill-4 ta' Jannar 2011.

Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 26b hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' erba' snin mis-17 ta' Settembru 2014.

Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 50a hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' erba' snin mill-21 ta' Lulju 2011.

Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 51 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' erba' snin mill-20 ta' Ġunju 2013.

Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar is-setgħa delegata mhux aktar tard minn sitt xhur qabel it-tmiem ta' perijodi ta' erba' snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 12, 14, 26b, 43, 50a, 51, 60, 61, 62, 64, 75, 78, 81, 95 u 111 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 12, 14, 26b, 43, 50a, 51, 60, 61, 62, 64, 75, 78, 81, 95 u 111 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(24) L-Artikolu 112b jitħassar;

(25) fl-Iskeda A tal-Anness I, il-punt 2 jinbidel b'dan li ġej;

"2. Informazzjoni dwar id-depożitarju:

2.1. L-identità tad-depożitarju tal-UCITS u deskrizzjoni ta' dmirijietu u tal-konflitti ta' interess li jistgħu jirriżultaw;

2.2. Deskrizzjoni ta' kwalunkwe funzjoni ta' salvagwardja delegata mid-depożitarju, il-lista tad-delegati u s-subdelegati u kwalunkwe konflitt ta' interess li jista' jirriżulta minn din id-delega;

2.3. Dikjarazzjoni li tgħid li informazzjoni aġġornata dwar il-punti 2.1 u 2.2 ssir disponibbli għall-investituri, kull meta tintalab.".

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sat-18 ta' Marzu 2016, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu mit-18 ta' Marzu 2016. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, huma għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jiġu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-mod kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva lill-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | S. GOZI |

**DIRETTIVA 2014/92/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tat-23 ta' Lulju 2014**

**dwar il-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 26(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), is-suq intern għandu jikkostitwixxi żona mingħajr fruntieri interni li fiha jkun żgurat il-moviment liberu tal-oġġetti, il-persuni, is-servizzi u l-kapital. Il-frammentazzjoni tas-suq intern hi ta' ħsara għall-kompetittività, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Unjoni. L-eliminazzjoni tal-ostakoli diretti u indiretti għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern hija essenzjali sabiex dan jiġi kkompletat. L-azzjoni tal-Unjoni fir-rigward tas-suq intern fis-settur tas-servizzi finanzjarji bl-imnut diġà kkontribwixxiet sostanzjalment għall-iżvilupp tal-attività transkonfinali tal-fornituri tas-servizzi tal-ħlas, it-titjib tal-għażla tal-konsumatur u żieda fil-kwalità u t-trasparenza tal-offerti.

(2) F'dan ir-rigward, id-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) stabbilixxiet rekwiżiti ta' trasparenza bażika għal tariffi imposti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas fir-rigward ta' servizzi offruti fuq kontijiet tal-ħlas. Dan iffaċilita sostanzjalment l-attività tal-fornituri tas-servizzi tal-ħlas, ħoloq regoli uniformi fir-rigward tal-forniment tas-servizzi tal-ħlas u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta, naqqas il-piż amministrattiv u ġġenera ffrankar fl-ispejjeż għall-fornituri tas-servizzi tal-ħlas.

(3) Il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u l-iżvilupp ta' ekonomija moderna u soċjalment inklużiva jiddependu dejjem iżjed fuq il-forniment universali ta' servizzi tal-ħlas. Kwalunkwe leġislazzjoni ġdida f'dan ir-rigward għandha tkun parti minn strateġija ekonomika intelliġenti għall-Unjoni, li għandha tieħu kont tal-ħtiġijiet tal-konsumaturi l-aktar vulnerabbli b'mod effettiv.

([1]) ĠU C 51, 22.2.2014, p. 3.
([2]) ĠU C 341, 21.11.2013, p. 40.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014.
([4]) Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU L 319, 5.12.2007, p. 1).

(4) Madankollu, kif indikat mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2012 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-Aċċess għas-Servizzi Bankarji Bażiċi, għandu jsir aktar sabiex jittejjeb u jiġi żviluppat is-suq intern għal attivitajiet bankarji bl-imnut. Bħalissa, in-nuqqas ta' trasparenza u komparabbiltà tat-tariffi, kif ukoll id-diffikultajiet fil-bdil tal-kontijiet tal-ħlas għadhom joħolqu ostakoli għall-istabbiliment ta' suq integrat għalkollox li jikkontribwixxi għal kompetitizzjoni dgħajfa fis-settur tal-attivitajiet bankarji bl-imnut. Dawk il-problemi għandhom jiġu indirizzati u għandhom jinkisbu standards ta' kwalità għolja.

(5) Il-kondizzjonijiet attwali tas-suq intern jistgħu jiskoraġġixxu lill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas milli jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jistabbilixxu jew li jipprovdu servizzi fl-Unjoni minħabba d-diffikultà biex jiġbdu klijenti meta jidħlu f'suq ġdid. Id-dħul fi swieq ġodda ħafna drabi jinvolvi investiment kbir. Tali investimenthuwa ġġustifikatbiss jekk il-fornitur jipprevedi biżżejjed opportunitajiet u domanda li tikkorrispondi magħhom min-naħa tal-konsumaturi. Il-livell baxx ta' mobbiltà tal-konsumaturi fir-rigward tas-servizzi finanzjarji bl-imnut huwa fil-biċċa l-kbira dovut għan-nuqqas ta' trasparenza u komparabbiltà fir-rigward tat-tariffi u s-servizzi offruti, kif ukoll diffikultajiet fir-rigward tal-bdil tal-kontijiet tal-ħlas. Dawk il-fatturi wkoll joħonqu d-domanda. Dan huwa partikolarment veru fil-kuntest transkonfinali.

(6) Barra minn hekk, ostakoli sinifikanti għat-tlestija tas-suq intern fil-qasam tal-kontijiet tal-ħlas jistgħu jinħolqu mill-frammentazzjoni tal-oqfsa regolatorji nazzjonali eżistenti. Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-livell nazzjonali fir-rigward tal-kontijiet tal-ħlas, u partikolarment fir-rigward tal-komparabbiltà tat-tariffi u l-bdil tal-kontijiet tal-ħlas ivarjaw. Għall-bdil, in-nuqqas ta' miżuri vinkolanti uniformi fil-livell tal-Unjoni wassal għal prattiki u miżuri diverġenti fil-livell nazzjonali. Dawk id-differenzi huma saħansitra aktar evidenti fil-qasam tal-komparabbiltà tat-tariffi, fejn l-ebda miżura, lanqas ta' natura awtoregolatorja, ma teżisti fil-livell tal-Unjoni. Jekk dawk id-differenzi jsiru iktar sinifikanti fil-futur, billi l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas għandhom it-tendenza li jfasslu l-prattiki tagħhom għas-swieq nazzjonali, dan jgħolli l-ispiża għal min jopera f'livell transkonfinali relattivament għall-ispejjeż li jġorru l-fornituri domestiċi u għalhekk jagħmel l-eżerċizzju tan-negozju fuq bażi transkonfinali inqas attraenti. L-attività transkonfinali fis-suq intern hija mxekkla minn ostakoli li jwaqqfu lill-konsumaturi milli jiftħu kont tal-ħlas barra l-pajjiż. Il-kriterji restrittivi eżistenti tal-eliġibbiltà jistgħu jwaqqfu liċ-ċittadini tal-Unjoni milli jiċċaqalqu liberament fl-Unjoni. Li l-konsumaturi kollha jiġu pprovduti b'aċċess għal kont tal-ħlas jippermetti l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq intern u jippermettilhom li jaħsdu l-benefiċċji tas-suq intern.

(7) Barra minn hekk, peress li xi klijenti prospettivi ma jiftħux kontijiet tal-ħlas, jew minħabba li huma mċaħħda minn dan jew għaliex ma jiġux offruti prodotti adegwati, id-domanda potenzjali għas-servizzi tal-kontijiet tal-ħlas fl-Unjoni bħalissa mhijiex sfruttata b'mod sħiħ. Parteċipazzjoni usa' tal-konsumatur fis-suq intern tagħti aktar inċentivi lill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas biex jidħlu fi swieq ġodda. Barra minn hekk, il-ħolqien tal-kondizzjonijiet li jippermettu lill-konsumaturi kollha biex ikollhom aċċess għal kont tal-ħlas huwa mezz neċessarju għat-trawwim tal-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq intern u biex jingħataw il-possibilità li jaħsdu l-benefiċċji li ġab miegħu s-suq intern.

(8) It-trasparenza u l-komparabbiltà tat-tariffi ġew meqjusa fil-livell tal-Unjoni f'inizjattiva awtoregolatorja, mibdija mill-industrija bankarja. Madankollu, ma ntlaħaq l-ebda ftehim finali dwar dik l-inizjattiva. Fir-rigward tal-bdil, il-prinċipji komuni stabbiliti fl-2008 mill-Kumitat għall-Industrija Bankarja Ewropea jipprovdu mekkaniżmu mudell għall-bdil bejn kontijiet tal-ħlas offruti minn banek li jinsabu fl-istess Stat Membru. Madankollu, minħabba n-natura mhux vinkolanti tagħhom, dawk il-prinċipji komuni ġew applikati b'mod inkonsistenti madwar l-Unjoni u b'riżultati li mhumiex effettivi. Barra minn hekk, il-prinċipji komuni jindirizzaw il-bdil tal-kontijiet tal-ħlas fil-livell nazzjonali biss u ma jindirizzawx il-bdil transkonfinali. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-aċċess għal kont tal-ħlas bażiku, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2011/442/UE ([1]) stiednet lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni tagħha mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-pubblikazzjoni tagħha. Sal-lum, huma biss ftit mill-Istati Membri li jikkonformaw mal-prinċipji ewlenin ta' dik ir-Rakkomandazzjoni.

([1]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2011/442/UE tat-18 ta' Lulju 2011 dwar l-aċċess għal kont bażiku ta' ħlas (ĠU L 190, 21.7.2011, p. 87).

(9) Sabiex tiġi appoġġata mobbiltà finanzjarja effettiva u mingħajr xkiel fit-tul, huwa essenzjali li jiġi stabbilit sett uniformi ta' regoli sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-mobbiltà baxxa tal-konsumaturi u b'mod partikolari sabiex jittejjeb it-tqabbil tas-servizzi u t-tariffi tal-kontijiet tal-ħlas u biex ikun hemm inċentiv għall-bdil tal-kontijiet tal-ħlas, kif ukoll biex tiġi evitata d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tar-residenza kontra konsumaturi li biħsiebhom jiftħu u jużaw kont tal-ħlas fuq bażi transkonfinali. Barra minn hekk, huwa essenzjali li jiġu adottati miżuri adegwati biex titrawwem il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi fis-suq tal-kontijiet tal-ħlas. Dawk il-miżuri ser ikunu ta' inċentiv għad-dħul tal-fornituri ta' servizz tal-ħlas fis-suq intern u ser jiżguraw kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni, u b'hekk tissaħħaħ il-kompetizzjoni u l-allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi fis-suq finanzjarju bl-imnut tal-Unjoni għall-benefiċċju tan-negozji u l-konsumaturi. Barra minn hekk, informazzjoni trasparenti dwar it-tariffi u l-possibbiltajiet għall-bdil, flimkien mad-dritt tal-aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, jippermettu liċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċaqalqu u jagħmlu għażliet aktar faċilment fl-Unjoni, u b'hekk jibbenefikaw minn suq intern li jiffunzjona b'mod sħiħ fil-qasam tas-servizzi finanzjarji bl-imnut, u ser jikkontribwixxu għall-iżvilupp ulterjuri tas-suq intern.

(10) Huwa essenzjali wkoll li jiġi żgurat li din id-Direttiva ma xxekkilx l-innovazzjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji bl-imnut. Kull sena, isiru disponibbli teknoloġiji ġodda, li jistgħu jrendu skadut il-mudell attwali tal-kontijiet tal-ħlas, bħas-servizzi tal-ibbankjar bil-mowbajl u l-kards tal-ħlas b'valur maħżun.

(11) Din id-Direttiva ma għandhiex tipprekludi lill-Istati Membri milli jżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet aktar rigorużi sabiex jipproteġu lill-konsumaturi, sakemm dawn id-dispożizzjonijiet ikunu konsistenti mal-obbligi tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni u din id-Direttiva.

(12) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar il-komparabbiltà tat-tariffi u l-bdil tal-kont tal-ħlas għandhom japplikaw għall-fornituri tas-servizzi tal-ħlas kollha, kif definit fid-Direttiva 2007/64/KE. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar l-aċċess għal kontijiet tal-ħas b'karatteristiċi bażiċi għandhom japplikaw biss għall-istituzzjonijiet tal-kreditu. Id-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva għandhom jikkonċernaw il-kontijiet tal-ħlas li permezz tagħhom il-konsumaturi jistgħu jagħmlu t-transazzjonijiet li ġejjin: ipoġġu fondi, jiġbdu l-flus, u jagħmlu transazzjonijiet ta' ħlas lil partijiet terzi u jirċievu transazzjonijiet ta' ħlas mingħandhom, inkluż it-twettiq ta' trasferimenti tal-kreditu. B'konsegwenza ta' dan, il-kontijiet b'funzjonijiet aktar limitati għandhom jiġu esklużi. Pereżempju, kontijiet bħall-kontijiet ta' tfaddil, kontijiet tal-karti tal-kreditu, fejn normalment jitpoġġew fondi għall-iskop uniku li jitħallas dejn fuq karti tal-kreditu, ipoteki b'karatteristiċi ta'kont kurrenti jew kontijiet ta' flus elettroniċi għandhom fil-prinċipju jkunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Madankollu, jekk dawk il-kontijiet jintużaw għal transazzjonijiet tal-ħlas ta' kuljum u jekk ikun fihom il-funzjonijiet kollha elenkati hawn fuq, huma ser jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Kontijiet miżmuma minn negozji, anke żgħar jew mikrointrapriżi, sakemm mhux miżmuma f'kapaċità personali, għandhom ikunu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħżlu li jestendu l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għal fornituri ta' servizzi tal-ħlas oħrajn u għal kontijiet tal-ħlas oħrajn, pereżempju dawk li joffru funzjonijiet tal-ħlas aktar limitati.

(13) Peress li kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi huwa tip ta' kont tal-ħlas għall-finijiet ta' din id-Direttiva, id-dispożizzjonijiet fir-rigward tat-trasparenza u l-bdil għandhom japplikaw għal kontijiet bħal dawn ukoll.

(14) Id-definizzjonijiet li hemm f'din id-Direttiva għandhom jiġu allinjati kemm jista' jkun ma' dawk li hemm f'atti leġislattivi oħra tal-Unjoni, u b'mod partikolari ma' dawk li hemm fid-Direttiva 2007/64/KE u fir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(15) Huwa essenzjali li l-konsumaturi jkunu kapaċi jifhmu t-tariffi sabiex ikunu jistgħu jqabblu l-offerti minn fornituri tas-servizzi tal-ħlas differenti u jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar liema kont tal-ħlas huwa l-aktar adattat għall-ħtiġijiet tagħhom. Tqabbil bejn it-tariffi ma jistax isir meta l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jużaw terminoloġija differenti għall-istess servizzi u jipprovdu informazzjoni f'formati differenti. Terminoloġija standardizzata, flimkien ma' informazzjoni ffukata dwar it-tariffi ppreżentata f'format konsistenti li tkopri s-servizzi l-aktar rappreżentattivi marbuta ma' kontijiet tal-ħlas, jistgħu jgħinu lill-konsumaturi jifhmu u jqabblu t-tariffi.

([1]) Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22).

(16) Il-konsumaturi jibbenefikaw l-aktar minn informazzjoni li tkun konċiża, standardizzata u li tkun faċli li titqabbel bejn fornituri differenti tas-servizzi tal-ħlas. L-għodod disponibbli għall-konsumaturi biex iqabblu offerti tal-kontijiet tal-ħlas ma jkollhomx impatt pożittiv jekk iż-żmien investit biex wieħed jaqra listi twal ta' tariffi għal offerti differenti jkun ikbar mill-benefiċċju li wieħed jagħżel l-offerta li tirrappreżenta l-aħjar valur. Dawk l-għodod għandhom ikunu multipli u għandu jsir ittestjar mill-konsumaturi. F'dan l-istadju, it-terminoloġija tat-tariffi għandha biss tiġi standardizzata għat-termini u d-definizzjonijiet l-aktar rappreżentattivi fl-Istati Membri sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' informazzjoni eċċessiva u biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni rapida.

(17) It-terminoloġija tat-tariffi għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri, sabiex tkun tista' tingħata kunsiderazzjoni lill-ispeċifiċitajiet tas-swieq lokali. Biex jitqiesu bħala rappreżentattivi, is-servizzi għandhom ikunu soġġetti għal tariffa f'minimu ta' fornitur tas-servizzi tal-ħlas wieħed fi Stat Membru. Barra minn hekk, meta s-servizzi jkunu komuni għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, it-terminoloġija użata biex tiddefinixxi dawn is-servizzi għandha tkun standardizzata fil-livell tal-Unjoni, u b'hekk ikun jista' jsir tqabbil aħjartal-offerti ta' kontijiet tal-ħlas fl-Unjoni kollha. Sabiex tiġi żgurata l-omoġeneità suffiċjenti tal-listi nazzjonali, l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) ('EBA') stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandha toħroġ linji gwida biex tgħin lill-Istati Membri biex jiddeterminaw is-servizzi li jintużaw bl-aktar mod komuni u li jiġġeneraw l-ogħla spejjeż għall-konsumaturi fil-livell nazzjonali. Għal dak il-għan l-Istati Membri għandhom sat-18 ta' Diċembru 2014 jindikaw lill-Kummissjoni u lill-EBA l-awtoritajiet adatti li għalihom għandhom jiġu indirizzati dawk il-linji gwida.

(18) Ladarba l-Istati Membri jkunu stabbilixxew lista proviżorja tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi soġġetti għal tariffa fil-livell nazzjonali flimkien ma' termini u definizzjonijiet, l-EBA għandha tanalizzahom sabiex tidentifika, permezz ta' abbozz ta' standards tekniċi regolatorji, is-servizzi li huma komuni għall-maġġoranza tal-Istati Membri u tipproponi termini u definizzjonijiet standardizzati fil-livell tal-Unjoni għalihom bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. L-EBA għandha tiżgura li, jintuża terminu wieħed biss għal kull servizz fi kwalunkwe lingwa uffiċjali ta' kull Stat Membru li hija ukoll lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dan ifisser li jistgħu jintużaw termini differenti għall-istess servizz fi Stati Membri differenti li jużaw l-istess lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, biex b'hekk jitqiesu l-ispeċifiċitajiet nazzjonali. L-Istati Membri għandhom imbagħad jintegraw kwalunkwe terminu applikabbli fil-livell tal-Unjoni fil-listi proviżorji tagħhom u jippubblikaw il-listi finali tagħhom abbażi ta' dan.

(19) Sabiex jgħinu lill-konsumaturi jqabblu faċilment it-tariffi tal-kontijiet tal-ħlas fis-suq intern, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas għandhom jipprovdu lill-konsumaturi b'dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi li jiddikjara t-tariffi għas-servizzi kollha mniżżla fil-lista tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi marbuta ma' kont tal-ħlas fil-livell nazzjonali. Fejn applikabbli, id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi għandu juża t-termini u d-definizzjonijiet standardizzati stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Dan jikkontribwixxi wkoll biex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas li qed jikkompetu fis-suq tal-kontijiet tal-ħlas. Id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi ma għandux ikun fih l-ebda tariffa oħra. Meta fornitur tas-servizzi tal-ħlas ma joffrix servizz li jidher fil-lista tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi marbuta ma' kont tal-ħlas, hija għandha tindika dan pereżempju billi timmarka s-servizz bħala 'mhux offrut' jew 'mhux applikabbli'. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jesiġu li indikaturi ewlenin jiġu inklużi fid-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi, bħal indikatur komprensiv tal-ispiża li jagħti sommarju tal-ispiża annwali ġenerali tal-kont tal-ħlas għall-konsumaturi. Sabiex jgħinu lill-konsumaturi jifhmu t-tariffi li jridu jħallsu għall-kont tal-ħlas tagħhom, għandu jkun disponibbli għalihom glossarju li jipprovdi spjegazzjonijiet ċari, mhux tekniċi u mhux ambigwi tal-inqas għat-tariffi u s-servizzi li jkunu jinsabu fid-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi. Il-glossarju għandu jservi bħala għodda utli biex jinkoraġġixxi fehim aħjar tat-tifsira tat-tariffi, u jikkontribwixxi sabiex il-konsumatur jingħata s-setgħa li jagħżel minn għażla usa' ta' offerti ta' kontijiet tal-ħlas. Għandu jiġi introdott ukoll obbligu li jeħtieġ lill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas li jinfurmaw lill-konsumaturi, mingħajr ħlas u mill-inqas darba fis-sena, dwar it-tariffi kollha li jinżammulhom fuq il-kont tal-ħlas tagħhom, inkluż, jekk applikabbli, ir-rata tal-imgħax għall-overdrafts u r-rata tal-imgħax għall-kreditu.

([1]) Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar l-overdrafts li jinsabu fid-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ([1]). Informazzjoni ex-post għandha tiġi pprovduta f'dokument apposta intitolat "dikjarazzjoni tat-tariffi". Huwa għandu jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-imgħax li ddaħħal u t-tariffi kollha mġarrba fir-rigward tal-użu tal-kont tal-ħlas sabiex jippermetti lill-konsumatur jifhem ma' xiex inhu konness l-infiq tat-tariffi, u jivvaluta l-ħtieġa li jew jimmodifika x-xejriet tal-konsum jew imur għand fornitur ieħor. Dak il-benefiċċju jkun immassimizzat jekk l-informazzjoni ex-post dwar it-tariffi tippreżenta s-servizzi l-aktar rappreżentattivi fl-istess ordni bħall-informazzjoni ex-ante dwar it-tariffi.

(20) Biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-konsumaturi, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar it-tariffi tal-kontijiet tal-ħlas tkun preċiża, ċara u komparabbli. Għalhekk, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali u wara li jsir ittestjar mill-konsumaturi, l-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni għal format ta' preżentazzjoni standardizzat għad-dokument tal-informazzjoni dwar it-tariffi u d-dikjarazzjoni tat-tariffi u s-simboli komuni, sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu jinftiehmu u komparabbli għall-konsumaturi. L-istess format, ordni tal-elementi u titoli għandhom jiġu segwiti għal kull dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u dikjarazzjoni tat-tariffi f'kull Stat Membru, sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jikkomparaw iż-żewġ dokumenti, u b'hekk jiġi mmassimizzat il-fehim u l-użu tal-informazzjoni. Id-dokument tal-informazzjoni dwar it-tariffi u d-dikjarazzjoni tat-tariffi għandhom ikunu jintgħarfu b'mod ċar minn komunikazzjonijiet oħra. Barra minn hekk, l-EBA għandha tqis ukoll il-fatt li meta jkunu qed ifasslu dawk il-formats, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jipprovdu d-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u d-dikjarazzjoni tat-tariffi flimkien ma' informazzjoni rekwiżita skont atti leġislattivi oħra tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-kontijiet tal-ħlas u s-servizzi relatati.

(21) Sabiex jiżguraw l-użu konsistenti tat-terminoloġija applikabbli fil-livell tal-Unjoni madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu obbligu li jeħtieġ lill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas sabiex jużaw it-terminoloġija applikabbli fil-livell tal-Unjoni flimkien mal-kumplament tat-terminoloġija standardizzata nazzjonali identifikata fil-lista finali meta jikkomunikaw mal-konsumaturi, inkluż fid-dokument tal-informazzjoni dwar it-tariffi u d-dikjarazzjoni tat-tariffi. Il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas għandhom ikunu jistgħu jużaw marki kummerċjali fl-informazzjoni kuntrattwali, kummerċjali u dik relatata mal-marketing li jagħtu lill-konsumaturi, dment li jidentifikaw b'mod ċar it-terminu standardizzat korrispondenti applikabbli. Meta jagħżlu li jużaw marki kummerċjali fid-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi jew fid-dikjarazzjoni tat-tariffi, dawn għandhom ikunu b'żieda għat-termini standardizzati bħala terminu sekondarju, pereżempju bl-użu ta' parentesi jew miktubin b'tipa iżgħar.

(22) Siti tal-Internet ta' tqabbil li huma indipendenti huma mezz effettiv għall-konsumaturi sabiex jivvalutaw il-merti ta' offerti ta' kontijiet tal-ħlas differenti f'post wieħed. Tali siti tal-Internet jistgħu jipprovdu l-aħjar bilanċ bejn il-bżonn li l-informazzjoni tkun ċara u konċiża u l-ħtieġa li tkun sħiħa u komprensiva, billi jippermettu lill-utenti jiksbu informazzjoni aktar dettaljata fejn dan huwa ta' interess għalihom. Huma għandu jkollhom l-għan li jinkludu l-usa' firxa possibbli ta' offerti, sabiex tingħata ħarsa ġenerali rappreżentattiva, filwaqt li jkopru wkoll parti sinifikanti tas-suq. Huma jistgħu wkoll inaqqsu l-ispejjeż tat-tiftix billi l-konsumaturi ma jkollhomx għalfejn jiġbru l-informazzjoni separatament mingħand fornituri tas-servizzi tal-ħlas. Huwa kruċjali li l-informazzjoni mogħtija f'tali siti tal-Internet tkun affidabbli, imparzjali u trasparenti u li l-konsumaturi jkunu infurmati dwar id-disponibbiltà ta' tali siti. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-pubbliku dwar tali siti tal-Internet.

(23) Sabiex jiksbu informazzjoni imparzjali dwar it-tariffi imposti u r-rati tal-imgħax applikati fir-rigward ta' kontijiet tal-ħlas, il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jużaw siti tal-Internet ta' tqabbil aċċessibbli għall-pubbliku li joperaw b'mod indipendenti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas, li jfisser li l-ebda fornitur tas-servizzi tal-kreditu ma għandu jingħata trattament favorevoli fir-riżultati tat-tiftix. L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li l-konsumaturi jkollhom aċċess b'xejn għal mill-anqas sit tal-Internet wieħed bħal dan fit-territorji rispettivi tagħhom. Dawn is-siti tal-Internet ta' tqabbil jistgħu jitħaddmu minn, jew f'isem, l-awtoritajiet kompetenti, awtoritajiet pubbliċi oħra u/jew minn operaturi privati. Il-funzjoni tat-tqabbil ta' tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas tista' titwettaq ukoll billi s-siti tal-Internet eżistenti jqabblu firxa wiesgħa ta' prodotti finanzjarji u mhux finanzjarji. Tali siti tal-Internet għandhom jiġu operati f'konformità ma' kriterji ta' kwalità speċifikati inkluż ir-rekwiżit li jingħataw dettalji tas-sidien tiegħu, li jipprovdu informazzjoni preċiża u aġġornata, li juru meta ġie aġġornat l-, li jistabbilixxu kriterji oġġettivi u ċari fuq liema jista' jiġi bbażat it-tqabbil u li jinkludu firxa wiesgħa ta' offerti tal-kontijiet tal-ħlas li tkopri parti sinifikanti tas-suq. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu kull

([1]) Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).

kemm żmien is-siti tal-Internet ta' tqabbil għandhom jirrevedu u jaġġornaw l-informazzjoni li jagħtu lill-konsumaturi, filwaqt li jqisu l-frekwenza li biha l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas ġeneralment jaġġornaw l-informazzjoni tagħhom dwar it-tariffi. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu wkoll x'jikkostitwixxi firxa wiesgħa ta' offerti tal-kontijiet tal-ħlas li tkopri parti sinifikanti tas-suq billi jivvalutaw, pereżempju, l-għadd ta' fornituri tas-servizzi tal-ħlas u għalhekk jekk maġġoranza sempliċi jew inqas tkunx biżżejjed u/jew is-sehem mis-suq tagħhom u/jew il-pożizzjoni ġeografika tagħhom. Sit tal-Internet ta' tqabbil għandu jqabbel it-tariffi pagabbli għas-servizzi inklużi fil-lista tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi marbuta ma' kontijiet tal-ħlas, filwaqt li jintegra t-terminoloġija tal-livell tal-Unjoni.

Huwa adatt li l-Istati Membri jkunu jistgħu jesiġu li tali siti tal-Internet jqabblu informazzjoni oħra, pereżempju informazzjoni dwar il-fatturi determinanti tal-livell tas-servizzi pprovduti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas, bħall-għadd u l-lokalità ta' fergħat jew ATMs (automated teller machines). Fejn ikun hemm sit tal-Internet wieħed biss fi Stat Membru u dak is-sit tal-Internet jieqaf jopera jew ma jibqax konformi mal-kriterji tal-kwalità, l-Istat Membru għandu jiżgura li l-konsumaturi jkollhom aċċess fi żmien raġonevoli għal sit tal-Internet ieħor ta' tqabbil fil-livell nazzjonali.

(24) Il-prattika attwali tal-fornituri tas-servizzi tal-ħlas hija li joffru kont tal-ħlas f'pakkett flimkien ma' prodotti jew servizzi li mhumiex marbuta ma' kont tal-ħlas, bħal prodotti ta' assigurazzjoni jew parir finanzjarju. Dik il-prattika tista' tkun mezz sabiex il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jiddiversifikaw l-offerta tagħhom u jikkompetu kontra xulxin, u fl-aħħar mill-aħħar tista' tkun ta' benefiċċju għall-konsumaturi. Madankollu l-istudju tal-Kummissjoni tal-2009 dwar prattiki ta' abbinar fis-settur finanzjarju kif ukoll konsultazzjonijiet rilevanti u ilmenti tal-konsumaturi wrew li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jistgħu joffru kontijiet tal-ħlas f'pakkett ma' prodotti mhux mitluba mill-konsumaturi u li mhumiex essenzjali għall-kontijiet tal-ħlas, bħal assigurazzjoni tad-djar. Barra minn hekk, ġie osservat li dawk il-prattiki jistgħu jnaqqsu t-trasparenza u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, jillimitaw l-għażliet tax-xiri għall-konsumaturi u jkollhom impatt negattiv fuq il-mobbiltà tagħhom. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas joffru kontijiet tal-ħlas f'pakketti, il-konsumaturi jingħataw informazzjoni dwar jekk huwiex possibbli li l-kont tal-ħlas jinxtara separatament u jekk iva, jingħataw informazzjoni separata dwar l-ispejjeż u t-tariffi applikabbli assoċjati ma' kull wieħed mill-prodotti jew mis-servizzi l-oħra inklużi fil-pakkett li jistgħu jinxtraw separatament.

(25) Il-proċess għall-bdil tal-kontijiet tal-ħlas għandu jkun armonizzat mal-Unjoni kollha. Attwalment, il-miżuri eżistenti fil-livell nazzjonali huma estremament diversi u ma jiggarantixxux livell adegwat ta' protezzjoni għall-konsumaturi fl-Istati Membri kollha. Il-provvediment ta' miżuri leġislattivi li jistabbilixxu l-prinċipji ewlenin li għandhom jiġu segwiti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas meta dawn jipprovdu tali servizz f'kull Stat Membru jtejjeb il-funzjonament tas-suq intern kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-fornituri tas-servizzi tal-ħlas. Minn naħa, dan ser jiggarantixxi kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-konsumaturi li jistgħu jkunu interessati li jiftħu kont tal-ħlas fi Stat Membru differenti, peress li ser jiżgura li jingħata livell ta' protezzjoni ekwivalenti. Min-naħa l-oħra, ser inaqqas id-differenzi bejn il-miżuri regolatorji fis-seħħ fil-livell nazzjonali u għalhekk ser inaqqas il-piż amministrattiv għall-fornituri tas-servizzi tal-ħlas li jkunu bi ħsiebhom joffru s-servizzi tagħhom fuq bażi transkonfinali. B'konsegwenza ta' dan, il-miżuri dwar il-bdil tal-kontijiet ser jiffaċilitaw il-forniment ta' servizzi relatati mal-kontijiet tal-ħlas fis-suq intern.

(26) Il-bdil ma għandux jimplika t-trasferiment tal-kuntratt mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi għall-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju.

(27) Il-konsumaturi huma inċentivati biex ibiddlu l-kontijiet tal-ħlas biss jekk il-proċess ma jinvolvix piż amministrattiv u finanzjarju eċċessiv. Għalhekk, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas għandhom joffru lill-konsumaturi proċedura ċara, rapida u sikura għall-bdil tal-kontijiet tal-ħlas, li tinkludi kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Tali proċedura għandha tiġi ggarantita meta l-konsumaturi jkunu jridu jibdlu minn fornitur tas-servizzi tal-ħlas għal ieħor, u ukoll meta l-konsumaturi jkunu jridu jibdlu bejn kontijiet tal-ħlas differenti fl-istess fornitur tas-servizzi tal-ħlas. Dan jippermetti li l-konsumaturi jibbenefikaw mill-aktar offerti konvenjenti fis-suq u biex jibdlu faċilment mill-kont tal-ħlas eżistenti tagħhom għal oħrajn li potenzjalment ikunu aktar adattati, irrispettivament minn jekk dan isirx fl-istess fornitur tas-servizzi tal-ħlas jew bejn fornituri tas-servizzi tal-ħlas differenti. Kwalunkwe tariffa imposta mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas fir-rigward tas-servizz ta' bdil għandha tkun raġonevoli u skont l-ispiża attwali mġarrba mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas.

(28) Fir-rigward ta' bdil meta żewġ fornituri tas-servizzi tal-ħlas ikunu stabbiliti fit-territorju tagħhom, l-Istati Membri għandhom jitħallewjistabbilixxu jew iżommu arranġamenti li jvarjaw minn dawk previsti f'din id-Direttiva jekk dan, b'mod ċar, ikun fl-interess tal-konsumatur.

(29) Il-proċess ta' bdil għandu jkun sempliċi kemm jista' jkun għall-konsumatur. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju jkun responsabbli għat-tnedija u l-ġestjoni tal-proċess f'isem il-konsumatur. Meta jistabbilixxu s-servizz ta' bdil, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jużaw mezzi oħrajn, bħal soluzzjoni teknika. Mezzi oħrajn bħal dawn jistgħu jeċċedu r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva; pereżempju, is-servizz ta' bdil jista' jiġi pprovdut f'qafas ta' żmien iqsar jew il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jistgħu jiġu obbligati biex jiżguraw li, malli l-konsumatur jagħmel it-talba tiegħu, it-trasferimenti ta' kreditu riċevuti fil-kont tal-ħlas preċedenti jidħlu b'mod awtomatizzat jew manwali fil-kont tal-ħlas il-ġdid għal perijodu ta' żmien limitat stabbilit li jibda minn meta tingħata l-awtorizzazzjoni għall-bdil. Mezzi oħrajn bħal dawn jistgħu wkoll jintużaw minn fornituri tas-servizzi tal-ħlas fuq bażi volontarju anke meta dawn ma jkunux meħtieġa minn Stat Membru.

(30) Il-konsumaturi għandu jkollhom il-possibiltà li jitolbu lill-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju biex ibiddel it-trasferimenti ta' kreditu deħlin, standing orders għat-trasferimenti ta' kreditu jew id-debiti diretti, kollha jew parti minnhom, idealment f'laqgħa waħda mal-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju. Għal dak l-għan, il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jiffirmaw awtorizzazzjoni waħda li tagħti l-kunsens għal kull azzjoni msemmija hawn fuq. L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-awtorizzazzjoni mill-konsumatur tkun bil-miktub, iżda jistgħu wkoll jagħżlu li jaċċettaw mezzi ekwivalenti fejn adatt, pereżempju fejn ikun hemm fis-seħħ sistema awtomatizzata għall-bdil. Qabel ma jagħti l-awtorizzazzjoni, il-konsumatur għandu jiġi infurmat dwar il-passi kollha tal-proċedura li huma meħtieġa biex jiġi kompletat il-bdil. Pereżempju l-awtorizzazzjoni tista' tinkludi l-kompiti kollha li jiffurmaw parti mis-servizz ta' bdil u tista' tippermetti l-possibbiltà li l-konsumatur jagħżel biss uħud minn dawk il-kompiti.

(31) Il-kooperazzjoni tal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi hija meħtieġa sabiex il-bdil jirnexxi. Il-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinatarju għandu jiġi pprovdut mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi bl-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex iċaqlaq il-ħlasijiet għal fuq il-kont tal-ħlas l-ieħor. Madankollu, tali informazzjoni ma għandhiex teċċedi dak li huwa meħtieġ biex isir il-bdil.

(32) Sabiex jiġi ffaċilitat il-ftuħ ta' kontijiet transkonfinali, il-konsumatur għandu jkun jista' jitlob lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas il-ġdid li jistabbilixxi l-ordnijiet permanenti għat-trasferimenti ta' kreditu kollha jew parti minnhom fil-kont tal-ħlas il-ġdid, jaċċetta d-debiti diretti mid-data speċifikata mill-konsumatur, u jipprovdi lill-konsumatur b'informazzjoni li tagħti dettalji tal-kont tal-ħlas il-ġdid, preferibilment f'laqgħa waħda mal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas il-ġdid.

(33) Il-konsumaturi ma għandhomx ikunu soġġetti għal telf finanzjarju, inklużi l-imposti u l-imgħax, ikkawżat minn kwalunkwe żball li jsir minn xi fornitur tas-servizzi tal-ħlas involut fil-proċess tal-bdil. B'mod partikolari, il-konsumaturi ma għandhomx iġarrbu xi telf finanzjarju kkawżat mill-ħlas ta' tariffi addizzjonali, imgħax jew imposti oħrajn kif ukoll minn multi, penali jew kwalunkwe tip ieħor ta' detriment finanzjarju kawża ta' dewmien fit-twettiq tal-ħlas.

(34) L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu li l-konsumaturi li jkollhom l-intenzjoni li jiftħu kont tal-ħlas ma jiġux iddiskriminati abbażi taċ-ċittadinanza jew tal-post ta' residenza tagħhom. Għalkemm huwa importanti li l-istituzzjonijiet tal-kreditu jiżguraw li l-klijenti tagħhom ma jkunux qed jużaw is-sistema finanzjarja għal skopijiet illegali bħal frodi, ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu, huma ma għandhomx jimponu xkiel għall-konsumaturi li jridu jibbenefikaw mill-vantaġġi tas-suq intern billi jiftħu u jużaw kontijiet tal-ħlas fuq bażi transkonfinali. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] ma għandhomx jintużaw bħala pretest biex jiġu rifjutati konsumaturi li huma kummerċjalment anqas attraenti.

[1] Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 15).

(35) Konsumaturi li huma legalment residenti fl-Unjoni ma għandhomx jiġu diskriminati minħabba n-nazzjonalità jew il-post ta' residenza tagħhom, jew għal xi raġuni oħra msemmija fl-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") meta japplikaw għal, jew jaċċessaw, kont tal-ħlas fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi għandu jkun żgurat mill-Istati Membri irrispettivament miċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-konsumatur, bħall-istatus ta' impjieg tagħhom, il-livell ta' introjtu, l-istorja kreditizja jew il-falliment personali.

(36) Konsumaturi li huma legalment residenti fl-Unjoni u li ma għandhomx kont tal-ħlas f'ċertu Stat Membru għandhom ikunu f'pożizzjoni li jiftħu u jużaw kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi f'dak l-Istat Membru. Il-kunċett ta' 'legalment residenti fl-Unjoni' għandu jkopri kemm liċ-ċittadini tal-Unjoni kif ukoll iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li diġà jibbenefikaw mid-drittijiet mogħtija lilhom mill-atti tal-Unjoni bħar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 ([1]), id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE ([2]), ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003 ([3]) u d-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Huwa għandu jinkludi wkoll lill-persuni li jfittxu l-asil skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 Dwar l-Istatus tar-Refuġjati, il-Protokoll magħha tal-31 ta' Jannar 1967 u trattati internazzjonali rilevanti oħra. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jestendu l-kunċett ta' "legalment residenti fl-Unjoni" għal ċittadini ta' pajjiżi terzi oħra li jinsabu fit-territorju tagħhom.

(37) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu, b'rispett sħiħ tal-libertajiet fundamentali garantiti mit-Trattati, jesiġu lill-konsumaturi li jixtiequ jiftħu kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fit-territorju tagħhom biex juri interess ġenwin li jagħmlu dan. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti adottati f'konformità mad-Direttiva 2005/60/KE għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, ma għandhiex tkun meħtieġa l-preżenza fiżika fil-bini tal-istituzzjonijiet tal-kreditu sabiex jintwera dan l-interess ġenwin.

(38) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għadd ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li joffru kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jkun biżżejjed biex jiġi żgurat li jistgħu jintlaħqu mill-konsumaturi kollha, sabiex jiġi evitat kull tip ta' diskriminazzjoni kontrihom u biex ma ssirx distorsjoni tal-kompetizzjoni. Meta jiġi determinat l-għadd suffiċjenti tal-istituzzjonijiet tal-kreditu, il-fatturi li għandhom jitqiesu għandhom jinkludu l-kopertura tan-netwerk tal-istituzzjonijet tal-kreditu, id-daqs tat-territorju tal-Istat Membru, id-distribuzzjoni tal-konsumaturi fit-territorju, is-sehem tas-suq tal-istituzzjonijiet tal-kreditu u jekk kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jirrappreżentaw parti żgħira biss mill-kontijiet tal-ħlas provduti mill-istituzzjoni tal-kreditu. Fil-prinċipju, kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi għandhom jiġu offruti minn kemm jista' jkun istituzzjonijiet tal-kreditu possibbli, bil-ħsieb li jiġi garantit li l-konsumaturi jistgħu jiftħu kontijiet bħal dawn fil-bini ta' istituzzjoni ta' kreditu li huwa viċin tal-post tar-residenza tagħhom u li l-konsumaturi ma jkunu diskriminati bl-ebda mod meta jaċċessaw tali kontijiet u jistgħu jużawhom b'mod effettiv.B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda diskriminazzjoni li tidher minħabba, pereżempju, apparenza differenti tal-kard, numru tal-kont differenti jew tal-kard differenti. Madankollu, għandu jkun possibbli li Stat Membru jipprevedi li kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jkunu offruti minn għadd iżgħar ta' istituzzjonijiet tal-kreditu iżda dan għandu jkun ġustifikat fuq il-bażi li, pereżempju, dawk l-istituzzjonijiet tal-kreditu tant għandhom presenza mifruxa fit-territorju ta' dak l-Istat Membru li jistgħu jaqdu lill-konsumaturi kollha mingħajr ma dawn ikollhom jivvjaġġaw 'il bogħod wisq minn djarhom sabiex jaslu għandhom. Barra minn hekk, il-konsumaturi li jaċċessaw kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma għandhomx jiġu stigmatizzati bl-ebda mod, u dak l-objettiv jista' jintlaħaq aħjar jekk jiġu stabbiliti għadd akbar ta' istituzzjonijiet tal-kreditu.

(39) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimplimentaw mekkaniżmi biex jgħinu lill-konsumaturi mingħajr indirizz fiss, persuni li jfittxu asil u konsumaturi li mhumiex mogħtija permess ta' residenza iżda li t-tkeċċija tagħhom hija impossibbli minħabba raġunijiet legali jew fattwali jibbenefikaw b'mod sħiħ minn din id-Direttiva.

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 tal-14 ta' Ġunju 1971 dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU L 149, 5.7.1971, p. 2).

([2]) Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU L 16, 23.01.2004, p. 44).

([3]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 859/2003 tal-14 ta' Mejju 2003 li jestendi d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u r-Regolament (KEE) Nru 574/72 għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li mhumiex diġà koperti b'dawk id-dispożizzjonijiet unikament minħabba ċ-ċittadinanza tagħhom (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 1).

([4]) Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

(40) Meta jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-kreditu jipprovdu, fuq talba ta' konsumatur, faċilità ta' overdraft marbuta ma' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddefinixxu l-ammont massimu u ż-żmien massimu ta' tali overdraft. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-informazzjoni dwar kwalunkwe tariffa relatata tiġi komunikata lill-konsumaturi b'mod trasparenti. Fl-aħħar nett, l-istituzzjonijiet tal-kreditu għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 2008/48/KE meta joffru l-faċilitajiet ta' overdraft flimkien ma' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.

(41) Sabiex l-utenti ta' kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jingħataw servizz adegwat, l-Istati Membri għandhom jesiġu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jiżguraw li l-persunal rilevanti jkun imħarreġ b'mod adegwat u li kunflitti ta' interess potenzjali ma jaffettwawx lil dawk il-konsumaturi b'mod negattiv.

(42) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jħallu lill-istituzzjonijiet tal-kreditu li jirrifjutaw il-ftuħ ta' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi lill-konsumaturi li diġà jkollhom kont tal-ħlas attiv u mill-anqas ekwivalenti fl-istess Stat Membru. Sabiex jiġi verifikat jekk konsumatur diġà għandu kont tal-ħlas jew le, l-istituzzjonijiet tal-kreditu għandhom ikunu jistgħu jiddependu minn dikjarazzjoni fuq l-unur li jipprovdi l-konsumatur.

(43) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet tal-kreditu jipproċessaw l-applikazzjonijiet għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fi żmien l-iskadenzi stipulati f'din id-Direttiva u li, f'każ ta' rifjut ta' tali applikazzjoni, l-istituzzjonijiet tal-kreditu jinfurmaw lill-konsumatur dwar ir-raġunijiet speċifiċi għal dan ir-rifjut sakemm tali divulgazzjoni ma tmurx kontra s-sigurtà nazzjonali, il-politika pubblika jew id-Direttiva 2005/60/KE.

(44) Il-konsumaturi għandhom ikunu garantiti aċċess għal firxa ta' servizzi bażiċi tal-ħlas. Servizzi marbuta mal-kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi għandhom jinkludu l-faċilità li jitqiegħdu l-fondi u jinġibdu l-flus. Il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jagħmlu transazzjonijiet tal-ħlas essenzjali bħal jirċievu dħul jew benefiċċji, iħallsu l-kontijiet jew it-taxxi u jixtru oġġetti u servizzi, fosthom permezz ta' debitu dirett, trasferiment ta' kreditu u l-użu ta' kard tal-ħlas. Dawn is-servizzi għandhom jippermettu x-xiri ta' oġġetti u servizzi online u għandhom jagħtu lill-konsumaturi l-opportunità biex iniedu ordnijiet tal-ħlas permezz tal-faċilità online tal-tal-istituzzjoni ta' kreditu, fejn disponibbli. Madankollu, kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma għandux ikun ristrett għall-użu online għaliex dan joħloq ostaklu għall-konsumaturi mingħajr aċċess għall-Internet. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tas-servizzi relatati mal-ftuħ, l-operazzjoni u l-għeluq tal-kont tal-ħlas kif ukoll it-tqegħid ta' fondi u l-ġbid ta' flus u t-twettiq ta' transazzjonijiet ta' ħlas bil-kards tal-ħlas, ħlief għall-karti tal-kreditu, li ma jkunx hemm limiti għall-għadd ta' azzjonijiet li jkunu disponibbli lill-konsumatur skont ir-regoli speċifiċi dwar l-ipprezzar stabbiliti f'din id-Direttiva. Fir-rigward tat-twettiq ta' trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti, kif ukoll transazzjonijiet imwettqa permezz ta' karta tal-kreditu, marbuta mal-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeterminaw għadd minimu ta' azzjonijiet, li ser ikunu disponibbli lill-konsumatur skont ir-regoli speċifiċi dwar l-ipprezzar stabbiliti f'din id-Direttiva, dment li s-servizzi li jirrelataw għalihom dawk l-operazzjonijiet ikunu għall-użu personali tal-konsumatur. Meta jiddeterminaw x'għandu jitqies bħala użu personali, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-imġiba eżistenti tal-konsumaturi u l-prattika kummerċjali komuni. It-tariffi imposti għal azzjonijiet 'il fuq mill-għadd minimu ta' azzjonijiet ma għandhom qatt ikunu ogħla minn dawk imposti taħt il-politika dwar l-ipprezzar tas-soltu tal-istituzzjoni ta' kreditu.

(45) Fil-proċess tal-identifikazzjoni tas-servizzi li għandhom jiġu offruti ma' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi u l-għadd minimu ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu inklużi, għandu jittieħed kont tal-ispeċifiċitajiet nazzjonali. B'mod partikolari, ċerti servizzi jistgħu jitqiesu essenzjali biex jiggarantixxu użu sħiħ ta' kont tal-ħlas f'ċertu Stat Membru, minħabba l-użu mifrux tagħhom fil-livell nazzjonali. Pereżempju, f'xi Stati Membri l-konsumaturi għadhom jużaw ħafna ċ-ċekkijiet, filwaqt li dak il-mezz ta' ħlas rari jintuża fi Stati Membri oħrajn. Għalhekk, din id-Direttiva għandha tippermetti lill-Istati Membri li jidentifikaw servizzi oħrajn li jistgħu jitqiesu essenzjali fil-livell nazzjonali u li għandhom jiġu pprovduti ma' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fl-Istat Membru kkonċernat. L-Istati Membri għandhom ukoll jiżguraw li t-tariffi imposti mill-istituzzjonijiet tal-kreditu sabiex joffru tali servizzi oħrajn fir-rigward ta' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jkunu raġonevoli.

(46) Sabiex jiġi żgurat li kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ikunu disponibbli għall-akbar firxa possibbli ta' konsumaturi, dawn għandhom jiġu offruti mingħajr ħlas jew b'tariffa raġonevoli. Biex konsumaturi vulnerabbli li ma jużaw l-ebda bank jiġu mħeġġa jipparteċipaw fis-suq għal attivitajiet bankarji bl-imnut, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprevedu li kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jiġu offruti lil dawk il-konsumaturi b'termini partikolarment vantaġġużi, pereżempju mingħajr ħlas. L-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jiddefinixxu l-mekkaniżmu biex jidentifikaw dawk il-konsumaturi li jistgħu jibbenefikaw minn kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi b'termini aktar vantaġġużi, dment li l-mekkaniżmu jiżgura li konsumaturi vulnerabbli jistgħu jaċċessaw kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. F'kwalunkwe każ, approċċ bħal dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-konsumaturi kollha, inklużi dawk li mhumiex vulnerabbli, li jaċċessaw kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi mill-anqas b'tariffa raġonevoli. Barra minn hekk, kwalunkwe imposta addizzjonali għall-konsumatur għal nuqqas ta' konformità mat-termini stabbiliti fil-kuntratt għandhom ikunu raġonevoli. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu x'jikkostitwixxi imposta raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali.

(47) L-istituzzjonijiet tal-kreditu għandhom jirrifjutaw il-ftuħ ta' kuntratt jew ittemmu għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi biss f'ċirkostanzi speċifiċi, bħal nuqqas ta' konformità mal-leġislazzjoni dwar il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu jew il-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali. Anke f'dawk il-każijiet, rifjut jista' jkun ġustifikat biss fejn il-konsumatur ma jkunx jikkonforma ma' dik il-leġislazzjoni u mhux għaliex il-proċedura sabiex tiġi kkontrollata l-konformità mal-leġislazzjoni tkun ta' piż żejjed jewgħalja żżejjed. Madankollu, jista' jkun hemm każijiet fejn konsumatur jabbuża mid-dritt tiegħu li jiftaħ u juża kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Pereżempju, Stat Membru għandu jkun jista' jippermeti li istituzzjoni tal-kreditu tieħu miżuri kontra konsumaturi li wettqu reat, bħal frodi serja kontra istituzzjoni tal-kreditu, bil-ħsieb li tiġi evitata l-okkorrenza ta' tali reat. Tali miżuri jistgħu jinkludi, pereżempju, ir-restrizzjoni tal-aċċess ta' dak il-konsumatur għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi għal ċertu perijodu ta' żmien. Barra minn hekk, jista' jkun hemm każijiet fejn ir-rifjut preċedenti ta' applikazzjoni għal kont tal-ħlas jista' jkun meħtieġ biex jiġu identifikati konsumaturi li jistgħu jibbenefikaw minn kont tal-ħlas b'termini aktar vantaġġużi. F'tali każ, l-istituzzjoni tal-kreditu għandha tinforma lill-konsumatur li huwa jista' juża mekkaniżmu speċifiku fil-każ ta' rifjut ta' applikazzjoni għal kont tal-ħlas li għalih titħallas tariffa kif previst f'din id-Direttiva biex jikseb aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi li huwa mingħajr ħlas. Madankollu, dawn iż-żewġ każijiet addizzjonali għandhom ikunu limitati, speċifiċi u bbażati fuq dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali identifikati b'mod preċiż. Meta jidentifikaw każijiet oħra fejn l-istituzzjonijiet tal-kreditu jistgħu jirrifjutaw li joffru kontijiet tal-ħlas lill-konsumaturi, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jinkludu, inter alia, raġunijiet ta' sigurtà pubblika jew ordni pubbliku.

(48) Għandha tingħata informazzjoni ċara u li tinftiehem dwar id-dritt ta' ftuħ u użu ta' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi lill-konsumaturi mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet tal-kreditu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri tal-komunikazzjoni jkunu mmirati sew u, b'mod partikolari, li jilħqu lill-konsumaturi bla bank, vulnerabbli u mobbli. L-istituzzjonijiet tal-kreditu għandhom attivament iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi informazzjoni aċċessibbli u assistenza adegwata fir-rigward tal-karatteristiċi speċifiċi tal-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi li qed jiġi offrut, it-tariffi assoċjati tagħhom u l-kondizzjonijiet tal-użu tagħhom u wkoll il-passi li l-konsumaturi għandhom jieħdu biex jeżerċitaw id-dritt tagħhom biex jiftħu kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. B'mod partikolari, il-konsumaturi għandhom ikunu infurmati li mhumiex obbligati jakkwistaw servizzi addizzjonali biex jiksbu aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.

(49) L-Istati Membri għandhom jippromwovu miżuri li jappoġġaw l-edukazzjoni tal-konsumaturi l-aktar vulnerabbli filwaqt li jagħtuhom il-gwida u l-assistenza fil-ġestjoni responsabbli tal-finanzi tagħhom. Jinħtieġ ukoll li tiġi pprovduta informazzjoni fir-rigward tal-gwida li l-organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jagħtu lill-konsumaturi. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom iħeġġu inizjattivi tal-istituzzjonijiet tal-kreditu li jfittxu t-tisħib tal-forniment ta' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma' servizzi ta' edukazzjoni finanzjarja indipendenti.

(50) Sabiex tiġi ffaċilitata l-kapaċità tal-fornituri tas-servizzi tal-ħlas li jagħtu s-servizzi tagħhom fuq bażi transkonfinali, għall-finijiet ta' kooperazzjoni, l-iskambju tal-informazzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet bejn awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-infurzar ta' din id-Direttiva għandhom ikunu dawk li jaġixxu taħt l-awspiċi tal-EBA, kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 jew awtoritajiet nazzjonali oħra dment li dawn jikkooperaw mal-awtoritajiet li jaġixxu taħt l-awspiċi tal-EBA sabiex iwettqu dmirijiethom taħt din id-Direttiva.

(51) L-Istati Membri għandhom jinnominaw awtoritajiet kompetenti li jkollhom is-setgħa li jiżguraw l-infurzar ta' din id-Direttiva u jiżguraw li dawn jingħatawlhom setgħat ta' investigazzjoni u ta' infurzar u ta' riżorsi adegwati neċessarji għat-twettiq ta' dmirijiethom. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaġixxu fir-rigward ta' ċerti aspetti ta' din id-Direttiva billi jirrikorri għall-qrati kompetenti li jagħtu deċiżjoni legali, inkluż, fejn adatt, permezz ta' appell. Dan jista' jippermetti lil Stati Membri, partikolarment dawk fejn id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva ġew trasposti fil-liġi ċivili, li jħallu l-infurzar ta' dawk id-dispożizzjonijiet f'idejn il-korpi rilevanti u l-qrati. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jaħtru awtoritajiet kompetenti differenti sabiex jinfurzaw l-obbligi wiesgħa stabbiliti f'din id-Direttiva. Pereżempju, għal xi dispożizzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu jaħtru awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-infurzar tal-protezzjoni tal-konsumatur, filwaqt li għal oħrajn, jistgħu jiddeċiedu li jaħtru superviżuri prudenzjali. L-għażla li jiġu nominati awtoritajiet kompetenti differenti m'għandhiex taffettwa l-obbligi għal sorveljanza kontinwa u kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, kif stipulat f'din id-Direttiva.

(52) Il-konsumaturi għandu jkollhom aċċess għal proċeduri alternattivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim effettivi u effiċjenti għas-soluzzjoni ta' tilwim li jirriżulta mid-drittijiet u l-obbligi stabbiliti b'din id-Direttiva. Tali aċċess huwa diġà żgurat mid-Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) f'dak li jirrigwarda t-tilwim kuntrattwali rilevanti. Madankollu, il-konsumaturi għandu jkollhom ukoll aċċess għal proċeduri alternattivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim f'każ ta' tilwim prekuntrattwali li jikkonċerna d-drittijiet u l-obbligi stabbiliti b'din id-Direttiva, pereżempju meta dawn ma jingħatawx aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Għalhekk, din id-Direttiva tistipula li l-konsumaturi għandu jkollhom aċċess għal proċeduri alternattivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim għas-soluzzjoni ta' tilwim li jikkonċerna d-drittijiet u l-obbligi stabbiliti b'din id-Direttiva, mingħajr distinzjoni bejn tilwim kuntrattwali u tilwim prekuntrattwali. Tali proċeduri alternattivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim u l-entitajiet li joffruhom għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti bid-Direttiva 2013/11/UE. Il-konformità ma' din id-Direttiva tesiġi l-ipproċessar ta' data personali tal-konsumaturi. Tali proċessar huwa soġġett għad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). Din id-Direttiva għandha għalhekk tkun konformi mar-regoli stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE.

(53) Fuq bażi annwali u għall-ewwel darba fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jiksbu statistika annwali affidabbli dwar il-funzjonament tal-miżuri introdotti permezz ta' din id-Direttiva. Huma għandhom jużaw kwalunkwe riżorsa ta' informazzjoni rilevanti u jikkomunikaw dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħti rapport fuq il-bażi ta' informazzjoni tal-informazzjoni riċevuta mill-Istati Membri għall-ewwel darba wara erba' snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u minn dakinhar 'il quddiem fuq bażi biennali.

(54) Għandu jsir rieżami ta' din id-Direttiva ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi tas-suq, bħall-ħolqien ta' tipi ġodda ta' kontijiet tal-ħlas u servizzi tal-ħlas, kif ukoll żviluppi f'oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni u l-esperjenzi tal-Istati Membri. Ir-rapport ibbażat fuq ir-reviżjoni għandu jinkludi lista ta' proċedimenti ta' ksur mibdija mill-Kummissjoni fir-rigward ta' ta' din id-Direttiva. Għandha tinkludi wkoll valutazzjoni dwar il-livelli medji tat-tariffi fl-Istati Membri għal kontijiet ta' ħlas li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, dwar il-kwistjoni jekk il-miżuri introdotti jkunux tejbu l-fehim tal-konsumatur tat-tariffi tal-kontijiet ta' ħlas, il-komparabbiltà ta' kontijiet tal-ħlas u l-faċilità tal-bdil ta' kontijiet tal-ħlas u tan-numru tad-dententuri ta' kontijiet li biddlu l-kontijiet tal-ħlas mit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva.

Għandha tanalizza wkoll in-numru tal-fornituri li joffru kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi u n-numru ta' tali kontijiet li nfetħu inkluż minn konsumaturi li qabel kienu bla bank, eżempji tal-aħjar prattika bejn l-Istati Membri għat-tnaqqis tal-esklużjoni tal-konsumatur mill-aċċess għas-servizzi ta' ħlas, u t-tariffi annwali medji imposti fuq kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.Għandha tivvaluta wkoll l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-implimentazzjoni ta' portabbiltà mal-Unjoni kollha tal-kontijiet ta' ħlas, il-fattibbiltà tal-qafas għall-iżgurar tar-ridirezzjoni awtomatizzata ta' ħlasijiet minn kont tal-ħlas wieħed għal ieħor fl-istess Stat Membru flimkien ma' notifiki awtomatizzati lil dawk li qed iħallsu u lil dawk li qed jitħallsu meta t-trasferimenti tagħhom ikunu ridiretti, u tal-estensjoni tas-servizzi ta' bdil għal każijiet fejn il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li qed jirċievi u jittrasferixxi jinsabu fi Stati Membri differenti. Għandha tinkludi wkoll valutazzjoni tal-effettività ta' miżuri eżistenti u l-ħtieġa għall-miżuri addizzjonali biex

([1]) Direttiva 2013/11/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Mejju 2013 dwar is-soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, għat-tilwim tal-konsumaturi u li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2009/22/KE (id-Direttiva dwar l-ADR tal-konsumaturi) (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 63).

([2]) Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31).

tiżdied l-inklużjoni finanzjarja u biex jiġi megħjuna membri tas-soċjetà b'rabta mad-dejn eċċessiv. Barra minn hekk, għandha tivvaluta jekk id-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas meta joffru prodotti f'pakkett humiex biżżejjed jew jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali. Għandha tivvaluta wkoll il-ħtieġa għal miżuri addizzjonali fir-rigward ta' siti tal-Internet tat-tqabbil u l-ħtieġa għal akkreditament ta' siti tal-Internet tat-tqabbil. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u, jekk adatt, akkumpanjat minn proposti leġislattivi.

(55) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE).

(56) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu ffaċilitati t-trasparenza u l-komparabbiltà tat-tariffi relatati mal-kontijiet tal-ħlas, mal-bdil tal-kontijiet tal-ħlas u mal-aċċess għal kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-ħtieġa li tiġi megħluba l-frammentazzjoni tas-suq u jiġu żgurati kondizzjonijiet ugwali fl-Unjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-TUE. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.

(57) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([1]), l-Istati Membri refgħu r-responsabbiltà li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet li jikkorrispondu magħhom tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.

(58) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

**SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

1. Din id-Direttiva tistipula regoli dwar it-trasparenza u l-komparabbiltà tat-tariffi imposti fuq il-konsumaturi għall-kontijiet tal-ħlas tagħhom miżmuma fl-Unjoni, regoli dwar il-bdil ta' kontijiet tal-ħlas fi Stat Membru u regoli dwar l-iffaċilitar tal-ftuħ ta' kontijiet tal-ħlas transkonfinali għall-konsumaturi.

2. Din id-Direttiva tiddefinixxi wkoll qafas għar-regoli u l-kondizzjonijiet li skonthom l-Istati Membri huma meħtieġa li jiggarantixxu dritt għall-konsumaturi li jiftħu u li jużaw kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fl-Unjoni.

3. Il-Kapitoli II u III japplikaw għal fornituri tas-servizzi tal-ħlas.

4. Il-Kapitolu IV japplika għal istituzzjonijiet tal-kreditu.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw il-Kapitolu IV lil fornituri tas-servizzi ta' ħlas li mhumiex istituzzjonijiet tal-kreditu.

([1]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma japplikawx din id-Direttiva jew parti minnha għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

6. Din id-Direttiva tapplika għall-kontijiet tal-ħlas li permezz tagħhom il-konsumaturi tal-inqas ikunu jistgħu:

(a) ipoġġu fondi f'kont tal-ħlas;

(b) jiġbdu l-flus minn kont tal-ħlas;

(c) jagħmlu u jirċievu tranżazzjonijiet tal-ħlas, inkluż trasferimenti ta' kreditu, lil partijiet terzi u mingħandhom.

L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li japplikaw din id-Direttiva jew parti minnhom għal kontijiet tal-ħlas li mhumiex dawk imsemmija fl-ewwel subparagrafu.

7. Il-ftuħ u l-użu ta' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, skont din id-Direttiva għandu jkunu konformi mad-Direttiva 2005/60/KE.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'konsumatur' tfisser kwalunkwe persuna fiżika li taġixxi għal finijiet li ma għandhomx x'jaqsmu mal-kummerċ, in-negozju, is-sengħa jew il-professjoni tagħha;

(2) 'legalment residenti fl-Unjoni' tfisser fejn persuna fiżika jkollha d-dritt li tirresjedi fi Stat Membru permezz tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, inklużi konsumaturi bla indirizz fiss u persuni li qed ifittxu l-asil taħt il-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 marbuta mal-Istatus tar-Refuġjat, il-Protokoll tagħha tal-31 ta' Jannar 1967 u ma' trattati rilevanti oħra;

(3) 'kont tal-ħlas' tfisser kont f'isem konsumatur wieħed jew aktar li jintuża għat-twettiq ta' tranżazzjonijiet tal-ħlas;

(4) 'servizz tal-ħlas' tfisser servizz tal-ħlas kif iddefinit fil-punt 3 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE;

(5) 'tranżazzjoni tal-ħlas' tfisser att, mibdi minn min iħallas jew mill-benefiċjarju, ta' tqegħid, trasferiment jew ġbid ta' fondi, irrispettivament minn kwalunkwe obbligi sottostanti bejn min iħallas u l-benefiċjarju;

(6) 'servizzi marbuta mal-kont tal-ħlas' tfisser is-servizzi kollha marbuta mal-ftuħ, l-operat u l-għeluq ta' kont tal-ħlas, inklużi servizzi tal-ħlas u tranżazzjonijiet tal-ħlas li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-punt (g) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2007/64/KE u faċilitajiet ta' overdraft u overrunning;

(7) 'fornitur tas-servizzi tal-ħlas' tfisser fornitur tas-servizzi tal-ħlas kif iddefinit fil-punt (9) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE;

([1]) Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

(8) 'istituzzjoni tal-kreditu' tfisser istituzzjoni tal-kreditu kif iddefinita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(9) 'strument tal-ħlas' tfisser strument tal-ħlas kif iddefinit fil-punt (23) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2007/64/KE;

(10) 'fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi' tfisser il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas' li mingħandu hija trasferita l-informazzjoni meħtieġa biex jitwettaq il-bdil;

(11) 'fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju' tfisser il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li mingħandu hija trasferita l-informazzjoni meħtieġa biex jitwettaq il-bdil;

(12) 'ordni ta' ħlas' tfisser struzzjoni minn min iħallas jew benefiċjarju lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas tiegħu fejn jitlob l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjoni tal-ħlas;

(13) 'min iħallas' tfisser persuna fiżika jew ġuridika li jkollha kont tal-ħlas u tippermetti ordni ta' ħlas minn dak il-kont tal-ħlas, jew, kont tal-ħlas fejn ma jkun hemm ebda kont tal-ħlas ta' min iħallas, tkun persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel ordni ta' ħlas għall-kont tal-ħlas ta' benefiċjarju;

(14) 'benefiċjarju' tfisser persuna fiżika jew ġuridika li hija r-riċevitur intiż ta' fondi li kienu s-suġġett ta' tranżazzjoni tal-ħlas;

(15) 'tariffi' tfisser l-imposti u l-pienikollha, jekk hemm, li huma pagabbli mill-konsumatur lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas għal servizzi assoċjati mal-kont tal-ħlas jew b'rabta magħhom;

(16) 'rata tal-imgħax tal-kreditu' tfisser kwalunkwe rata li skontha jitħallas l-imgħax lill-konsumatur fir-rigward ta' fondi miżmuma f'kont tal-ħlas;

(17) 'mezz li jservi għal żmien twil' tfisser kwalunkwe strument li jippermetti lill-konsumatur jaħżen informazzjoni indirizzata personalment lil dak il-konsumatur b'mod aċċessibbli għal referenza futura għal perijodu ta' żmien adegwat għall-iskopijiet tal-informazzjoni u sabiex jippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni maħżuna;

(18) 'bdil' jew 'servizz ta' bdil' tfisser, fuq talba tal-konsumatur, trasferiment minn fornitur tas-servizz tal-ħlas għal ieħor jew tal-informazzjoni dwar l-istanding orders kollha jew xi wħud minnhom għal trasferimenti ta' kreditu, debiti diretti rikorrenti u trasferimenti ta' kreditu li deħlin rikorrenti eżegwiti f'kont tal-ħlas, jew kwalunkwe bilanċ tal-kont tal-ħlas pożittiv minn kont tal-ħlas għal-ieħor, jew it-tnejn, bl-għeluq tal-kont tal-ħlas preċedenti jew mingħajru;

(19) 'debitu dirett' tfisser servizz tal-ħlas nazzjonali jew transkonfinali li jiddebita l-kont tal-ħlas ta' min iħallas, fejn tranżazzjoni tal-ħlas tkun mibdija mill-benefiċjarju fuq il-bażi tal-kunsens ta' min iħallas;

(20) 'trasferiment ta' kreditu' tfisser servizz tal-ħlas nazzjonali jew transkonfinali għall-kreditament tal-kont tal-ħlas ta' benefiċjarju bi tranżazzjoni tal-ħlas jew sensiliet ta' tranżazzjonijiet tal-ħlas mill-kont tal-ħlas ta' min iħallas mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jżomm il-kont tal-ħlas ta' min iħallas, fuq il-bażi ta' struzzjoni mogħtija minn min iħallas;

([1]) Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

(21) ‘standing order’ tfisser struzzjoni mogħtija minn min iħallas lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jżomm il-kont tal-ħlas ta’ min iħallas biex jagħmel trasferimenti ta’ kreditu f’intervalli regolari jew f’dati stabbiliti minn qabel;

(22) ‘fondi’ tfisser karti tal-flus u muniti, flus skritturali, u flus elettroniċi kif iddefinit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(23) ‘kuntratt qafas’ tfisser kuntratt ta’ servizzi tal-ħlas li jirregola t-twettiq futur ta’ tranżazzjonijiet tal-ħlas individwali u suċċessivi u li jista’ jkun fih l-obbligu u l-kondizzjonijiet biex jiġi stabbilit kont tal-ħlas;

(24) ‘jum ta’ negozju’ tfisser jum li fih il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas rilevanti huwa miftuħ għan-negozju kif meħtieġ għat-twettiq ta’ tranżazzjoni tal-ħlas;

(25) ‘faċilità ta’ overdraft’ tfisser ftehim espliċitu ta’ kreditu li bih fornituri tas-servizzi tal-ħlas tagħmel disponibbli għall-konsumatur fondi li jaqbżu l-bilanċ kurrenti tal-kont tal-ħlas tal-konsumatur;

(26) ‘overrunning’ tfisser overdraft taċitament aċċettat li bih fornituri tas-servizzi tal-ħlas tagħmel disponibbli għall-konsumatur fondi li jaqbżu l-bilanċ kurrenti fil-kont tal-ħlas tiegħu jew il-faċilità ta’ overdraft miftiehem;

(27) ‘Awtorità kompetenti’ tfisser awtorità nnominata bħala kompetenti minn Stat Membru f’konformità mal-Artikolu 21.

## KAPITOLU II

## KOMPARABBILTÀ TAT-TARIFFI MARBUTA MAL-KONTIJIET TAL-ĦLAS

### *Artikolu 3*

### Lista tal-aktar servizzi rappreżentattivi marbuta ma’ kont tal-ħlas u soġġetti għal tariffa f’livell nazzjonali u terminoloġija standardizzata

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu lista proviżorja ta’ mill-inqas 10 u mhux aktar minn 20 servizzi l-aktar rappreżentattivi marbuta ma’ kont tal-ħlas u soġġetti għal tariffa, offerta minn tal-inqas fornituri wieħed tas-servizzi tal-ħlas fil-livell nazzjonali. Il-lista għandu jkun fiha termini u definizzjonijiet għal kull wieħed mis-servizzi identifikati. Fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Istat Membru għandu jintuża terminu wieħed biss għal kull servizz.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom iqisu s-servizzi li:

(a) huma l-aktar li jintużaw mill-konsumaturi f’rabta mal-kont tal-ħlas tagħhom;

(b) jiġġeneraw l-ogħla spiża għal konsumaturi, kemm b’mod ġenerali kif ukoll għal kull unità;

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni soda tal-kriterji stipulati fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu l-EBA għandha toħroġ linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 sat-18 ta’ Marzu 2015.

([1]) Direttiva 2009/110/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar il-bidu, l-eżerċizzju u s-superviżjoni prudenzjali tan-negozju tal-istituzzjonijiet tal-flus elettroniċi li temenda d-Direttivi 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 2000/46/KE (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 7).

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u l-EBA l-listi proviżorji msemmija fil-paragrafu 1 sat-18 ta' Settembru 2015. Fuq talba, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'informazzjoni supplimentari fir-rigward tad-data li fuq il-bażi tagħha jkunu kkumpilaw dawk il-listi fir-rigward tal-kriterji stipualti fil-paragrafu 2.

4. Fuq il-bażi tal-listi proviżorji notifikati skont il-paragrafu 3, l-EBA għandha tiżviluppa standards tekniċi regolatorji abbozzati li jistabbilixxu t-terminoloġija standardizzata tal-Unjoni għal dawk is-servizzi li huma komuni għal tal-inqas il-maġġoranza tal-Istati Membri. It-terminoloġija standardizzata tal-Unjonigħandha tinkludi t-termini u d-definizzjonijiet komuni għas-servizzi komuni u għandha tkun disponibbli bil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Fi kwalunkwe lingwa uffiċjali ta' Stat Membru, għandu jintuża terminu wieħed biss għal kull servizz.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-istandards tekniċi regolatorji abbozzati lill-Kummissjoni sat-18 ta' Settembru 2016.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

5. L-Istati Membri għandhom jintegraw it-terminoloġija standardizzata tal-Unjonistabbilita skont il-paragrafu 4 fil-lista proviżorja msemmija fil-paragrafu 1 u għandhom jippubblikaw il-lista finali li tirriżulta tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi marbuta ma' kont tal-ħlas mingħajr dewmien u l-aktar tard fi żmien tliet xhur wara li l-att delegat msemmi fil-paragrafu 4 ikun daħal fis-seħħ.

6. Kull erba' snin, wara l-publikazzjoni tal-lista finali msemmija fil-paragrafu 5,l-Istati Membri għandhom jivvalutaw u, fejn adatt, jaġġornaw il-lista tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi stabbiliti skont il-paragrafi 1 u 2. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-EBA dwar l-eżitu tal-valutazzjoni tagħhom u fejn applikabbli dwar il-lista aġġornata tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi. L-EBA għandha tirrevedi u fejn meħtieġ taġġorna t-terminoloġija standardizzata tal-Unjoni, skont il-proċess stabbilit fil-paragrafu 4. Mal-aġġornament tat-terminoloġija standardizzata tal-Unjoni l-Istati Membri għandhom jaġġornaw u jippublikaw il-listi finali msemmija fil-paragrafu 5 u għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jużaw it-termini u d-definizzjonijiet aġġornati.

*Artikolu 4*

**Dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u glossarju**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 42(3) tad-Direttiva 2007/64/KE u l-Kapitolu II tad-Direttiva 2008/48/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fi żmien biżżejjed qabel ma jidħlu f'kuntratt għal kont tal-ħlas ma' konsumatur, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jipprovdu lill-konsumatur b'dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi fuq karta jew mezz ieħor li jservi għal żmien twil li fih it-termini standardizzati fil-lista finali tas-servizzi l-aktar rappreżentattivi marbuta ma' kont tal-ħlas msemmija fl-Artikolu 3(5) ta' din id-Direttivau, fejn tali servizz ikun offrut minn fornitur tas-servizzi tal-ħlas, it-tariffi li jikkorrispondu ma' kull servizz.

2. Id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi għandu:

(a) ikun qasir u dokument waħdieni;

(b) ikun ippreżentat u strutturat b'mod li jkun ċar u faċli jinqara, bl-użu ta' tipa ta' daqs li tinqara;

(c) ikun jinqara bl-istess mod fil-każ li minħabba li jkun oriġinarjament ġie prodott bil-kulur,jiġi stampat jew fotokopjat bl-abjad u l-iswed;

(d) ikun miktub bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn ikun qed jiġi offrut il-kont tal-ħlas jew, jekk maqbul mill-konsumatur u mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas, b'lingwa oħra;

(e) ikun eżatt, mhux qarrieqi u espress fil-munita tal-kont tal-ħlas jew, jekk maqbul mill-konsumatur u l-fornitur tas-servizzi tal-ħlas, f'munita oħra tal-Unjoni;

(f) ikun fih it-titolu "dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi" fuq nett tal-ewwel paġna ħdejn simbolu komuni biex jiddistingwi d-dokument minn dokumentazzjoni oħra; u

(g) jinkludi dikjarazzjoni li jkun fih tariffi għas-servizzi l-aktar rappreżentattivi marbuta mal-kont tal-ħlas u li l-informazzjoni sħiħa prekuntrattwali u kuntrattwali dwar is-servizzi kollha tkun provduta f'dokumenti oħra.

L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw li, għall-finijiet tal-paragrafu 1, id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi għandu jkun ipprovdut flimkien ma' informazzjoni mitluba skont atti leġislattivi tal-Unjoni jew nazzjonali oħra bil-kondizzjoni li r-rekwiżiti kollha tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jiġu sodisfatti.

3. Fejn servizz wieħed jew aktar ikunu offruti bħala parti minn pakkett ta' servizzi marbuta ma' kont tal-ħlas, id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi għandu jiddivulga t-tariffa għall-pakkett kollu, is-servizzi inklużi fil-pakkett u l-kwantità tagħhom, u t-tariffa addizjonali għal kwalunkwe servizz li jeċċedi l-kwantità koperta mit-tariffa tal-pakkett.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu obbligu għal fornituri tas-servizzi tal-ħlas biex jagħmlu disponibbli għall-konsumaturi glossarju ta' mill-inqas it-termini standardizzati stipulati fil-lista finali msemmija fl-Artikolu 3(5) u d-definizzjonijiet marbuta miegħu.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-glossarju pprovdut skont l-ewwel subparagrafu, inklużi definizzjonijiet oħra, jekk ikun hemm, ikun abbozzat f'lingwaġġ ċar, mhux ambigwu u mhux tekniku u li ma jkunx qarrieqi.

5. Id-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u l-glossarju għandhom ikunu magħmula disponibbli mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas għall-konsumaturi fi kwalunkwe ħin. Huma għandhom jiġu pprovduti b'mod faċilment aċċessibbli, inkluż lil nonkonsumaturi, f'forma elettronika u fuq is-siti elettroniċi tagħhom fejn ikunu disponibbli u fil-bini tal-fornituri tas-servizzi tal-ħlas aċċessibbli għall-konsumaturi. Huma għandhom ikunu pprovduti wkoll fuq il-karta jew mezz ieħor li jservi għal żmien twil mingħajr ħlas fuq talba tal-konsumatur.

6. L-EBA, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali u wara l-ittestjar mill-konsumaturi, għandha tiżviluppa standards tekniċi abbozzati ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-format ta' preżentazzjoni standardizzata tad-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u s-simbolu komuni tiegħu.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-istandards tekniċi abbozzati ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sat-18 ta' Settembru 2016.

Is-setgħa hija kkonferita lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. Wara l-aġġornament tat-terminoloġija standardizzata tal-Unjoni, skont l-Artikolu 3(6), fejn meħtieġ, l-EBA għandha tirrevedi u taġġorna l-format standardizzat ta' preżentazzjoni tad-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u s-simbolu komuni tiegħu, skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 5*

**Dikjarazzjoni tat-tariffi**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 47 u 48 tad-Direttiva 2007/64/KE u l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2008/48/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fornituri tas-servizzi tal-ħlas jipprovdu lill-konsumaturi għall-inqas darba fis-sena u bla ħlas b'dikjarazzjoni tat-tariffi kollha mġarrba, kif ukoll, fejn applikabbli, informazzjoni rigward ir-rati tal-interessi msemmija fil-punti (c) u (d) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, għal servizzi marbuta ma' kont tal-ħlas. Fejn applikabbli, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas għandhom jużaw it-termini standardizzati stipulati fil-lista finali msemmija fl-Artikolu 3(5) ta' din id-Direttiva.

Il-kanal ta' komunikazzjoni użat biex tiġi pprovduta d-dikjarazzjoni tat-tariffi għandu jkun maqbul mal-konsumatur. Id-dikjarazzjoni tat-tariffi għandha tingħata fuq il-karta mill-inqas fuq talba tal-konsumatur.

2. Id-dikjarazzjoni tat-tariffi għandha tispeċifika mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) it-tariffa unitarja imposta għal kull servizz u n-numru ta' drabi li s-servizz ġie użat matul il-perijodu rilevanti, u fejn is-servizzi huma kkombinati f'pakkett, it-tariffa imposta għall-pakkett kollu, in-numru ta' drabi li t-tariffa tal-pakkett ġiet imposta matul il-perijodu rilevanti u t-tariffa addizzjonali imposta għal kwalunkwe servizz li jeċċedi l-kwantità koperta mit-tariffa tal-pakkett;

(b) l-ammont totali ta' tariffi mġarrba matul il-perijodu rilevanti għal kull servizz, kull pakkett ta' servizzi pprovdut u servizzi li jeċċedu l-kwantità koperta mit-tariffa tal-pakkett;

(c) ir-rata tal-interessi tal-overdraft applikat għall-kont tal-ħlas u l-ammont totali tal-imgħax impost marbuta mal-overdraft matul il-perijodu rilevanti, fejn applikabbli;

(d) ir-rati tal-imgħax tal-kreditu applikat għall-kont tal-ħlas u l-ammont totali tal-imgħax miksub matul il-perijodu rilevanti, fejn applikabbli;

(e) l-ammont totali ta' tariffi imposti għas-servizzi kollha pprovduti matul il-perijodu rilevanti.

3. Id-dikjarazzjoni tat-tariffi:

(a) għandha tiġi ppreżentata u strutturata b'mod li tkun ċara u faċli tinqara, bl-użu ta' tipa ta' daqs li tinqara;

(b) għandha tkun eżatta, mhux qarrieqa u espressa fil-munita tal-kont tal-ħlas jew, jekk maqbul mill-konsumatur u l-forrnituri tas-servizzi tal-ħlas, f'munita oħra;

(c) għandu jkun fiha t-titolu "dikjarazzjoni dwar it-tariffi" fuq nett tal-ewwel paġna tad-dikjarazzjoni ħdejn simbolu komuni biex jiddistingwi d-dokument minn dokumentazzjoni oħra; u

(d) għandha tkun miktuba bil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn ikun qed jiġi offrut il-kont tal-ħlas jew, jekk maqbul mill-konsumatur u mill-forrnituri tas-servizzi tal-ħlas, b'lingwa oħra.

L-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw li d-dikjarazzjoni tat-tariffi għandha tiġi pprovduta flimkien ma' informazzjoni meħtieġa skont atti leġislattivi tal-Unjoni jew nazzjonali oħra dment li r-rekwiżiti kollha tal-ewwel subparagrafu jkunu sodisfatti.

4. L-EBA, wara li tikkonsulta lill-awtoritajiet nazzjonali u wara l-ittestjar mill-konsumaturi, għandha tiżviluppa standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-format ta' preżentazzjoni standardizzata tad-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u s-simbolu komuni tiegħu.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-istandards tekniċi abbozzati ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu lill-Kummissjoni sat-18 ta' Settembru 2016.

Is-setgħa hija kkonferita lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

5. Wara l-aġġornament tat-terminoloġija standardizzata tal-Unjoni, skont l-Artikolu 3(6), l-EBA għandha, fejn neċessarju, tirrevedi u taġġorna l-format standardizzat ta' preżentazzjoni tad-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u s-simbolu komuni tiegħu, skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 6*

**Informazzjoni għall-utenti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fl-informazzjoni kuntrattwali, kummerċjali u ta' kummerċjalizzazzjoni tagħhom lill-konsumaturi, il-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jużaw, fejn applikabbli, it-termini standardizzati fil-lista finali msemmija fl-Artikolu 3(5). Fornituri tas-servizzi tal-ħlas jistgħu jużaw marki kummerċjali fid-dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi u fid-dikjarazzjoni tat-tariffi, dment li tali marki kummerċjali jintużaw b'mod addizzjonali għat-termini standardizzati fil-lista finali msemmija fl-Artikolu 3(5) bħala nomina sekondarja ta' dawk is-servizzi.

2. Fornituri tas-servizzi tal-ħlas jistgħu jużaw marki kummerċjali biex jinnominaw is-servizzi tagħhom fl-informazzjoni kuntrattwali, kummerċjali u ta' kummerċjalizzazzjoni lill-konsumaturi, dment li huma jidentifikaw b'mod ċar, fejn applikabbli, it-termini standardizzati korrispondenti stipulati fil-lista finali msemmija fl-Artikolu 3(5).

*Artikolu 7*

**Siti tal-Internet tat-tqabbil**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jkollhom aċċess, bla ħlas, għal mill-inqas sit wieħed tal-Internet li jqabbel it-tariffi imposti mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas għal mill-inqas is-servizzi inklużi fil-lista finali msemmija fl-Artikolu 3(5) fil-livell nazzjonali.

Is-siti tal-Internet tat-tqabbil jistgħu jiġu operati minn operatur privat jew minn awtorità pubblika.

2. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li s-siti tal-Internet tat-tqabbil imsemmija fil-paragrafu 1 biex jinkludu determinanti komparattivi ulterjuri dwar il-livell ta' servizz offrut mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas.

3. Is-siti tal-Internet tat-tqabbil stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom:

(a) joperaw b'mod indipendenti billi jiżguraw lil-fornituri tas-servizzi tal-ħlas jingħataw trattament ugwali fir-riżultati ta' tfittxija;

(b) jiddivulgaw b'mod ċar is-sidien tagħhom;

(c) jistabbilixxu kriterji ċari u oġġettivi li fuqhom ikun ibbażat it-tqabbil;

(d) jużaw lingwaġġ sempliċi u mhux ambigwu u, fejn applikabbli, it-termini standardizzati stabbiliti fil-lista finali msemmija fl-Artikolu 3(5);

(e) jipprovdu informazzjoni preċiża u aġġornata u jiddikjaraw il-ħin tal-aħħar aġġornament;

(f) jinkludu firxa wiesgħa ta' offerti ta' kontijiet tal-ħlas li tkopri parti sinifikanti tas-suq u, fejn l-informazzjoni ppreżentata ma tkunx ħarsa ġenerali kompleta tas-suq, dikjarazzjoni ċara għal dan, qabel ma jintwerew ir-riżultati; u

(g) jipprovdu proċedura effettiva għal rapportar ta' informazzjoni żbaljata dwar tariffi ppublikati.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tkun disponibbli online dwar id-disponibbiltà ta' siti tal-Internet li jkunu konformi ma' dan l-Artikolu.

*Artikolu 8*

**Kontijiet tal-ħlas ippakkeġġati ma' prodott jew servizz ieħor**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta kont tal-ħlas ikun offrut bħala parti minn pakkett flimkien ma' prodott jew servizz ieħor li ma jkunux marbuta ma' kont tal-ħlas il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas jinforma lill-konsumatur dwar jekk ikunx possibbli li jixtru l-kont tal-ħlas b'mod separat u, jekk ikun hekk, jipprovdix informazzjoni separata fir-rigward tal-ispejjeż u t-tariffi assoċjati ma' kull wieħed mill-prodotti u s-servizzi l-oħra offruti f'dak il-pakkett li jistgħu jinxtraw b'mod separat.

KAPITOLU III

**BDIL**

*Artikolu 9*

**Forniment tas-servizz tal-bdil**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet tal-kreditu jipprovdu servizz tal-bdil kif deskritt fl-Artikolu 10 bejn kontijiet tal-ħlas miżmuma fl-istess munita għal kwalunkwe konsumatur li jiftaħ jew għandu kont tal-ħlas ma' istituzzjoni tal-kreditu li tinsab fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 10*

**Is-servizz tal-bdil**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizz tal-bdil jinbdew mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju fuq talba tal-konsumatur. Is-servizz tal-bdil għandu mill-inqas ikun konformi mal-paragrafi 2 sa 6.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu jew isostnu miżuri alternattivi għal dawk imsemmija fil-paragrafi 2 sa 6, dment li:

(a) dan ikun b'mod ċar fl-interess tal-protezzjoni tal-konsumatur;

(b) li ma jkunx hemm piż addizzjonali għall-konsumatur; u

(c) li l-bdil jintemm mill-anqas fl-istess perijodu ta' żmien kif indikat fil-paragrafi 2 sa 6.

2. Il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju għandu iwettaq is-servizz tal-bdil malli jirċievi l-awtorizzazzjoni mill-konsumatur. F'każ ta' tnejn jew aktar detenturi tal-kont, l-awtorizzazzjoni għandha jinkiseb minn kull wieħed minnhom.

L-awtorizzazzjoni għandha titfassal b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn is-servizz tal-bdil qed jinbeda jew bi kwalunkwe lingwa oħra miftiehma bejn il-partijiet.

L-awtorizzazzjoni għandha tippermetti lill-konsumatur li jipprovdi kunsens speċifiku għat-twettiq mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li qed titrasferixxi ta' kull wieħed mill-kompiti msemmija fil-paragrafu 3 u biex jipprovdi kunsens speċifiku għat-twettiq mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju ta' kull wieħed mill-kompiti msemmija fil-paragrafu 5.

L-awtorizzazzjoni għandha tippermetti lill-konsumatur biex b'mod speċifiku jidentifika t-trasferimenti ta' kreditu li deħlin, l-istanding orders għal trasferimenti ta' kreditu u l-mandati ta' debitu dirett li għandhom jinbidlu. L-awtorizzazzjoni għandha wkoll tippermetti lill-konsumaturi biex jispeċifikaw id-data li minnha l-istanding orders għal trasferimenti ta' kreditu u d-debiti diretti għandhom jiġu eżegwiti fil-kont tal-ħlas miftuħ jew miżmum mal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju. Dik id-data għandha tkun mill-inqas sitt ijiem ta' negozju wara d-data li fiha l-fornitur tas-servizz tal-ħlas destinarju jirċievi d-dokumenti ttrasferiti mill-fornitur tas-servizz tal-ħlas li jittrasferixxi skont il-paragrafu 4. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li l-awtorizzazzjoni mill-konsumatur tkun bil-miktub u li kopja tal-awtorizzazzjoni tiġi pprovduta lill-konsumatur.

3. Fi żmien jumejn ta' negozju minn meta jirċievi l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju jitlob lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi sabiex iwettaq id-dmirijiet segwenti jekk previst fl-awtorizzazzjoni tal-konsumatur:

(a) jittrasmetti lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju u, jekk mitlub b'mod speċifiku mill-konsumatur,lill-konsumatur, lista tal-istanding orders eżistenti għat-trasferimenti ta' kreditu u l-informazzjoni disponibbli dwar il-mandati ta' debitu dirett li qed jinbidlu;

(b) jittrasmetti lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju u, jekk mitlub b'mod speċifiku mill-konsumatur, lill-konsumatur l-informazzjoni disponibbli dwar trasferimenti ta' kreditu rikurrenti li deħlin u d-debiti diretti mwettqa mid-debitur eżegwiti fuq il-kont tal-ħlas tal-konsumatur fit-13-il xahar preċedenti;

(c) fejn il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi ma jipprovdix sistema għar-ridirezzjoni awtomatizzata tat-trasferimenti ta' kreditu li deħlin u d-debiti diretti lejn il-kont tal-ħlas tal-konsumatur mal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju, jieqaf jaċċetta debiti diretti u trasferimenti ta' kreditu li deħlin b'effett mid-data speċifikata fl-awtorizzazzjoni;

(d) jikkanċella l-istanding orders b'effett mid-data speċifikata fl-awtorizzazzjoni;

(e) jittrasferixxi kwalunkwe bilanċ pożittiv li jibqa' lejn il-kont tal-ħlas miftuħ jew miżmum mal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju fid-data speċifikata mill-konsumatur; u

(f) jagħlaq il-kont tal-ħlas miżmum mal-istituzzjoni tal-kreditu li tittrasferixxi fid-data speċifikata mill-konsumatur.

4. Mal-wasla ta' talba mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju, il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin, jekk previsti fl-awtorizzazzjoni tal-konsumatur:

(a) jibgħat lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 3 fi żmien ħamest ijiem ta' negozju;

(b) fejn il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi ma jipprovdix sistema għar-ridirezzjoni awtomatizzata tat-trasferimenti ta' kreditu li deħlin u d-debiti diretti lejn il-kont tal-ħlas miżmum jew miftuħ mill-konsumatur mal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju, jieqaf milli jaċċetta t-trasferimenti ta' kreditu li deħlin u d-debiti diretti fil-kont tal-ħlas b'effett mid-data speċifikata fl-awtorizzazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jesiġu lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi biex jinforma lil min iħallas jew lill-benefiċjarju bir-raġuni għaliex ma aċċettatx it-tranżazzjoni tal-ħlas;

(c) jikkanċella l-istanding orders b'effett mid-data speċifikata fl-awtorizzazzjoni;

(d) jittrasferixxi kwalunkwe bilanċ pożittiv li jibqa' mill-kont tal-ħlas għall-kont tal-ħlas miftuħ jew miżmum mal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju fid-data speċifikata fl-awtorizzazzjoni;

(e) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 45(1) u (6) tad-Direttiva 2007/64/KE jagħlaq il-kont tal-ħlas fid-data speċifikata fl-awtorizzazzjoni jekk il-konsumatur ma jkunx baqagħlu obbligi fuq dak il-kont tal-ħlas u dment li l-azzjonijiet elenkati fil-punti (a), (b) u (d) ta' dan il-paragrafu jkunu tlestew. Il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas jinforma minnufih lill-konsumatur meta tali obbligi pendenti ma jippermettux li l-kont tal-ħlas tal-konsumatur jingħalaq.

5. Fi żmien ħamest ijiem ta' negozju minn meta tirċievi l-informazzjoni mitluba mingħand il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi msemmi fil-paragrafu 3, il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju għandu kif u jekk previst fl-awtorizzazzjoni u sa fejn l-informazzjoni prevista mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi tippermetti lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju li jagħmel dan, iwettaq il-kompiti segwenti:

(a) jistabbilixxi l-istanding orders għat-trasferimenti ta' kreditu mitluba mill-konsumatur u jeżegwihom b'effett mid-data speċifikata fl-awtorizzazzjoni;

(b) iwettaq kwalunkwe tħejjija meħtieġa biex jaċċetta debiti diretti u jaċċettahom b'effett mid-data speċifikata fl-awtorizzazzjoni;

(c) fejn rilevanti, jinforma lill-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom skont il-punt (d) tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 260/2012;

(d) jinforma lil dawk li jħallsu li huma speċifikati fl-awtorizzazzjoni u li jwettqu trasferimenti ta' kreditu rikurrenti deħlin fil-kont tal-ħlas tal-konsumatur bid-dettalji tal-kont tal-ħlas tal-konsumatur bil-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju u jibgħat kopja tal-awtorizzazzjoni mill-konsumatur lil dawk li jħallsu. Jekk il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju ma jkollux l-informazzjoni kollha li jeħtieġ biex jinforma lil min iħallas, dan għandu jistaqsi lill-konsumatur jew lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi biex jipprovdi l-informazzjoni nieqsa;

(e) jinforma lil dawk li jħallsu li huma speċifikati fl-awtorizzazzjoni u li jużaw debitu dirett biex jiġbru fondi mill-kont tal-ħlas tal-konsumatur bid-dettalji tal-kont tal-ħlas tal-konsumatur mal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju u d-data li minnha d-debiti diretti għandhom jinġabru minn dak il-kont tal-ħlas u jibgħat kopja tal-awtorizzazzjoni mill-konsumatur lill-benefiċjarji. Jekk il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju ma jkollux l-informazzjoni kollha li jeħtieġ biex jinforma lill-benefiċjarju, dan għandu jistaqsi lill-konsumatur jew lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi, biex jipprovdi l-informazzjoni nieqsa;

Fejn il-konsumatur jagħżel li jipprovdi personalment l-informazzjoni msemmija fil-punti (d) u (e) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu lil dawk li jħallsu jew lill-benefiċjarji aktar milli jipprovdi l-kunsens speċifiku f'konformità mal-paragrafu 2 lill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju biex jagħmel dan, il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju għandu jipprovdi lill-konsumatur b'ittri standard li jipprovdu dettalji tal-kont tal-ħlas u d-data tal-bidu speċifikata fl-awtorizzazzjoni fl-iskadenza msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 55(2) tad-Direttiva 2007/64/KE, il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi ma għandux jimblokka strumenti tal-ħlas qabel id-data speċifikata fl-awtorizzazzjoni tal-konsumatur sabiex il-forniment tas-servizzi tal-ħlas lill-konsumatur ma jiġix interrott matul il-forniment tas-servizz tal-bdil.

*Artikolu 11*

**Faċilitazzjoni ta' ftuħ ta' kontijiet transkonfinali għall-konsumaturi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn konsumatur jindika lill-fornitur tiegħu tas-servizzi tal-ħlas li jixtieq jiftaħ kont tal-ħlas ma' fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jinsab fi Stat Membru ieħor, il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas, li miegħu konsumatur ikollu kont tal-ħlas għandu jipprovdi l-assistenza li ġejja lill-konsumatur meta jirċievi tali talba:

(a) jipprovdi lill-konsumatur mingħajr ħlas lista tal-istanding orders kollha attwalment attivi għal trasferimenti tal-kreditu u għal mandati ta' debitu dirett inizjati mid-debitur fejn disponibbli, u b'informazzjoni disponibbli dwar trasferimenti rikurrenti ta' kreditu deħlin u ta' debitu dirett inizjati mid-debitur imwettqa fil-kont tal-ħlas tal-konsumatur fit-13-il xahar preċedenti. Dik il-lista ma għandha toħloq ebda obbligu għall-fornitur il-ġdid tas-servizzi tal-ħlas biex jistabbilixxi servizzi li ma jipprovdix;

(b) jittrasferixxi kwalunkwe bilanċ pożittiv li jibqa' fil-kont tal-ħlas tal-konsumatur lill-kont tal-ħlas li nfetaħ mill-konsumatur jew li huwa tiegħu mal-fornitur il-ġdid tas-servizzi tal-ħlas, dment li t-talba tinkludi d-dettalji kollha li tippermetti l-identifikazzjoni tal-fornitur il-ġdid tas-servizzi tal-ħlas u tal-kont tal-konsumatur;

(c) jagħlaq il-kont tal-ħlas tal-konsumatur;

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 45(1) U 45(6) tad-Direttiva 2007/64/KE u jekk il-konsumatur ma jkollux obbligi pendenti fuq kont tal-ħlas, il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas, li miegħu l-konsumatur ikollu dak il-kont tal-ħlas għandu jikkonkludi l-passi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fid-data speċifikata mill-konsumatur li għandha tkun mill-inqas sitt ijiem ta' negozju wara dak il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas jirċievi t-talba tal-konsumatur sakemm ma jkunx hemm ftehim ieħor bejn il-partijiet. Il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas għandu jinforma minnufih lill-konsumatur fejn dawn l-obbligi pendenti ma jippermettux li l-kont tal-ħlas tiegħu jingħalaq.

*Artikolu 12*

**Tariffi marbuta mas-servizz tal-bdil**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jkollhom aċċess mingħajr ħlas għall-informazzjoni personali tagħhom fir-rigward ta' standing orders u debiti diretti eżistenti ta' jew il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi jew minn dak destinatarju.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi jipprovdi l-informazzjoni mitluba mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju skont il-punt (a) tal-Artikolu 10(4) mingħajr ma jżomm tariffa mingħand il-konsumatur jew il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tariffi, jekk ikun hemm, applikati mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi lill-konsumatur għat-terminazzjoni ta' kont tal-ħlas magħha jiġu determinati f'konformità mal-Artikolu 45(2), (4) u (6) tad-Direttiva 2007/64/KE.

4. L-Istati Membri jiżguraw li t-tariffi, jekk ikun hemm, applikati mill-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jittrasferixxi jew dak destinatarju lill-konsumatur għal kwalunkwe servizz mogħti taħt l-Artikolu 10, ħlief dawk imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, ikunu raġonevoli u konformi mal-ispejjeż attwali ta' dak il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas.

*Artikolu 13*

**Telf finanzjarju għall-konsumaturi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe telf finanzjarju, inkluż imposti u mgħax, li jġarrab il-konsumatur u li jirriżulta direttament minn nuqqas ta' konformità ta' fornitur tas-servizzi tal-ħlas involut fil-proċess ta' bdil mal-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 10 jitħallas lura mingħajr dewmien minn dak il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas.

2. Ir-responsabbiltà taħt il-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika fil-każijiet ta' ċirkostanzi anormali u imprevedibbli lil hinn mill-kontroll tal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas li jitlob l-applikazzjoni ta' dawk iċ-ċirkostanzi, li l-konsegwenzi tagħhom kienu jkunu inevitabbli minkejja l-isforzi kollha biex dan ma jiġrix, jew fejn fornitur tas-servizzi tal-ħlas ikun marbuta b'obbligi legali oħra koperti minn atti leġislattivi tal-Unjoni jew nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-responsabbiltà taħt il-paragrafi 1 u 2 tkun stabbilita f'konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli fil-livell nazzjonali.

*Artikolu 14*

**Informazzjoni dwar is-servizz tal-bdil**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fornitur ta' servizzi tal-ħlas iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-konsumaturi l-informazzjoni li ġejja dwar is-servizz tal-bdil:

(a) ir-rwoli tal-fornitur tas-servizzi li jittrasferixxi u dak destinatarju għal kull pass tal-proċess ta' bdil, kif indikat fl-Artikolu 10;

(b) il-perijodu ta' żmien għat-tlestija tal-passi rispettivi;

(c) it-tariffi, jekk ikun hemm, imposti għall-proċess ta' bdil;

(d) kwalunkwe informazzjoni li l-konsumaturi jintalbu jipprovdu; u

(e) il-proċeduri alternattivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim msemmija fl-Artikolu 24

L-Istati Membri jistgħu jitolbu li l-fornituri tas-servizzi tal-ħlas, jagħmlu wkoll disponibbli informazzjoni oħra, inkluż, fejn ikun applikabbli, l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti fl-Unjoni li l-fornitur tas-servizzi tal-ħlas ikun membru fiha.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun magħmula disponibbli mingħajr ħlas, stampata fuq karta jew fuq mezz durabbli ieħor f'kull bini tal-fornitur tas-servizzi tal-ħlas aċċessibbli għall-konsumaturi, tkun disponibbli f'forma elettronika fuq is-sit tal-Internet tiegħu f'kull ħin u għandha tkun ipprovduta lill-konsumaturi fuq talba tagħhom.

KAPITOLU IV

**AĊĊESS GĦAL KONTIJIET TAL-ĦLAS**

*Artikolu 15*

**Nondiskriminazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet tal-kreditu ma jiddiskriminawx kontra konsumaturi legalment residenti fl-Unjoni minħabba n-nazzjonalità jew il-post ta' residenza tagħhom jew minħabba kwalunkwe raġuni oħra kif imsemmi fl-Artikolu 21 tal-Karta, meta dawk il-konsumaturi japplikaw għal jew jaċċessaw kont tal-ħlas fl-Unjoni. Il-kondizzjonijiet applikabbli għall-pussess ta' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma jkun b'ebda mod diskriminatorju.

*Artikolu 16*

**Dritt ta' aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi huma offruti lil konsumaturi mill-istituzzjonijiet tal-kreditu jew minn għadd suffiċjenti ta' istituzzjonijiet tal-kreditu biex jiġi garantit l-aċċess għalihom għall-konsumaturi kollha fit-territorju tagħhom, u biex jiġu evitati d-distorzjonijiet tal-kompetizzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma jiġux offruti biss minn istituzzjonijiet tal-kreditu li jipprovdu l-kontijiet tal-ħlasunikament b'faċilitajiet online.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi legali fl-Unjoni, inklużi konsumaturi mingħajr indirizz fiss u persuni li jfittxu asil, u konsumaturi li mhumiex garantiti permess ta' residenza iżda li t-tkeċċija tagħhom hija impossibbli għal raġunijiet legali jew fattwali jkollhom id-dritt li jiftħu u jużaw kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma' istituzzjonijiet tal-kreditu li jinsabu fit-territorju tagħhom. Tali dritt għandu japplika irrispettivament mill-post tar-residenza tal-konsumatur.

L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu, b'rispett sħiħ tal-libertajiet fundamentali garantiti mit-Trattati, jitolbu lill-konsumaturi li jixtiequ jiftħu kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fit-territorju tagħhom biex juri interess ġenwin li jagħmlu dan.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-eżerċizzju tad-dritt ma jsirx diffiċli jew oneruż iżżejjed fuq il-konsumatur.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet tal-kreditu li joffru kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jiftħu l-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jew jirrifjutaw l-applikazzjoni ta' konsumatur għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi f'kull każ mingħajr dewmien inutli u l-aktar tard sa għaxart ijiem ta' negozju wara li jkunu rċevew applikazzjoni sħiħa.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li istituzzjonijiet tal-kreditu jirrifjutaw applikazzjoni għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi meta l-ftuħ ta' tali kont jirriżulta fi ksur tad-dispożizzjoni dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroristi stabbilit bid-Direttiva 2005/60/KE.

5. L-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-kreditu li joffru kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi biex jirrifjutaw applikazzjoni għal tali kont fejn konsumatur diġà jkollu kont tal-ħlas ma' istituzzjoni tal-kreditu li tinsab fit-territorju tagħhom, li tippermettilu jagħmel użu mis-servizzi elenkati fl-Artikolu 17(1), ħlief fejn konsumatur jiddikjara li jkun irċieva avviż li kont tal-ħlas ikun ser jingħalaq.

F'tali każijiet qabel il-ftuħ ta' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, l-istituzzjoni tal-kreditu tista' tivverifika jekk il-konsumatur iżomm jew ma jżommx kont tal-ħlas ma' istituzzjoni tal-kreditu li tinsab fl-istess Stat Membru li jippermetti lill-konsumaturi li jużaw is-servizzi elenkati fl-Artikolu 17(1). L-istituzzjonijiet tal-kreditu jistgħu joqogħdu fuq dikjarazzjoni fuq l-unur iffirmata mill-konsumaturi għal dak il-għan.

6. L-Istati Membri jistgħu jidentifikaw każijiet addizzjonali limitati u speċifiċi fejn l-istituzzjonijiet tal-kreditu jistgħu jintalbu jew jistgħu jagħżlu li jirrifjutaw applikazzjoni għall-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. Tali każijiet għandu jiġu bbażati fuq dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali applikabbli fit-territorji tagħhom u għandu jkollhom l-għan jew li jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-konsumaturi għall-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi mingħajr ħlas taħt il-mekkaniżmu tal-Artikolu 25 inkella biex jiġu evitati l-abbużi minn konsumaturi tad-dritt tagħhom ta' aċċess għall-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 4, 5 u 6, wara t-teħid tad-deċiżjoni tagħha, l-istituzzjoni tal-kreditu tinforma minnufih lill-konsumatur dwar ir-rifjut u dwar ir-raġuni speċifika għal dak ir-rifjut, bil-miktub u mingħajr ħlas, dment li tali żvelar ma jmurx kontra l-objettivi tas-sigurtà nazzjonali, il-politika pubblika jew id-Direttiva 2005/60/KE. Fl-eventwalità ta' rifjut, l-istituzzjoni tal-kreditu għandha tavża lill-konsumatur bil-proċedura biex jiġi ppreżentat ilment kontra r-rifjut, u dwar id-dritt tal-konsumatur lijikkuntattja lill-awtorità kompetenti rilevanti u l-korp alternattiv għar-riżoluzzjoni tat-tilwim u tipprovdi d-dettalji ta' kuntatt rilevanti.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 4, l-istituzzjoni tal-kreditu tadotta miżuri xierqa skont il-Kapitolu III tad-Direttiva 2005/60/KE.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi ma jsirx kondizzjonali għax-xiri ta' servizzi addizzjonali jew ta' ishma fl-istituzzjoni tal-kreditu, dment li din tal-aħħar hija kondizzjonali għall-konsumaturi kollha tal-istituzzjoni tal-kreditu.

10. L-Istati Membri għandhom jitqiesu li huma konformi mal-obbligi stipulati fil-Kapitolu IV fejn qafas eżistenti vinkolanti jiżgura l-applikazzjoni sħiħa tiegħu b'mod suffiċjentement ċar u preċiż sabiex il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jaċċertaw il-limitu sħiħ tad-drittijiet tagħhom u jinvokawhom quddiem qorti nazzjonali.

*Artikolu 17*

**Karatteristiċi ta' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jkun jinkludi s-servizzi li ġejjin:

(a) servizzi li jippermettu li jsiru l-operazzjonijiet kollha meħtieġa għall-ftuħ, l-operat u l-għeluq ta' kont tal-ħlas;

(b) servizzi li jippermettu li jitqiegħdu fondi f'kont tal-ħlas;

(c) servizzi li jippermettu ġbid ta' flus kontanti fl-Unjoni minn kont tal-ħlas, mill-bank u minn automated teller machines matul il-ħinijiet tal-ftuħ tal-istituzzjoni ta' kreditu u mhux fihom;

(d) eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet tal-ħlas li ġejjin fl-Unjoni:

(i) debiti diretti;

(ii) tranżazzjonijiet tal-ħlas permezz ta' kard tal-ħlas, inkluż ħlas online;

(iii) trasferimenti ta' kreditu, inklużi standing orders, fejn ikun disponibbli, fit-terminals u fil-banek u permezz tal-faċilitajiet online tal-istituzzjoni tal-kreditu.

Is-servizzi elenkati fil-punti (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu għandhom ikunu offruti mill-istituzzjonijiet tal-kreditu safejn huma qed jiġu diġà offruti lil konsumaturi li għandhom kontijiet tal-ħlas oħra li mhumiex kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.

2. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu obbligu li jeħtieġ lill-istituzzjonijiet tal-kreditu stabbiliti fit-territorju tagħhom li jipprovdu servizzi addizzjonali, li huma meqjusa essenzjali għall-konsumaturi fuq il-bażi ta' prattika komuni fil-livell nazzjonali, ma' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jiġu offruti minn istituzzjonijiet tal-kreditu stabbiliti fit-territorju tagħhom mill-inqas fil-munita nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jippermetti lil konsumaturi li jwettqu għadd illimitat ta' operazzjonijiet fir-rigward tas-servizzimsemmija fil-paragrafu 1.

5. Fir-rigward tas-servizzi msemmija fil-punti (a), (b), (c) u (d)(ii) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu bl-esklużjoni ta' tranżazzjonijiet tal-ħlas permezz ta' kard tal-kreditu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li istituzzjonijiet tal-kreditu ma jimponu ebda tariffa minbarra t-tariffi raġonevoli, jekk ikun hemm, msemmija fl-Artikolu 18, irrispettivament mill-għadd ta'operazzjonijiet imwettqa fil-kont tal-ħlas.

6. Fir-rigward tas-servizzi msemmija fil-punt (d)(i) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-punt d(ii) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu biss fir-rigward ta' tranżazzjonijiet tal-ħlas permezz ta' kard tal-kreditu, u l-punt (d)(iii) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminawgħadd minimu ta' operazzjonijietli għalihom istituzzjonijiet tal-kreditu jistgħu jimponu t-tariffi raġonevoli, jekk ikun hemm, imsemmija fl-Artikolu 18. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-għadd minimu ta' operazzjonijiet ikun suffiċjenti biex ikopri l-użu personali mill-konsumatur, filwaqt li jieħdu kont tal-imġiba eżistenti tal-konsumaturi u l-prattiki komuni kummerċjali. It-tariffi imposti għal azzjonijiet 'il fuq mill-għadd minimu ta' azzjonijiet ma għandu qatt ikun ogħla minn dawk imposti taħt il-politika dwar l-ipprezzar tas-soltu tal-istituzzjoni tal-kreditu.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumatur ikun kapaċi jamministra u jibda tranżazzjonijiet ta' pagament mill-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fil-bini tal-istituzzjoni tal-kreditu u/jew permezz tal-faċilitajiet online, fejn disponibbli.

8. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2008/48/KE l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet tal-kreditu jipprovdu, fuq talba tal-konsumatur, faċilità ta' overdraft f'rabta ma' kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi. L-Istat Membru jista' jiddefinixxi ammont u żmien massimu ta' kwalunkwe tali overdraft. L-aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażi jew l-użu tiegħu ma għandux ikunx ristrett għax-xiri ta' tali servizzi jew prodotti tal-kreditu, u ma jkunx kondizzjonali għalihom.

*Artikolu 18*

**Tariffi assoċjati**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-servizzi msemmija fl-Artikolu 17 jiġu offruti mill-istituzzjonijiet tal-kreditu mingħajr ħlas jew b'tariffa raġonevoli.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tariffi imposti fuq il-konsumatur għal nuqqas ta' konformità mal-impenji tal-konsumatur stipulati fil-kuntratt ta' qafas huma raġonevoli.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tariffi raġonevoli msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jiġu stabbiliti filwaqt li jittieħed kont ta' mill-anqas tal-kriterji li ġejjin:

(a) livelli nazzjonali ta' dħul;

(b) tariffi medji imposti mill-istituzzjonijiet tal-kreditu fl-Istat Membru kkonċernat għal servizzi pprovduti fir-rigward ta' kontijiet tal-ħlas.

4. Mingħajr preġudizzju għad-dritt imsemmi fl-Artikolu 16(2) u l-obbligu li fih il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-istituzzjonijiet tal-kreditu biex jimplimentaw l-iskemi varji ta' pprezzar skont il-livell tal-inklużjoni bankarja tal-konsumatur, li jippermetti b'mod partikolari, kondizzjonijiet vantaġġużi għal konsumaturi vulnerabbli li ma jużaw ebda bank. F'tali każijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jiġi pprovduti l-gwida, kif ukoll l-informazzjoni adegwata dwar l-għażliet disponibbli.

*Artikolu 19*

**Kuntratti ta' qafas u terminazzjoni**

1. Kuntratti ta' qafas li jipprovdu aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi għandhom ikunu soġġetti għad-Direttiva 2007/64/KE sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-paragrafi 2 u 4 ta' dan l-Artikolu.

2. L-istituzzjoni tal-kreditu tista' itemm kuntratt qafas b' mod unilateralibiss fejn tkun issodisfatta mill-inqas waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-konsumatur ikun uża l-kont tal-ħlas apposta għal skopijiet illegali;

(b) ma kien hemm ebda tranżazzjoni fuq il-kont tal-ħlas għal aktar minn 24 xahar konsekuttiv;

(c) il-konsumatur ikun ipprovda informazzjoni mhux korretta sabiex jikseb il-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fejn l-informazzjoni korretta kienet tirriżulta fl-assenza ta' tali dritt;

(d) il-konsumatur ma jkunx għadu legalment residenti fl-Unjoni;

(e) il-konsumatur ikun sussegwentement fetaħ it-tieni kont tal-ħlas, li jippermettilu jagħmel użu tas-servizzi elenkati fl-Artikolu 17(1), fl-Istat Membru fejn huwa diġà jkollu kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.

3. L-Istati Membri jistgħu jidentifikaw każijiet addizzjonali limitati u speċifiċi fejn kuntratt qafas għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi jista' jintemm b'mod unilaterali mill-istituzzjonijiet tal-kreditu. Tali każijiet għandhom ikunu bbażati fuq dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali applikabbli fit-territorju tagħhom u għandu jkollhom l-għan li jiġu evitati abbużi minn konsumaturi tad-dritt tagħhom ta' aċċess għall-kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn istituzzjoni tal-kreditu ttemm il-kuntratt għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi għal wieħed jew iżjed mir-raġunijiet imsemmija fil-punti (b),(d) u (e) tal-paragrafu 2 u fil-paragrafu 3, din tinforma lill-konsumatur bir-raġunijiet u l-ġustifikazzjoni għat-tmiem mill-anqas xahrejn qabel it-tmiem tidħol fis-seħħ, bil-miktub u mingħajr ħlas dment li tali żvelar ma jmurx kontra objettivi tas-sigurtà nazzjonali jew l-ordni pubbliku. Fejn l-istituzzjoni tal-kreditu ttemm il-kuntratt f'konformità mal-punt (a) jew (c) tal-paragrafu 2, it-tmiem tiegħu għandu jieħu effett immedjatament.

5. In-notifika ta' tmiem għandha tavża lill-konsumaturi bil-proċedura biex jiġi ppreżentat ilment kontra t-tmiem, jekk ikun hemm, u bid-dritt tal-konsumatur li jikkuntattja l-awtorità kompetenti u bil-korp alternattiv maħtur għar-riżoluzzjoni tat-tilwim u tipprovdi d-dettalji ta' kuntatt rilevanti.

*Artikolu 20*

**Informazzjoni ġenerali dwar kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri adegwatisabiex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku dwar id-disponibbiltà ta' kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, il-kondizzjonijiet ġenerali ta' ppreżżar tagħhom, il-proċeduri li jridu jiġu segwiti sabiex jiġi eżerċitat id-dritt ta' aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi u l-metodi biex jinkiseb aċċess għal proċeduri alternattivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri tal-komunikazzjoni jkunu biżżejjed u mmirati sew, u li b'mod partikolari jilħqu lill-konsumaturi bla bank, vulnerabbli u mobbli.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet tal-kreditu jagħmlu disponibbli mingħajr ħlas għall-konsumaturi informazzjoni u assistenza dwar il-karatteristiċi speċifiċi tal-kontijiet tal-ħlas bażiċi offruti, it-tariffi assoċjati tagħhom u l-kondizzjonijiet għall-użu tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-informazzjoni tagħmilha ċara li x-xiri ta' servizzi addizzjonali mhux obbligatorju biex jinkiseb aċċess għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi.

KAPITOLU V

**AWTORITAJIET KOMPETENTI U RIŻOLUZZJONI ALTERNATTIVA TAT-TILWIM**

*Artikolu 21*

**Awtoritajiet kompetenti**

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti nazzjonalili jkollhom is-setgħa jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva u għandhom jiżguraw li jingħatawlhom setgħat ta' investigazzjoni u ta' infurzar u riżorsi adegwati neċessarji għat-twettiq effiċjenti u effettiv ta' dmirijiethom.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jew awtoritajiet pubbliċi jew korpi rikonoxxuti mil-liġi nazzjonali jew minn awtoritajiet pubbliċi espressament mogħtija s-setgħa għal dak il-għan bil-liġi nazzjonali. Dawn ma għandhomx ikunu fornituri tas-servizzi tal-ħlas, ħlief il-banek ċentrali nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti u l-persuni kollha li jaħdmu jew li kienu ħadmu għal awtoritajiet kompetenti, kif ukoll l-awdituri u l-esperti li jirċievu istruzzjonijiet minn awtoritajiet kompetenti, ikunu marbutin bl-obbligu tas-segretezza professjonali. L-ebda informazzjoni kunfidenzjali li jafu jirċievu waqt il-qadi ta' dmirijiethom ma tista' tiġi żvelata lil kwalunkwe persuna jew awtorità jiġri x'jiġri, ħlief f'forma ta' taqsira jew ġabra, mingħajr ma jiġu preġudikati każijiet koperti mil-liġi kriminali jew minn din id-Direttiva. Madankollu, dan m'għandux jipprevjeni lill-awtoritajiet kompetenti milli jiskambjaw jew jittrasmettu informazzjoni kunfidenzjali f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet innominati bħala kompetenti biex jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar ta' din id-Direttiva huma wieħed mis-segwenti jew is-segwenti kollha:

(a) awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (2) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010;

(b) awtoritajiet għajr dawk l-awtoritajiet kompetenti msemmija f'punt (a) sakemm il-liġi, r-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali jirrikjedu li dawk l-awtoritajiet jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti msemmijin f'punt (a) kull fejn neċessarju sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom skont din id-Direttiva, inkluż għall-finijiet ta' kooperazzjoni mal- EBA kif meħtieġ skont din id-Direttiva.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-EBA bl-awtoritajiet kompetenti u dwar kwalunkwe bidliet għalihom. L-ewwel tali notifika it-tip għandha ssir malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mit-18 ta' Settembru 2016.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom f'konformità mal-liġi nazzjonali jew:

(a) b'mod dirett taħt l-awtorità tagħhom jew taħt is-sorveljanza tal-awtoritajiet ġudizzjarji; jew

(b) b'applikazzjoni lill-qrati li huma kompetenti biex jagħtu d-deċiżjoni meħtieġa, inkluż, fejn xieraq, b'appell, jekk l-applikazzjoni biex tingħata d-deċiżjoni meħtieġa ma tirnexxix.

6. Fejn ikun hemm aktar minn awtorità kompetenti waħda fit-territorju tagħhom, Stat Membru għandu jiżgura li d-dmirijiet rispettivi tagħhom ikunu ddefiniti b'mod ċar u li dawk l-awtoritajiet jikkollaboraw mill-qrib sabiex ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet rispettivi tagħhom b'mod effikaċi.

7. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista tal-awtoritajiet kompetenti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mill-inqas darba fis-sena u taġġornaha b'mod kontinwu fuq is-sit tal-Internet tagħha.

*Artikolu 22*

**Obbligu ta' kooperazzjoni**

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti għandhom jikkooperaw ma' xulxin kull meta neċessarju għall-fini li jwettqu d-dmirijiet tagħhom skont din id-Direttiva, billi jagħmlu użu mis-setgħat tagħhom kemm jekk stipulati f'din id-Direttiva kemm jekk fil-liġi nazzjonali.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu assistenza lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra. B'mod partikolari, għandhom jiskambjaw informazzjoni u jikkooperaw fi kwalunkwe investigazzjoni jew attivitajiet ta' superviżjoni.

Sabiex jiffaċilitaw u jaċċelleraw il-kooperazzjoni, u b'mod iktar partikolari l-iskambju ta' informazzjoni, kull Stat Membru għandu jinnomina awtorità kompetenti unika bħala punt ta' kuntatt għall-finijiet ta' din id-Direttiva. L-Istat Membru għandu jikkomunika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-ismijiet tal-awtoritajiet li jiġu nnominati sabiex jirċievu talbiet għal skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni skont dan il-paragrafu.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri amministrattivi u organizzattivi neċessarji sabiex jiffaċilitaw l-assistenza prevista fil-paragrafu 1.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jkunu ġew nominati bħala punti ta' kuntatt għall-finijiet ta' din id-Direttiva skont il-paragrafu 1 għandhom ifornu minnufih lil xulxin l-informazzjoni meħtieġa biex jitwettqu d-dmirijiet tal-awtoritajiet kompetenti, kif stipulati fil-miżuri adottati skont din id-Direttiva.

L-awtoritajiet kompetenti li jiskambjaw informazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti oħra skont din id-Direttiva jistgħu jindikaw fil-mument tal-komunikazzjoni li tali informazzjoni m'għandhiex tiġi ddivulgata mingħajr il-qbil espliċitu tagħhom, f'liema każ din l-informazzjoni tista' tiġi skambjata biss għall-finijiet li għalihom dawn l-awtoritajiet ikunu taw il-qbil tagħhom.

L-awtorità kompetenti li tkun ġiet nominata bħala l-punt ta' kuntatt tista' tittrasmetti l-informazzjoni riċevuta lill-awtoritajiet kompetenti l-oħrajn; madankollu m'għandhiex tittrasmetti l-informazzjoni lil korpi oħrajn jew lil persuni fiżiċi jew ġuridiċi mingħajr il-qbil espliċitu tal-awtoritajiet kompetenti li jkunu żvelawha u biss għall-finijiet li għalihom l-awtoritajiet ikunu taw il-qbil tagħhom, ħlief f'ċirkostanzi debitament ġustifikati, f'liema każ hija għandha tinforma minnufih lill-punt ta' kuntatt li jkun ta l-informazzjoni.

4. Awtorità kompetenti tista' tirrifjuta li taġixxi fuq talba għall-kooperazzjoni fit-twettiq ta' investigazzjoni jew attività superviżorja jew fl-iskambju ta' informazzjoni kif previst fil-paragrafu 3 biss fejn:

(a) tali investigazzjoni, verifika fuq il-post, attività superviżorja jew skambju ta' informazzjoni jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv is-sovranità, is-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Istat Membru indirizzat;

(b) diġà jkunu nbdew proċedimenti ġudizzjarji fir-rigward tal-istess azzjonijiet u l-istess persuni quddiem l-awtoritajiet tal-Istat Membru indirizzat;

(c) diġà tkun ingħatat sentenza finali fl-Istat Membru indirizzat fir-rigward tal-istess persuni u l-istess azzjonijiet.

Fil-każ ta' tali rifjut, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika b'dan lill-awtorità kompetenti li tkun għamlet it-talba, billi tipprovdi informazzjoni dettaljata kemm jista' jkun.

*Artikolu 23*

**Riżoluzzjoni ta' kunflitti bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri differenti**

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirreferu s-sitwazzjoni lill-EBA meta talba għal kooperazzjoni, partikolarment għal skambju ta' informazzjoni, tkun ġiet irrifjutata jew ma tkunx ittieħdet azzjoni dwarha fi żmien raġonevoli, u jistgħu jitolbu l-għajnuna tal-EBA f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. F'tali każijiet, l-EBA tista' tieħu azzjoni f'konformità mas-setgħat ikkonferiti lilha minn dak l-Artikolu u kwalunkwe deċiżjoni vinkolanti li tittieħed mill-EBA f'konformità ma' dak l-Artikolu għandha tkun vinkolanti għall-awtoritajiet kompetenti kkonċernati irrispettivament minn jekk dawk l-awtoritajiet kompetenti humiex membri tal-EBA jew le.

*Artikolu 24*

**Riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jkollhom aċċess għal proċeduri alternattivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim effettivi u effiċjenti għas-soluzzjoni ta' tilwim li jirrigwarda d-drittijiet u l-obbligi stabbiliti skont din id-Direttiva. Tali proċeduri alternattivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim u l-entitajiet li joffruhom għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti bid-Direttiva 2013/11/UE.

*Artikolu 25*

**Mekkaniżmu fl-eventwalità ta' rifjut ta' kont tal-ħlas li għalih jintalab ħlas**

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu mekkaniżmu speċifiku biex jiżguraw li l-konsumaturi li m'għandhomx kont tal-ħlas fit-territorju tagħhom u li ma ngħatalhomx aċċess għal kont tal-ħlas li għalih jintalab ħlas mill-istituzzjonijiet tal-kreditu jkollhom aċċess effettiv għal kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, bla ħlas.

KAPITOLU VI

**SANZJONIJIET**

*Artikolu 26*

**Sanzjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jistipulaw r-regoli dwar is-sanzjonijiet applikabbli għal ksur tal-leġislazzjoni nazzjonali li tittrasponi din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Tali sanzjonijiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jipprevedu li l-awtorità kompetenti tista' tiddivulga mal-pubbliku kwalunkwe sanzjoni amministrattiva li tkun ser tiġi imposta għal ksur tal-miżuri adottati fit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva, dment li tali divulgazzjoni ma tippreġudikax serjament is-swieq finanzjarji jew tikkawża dannu sproporzjonat lill-partijiet involuti.

KAPITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 27*

**Evalwazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni informazzjoni dwar dan li ġej għall-ewwel darba sat-18 ta' Settembru 2018 u kull sentejn minn hemm 'il quddiem:

(a) konformità mill-fornituri tas-servizzi tal-ħlas mal-Artikoli 4, 5 u 6;

(b) konformità mill-Istati Membri mar-rekwiżiti biex tiġi żgurata l-eżistenza tas-siti tal-Internet ta' tqabbil skont l-Artikolu 7;

(c) l-għadd ta' kontijiet tal-ħlas li nbiddlu u l-proporzjon ta' applikazzjonijiet biex jinbidlu li ġew rifjutati;

(d) l-għadd ta' istituzzjonijiet tal-kreditu li joffru kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, l-għadd ta' tali kontijiet li nfetħu u l-proporzjon ta' applikazzjonijiet għall-kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi li ġew rifjutati.

2. Il-Kummissjoni għandha tħejji rapport, għall-ewwel darba sat-18 ta' Settembru 2018 u kull sentejn wara dan, abbażi tal-informazzjoni li tkun wasslet mill-Istati Membri.

*Artikolu 28*

**Reviżjoni**

1. Sat-18 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva flimkien ma' proposta leġislattiva, jekk ikun xieraq.

Dak ir-rapport għandu jinkludi:

(a) lista tal-proċeduri kollha ta' ksur mibdija mill-Kummissjoni fir-rigward ta' din id-Direttiva;

(b) valutazzjoni dwar il-livelli medji tat-tariffi fl-Istati Membri għal kontijiet tal-ħlas li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva;

(c) valutazzjoni tal-fattibbiltà li jiġi żviluppat qafas għall-iżgurar tar-ridirezzjoni awtomatizzata tal-ħlasijiet minn kont tal-ħlas wieħed għal ieħor fl-istess Stat Membru flimkien ma' notifiki awtomatizzati lil dawk li qed iħallsu u lil dawk li qed jitħallsu meta t-trasferimenti tagħhom ikunu ridiretti;

(d) valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-estenzjoni tas-servizzi ta' bdil prevista fl-Artikolu 10 għall-każijiet fejn il-fornitur tas-servizzi tal-ħlas destinatarju u dak li jittrasferixxi jinsabu fi Stati Membri differenti u l-fattibbiltà tal-ftuħ ta' kontijiet transkonfinali skont l-Artikolu 11;

(e) valutazzjoni tal-għadd ta' detenturi ta' kontijiet li biddlu l-kontijiet tal-ħlas sa mit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 27;

(f) valutazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-implimentazzjoni tal-portabbiltà sħiħa fl-Unjoni kollha tan-numri tal-kontijiet tal-ħlas;

(g) valutazzjoni tal-għadd ta' istituzzjonijiet tal-kreditu li joffru kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi;

(h) valutazzjoni tal-għadd u, fejn tkun disponibbli informazzjoni anonimizzata, tal-karatteristiċi tal-konsumaturi li jkunu fetħu kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi sa mit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva;

(i) valutazzjoni tat-tariffi annwali medji imposti fuq kontijiet tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi fil-livell ta' Stat Membru;

(j) valutazzjoni tal-effettività ta' miżuri eżistenti u l-ħtieġa għall-miżuri addizzjonali biex tiżdied l-inklużjoni finanzjarja u biex jiġi jingħataw għajnuna membri tas-soċjetà b'rabta mad-dejn eċċessiv;

(k) eżempji tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri sabiex titnaqqas l-esklużjoni tal-konsumaturi mill-aċċess għas-servizzi tal-ħlas.

2. Ir-rapport għandu jivvaluta, fuq il-bażi wkoll tal-informazzjoni riċevuta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 27, jekk għandhiex tiġi emendata u aġġornata l-lista ta' servizzi li huma parti minn kont tal-ħlas b'karatteristiċi bażiċi, wara li tikkunsidra l-evoluzzjoni tal-mezzi tal-ħlas u t-teknoloġija.

3. Ir-rapport għandu jivvaluta wkoll jekk il-miżuri addizzjonali flimkien ma' dawk adottati skont l-Artikoli 7 u 8 fir-rigward ta' siti tal-Internet ta' tqabbil u offerti f'pakkett humiex meħtieġa, u b'mod partikolari l-bżonn għal akkreditazzjoni tas-siti tal-Internet ta' tqabbil.

*Artikolu 29*

**Traspożizzjoni**

1. Sat-18 ta' Settembru 2016, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

2. Huma għandhom japplikaw il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 mit-18 ta' Settembru 2016.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu:

(a) L-Artikolu 3 għandu japplika mis-17 ta' Settembru 2014;

(b) L-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikolu 4(1) sa (5), l-Artikolu 5(1), (2) u (3), l-Artikolu 6(1) u (2) u l-Artikolu 7 sa disa' xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 3(4);

(c) L-Istati Membri li fihom diġà jeżisti l-ekwivalenti ta' dokument ta' informazzjoni dwar it-tariffi fil-livell nazzjonali, jistgħu jagħżlu li jintegraw il-format komuni u s-simbolu komuni tiegħu mhux aktar minn 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 3(4);

(d) L-Istati Membri li fihom diġà jeżisti l-ekwivalenti ta' dikjarazzjoni tat-tariffi fil-livell nazzjonali, jistgħu jagħżlu li jintegraw il-format komuni u s-simbolu komuni tiegħu mhux aktar minn 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 3(4).

3. Meta l-Istati Membri jadottaw il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif għandha ssir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

4. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin fil-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 30*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 31*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Brussell, it- 23 ta' Lulju 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | S. GOZI |

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT